

*Fonti għall-ħajja ta'*

# SANT'ANTNIN TA' PADOVA

# FONTI GĦALL-ĦAJJA
# TA’ SANT’ANTNIN TA’ PADOVA

*Niddedikaw dan il-volum*
*lil Patri Ġużepp Beneditt Xuereb OFM*
*(1 ta' Lulju 1936 – 11 ta' Ottubru 2007),*
*li bil-ħila tiegħu diversi Fonti Franġiskani*
*ġew tradotti bl-ilsien Malti,*
*u li ħalla eżempju ta' Franġiskan bieżel*
*fl-uffiċċji diversi li huwa qeda*
*fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri*
*u l-Provinċja Franġiskana Maltija.*

# FONTI GĦALL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN TA' PADOVA

Traduzzjoni mill-Edizzjoni Kritika Latina

Noel Muscat OFM
Ġużepp Beneditt Xuereb OFM

Introduzzjonijiet u apparat kritiku

Noel Muscat OFM

Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 2008

Ippubblikat mill-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri

© Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 2008

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Ebda silta minn dan il-ktieb
ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor
fotostatiku, elettroniku, mekkaninku, jew irrekordjat
mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-Edizzjoni TAU.

ISBN: 978-99932-0-595-1

Computer Setting: Lorrie Zerafa ofm
Stampat mill-P.E.G. Ltd, San Ġwann, Malta

# PREŻENTAZZJONI

## TA' PATRI RAYMOND CAMILLERI OFM, FUNDATUR TA' L-EDIZZJONI TAU

Minn dejjem kont noħlom li nistampa u nippubblika. Ma nafx għaliex, imma dejjem kelli din il-ħajra. Meta spiċċajt in-novizzjat konna tlajna r-Rabat fejn kien hemm stamperija żgħira, pedalina li biha konna nistampaw fuljett żgħir tal-vokazzjonijiet u ħafna, ħafna santi.

Wara li qaddist kont tlabt li jkollna stamperija għall-Provinċja, imma r-risposta kienet negattiva. Iżda t-toroq tal-Mulej huma veru misterjużi, għax poġġewni nieħu ħsieb il-vokazzjonijiet, u kien minn hemm li bdejt nistampa diversi pubblikazzjonijiet, fuljetti u xi ktejjeb, kollha bħala sussidji għax-xogħol ta' promozzjoni. Wara dan sibt ruħi nieħu ħsieb ir-rivista tal-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa, u kien hawnhekk li daħħalt stamperija żgħira biex biha nistampa r-rivista.

Wara xi snin kien wasal il-waqt li naqilbu għall-istampa bil-kulur, u għalhekk bil-mod il-mod bdejna nistampaw barra u nagħtu parenza ġdida lill-pubblikazzjonijiet tagħna. Kien pass monumentali għalina u konna l-ewwel li bdejna noħorġu b'kopertina full colour. Warajna tħajjar kulħadd, laħquna u għaddewna.

Komplejna nħarsu 'l quddiem u qbadna linja oħra. Fiċ-Ċentinarju tal-mewt ta' San Franġisk, fl-1982 illanċjajna l-Edizzjoni TAU bħala d-Dar Editriċi tal-Provinċja Franġiskana Maltija. L-iskop tagħha kien limitat għal pubblikazzjonijiet dwar il-Bibbja u l-Franġiskaneżmu. L-aqwa suċċess tagħna kien fil-qasam tal-Franġiskaneżmu, bil-kontribuzzjoni tal-mejtin P. Marjanu Vella OFM u P. Ġużepp Beneditt Xuereb OFM, kif ukoll ta' P. Ġorġ Aquilina OFM u P. Noel Muscat OFM. Dan is-suċċess kompla jitkabbar meta ddeċidejna li nduru għall-Fonti Franġiskani biex nittraduċuhom bil-Malti. Konna bdejna b'mod limitat bil-Kitbiet ta' San Franġisk, imma imbagħad dħalna għal xogħol iktar profond u professjonali. B'hekk ħarġu f'dawn l-aħħar snin il-Fontes ta' San Franġisk f'zewg volumi, il-Fontes ta' Santa Klara, u issa,

b'dan il-volum, il-Fontes ta' Sant'Antnin ta' Padova. B'hekk nistgħu ngħidu li tajna f'idejn il-poplu Malti il-bażi għal studju serju dwar tlieta mill-qaddisin fundamentali għall-istudju tal-Franġiskaneżmu.

Naturalment, dan ix-xogħol irid jitkompla, imma dan jieħu ż-żmien għax jitlob studju u preparazzjoni serja, u mhux traduzzjoni biss, imma wkoll noti li jagħmlu dawn il-pubblikazzjonijiet ta' l-Edizzjoni TAU materjal serju u affidabbli għal min hu verament studjuż jew interessat fl-istil ta' ħajja franġiskan.

Issa għalaqna 25 sena minn meta bdejna, u meta nħarsu lura nħossuna li xi ħaġa tajba għamilna għall-Moviment Franġiskan. Jekk nagħlqux 25 sena oħra ma nafux, u lanqas jimporta. L-importanti huwa li tajna kontribut siewi u serju għal kull min jgħix jew jammira il-ħajja franġiskana.

Raymond Camilleri OFM
30 ta' Ġunju 2007
Festa tal-Beatu Rajmondu Lullo

# DAĦLA

Fir-reċensjoni li l-istudjuż Franġiskan Kapuċċin Leonhard Lehmann għamel tal-volumi tal-Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk u Santa Klara, ippubblikati bil-Malti mill-Patrijiet Franġiskani mill-2005, fir-Rivista *Collectanea Franciscana*, fost kritika kostruttiva nsibu kliem ta' apprezzament: "Questi due volumi, assieme a quello che raccoglie le fonti clariane, non possono suscitare altro che ammirazione. I Frati Minori di Malta sono riusciti a tradurre e a pubblicare le *Fonti Francescane* nella loro lingua, certamente per una cerchia di persone molto ristretta, ma lo hanno fatto con lo stesso impegno e la stessa accuratezza usata dagli editori americani per un pubblico più vasto".

Kliem li jagħti kuraġġ u tama lil dawk il-patrijiet li, b'sagrifiċċju u dedikazzjoni, ingħataw għal snin twal biex il-messaġġ Franġiskan f'Malta jasal bl-istess professjonalità u serjetà xjentifika li bihom wasal f'pajjiżi kbar. Kliem li jinkuruna 25 sena ta' ħidma li bdiet fit-8 ċentenarju mit-twelid ta' San Franġisk, fl-1982, u li rat it-twelid ta' l-Edizzjoni TAU, li l-Patrijiet Franġiskani Maltin waqqfu bħala għajnuna għall-pubblikazzjonijiet dwar l-Art Imqaddsa u l-Bibbja, u dwar il-kariżma Franġiskan.

Dan hu t-tielet sforz biex inkomplu nippubblikaw Fonti Aġjografiċi Franġiskani bil-Malti. Wara San Franġisk u Santa Klara issa jmiss lil Sant'Antnin ta' Padova. Qaddis ċertament popolari ħafna, imma li ftit hu oġġett ta' studju, almenu fil-kamp lokali. Qaddis li jistħoqqlu jkun magħruf għal dak li verament kien, b'mod partikulari għall-qawwa tal-Kelma divina li ippriedka tul ħajtu kollha.

Il-Fonti Aġjografiċi Antonjani jinsabu ippubblikati fi studji prestiġjużi bl-oriġinal Latin u bit-traduzzjoni Taljana, opra tal-Franġiskani Konventwali tal-Bażilika ta' Sant'Antnin f'Padova. Naturalment aħna għamilna użu sħiħ minn dawn il-volumi biex issa qegħdin noffru lill-pubbliku Malti serje ta' Fonti dwar Sant'Antnin. Ma għażilniex li nġibuhom kollha, imma għażilna li nkopru l-ewwel żewġ sekli tal-familja Franġiskana, kif għamilna fil-każ ta' San Franġisk u Santa Klara. Wara kollox, dawn huma s-sekli li fihom nistgħu verament nitkellmu dwar *Fontes* għall-ħajjiet tal-Qaddisin Franġiskani li taw bixra ġdida lill-Knisja tas-sekli 13 u 14.

Il-ħidma tat-traduzzjoni saret mill-edizzjoni Latina minn P. Noel Muscat OFM u P. Ġużepp Beneditt Xuereb OFM, li ma kellux ix-xorti jara dan il-volum pubblikat, għax il-Mulej għoġbu jsejjaħlu għalih wara marda kiefra nhar il-11 ta' Ottubru 2007. Lilu, b'mod speċjali, nixtiequ li nirringrazzjawh b'mod partikulari talli ħadem u stinka, minkejja l-mard u t-tbatija, biex jagħtina f'idejna t-traduzzjonijiet ta' diversi Fonti Aġjografiċi Antonjani, li jinkurunaw il-ħidma siewja tiegħu fil-qasam Franġiskan. Jalla l-Mulej jippremjah ta' l-impenn tiegħu favur l-Ordni u l-Provinċja Franġiskana.

Lil P. Raymond Camilleri OFM, fundatur u idejatur ta' l-Edizzjoni TAU, tajnieh il-ġieħ li jippreżenta din l-opra, bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu biex iħeġġeġ studjużi Franġiskani Maltin biex l-opri tagħhom joħorġu għad-dawl permezz ta' l-istampa. Jekk iż-żminijiet inbidlu wara 25 sena, u jekk l-enerġiji żgħażagħ li bdew din il-ħidma ma għadhomx li kienu fil-bidu, ma naqsitx il-ħeġġa u d-determinazzjoni li nkomplu noffru lill-pubbliku ristrett Malti opri li jista' japprezzahom min tassew jifhem x'inhu impenn ta' studju u applikazzjoni serja. Jalla Sant'Antnin ta' Padova jkompli jbierek din il-ħidma u jseddaqha fil-futur.

Kunvent ta' «Sancta Catharina ad Nativitatem», Betleħem
13 ta' Ġunju 2007,
Festa ta' Sant'Antnin ta' Padova,
Patrun tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa

# PJAN ĠENERALI

Abbrevjazzjonijiet
Kronoloġija għall-ħajja ta' Sant'Antnin ta' Padova

FONTI AĠJOGRAFIĊI ANTONJANI

Introduzzjoni Ġenerali
«Vita Prima Sancti Antonii» jew «Assidua»
Julian minn Speyer, «Officium Rhythmicum Sancti Antonii»
Julian minn Speyer, «Vita Secunda», jew «Juliana»
«Dialogus de Gestis Beati Antonii»
John Peckham, Frammenti tal-«Benignitas»
Pietro Raymundi minn Saint-Romain, «Legenda Raymundina»
Giovanni Rigaldi, «Legenda Rigaldina»
Arnald de Sarrant, «Liber Miraculorum» fil-«Chronica XXIV Ministrorum Generalium»
Bartolomeo da Pisa, «De Sancto Antonio de Padua» fil-«De Conformitate Vitae»
Papa Girgor IX, Bulla «Cum dicat Dominus» fil-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin
Papa Piju XII, Ittra Apostolika «Exulta Lusitania felix, o felix Padua gaude»

Biblijografija

Indiċi ta' Riferimenti Bibliċi
Indiċi ta' Ismijiet
Indiċi ta' Postijiet
Indiċi Tematiku

# ABBREVJAZZJONIJIET

## SKRITTURA MQADDSA

| | |
|---|---|
| Ġen | Ġenesi |
| Eż | Eżodu |
| Lev | Levitiku |
| Num | Numri |
| Dt | Dewteronomju |
| Ġoż | Ġożwè |
| Mħ | Mħallfin |
| Rt | Rut |
| 1Sam | 1 Samwel |
| 2Sam | 2 Samwel |
| 1Slat | 1 Slaten |
| 2Slat | 2 Slaten |
| 1Kron | 1 Kronaki |
| 2Kron | 2 Kronaki |
| Esd | Esdra |
| Neħ | Neħemija |
| Tob | Tobit |
| Ġud | Ġuditta |
| Est | Ester |
| 1Mak | 1 Makkabin |
| 2Mak | 2 Makkabin |
| Ġob | Ġob |
| S | Salmi |
| Prov | Proverbji |
| Koħ | Koħelet |
| Għan | Għanja ta' l-Għanjiet |
| Għerf | Għerf |
| Sir | Bin Sirak |
| Iż | Iżaija |
| Ġer | Ġeremija |
| Lam | Lamentazzjonijiet |
| Bar | Baruk |

| | |
|---|---|
| Eżek | Eżekjel |
| Dan | Danjel |
| Hos | Hosegħa |
| Ġoel | Ġoel |
| Għam | Għamos |
| Għabd | Għabdija |
| Ġona | Ġona |
| Mik | Mikea |
| Naħ | Naħum |
| Ħab | Ħabakkuk |
| Sof | Sofonija |
| Ħag | Ħaggaj |
| Żak | Żakkarija |
| Mal | Malakija |
| | |
| Mt | San Mattew |
| Mk | San Mark |
| Lq | San Luqa |
| Ġw | San Ġwann |
| Atti | Atti ta' l-Appostli |
| Rum | Rumani |
| 1Kor | 1 Korintin |
| 2Kor | 2 Korintin |
| Gal | Galatin |
| Efes | Efesin |
| Fil | Filippin |
| Kol | Kolossin |
| 1Tess | 1 Tessalonkin |
| 2Tess | 2 Tessalonkin |
| 1Tim | 1 Timotju |
| 2Tim | 2 Timotju |
| Tit | Titu |
| Film | Filemon |
| Lhud | Lhud |
| Ġak | Ġakbu |
| 1Pt | 1 Pietru |
| 2Pt | 2 Pietru |

| | |
|---|---|
| Ġuda | Ġuda |
| 1Ġw | 1 Ġwanni |
| 2Ġw | 2 Ġwanni |
| 3Ġw | 3 Ġwanni |
| Apk | Apokalissi |

## KITBIET TA' SAN FRANĠISK

| | |
|---|---|
| Adm | Admonitiones. |
| CantAudPov | Cantico di esortazione Audite Poverelle. |
| CantSol | Canticum fratris Solis. |
| LaudDei | Laudes Dei Altissimi. |
| BenLeo | Benedictio fratri Leoni data. |
| EpAnt | Epistola ad sanctum Antonium. |
| EpCler I | Epistola ad Clericos (Redactio prior). |
| EpCler II | Epistola ad Clericos (Redactio posterior). |
| EpCust I | Epistola ad Custodes I. |
| EpCust II | Epistola ad Custodes II. |
| EpFid I | Epistola ad Fideles I. |
| EpFid II | Epistola ad Fideles II. |
| EpLeo | Epostola ad fratrem Leonem. |
| EpMin | Epistola ad Ministrum. |
| EpOrd | Epistola toti Ordini missa. |
| EpRect | Epistola ad populorum rectores. |
| ExhLD | Exhortatio ad Laudem Dei. |
| ExpPat | Expositio in Pater noster. |
| FormViv | Forma vivendi sanctae Clarae data. |
| Fragm | Fragmenta alterius Regulae non bullatae. |
| LaudHor | Laudes ad omnes horas dicendae. |
| OffPass | Officium Passionis Domini. |
| OrCruc | Oratio ante crucifixum. |
| RegB | Regula bullata. |
| RegNB | Regula non bullata. |
| RegEr | Regula pro eremitoriis data. |
| SalBMV | Salutatio beatae Mariae Virginis. |
| SalVirt | Salutatio virtutum. |

| | |
|---|---|
| Test | Testamentum. |
| UltVol | Ultima voluntas sanctae Clarae scripta. |

## FONTI TAL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK

| | |
|---|---|
| 1C | Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci*. |
| LCh | Tommaso da Celano, *Legenda ad usum chori*. |
| OR | Julian minn Speyer, *Officium Rhythmicum Sancti Francisci*. |
| LJS | Julian minn Speyer, *Vita Sancti Francisci*. |
| SC | *Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate*. |
| AP | Giovanni da Perugia, *Anonimo Perugino.* |
| L3C | *Leggenda dei Tre Compagni*. |
| CA | *Compilatio Assisiensis*. |
| 2C | Tommaso da Celano, *Memoriale in Desiderio Animae*. |
| 3C | Tommaso da Celano, *Tractatus de Miraculis Sancti Francisci*. |
| LM | S. Bonaventura, *Legenda Maior Sancti Francisci*. |
| LMin | S. Bonaventura, *Legenda minor Sancti Francisci*. |
| LdL | Bernard de Besse, *Liber de Laudibus Sancti Francisci*. |
| SP (Sabatier) | *Speculum Perfectionis* (ed. Paul Sabatier). |
| SP (Lemmens) | *Speculum Perfectionis* (ed. Leonhard Lemmens). |
| ABF | *Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. |
| Fior | *Fioretti di San Francesco*. |
| Vitry | Jacques de Vitry. |
| LChUmb | *Legenda Choralis Umbra.* |
| EpTrans | Ittra attribwita lil fra Elia dwar it-Transitu ta' San Franġisk. |
| Vor | Jacobo da Voragine, *Vita Sancti Francisci in Legenda Aurea*. |
| LMon | *Legenda Monacensis*. |
| IndulPorz | *Diploma di Teobaldo sull'Indulgenza della Porziuncola*. |

## FONTI TAL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN

| | |
|---|---|
| Asd | *Legenda Assidua* |
| ORSA | *Officium Rhythmicum Sancti Antonii* |
| Jul | *Vita Secunda (Juliana)* |

| | |
|---|---|
| Dial | *Dialogus de Gestis* |
| Ben | *Benignitas* |
| Ray | *Legenda Raymundina* |
| Rig | *Legenda Rigaldina* |
| Mir | *Liber Miraculorum* |
| Bart | Bartolomeo da Pisa, *De Sancto Antonio* |

## ABBREVJAZZJONIJIET OĦRAJN

| | |
|---|---|
| AASS | *Acta Sanctorum* (Bollandisti). |
| AB | *Analecta Bollandiana*. |
| AF | *Analecta Franciscana*. |
| AFH | *Archivum Franciscanum Historicum*. |
| AM | Wadding, *Annales Minorum*. |
| BBT | *Biblioteca Biobibliografica della Terra Santa*. |
| BF | *Bullarium Franciscanum*. |
| CF | *Collectanea Franciscana*. |
| DAF | *Documenta Antiqua Franciscana*. |
| EF | *Etudes Franciscaines*. |
| FSF | *Fonti għall-Ħajja ta' S. Franġisk* (b'riferimenti għan-numri marġinali). |
| FSK | *Fonti għall-Ħajja ta' S. Klara* (b'riferimenti għan-numri marġinali). |
| FSA | *Fonti għall-Ħajja ta' Sant'Antnin* (b'riferimenti għan-numri marġinali). |
| FS | *Franciscan Studies*. |
| FrStud | *Franziskanische Studien*. |
| GFR | *Greyfriars Review*. |
| MF | *Miscellanea Francescana*. |
| MGH | *Montumenta Germaniae Historica, Scriptores*. |
| OCH | *Opuscules de Critique Historique*. |
| PG | *Patrologia Greca* (Migne). |
| PL | *Patrologia Latina* (Migne). |
| SF | *Studi Francescani*. |
| SĦ | *Spirtu u Ħajja*. |
| TM | *Testimonia minora* (Lemmens). |
| WW | *Wissenschaft und Weisheit*. |

# KRONOLOĠIJA GĦALL-FONTI TAL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN

1195 Fernando jitwieled f'Lisbona, il-Portugal, minn familja nobbli. Il-ġenituri tiegħu kienu Martino Alfonso u Maria (*Benignitas* 2,1).

1202-1210 Jitgħallem fl-iskola tal-kattidral ta' Lisbona.

1210 Fernando jidħol mal-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin fil-*canonìa* ta' São Vincente de Fora, barra l-ħitan ta' Lisbona, fejn idum sentejn. Biex jevita ż-żjarat ta' spiss tal-ħbieb u l-qraba li kien jtellfu s-serenità interjuri tiegħu, talab u qala' l-permess li jiġi trasferit.

1212 Fernando jgħaddi għall-*canonìa* rjali ta' Santa Cruz ta' Coimbra, iċ-ċentru tal-kultura sagra fir-renju tal-Portugal. Għal tmien snin ingħata b'impenn sħiħ għall-istudju tal-Kotba Mqaddsa u tal-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, u tħarreġ fil-*lectio divina*.

1217 Waslu fil-Portugal l-ewwel Franġiskani. Xi wħud minnhom bdew jgħixu fl-eremitaġġ ta' São Antonio dos Olivais, mhux bogħod mill-monasteru ta' Santa Cruz, fejn kienu jmorru jittallbu l-karità. Fernando iltaqa' magħhom u sar jafhom. Sar midħla ta' l-ewwel patrijiet Minuri li kellhom imorru missjunarji fil-Marokk: Berardo, Pietro, Adiuto, Accursio, Ottone.

1218 Ta' 23 sena, Fernando jiġi ordnat saċerdot.

1220 (16 ta' Jannar) Bernardo u sħabu martirizzati f'Marrakesh, fil-Marokk. Il-fdalijiet tagħhom jinġabu mill-prinċep *Infante* Pedro lejn Coimbra għad-difna.

1220 Fi tmiem is-sajf Fernando jingħaqad mal-patrijiet Minuri, u jingħata l-isem ta' fra Antnin. Misjuq mix-xewqa li jsofri l-martirju, jitlaq missjunarju lejn il-Marokk. Wara ftit xhur fil-kontinent Afrikan, milqut minn marda gravi, kien imġiegħel imur lura lejn pajjiżu. Il-ġifen li fuqu kien qed ibaħħar, minħabba irjieħ kuntrarji, ġie mkaxkar fuq il-kosta tat-tramuntana ta' Sqallija, fejn Antnin ġie milqugħ

mill-patrijiet Minuri ta' Messina. Wara li kiseb saħħtu lura, f'Mejju 1221 telaq lejn Assisi u ħa sehem fil-"kapitlu tal-ħsajjar" li sar f'Pentekoste. Kien f'din l-okkażjoni li hu seta' jara lil San Franġisk. Wara l-kapitlu, fra Graziano, ministru provinċjali ta' Romagna, laqa' lil Antnin fil-provinċja tiegħu u bagħatu fl-eremitaġġ ta' Montepaolo, qrib Forlì, biex jiċċelebra l-quddiesa lil sitt frajiet lajċi li kienu jgħixu hemmhekk./

1221 F'Ġunju 1221 Antnin jasal Montepaolo. Hemmhekk, fis-solitudni, għex esperjenza straordinarja ta' talb, penitenza u kontemplazzjoni, u hekk ħejja ruħu għall-missjoni kbira tiegħu bħala appostlu ta' l-Evanġelju.

1222 (24 ta' Settembru) Fl-okkażjoni ta' ordinazzjoni saċerdotali fil-belt ta' Forlì, Antnin jiġi mitlub b'ubbidjenza biex jagħmel konferenza spontanja, li fiha toħroġ għad-dawl il-kultura biblika u l-ispiritwalità profonda tiegħu. Antnin jirċievi l-uffiċċju tal-predikazzjoni.

1223 Antnin ippriedka f'Rimini, fir-Romagna. Ġie awtorizzat personalment minn San Franġisk biex fl-Ordni jkun l-ewwel għalliem (*lector*) tat-teoloġija lill-patrijiet Minuri fil-belt universitarja ta' Bologna. F'dan li *studium* ta' l-Ordni Antnin għallem lill-kleru sekular u lil bosta studenti universitarji, barra mill-patrijiet Minuri.

1224 Antnin imur Vercelli, għand it-teologu famuż Tommaso Gallo, li kien Kanonku Regolari u mgħallem ta' teoloġija mistika. Dwar Antnin, dan it-teologu kiteb: "Il-qaddis ħuna Antnin, ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, permezz tas-safa tar-ruħ u l-ħeġġa tal-moħħ, kellu xewqa taħraq għat-teoloġija mistika, għamilha tiegħu u tmantna biha bl-abbundanza" (*Liber Miraculorum*, 3, 17, nn. 9-10).

1225 Antnin jintbagħat fi Provence u mbagħad f'Languedoc.

1226 Antnin *custos* (kustodju) f'Limoges, Aquitaine. F'Arles, fi Provence, waqt kapitlu tal-patrijiet, jagħmel priedka dwar il-kliem tas-salib *Iesus Nazarenus Rex Iudaeorum*, u matul il-priedka San Franġisk deher ibierek lill-patrijiet miġbura.

1227 Antnin reġa' lura l-Italja u ħa sehem fil-kapitlu ġenerali ta' Pentekoste f'Assisi, li fih ġie elett ministru provinċjal tar-

Romagna, li kienet tiġbor fiha t-territorju kollu ta' l-Italja ta' fuq, minn Milan sa Venezia.

1227-1230 Bħala ministru provinċjal ingħata għall-*ministerium fratrum* u żar il-provinċja tiegħu, imma kompla wkoll fil-ħidma ta' predikazzjoni. Jista' jkun li f'dan iż-żmien irritorna wkoll biex iżur l-eremitaġġ ta' Montepaolo.

1227-1228 Jieqaf għall-ewwel darba f'Padova, fejn jikteb is-*Sermones Dominicales*.

1230 Antnin jieħu sehem fil-kapitlu ta' Pentekoste f'Assisi. Flimkien ma' patrijiet oħrajn, fosthom il-ministru ġeneral fra Giovanni Parenti, Antnin jintbagħat f'missjoni fil-kurja rumana għand il-Papa Girgor IX, biex dan jagħti interpretazzjoni uffiċjali għal xi diffikultajiet rigward ir-Regola u t-Testment ta' San Franġisk. Antnin jippriedka quddiem Girgor IX u l-kulleġġ tal-kardinali. Il-Papa, mimli ammirazzjoni għall-elokwenza tiegħu, isejjaħlu "Arka tat-Testment". Fit-28 ta' Settembru 1230 Girgor IX jippubblika l-bolla *Quo elongati*, l-ewwel interpretazzjoni pontifiċja tar-Regola Franġiskana. Antnin iħalli l-uffiċċju ta' ministru provinċjal tar-Romagna, u jirċievi l-uffiċċju ta' predikatur ġenerali. Jagħżel Padova bħala ċentru tal-ħidma tiegħu.

1230-1231 Antnin jikteb is-*Sermones Festivi*. L-opra tas-*Sermones* tiegħu immeritatlu t-titlu ta' Duttur tal-Knisja.

1231 F'Padova Antnin ippriedka r-Randan kollu, kuljum matul ix-xhur ta' Frar u Marzu. Talab u qala' mill-*Comune* ta' Padova r-riforma ta' l-istatuti li kienu jordnaw il-ħabs għall-ħajja kollha għal dawk li, imtaqqlin minn djun kbar, ma setgħux iħallsuhom. F'Mejju Antnin mar Verona għand it-tirann Ezzelino biex jitlob il-liberazzjoni ta' Riciardo, konti ta' San Bonifacio. Fix-xhur Mejju u Ġunju 1231 Antnin mar fl-eremitaġġ ta' Camposampiero, mistieden mill-konti Tiso. F'dan l-eremitaġġ Antnin jgħix ħajja solitarja f'ċella fuq siġra kbira tal-ġewż. F'dan il-post isseħħ il-famuża viżjoni tal-Bambin Ġesù li jinżel f'dirgħajn Antnin.

1231 (13 ta' Ġunju). Wara li jħossu ħażin, Antnin jitlob lill-patrijiet biex jeħduh Padova, fejn xtaq imut. Fil-vjaġġ il-qagħda fiżika tiegħu ħżienet tant li l-patrijiet kellhom jieqfu

bih fil-monasteru tal-Klarissi ta' l-Arcella, ftit barra minn Padova. Hemmhekk Antnin imut, wara li kanta l-innu *O gloriosa Domina*, u bil-kliem: "Qiegħed nara lill-Mulej tiegħi".

1232 (30 ta' Mejju). Girgor IX, fil-kattidral ta' Spoleto, jiddikjara lil Antnin qaddis fi żmien ta' inqas minn sena mill-mewt tiegħu u jippubblika l-Bulla ta' Kanonizzazzjoni *Cum dicat Dominus*. Tinkiteb il-*Leggenda Assidua*, l-ewwel bijografija ta' Sant'Antnin fost il-fonti bijografiċi Antonjani. Jingħata bidu għall-bini tal-bażilika ta' Padova, maġenb il-knisja u l-kunvent ta' *Sancta Maria Mater Domini*, fejn sallum għadha mħarsa l-Arka li fiha huma meqjumin il-fdalijiet tal-qaddis.

1232-1235 Julian minn Speyer jikkomponi l-*Officium Rhythmicum* ta' Sant'Antnin, u l-*Vita Secunda*, jew *Juliana*.

1245-1246 Anonimu jikkomponi d-*Dialogus de gestis sanctorum fratrum Minorum*.

1263 (8 ta' April). L-ewwel rikonjizzjoni tar-relikwi ta' Sant'Antnin, presjeduta mill-ministru ġeneral San Bonaventura, li jsib inkorrott l-ilsien ta' dan il-predikatur kbir.

1280c. John Peckham jikkomponi l-*Legenda Benignitas*.

1286c. Mewt tal-beatu Luca Belludi, kumpann ta' Sant'Antnin fis-snin 1231-1232.

1295c. Petrus Raymundi minn Saint-Romain jikkomponi l-*Legenda Raymundina*.

1300 Jean Rigaud jikkomponi l-*Legenda Rigaldina*.

1369-1374 Arnald de Sarrant jikkomponi l-*Liber Miraculorum Sancti Antonii*.

1946 (16 ta' Jannar). Bl-Ittra Apostolika *Exsulta, Lusitania felix, o felix Padua, gaude*, Piju XII jiddikjara lil Sant'Antnin Duttur tal-Knisja, bit-titlu *Doctor Evangelicus*.

1981 (6 ta' Jannar). It-tieni rikonjizzjoni tar-relikwi ta' Sant'Antnin. Jinsabu intatti l-kordi vokali tal-qaddis.

1982 (12 ta' Settembru). Il-Papa Ġwanni Pawlu II iżur il-Bażilika ta' Sant'Antnin f'Padova.

## *SANT'ANTNIN PATRUN TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TA' L-ART IMQADDSA*

Fl-1917 il-Palestina kienet għaddejja mill-Ewwel Gwerra Dinjija. Il-ġlied hawnhekk kien bejn l-Ingilterra u t-Turkija. It-Turkija kienet alleata mal-Ġermanja. L-awtoritajiet Torok riedu li ċ-ċittadini Ewropej, inklużi r-reliġjużi, jiġu espulsi mill-Palestina. Il-Franġiskani, l-aktar dawk Taljani, irnexxielhom jibqgħu fil-Santwarji tal-Fidwa, imma l-futur tagħhom kien inċert. Il-gvernatur Tork ta' Ġerusalemm, Giamal Pascià, ħareġ id-digriet li bih kellhom jinxteħtu fil-ħabs. Mill-pubblikazzjoni tad-digriet, ix-xabla kienet se taqa' fuq il-Postijiet Qaddisa mħarsin mill-Franġiskani f'isem il-Knisja Kattolika. Il-President Kustodjali, P. Eutimio Castellani, ordna li jsir talb imħeġġeġ, fil-kunventi kollha tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, permezz ta' serje ta' Tridijiet ad unur ta' Sant'Antnin ta' Padova. L-aktar Tridu importanti kien dak tat-22-27 ta' April 1917, għaliex kien ġie ippubblikat id-digriet li bih il-patijiet Franġiskani Taljani kellhom jiġu internati.

Filgħodu tat-tielet jum tat-Tridu, l-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm mar għand Giamal Pascià biex jitolbu l-grazzja għall-isqof awżiljarju Mons. Piccardo, li kien marid gravement. Bi stagħġib kbir qala' mhux biss il-grazzja li kien talab għall-awżiljarju tiegħu, imma wkoll il-grazzja għall-qassisin tal-Patrijarkat u għar-reliġjużi Franġiskani Taljani. Minn dak il-mument P. Eutimio Castellano ġedded il-wegħda li jagħżel lil Sant'Antnin bħala l-qaddis patrun tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.

Sant'Antnin ma damx jistenna din il-prova biex ikompli jiżgura l-għajnuna tiegħu. F'Novembru 1917 il-patrijiet mill-ġdid kienu fil-periklu li jiġu maqfulin fil-ħabs. Mill-ġdid talbu lil Sant'Antnin. Din id-darba waslet telegramma minn Kostantinopli, fl-aħħar jum tat-Tridu, li biha mill-ġdid il-Franġiskani ġew meħlusin. L-ordni tas-*Sublime Porte* ta' l-imperu Tork kien jgħid li "l-Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa ma għandhomx jiġu mdejjqin iżjed, imma għandhom jitħallew bi kwiethom u f'posthom, għaliex huma persuni li ma jagħmlux ħsara u ma jindaħlux fi kwestjonijiet ta' politika".

Wara l-Gwerra, fuq proposta ta' P. Eutimio Castellani u bil-mandat tar-Reverendissimu P. Ferdinando Diotallevi OFM, Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, il-wegħda lil Sant'Antnin ġiet onorata u rikonoxxuta

mill-Papa Benedittu XV. Minn din id-data Sant'Antnin ġie dikjarat Patrun tal-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa, u l-festa tiegħu tiġi iċċelebrata bl-akbar solennità fil-kunventi kollha Franġiskani tal-Kustodja.

# FONTI AĠJOGRAFIĊI ANTONJANI

# INTRODUZZJONI ĠENERALI

Il-Fonti għall-Ħajja ta' Sant'Antnin ta' Padova nistgħu naqsmuhom f'żewġ perjodi storiċi. L-ewwel perjodu hu dak li fih għandna x-xhieda diretta ta' dawk li kienu jafu lil Sant'Antnin, jew tad-dixxipli tagħhom. Dan il-perjodu jibda fl-1231, is-sena tal-mewt ta' Sant'Antnin, u jibqa' sejjer sal-bidu tas-seklu 14. It-tieni perjodu hu dak li matulu inkitbu bijografiji minn kittieba li ġabru t-tifkiriet Antonjani ta' qabilhom u tawhom sura ġdida (*recolletores* u *compilatores*). Dan il-perjodu jwassalna sa nofs is-seklu 15.

## Il-perjodu tax-xhieda diretti u d-dixxipli tagħhom

Dan l-ewwel perjodu hu maqsum f'erba' mumenti storiċi li fihom inkitbu diversi bijografiji, li jistgħu jiġu datati, ħlief fil-każ tal-*Benignitas*, li sallum l-istudjużi ma jistgħux isibu l-kollokazzjoni kronoloġika tagħha fl-aġjografija Franġiskana.

a) L-ewwel perjodu jibda fit-30 ta' Mejju 1232, data tal-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, u jagħlaq fl-14 ta' Mejju 1239, data tad-depożizzjoni ta' frate Elia minn ministru ġeneral tal-patrijiet Minuri. F'dan il-perjodu twieldet l-ewwel bijografija, il-*Vita prima*, jew *Assidua* (c. 1232), li hi omm il-*legendae* l-oħrajn kollha medjevali dwar Sant'Antnin. Għalkemm l-awtur tagħha hu anonimu, imma din il-bijografija inkitbet fi spirtu ta' *salutaris obedientia* (ubbidjenza ta' salvazzjoni) lejn l-awtoritajiet ta' l-Ordni, forsi lejn frate Elia, jew lejn is-superjur ta' *Sancta Maria Mater Domini* ta' Padova.

L-*Officium Rhythmicum S. Antonii* (c. 1235), opra ta' Julian minn Speyer, kien inizjattiva uffiċjali ta' kompożizzjoni liturġika għall-festa ta' Sant'Antnin, fuq il-mudell ta' l-Uffiċċju Ritmiku li l-istess awtur kien ikkompona għall-festa ta' San Franġisk. B'hekk insibu xebħ fl-aġjografija taż-żewġ qaddisin. Għal San Franġisk għandna l-*Vita Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano u l-*Officium Rhythmicum* ta' Julian minn Speyer, filwaqt li għal Sant'Antnin għandna l-*Assidua* ta' awtur anonimu u l-*Officium Rhythmicum*, ukoll ta' Julian minn Speyer. Fl-istess żmien għandna wkoll il-*Juliana* (c. 1235), jew *Vita secunda,*

miktuba appuntu minn Julian minn Speyer.

b) It-tieni perjodu hu dak ta' żmien il-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi (1244-47), elett fil-kapitlu ġenerali ta' Genova. F'dan il-kapitlu kienet ħarġet l-ordni biex jinġabru t-tifkiriet ta' San Franġisk minn dawk fost sħabu li kienu għadhom ħajjin. Fil-11 ta' Awissu 1246, fra Leone, fra Rufino u fra Angelo kitbu ittra lill-ministru ġeneral mill-eremitaġġ ta' Greccio, li magħha bagħatu l-famuż *florilegium*, jew il-ġabra ta' tifkiriet tagħhom miktubin. Il-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi offra dan il-materjal lil Tommaso da Celano, li kiteb il-*Memoriale in Desiderio Animae* (*Vita secunda S. Francisci*) fl-1247, u mbagħad it-*Tractatus de Miraculis* fl-1252-53.

Fl-istess okkażjoni jidher li Crescenzio da Iesi talab ukoll lil xi wieħed mill-patrijiet, li ismu jibqa' anonimu, biex jikteb rakkonti bijografiċi dwar persunaġġi famużi fl-Ordni tal-Minuri. Dan kien l-awtur tad-*Dialogus de gestis sanctorum fratrum Minorum* (c. 1246). Imma rigward Sant'Antnin, l-awtur tad-*Dialogus* ma tana xejn ġdid. Kull ma għamel kien li irriproduċa l-*Assidua*. Din il-bijografija tiġbor elementi mill-*Assidua* u xi kultant tqassarhom.

c) Fil-kapitlu ġenerali ta' Padova fl-1276 jinfetaħ staġjun ġdid fl-aġjografija Antonjana. L-assemblea, li fiha ma kienx preżenti l-ministru ġeneral fra Girolamo da Ascoli Piceno, kienet immexxija mill-vigarju, frate Bonagrazia. Il-kapitlu sar fil-post fejn kienu meqjumin il-fdalijiet ta' Sant'Antnin fil-bażilika famuża li inbniet fuq qabru, u sar tlittax-il sena wara t-traslazzjoni ta' żmien San Bonaventura, meta nstab l-ilsien inkorrott tal-qaddis (1263). Filwaqt li Bonaventura kien ordna l-qerda tal-*legendae* kollha dwar San Franġisk fil-kapitlu ġenerali ta' l-1266, biex hekk baqgħet biss il-*Legenda Maior S. Francisci* miktuba minnu bħala ħajja uffiċjali tal-qaddis, fil-kapitlu ta' l-1276 ġie pubblikat digriet li ordna "lill-ministri kollha ... biex jagħmlu stħarriġ dwar l-għemejjel ta' San Franġisk u tal-patrijiet qaddisin li huma mfakkrin fil-provinċji tagħhom" u jibgħatuhom lill-ministru ġeneral bil-miktub.

Fil-*Chronica XXIV Generalium Ordinis fratrum Minorum*, miktuba lejn is-sena 1369, Arnald de Sarrant jgħidilna li l-ministru ġeneral Girolamo d'Ascoli Piceno, li dam ġeneral sa l-1279, inkariga lil fra John Peckham, li qabel kien ministru provinċjal ta' l-Ingilterra, biex jikkomponi Ħajja ta' Sant'Antnin: "skond il-kmand ta' l-istess Ġeneral, hu ikkompona ħajja fi stil mill-isbaħ dwar Sant'Antnin ta' Padova, għax

għalkemm kienu inkitbu ħajjiet oħra qosra, imma ma kienux imferrxin ħafna" (*Analecta Franciscana* III, 361). Din il-ħajja waslet għandna fi frammenti, u hi magħrufa bl-isem *Benignitas*. Fl-istess *Chronica XXIV Generalium* insibu *dossier* dettaljat ta' ħafna mirakli attribwiti lil Sant'Antnin, li donnhom iridu jkunu żjieda għall-*Assidua*. Din l-opra hi komunement magħrufa bl-isem ta' *Liber miraculorum*. F'din il-ġabra ta' mirakli hemm miġbur materjal li nsibu f'żewġ *legendae* Antonjani oħrajn, il-*Benignitas* (c. 1280) u r-*Rigaldina* (c. 1300). Hemm studjużi li jgħidu li l-*Benignitas*, li ma nafux min hu l-awtur tagħha u lanqas meta nkitbet, nistgħu fil-fatt narawha miktuba f'dan il-perjodu lejn tmiem is-seklu 13, u l-awtur tagħha hu fra John Peckham, li sar arċisqof ta' Canterbury.

Il-kapitlu ġenerali ta' Padova kellu l-mertu li reġa' qanqal l-interess fir-riċerka aġjografika Franġiskana, partikolarment f'dik Antonjana. Hekk bdew jidhru fatti u ġrajjiet ġodda dwar Sant'Antnin, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-preżenza tiegħu fil-Portugal, fi Franza u fl-Italja, l-aktar fid-distrett ta' Padova.

d) Fi zmiem is-seklu 13 nidħlu fl-aħħar perjodu ta' l-aġjografija Antonjana tad-dixxipli tax-xhieda ewlenin tal-Qaddis. F'dan il-perjodu nsibu żewġ *legendae*, ir-*Rigaldina* (c. 1300) li diġà semmejna, u li hi opra ta' Jean Rigaud minn Limoges, u r-*Raymundina* (c. 1295), opra tal-Franċiż Pierre Raymundi de Saint Romain, viċin Toulouse († 1297). F'dawn iż-żewġ *legendae* insibu riferimenti importanti għall-ħidma ta' Sant'Antnin meta kien jinsab fi Provence, u bħala kustodju f'Limoges.

Dan l-impenn ta' produzzjoni ġdida ta' bijografiji Antonjani kien il-frott ta' stedina tal-kapitlu ġenerali ta' Pariġi fl-1292, u ta' dak ta' Assisi fl-1295. L-ordni tal-kapitlu ta' Pariġi kien li l-ministru ġeneral Raymundus Gaufredi ried li l-ministri provinċjali jieħdu ħsieb jiġbru informazzjoni miktuba dwar l-atti ta' virtù u l-eżempji ta' edifikazzjoni ta' patrijiet qaddisin li kienu mietu fl-Ordni. Ma hemm l-ebda riferiment għal San Franġisk, għax kien għadda ħafna żmien mill-mewt tiegħu. Mill-banda l-oħra sa mill-1232 l-ebda Franġiskan ma kien ġie merfugħ għall-ġieħ ta' l-altari. Gaufredi kellu simpatija lejn il-familja Spiritwali fi ħdan l-Ordni tal-Minuri, u għalhekk isemmi s-*sancti fratres qui in Ordine decesserunt* (il-patrijiet qaddisin li kienu mietu fl-Ordni).

Sadanittant, serje ta' mirakli kienu jingħadu li seħħu fuq il-qabar ta' Sant'Antnin f'Padova fl-1293 kien reġa' qanqal l-interess fil-figura

ta' Antnin. Il-*Benignitas* jew ma kienetx waslet fil-kunvent ta' Padova, jew ma kienetx għoġbot biżżejjed lil dawk li qrawha. Li kien ġara kien li ingħatat importanza esaġerata lejn l-aspetti mirakolużi tal-ħajja ta' Sant'Antnin u hekk bdiet tgħib il-figura umana tal-qaddis kif kienet magħrufa minn patrijiet sħabu fl-ambjent ta' Padova, bħalma kien frate Luca Belludi, li kien għex għal ħafna snin warajh.

Dak iż-żmien kien ministru provinċjal tal-Veneto Bartolomeo Mascara di Sant'Andrea, li kien inkwiżitur imma li għandu merti kbar fil-kamp kulturali. Il-mirakli ta' l-1293 qanqluh biex jirrejalizza ħolma li kellu dwar il-Qaddis: kompożizzjoni aġjografika li tkun ġabra fil-qosor ta' l-*Assidua*, imma li tiġbor fiha fatti tat-tradizzjoni lokali ta' Padova dwar Sant'Antnin. Mascara qabbad għal din il-biċċa xogħol lil fra Pietro Raymundi mill-kunvent ta' Padova. Fit-tieni taqsima ta' din il-bijografija intitolata *Raymundina* inġabru l-mirakli li kienu seħħu fl-1293. Ma nafux kemm infirxet din il-bijografija barra mill-ambjent tal-kunvent ta' Sant'Antnin f'Padova, fejn kienet tintuża fil-liturġija tal-bażilika Antonjana, u wkoll fl-abbazija Benedittina ta' Santa Giustina.

Fl-istess żmien u fl-istess ċirkostanzi ta' l-ordni ta' Mascara, insibu l-*legenda* ta' l-ambjent ta' Limoges, fil-provinċja minoritika ta' Aquitaine, miktuba minn fra Jean Rigaud, u magħrufa bl-isem ta' *Rigaldina*. Rigaud jagħmel użu mill-*Vita secunda* jew *Juliana*, imma jżid magħha fatti li seħħew fl-inħawi ta' Limoges u dawk il-mirakli ta' l-1293 li kien kiteb dwarhom fra Pietro Raymundi fir-*Raymundina*.

Fi tmiem is-seklu 13 nistgħu ngħidu li kienet intemmet il-ġenerazzjoni ta' sħab Sant'Antnin jew tad-dixxipli tagħhom. L-immaġini sagra ta' San Franġisk u Sant'Antnin kienet issa stabilita hekk li l-ewwel taqsima ta' l-evoluzzjoni aġjografika tagħhom nistgħu ngħidu li kienet konkluża.

Il-kult lejn Sant'Antnin ta' Padova kien żviluppa sew, hekk li l-Qaddis beda jiġi meqjus bħala duttur għaref. Fil-kapitlu ġenerali ta' Toulouse ta' l-1307 il-ministru ġeneral Gonsalvo da Valboa ordna b'digriet li fl-uffiċċju liturġiku ta' Sant'Antnin il-*capitula* (qari qasir mill-Bibbja) għall-uffiċċju divin u għal wara l-qari tal-martiroloġju kellhom jittieħdu mill-Ktieb ta' l-Għerf, kif kien isir fil-quddiesa tal-Qaddis.

Nistgħu mela nipprovdu kwadru kronoloġiku tal-bijografiji Antonjani li sejrin nippreżentaw f'dan il-volum:

Anonimu, *Assidua* (c. 1232)
Julian minn Speyer, *Officium Rhythmicum Sancti Antonii* (c. 1235)
Julian minn Speyer, *Vita Secunda* jew *Juliana* (c. 1235)
Anonimu, *Dialogus de gestis sanctorum fratrum Minorum* (c. 1246)
John Peckham, *Benignitas* (c. 1280)
Pietro Raymundi, *Raymundina* (c. 1295)
Jean Rigaud, *Rigaldina* (c. 1300)

**Il-perjodu tar-«recollectores» u «compilatores»**

F'din it-taqsima nsibu l-hekk imsejjaħ *Liber miraculorum*, il-*De conformitate vitae* ta' Bartolomeo da Pisa, il-*Vita sancti Antonii* li ġiet pubblikata minn Lorenzo Surio fl-1572 imma li hi tal-bidu tas-seklu 15, u s-*Sancti Antonii vita* ta' Sicco Polentone. Dawn il-ħajjiet kollha jiddependu mill-bijografiji ta' l-ewwel perjodu tal-*Fontes* Antonjani. Il-karatteristika tagħhom hi li jagħtu importanza kbira lill-element tawmaturġiku u mirakoluż tal-ħajja tal-Qaddis. Imbagħad kienu ħajjiet li xterrdu ħafna u saru popolari. Biżżejjed ngħidu li, filwaqt li l-*Assidua* kellha tistenna 6 sekli, jiġifieri sa l-1830, biex tiġi stampata fl-ewwel edizzjoni moderna tagħha, il-*Vita* ta' Polentone, li inkitbet fl-1433-37 diġà tidher f'*incunabolo* ta' 1472 f'Padova.

a) Fis-snin 1369-74 inkiteb il-*Liber miraculorum*. Dan l-isem ivvintawh il-Bollandisti, li ippubblikawh għall-ewwel darba fl-1698. L-isem oriġinali tiegħu hu: *Incipiunt aliqua de vita et mirculis sancti Antonii de Padua, que in eius maiori Legenda in toto vel in parte non ponuntur* ("Jibdew ġrajjiet tal-ħajja u tal-mirakli ta' Sant'Antnin ta' Padova, li ma jinstabux b'mod komplut jew parzjali fil-Ħajja l-kbira tiegħu"). Din il-ġabra ta' mirakli ġiet ippubblikata mill-edituri ta' Quaracchi fl-*Analecta Francsicana* III, 121-158, fil-*Chronica XXIV Ministrorum Generalium Ordinis Fratrum Minorum* ta' Arnald de Sarrant. L-iskop ta' din il-ġabra ta' mirakli, mela, ma kienetx li tissostitwixxi l-*Assidua*, imma li tkun il-kompletament tagħha. Nistgħu ngħidu li, f'din l-opra, Arnald de Sarrant, li kien mill-provinċja ta' Aquitaine, jagħmel ħidma ta' *recollectio* ta' ġrajjiet Franġiskani mirakolużi attribwiti lill-Qaddis ta' Padova.

Il-*Liber miraculorum* hu magħmul minn 66 episodju, li minnhom 4 biss għandhom x'jaqsmu ma' ġrajjiet tal-ħajja ta' Sant'Antnin u l-

kanonizzazzjoni tiegħu. Il-kumplament huma kollha episodji ta' mirakli, li minnhom 33 huma mirakli li Sant'Antnin wettaq meta kien ħaj u 31 huma mirakli *post mortem*. Għal 33 mill-episodji mirakolużi nistgħu nsibu l-fonti li minnhom huma meħudin, l-aktar l-*Actus beati Francisci et sociorum eius*, il-*Benignitas* u r-*Rigaldina*. Għal episodji oħrajn l-awtur seta' kellu informazzjoni minn dokumenti portugiżi u franċiżi li llum huma mitlufin.

Il-*Liber miraculorum* kien użat ħafna fis-seklu 15, l-aktar mid-Dumnikan Sant'Antonino da Firenze għal-*legenda* tiegħu dwar Sant'Antnin, kif ukoll minn Luke Wadding u l-Bollandisti, li ippubblikawh.

b) Bartolomeo Rinonico da Pisa, awtur ta' l-opra voluminuża *De conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Iesu* (Dwar il-konformità tal-ħajja ta' San Franġisk mal-ħajja tal-Mulej Ġesù), ippubblikata lejn tmiem is-seklu 14, jagħtina sezzjoni dwar Sant'Antnin, ta' biss 10 paġni, intitolata *De sancto Antonio de Padua*. Bartolomeo jieħu l-informazzjoni tiegħu mill-*Assidua,* mill-*Juliana*, mid-*Dialogus*, mill-*Florentina*, u mil-*Liber miraculorum*. Billi hu kien għex Padova u kien għallem it-tejoloġija fil-kunvent ta' Sant'Antnin, hu seta' jinforma ruħu dwar it-tradizzjonijiet lokali ta' tifkiriet dwar il-Qaddis, l-aktar minn ċertu *fratre fide dignus* (patri li jistħoqqlu li nemmnuh) [*Analaecta Franciscana* IV, 269]. L-aktar narrazzjoni ċelebri hi dik tal-vjaġġ mirakoluż ta' Sant'Antnin li bil-lejl imur minn Padova lejn Lisbona, fejn ħeles mirakolożament mill-mewt lil missieru, li kien akkużat inġustament bi qtil ta' persuna.

c) Mhux possibbli li nkunu nafu d-data ta' kompożizzjoni tal-*Vita sancti Antonii* ippubblikata minn Lorenzo Surio fl-1572. X'aktarx li dan il-manuskritt mitluf kien diġà jeżisti fil-bidu tas-seklu 15, għaliex jagħmel użu mill-opra ta' Bartolomeo da Pisa. Mill-bqija, ma nistgħux ngħidu li din il-*legenda* tardiva nistgħu nidentifikawha mal-*Benignitas*. Hi taħlita flimkien ta' fatti meħudin mill-*Assidua, Juliana, Benignitas,* Bartolomeo da Pisa (li minnu l-awtur jieħu 9 fatti mirakolużi). Din il-bijografija kellha importanza kbira fit-tixrid tagħha, l-aktar qabel ma saret l-edizzjoni ta' l-*Assidua* u saru magħrufin il-frammenti tal-*Benignitas*. Surio jgħid li qed joffri din il-ħajja meħuda minn manuskritt ta' *scripta a quodam Patre Franciscano graviter et fideliter* (ta' kitbiet magħmulin b'serjetà u fedeltà minn ċertu patri Franġiskan).

d) Fil-limiti estremi kronoloġiċi tal-*Fontes* Antonjani nsibu s-*Sancti Antonii vita* ta' Sicco Polentone, li hi datata għas-snin 40 tas-seklu 15. L-awtur kien nutar minn Padova. Hu ma kienx jaf la bl-eżistenza ta' l-opra ta' Bartolomeo da Pisa u lanqas bil-*Liber miraculorum*. Imma għamel użu mill-*Assidua*, li hu kien jafha fil-manuskritt antonjan 74; mill-*Juliana*, mir-*Raymundina*, u mill-*Benignitas*. Daħħal mirakli li seħħew fl-1346, u oħrajn li hu nnifsu kien jaf bihom fl-1433-34, u li kienu l-ispirazzjoni ta' din il-kitba bijografika tiegħu.

Għal sekli twal, il-fortuna tas-*Sancti Antonii vita* baqgħet limitata għall-ambjent ta' Padova. Fis-sagristija tal-bażilika antonjana kien hemm kodiċi mill-isbaħ, li kien don ta' l-awtur, u li kien jintuża mill-pellegrini. L-opra ġiet stampata għall-ewwel darba f'Padova fl-1472, u fis-seklu ta' wara saret anke traduzzjoni taljana tagħha. B'hekk il-figura ta' Sant'Antnin infirxet mill-ambjent ristrett ta' Padova biex, fis-sekli ta' wara, daħlet f'dinja kulturali u reliġjuża aktar wiesgħa, sakemm laħqet l-istess trufijiet tal-kristjanità u tal-Knisja Kattolika.

F'din l-edizzjoni tal-Fonti Aġjografiċi Antonjani sejrin ninkludu dawn il-fonti kollha li semmejna, imma nieqfu biss sa tmiem is-seklu 14, kif għamilna fil-każ tal-Fonti Aġjografiċi Franġiskani u Klarjani. Dan ifisser li sejrin nieqfu ma' Bartolomeo da Pisa, u nħallu barra l-ħajjiet tardivi ta' Surio u Polentone. Inżidu wkoll f'appendiċi l-Bulla *Cum dicat Dominus* tal-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, u l-Ittra Apostolika *Exsulta, Lusitania felix, o felix Padua gaude*, li biha Piju XII iddikjara lil Sant'Antnin Duttur tal-Knisja.

# «VITA PRIMA SANCTI ANTONII»
magħrufa bħala
# «ASSIDUA»
(c. 1232)

## INTRODUZZJONI

Il-*Vita Prima Sancti Antonii*, magħrufa wkoll bħala *Assidua*, mill-ewwel kelmiet tal-prologu tagħha (*Assidua fratrum postulatione*), hi l-eqdem bijografija ta' Sant'Antnin, miktuba fl-istess sena tal-kanonizzazzjoni tal-Qaddis, li saret fi Spoleto fit-30 ta' Mejju 1232, solennità ta' Pentekoste. Għaldaqstant, il-valur ta' l-*Assidua* fl-istudju tal-*Fontes* Antonjani hu kbir daqs dak tal-*Vita Sancti Francisci* ta' fra Tommaso da Celano fl-istudju tal-*Fontes* Franġiskani.

Imma, filwaqt li fil-każ ta' 1C nafu min hu l-awtur, fil-każ ta' l-*Assidua* ma għandniex ħjiel dirett dwar min hu dak li jgħid *ego qui scripsi* (*Asd* 1). Li nistgħu ngħidu hu li, mill-bidunett tal-bijografija, l-awtur jippreżenta lilu nnifsu bħala patri Minuri, li x'aktarx li għex ma' Sant'Antnin (*patris ac fratris nostri Antonii*, *Asd* 1). Hu jgħid li daħal għal din il-biċċa xogħol misjuq mit-talbiet ħerqana tal-patrijiet u bi spirtu ta' ubbidjenza. Lil Sant'Antnin isejjaħlu *pie pater* (*Asd* 47).

Li nistgħu ngħidu wkoll hu li ċertament l-awtur ta' l-*Assidua* kien patri letterat, li kien jaf jimmaneġġa sewwa l-pinna fi stil mirqum ta' l-*ars dictaminis* medjevali, l-istess kif kien magħruf li jagħmel fra Tommaso da Celano. L-istudjużi ta' l-*Assidua* jgħidulna li fiha mhux inqas minn 550 riferimenti bibliċi, u turi awtur li kien midħla sewwa ta' l-Iskrittura. Hemm xebħ ta' l-għaġeb ma' l-opra ta' Celano li semmejna, u jidher li l-awtur bena l-bijografija fuq l-istess regoli ta' l-aġjografija latina medjevali, li kienet trid li l-ħajjiet tal-qaddisin ikunu jixbħu lil dawk il-ħajjiet klassiċi tal-qedem, fosthom il-*Vita Antonii* ta' Sant'Atanasju, il-*Vita Martini* ta' Sulpicio Severo, il-ħajja ta' San Benedittu fid-*Dialogus* ta' San Girgor il-Kbir.

Interessanti l-figura ta' Sant'Antnin li toħroġ mill-*Assidua*. L-awtur jinsisti li l-Qaddis kien bniedem tal-kotba, għaref u letterat, li kien kapaċi jikkummenta u jippriedka l-Iskrittura għax kien joxrob il-ħin kollu mill-għejjun tal-Kotba Mqaddsa u ta' l-Evanġelji. Is-snin li għadda fil-monasteru ta' Santa Cruz ta' Coimbra bħala kanonku regolari ta' Santu Wistin, jaraw lil Fernando (aktar tard Antnin) bħala studjuż kbir ta' l-Iskrittura, u mehdi l-ħin kollu fl-arti tal-*lectio divina* u fl-istudju tal-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja. Din kienet il-bażi tal-popolarità kbira tal-Qaddis bħala predikatur, l-aktar fl-aħħar fażi ta' ħajtu li għaddieha f'Padova, kif ukoll tal-fama tiegħu bħala l-awtur ta' *Sermones*, jew priedki teoloġiċi għat-tagħlim tal-patrijiet li kellhom isiru predikaturi.

L-*Assidua* għandha tliet taqsimiet. Fl-ewwel taqsima tirrakkonta fil-qosor xi fatti dwar it-tfulija ta' Fernando f'Lisbona, il-bidu tal-ħajja reliġjuża tiegħu bħala kanonku regolari Agostinjan fil-*canonia* ta' Sao Vincente ta' Lisbona, u mbagħad f'dik ta' Santa Cruz f'Coimbra; il-vokazzjoni tiegħu Franġiskana meta sar jaf bl-ewwel martri ta' l-Ordni tal-Minuri fil-Marokk u kif bidel l-isem tiegħu f'dak ta' Antnin; il-ħerqa tiegħu biex imut martri, il-marda li ħakmitu, u kif spiċċa nawfragu fi Sqallija; il-wasla tiegħu f'Assisi u kif l-ubbidjenza bagħtitu fl-eremitaġġ ta' Montepaolo fir-Romagna; kif Alla kixef l-għerf ta' Antnin waqt priedka fil-belt ta' Forlì; il-predikazzjoni tiegħu fir-Romagna, u l-konverżjoni ta' l-eretiċi; il-priedka tal-Qaddis quddiem il-Papa Girgor IX, li sejjaħlu l-«Arka tat-Testment»; is-snin ta' apostolat tiegħu f'Padova, u l-fama tiegħu mal-poplu devot li kien jisimgħu jippriedka bi ħġaru; l-irtir tiegħu f'Camposampiero fiċ-ċella fuq is-siġra tal-ġewż. Fit-tieni taqsima, l-*Assidua* titkellem dwar il-mewt qaddisa ta' Sant'Antnin fil-monasteru tas-Sorijiet Foqra ta' Arcella; dwar it-tfal li, fil-belt ta' Padova, iħabbru li kien miet il-Qaddis; dwar il-biki tas-Sorijiet Foqra li riedu li l-ġisem tal-Qaddis jindifen għandhom; dwar il-konflitt li nqala' meta n-nies ta' Capo di Ponte riedu li Sant'Antnin ma jindifinx fil-knisja ta' *Sancta Maria Mater Domini* f'Padova, imma jibqa' Arcella; dwar il-folol li ġew jaraw il-ġisem ta' Antnin u l-wasla tal-Ministru Provinċjal tar-Romagna, Alberto da Pisa, biex jikkalma s-sitwazzjoni; dwar kif il-patrijiet rebħu l-kawża biex jidfnu lil Sant'Antnin fil-knisja tagħhom f'Padova, imma n-nies ta' Capo di Ponte kissru l-pont li inbena biex minn fuqu tgħaddi l-purċissjoni funebri; dwar kif il-*podestà* ta' Padova jindaħal biex tinżamm l-ordni u l-ġisem ta' Sant'Antnin jittieħed

Padova; dwar id-difna ta' Sant'Antnin fil-knisja ta' *Sancta Maria Mater Domini* u l-mirakli li mall-ewwel bdew iseħħu fuq il-qabar tiegħu; dwar id-devozzjoni tal-poplu l-folol li kienu jiġu jitolbu f'Padova; dwar kif imorru delegati fil-Kurja Papali biex jitolbu li Antnin jiġi dikjarat Qaddis; dwar il-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin fi Spoleto fit-30 ta' Mejju 1323. L-aħħar taqsima tiġbor xi mirakli li seħħu *post mortem* fuq il-qabar ta' Sant'Antnin, u li x'aktarx li jiffurmaw il-materjal dokumentarju li ġie ippreżentat waqt il-proċess ta' kanonizzazzjoni tal-Qaddis, u li inqraw waqt iċ-ċerimonja ta' kanonizzazzjoni. L-awtur jikkonkludi l-*Assidua* b'talba ħerqana lil Sant'Antnin.

Dak li jolqot mall-ewwel l-attenzjoni tal-qarrej hu l-fatt li l-*Assidua* titkellem dwar il-fama ta' Sant'Antnin u l-kult tiegħu f'Padova. Hi *legenda* li hi miktuba espliċitament biex turi kif il-kobor ta' Sant'Antnin hu marbut intimament ma' Padova, u mas-santwarju fejn hu midfun.

L-istudjużi ippruvaw isibu isem għall-awtur anonimu ta' l-*Assidua*. L-ewwel possibilità li tiġi f'moħħna hi li l-awtur jista' jkun il-famuż Tommaso da Celano, awtur tal-*Vita Sancti Francisci* (1229). Ċertament l-istil ta' l-*Assidua* juri xebħ interessanti ma' 1C. Imma studjużi jgħidulna li l-użu tal-«cursus» latin fl-espressjonijiet bejn iż-żewġ bijografiji hu differenti. Fuq kollox, l-awtur ta' l-*Assidua* jiċċentra l-ħajja tal-Qaddis fil-belt ta' Padova. Hu ċertament patri li kien jgħix Padova, u ma jurix l-interess aktar wiesgħa ta' Celano meta dan jitkellem dwar San Franġisk. Li nistgħu ngħidu hu l-awtur ta' l-*Assidua* x'aktarx kien jaf b'1C u kien qraha tant tajjeb li jaf jimita sewwa ħafna lil Celano fil-metodu li juża biex jikteb. Awturi oħrajn li ġew skartati minħabba diversi raġunijiet huma Tommaso da Pavia († c.1280-84), John Peckham (†1292), u Juan de Gil da Zamora († c.1304), ukoll minħabba l-età tardiva li fiha mietu.

Ipotesi interessanti hi dik li kien il-beatu Luca, sieħeb ta' Sant'Antnin, li kiteb l-*Assidua*. Imma dan ukoll miet fl-1288, u għaldaqstant fl-1232 kien għadu żagħżugħ ħafna. Ma nafu xejn dwar jekk fra Luca kellux xi talenti letterarji ta' kittieb. Ma nistgħux ngħidu li fra Luca kien, għal Sant'Antnin, dak li fra Leone kien għal San Franġisk.

Possibilità oħra ta' awtur hi dik ta' Haymo of Faversham. Dan kien saċerdot u predikatur li daħal fl-Ordni tal-Minuri f'Pariġi qrib is-

sena 1222. Kien ministru provinċjal ta' l-Ingilterra wara Alberto da Pisa, u mbagħad, wara li dan miet meta kien ilu biss ftit xhur ministru ġeneral (14 ta' Mejju 1239 – 23 ta' Jannar 1240), sar ministru ġeneral warajh sa ma miet fl-1244. Skond il-kronista Thomas of Eccleston, Haymo kien għallem it-tejoloġija f'Tours, Bologna u Padova. Fl-1230 kien kustodju f'Pariġi u fl-1233-34 intbagħat bħala legat papali għand l-imperatur latin ta' l-orjent. L-istudjuż Franġiskan Konventwal Giuseppe Abate ħareġ bl-ipotesi li, waqt li Haymo of Faversham kien jgħallem it-tejoloġija f'Padova, seta' kiteb l-*Assidua*. Imma din hi biss ipotesi li ma tistax tiġi ippruvata minn dokumenti storiċi.

Nistgħu għalhekk inkunu żguri biss minn żewġ fatti rigward l-awtur ta' l-*Assidua*: li kien patri Minuri, u li kien jgħix f'Padova. L-ebda kronista, lanqas Salimbene da Parma, li soltu hu dettaljat fl-informazzjoni li jagħti, qatt ma qalilna min kien l-awtur ta' l-*Assidua*, u għalhekk ikollna nirrassenjaw ruħna li nqisuha bħala opra ta' patri Minuri li jibqa' anonimu.

Studjużi bħal Ferdinand Delorme kienu qalu li l-*Assidua* inkitbet fl-1232, fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin. Illum il-ġurnata din id-data hi aċċettata. Imma dan mhux dejjem faċli li wieħed jasal għalih. Fl-istess *legenda* ma hemm l-ebda data fissa, ħlief il-fatti li seħħew fit-30 ta' Mejju 1232, solennità ta' Pentekoste, meta Sant'Antnin ġie kanonizzat fi Spoleto, u dawk li ġraw f'Padova fit-13 ta' Ġunju ta' l-istess sena, meta ġew qtajjiet kbar ta' devoti fuq il-qabar tal-Qaddis, wara li l-Papa Girgor IX kien stabilixxa dan il-jum biex fih tiġi iċċelebrata l-festa tiegħu. L-awtur isemmi l-isqof ta' Lisbona Sugerio jew Soeiro. Dan, fil-fatt, miet fl-1232 wara l-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin. Jekk hu kien wieħed mill-fonti ewlenin ta' informazzjoni ta' l-awtur, u jekk l-awtur kiteb taħt ubbidjenza lejn il-ministru ġeneral Elia, li ġie magħżul mill-Papa Girgor IX proprju fl-1232, mela din is-sena hi tajba bħala dik li tindika l-mument ta' kompożizzjoni ta' l-*Assidua*. Fl-*Assidua* 7, Elia hu msejjaħ *minister generalis*, fil-perjodu li fih, fil-fatt, kien għadu biss *vicarius generalis* ta' San Franġisk (1221-1227). Din ukoll hi nota li tindika li l-*Assidua* inkitbet kmieni, għax wara l-1246 t-titlu ta' *minister generalis* beda jiġi mogħti biss lill-ministri li saru wara l-mewt ta' San Franġisk, filwaqt li Pietro Cattani u Elia jissejħu *vicari* ta' San Franġisk. Mhux l-ewwel darba li l-awtur ta' l-*Assidua* jitkellem dwar Sant'Antnin bħallikieku xi ħadd li għadu preżenti fost il-patrijiet u n-nies; dettall li

jindika li, meta qed jikteb, il-fatti kienu għadhom friski.

Nota oħra li turi l-antikità ta' l-*Assidua* tinsab fil-kapitlu 11, li fih l-awtur jitkellem bil-preżenza ta' Antnin waqt il-kapitlu ġenerali ta' Assisi f'Mejju 1230. F'dan il-kapitlu nsibu l-uniku riferiment għal San Franġisk, meta l-awtur jgħid li f'dak il-kapitlu r-relikwi tal-missier imqaddes Franġisku ġew meħudin fil-knisja ġdida mibnija mill-Papa Girgor IX. Is-skiet dwar San Franġisk, fil-fatt, hu sinjal tal-fatt li l-*Assidua* hi antika bħala kitba. Nafu li l-kult lejn San Franġisk bħala fundatur ta' l-Ordni twieled aktar tard, u ma kienx daqshekk jidher meta sħab il-qaddis kienu għadhom ħajjin. Insibu eżempji ta' dan il-fatt. Giordano da Giano, meta mar il-Ġermanja fl-1230, ħa miegħu xi relikwi ta' San Franġisk li kien tah Tommaso da Celano. Issa hu kien jafu lil San Franġisk, imma fil-fatt ir-relikwi kien għoddu nsihom fit-tonka, kieku ma fakkruhx il-patrijiet ta' Eisenach li, malli hu daħal fil-knisja tagħhom, kantaw l-antifona: *Hic est fratrum amator*. U Sant'Antnin innifsu, fis-*Sermones* tiegħu, qatt ma jsemmi lil San Franġisk, fatt kurjuż li wassal lil xi studjużi jiddubitaw jekk dawn inkitbux qabel ma hu daħal fl-Ordni, meta kien għadu kanonku regolari Agostinjan.

Jidher li l-awtur ta' l-*Assidua* kellu jikteb din il-*legenda* fi żmien qasir. Kollox juri li hu għamel użu mid-*dossier* ta' mirakli li inqraw matul il-proċess ta' kanonizzazzjoni. Imma jonqos fl-*Assidua* dak l-element mirakoluż ta' qaddis tawmaturgu li jidher hekk qawwi fil-*legendae* li nkitbu warajha. Xi fatti li l-awtur jirrakkonta, partikolarment il-ġlieda ħarxa fuq il-ġisem mejjet ta' Antnin bejn in-nies ta' Capo di Ponte u dawk ta' Padova, u l-folol li ġew iżuru l-qabar tal-Qaddis f'jum il-festa tiegħu, juru li huma fatti li kienu seħħew fi żmien qrib ħafna ta' meta l-awtur beda jikteb.

Interessanti l-fatt li l-awtur ta' l-*Assidua* qajla jitkellem dwar il-fatt li Antnin kien *magister* tat-teoloġija. Lanqas ma jsemmi l-biljett li San Franġisk kitiblu fl-1223, meta hu kien jgħallem it-teoloġija f'Bologna. Fatti li juru li l-awtur kien jaf lil Antnin bħala ministru provinċjal tar-Romagna fl-aħħar snin ta' ħajtu, aktar milli bħala studjuż. L-awtur jgħid li l-Qaddis kien jippriedka, jgħallem u jqarar (*predicando, docendo, confessiones audiendo*), imma jieqaf hawn, bħallikieku dawn it-tliet ministeri kienu importanti bl-istess intensità fil-ħajja ta' Sant'Antnin.

Element mill-aktar interessanti li jixhed għall-antikità ta' l-

*Assidua* hu l-fatt li din tagħtina l-isem eżatt tal-knisja tal-patrijiet Minuri f'Padova, fejn indifen Sant'Antnin: *ecclesia sanctae Mariae matris Domini de Padua* (il-knisja ta' Santa Marija Omm il-Mulej f'Padova). Fil-manuskritt tal-bibljoteka kapitulari ta' Padova, intitolat *Ordo tocius officii ecclesie Paduane*, u li jġib id-data 1235/39, insibu rubrika dwar il-purċissjoni tar-Rogazzjonijiet, li jingħad li tieqaf fil-knisja ta' *beate Marie matris Domini et beati Antonii*. Mela almenu fl-1235 din il-knisja kellha titlu doppju: Santa Marija Omm il-Mulej u Sant'Antnin. Il-fatt li l-awtur ta' l-*Assidua* jaf il-knisja biss bir-riferiment għall-Verġni Marija juri li l-*legenda* ċertament inkitbet qabel l-1235, meta Sant'Antnin kien ilu biss tliet snin midfun f'din il-knisja.

L-istudjużi kollha jaqblu li hemm xebħ ta' proċediment bejn dak li ġara fil-każ ta' San Franġisk u Sant'Antnin. Meta l-Papa Girgor IX ikkanonizza lil San Franġisk fis-16 ta' Lulju 1228, hu qabbad lil fra Tommaso da Celano biex jikteb *legenda* uffiċjali. Dan fi żmien qasir ippreżenta lill-Papa bil-*Vita Sancti Francisci*, li ġġib id-data tal-25 ta' Frar 1229. L-istess ġara fil-każ ta' Sant'Antnin, li l-Papa Girgor IX ikkanonizzah fit-30 ta' Mejju 1232. Ma nafux jekk il-Papa nnifsu talabx lill-awtur anonimu ta' l-*Assidua* biex jikteb din il-*legenda*, imma ċertament nistgħu nimmaġinaw li fra Elia, li kien għadu kemm sar ministru ġeneral, qabbdu jikteb u jippreżenta fi żmien qasir ħajja uffiċjali tal-qaddis ġdid ta' Padova.

# «VITA PRIMA SANCTI ANTONII»

magħrufa bħala

# «ASSIDUA»

(c. 1232)

## 1 – JIBDA L-PROLOGU GĦALL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN

[1] 1 It-talba ħerqana ta' ħuti l-patrijiet qanqlitni, u x-xewqa li nikseb il-mertu ta' l-ubbidjenza li ssalvani imbuttatni, biex issa nibda nikteb il-ħajja u l-atti tal-wisq qaddis missierna u ħuna Antnin. Din il-ħidma sejjer inwettaqha għat-tifħir u l-ġieħ ta' Alla li jista' kollox, filwaqt li nwieġeb għall-imħabba u l-qima ta' l-insara devoti. 2 Il-ħajja tal-qaddisin, meta tkun miktuba, tgħaddi f'idejn il-ġenerazzjonijiet ta' nsara li jiġu wara, sabiex dawn, meta jisimgħu bis-sinjali mirakolużi li Alla jwettaq permezz tal-qaddisin tiegħu, ikunu jistgħu jfaħħru dejjem u f'kollox lill-Mulej. Lil dawk li jemmnu jitwassal eżempju ta' mġieba nisranija u jingħatalhom motiv biex huma jkabbru l-ħeġġa tad-devozzjoni tagħhom.

3 Billi jiena konvint li ma jistħoqqlix li nwettaq biċċa xogħol hekk iebsa, imma fl-istess ħin ma rridx *inżomm fommi sieket* (S 39,10), għaliex jiena nittama li dak li jara l-*fehmiet ta' qalbi* (Lhud 4,12) iwassal għat-tmiem din il-ħidma tiegħi. 4 Jiena ndur lejn id-dixxipli ta' Kristu bi kliem fil-qosor, immexxi biss mill-verità, u nuża stil mingħajr tiżjin, għaliex ma rridx li l-ħafna kliem li jogħġob iservi biss biex il-bnedmin *jiekluhom widnejhom* (2Tim 4,3), u flok ifittxu l-frott, ikunu kuntenti biss bit-tħaxwix tal-weraq.

5 Għaldaqstant xejn ma jien se nikteb minn dak li *għajnejja qatt ma rat* (Iż 63,3), imma dawn il-fatti tgħallimthom mis-sinjur Sugerio[1], isqof ta' Lisbona, u minn persuni oħrajn li għaddewhomli. 6 L-istess kienu għamlu Mark u Luqa meta kitbu l-Evanġelju tagħhom; hekk

---

1 Soeiro II Viegas, isqof ta' Lisbona mill-1210 sa l-1232. Mar personalment fil-kurja papali fl-1231, meta kien qiegħed isir il-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin. Qabel reġa' lura fil-Portugal għadda Padova biex iqim il qabar tal-Qaddis.

għamel Girgor meta kiteb id-*Dialogus*[2], li fih jiġi mistoqsi minn Pietru. Għax skond dak li dan il-qaddis innifsu jixhed, il-fatti li jirrakkonta tgħallimhom biss minn dak li tarrfulu nies ta' min joqgħod fuqhom.

7 Sabiex l-insara, li bil-qima kollha jaqraw din il-ħajja, ikunu jistgħu *jsibu malajr* (Ġen 27,20) dak li jfittxu, jiena qsamt din il-kitba f'żewġ partijiet, u żidt ma' kull kapitlu t-titlu li jixraqlu. 8 Fl-ewwel taqsima jiena esponejt xi fatti magħrufin dwar ħajtu, u għall-imħabba tal-qosor, għażilt biss dawk li seħħew minn żmien l-ewwel vestizzjoni reliġjuża tiegħu[3]. 9 Fit-tieni taqsima, imbagħad, jiena ġbart dawk l-għeġubijiet *li għamel il-Mulej* (Prov 16,4) permezz tiegħu, u bnejt dak li ktibt fuq ix-xhieda tal-patrijiet tagħna u ta' insara oħrajn ta' min joqgħod fuqhom.

10 *Jiena li ktibt* (Rum 16,22) nitlob lil min jaqra biex ma jakkużanix b'gideb jew qerq, imma x'aktarx li jiskużani, u jkollu ħniena mill-injuranza tiegħi u minn kemm ninsa, kull darba li, f'xi punt, isib li ktibt inqas minn dak li stenna minni, jew inkella, meta minħabba l-gost li npaċpaċ, inkun ħriġt mil-limiti tal-verità.

TMIEM TAL-PROLOGU

---

2 *Dialoghi* ta' S. Girgor il-Kbir, li fihom hemm ukoll il-ħajja ta' S. Benedittu Abbati.

3 Il-vestizzjoni tirreferi għar-*regularis habitus* li Fernando libes bħala kanonku regolari membru ta' l-*Ordo Sancti Augustini*.

# I
# TIBDA L-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN

## 2 – DWAR IL-BELT TA' SANT'ANTNIN

[2] 1 Lili qaluli li, *fix-xaqliba tal-punent* (Eż 26,22; 36,32) tas-saltna tal-Portugal[4], hemm belt, li tinsab *fit-trufijiet tad-dinja* (Ġer 50,26). Innies li jgħixu fiha jsejħulha Lisbona, għaliex, skond il-fehma ta' ħafna, hi ġiet imwaqqfa minn Ulisse[5]. 2 Fi ħdan il-ħitan ta' din il-belt hemm knisja kbira ħafna, li hi dedikata lill-glorjuża Verġni Marija[6]; f'din il-knisja jistrieħu, imħarsin f'ġieħ kbir, ir-relikwi prezzjużi tal-miqjum martri San Vinċenz[7].

3 Il-ġenituri ixxurtjati ta' Antnin kellhom dar li tixraq il-qagħda nobbli tagħhom quddiem din il-knisja[8], fuq *ix-xaqliba tal-punent*, u *lil-*

---

4 *In regno Portugalie*. Mil-latin *Portus* u *Cale*, il-bliet ta' Porto u Gaia li jinsabu fejn ix-xmara Duoro toħroġ fl-Atlantiku. L-antika *Lusitania* tar-Rumani għaddiet f'idejn il-Visigoti u mbagħad f'idejn l-Għarab. Fis-seklu 12 il-Portugal akkwista l-awtonomija tiegħu. Alfonso Henriques, bir-rebħa ta' S. Mamede (1128) qata' l-Portugal mis-saltna ta' León, u rebaħ lura l-artijiet li kienu f'idejn il-Mori. Fl-1143 il-Portugal sar fewdu tas-Santa Sede. Alessandru III irrikonoxxa t-titlu ta' re lill-mexxej tal-Portugal fl-1179. Matul il-ħajja ta' Sant'Antnin kienu rejiet tal-Portugal Sancho I (†1211), Alfonso II (†1223) u Sancho II (†1248).

5 Il-belt antika ta' *Olissipo* jew *Felicitas Iulia* tinsab fejn ix-xmara Tejo (Tago) toħroġ fl-Atlantiku. Alfonso I rebaħha fl-1247. Lisbona saret il-kapitali tas-saltna tal-Portugal fl-1260. Kellha titlu ta' arċidjoċesi fl-1394 u saret sede patrijarkali fl-1716.

6 Din hi l-knisja kattidrali li għadha teżisti sallum, mibnija fuq stil romaniku minn Alfonso I. Fiha għadu mħares il-fonti tal-magħmudija li fih ġie mgħammed it-tfajjel Fernando.

7 Dan hu d-djaknu San Vinċenż ta' Saragozza, li miet martri fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu (c. 304). Ir-relikwi tiegħu huma mħarsa fil-kattidral ta' Lisbona. Il-festa tiegħu ssir fit-22 ta' Jannar.

8 *Progenitores* tindika proprjament l-antenati. L-awtur ta' l-*Assidua* ma jagħtiniex l-ismijiet tal-ġenituri ta' Sant'Antnin. Dan tagħmlu l-*Benignitas* 2,1, li tgħidilna li missieru kien jismu *Martinus Alfonsi* u ommu *Maria*. Il-kunjom Martino jidher ukoll fil-leġġenda tal-protomartri Franġiskani (AF III, 22). Li l-familja kienet ta' nisel nobbli nafuh mill-awtur anonimu tad-*Dialogus* 3,5 (c. 1246), li jgħidilna li Fernando *fuit nobiliori genere progenitus*, u li missieru kien *miles* (kavallier).

*għatba* tagħha tinsab maġenb id-*daħla* ta' dan *it-tempju* (Eżek 48,16.23-24; Eżek 10,18). 4 Huma kien għadhom żgħażagħ[9] meta welldu għad-dinja dan binhom il-hieni; u fil-fonti mqaddes tal-magħmudija tawh l-isem ta' Fernando.

5 Kien ukoll f'din il-knisja dedikata lill-Imqaddsa Omm Alla, li huma bagħatuh biex jitgħallem *il-kotba mqaddsa*[10] (1Tim 3,15) u, bħallikieku immexxijin minn ispirazzjoni divina, ħallewh f'idejn *il-ministri ta' Kristu* (2Kor 11,23) biex dawn jedukaw lil dawk li kellu jkun fil-ġejjieni l-ħabbar ta' Kristu.

## 3 – DWAR KIF DAĦAL FL-ORDNI TA' SANTU WISTIN

[3] 1 Wara li għex b'mod sempliċi s-snin tat-tfulija tiegħu fi ħdan il-familja, Fernando wasal bil-ferħ għall-età ta' madwar ħmistax-il sena[11]. 2 Billi, malli beda jitfarfar fl-età żagħżugħa, beda jħoss fih it-tqanqil tal-ġibdiet tal-ġisem, u beda jħossu jitħawwad aktar mis-soltu bihom, hu ma intreħiex għall-pjaċiri taż-*żgħożija* li hi *buffara riħ* (Qoħ 11,10); imma filwaqt li rebaħ fuq il-kundizzjoni fraġli ta' bniedem li kien, żamm ir-riedni lit-tqanqil tal-*ġibdiet tal-ġisem* (1Ġw 2,16). 3 Fil-ħajja ta' kuljum id-dinja kienet bdiet iddejjqu, hekk li hu kien ireġġa' lura riġlejh u ma jħallihomx jirfsu l-għatba biex hekk ma *jeħilx* magħhom *it-trab* (Lq 10,11) tal-ferħ tad-dinja, li jfixkel ir-ruħ ta' dawk li jridu jiġru fit-triq tal-Mulej.

4 Qrib il-ħitan tal-belt li semmejna, hemm monasteru ta' l-Ordni ta' Santu Wistin, li fih joqogħdu rħieb magħrufin għall-ispirtu reliġjuż

---

9 L-awtur donnu jrid jgħid li Fernando kien l-ewwel wild ta' din il-koppja żagħżugħa, kif tinnota r-*Rigaldina* 2,2. L-*Assidua* ma tagħtiniex id-data tat-twelid ta' Fernando. Imma jekk Sant'Antnin miet meta kellu 36 sena fl-1231, mela jfisser li twieled fl-1195.

10 Is-*sacris litteris* kienu l-kotba mqaddsa, u d-duttrina nisranija b'mod ġenerali. Fernando mela kien imur fl-iskola tal-kattidral, kif kienu jagħmlu t-tfal nobbli ta' żmienu.

11 L-espressjoni *annum circiter quintum decimum*, tista' tidher stramba, minħabba li l-età ta' 15-il sena biex wieħed isir reliġjuż hi wisq żgħira. Imma nafu li, fil-medjuevu, kien hemm każi simili. Salimbene da Parma, fil-*Cronica* tiegħu, jgħidilna li daħal mal-Minuri meta kellu 16-il sena u kważi 4 xhur.

tagħhom, u jaqdu lill-Mulej bl-abitu ta' kanoniċi Regolari[12]. 5 Wara li rebaħ kull ġibda fiergħa tad-dinja, għaldaqstant, ir-raġel ta' Alla mar f'dan il-post, u b'devozzjoni umli libes it-tonka ta' kanonku Regolari.

6 Hemmhekk dam jgħix għal madwar sentejn, imma kien imfixkel mill-ħafna żjarat tal-ħbieb, li kienu jdejjquh hekk li ma kienux iħalluh jinġabar[13]. Biex jeħles minn dan it-tfixkil, iddeċieda li jabbanduna l-belt li fiha twieled, li twassal biex wieħed jitlef is-sabar u l-qawwa ta' l-irġulija, u iddeċieda li jitlaq minn hemm; hekk, fil-kenn ta' port f'art barranija, hu seta' fil-kalma jsir *suldat ta' Alla* (2Tim 2,3). 7 Wara li, bi tbatija kbira u b'ħafna talb, qala' l-permess tas-superjur tiegħu[14], hu ma bidilx l-Ordni, imma biss il-kunvent, u *bil-ħeġġa ta' l-ispirtu* (Atti 18,25; Rum 12,11) mar jgħix fil-monasteru ta' Santa Cruz f'Coimbra[15].

---

12 L-awtur ta' l-*Asd* juża espressjoni mhix tant eżatta: *monasterium*. Fil-fatt, il-kunvent tal-kanonċi regolari jissejjaħ *canonia*. Fernando daħal fil-*canonia* ta' Sao Vincente de Fora. Din inqerdet għal kollox fit-terremot ta' l-1755 u ġiet mibnija mill-ġdid. Kien bnieha r-re Alfonso I fl-1147 bħala *ex voto* wara li rebaħ il-belt ta' Lisbona. Il-*canonia* kienet suġġetta għall-isqof ta' Lisbona, imma fl-1184 il-Papa Lucio III kien eżentaha mill-isqof, u iddikjaraha bħala kunvent ta' l-*Ordo Sancti Augustini*. Kienet ċentru ta' studju fejn kienu jgħixu ħafna monaċi intellettwali. Xhieda ta' dan hu l-inventarju tal-bibljoteka tagħha, li hu datat għal nofs is-seklu 13.

13 Dawn il-ħbieb ma kienux żgħażagħ li jħobbu jiddevertu, daqskemm ħbieb ġejjin minn familji nobbli, li magħhom kien jagħmilha Fernando qabel daħal Agostinjan. B'hekk ma kienx possibbli għalih li jeħles minnhom kif ġieb u laħaq, għax kien obbligat juri *cortesia* lejhom, skond l-ispirtu kavalleresk ta' żmienu.

14 Il-kelma *superioris* tindika l-*prior* (prijur) tal-*canonia* Agostinjana, li dak iż-żmien kien jismu Dom Pedro († 1229), li kien maħtur viżitatur ġenerali tal-kanoniċi Regolari Agostinjani kollha tas-saltna tal-Portugal.

15 Il-monasteru ta' Santa Cruz ta' Coimbra kien l-aktar wieħed ċelebri fis-saltna tal-Portugal. Kien twaqqaf fl-1132 minn Tello, arċidjaknu tal-kattidral, megħjun minn Giovanni Peculiar, li mbagħad sar isqof ta' Porto u Braga, u minn S. Teotonio, li kien l-ewwel prijur tiegħu († 1166), fuq art mogħtija minn Alfonso I. Il-Papa Innoċenz II fl-1135 ta l-privileġġ ta' l-eżenzjoni mill-isqof djoċesan lil dan il-monasteru. Billi kien monasteru rjali, ta' spiss il-ħajja komuni kienet tinbena fuq esiġenzi mhux tant reliġjużi, daqskemm politiċi. Il-kanoniċi, barra mill-ħajja klawstrali, kienu jmexxu bosta ħidmiet karitattivi, fosthom sptar f'Coimbra, u l-parroċċa ta' S. Giovanni u l-knisja ta' Leiria, li kienu jiddependu mill-*canonia*. Santa Cruz kienet ċentru kulturali ta' importanza kbira, fejn kien hemm bibljoteka famuża, li fiha Fernando

## 4 – DWAR KIF F'COIMBRA MEXA 'L QUDDIEM FIL-VIRTÙ U FIL-GĦERF

[4] 1 Il-qaddej ta' Alla, Antnin, mar mela fil-monasteru ta' Santa Cruz, għax imtela' bil-ħerqa u l-imħabba għal dixxiplina aktar iebsa u għall-ħemda li tagħti l-frott. Il-ħeġġa dejjem tikber tiegħu kienet turih li hu kien biddel mhux tant il-post fejn joqgħod, daqskemm l-impenn u l-imġieba tiegħu. 2 U għaliex, skond ma' tgħid kitba, jistħoqqlu t-tifħir "mhux min għex f'Ġerusalemm, imma min fiha għex ħajja li jistħoqqilha tifħir"[16], hekk hu beda jġib ruħu b'mod tali li, kull min kien jarah, kien jintebaħ li hu kien għażel l-aħjar post biex fih jilħaq l-ogħla perfezzjoni.

3 Kien jingħata b'impenn sħiħ biex japplika lilu nnifsu għall-istudju, u kien iħarreġ sewwa l-ispirtu tiegħu fil-meditazzjoni. Lejl u nhar, skond l-opportunità, qatt ma kien jieqaf mill-qari divin tal-kotba mqaddsa[17]. 4 Filwaqt li kien jaqra s-siltiet bibliċi u joqgħod attent għall-verità storika tagħhom, kien iqawwi l-fidi bit-tixbihat allegoriċi; u filwaqt li kien japplika għalih innifsu l-kliem ta' l-Iskrittura, kien dejjem iżid fih il-ħeġġa biex jgħix bl-istess imħabba tal-virtù[18].

---

tħarreġ sewwa fl-istudju tas-*sacra pagina* u tal-kitbiet ta' missirijiet il-Knisja.

16 Din l-espressjoni hi meħuda minn S. Ġilormu, *Ep. 58 ad Paulinum*, 2 (PL 22, 580): *Non Ierosolymis fuisse, sed Ierosolymis bene vixisse laudandum est*.

17 Għal 8 snin sħaħ li fihom dam f'Santa Cruz, Fernando ingħata b'ruħu u ġismu għall-istudju tas-*sacra pagina* u l-assimilazzjoni tas-siltiet skritturistiċi fi spirtu ta' kontemplazzjoni permezz tal-*lectio divina*, skond il-mudell monastiku. Dawn kienu snin importanti fil-preparazzjoni tiegħu bħala predikatur, l-aktar għaliex kien ukoll jistudja l-kummentarji bibliċi tat-tradizzjoni kristjana oċċidentali, partikolarment il-kitbiet ta' Ġilormu, Ambroġ, Wistin, Girgor il-Kbir, Isidoru ta' Siviglia.

18 L-awtur hawnhekk jirreferi għall-4 sensi bibliċi li kienu komuni fil-*lectio divina* monastika u medjevali. Dawn kienu s-sens *letterali* (l-ittra ta' l-Iskrittura fil-kuntest storiku li fih inkitbet), *allegoriku* (ix-xbihat li jintużaw fil-kelma u t-tifsira tagħhom), *morali* (il-kelma li twassal għal imġieba kristjana awtentika), u *anagoġiku* (il-kelma divina fis-sens eskatoloġiku, li tindika t-triq lejn is-sema u l-għan tal-ħajja nisranija). Fl-iskejjel teoloġiċi kien hemm mod interessanti kif l-istudent kien jitgħallem dawn is-sensi permezz ta' tqabbila bil-latin: *«Littera gesta docet, quid credas allegoria, moralis quid agas, quo tendas anagogia»*.

5 Filwaqt li daħal fil-*qiegħ tal-kelma ta' Alla* (1Kor 2,10) billi stħarreġ bil-ferħ it-tifsir moħbi tal-kelma divina, permezz tax-xhieda ta' l-Iskrittura mqaddsa hu ħares lil ruħu mit-tagħlim qarrieq[19]; għaldaqstant kien jistħarreġ ukoll il-għerf tal-qaddisin b'tiftix bir-reqqa. 6 Dak kollu li hu kien jaqra kien jafdah fil-memorja tiegħu[20] b'tant insistenza li, fi żmien qasir, hu beda juri għarfien hekk profond fl-Iskrittura, li ħadd (mill-kanoniċi) ma kien jista' jittama li jurih daqsu.

## 5 – DWAR KIF L-IMQADDES ANTNIN DAĦAL MAL-PATRIJIET MINURI MINĦABBA L-ĦEĠĠA TAL-MARTIRJU U DWAR KIF BIDEL ISMU

[5] 1 Wara dan, meta s-sinjur Pedro *infante*[21] ġab mill-Marokk ir-relikwi tal-qaddisin patrijiet Minuri martri[22], hu għarraf mal-provinċji

19 L-*Asd* diġà tirreferi għall-kontenut kattoliku tat-tagħlim ta' S. Antnin, u tintroduċi t-tema tal-predikazzjoni tiegħu kontra l-eretiċi, l-aktar fil-każ tal-Katari, ta' Bononillo ta' Rimini (*Asd* 9), u l-konverżjoni ta' l-eretiku Aleardino (*Asd* 40).

20 Il-qawwa eċċezzjonali tal-memorja ta' S. Antnin hi murija diversi drabi, l-aktar fl-*Asd* 8: *cum talis esset industria, ut memoria pro libris uteretur*. L-istess jingħad dwar S. Franġisk fit-*Tractatus de miraculis* ta' Tommaso da Celano; cfr. 3C 102 [FSF 820]: *memoria pro libris habebat*.

21 Pedro *infante* (kif kien jissejjaħ l-iben iż-żgħir tar-re), kien it-tielet wild tar-re Sancho I u ħu Alfonso II. Twieled fl-1187. Il-Papa Onorju III kien ħadu taħt il-protezzjoni tiegħu. Fl-1227 Girgor IX laqa' l-offerta ta' Pedro biex dan jiġġieled kontra l-għedewwa tal-Knisja. Pedro iżżewweġ ma' Aremberga, kontessa ta' Urgel. Biddel il-kontea ta' Urgel mal-prinċipat tal-gżira ta' Maiorca, li fl-1230 kienet inħatfet minn idejn l-Għarab mir-re Jayme d'Aragon. Pedro miet bla tfal fl-1258. Fil-*Chronica XXIV Generalium OFM* Pedro jidher bħala volontarju tas-sultan tal-Marokk Emir-el-Mumenin, jew Miramolino. Dan kien is-sultan tal-familja Almohad Muhammed-ben-Nasser, li fl-1212 kien ġie mirbuħ fil-battalja ta' Las Navas u kellu jirtira mill-penisola Iberika u jmur lura fl-Afrika ta' fuq. Jista' jkun, iżda, li l-martirju ta' l-ewwel Franġiskani seħħ waqt is-saltna ta' ibnu, Abu-Yaqub. Kien Pedro *infante* li ġarr ir-relikwi tal-martri S. Berardu u sħabu minn Marrakesh lejn Coimbra. Ċertu Petrus Stephani, imlaqqam Mangarado, kien kiteb *Passio* tal-martri flimkien ma' l-isqof Matteo ta' Lisbona (c. 1259-1282) u kien bagħatha lill-ministru provinċjal tal-Minuri u lill-kapitlu ġenerali ta' l-Ordni.

22 Il-protomartri Franġiskani huma ħamsa: Berardo da Calvi mill-Umbria, Pietro

kollha ta' Spanja kif kien ġie meħlus b'miraklu bl-interċessjoni tagħhom. Meta l-qaddej ta' Alla sema' bil-mirakli li kienu qed isiru permezz ta' dawn il-martri, immexxi mill-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, *bil-fedeltà bħala l-ħżiem ta' qaddu* (Iż 11,5) u *saħħaħ dirgħajh għax-xogħol* (Prov 31,17) bil-qawwa taż-żelu divin. 2 *Kien jgħid f'qalbu* (Ġen 17,17): "O, kieku l-Aktar Għoli jagħmel li jien ukoll nieħu sehem fil-kuruna tal-martri qaddisin tiegħu! Mhux li kieku x-ximitarra tal-bojja tolqot lili wkoll, filwaqt li *għarkobbtejja* (Mħ 7,6) noffri għonqi *għall-isem ta' Ġesù* (Atti 5,41)! Nista' jkolli l-grazzja li nara dan kollu? Nista' ngawdi minn jum hekk hieni?" Hu kien jaħseb fis-skiet dwar dawn il-ħwejjeġ u oħrajn bħalhom.

3 Mhux bogħod mill-belt ta' Coimbra, f'post imsejjaħ Sant'Anton, kienu jgħixu xi patrijiet Minuri, li għalkemm *ma kienux jafu jaqraw* (Iż 29,12)[23], kienu jgħallmu bl-għemejjel tagħhom is-

da Sangemini, Accursio, it-tlieta saċerdoti; u l-fratelli lajċi Adiutus u Ottone. Jidher li kollha kienu ġejjin mill-Umbria. S. Franġisk kien bagħathom fi Spanja u l-Marokk fil-kapitlu ta' Pentekoste ta' l-1219. Flimkien ma' fra Vitale, li kien il-gwardjan tagħhom, waslu fis-saltna ta' Aragona, fejn Vitale marad gravement u kellu jirtira mill-ispedizzjoni. Minn Aragona, immexxijin minn fra Berardo, marru fil-Portugal, fejn laqgħethom ir-reġina Orraca, u tathom kunvent ċkejen f'Olivais, qrib Coimbra. Il-patrijiet Minuri kienu diġà waslu fil-punent tal-peninsola Iberika fl-1217, u mall-ewwel ġew protetti mir-reġina Orraca, mara ta' Alphonso II, u minn oħtha Sancha. Dawn bnewlhom eremitaġġi ċkejknin f'Lisbona, Alenquer u Guimães, u fl-1219 dak ta' Olivais qrib Coimbra. Dan l-eremitaġġ kien iddedikat lil S. Anton Abbati (S. Antão), u mbagħad ġie iddedikat lil S. Antonio de Lisboa, ad unur ta' S. Antnin. Xi snin wara l-Franġiskani abbandunaw dan l-eremitaġġ u marru joqogħdu fil-kunvent ta' S. Francesco del Ponte, maġenb ix-xmara Monego. Kien fl-1539 li f'Olivais reġgħu marru l-Franġiskani Riformati li damu hemm sas-soppressjoni ta' l-1834. Giuseppe Abate jikteb li "hu ċertament possibbli li f'din il-belt huma kienu jmorru fil-monasteru ta' Santa Cruz, u li qabel ma telqu lejn l-Afrika huma saru jafu lill-kanonku Fernando, dak li aktar tard kellu jsir ħuhom S. Antnin". Huma qasmu fl-artijiet tas-Saraċini fl-Andalusia, fejn ġew persegwitati f'Siviglia, u mbagħad mibgħutin fil-Marokk kif xtaqu. Fil-belt ta' Marrakesh, fid-deżert tas-Sahara, huma ġew maqtulin fis-16 ta' Jannar 1220, meta ippruvaw jippriedkaw l-Evanġelju lill-Misilmin.

23 L-espressjoni ta' Is 29,12: *nescienti litteras*; cfr. S. FRANĠISK, *RegB* 10,8: *Et non curent nescientes litteras, litteras discere* (ed. K. Esser, Grottaferrata 1978, 235).

sustanza ta' l-Iskrittura mqaddsa. 4 Dawn l-aħwa, skond in-normi ta' l-istitut tagħhom, kienu jiġu ta' spiss biex jittallbu l-karità fil-monasteru li fih kien jgħix il-bniedem ta' Alla[24].

5 Jum minnhom, meta skond id-drawwa tiegħu ir-raġel ta' Alla mar iżurhom bil-moħbi, fost affarijiet oħrajn li tkellem dwarhom magħhom, qalilhom: "Jiena nixtieq bil-ħerqa li nxidd it-tonka ta' l-Ordni tagħkom, ħuti għeżież, imma biss jekk intom twegħeduni li, malli nidħol magħkom, tibgħatuni fl-artijiet tas-Saraċini, bit-tama li jiena wkoll jistħoqqli nikseb u nieħu sehem mill-kuruna tal-qaddisin martri". 6 Dawk l-aħwa kienu mimlijin ferħ meta semgħu dan il-kliem ħiereġ minn raġel hekk ta' fama, u qalulu li l-għada stess huma kienu jmorru biex jagħtuh it-tonka, biex hekk ma jħallux il-biċċa titwal u hekk jikber il-periklu tan-nuqqas ta' ħeġġa[25].

7 Filwaqt li l-patrijiet marru lura henjin lejn il-post fejn kienu jgħammru, il-qaddej ta' Alla Antnin baqa' fil-monasteru, biex jitlob lill-abbati[26] jagħtih il-permess meħtieġ għal dak li kien iddeċieda li jwettaq.

---

24 Il-patrijiet ta' l-eremitaġġ ta' Olivais kienu qed josservaw dak li tgħid ir-*RegNB* 9,4: «U meta jkunu fil-ħtieġa, ħa joħorġu jittallbu l-karità» (FSF 168), u dak li tgħid ir-*RegB* 6,2: «U bħala pellegrini u għorba f'din id-dinja, qaddejja tal-Mulej fil-faqar u fl-umiltà, ħa joħorġu jittallbu bit-tama» (FSF 151).

25 Hu diffiċli li nkunu nafu min ħa din id-deċiżjoni hekk bil-ħeffa u min ta t-tonka Franġiskana lil Fernando. Ir-*RegB* 2,1 tgħid li hu l-ministru provinċjal li jilqa' n-novizzi. Imma hawnhekk ninsabu tliet snin qabel ir-*RegB*, fl-1220. Billi l-penisola Iberika hi kbira ħafna u kienet maqsuma f'4 saltniet, l-uniku ministru provinċjal ma setax ilaħħaq mal-kunventi kollha u x'aktarx li l-ministri lokali, jew gwardjani, seta' kellhom il-fakultà li jdaħħlu n-novizzi. Nafu li l-ministru provinċjal ta' Spanja u l-Portugal f'dak iż-żmien kien fra Giovanni Parenti da Carmignano (Firenze). Dan kien imħallef qabel daħal fl-Ordni tal-Minuri. Kien ministru ta' Spanja mill-1219 sakemm ġie elett ministru ġeneral fil-31 ta' Mejju 1227 waqt il-kapitlu ta' Pentekoste fil-Porziuncola. Dam imexxi l-Ordni sad-29 ta' Mejju 1232, lejliet il-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin, meta floku l-Papa Girgor IX għażel lil fra Elia bħala ministru ġeneral, fil-kapitlu ġenerali ta' Rieti.

26 It-titlu eżatt tas-superjur ta' Coimbra ma kienx dak ta' *abbas* (abbati), imma *prior* (prijur/pirjol), għaliex din kienet komunità ta' kanoniċi regolari u mhux komunità monastika. Il-kariga ta' prijur kien jokkupaha Iohannes Cesar, li miet fl-1226. Il-kanoniċi regolari ta' Coimbra, l-aktar il-prijur li kien suċċessur tiegħu, u li kien jismu wkoll Iohannes, ippersegwitaw lill-patrijiet Minuri, hekk li l-Papa Girgor IX kellu jindaħal permezz ta' ittra fil-

8 Dan il-permess qalgħu wara ħafna tbatija, u b'talb insistenti. L-għada filgħodu kmieni, filwaqt li ftakru f'dak li kienu wegħedu, il-patrijiet waslu, u skond dak li soltu jsir, huma libbsu bil-għaġġla fil-monasteru lill-qaddej ta' Alla bit-tonka tagħhom[27].

9 Malli l-vestizzjoni kienet saret, wieħed mill-aħwa kanoniċi tiegħu[28], mar jiġri fuqu u, *ferragħ l-imrar ta' ruħu* (Ġob 10,1) li ħareġ minn qalbu u qallu: "Itlaq, mur, forsi min jaf, issir qaddis". 10 Il-bniedem ta' Alla Antnin dar lejh, u wieġbu b'leħen umli, filwaqt li qallu: "Meta inti tisma' li jiena nsir qaddis, inti għad tfaħħar lil Alla minħabba f'hekk". 11 U malli qal hekk, il-patrijiet, marru jħaffu lejn il-post fejn kienu jgħammru, u laqgħu *bix-xhieda ta' mħabbithom* (2Kor 8,24) lil dan il-mistieden li kien ġie jiġri fuq il-passi tagħhom.

12 Billi, iżda, l-qaddej ta' Alla kien jibża' minn qrabatu, li kienu jiġu *jfittxuh bil-ħerqa* (Ġen 31,35), ra kif għamel biex jaħrab minn kull tiftix tagħhom b'reqqa kbira. 13 Hekk ħalla l-isem li kellu qabel, u għażel għalih l-isem ta' Antnin[29], bħallikieku ried iħabbar minn qabel li hu kellu jsir xandar kbir tal-kelma ta' Alla. 14 Għaliex Antnin ifisser

11 ta' Lulju 1233, sena wara l-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin, biex jiddefendi lill-patrijiet. Meta Fernando kien fil-*canonia* ta' Coimbra l-komunità kienet magħmula minn madwar 70 membri.

27 Il-vestizzjoni ta' Antnin saret fi żmien meta fl-Ordni tal-Minuri kienet għadha mhijiex obbligatorja s-sena tan-novizzjat. Fil-fatt kien biss fit-22 ta' Settembru 1220, jiġifieri ftit xhur wara li Antnin daħal fl-Ordni, li l-Papa Onorju III obbliga lill-patrijiet Minuri għas-sena tan-novizzjat bil-bulla *Cum secundum consilium*. Dan kien ifisser li Antnin libes it-tonka Franġiskana u għamel il-professjoni tal-*forma vivendi* ta' S. Franġisk. L-awtur jgħid li l-għoti tat-tonka sar bil-ħeffa, f'Santa Cruz, mingħajr ir-riti preskritti u tradizzjonali. Dan għaliex is-saltna tal-Portugal u l-istess *canonia* ta' Santa Cruz kienu taħt interdett mill-arċisqof ta' Braga, il-primat tal-Portugal, li kien ipprojbixxa ċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u ta' kull funzjoni ekkleżjastika oħra.

28 Dan il-kanonku sieħeb ta' Fernando forsi kien xi ħabib mill-qrib tiegħu, jekk nieħdu l-espressjoni *amaritudo cordis* bħala riferiment għall-imrar li jiġi mid-djieqa tal-firda.

29 Għalkemm l-*Asd* tgħid li kien Fernando nnifsu li għażel għalih l-isem ta' Antnin (Antonju), il-*legenda Raymundina* 4, fl-aħħar snin tas-seklu 13, tgħidilna li din kienet l-inizjattiva tal-patrijiet ta' l-eremitaġġ ta' Olivais, li għażlu dan l-isem għax l-eremitaġġ tagħhom kien iddedikat lil S. Anton Abbati.

'dak li jidwi fil-għoli'. Għax tassew, il-leħen tiegħu kien bħal tromba żżarżar, meta *għallem lill-perfetti l-għerf ta' Alla moħbi f'misteru* (1Kor 2,6-7), meta kien ixandar il-misteri għoljin u profondi ta' l-Iskrittura, hekk li wkoll *dawk li biż-żmien huma mdorrijin jagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin* (Lhud 5,14) bl-interpretazzjonijiet tagħhom, *qajla setgħu jifhmu* l-qawwa *ta' l-ilsien tiegħu* (Iż 33,19).

## 6 – DWAR KIF MAR FIL-MAROKK U KELLU JERĠA' LURA

[6] 1 Il-ħeġġa biex ixerred il-fidi kienet tqanqal lil Antnin b'qawwa dejjem akbar, u l-għatx għall-martirju, li kien jaħraq f'qalbu, ma kienx iħallih jistrieħ. 2 Hekk ġara li, skond kif kien ġie mwiegħed, ingħatalu l-permess biex bil-ħeffa jitlaq lejn l-artijiet tas-Saraċini[30].

3 Imma l-Aktar Għoli, li jagħraf il-qlub tal-bnedmin, *waqaflu f'wiċċu* (Gal 2,11), u laqtu b'marda gravi li damet tħabbtu matul ix-xitwa kollha. 4 Meta intebaħ li ma setax iwettaq dak li kien ippropona li jagħmel, sabiex jerġa' jirkupra s-saħħa tal-ġisem, kien imġiegħel biex jerġa' lura lejn art twelidu.

5 Imma waqt li kien qiegħed ibaħħar, kif kien qed jistenna li jiżbarka fix-xtut ta' Spanja, il-qawwa ta' l-irjiħat ġarru l-ġifen u Antnin sab ruħu mixħut fuq ix-xtut ta' Sqallija[31]. 6 Dik il-ħabta kien ġie deċiż

---

30 L-awtur juri b'mod ċar li l-waqfa ta' fra Antnin fl-eremitaġġ ta' Olivais kienet waħda qasira. Hu kien daħal mal-patrijiet Minuri bl-intenzjoni espliċita li jintbagħat missjunarju fil-Marokk, u hekk tabilħaqq ġara. Jingħad li Antnin mar bil-ħeffa (*festinus*) lejn l-artijiet tas-Saraċini (*terram Saracenorum*). Mhux speċifikat x'artijiet kienu. L-isem tal-Marokk jidher biss fit-titlu tal-kapitlu, u l-belt ta' Marrakesh nafu biha minħabba l-protomartri Franġiskani. X'aktarx li Antnin ma telaqx f'dan il-vjaġġ iebes waħdu. Fil-fatt nafu li d-drawwa ta' l-ewwel patrijiet kienet dik li jmorru fil-missjoni tnejn, tnejn, skond dak li Ġesù jgħid fl-Evanġelju (Lq 10,1). Xhieda ta' din id-drawwa nsibuha f'1C 28 (FSF 225). Il-kronista Mariano da Firenze († 1523) jgħid li Antnin telaq fl-Afrika flimkien ma' fra Filippu ta' Castiglia. Oħrajn jgħidu li sieħbu kien fra Leone minn Lisbona, li miet martri fil-Marokk fi żmien S. Antnin. Jista' jkun li Antnin ukoll tgħallem l-Għarbi, għax inkella kien ikun diffiċli għalih imur jippriedka lis-Saraċini.

31 Ma nafux liema kien il-port ta' Sqallija li fih żbarka S. Antnin. Hemm diversi tradizzjonijiet lokali fi Sqallija, li jridu li l-Qaddis niżel f'Cefalù jew Vizzini. Hemm santwarju ġo għar fuq irdum, qrib Tindari, li wkoll hu miqjum bħala

li jiltaqa' l-kapitlu ġenerali f'Assisi[32]. Antnin, meta sar jaf b'dan mill-aħwa li kienu jgħixu f'Messina, wera ruħu b'saħħtu aktar milli fil-fatt kien, u telaq kif seta' biex jasal għall-kapitlu.

## 7 – DWAR KIF MAR FIR-ROMAGNA U GĦEX HEMMHEKK

[7] 1 Wara li ntemm il-kapitlu bħas-soltu, meta l-ministri bagħatu lill-patrijiet fil-postijiet[33] tagħhom, kien biss Antnin li tħalla waħdu; għaliex billi kien jidher qisu novizz ġdid, kienu jqisuh bħala patri mhux meħtieġ, u l-ebda wieħed mill-ministri ma talab biex jieħdu miegħu, billi ma kienux jafuh. 2 Fl-aħħarnett, wara li sejjaħ fil-ġenb lil fra Graziano, li kien il-ministru ta' l-aħwa tar-Romagna, il-qaddej ta' Alla Antnin beda jitolbu biex, wara li jitlob il-permess tal-ministru ġeneral, jieħdu miegħu fir-Romagna, u hemmhekk jagħtih it-taħriġ tal-bidu fid-dixxiplina tal-ħajja spiritwali[34].

---

l-post tan-«nawfraġju» ta' S. Antnin. Li hu żgur hu li l-Qaddis għex għal xi xahar fil-kunvent ta' Messina, minn fejn telaq għall-kapitlu ġenerali ta' l-1221 f'Assisi.

32 Dan kien il-kapitlu ta' Pentekoste ta' l-1221, li dam għaddej 7 ijiem, u li hu magħruf popolarment mill-*Fontes* bħala l-«kapitlu tal-ħsajjar». Skond Giordano da Giano kienu tlitt elef il-patrijiet li inġabru għal dan il-kapitlu famuż. Dik il-ħabta fil-kapitlu kien jistgħu jieħdu sehem il-patrijiet kollha. L-istudjuż Callebaut jgħid li Antnin għamel il-vjaġġ twil minn Messina sa Assisi (c. 600 kilometri) bil-mixi, u li jekk nikkalkulaw li kien jimxi mat-30 km. kuljum, dan kien ifisser li ried ma l-20 ġurnata biex jasal. L-istudjuż Abate, imma, jsostni li Antnin kien dgħajjef wisq biex jagħmel vjaġġ bħal dan bil-mixi, u li l-parti Messina-Napli għamilha bil-baħar. Dan għaliex, skond hu, fl-ebda post bejn in-nofsinhar tal-Lazio u l-Calabria ma niltaqgħu ma' tifkiriet ta' devozzjoni lejn xi waqfa ta' S. Antnin f'xi post li minnu għadda.

33 L-espressjoni *ad loca sua* tirreferi għall-postijiet li fihom kienu jgħixu l-patrijiet li, fi żmien S. Franġisk, ma kienux jissejħu bl-isem ta' *conventus* (kunvent), billi kienu x'aktarx eremitaġġi ċkejknin.

34 Fra Graziano kien ministru provinċjal tar-Romagna. Skond il-*Martyrologium Franciscanum* hu miet fit-30 ta' Marzu 1241 f'Penna di S. Martino (Pennabilli). Skond id-*Dialogus de gestis sanctorum fratrum Minorum* indifen f'Osimo. L-istess *Dialogus* jirrakkonta xi mirakli li seħħu bl-interċessjoni ta' fra Graziano, li kien meqjum bħala patri qaddis li kien bniedem ta' *simplicitas pura et fides plena* (sempliċità pura u fidi sħiħa). Ir-riferiment għall-

3 Hu ma semma' xejn dwar il-fatt li kien bniedem studjuż u letterat, lanqas ma ftaħar bil-ministeri ekkleżjastiku li kien jeżerċita, imma *jassar kull ħsieb* u kull xjenza *għall-ubbidjenza ta' Kristu* (2Kor 10,5), hekk li hu iddikjara li jaf biss lil Kristu, *u lilu msallab* (1Cor 2,1-2), hekk li lilu kien jixtieq, u lilu ried iħaddan.

4 Fra Graziano, filwaqt li kien kien jistagħġeb b'dan kollu, laqgħu u ħaddnu miegħu bil-qima, u ta widen għat-talbiet tal-bniedem ta' Alla. Ħadu miegħu u wasslu fir-Romagna. 5 Malli wasal hemmhekk, bil-providenza ta' Alla li kollox jiddisponi, il-bniedem ta' Alla Antnin qala' l-permess li jirtira bil-qima kollha fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo, biex hekk iħalli warajh il-ħamba tal-folol, u jidħol ġewwa fil-fond tas-skiet u s-sliem ta' dak il-post ħiemed[35].

6 Matul iż-żmien li fih kien jgħix f'dan l-eremitaġġ, wieħed mill-aħwa kien bena ċella ċkejkna f'għar, li kienet tajba ħafna bħala post ta' talb, biex fih wieħed ikun jista' jehda f'Alla b'libertà akbar. 7 Jum minnhom il-bniedem ta' Alla mar jara dak l-għar, u ħaseb li dak kien post mill-aktar tajjeb għat-talb u d-devozzjoni. Għaldaqstant talab bil-ħniena lil dak il-patri biex iħallih juża dik iċ-ċella. 8 Meta akkwista

ministru ġeneral hu ċertament għal fra Elia, li fl-1221 kien imexxi l-Ordni bħala *vicarius* ta' S. Franġisk. Din l-espressjoni, iżda, bdiet tintuża minn 2C 182 (FSF 896): *conversus ad Petrum Cathanii vicarium suum*; u 2C 207 (FSF 918): *frequenti supplicatione vicarii sanctus pater pulsatus*. Imma S. Franġisk innifsu, fit-*Test* 27, jikteb: *firmiter volo obedire ministro generali huius fraternitatis*. Wieħed jinnota l-umiltà kbira ta' Antnin, li jitlob li jitħarreġ fid-dixxiplina spiritwali bħallikieku kien novizz, u li jaħbi l-għerf kbir tiegħu bħala teologu.

35 L-eremitaġġ ta' Monte Paolo, xi 400 metru fuq il-livell tal-baħar, jinsab fil-*comune* ta' Dovadola, ftit kilometri bogħod minn Castrocaro, fil-provinċja ta' Forlì. Attwalment hu santwarju magħruf ta' S. Antnin u dar ta' l-irtiri li jmexxuh il-Patrijiet Minuri tal-Provinċja ta' Kristu Re ta' l-Emilia Romagna. Wieħed mill-kodiċi ta' l-*Asd* jagħtina dettall importanti li jvarja minn din l-istorja. Filwaqt li ma jsemmix l-eremitaġġ ta' Monte Paolo, jgħid li l-inizjattiva li jirtira fil-ħemda ma kienetx ġejja mill-Qaddis, imma mill-patrijiet li kienu jgħixu hemm li, billi kienu sitt frajiet lajċi, ma kellhomx saċerdot biex jiċċelebra l-Quddiesa għalihom. Huma kienu ħasbu li Antnin kien raġel sempliċi u safi (*simplicem virum et purum*), u għalhekk talbu lill-ministru jibgħatu magħhom biex jiċċelebra l-misteri divini (*pro celebrandis divinis*). Forsi kienu saru jafuh waqt il-vjaġġ minn Assisi lejn ir-Romagna.

dak il-post ta' ħemda[36], il-qaddej ta' Alla Antnin ta' kuljum, wara li kien jaqdi dmiru fit-talb ta' filgħodu tal-komunità, kien imur jinqata' għalih waħdu f'dik iċ-ċella, filwaqt li kien jieħu miegħu loqma ħobż u sjuna tal-fuħħar bl-ilma[37]. 9 Hekk kien jgħaddi l-jum kollu fis-solitudni, u jħarreġ lil ġismu biex joqgħod għall-ispirtu. Imma biex jobdi dejjem dak li kienet titlob minnu r-regola, dejjem kien imur lura fil-ħin li fih jiltaqgħu l-aħwa[38].

10 Mhux l-ewwel darba li, malli kien jisma' l-qanpiena[39] ssejjaħlu, kien iħejji ruħu biex imur jingħaqad ma' l-aħwa, imma billi kien ikun mifni mill-velji u l-astinenza li biha kien jgħakkes lil ġismu, kien jibda jixxengel fil-mixi tiegħu, u ma kienx jiflaħ iżomm u kien jispiċċa jistabat fl-art. 11 Xi mindaqqiet kien ikun sawwat lil ġismu biex irażżnu b'mod hekk qawwi, li kieku ma kienux jiġu l-aħwa biex iweżnuh, kif xehed

36 L-istess kodiċi ta' l-*Asd* (cod. 74) li ġej minn Padova jgħid li l-Qaddis ma kienx jieħu miegħu ħobż u ilma meta jmur fil-għar biex jitlob, imma kien jirritorna fil-fraternità għall-ikel. Jgħid ukoll li hu kien jalterna l-ħin tat-talb mal-ħidma, hekk li kien jaħsel il-platti u l-borom u jnaddaf l-eremitaġġ tal-patrijiet, bl-umiltà kollha daqslikieku kien wieħed mill-frajiet lajċi.

37 L-espressjoni *matutinali capitulo* (talb ta' filgħodu tal-komunità) jindika l-laqgħa tal-fraternità filgħodu għall-uffiċċju divin u l-meditazzjoni. Hawnhekk nistgħu naraw ritratt ta' kif l-ewwel aħwa kienu jgħixu l-Forma ta' ħajja miktuba għall-eremitaġġi (*RegEr*), li tindika filgħodu kmieni bħala ħin ta' silenzju sat-Terza, li fih l-aħwa fl-eremitaġġ kienu jingħataw għat-talb (Matutin bil-lejl, Lawdi u Prima filgħodu kmieni). Nistgħu nimmaġinaw ukoll li, billi Antnin kien l-uniku saċerdot flimkien ma' dik il-fraternità ta' sitt aħwa lajċi, kien ikun hu li jiċċelebra għalihom il-Quddiesa.

38 Il-*collatio* (laqgħa tal-komunità) hi terminu monastiku, li tindika l-laqgħa spiritwali tal-komunità filgħaxija. Hekk naraw li Antnin kien jgħix mumenti ta' ħajja anakoretika (eremitika) u oħrajn ta' ħajja ċenobitika (komunitarja). L-orarju ta' kuljum fl-eremitaġġ kien jinbena fuq ir-reċita tas-sigħat kanoniċi ta' l-uffiċċju divin: il-Matutin bil-lejl, il-Lawdi malli jibda jbexbex, il-Prima fis-6 am, it-Terza fid-9 am (meta kien jintemm is-silenzju), is-Sesta f'nofs in-nhar, in-Nona fit-3 pm, l-Għasar fi nżul ix-xemx, u l-Kumpieta malli jidlam (meta kien jibda s-silenzju).

39 Il-qanpiena ċkejkna ta' l-oratorju ta' l-eremitaġġ li fih il-patrijiet kienu jitolbu l-Quddiesa u l-uffiċċjatura. Il-qanpiena kienet tagħti r-ritmu tad-diversi mumenti tal-ġurnata fl-eremitaġġ, skond it-tradizzjoni antika monastika li kienet l-ispirazzjoni tar-*RegEr* ta' l-ewwel Franġiskani (1217-1221).

wieħed minnhom li kien preżenti[40], ma kienx jirnexxilu jasal biex jidħol fl-eremitaġġ.

## 8 – DWAR KIF IL-GĦERF TIEGĦU DEHER QUDDIEM L-AĦWA

[8] 1 *Wara ħafna żmien* (Mt 25,19) ġara li xi wħud mill-aħwa intbagħtu fil-belt ta' Forlì biex jirċievu l-ordni sagri. 2 Għal din iċ-ċerimonja nġabru minn diversi nħawi l-patrijiet Minuri u Predikaturi, u *fosthom* (Ġob 1,6) kien hemm ukoll Antnin.

3 Meta wasal il-ħin ta' din iċ-ċelebrazzjoni komunitarja[41], meta l-patrijiet kollha kienu nġabru skond id-drawwa, il-ministru ta' dak il-post[42] beda jitlob lill-patrijiet Predikaturi[43] li kienu preżenti biex jagħmlu priedka ta' eżortazzjoni lil dawk il-persuni li kienu bil-għatx *għall-aħbar tas-salvazzjoni* (Atti 13,26). 4 Imma dawk, wieħed wara l-ieħor, bdew jiċħdu li jagħmlu dan, u bdew jgħidu li għalihom ma kienx possibbli u lanqas permess li jippriedkaw mingħajr ma jkunu ippreparati minn

40 L-awtur ta' l-*Asd* x'aktarx li jirreferi għal xi wieħed mill-aħwa lajċi li kien jgħix ma' Antnin f'Monte Paolo, u li mbagħad ta x-xhieda tiegħu waqt il-proċess ta' kanonizzazzjoni tal-Qaddis.

41 Il-kelma latina hi *collatio*, li tirreferi għall-*collatio ordinum* (il-għoti tas-sagrament ta' l-ordni sagri), u mhux għas-sens monastiku ta' konferenza spiritwali. Din, fil-fatt, kienet issir filgħaxija, filwaqt li l-quddiesa ta' l-ordinazzjoni u kull rit tal-quddiesa kien isir biss filgħodu.

42 L-espressjoni latina *minister loci* tindika element preżenti fil-Franġiskaneżimu tal-bidu. Dan kien il-gwardjan tal-fraternità Franġiskana ta' Forlì. Fil-bidu ta' l-Ordni kien jintuża l-isem *guardianus* jew inkella *custos*. Fl-*Expositio quattuor Magistrorum super Regulam* insibu: *Guardiani vero intelliguntur sicut ministri et custodes, qui sic solebant primitus nominari* («Gwardjani huma bħall-ministri u l-kustodji, kif kienu jissejħu qabel»). Ugo da Digne († 1285), fl-*Expositio super regulam fratrum Minorum*, jitkellem minn *ministri provinciales* u minn *ministri locales*.

43 Il-patrijiet Predikaturi (Dumnikani) kienu ġew mistiedna fil-kunvent Franġiskan ta' Forlì għall-ordinazzjoni, u l-gwardjan ried jagħmel unur lil ulied S. Duminku billi jistedinhom jippriedkaw, minħabba l-fama ta' għerf u preparazzjoni teoloġika tagħhom. Kien Dumnikan, il-prijur ta' S. Agostino f'Padova, li kien inkarigat flimkien ma' prelati oħrajn, biex imexxi l-proċess djoċesan tal-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin.

qabel. Dak il-ministru, mela, dar fuq fra Antnin, u ikkmandah[44] biex jippriedka lill-aħwa miġburin *dak li jgħallmu l-Ispirtu* (Ġw 14,26).

5 Dan għamlu mhux għaliex hu kien jemmen li Antnin kellu xi għarfien partikulari ta' l-Iskrittura, jew li kien kapaċi jaqra kotba oħrajn, ħlief x'aktarx dawk li kellhom x'jaqsmu ma' l-uffiċċju ekkleżjastiku[45], imma kellu biss ċertezza waħda li fuqha seta' joqgħod: għaliex ġie li kien semgħu jitkellem bil-latin[46] meta kien imġiegħel mill-ħtieġa. 6 Tabilħaqq, għalkemm Antnin kellu kapaċita hekk kbira, li kien kapaċi jinqeda bil-memorja flok bil-kotba[47], u kien imżejjen bid-don li juża lingwaġġ mistiku bl-abbundanza, imma l-aħwa kienu jafuh biss bħala patri li kien kapaċi jaħsel il-borom fil-kċina[48], aktar milli wieħed li kien kapaċi jesponi l-misteri ta' l-Iskrittura.

7 Imma għalfejn noqgħod intawwal? Antnin baqa' jirreżisti sakemm seta', imma fl-aħħarnett, minħabba li l-oħrajn kollha baqgħu jinsistu, hu beda jitkellem bis-sempliċità kollha. Imma meta mbagħad dik *il-pinna* ta' l-Ispirtu s-Santu, - qed ngħid għal *ilsienu* – (S 44,2) bdiet tispjega *b'ġabra ta' kliem fil-qosor* (Dan 7,1) ħafna argumenti profondi b'għaqal kbir, dak il-ħin l-aħwa baqgħu miblugħin bl-ammirazzjoni, u *fehma waħda kienu attenti* (Atti 8,6) biex jisimgħu bil-ħerqa lil dan il-

44 Il-*minister loci*, wara li talab kważi bil-ħniena (*supplicare cepit*) diversi drabi lid-Dumnikani biex jippriedkaw, fl-aħħarnett ikkmanda (*precepit*) lil fra Antnin biex jagħmel priedka minn żniedu. Hi stramba li l-gwardjan ta' Forlì ikkmanda b'ubbidjenza lil Antnin, li kien jiddependi mill-gwardjan ta' Monte Paolo, imma jista' jkun li x'aktarx li l-eremitaġġ ta' Monte Paolo kien jiddependi ġuridikament mill-kunvent tal-belt ta' Forlì.

45 L-espressjoni *officium ecclesiasticum* tirreferi għall-uffiċċju liturġiku. Jidher stramb li patri li kien kapaċi jaqra l-missal u l-brevjar kien jitqies li ma kienx midħla ta' l-Iskrittura, meta s-siltiet prinċipali tal-kotba liturġiċi jittieħdu mill-Kotba Mqaddsa.

46 Il-fatt li l-gwardjan kien sema' lil fra Antnin jitkellem bil-Latin ifisser li x'aktarx li Antnin kien qagħad għal xi żmien fil-kunvent ta' Forlì, jew inkella kien jinżel xi mindaqqiet fil-belt mill-eremitaġġ, forsi biex jittallab il-karità.

47 Cfr. S. ATANASJU ta' Lixandra, *Vita Antonii Ab.* 3,7 (PG 26, 846): *memoriam pro codicibud habebat*.

48 Dan l-eżempju ta' umiltà ta' S. Antnin jaqbel perfettament ma' dak li S. Franġisk ried mill-patrijiet fit-*Test* 20 (FSF 188): «U jiena kont naħdem b'idejja, u rrid naħdem; u rrid bil-qawwa li l-aħwa l-oħrajn kollha jaħdmu dak ix-xogħol li jixraq lill-ħajja tagħhom».

predikatur. 8 Għax tassew il-profondità li ħadd ma stennieha tal-kliem tiegħu kienet tkabbar l-istagħġib f'dawk li semgħuh; u fl-istess ħin kienet tibni l-ispirtu tagħhom b'dak li hu kien qiegħed jgħid b'karità mimlija ħeġġa. 9 Ilkoll, mela, imtlew b'faraġ qaddis, u bdew iqimu l-merti ta' l-umiltà fil-qaddej ta' Alla Antnin, flimkien mad-don tax-xjenza kbira tiegħu[49].

## 9 – IL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU FIR-ROMAGNA U L-KONVERŻJONI TA' L-ERETIĊI

[9] 1 Billi, kif jgħid il-Mulej, *belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba* (Mt 5,14), wara ftit taż-żmien il-ministru[50] ġie infurmat dwar dak li kien ġara. Hekk Antnin kellu jħalli warajh il-ħemda tal-kontemplazzjoni, u ġie mġiegħel joħroġ fil-pubbliku. 2 Ġie afdat lilu l-ministeru tal-predikazzjoni, u dak li kien ħabb l-eremitaġġ kellu joħroġ minnu, u fommu, li kien ilu magħluq, kellu jinfetaħ biex jevanġelizza lill-poplu u jxandar il-glorja ta' Alla. 3 Imwieżen mill-awtorità ta' dak li bagħatu, hu ingħata b'ruħu u ġismu għall-*ħidma ta' evanġelista* (2Tim

49 L-awtur juri l-istil tal-predikazzjoni ta' S. Antnin: kien jevita l-ħafna kliem żejjed, biex jobdi dak li S. Franġisk jgħid fir-*RegB* 9,4 (*cum brevitate sermonis*); kien jaf jarmonizza flimkien is-*simplicitas* mal-*prudentia*; il-kliem tiegħu kienu intensi u profondi, imħeġġin mill-imħabba; kien jaf jiġbed l-attenzjoni tas-semmiegħa u jmissilhom qalbhom; it-tagħlim tiegħu kien duttrina sagra mibnija biss fuq il-Kelma ta' Alla.

50 Mill-ġdid niltaqgħu mal-ministru tar-Romagna, fra Graziano. Il-provinċja tar-Romagna kienet tiġbor fiha l-Italja ta' fuq kollha kemm hi. Ir-*RegNB* ta' l-1221, c. 17, tħalli f'idejn il-ministru biex jagħti l-permess lill-patrijiet tal-provinċja tiegħu biex jippriedkaw. Imma r-*RegB* ta' l-1223, c. 9, tirriserva dan id-dritt f'idejn il-ministru ġeneral. Dan ifisser li Antnin kellu l-permess minn fra Graziano biex jippriedka fit-territorju kollu li kien jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. L-urġenza tal-predikazzjoni minħabba l-periklu ta' l-ereżija Katara kienet tinħass ħafna fis-seklu 13, l-aktar għaliex kienu ftit wisq dawk il-membri tal-kleru li kienu jippriedkaw. Aktar tard, fl-1230, il-ministru ġeneral ried li Antnin jinħall mit-tmexxija tal-provinċja tar-Romagna biex jingħata kollu kemm hu għall-predikazzjoni. Fl-1228 il-ministru tal-provinċja tal-Ġermanja ġie mitlub jitlaq l-uffiċċju tat-tmexxija ta' l-aħwa biex jingħata għat-tagħlim tat-teoloġija, billi l-ministru ġeneral sar jaf li fil-Ġermanja ma kienx hemm *lector* (lettur) tat-teoloġija għall-patrijiet.

4,5), hekk li tassew stħaqqlu l-isem ta' evanġelista[51] minħabba l-ħerqa li biha kien jaqdi dan id-dmir. Kien jgħaddi *mill-ibliet u l-irħula* (Mt 9,35), mill-kastelli u l-kampanja[52], u kullimkien kien ixerred iż-żerriegħa tal-ħajja b'ġenerożità abbundanti u b'ħeġġa taħraq.

4 F'dawn il-vjaġġi tiegħu kien jiċħad li jieqaf biex jistrieħ minħabba l-ħerqa li kellu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Bir-rieda tassema ġara li wasal fil-belt ta' Rimini[53]. Hawnhekk ra li kienu bosta dawk li kienu mqarrqin mit-tagħlim ta' l-eretiċi, u għalhekk hu ġabar il-belt kollha flimkien, u bil-ħeġġa ta' l-ispirtu beda jippriedka. Hu li ma kienx tgħallem l-argumenti fini tal-filosofi[54], irnexxielu jxejjen b'dija tiddi aktar minn dik tax-xemx l-agrumenti qarrieqa ta' l-eretiċi. 5 *Il-kelma setgħana tiegħu* (Lhud 1,3) u t-tagħlim ta' salvazzjoni kienu jniżżlu għeruq hekk profondi fil-qlub tas-semmiegħa li, filwaqt li hu ħarrab it-tniġġis ta' l-iżball, bil-kelma tiegħu kotra ta' persuni li jemmnu reġgħu ingħaqdu bil-fedeltà kollha mal-Mulej.

6 Fost dawn kien hemm ereżjarka li kien jismu Bononillo[55], li

---

51 1C 89 (FSF 280) isejjaħ lil S. Franġisk *novus evangelista* (evanġelista ġdid).

52 S. Antnin jidher tassew bħala predikatur itineranti fl-ispirtu tal-kariżma Franġiskan.

53 Rimini, flimkien ma' bliet oħrajn fir-Romagna, kellha kolonja numeruża ta' eretiċi Katari u Patarini. Il-ħsara li kienu jagħmlu fost l-insara naqrawha fi storja dwar S. Aldebrando, li mbagħad sar isqof ta' Fossombrone, u li kien prepostu tal-kattidral ta' Rimini fl-1222-28. Jingħad li hu kien qed jippriedka quddiem il-kattidral ta' Rimini, fil-pjazza, meta ġie mfixkel mill-eretiċi Patarini. Dawn ħebbew għalih u riedu jaqbduh, imma hu kellu jaħrab mill-pulptu u jinħeba fil-kampnar għal nofs ta' nhar sħiħ. Billi l-poplu ra li l-eretiċi riedu joqtluh, billi kulħadd kien jibża' minnhom, talbuh biex jitlaq minn Rimini.

54 Fil-fatt, S. Antnin kellu preparazzjoni filosofika profonda, li fil-medjuevu kienet il-bażi ta' kull formazzjoni teoloġika. Imma l-awtur irid juri li hu ma kellux l-*argutias phylosophorum*, jiġifieri ma kienx imħarreġ bħall-filosofi biex jikkonvinċi l-uditorju b'argumenti qarrieqa.

55 Fil-*Liber de Conformitate* Bartolomeo da Pisa (tmiem is-seklu 14) jgħid li *Bonellus* kien ġie ikkonvertit minn S. Antnin wara l-famuż miraklu tad-debba li niżlet għarkobbtejha quddiem l-Ewkaristija. F'Rimini wkoll jiġi lokalizzat il-miraklu famuż l-ieħor ta' S. Antnin li jippriedka lill-ħut (*Actus B. Francisci et sociorum eius*, kap. 49). Wieħed mid-dixxipli ta' Bononillo li ġie konvertit bil-predikazzjoni ta' S. Antnin kien il-Beatu Giovanni Baronci jew Barocci da Rimini, li miet lejn tmiem is-seklu 14.

kien ilu tletin sena mgħarraq fid-dahbien tan-nuqqas ta' fidi. Il-Mulej, bil-merti tal-qaddej tiegħu Antnin, reġgħu lura fit-*triq tas-sewwa* (S 118,30). Dan, wara li laqa' li jagħmel penitenza, beda jobdi sa tmiem ħajtu u bid-devozzjoni kollha dak kollu li kienet tgħallem il-Knisja mqaddsa Rumana[56].

## 10 – DWAR IL-FAMA TIEGĦU U L-QAWWA TAL-PREDIKAZZJONI

[10] 1 Wara dan, il-ministru ta' l-Ordni, minħabba ħtieġa urġenti tal-familja reliġjuża, bagħat lill-qaddej ta' Alla, Antnin, fil-kurja papali[57]. L-Aktar Għoli ried li hu jkun hekk miqjum mill-prinċipijiet venerabbli tal-

---

56 Parte integranti mill-predikazzjoni Franġiskana hi l-fedeltà lejn il-Knisja mqaddsa Rumana. Dan it-tema jidher mill-aktar ċar fl-*Asd*, fil-kapitli 27-30, iddedikati għall-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin. Il-fatt li Bononillo jissejjaħ *eresiarcha*, jindika kelma tradizzjonali li kienet tirreferi għal xi wieħed mill-«perfetti» jew «isqfijiet» ta' l-organizzazzjoni Katara.

57 L-espressjoni latina *post haec autem* ma tindikax xi żmien partikolarment qasir, imma pjuttost il-perjodu bejn il-bidu tal-ministeru ta' Antnin fis-snin 1222-23 u s-sajf ta' l-1230, meta intbagħat Ruma għand il-Papa Girgor IX mill-kapitlu ġenerali ta' Assisi, biex il-Papa isolvi xi kwestjonijiet dwar ir-Regola Franġiskana u l-obbligatorjetà tat-Testment. Nafu li d-delegazzjoni mibgħuta mill-kapitlu kienet magħmula minn Giovanni Parenti, ministru ġeneral, Antnin ta' Padova, Gerardo da Rossignol, penitenzier pontifiċju, Haymo of Faversham, Leone da Perego, li mbagħad sar arċisqof ta' Milan, Gerardo da Modena, u Pietro da Brescia. Ir-riżultat ta' din il-missjoni kienet il-bulla *Quo elongati* (28 ta' Settembru 1230). F'Ruma Antnin jidher bħala difensur kbir tal-kattoliċità ta' l-Ordni, hekk li jimpressjona mhux ftit lill-Papa Girgor IX u l-kulleġġ tal-kardinali. Hekk jidher li l-*officium praedicationis* li kien jaqdi fil-bliet u rħula kien kapaċi jħaddmu wkoll b'toni mill-aktar teoloġiċi quddiem l-ogħla awtoritajiet tal-Knisja. Kien ukoll f'din l-okkażjoni li l-Papa Girgor IX sar jaf sewwa lil S. Antnin, hekk li fil-bulla ta' kanonizzazzjoni *Cum dicat Dominus* jikteb: *experti aliquando per nos ipsos sanctitatem vitae et admirabilem conversationem ipsius, utpote qui apud nos fuit aliquandiu laudabiliter conversatus* («aħna sirna nafu sewwa l-qdusija tal-ħajja tiegħu u l-kelma ta' min ifaħħarha tiegħu, għaliex aħna wkoll ġie li tkellimna miegħu u smajna l-predikazzjoni mfaħħra tiegħu»). S. Antnin x'aktarx li ippriedka quddiem il-Papa u l-kulleġġ kardinalizju, li kien fih 17-il membri, fis-sajf ta' l-1230, għax il-kardinali kienu preżenti fil-Lateran minn Marzu sa l-10 ta' Lulju 1230.

Knisja, li l-istess Papa u l-kulleġġ kollu tal-kardinali qagħadu jisimgħu b'devozzjoni mimlija ħeġġa l-predikazzjoni tiegħu. 2 Għaliex hu kien kapaċi jislet tant tifsiriet oriġinali u profondi mill-Iskrittura, u jfissirhom b'kelma mirquma, li l-istess Papa, meta semgħu, b'mod familjari, ried li jagħtih isem li kien ivvintah hu, jiġifieri *Arka tat-Testment*[58].

3 Il-kelma tiegħu kienet *imħawra bil-melħ ta' l-għerf* (Kol 4,6), li jagħti togħma tajba bil-grazzja divina, u kien jirnexxielha tnissel xmajjar ta' grazzji f'dawk li jisimgħuha. 4 Saħansitra dawk li kien kbar fis-soċjetà kienu jistagħġbu kif dan il-bniedem, li kien għadu fil-fjur ta' żogħżitu, u li ma kienx jaf skola[59], kien *jitkellem dwar ħwejjeġ spiritwali ma' nies spiritwali* (1Kor 2,13) bi stil hekk fin; dawk li kienu sempliċi kienu jistagħġbu li jaraw kif hu, b'attenzjoni kbira, kien iqaċċat il-kawżi u l-okkażjonijiet ta' dnub biex jiżra' d-drawwiet tal-virtù. 5 Bnedmin ta' kull qagħda, klassi u età, kienu jifirħu li setgħu jirċievu tagħlim hekk xieraq għal ħajjithom.

6 Hu ma kienx imil biex *iħares lejn il-wiċċ* (Rum 2,11) ta' l-ebda persuna, u lanqas ma kien iħalli lilu nnifsu jitqarraq bit-tifħir li kienu juruh il-bnedmin; imma, skond il-kelma tal-Profeta, hu kien: *romblu tad-dris ġdid, jaqta' u kollu snien, jidres il-muntanji u jfarrakhom, u l-għoljiet jagħmilhom tlief* (Iż 41,15).

58 Dan l-isem bibliku li l-Papa Girgor IX ta lil S. Antnin, juri kemm hu ried ifaħħru għall-għerf kbir tiegħu fil-ħwejjeġ divini. Il-*Benignitas* 19,3 iżżid li, wara li l-Papa Girgor IX ipproklama qaddis lil S. Antnin, hu mall-ewwel intona l-antifona tad-Dutturi tal-Knisja: *O doctor optime*.

59 L-awtur ta' l-*Asd* jippreżenta lil S. Antnin bħala *virum pubetenus*, raġel li kien għadu kemm laħaq iż-żogħżija. Dawk li jistagħġbu bil-predikazzjoni tiegħu jsejħilhom *maiores* u *minores*, termini familjari ma' min kien parti mill-moviment Franġiskan u mal-kultura tas-soċjetà medjevali. Li S. Antnin kien *ydiotam*, «bniedem bla skola», tidher espressjoni esaġerata, għax nafu li, fil-fatt hu kien teologu kbir. X'aktarx l-awtur irid sempliċement juri l-impressjoni ġenerali tan-nies, li ħafna minnhom ma kienux jafuh, u jibqgħu miblugħin bil-għerf tiegħu.

## 11 – DWAR KIF ĠIE PADOVA U IPPRIEDKA HEMM

[11] 1 Nieħdu wisq fit-tul kieku kellna nirrakkontaw kif mar jiġri f'bosta provinċji, u kemm xerred *iż-żerriegħa tal-kelma ta' Alla* (Lq 8,11) u biha *mela d-dinja kollha* (Għerf 1,7). Għaldaqstant niġu issa għal dawk il-fatti li l-aktar li jidhru, u li jiddikjaraw kemm kienu evidenti l-provi tal-virtujiet tiegħu.

2 Fiż-żmien li fih sar il-kapitlu ġenerali, li matulu saret it-translazzjoni tar-relikwi tal-wisq imqaddes missier Franġisku, lejn il-post miqjum li fih jistrieħu b'mod xieraq[60], il-qaddej ta' Alla Antnin ġie maħlul mit-temxxija tal-patrijiet[61], u laqa' mingħand il-ministru ġeneral[62] il-permess biex bil-libertà kollha jippriedka kullimkien. 3 U

[60] L-*Assidua* tiġbor fi ftit frażi ġrajjiet ta' importanza kbira fl-istorja Franġiskana tal-bidu. S. Franġisk miet filgħaxija tas-Sibt 3 ta' Ottubru 1226, u l-għada ġie midfun fil-knisja ta' S. Giorgio, ġewwa l-ħitan ta' Assisi, fejn aktar tard kellha tinbena l-bażilika ta' S. Klara. Franġisk ġie kanonizzat fis-16 ta' Lulju 1228 mill-Papa Girgor IX, u l-għada l-istess Papa qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja speċjali (*specialis ecclesia*) li hu ried li tinbena bħala monument għall-qaddis. Meta tlestiet il-bażilika inferjuri, li kellha tkun il-kripta li fiha jindifen il-qaddis, saret it-translazzjoni solenni tar-relikwi ta' S. Franġisk fil-25 ta' Mejju 1230, vġili ta' Pentekoste, meta kien miġbur il-kapitlu ġenerali tal-patrijiet Minuri. Kienu bosta l-patrijiet li ġew għall-okkażjoni, għalkemm il-Papa nnifsu ma setax ikun preżenti. Imma l-ebda wieħed mill-patrijiet preżenti ma rnexxielu jara r-relikwi, għax fra Elia, bi fethim ma' l-awtoritajiet tal-*comune* ta' Assisi u mingħajr il-permess tal-ministru ġeneral Giovanni Parenti, malli l-arka li kien fiha r-relikwi ddaħħlet fil-knisja, kien pront sakkar il-bibien u ma ħalla 'l ħadd jidħol ġewwa, u difen fil-moħbi r-relikwi f'post sigriet. Xi kronisti jgħidu wkoll li, fil-fatt, kien laħaq difen ir-relikwi fil-moħbi tlitt ijiem qabel, u li t-translazzjoni kienet biss ċerimonja li fiha ma nġarrux ir-relikwi. Ir-reazzjoni ta' kull min kien preżenti kienet mill-aktar vjolenti, u l-istess Papa Girgor IX kellu jintervjeni bil-bulla *Speravimus hactenus*. Fiha hu qiegħed il-bażilika l-ġdida taħt interdett, u ipprojbixxa li l-patrijiet Minuri jiċċelebraw il-kapitli tagħhom fiha jew li l-patrijiet jgħixu hemmhekk. Imma jidher li l-biċċa ikkalmat meta Elia talab skuża lill-Papa u irtira biex jagħmel penitenza.

[61] S. Antnin kellu f'idejh il-*ministerium fratrum*, jiġifieri kien ministru provinċjal tar-Romagna. Fl-okkażjoni ta' dan il-kapitlu l-provinċja kbira ta' l-Italja ta' fuq ġiet maqsuma fi provinċji iżgħar, u l-parti tat-Triveneto saret il-provinċja tal-Marca Trevigiana.

[62] Il-ministru ġeneral dak iż-żmien kien fra Giovanni Parenti (1227-1232). Giuseppe Abate jqis li, fil-vjaġġ tiegħu lejn Padova, Antnin waqaf għal xi żmien fuq il-muntanja ta' La Verna.

billi f'okkażjoni oħra, meta hu kien qiegħed jikteb il-priedki għall-Ħdud matul is-sena[63], kien qagħad għal xi żmien ħdejn il-belt ta' Padova[64], u kien għamel esperjenza tal-fidi sinċiera tan-nies ta' din il-belt u intrabat magħhom b'rabtiet kbar ta' ħbiberija, miġbud mid-devozzjoni ta' l-għaġeb tagħhom, fl-ewwel sena li fiha kien ħieles biex jivvjaġġa, hu iddeċieda li jmur iżurhom.

---

63 Is-*Sermones Dominicales* huma kummentarji, espożizzjonijiet bibliċi miktubin għat-taħriġ tal-predikaturi, fi stil tipiku tas-*sermones* medjevali. Ma jfissirx li qatt intużaw mill-Qaddis kif inhuma miktubin għall-predikazzjoni popolari tiegħu. Antnin innifsu jsejħilhom *opus* (opra), li fiha prologu ġenerali, jew inkella *opus evangeliorum* (opra ta' l-Evanġelji), kif naqraw fl-epilogu, jew inkella xi mindaqqiet jirreferi għall-priedki individwali bħala *sermo* (priedka). Antnin wasal Padova fl-1229, meta kien *podestà* il-Venezjan Giovanni Dandolo. Kien f'dan iż-żmien li hu temm il-kitba tas-*Sermones Dominicales,* għaliex ma jistax ikun li hu kiteb opra hekk voluminuża fi żmien qasir. Fil-fatt, mhux faċli nimmaġinaw kif seta' jiktibha fis-snin li fihom kien ministru provinċjal. Xi studjużi ħarġu bl-ipotesi, mhix ippruvata, li S. Antnin, fil-fatt, kien sawwar il-parti kbira tas-*Sermones* tiegħu meta kien għadu kanonu regolari Agostinjan f'Coimbra, u kien ingħata b'ruħu u ġismu għall-kummentarji tal-Kotba Mqaddsa.

64 L-awtur jgħid li l-Qaddis kien joqgħod *apud civitatem Paduanam* (qrib il-belt ta' Padova), għaliex iż-żewġ kunventi Franġiskani, jiġifieri l-monasteru ta' Arcella (tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano) u l-kunvent ta' *Sancta Maria Mater Domini* (tal-patrijiet Minuri), kienu jinsabu barra l-ħitan tal-belt. Id-Dumnikani kienu marru joqogħdu f'Padova f'Ottubru 1226. X'aktarx li l-Franġiskani kienu diġà preżenti f'dawk l-inħawi jekk il-*locus* ta' *Sancta Maria Mater Domini* kien wieħed mill-aktar għal qalb S. Antnin. Meta wasal Padova Antnin sar parti mill-fraternità ta' dan il-kunvent. Il-knisja ta' *Sancta Maria Mater Domini* timmarka l-post fejn illum hemm il-bażilika famuża ta' S. Antnin f'Padova. Ma nafux kemm kienu l-patrijiet li kienu jgħixu hemmhekk fiż-żmien li fih għex S. Antnin. Minn tmiem l-1230 sa' Mejju 1231 nafu li kienu jgħixu hemmhekk ma' S. Antnin fra Alberto da Pisa, li kien daħal warajh bħala ministru provinċjal tal-Marca Trevigiana; Luca Belludi u Ruggero, iż-żewġ sħab intimi ta' Antnin li marru miegħu fl-eremitaġġ ta' Camposampiero; Vinoto, li ltaqa' mal-Qaddis moribond u issuġġerixxa li jieqaf Arcella; Spinabello u Gerardo, li l-Papa Girgor IX isemmihom fil-bulla *Litteras quas*.

4 Malli wasal f'Padova bir-rieda divina, hu kien jippriedka xi kultant, hekk li matul ix-xitwa kollha[65] applika lilu nnifsu għall-istudji, u fuq it-talba ta' l-isqof ta' Ostia[66], iddedika ruħu biex jikteb il-Priedki għall-festi tal-qaddisin li huma meqjumin matul is-sena[67]. 5 Filwaqt li l-qaddej ta' Alla kien okkupat għall-ġid tal-proxxmu, *beda riesaq iż-żmien* (Lhud 9,9) tar-Randan[68]. Billi hu ra li dan kien *żmien tajjeb u jum ta' salvazzjoni* (2Kor 6,2), hu waqqaf il-ħidma li kien beda u ingħata b'ruħu u ġismu biex jippriedka lill-poplu bil-għatx għat-tagħlim.

6 Kien hemm imħeġġeġ mill-ħerqa ħajja ta' predikazzjoni, li hu iddeċieda li jippriedka għal erbgħin jum bla jaqtgħu[69]. U tassew

---

65 L-espressjoni *per totum hyemis spacium* tindika żmien wisq twil. X'aktarx li S. Antnin ingħata għall-kompożizzjoni tas-*Sermones Festivi* sal-bidu ta' Frar, fiż-żmien li fih ix-xitwa tkun l-aktar iebsa.

66 L-isqof ta' Ostia kien Rainaldo di Jenne, mid-djoċesi ta' Anagni, li kien jiġi mill-Papa Girgor IX. Twieled lejn tmiem is-seklu 13, u kellu l-istess età ta' S. Antnin. Sar kardinal ta' S. Eustachio fit-18 ta' Settembru 1227, isqof ta' Ostia fl-1231-32, u Papa bl-isem ta' Alessandru IV (12 ta' Diċembru 1254 – 25 ta' Mejju 1261). Kien kardinal protettur tal-patrijiet Minuri wara l-mewt ta' Girgor IX, fl-1241. L-*Asd* tgħid li Rainaldo kien diġà isqof ta' Ostia fl-1230, imma dan mhux eżatt. Dan il-prelat iltaqa' ma' S. Antnin u sar jafu meta l-Qaddis kien fil-kurja papali fl-1230. Kien devot tal-moviment Franġiskan u wera devozzjoni partikulari lejn S. Antnin, hekk li fit-18 ta' Frar 1255 kiteb lin-nies ta' Barcellona biex jiċċelebraw solennement il-festa ta' S. Antnin. Fit-28 ta' Lulju 1255 ta indulġenza lil min iżur il-knisja tal-patrijiet Minuri (Frari) ta' Venezia, u fis-17 ta' Lulju 1256 ta indulġenza lil min jagħti offerti biex jintemm il-bini tal-bażilika ta' S. Antnin f'Padova. Fil-25 ta' Lulju 1256 ta indulġenza lil min iżur fil-jum tal-festa tagħhom u fl-ottava l-knejjes ta' S. Franġisk u S. Klara f'Assisi, S. Antnin f'Padova, S. Maria degli Angeli f'Assisi, u La Verna.

67 In-numru ta' festi ta' qaddisin kienu 20, mill-Milied sa S. Pietru u S. Pawl. Lil kull waħda minnhom S. Antnin jiddedika minn 3 sa 7 *sermones*. Fil-manuskritti huma magħrufin bl-isem *Sermones festivi* jew *festivitatum* jew *in sollemnitatibus*, jew l-aktar *Sermones de Sanctis*. Fil-fatt il-festi tal-qaddisin kienu biss 8, għax l-oħrajn kienu festi tal-Mulej, tal-Verġni Marija u oħrajn (l-Erbgħa tar-rmied, ir-Rogazzjonijiet, Penteskoste).

68 Fl-1231 l-Għid kien ġie kmieni ħafna, jiġifieri fit-23 ta' Marzu, u hekk ir-Randan kien beda fil-5 ta' Frar.

69 Dan kien l-ewwel *quaresimale* (kwareżimal), jiġifieri Randan sħiħ ippriedkat, li qatt sar fl-istorja tal-Knisja. Ma nafux jekk il-Qaddis kien qatt għamel xi ħaġa simili qabel ma għamel dan il-kwareżimal f'Padova.

irnexxielu jagħmel dan. 7 Dak li jgħaġġibna hu li, għalkemm hu kien dejjem imxekkel mill-fatt li ġismu kien oħxon min-natura tiegħu, u fuq kollox kien imħabbat minn mard kontinwu[70], imma qatt ma kien jehda miż-żelu għall-ħidma għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, u hekk hu kompla jippriedka bil-perseveranza, jgħallem[71] u jqarar *sa nżul ix-xemx* (S 112,3), u bosta drabi dan kien jagħmlu meta jkun sajjem.

## 12 – DWAR IL-PERSEKUZZJONI TAX-XITAN U L-MIRAKLU TAD-DAWL

[12] 1 Dak li jgħir għall-ħajja tal-virtù, *l-għadu tal-qedem* (Apk 12,9) ma jehdiex milli jieqaf lil *kull opra tajba* (1Tim 6,18; Titu 3,8.14). Hu ried ixekkel lill-qaddej ta' Alla Antnin milli jaħdem b'riżq is-salvazzjoni, u hekk kien jersaq lejh bil-lejl biex jingannah bil-qerq[72]. 2 Se nirrakkonta ġrajja vera, li sar jafha wieħed mill-aħwa mill-istess qaddis ta' Alla, meta dan kien għadu ħaj[73].

---

70 L-aġjografu jurina kemm Antnin kien ibati f'saħħtu. Kemm minħabba l-ħajja ta' penitenza li kien għex fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo, kif ukoll minħabba t-taħbit ta' vjaġġi bla jaqtgħu ta' predikazzjoni, u wkoll ta' min iżid is-sawm li kien jagħmel matul ir-Randan, S. Antnin lejn tmiem ħajtu marad gravement. Mir-*Raymundina* jidher li l-marda tal-ħxuna ta' S. Antnin kienet l-idropisija (kien mimli bl-ilma), u x'aktarx li din kienet ukoll il-kawża tal-mewt tiegħu.

71 S. Antnin kien għallem l-Iskrittura mqaddsa lill-patrijiet f'Bologna, Montpellier, Toulouse, u wkoll f'S. Maria f'Padova. It-tagħlim tiegħu ma kienx proprjament teoloġija kif nifhmuha llum, imma x'aktarx *lectio* kummentata tas-siltiet bibliċi, skond l-4 sensi letterali, allegoriku, morali u anagoġiku. Il-metodu tat-tagħlim tiegħu nistgħu nifhmuh faċilment jekk naqraw is-*Sermones*, fejn tingħata importanza lill-element morali fuq dak spekulattiv.

72 Dan l-episodju jimmarka eċċezzjoni f'din il-parti ta' l-*Assidua*, li fiha l-awtur jevita avvenimenti soprannaturali. Jidher li dan l-episodju ta' l-attakk djaboliku fuq S. Antnin hu jinkludih minħabba l-qawwa tax-xhieda tal-patri li kien semagħha mill-istess fomm tal-Qaddis.

73 X'aktarx li dak li irrakkonta l-ġrajja lill-awtur ta' l-*Asd* kien wieħed minn sħab il-Qaddis li kienu jakkumpanjawh fil-vjaġġi apostoliċi tiegħu, u li billi kien jorqod f'ċella qrib dik tal-Qaddis seta' ra b'għajnejh u sema' b'widnejh il-fatti li jirrakkonta.

Lejl minnhom, fil-bidu ta' l-apostolat tiegħu fir-Randan li dwaru tkellimna, filwaqt li kien qiegħed iserraħ il-membri għajjenin ta' ġismu bil-benefiċċju ta' l-irqad, ix-xitan resaq u beda jagħfas bi vjolenza l-gerżuma tal-bniedem ta' Alla, hekk li ipprova joħonqu[74]. 3 Imma hu, beda jsejjaħ l-isem tal-Verġni glorjuża[75], u immarka lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib li jagħti l-ħajja. B'hekk dak il-ħin stess hu ħarrab lill-għadu tal-ġens kollu tal-bnedmin, u mall-ewwel ħassu jistrieħ. 4 U billi hu xtaq jara lil dak li kien ħarab minnu, f'dak il-ħin iċ-ċella[76] li fiha kien mimdud ġiet imdawwla kollha kemm b'dija tiddi. Aħna konvinti li dak id-dawl jiddi niżel fiċ-ċella bil-qawwa divina, u dak li *jgħammar mas-setgħat tad-dlamijiet* (Ef 6,12; Lq 22,53) ma felaħx għal dak id-dawl jgħammex u kellu jaħrab kollu mħawwad.

## 13 – IL-QIMA LI UREWH IN-NIES TA' PADOVA U L-FROTT TAL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU

[13] 1 Wara li l-qaddej ta' Alla Antnin sab *il-bieb tal-kelma miftuħ* (Kol 4,3) biex ikun jista' jippriedka, u l-poplu li bi ħġaru *kien jiġi jisimgħu minn kullimkien* (Mk 1,45) għax kien qisu art bil-għatx għax-xita, hu iddeċieda li jibda jippriedka kuljum fil-knejjes stazzjonali tal-belt[77]. Imma minħabba l-qtajjiet kbar ta' irġiel u nisa li bdew jiġu,

---

74 Jidher għall-ewwel darba l-għadu l-qadim (*hostis antiquus*) li jfixkel il-ħidma evanġelika ta' S. Antnin. Il-kriżi li kellu bil-lejl il-Qaddis, mil-lat xjentifiku, setgħet kienet tip ta' endema pulmonari.

75 Mill-kitbiet ta' S. Antnin nindunaw mall-ewwel bid-devozzjoni qawwija li kellu lejn il-Verġni mqaddsa Marija. Fis-*Sermones Dominicales* hemm 4 priedki marjani, u 2 oħrajn fis-*Sermones Festivi*, imma riferimenti għall-Verġni Marija jinsabu f'ħafna priedki oħrajn tal-Qaddis. Id-devozzjoni ta' S. Antnin lejn il-Verġni Marija tiġi konfermata mill-*Asd,* kap. 17, fil-mument tal-mewt tiegħu, meta l-Qaddis kanta l-innu *O gloriosa Domina*, u ried li jmut fil-knisja ta' *Sancta Maria Mater Domini* f'Padova.

76 Ir-rakkont juri li l-Qaddis kien jistrieħ f'ċella għalih waħdu, kif jagħmel ukoll meta jmur Camposampiero fiċ-ċella fuq is-siġra tal-ġewż, u kif kienu jagħmlu l-eremiti kollha. Julian minn Speyer, fil-*Vita secunda* 6, isejjaħ il-kamra tal-Qaddis fil-kunvent ta' S. Maria bl-isem ta' *cellula*.

77 Skond id-drawwa Franġiskana, li kienet trid li l-predikaturi jkunu fi qbil ma' l-awtorità ekkleżjastika fl-organizzazzjoni tal-ministeru tal-predikazzjoni,

lanqas il-knejjes ma felħu jesgħu dak il-poplu kollu, u billi l-għadd tassemmiegħa kien *dejjem jiżdied* (Atti 6,1), hu kellu joħroġ jippriedka barra, fl-għelieqi wesgħin[78].

2 Kien jiġu folol bla tarf ta' rġiel u nisa mill-bliet, kastelli u rħula li hemm madwar Padova, ilkoll bil-għatx biex jisimgħu bl-akbar devozzjoni *l-kelma tal-ħajja* (Fil 2,16), u kellhom *tama ċerta* (2Kor 1,7) li setgħu jiksbu s-salvazzjoni jekk joqogħdu għat-tagħlim tiegħu. 3 Kienu jqumu f'nofs il-lejl, u kienu jmorru jħaffu min jasal l-ewwel, filwaqt li kienu jġorru dwal jaqbdu biex jaslu bl-akbar ħerqa fil-post fejn hu kellu jippriedka. 4 Kont tista' tara kavallieri u nisa nobbli jiġru fid-dalma tal-lejl, u nies li soltu mdorrijin jgħaddu parti kbira mill-jum mimdudin f'sodod komdi, jingħad li mingħajr l-ebda dwejjaq għannuqqas ta' kumdità kienu joqogħu jistennew bil-ħerqa biex *jidhru quddiem* (S 94,2) dan il-predikatur.

5 Kienu jiġu l-anzjani, kienu jiġru ż-żgħażagħ, irġiel u nisa ta' kull età u kundizzjoni; u lkoll, filwaqt li kienu jħallu warajhom it-tiżjin, kienu jilbsu qishom reliġjużi. 6 L-istess isqof miqjum ta' Padova[79], flimkien mal-kleru tiegħu, kien jiġi bil-qima kollha biex jisma' l-priedki tal-qaddej ta' Alla Antnin, u filwaqt *li kien ta' eżempju għall-merħla*

Antnin organizza l-predikazzjoni penitenzjali tiegħu fir-Randan fi qbil ma' l-isqof u l-kleru sekulari ta' Padova. Dawk li l-awtur isejħilhom *stationes cotidiane* jindikaw it-tradizzjoni tal-Knisja ta' Ruma li, fil-jiem kollha tar-Randan, kienet tiltaqa' fi knisja «stazzjonali», biex tiċċelebra l-liturġija u tisma' l-priedka. Jidher li l-quddiesa u l-priedka kienu jsiru filgħodu, imma l-kuntatti man-nies fil-qrar u t-tagħlim, żjajjar lill-morda u impenji favur il-paċi, kienu jokkupawlu l-kumplament tal-ġurnata. Dak iż-żmien f'Padova kien 155 knisja, flimkien mal-kattidral (*maior ecclesia*).

78 L-akbar knisja ta' Padova kienet il-kattidral fi stil romaniku, u mbagħad warajh kien hemm l-abbazija ta' S. Giustina, S. Benedetto, S. Sofia. L-espressjoni *spaciosa pratorum* (għelieqi wesgħin) tista' tirreferi għall-Prato della Valle, fejn kien isir is-suq, jew inkella l-arena rumana.

79 L-isqof ta' Padova kien Jacopo di Corrado, elett fl-1229 u miet fl-1239. Kien kanonku u arċipriet tal-kattidral, u sar ragħaj tassew imfaħħar tal-merħla tiegħu, għax kien ippromwova kemm felaħ dan il-kwareżimal ta' S. Antnin. Fl-*Assidua* l-isqof Jacopo jidher quddiemnett fil-kwestjoni famuża dwar il-post tad-difna tal-Qaddis (kap. 20; 23-24) kif ukoll għall-ġieħ kbir li hu offra lill-bniedem ta' Alla meta ġie jqimu fuq il-qabar (kap. 26) u għax-xhieda li ta fil-proċess ta' kanonizzazzjoni (kap. 27).

*tiegħu* (1Pt 5,3), hu kien jgħallem lin-nies biex jisimgħuh u joffri lil kulħadd eżempju ta' umiltà.

7 Kienet hekk ħajja x-xewqa ta' kulħadd u ta' kull wieħed li jisimgħu dak li l-qaddis kien jippriedka li, ta' spiss, kif jirrakkontaw, għalkemm kien ikun hemm mat-tletin elf persuna jisimgħu l-priedka, *ma kienx jinstema' leħen* (Iż 65,19; Ġer 8,19) jew ħoss ta' dawk il-qtajjiet; imma fi skiet bla jaqta', *bħallikieku kienu raġel wieħed* (Esd 3,1.9; Neħ 7,66), kollha kienu jżommu ruħhom attenta u jdawwru widnejhom lejn dak li kien jitkellem. 8 L-istess negozjanti, li kellhom ħwienet ta' kull xorta biex ibiegħu l-merkanzija tagħhom, imqanqlin minn xewqa kbira li jisimgħuh, ma kienux joħorġu l-merkanzija tagħhom qabel ma tintemm il-priedka.

9 In-nisa, imqanqlin bid-devozzjoni, kienu jġibu magħhom imqass biex jippruvaw jaqtgħu xi biċċa mit-tonka tiegħu bħallikieku kienet relikwa; kienu jħossuhom ixxurtjati jekk kien jirnexxilhom *imissu mqar it-tarf tal-libsa tiegħu* (Mt 14,36). 10 Lanqas kien faċli għalih biex jiddefendi ruħu mir-rassa ta' nies li kienu jduru miegħu, kieku ma kienux idawwruh ċorma żgħażagħ f'saħħithom, jew inkella ma kienx jirnexxilu jidħol għall-kenn f'xi post xiertaq, jew inkella jistenna sakemm il-folla tan-nies tkun tferrxet.

11 Hu kien ireġġa' lil dawk li ma jaqblux flimkien għall-paċi bejn l-aħwa; kien *jagħti l-ħelsien lill-ħabsin* (Dt 15,13); kien iġiegħel li jintradd lura *dak li ittieħed bil-vjolenza* (Iż 9,5) jew bl-użura. B'hekk kien jiġri li, filwaqt li n-nies kienu *jbiegħu djar u għelieqi, kienu jġibu l-prezz tagħhom u jqiegħduh f'riġlejn* (Atti 4,34-35) il-qaddis. Fuq il-parir tiegħu, dak kollu li kien ittieħed b'intenzjoni tajba jew ħażina, kien jerġa' jintradd lura[80]. 12 Kien jeħles lin-nisa prostituti minn dan ix-xogħol ikraħ, u kien iżomm lil ħallelin magħrufin milli jmissu b'idejhom il-ġid ta' l-oħrajn. B'hekk, wara li għadda dawn l-erbgħin jum jippriedka, bil-grazzja tal-ħeġġa tiegħu hu ġabar ħsad tajjeb għall-Mulej.

---

80 Din in-nota tista' tkun riferiment għall-intervent ta' S. Antnin quddiem il-*podestà* u l-kunsill tal-*comune* ta' Padova, proprju f'dik is-sena, approvat fis-17 ta' Marzu 1231, biex issir liġi li tiddefendi lil dawk li kienu issellfu flus u ma setgħux iħallsuhom lura. L-attakki kontra l-użura kienu tema kontinwa fil-predikazzjoni Franġiskana.

13 Ma nistgħux nisktu dwar kif hu kien jibgħat qtajjiet ta' rġiel u nisa biex iqerru dnubiethom[81], hekk li lanqas kien ikun hemm patrijiet biżżejjed biex iqarruhom, u lanqas saċerdoti oħrajn magħhom, li kienu jakkumpanjawhom f'għadd mhux żgħir. 14 Xi penitenti kienu jgħidu li kienu ġew imwissijin biex jiġu jqerru għand Antnin minn viżjoni divina, u biex jobdu l-pariri li kien jagħtihom. 15 Oħrajn, wara l-mewt tiegħu, filwaqt li fetħu qalbhom mal-patrijiet, kienu jaffermaw li l-imqaddes Antnin kien deherilhom huma u kienu reqdin, u kien indikalhom l-isem tal-patri li bagħathom iqerru għandu.

## 14 – DWAR KIF ĦABBAR MINN QABEL JUM IL-MEWT TIEGĦU

[14] 1 Antnin, il-konfessur glorjuż tal-Mulej[82], kien jaf minn ħafna qabel il-jum tal-mewt tiegħu; imma biex ma jnissilx niket f'ħutu l-patrijiet kien jipprova jaħbi b'attenzjoni l-fatt li ġismu kien qiegħed joqrob lejn it-tmiem fi żmien qasir. 2 Xi ħmistax-il ġurnata qabel ma

[81] Il-penitenza sagramentali jew qrar kien il-frott obbligatorju tal-predikazzjoni, li kienet tinbena fuq il-preċetti morali ta' l-Evanġelju u twassal għall-konverżjoni tal-ħajja. Nafu bl-eżistenza ta' privileġġ papali partikulari li, għall-ġid ta' l-erwieħ, kien neħħa l-ordni mogħti mill-Konċilju Lateran IV (1215), li bih il-fidili kellhom iqerru almenu darba fis-sena (*saltem semel in anno*) għand il-kappillan tagħhom. Jekk xi ħadd ried iqerr għand saċerdot ieħor, kellu permess li jagħmel dan, imma biss wara li jkun talab permess u kunsens mill-kappillan tiegħu, pena l-invalidità tal-qrara. Kien biss fl-1254 li Innoċenz IV, wara protesti bla jaqtgħu mill-kleru sekular, ipprova jerġa' jistabilixxi dak li kien qal il-Konċilju Lateran IV, u ipprojbixxa lill-Predikaturi u lill-Minuri li jqarru lin-nies, jekk dawn ma kellhomx qabel il-permess li jiġu għandhom mogħti mill-kappillan tagħhom (Bulla *Etsi animarum,* 21 ta' Novembru 1254). Nafu, iżda, li din il-preskrizzjoni ftit damet isseħħ, għax il-Papa Alessandru IV irrevokaha bil-Bulla *Nec insolitum* (22 Diċembru 1254).

[82] L-espressjoni *confessor Domini* hi meħuda mill-Innu ta' l-Għasar tal-komun tal-Konfessuri fil-Brevjar Ruman: *Iste, confessor Domini colentes*. Cfr. SULPICIUS SEVERUS, *Ep. 3 de beati Martini morte,* 6: *Martinus igitur obitum suum longe ante praesciuit, dixitque fratribus dissolutionem sui corporis inminere;* SULPICIUS SEVERUS, *Vita Sancti Martini* («Sources chrétiennes» 133, Paris 1967, 336), PL 20,181.

hu ħallas id-dejn tal-ġisem[83], filwaqt li kien qiegħed jikkontempla l-wita għammiela ta' Padova mill-għolja li fuqha kien qiegħed, hu *feraħ fl-ispirtu tiegħu* (Lq 1,47; 10,21) u beda jfaħħar b'ħafna kliem ta' tifħir il-post sabiħ li fih kienet mibnija din il-belt[84].

3 Imbagħad dar lejn il-patri li kien qiegħed jakkumpanjah fil-vjaġġ, u ħabbar minn qabel li dik il-belt kellha dalwaqt tiġi mżejna minn ġieħ kbir. Imma hu ma ta l-ebda ħjiel rigward min kellu jgawdi dak il-ġieħ u min kellu jagħtih lil dik il-belt. 4 Aħna naħsbu b'ċertezza li dan il-ġieħ lill-belt ta' Padova ma kienx ġej jekk mhux mill-merti tal-qdusija ta' Antnin, li fi żmien qasir kellha tiġi hemmhekk issir magħrufa. Dan il-ġieħ aħna diġà narawh jiddi b'mod hekk ta' l-għaġeb u jiġi mgħolli b'tifħir liema bħalu[85].

## 15 – DWAR IĊ-ĊELLA LI RIED LI JLESTULU FUQ IS-SIĠRA TAL-ĠEWŻ

[15] 1 Ġara li, filwaqt li kienu qegħdin iseħħu dawn il-ġrajja, kien riesaq *iż-żmien tal-ħsad* (Mħ 15,1). 2 Il-qaddej fidil u prudenti tal-Mulej, meta ra li n-nies kienu issa mogħtijin għall-ħidma meħtieġa biex jaħsdu l-qamħ, deherlu li kien jaqbel li jieqaf mill-predikazzjoni sa ma jiġi żmien ieħor tajjeb. *Wara li bagħat lin-nies* (Mt 14,23), beda jfittex

83 Ninsabu lejn tmiem Mejju 1231. Il-bijografi ta' S. Antnin is-soltu jitkellmu dwar il-waqfa tal-Qaddis fuq il-colli Euganei, qrib Padova, meta kien ġej lura minn Verona, fejn hu kien mar biex jitlob il-ħelsien tal-konti Rizzardo di San Bonifacio. Kienet missjoni li spiċċat f'falliment. X'aktarx, iżda, li dan il-vjaġġ S. Antnin ma setax jagħmlu fl-1231, meta kien diġà marid u sfinit mill-predikazzjoni tar-Randan, u hu aktar probabbli li hu kien mar Verona s-sena ta' qabel, fil-ħarifa ta' l-1230, b'inizjattiva personali ta' karità. Fil-fatt, hu kien tqanqal bil-ħniena meta ra kif in-nies ta' Verona kienu sofrew attakk feroċi mill-eżerċitu ta' Padova f'Settembru 1230.

84 Xena fi stil Franġiskan, li turi lill-predikatur famuż jifraħ quddiem id-dehra tal-belt ta' Padova, fir-rebbiegħa ta' l-1231. Din in-nota turi wkoll l-umanità kbira ta' S. Antnin u l-qalb Franġiskana li kellu.

85 Madwar l-1336 frate Elemosina minn Assisi, fil-*Cronaca* 6, p. 383 jafferma li S. Antnin *Paduanam urbem doctrina et miraculis preclaram fecit et famosam reddidit in toto orbe* («għamel lil Padova belt tiddi u famuża mad-dinja kollha minħabba d-duttrina u l-mirakli»).

post maqtugħ għalih waħdu, u mar f'post jismu Camposampiero, bil-ħerqa li kellu li jsib il-grazzja tas-solitudni[86].

3 Mimli ferħ għall-wasla tiegħu, ir-raġel nobbli li kien jismu Tiso[87] offra bil-qima kollha lill-qaddej ta' Alla Antnin ir-rispett tal-kortesija tiegħu. L-eremitaġġ tal-patrijiet, fil-fatt, kien jinsab fil-proprjetà tiegħu. 4 Dan is-sinjur nobbli kellu, mhux ħafna bogħod mill-eremitaġġ tal-patrijiet, bosk b'ħafna siġar, li fih, fost il-ħafna siġar li kienu jikbru, kien hemm siġra tal-ġewż kbira ħafna, li miz-zokk tagħha kienu joħorġu sitt friegħi ħoxnin u jogħlew 'il fuq, filwaqt li kienu jiffurmaw bħal kuruna ta' friegħi. 5 Jum minnhom ir-raġel ta' Alla

86 L-istess espressjonijiet jintużaw meta jiġi deskritt l-irtir tal-Qaddis fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo: *relictis secularium turbis, loca quietis conscia penetravit* (kap. 7). Antnin kien jaf li l-mewt kienet fil-qrib, u ma kienx iħossu b'saħħtu biex imur jippriedka fil-Marca Trevigiana, kif kien għamel fl-1229-1230. Il-patrijiet Minuri kienu kisbu privileġġ li jkollhom altar mobbli fl-eremitaġġi tagħhom biex fuqu jiċċelebraw il-quddiesa, fil-Bulla *Quia populares tumultus* tal-Papa Onorju III (3 ta' Diċembru 1224): *quia populares tumultus, tanquam qui vestro adversantur proposito, fugientes, secretos recessus libenter appetitis, ut in sancta quiete liberius vacare possitis* (FSF 1700: «Billi intom ħrabtu mill-ħsejjes tal-folol fil-pjazez għax dan jista' jfixkel il-għamla ta' ħajja li wegħedtu, intom bil-qalb tfittxu postijiet maqtugħin biex tkunu tistgħu tingħataw b'libertà akbar għas-skiet qaddis u għat-talb»). Il-kastell ta' *Campus Sancti Petri* (Camposampiero) kien proprjetà ta' familja fewdali fil-provinċja ta' Padova. Hemmhekk hemm is-santwarju «del Noce» (tas-siġra tal-ġewż), fejn fl-1967 ġie inawgurat monasteru tal-Klarissi.

87 Skond tradizzjoni lokali kien fis-sena tal-paċi 1229-1230 li Tiso IV ta' Camposampiero (*vir nobilis, potens, magnificus et preclarus*) ikkonverta bil-predikazzjoni ta' S. Antnin, u abbanduna l-ħajja tal-vizzju u tal-ġlied bejn partiti. Fil-fatt, jidher li l-istorja tal-konverżjoni ta' Ezzelino kienet ġiet imħallta ma' l-istorja tal-konverżjoni ta' dan Tiso IV, nobbli tal-Marca Trevigiana, u li x'aktarx li hi l-aktar awtentika. Dan ir-raġel nobbli kien twieled fl-1164, u kellu ħajja mqallba u mimlija ġlied man-nobbli fewdatarji l-oħrjan ta' dik iż-żona, speċjalment mal-familja Da Romano. Hu rebaħ il-Marca ta' Ancona għall-markiż d'Este (1215-1216), u mbagħad sar gvernatur hemmhekk bejn l-1218 u l-1223. Forsi kien f'dawn l-artijiet li sar jaf bil-Franġiskani. Meta reġa' lura fil-kastell tiegħu, waqqaf eremitaġġ għall-Franġiskani f'Camposampiero, u hawnhekk sar jaf lil S. Antnin. Xi bijografiji tardivi jgħidu li miet Terzjarju Franġiskan fl-1234. Baqa' magħruf fl-istorja bħala ħabib ta' S. Antnin. Il-familja ta' Tiso IV ta' Camposampiero baqa' jkollha dixxendenti sal-ġurnata tallum.

baqa' mistagħġeb bis-sbuħija ta' din is-siġra, u mqanqal mill-Ispirtu, xtaq li jagħmel ċella għalih innifsu fuq din is-siġra tal-ġewż, għaliex dak il-post kien joffri okkażjoni mill-aktar favorevoli għas-solitudni u għall-kontemplazzjoni.

6 Dak ir-raġel nobbli, malli sar jaf bix-xewqa ta' Antnin permezz tal-patrijiet, wara li bena travi li jaqsmu fuq iz-zkuk ħoxnin f'forma kwadra, b'idejh stess ħejja ċella taz-zkuk u l-qasab. Għamel ċelel jixbħuha liż-żewġ patrijiet[88] li kienu jakkumpanjaw lil Antnin, filwaqt li ħa ħsieb bl-akbar reqqa ċ-ċella fil-għoli li hu kien ħejja għall-qaddis, u bena l-oħrajn skond ix-xewqa tal-patrijiet, imma b'inqas kura. 7 F'din iċ-ċella l-qaddej ta' Alla Antnin kien jgħix ħajja tas-sema, mogħti kollu kemm hu bħal naħla bieżla għall-kontemplazzjoni qaddisa[89]. Din iċ-ċella kellha tkun l-aħħar *tinda ta' l-għamara tiegħu* (2Kor 5,1) fost il-bnedmin; meta tela' joqgħod hemm fuq, hu diġà beda juri li kien riesaq lejn is-sema.

TMIEM TA' L-EWWEL TAQSIMA

88 Wieħed minn dawn il-patrijiet kien fra Ruggero, li jissemma fl-*Asd* 17, u l-ieħor ċertament kien fra Luca, magħruf dejjem bħala *socius sancti Antonii*. Skond it-tradizzjoni lokali Luca kien imnissel mill-familja nobbli Belludi, skond atti notarili li jmorru lura sa l-1285, u skond il-*Benignitas*. Il-kult tiegħu bħala Beatu ġie approvat mill-Papa Piju XI fl-1927.

89 Xi bijografiji juru lill-Qaddis li, fiċ-ċella tiegħu fuq is-siġra tal-ġewż, *die noctuque regirans vetus Testamentum et novum, scribere parabat utilia toti populo christiano* («lejl u nhar iqalleb it-Testment il-qadim u l-ġdid, u jikteb biex iħejji dak li deherlu li kien meħtieġ għall-poplu kristjan»). Hemm min jgħid li kien f'dan il-ħin ta' l-aħħar irtir tiegħu fuq din l-art li S. Antnin ikkompona, jew almenu ipperfezzjona, is-*Sermones Festivi*.

# II
# TIBDA T-TIENI TAQSIMA

## 16 – PROLOGU

[16] 1 Fl-ewwel taqsima ta' dan it-trattat tagħna, li bil-grazzja u l-qawwa ta' l-Aktar Għoli aħna wassalna għat-tmiem, irrakkontajna b'devozzjoni umli, imma wara li aċċertajna ruħna mill-verità tal-fatti, il-ħajja u l-għemejjel tal-wisq hieni missier tagħna Antnin. 2 Fit-taqsima li jmiss jidhrilna li jeħtieġ niġbru f'dan il-ktieb l-għemejjel ta' l-għaġeb li Alla l-Għoli għoġbu jaħdem permezz tiegħu mill-jum tal-mewt tiegħu u fiż-żmien ta' wara[90], skond kif għaddewhom lilna fir-rakkonti tagħhom irġiel ta' min joqgħod fuqhom.

3 Imma billi aħna ma nistgħux inkunu nafu kollox, u wkoll biex ma noqogħdux indejjqu lill-qarrejja b'kotra bla għadd ta' mirakli, iddeċidejna li nirreferu biss dawk li jidhrulna li huma l-aktar importanti: sabiex hekk id-devozzjoni ta' l-insara tkun tista' trodd tifħir lil Alla, filwaqt li dawk li jixxennqu għal *kliem sewwa li jedifika* (Ef 4,29) jkollhom dejjem il-possibilità ta' żjidiet li jistgħu jinkitbu.

## 17 – DWAR IT-TRANSITU TIEGĦU

[17] 1 Fis-sena ta' l-inkarnazzjoni tal-Mulej 1231[91], fir-raba' *indictio*[92],

90 Fl-ewwel parti ta' l-*Assidua* l-awtur iddedika ruħu għall-*vita et actus* ta' S. Antnin. F'din it-tieni taqsima hu jagħti importanza għall-għeġubijiet (*mira*) li bdew iseħħu mill-jum stess tal-mewt tal-Qaddis. Il-mirakli fuq il-qabar tiegħu bdew iseħħu minn wara d-difna tiegħu, u qanqlu d-devozzjoni ta' l-insara ta' Padova li, ftit qabel, kienu f'tarf ta' gwerra ċivili minħabba l-istess relikwi tal-Qaddis. It-tieni taqsima twassal għall-inkurunament ta' dawn l-għeġubijiet biċ-ċeremonja tal-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin.

91 Deskrizzjoni simili kronoloġika nsibuha dwar il-mewt ta' S. Franġisk f'1C 88 (FSF 279): *Anno siquidem Dominicae incarnationis millesimo ducentesimo vicesimo sexto, quarta decima indictione, quarto nonas octobris, die dominico, beatissimus pater noster Franciscus in civitate Assisii, de qua ortus est, apud sanctam Mariam de Portiuncula ... egressus de carnis ergastulo.*

92 L-*indictio* kienet perjodu ta' żmien li kien jirrikorri kull 15-il sena fi stil ċikliku. In-numru miżjud ma' l-*indictio* kien jindika s-sena speċifika f'dak

fil-jum tlittax tax-xahar ta' Ġunju, li kien jum il-Ġimgħa, il-missier wisq qaddis u ħuna Antnin, imwieled fi Spanja[93]; fil-belt ta' Padova, li fiha l-aktar Għoli għoġbu *jkabbarlu ismu* (S 137,2), fil-post tal-patrijiet ta' Arcella[94], wara li *daħal fit-triq tat-tmiem tal-ħajjin kollha* (Ġen 6,13; 1Slat 2,2), hu għadda bil-hena lejn il-għamara ta' l-ispirti tas-sema.

2 Hekk mela, hu kien ħalla warajh il-folol tan-nies, li kienu jiġru bi ħġarhom minn kullimkien biex jarawh u jisimgħuh, u mill-belt ta' Padova kien irtira f'Camposampiero, biex hemmhekk isib il-grazzja tas-skiet u jingħata biss fil-kontemplazzjoni ta' Alla. Hu ried inaddaf ruħu *bid-dmugħ* tad-devozzjoni, u *jixxottahom bix-xagħar* (Lq 7,38) tal-meditazzjoni qaddisa, li ma jmurx jiġri, kif ġie li jingħata, li jeħel miegħu *t-trab* (Lq 10,11) tal-konversazzjoni mas-sekulari.

3 Jum minnhom[95], waqt il-ħin ta' l-ikel, malli ġie msejjaħ mill-qanpiena ċkejkna, hu niżel miċ-ċella tiegħu li kienu bnewlu fuq is-siġra tal-ġewż, u kif kien soltu jagħmel, mar joqgħod bilqiegħda fuq il-mejda ma' ħutu l-patrijiet. 4 Imma *niżlet fuqu id il-Mulej* (Eżek 1,3), u f'daqqa waħda l-forzi kollha ta' ġismu ħallewh. Billi beda jħossu ħażin u kien

iċ-ċiklu. L-*indictio* Rumana jew Papali kienet tiġi determinata billi wieħed iżid in-numru 3 mas-sena li tkun, u mbagħad jiddividi s-somma bin-numru 15. Is-sena 1230 kienet waħda li fiha kien jibda ċiklu ġdid ta' 15-il sena (1200 – 1215 – 1230). L-1231, meta miet S. Antnin, kienet l-1 sena, li magħha wieħed iżid in-numru 3, biex jasal għar-4 *indictio*. Is-sena 1226, meta miet S. Franġisk, kienet il-11-il waħda wara l-1215, li magħha trid iżżid in-numru 3, biex tasal għall-14 l-*indictio*.

93 Antnin jingħad li kien *natione Hyspanus*, li ġenerikament ifisser li kien mill-penisola Iberika (Spanja u l-Portugal). Fil-fatt, nafu li S. Antnin kien Portugiż minn Lisbona.

94 L-eremitaġġ ta' Cella li jirreferi għalih l-awtur hawnhekk ma jikkorrispondix topografikament ma' dik li hi attwalment Arcella. Dan, fil-fatt, kien jinsab xi nofs mil 'il barra mill-belt, u għaldaqstant kien aktar 'il fuq mill-istazzjon tal-ferrovija tallum. Il-monasteru tal-Klarissi u l-knisja ta' S. Maria ġew imwaqqfin fl-1517 mir-repubblika ta' Venezia wara l-gwerra tal-lega ta' Cambrai, biex hekk il-belt ta' Padova ma jkollhiex bini għoli barra mis-swar li jista' jkun ta' periklu strateġiku. Id-*domus* tal-patrijiet kien eremitaġġ ċkejken li fih kienu jgħixu 4 patrijiet biex jgħinu lill-monasteru tas-Sorijiet Foqra li kien hemm f'dan il-post. Ir-Regola ta' S. Klara, kap. 12, trid li mal-monasteru tas-sorijiet jgħixu saċerdot kappillan ma' sieħbu kjerku, u żewġ frajiet lajċi biex jittallbu l-karità għas-sorijiet.

95 Dan id-*die quadam* kellu jkun il-jum imbierek tal-mewt ta' S. Antnin, it-13 ta' Ġunju 1231.

sejjer għall-agħar minn ħin għall-ieħor, il-qaddis, imwieżen minn ħutu l-patrijiet, *qam minn fuq il-mejda* (Ġw 13,4), u billi ma felaħx iżjed iġorr il-ġisem tiegħu li beda jogħtor, kellu jintasab fuq sodda bil-friex taz-zkuk.

5 Billi l-qaddej ta' Alla Antnin kien iħoss li qed joqrob it-tmiem għall-ġisem tiegħu, hu sejjaħ lil wieħed mill-aħwa u sħab tiegħu, li kien jismu Ruggero, u qallu: "Ħija, jekk inti taqbel, jiena nixtieq li mmur lejn Padova, fil-post ta' Santa Maria, per hekk ma nkunx ta' skomdu għal dawn l-aħwa". 6 Ruggero qabel miegħu li din kienet l-aħjar soluzzjoni, u għalhekk *ramaw karru* (Ġen 46,29; Eż 12,3), u meddew il-qaddis fuqu, għalkemm l-aħwa ippruvaw iżommuh magħhom biex ma jħallux jitlaq lejn post ieħor. 7 Imma billi intebħu li din kienet ix-xewqa ta' l-imqaddes Antnin, għalkemm kontra qalbhom, spiċċaw biex ċedew u ħalluh jitlaq[96].

8 Il-marid kien diġà qed joqrob lejn il-belt, meta iltaqa' miegħu fra Vinoto[97], li kien ġej bil-mixi biex iżur lill-bniedem ta' Alla. Malli dan intebaħ kemm il-marda tiegħu kienet iggravat, *beda jitlob* (Mk 15,8) biex joħduh fil-post tal-patrijiet f'Arcella. Hemmhekk, fil-fatt, kienu jgħixu xi patrijiet, maġenb il-monasteru tas-Sorijiet Foqra[98], biex

---

96 It-triq li l-qaddis moribond għadda minnha kienet il-Via Aurelia, li mill-1964 ingħatalha l-isem ta' *Strada del Santo*, fil-parti li tgħaqqad Loreggia ma Padova.

97 Ma nafu xejn dwar dan fra Vinoto, li kien parti mill-komunità ta' S. Antnin. Fl-arkivju tal-kurja veskovili ta' Padova, hemm manuskritt li jsemmi lil ċertu *frater Vinotus* f'dokument tal-11 ta' Novembru 1256: *presentibus fratre Iacobo et fratre Petro et domino Partinipeo iudice et Iohanne de Cologna et Petro de Casoli et Viviano qui stat ad Cellam et fratre Vinoto et aliis.*

98 Il-monasteru tal-*Povere Dame* (Sorijiet Foqra = Klarissi) ta' Arcella kien ġie mwaqqaf fl-1226. Dokumenti antiki jgħidu li fis-sena li fiha miet, S. Franġisk waqqaf il-knisja ta' *S. Maria de Cella de Caudalonga* fid-distrett ta' Padova. Il-monasteru ta' *Cella de Padua* kien ġie mibni u fondat minn S. Franġisk, li qiegħed l-ewwel ġebla. Dan kien ir-raba' monasteru ta' l-Ordni ta' Santa Klara, wara l-monasteru ta' S. Damiano f'Assisi, ta' Monticelli (Firenze), u ta' Faenza. Imma nafu li fl-1226, ma setax ikun li S. Franġisk, li kien marid gravement, mar Padova. X'aktarx hu sar jaf bil-fundazzjoni u berikha. Ftit snin qabel l-1325 inbena f'Padova, mhux bogħod mill-Ponte delle Torricelle, monasteru ieħor tal-Klarissi. Minn dak il-ħin il-monasteru ta' Arcella beda jiġi indikat bħala *monasterium celle veteris*, filwaqt li dak ta' Torricelle bħala *monasterium celle nove*. Wara li fl-1517 il-Venezjani ħattew il-monasteru ta'

jagħtuhom assistenza spiritwali, skond id-drawwiet ta' l-Ordni. 9 Dak il-patri żied jgħid li kien jista' jinqala' ħafna inkwiet u *taħwid mhux żgħir* (Atti 12,18) fil-kunvent tal-patrijiet, l-aktar għaliex huma u deħlin fil-belt[99], kienu żgur jinkixfu u jduru madwarhom folol ta' sekulari li ma jħalluhomx bi kwiethom. 10 Meta l-qaddej ta' Alla Antnin sema' dawn il-kelmiet, hu aċċetta s-suġġeriment ta' fra Vinoto u, skond ix-xewqa tiegħu, qalilhom jibdlu t-triq u joħduh Arcella.

11 Meta, għaldaqstant il-qaddej ta' Alla Antnin, flimkien mal-patrijiet, daħal Arcella, tqalet fuqu l-id tal-Mulej, u billi l-marda tiegħu aggravat b'mod qawwi, beda jħasseb u jinkwieta mhux ftit lil dawk li kienu miegħu. Wara li ħa ftit tal-mistrieħ, hu stqarr dnubietu u rċieva l-assoluzzjoni[100], u mbagħad beda jkanta l-innu tal-Verġni glorjuża: *O gloriosa Domina*[101].

12 Meta temm l-innu, refa' għajnejh lejn is-sema, u b'ħarsa ta' estasi li tiffissa d-dawl baqa' fit-tul jiċċassa u jħares fil-bogħod. Meta wieħed mill-aħwa li kien iwieżnu staqsieh x'kien qiegħed jara, hu wieġbu: "Qiegħed nara lill-Mulej tiegħi".

13 Il-patrijiet li kienu preżenti, billi kienu jafu li t-tmiem hieni tiegħu kien qorob, iddeċidew li jamministrawlu *ż-żejt tad-dilka* (1Ġw 2,20) mqaddsa. 14 Imma meta l-patri ġab, skond id-drawwa, ż-żejt imbierek, l-imqaddes Antnin ħares lejh u qallu: "Ma hemmx għalfejn,

---

Arcella, l-Klarissi kellhom jidħlu jgħixu f'Padova, fejn bnew monasteru fil-*borgo* ta' Ognissanti. Damu hemmhekk sad-digriet ta' Napuljun ta' l-1806, meta kellhom jerġgħu joħorġu u jmorru jgħixu fil-monasteru tal-Klarissi ta' S. Bernardino ta' Via Eremitani. Din il-komunità wkoll spiċċat fl-1810.

99 Il-knisja u l-kunvent ta' *S. Maria Mater Domini* kien jinsab fil-*contrada* Ruthena, qrib il-Pontecorvo ruman, barra mill-ħitan ta' Padova, u għaldaqstant mhux veru li l-knisja *intra civitatem posita*. Imma fra Vinoto kien jaf li, biex jasal sa S. Maria, il-karru kien irid jaqsam bil-mod il-belt kollha, u fid-dawl tal-jum in-nies żgur li kienu jintebħu li daħal fil-belt Antnin, u kienu jiġru biex jarawh moribond, b'tali mod li kienet tqum konfużjoni u skomdu kbir kemm għal Antnin kif ukoll għall-patrijiet li kienu jġorruh.

100 Antnin jiġi ippreżentat bħala mudell ta' ortodossija perfetta fi qbil ma' l-istess predikazzjoni tiegħu: fis-siegħa solenni u definittiva tal-mewt tiegħu, hu jirċievi s-sagramenti tal-penitenza u tad-dilka mqaddsa. L-awtur ma jsemmix it-tqarbin, għaliex x'aktarx li Antnin kien diġà tqarben dakinhar filgħodu, meta iċċelebra l-quddiesa.

101 VENANTIUS FORTUNATUS, Innu *O gloriosa Domina* tal-Lawdi tal-Komun tal-Verġni Marija (PL 88, 265).

ħija, li tagħmilli d-dilka biż-żejt; jiena fil-fatt għandi *ż-żejt tad-dilka* (1Ġw 2,20) ġewwa fija. Minkejja dan, din hi ħaġa tajba għalija, u togħġobni ħafna".

15 Imbagħad fetaħ idejh u għaqqadhom flimkien, u flimkien mal-patrijiet talab is-salmi penitenzjali[102] kollha sat-tmiem. Dam jitħabat man-nifs tal-ħajja daqs nofs siegħa oħra, u fl-aħħarnett dik ir-ruħ l-aktar qaddisa, maħlula mix-xkiel tal-ġisem, intilfet fl-abbiss tad-dawl ta' dejjem[103].

16 Ġismu kellu d-dehra ta' wieħed li kien rieqed. Idejh ħadu l-lewn ta' bjuda, u kienu jidhru isbaħ mil-lewn li kellhom qabel. Il-membri l-oħrajn ta' ġismu dehru rotob, u kienu flessibbli għar-rieda ta' dawk kollha li kienu jmissuhom.

17 O qaddej qaddis veru ta' l-Aktar Għoli, li meta kont għadek ħaj kellek il-privileġġ li tara lill-Mulej! O ruħ mill-aktar qaddisa, li għalkemm ma ġejtx maħtufa mill-kefrija tal-persekuturi, imma *kont minfuda* bix-xewqa tal-martirju u *bis-sejf* (Lq 2,35)![104] 18 O missierhekk denn, ilqa' bil-ħlewwa lil dawk id-devoti li jridu jagħtuk ġieħ b'sagrifiċċji ta' devozzjoni, u għin bl-interċessjoni tiegħek lilna, li ma aħniex kapaċi li nersqu quddiem il-wiċċ ta' Alla. Amen.

---

102 Is-salmi penitenzjali huma 7 salmi (6, 31, 37, 50, 101, 129, 142, skond in-numerazzjoni tal-Vulgata) li jesprimu fiduċja u abbandun f'Alla quddiem il-mard, il-persekuzzjonijiet u l-ħtija. Jiffurmaw ġabra ta' testi liturġiċi sa mill-ewwel sekli ta' l-era kristjana.

103 Espressjoni meħuda mill-uffiċċju liturġiku ta' S. Martin ta' Tours (11 ta' Novembru), fil-Brevjar Ruman: *sanctissima illa anima carne soluta est, qua in abysso claritatis absorpta.*

104 Espressjoni meħuda mill-antifona tal-*Magnificat* ta' l-uffiċċju ta' S. Martin: *O sanctissima anima, quam etsi gladius persecutoris non abstulit, palmam tamen martyrii non amisit.* Din hi tema tradizzjonali, li kienet komuni fl-aġjografija medjevali, u li l-awtur ta' l-*Asd* kien jafha forsi wkoll mill-kitbiet ta' S. ĠILORMU, *ep.* 108,31 (PL 22,905): *Non solum enim effusio sanguinis in confessione reputatur, sed devotae quoque mentis servitus immaculata cotidianum martyrium est.*

## 18 – DWAR L-GĦAJJAT TAT-TFAL U DWAR IL-FOLOL TA' NIES LI ĠEW JIĠRU U JIBKU

[18] 1 Il-patrijiet[105] ippruvaw bl-akbar attenzjoni u kura biex iżommu moħbi t-transitu hieni ta' Antnin mill-barranin, u wkoll mill-ħbieb u minn dawk li kienu jafuh, biex hekk ma jiġux mgħaffġin mir-rases kbar ta' nies li kienu jiġru biex jarawh. Imma ġara li mall-ewwel bdew jiġru ħafna tfal mal-belt kollha jgħajjtu: "Miet il-missier qaddis! Miet sant'Antnin!" 2 Malli n-nies semgħu dan l-għajjat, bdew jiġru f'folol kbar lejn Arcella, u filwaqt li ħallew warajhom il-ħidmiet tagħhom, li bihom kienu jaqilgħu l-għajxien, *bħan-naħal daru madwar* (S 117,12) il-kunvent ċkejken tal-patrijiet.

3 Qabel kulħadd waslu f'daqqa f'dak il-post l-abitanti ta' Capo di Ponte, f'folol kbar, u magħhom bosta żgħażagħ b'saħħithom. Mingħajr dewmien huma waqfu madwar il-kunvent tal-patrijiet bl-armi f'idejhom biex jiddefenduh. 4 Ġew jiġru wkoll ir-reliġjużi irġiel; u wara ftit bdew resqin folol bla tarf ta' irġiel u nisa, *żgħażagħ ġuvintur u xebbiet, xjuħ flimkien mat-tfal* (S 148,12), foqra u nobbli, ċittadini ħielsa u qaddejja. 5 Ilkoll b'leħen wieħed bdew *jgħannu għanja ta' biki* (Eżek 26,17) ħiereġ mill-qiegħ ta' qalbhom, u bit-tnehid u l-biki bdew jesprimu l-imħabba sinċiera ta' ruħhom.

6 "Fejn inti sejjer, o missier, biex issa ma terġax lura għandna? Inti, li kont il-missier ta' Padova, *il-karru u r-rikkieb tiegħu*? (2Slat 2,12)

---

105 Il-patrijiet li kienu preżenti għat-transitu ta' S. Antnin kienu almenu 6, u x'aktarx 8 jekk Vinoto u s-sieħeb li kellu miegħu ma kienx jgħixu Arcella. Barra minn dawn it-tnejn, mela, kien hemm Luca u Ruggero, flimkien ma' l-4 patrijiet oħrajn addetti għas-servizz tal-Klarissi. Billi huma ma xtaqux li l-aħbar tinfirex mall-ewwel u hekk dak il-post mhux protett jiġu fih qtajjiet kbar ta' nies, u billi xtaqu wkoll javżaw il-komunità prinċipali ta' *Sancta Maria Mater Domini* dwar il-ġrajja u jaraw x'se jagħmlu, ippruvaw iżommu l-aħbar tal-mewt moħbija. Imma jidħlu fix-xena għall-ewwel darba t-tfal ta' Padova, li mbagħad naraw kemm tikber il-popolarità tagħhom fit-*Tractatus miraculorum*; ċertament it-tfal ma kienux ġew traskurati minn S. Antnin fil-predikazzjoni tiegħu. It-tfal diġà jsejħu lil Antnin «San», jikkanonizzawh mal-mewt tiegħu, hekk li l-intervent papali tal-kanonizzazzjoni jispiċċa biex ikun sempliċement il-konferma ta' dak li l-poplu kollu kien diġà jemmen, jiġifieri li Antnin kien qaddis.

Fejn inti sejjer, missier miqjum, mingħajr uliedek?[106] Aħna li ħallejtna orfni, fejn issa sejrin insibu ħabbar bħalek hekk mimli verità tal-kelma ta' Alla? *Kont int li, bl-Evanġelju, nissiltna fi Kristu Ġesù* (1Kor 4,15)". 7 Kien hekk, kien proprju hekk, li n-niket u l-qalb maqsuma ta' kulħadd kienu jistiednu għat-tnehid u għal-luttu l-erwieħ ta' dawk li kienu qed jaraw din il-ġrajja, u kienu jqanqlu l-qlub *għall-biki u t-tinwiħ* (Tob 2,6).

## 19 – DWAR IL-BIKI TAS-SORIJIET FOQRA U DWAR KIF RAW KIF GĦAMLU BIEX IŻOMMU 'L ĠISMU GĦANDHOM

[19] 1 Jekk kienu bosta dawk li bkew, it-tnehid tas-Sorijiet Foqra kien jisboq dak ta' kulħadd! Huma, fit-tqanqil tar-ruħ tagħhom bħala nisa, ma setgħux bl-ebda mod iżommu mill-biki, imma *mill-fond ta' qalbhom* (Iż 29,15) bdew jitniehdu u jisiltu d-dmugħ mingħajr ħadd ma jista' jfarraġhom[107]. 2 "Imsieken aħna, - bdew jilmintaw – missier mill-aktar twajjeb! Għaliex *il-mewt,* omm *l-imrar* (Sir 41,1), ħallietna ħajjin, jekk mhux biex toqgħod taħqarna bil-kefrija, issa li inti itteħidt minna darba għal dejjem? 3 Għalina kien biżżejjed il-faqar tagħna, hekk li konna nqisuh bħala għana li konna nistgħu, b'xi mod, nisimgħu min jitkellem dwar *il-kelma tal-ħajja* (Fil 2,16) li hu kien jippriedka lill-oħrajn, aħna li ma kellniex ix-xorti li narawh bl-għajnejn tal-ġisem tagħna"[108].

---

106 Cfr. uffiċċju ta' S. Lawrenz, martri (10 ta' Awissu), *antiph. 1 in I Nocturno, Breviarium Rom: Quo progrederis sine filio, pater?*

107 Cfr. SULPICIUS SEVERUS, *Ep. 3 in beati Martini morte,* 18 (PL 20, 183): *O quantus luctus omnium, quanta praecipue maerentium lamenta monachorum!*

108 Nafu kemm kienet iebsa l-klawsura fost is-Sorijiet Foqra, jekk l-awtur ta' l-*Asd* joħroġ bl-espressjoni: *quem oculis carnis videre non meruimus ... qui corporalem nobis exhibere presentiam prohibitus est vivus*. Fl-istruttura monastika tal-Klarissi kienet tingħata importanza lill-fatt li s-sorijiet kellhom ikunu ħmira evanġelika fid-dinja permezz tal-kelma ta' l-Evanġelju. Ir-*RegCl* titkellem fil-kap. 5 dwar il-grada tal-klawsura, li kellha tkun mgħottija b'purtiera li titneħħa biss meta tixxandar lis-sorjiet il-Kelma ta' Alla.

4 Filwaqt li kienu qed jgħidu dawn il-kliem u oħrajn bħalhom b'ħafna tnehid, xi wħud mis-sorijiet qalu: "Għaliex qegħdin inxerrdu tant dmugħ u qed nolfqu u nitniehdu? Għaliex qegħdin qisna nagħmlu luttu għal bniedem mejjet, meta hu diġà sar immortali u qegħdin jifirħu bih l-anġli u ċ-ċittadini tas-sema? 5 Hemm rimedju wieħed għal din il-firda kiefra: jiġifieri li jibqa' magħna l-ġisem tal-mejjet li, meta kien għadu ħaj, aħna ma stajniex narawh preżenti fostna".

6 Imbagħad komplew iżidu jgħidu: "Imma *kif jista' jkun* (Lq 1,34) li niksbu dan? Aħna żguri li l-patrijiet, li jgħixu fin-naħa tan-nofsinhar tal-belt, mhumiex se jippermettu li l-ġisem wisq imqaddes ta' Antnin jibqa' magħna, jekk mhux jiġu mġiegħelin mit-talbiet tal-kbarat tal-belt, biex jiċħdu għad-dritt tagħhom b'ġest ta' ħniena lejna. 7 Ejjew mela nibgħatu lil xi ħadd li aħna nafdaw, biex jitlob f'isimna lill-kbarat tal-belt, li huma nobbli u għandhom is-setgħa kemm reliġjuża kif ukoll sekulari, biex jindaħlu favur tagħna, imma mingħajr ma nidhru aħna, bl-iskop li aħna nkunu nistgħu niksbu mingħand il-patrijiet bil-qima kollha dak li hu tant għażiż għalina"[109].

8 U tabilħaqq hekk għamlu. U għaliex inżidu l-kliem? Ilkoll qablu flimkien ma' din ir-rieda tal-qaddejja verġni ta' Kristu, u impenjaw ruħhom biex jagħtuhom kull għajnuna mingħajr kontradizzjoni.

---

109 Dawn il-kelmiet juru b'mod ċar li l-badessa u s-sorijiet ta' Arcella kellhom relazzjonijiet mal-*maiores civitatis*, kemm ekkleżjastiċi kif ukoll lajċi, l-aktar għax x'aktarx kien hemm sorijiet fosthom li kienu ġejjin mill-familji ta' l-aristokrazija. Meta miet S. Antnin, nafu almenu bi 3 sorijiet li kienu fil-komunità monastika ta' Arcella: swor Oliva, li tissemma fil-kap. 41 ta' l-*Asd*; is-soru Bartolomea, li tissemma f'miraklu rakkontat fil-manuskritt ta' München; u l-Beata Elena Enselmini, li kienet ġejja minn familja nobbli minn Padova, u li mietet fl-4 ta' Novembru ta' l-istess sena 1231 li fiha miet S. Antnin. Billi bdiet tiġi venerata minħabba l-viżjonijiet tagħha u l-ġisem inkorrott tagħha, il-monasteru ta' Arcella ġie intitolat lilha, u l-kult tagħha ġie konfermat minn Innoċenz XII fl-1695. Ir-relikwi tagħha ittieħdu mill-Klarissi kull fejn kellhom jiċċaqilqu matul is-sekli, sakemm fl-aħħar, fl-1958, tqiegħdu fis-santwarju antonjan ta' Arcella. Il-ġest tas-Sorijiet Foqra biex iżommu midfun għandhom il-ġisem mejjet ta' S. Antnin juri logħba fina li ma tantx tixraq lil dawk li riedu jimxu wara S. Franġisk. Fil-fatt, mingħajr ma forsi immaġinaw, is-Sorijiet saru l-kawża li kienet se tqum gwerra ċivili f'Padova fuq ir-relikwi ta' S. Antnin. Mingħalihom li l-patrijiet Minuri kienu se jċedu *misericorditer* il-ġisem ta' S. Antnin, sempliċement għaliex huma, is-Sorijiet, kellhom kuntatti mal-kbarat u n-nobbli tal-belt.

## 20 – DWAR KIF IN-NIES TA' CAPO DI PONTE MA ĦALLEWX LILL-PATRIJIET IĠORRU LIL ĠISMU FIL-KNISJA TAGĦHOM

[20] 1 Il-patrijiet li kienu jgħixu fil-knisja ta' Marija Omm Alla ġew lejn Arcella, biex iħejju kollox ħalli jieħdu lill-ġisem wisq imqaddes ta' Sant'Antnin lejn il-kunvent tagħhom. 2 Huma kienu jqisuha ħaġa indenja u ħaġa ħażina li ma jifilħux għaliha jekk jiġu mċaħħdin minn teżor hekk kbir, l-aktar għaliex il-qaddis, meta kien għadu ħaj, kien iħobb b'affett dak il-post aktar mill-kunventi l-oħrajn kollha tal-provinċja[110]. Tant kellu għożża lejn dak il-post li, meta kien ħass il-mewt riesqa fi tmiem ħajtu, kien ikkmanda bl-ubbidjenza lill-fra li kien jaqdih[111] biex jagħmel dak kollu li jista' biex il-ġisem tiegħu jittieħed fil-knisja ta' l-Omm ta' Alla Marija. 3 Imma meta n-nies ta' Capo di Ponte raw x'kienu l-intenzjonijiet tal-patrijiet, bdew *jieqfulhom f'wiċċhom* (Gal 2,11) bħal raġel wieħed, biex hekk bl-ebda mod ma jkunu jistgħu jwettqu l-pjan tagħhom. Mhux biss, imma saħansitra żiedu l-armi li kellhom f'idejhom, u bdew jgħassu dak il-post bin-nhar u bil-lejl.

4 Billi l-patrijiet ma kienux jafu x'jaqbdu jagħmlu, marru jħaffu għand l-isqof tal-belt u *xeħtu fuqu l-ħsibijiet kollha tagħhom* (1Pt 5,7) bħala l-*missier* tal-fqajrin tiegħu (Ġob 29,16; S 67,6). 5 L-isqof laqqa'

---

110 Il-patrijiet, min-naħa tagħhom, rabbew il-ħila biex jiddefendu dik li kienet ir-rieda espliċita tal-Qaddis qabel ma miet. Billi Antnin kien affiljat mal-fraternità ta' *Sancta Maria Mater Domini*, hu kien igawdi mill-privileġġ mogħti mill-Papa Girgor IX fis-26 ta' Lulju 1227 lill-patrijiet biex jindifnu fil-knisja tal-kunvent fejn kienu jgħixu.

111 Ma nafux l-isem tal-fra li kien jaqdi lil Antnin qabel ma miet. Forsi kien jew Ruggero jew Luca. Rigward l-espressjoni *per obedientiam* jidher li l-awtur irid jgħid li Antnin kien il-*minister loci* (gwardjan) tal-kunvent ta' *S. Maria*, jekk hu seta' jikkmanda b'ubbidjenza lill-patrijiet. Prova ta' din il-possibilità nsibuha fl-inizjattivi li ħa direttament hu dwar ħidmiet jew ċaqliq ta' postijiet. Hekk Antnin jiddeċiedi li jippriedka r-Randan f'Padova, li jmur jgħix f'Camposampiero, li jikkmanda (*decrevit*) li jibnulu ċella fuq is-siġra tal-ġewż, li juri x-xewqa tiegħu li jmur lura lejn *S. Maria* biex imut hemm. L-istess atteġġjament ta' rispett ta' fra Vinoto meta jkellem lil Antnin (*precibus supplicantis annuit*) juri li kien iqimu bħala s-superjur tiegħu.

flimkien lill-kanoniċi[112] ħutu, u spjegalhom bir-reqqa r-raġuni għaliex il-patrijiet kienu għamlu r-rikors quddiemu. Imbagħad, biex ikollu l-parir tagħhom, ikkonsultahom wieħed, wieħed. 6 Xi wħud minnhom, li kienu jafu minn qabel bit-talbiet li kienu għamlu s-Sorijiet Foqra, deherilhom li l-isqof ma kellux jagħti widen għat-talba tal-patrijiet. Mhux biss, imma talli bir-raġunijiet li ġabulhu, rabtuh b'tali mod li jkun favorevoli għat-talba tas-Sorijiet.

7 Il-patrijiet ukoll, iżda, ma naqsux milli jesponu l-argumenti kollha li kienu jafu li kienu jaqblu mal-kawża tagħhom, u insistew fuq il-kundizzjonijiet li kien esprima Antnin qabel miet u fuq il-fatti kif ġraw, u raw kif għamlu biex jikkovinċu lill-isqof favur il-kawża tagħhom b'raġunamenti mhux ħfief. 8 L-isqof, imbagħad, meta intebaħ li t-talba tal-patrijiet kienet raġjonevoli, qabel għal kollox ma' dak li riedu, u ta l-inkarigu lill-*podestà*[113] tal-belt biex jara li jseħħ dak li riedu huma[114].

## 21 – DWAR ID-DEVOZZJONI TAL-POPLU U MIRAKLU MIS-SEMA

[21] 1 Sadanittant, waqt li kienu qed iseħħu dawn il-ġrajja, il-partit taċ-ċittadini ta' Capo di Ponte kompla jitqanqal b'ħeġġa akbar fir-rieda li jrid il-ġisem ta' l-imqaddes Antnin u, filwaqt li waqqfu lill-*podestà* f'wiċċu, kienu juru fl-ispirtu tagħhom li kienu se jwebbsu rashom dejjem aktar kontra kull projbizzjoni. 2 Saret laqgħa ta' l-anzjani u ta' dawk kollha li minnhom wieħed seta' jittama li joħorġu b'parir tajjeb, u inġabru flimkien il-ħbieb tal-belt kollha biex jagħmlu l-qalb lil xulxin.

112 Il-kanoniċi kienu *maiores*, membri tal-kapitlu tal-kattidral, allejati mal-Klarissi u lesti biex jappoġġjawhom għax nobbli bħalhom. Jerġgħu jidħlu fix-xena meta jasal il-ministru provinċjal.

113 Il-*Podestà* (ħakem) ta' Padova f'dawk il-ġranet kruċjali kien il-venezjan Stefano Badoer, bniedem iebes u deċiż. Kien *podestà* mid-29 ta' Ġunju 1230 sat-28 ta' Ġunju 1231.

114 Fil-fatt, id-deċiżjoni ta' l-isqof ma kienetx waħda definittiva, għaliex fil-fatt, id-deċiżjoni saret tlitt ijiem wara, meta ġie l-ministru provinċjal Alberto da Pisa, li kien iħoll u jorbot rigward il-ġurisdizzjoni tiegħu fuq Antnin. Għal dak il-mument l-awtoritajiet reliġjużi u ċivili tal-belt iddefendew sitwazzjoni ta' *status quo*, biex hekk kollox jibqa' kif kien sakemm jiġi l-ministru.

3 Waslu għall-konklużjoni li obbligaw ruħhom taħt ġurament li kienu lesti li jiċħdu għall-persuni, possedimenti u kull tip ta' proprjetà oħra, basta ma jħallu qatt li l-ġisem tal-wisq imqaddes Antnin iċaqilquh minn dak il-post biex joħduh x'imkien ieħor.

4 Dak li qiegħed nirrakkonta hu tassew ħaġa ta' l-għaġeb. Iż-żelu u l-ħeġġa reliġjuża kienu tant għaqqdu lil dawn in-nies kollha f'rieda waħda ta' intenzjoni, li għalkemm xi wħud minnhom kienu ilhom mill-qedem f'nuqqas ta' qbil u mibegħda lejn xulxin, minħabba ġlied bejn ċittadini, dak il-ħin deheru li insew il-mibegħda antika ta' bejniethom, u ftiehemu b'qalb waħda u rieda waħda ta' ħbiberija biex iżommu għandhom il-ġisem ta' l-imqaddes Antnin. 5 Imma billi bdew jibżgħu li l-pjan tagħhom seta' jiġi mxekkel bil-qerq jew makakkerija, u hekk it-tama tagħhom tiġi fix-xejn, wara li ftiehemu bejniethom, iddeċidew li jaħkmu f'idejhom il-ġisem tal-mejjet.

6 Billi l-ministru provinċjal[115] ma kienx għadu wasal, u minnu kienet tiddependi l-kawża tal-patrijiet, wara li sejħu għandhom lill-anzjani, il-patrijiet talbuhom biex jistennew għal żmien qasir sakemm jasal il-provinċjal. B'hekk għal ftit taż-żmien dawk waqqfu milli jwettqu l-pjan tagħhom, u ħallew l-affarijiet kif kienu sakemm jaraw x'kien sejjer jiddisponi l-provinċjal meta jasal. 7 Din il-proposta għoġbot lis-semmiegħa, għaliex kienet taqbel ma' l-opinjoni komuni taċ-ċittadini kollha tal-belt.

8 Malli daħal il-lejl il-patrijiet *bagħatu lill-folol* (Mt 13,36), u għalqu l-bibien tad-dar, billi saħħuhom bl-istaneg u l-firrolli, li ma tmurx il-folla tan-nies tipprova tisforza biex tidħol ġewwa bil-qawwa. 9 *Għall-ħabta ta' nofs il-lejl* (Mt 25,6), filwaqt li l-ħarriesa kienu

115 Il-ministru provinċjal kien fra Alberto da Pisa. Dan hu wieħed mill-aktar figuri eminenti tal-Franġiskaneżimu tal-bidu, u kellu rwol importanti fl-espansjoni u l-organizzazzjoni tal-bidunett ta' l-Ordni. Kien ministru provinċjal tat-Toscana (1217-1221), tal-Marche di Ancona (1221-1223), tal-Ġermanja (1223-1227), ta' Spanja (1227-1230), ta' Bologna (1230-1232), ta' l-Ungerija (1232-1236), u fl-aħħarnett ta' l-Ingilterra (1236-1239). Fil-15 ta' Mejju 1239 ġie elett ministru ġeneral wara d-depożizzjoni ta' fra Elia, imma miet ftit wara, nhar it-23 ta' Jannar 1240. Żewġ dokumenti li jitkellmu dwar trattat ta' paċi bejn Padova u r-repubblika ta' Venezia, jsemmuh bħala: *frate Alberto ministro provinciali fratrum Minorum*. Għal informazzjoni dwar Alberto da Pisa, cfr. R.B. BROOKE, *Early Franciscan Government. Elias to Bonaventure,* Cambridge University Press 1959, 183-194.

għadhom f'posthom biex jiddefendu dak il-post, folla mħeġġa tan-nies, li riedu jaraw il-ġisem mejjet tal-qaddis, daħlu bil-qawwa fil-kunvent, li fih kien jistrieħ il-ġisem imqaddes, billi faqgħu l-bibien u kissru l-istaneg u l-firrolli mingħajr l-ebda skruplu. 10 Imma għalkemm huma taw l-assalt għal tlitt darbiet bil-qawwa kollha ta' l-ispirtu tagħhom, minkejja n-niket u r-rabja tal-patrijiet, ħaġa ta' l-għaġeb, lanqas darba waħda biss ma rnexxielhom jidħlu ġewwa minkejja li ippruvaw b'tant qawwa. Kif huma stess stqarrew b'fommhom, minkejja li kienu rnexxielhom jitfgħu l-bibien ġewwa, huma baqgħu qishom iċċassati, għaliex id-dar ta' l-aħwa kienet hekk mimlija b'dawl qawwi li, meta daħlu ġewwa, ma raw xejn u bdew iduru 'l hawn u 'l hinn b'għajnejhom mgħammxin bid-dija.

11 Meta sebaħ l-għada filgħodu, waslu folol kbar ta' nsara mill-irħula u l-kastelli biex jaraw il-ġisem tal-wisq imqaddes Antnin. *Dawk kollha li kellhom ix-xorti jmissuh* (Mt 14,36) imqar għal darba waħda biss kienu jqisuhom henjin. 12 Dawk, imbagħad, li minħabba r-rassa, ma setgħux jersqu lejn il-ġisem, bdew jixħtu kif setgħu, mit-twieqi u mill-bibien, ċinturini u ħżiemijiet, ċrieket u pendenti, imfietaħ u kull tip ta' oġġetti ta' ornamenti. Oħrajn kienu jdendlu dawn l-affarijiet ma' bsaten, u kienu jdaħħluhom ġewwa b'tali mod li dawk l-oġġetti setgħu jiġu mqaddsin mill-kuntatt ma' dak il-ġisem wisq qaddis.

## 22 – DWAR TAĦWID FOST IN-NIES U L-WASLA TAL-MINISTRU

[22] 1 Il-ministru *iddawwar ma ġie* (Mt 25,2), u billi kien is-sajf, u għalhekk kien meħtieġ li l-iġsma jindifnu malajr, il-patrijiet għalqu l-ġisem ta' Antnin f'kaxxa ta' l-injam malajr kemm setgħu, u difnuh għal żmien provvisorju f'qabar li ħaffru mhux ħafna fil-fond. 2 Malli għamlu hekk, mall-ewwel instemgħu ilħna li *bdew jgħajjtu* (Iż 40,6): "Ħadu l-ġisem minn hawnhekk!"

3 Malli n-nies semgħu dawn il-kelmiet, qamu f'rewwixta u għamlu assalt fuq il-kunvent tal-patrijiet *bil-bsaten u x-xwabel* (Mt 26,47.55; Lq 22,52). Wara li kissru u xeħtu ma' l-art il-bibien u s-sokor tagħhom, il-folla marret tiġri kulħadd flimkien lejn il-post li fih kienu tħallew il-fdalijiet tal-ġisem imqaddes. Dik iċ-ċorma ma sabitx kwiet – ma nafx jekk hux mir-rabja jew mill-ħeġġa tar-ruħ - sakemm ma *ħaffrux*

*l-art* (Mt 25,18), u sabu l-kaxxa li fiha kien moħbi dak it-teżor prezzjuż. 4 Malli sabu dik *il-ġawhra prezzjuża* (Mt 13,46), lanqas emmnu lill-patrijiet li żgurawhom li f'dik l-arka kien hemm il-ġisem, sakemm ma ħabbtux fuqha biex ikunu żguri li l-ħoss mitfi kien juri li ma kienetx vojta minn ġewwa.

5 *Is-Sibt filgħaxija* (Mt 28,1) wasal fl-aħħarnett il-ministru provinċjal[116], li l-belt kollha kienet qed tistenna b'ansjetà li jiġi lura.

6 Malli rawh, iċ-ċittadini ta' Capo di Ponte *laqqgħu il-kunsill* (Atti 5,21) u talbuh b'insistenza u bla dewmien il-ġisem ta' l-imqaddes Antnin. Biex jiddefendu l-kawża tagħhom huma bdew iġibu diversi raġunijiet maħsubin tajjeb, u biex il-patrijiet iċedu almenu bil-biża', flimkien mar-raġunijiet li taw żjiedu wkoll it-theddid. 7 Fl-aħħarnett ippreżentaw lill-ministru d-dokument li fih kienu kitbu l-patt li kienu ntrabtu bih, filwaqt li iddikjaraw quddiem kulħadd li ma kienux se jċedu la quddiem il-ħadid, la quddiem l-armi, u lanqas quddiem il-mewt; u li sakemm kienu se jdumu ħajjin, qatt ma kellhom jonqsu milli jħarsu dak il-patt li kienu għamlu flimkien.

8 Il-ministru, wara li qagħad jismagħhom, weġibhom: "Għeżież, intom tafu li ma għandkom l-ebda dritt li tesiġu dak li intom qegħdin tippruvaw turu bil-qawwa ta' l-argumenti tagħkom; imma jekk intom tappellaw għall-kelma t-tajba li taf tkun ġeneruża, aħna lesti li nlaqqgħu l-patrijiet biex nisimgħu l-parir tagħhom, u nwettqu fil-prattika dak li l-Mulej inebbaħna nagħmlu. 9 Imma, għall-imħabba tal-paċi, sabiex intom ma tibdewx taħsbu li jiena, allaħares qatt, qed inqarraq bikom, jiena nikkonċedielkom li tagħmlu l-għassa mal-post li fih qiegħed jistrieħ il-ġisem ta' l-imqaddes Antnin, u dan sakemm, wara li jiena niddiskuti mal-patrijiet, aħna ma niddisponux li jsir diversament minn dak li intom qegħdin titolbu"[117].

---

116 Fra Alberto da Pisa, ministru provinċjal, wasal is-Sibt filgħaxija, eżattament jum wara li kien miet S. Antnin. Jekk dam jum sakemm ħa l-aħbar tal-mewt u wasal, dan ifisser li ma tantx kien jinsab bogħod minn Padova, u li almenu seta' jasal bil-ħeffa permezz taż-żiemel, imġiegħel mill-ħtieġa, li għaliha r-Regola Franġiskana kienet tagħmel eċċezzjoni. Hu jmur direttament Arcella, biex jieħu f'idejh is-sitwazzjoni taħraq li kienu jinsabu fiha l-patrijiet.

117 Id-diskors tal-ministru provinċjal juri l-kapaċità kbira ta' Alberto da Pisa li jkun diplomatiku, skond in-normi tal-*cortesia* medjevali. Bil-prudenza kollha hu jħalli d-deċiżjoni għal aktar tard, sakemm ikun jista' jiltaqa' mal-patrijiet ta' *S. Maria Mater Domini* u jiddiskuti l-biċċa magħhom. Fuq kollox, ta' min

## 23 – DWAR KIF INGĦATAT SENTENZA FAVUR IL-PATRIJIET U DWAR KIF IN-NIES FARRKU L-PONT

[23] 1 Kienu diġà għaddew tlitt ijiem, u l-ministru ra li waħdu ma kienx se jirnexxilu jirreżisti r-rieda ta' tant persuni, mgħaddbin għall-aħħar, u l-iktar għax f'dil-ħaġa kienu mdaħħlin ilkoll. Għalhekk mar għand il-*podestà*, u meta ltaqgħu l-membri tal-kunsill[118], talabhom jagħtuh parir u għajnuna. 2 Il-*podestà,* fuq il-parir tal-membri kollha tal-kunsill, ordna li l-post fejn kien miqjum il-ġisem imqaddes ikun mgħasses tajjeb, biex ħadd ma juża vjolenza fuq il-patrijiet. Barra dan, taħt piena ta' mitt lira, ipprojbixxa li xi ħadd iġorr l-armi f'dak il-post, sakemm isir magħruf dak li, skond il-liġi, ikunu iddeċidew l-isqof u l-kleru tal-belt.

3 Fir-raba' jum mill-mewt ta' l-imqaddes Antnin, l-isqof ukoll sejjaħ il-kleru tal-belt, u b'lealtà u sinċerità iddiskuta magħhom l-aħjar mod kif iżommu l-għaqda fis-sliem bejn iċ-ċittadini, u fl-istess ħin jiġu mħarsa d-drittijiet tal-patrijiet. 4 Wara li talab il-parir ta' l-anzjani u ta' l-għorrief, bdiet id-diskussjoni. Imma kif diġà għidna qabel, skopra li dawk l-aktar nobbli fosthom[119] kienu ġew influwenzati sewwa mit-talbiet tas-Sorijiet u appoġġjaw lilhom.

5 Il-ministru, imbagħad, *qam* minn fost il-patrijiet, *għamel sinjal b'idejh biex jitlob is-skiet* (Atti 13,16), u qal: "Bir-rispett kollu lejn il-membri tan-nobbiltà, jidhirli li m'humiex qed jibnu b'imparzjalità l-ġustizzja u l-ħniena dawk li, fuq iż-żewġ kefef tal-miżien jitfgħu biss ir-raġunijiet sentimentali, bla ma jagħtu kas tar-raġuni. Nistqarr

jinnota li hu jitkellem fil-plural (*concedo ... disposuerimus*), biex jekk juri biċ-ċar li r-responsabiltà globali tad-deċiżjoni kienet, fl-aħħar mill-aħħar, biss f'idejn il-patrijiet li Antnin kienu jagħmel parti mill-komunità tagħhom.

118 Kien il-Ħadd 16 ta' Ġunju. Minħabba l-gravità ta' dak il-mument, il-*podestà* Stefano Badoer laqqa' flimkien il-kunsill, forsi dak minuri għal konsulta aktar mgħaġġla. Dan il-kunsill kien magħmul minn 20 membru, 5 għal kull kwartier. Billi l-vertenza kellha x'taqsam ma' kwestjoni reliġjuża, jiġifieri l-post tad-dfin ta' patri, l-awtoritajiet tal-*comune* illimitaw ruħhom biex jiggarantixxu l-ordni pubbliku, mingħajr ma jidħlu fil-mertu tal-kwestjoni.

119 Wara l-mistrieħ tal-Ħadd, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi jippruvaw isibu soluzzjoni għall-kontroversja. Fil-kleru tal-belt, fost il-membri l-aktar awtorevoli (*seniores ac sapientes*) kien hemm il-*maiores* (il-kleru nobbli), li kienu jipproteġu lill-Klarissi u wkoll lin-nies nobbli ta' Capo di Ponte.

li *għandhom* iż-żelu ta' Alla, imma mhux qed jaġixxu *skond il-għerf veru* (Rum 10,2). 6 Wara kollox, Antnin hu patri ta' l-Ordni tagħna, u jekk dan ma jridux jonorawh, għad li rawh b'għajnejhom stess, hu baqa' dejjem *dieħel u ħiereġ* (Atti 1,21) magħna. Għalhekk aħna qed nitolbu li jiġi afdat lilna dak li, meta kien għadu ħaj, nafu li għażel bħala l-post tad-difna tiegħu, bi preferenza għal kull post ieħor, il-knisja ta' l-Imqaddsa Omm Alla. 7 Jekk forsi xi ħadd minnkom jasal jgħid li hu ma setax jagħżel il-post tad-difna tiegħu, għax ir-rieda tiegħu kienet marbuta bl-ubbidjenza li ssalva, lil dan ngħidlu: għal min taħseb li hi riservata l-fakultà u l-libertà ta' l-għażla, jekk mhux għas-superjur[120] tiegħu? 8 Aħna għalhekk, għad li ma jistħoqqilniex, għandna l-uffiċċju ta' superjur, u nitolbu li jingħatalna dak li, bid-dritt u bir-raġuni, jmiss lilna".

9 Wara li sema' l-argumenti taż-żewġ naħat, l-isqof b'sentenza definittiva qatagħha li, minn dak il-ħin 'il quddiem isir kollox skond kif irid il-ministru[121]. U kull ma ntqal u sar kellu jiġi sottomess għall-ġudizzju tiegħu, għax lilu kien imiss li jinvalidah jew jikkonfermah. 10 Imbagħad ta ordni lill-kleru biex l-għada, il-ħames jum mill-mewt ta' l-imqaddes Antnin, kmieni filgħodu jkunu lesti bħas-soltu u jingħaqdu flimkien f'Arcella biex imorru f'purċissjoni. 11 Lill-*podestà* ġeddidlu l-inkarigu li jgħin lill-patrijiet, u li fil-ħin stabilit, flimkien ma' gruppi organizzati ta' ċittadini, kulħadd isib postu f'Arcella ħalli jiġi trasportat il-ġisem ta' l-imqaddes Antnin.

12 Bil-qalb it-tajba, il-*podestà* laqa' dawn id-direttivi li tah l-isqof, u ordna li, malajr kemm jista' jkun, fix-xmara li kienet iddur ma' Arcella, jinbena pont bid-dgħajjes u travi ta' l-injam[122]. Hu kellu l-biża' li,

---

120 Hawnhekk, fuq il-fomm tal-*minister et servus* Franġiskan insibu kelmiet (*superioris vice fungimur*) li huma barranin għal dak li ried S. Franġisk fir-*RegNB* 6: *nullus vocetur prior*.

121 Il-privileġġ ta' l-eżenzjoni tal-patrijiet Minuri mill-ġurisdizzjoni ta' l-isqfijiet djoċesani ingħatat aktar tard. Fil-Franġiskaneżimu tal-bidu, mela wkoll fi żmien li nkitbet l-*Assidua*, l-Ordni kien għadu sottomess għall-awtorità ta' l-isqfijiet, għalkemm il-patrijiet ma kienux marbutin ma' xi djoċesi partiukulari.

122 Matul il-kors tas-sekli ix-xmajjar u l-kanali tat-territorju ta' Padova biddlu r-rotot tagħhom xi mindaqqiet b'mod radikali. Hawnhekk Arcella tidher li kellha xmara li ddur magħha dawramejt, hekk li kienet qisha gżira żgħira, bil-Ponte Molino bħala l-unika triq ta' komunikazzjoni mal-belt ta' Padova.

jekk il-purċissjoni tgħaddi min-nofs Capo di Ponte, ir-rabja ta' l-abitanti tinbidel f'rewwixta. 13 Iżda, kif tlesta dan il-pont in-nies, imqanqlin fl-ispirtu, imma mgħaddba għall-aħħar meta raw il-pont jinbena, ġrew għal dak il-post ixejru mannari u xwabel, u mitlufin f'dagħdigħa ta' ġenn kissruh biċċiet. 14 *Hemm qabdithom rogħda kbira, u wġigħ bħal dik tal-ħlas* (S 47,7-8) u kont tismagħhom *bħal dawk li jxejjru l-mannara fil-għoli biex iqaċċtu s-siġar minn qalb il-bosk* (S 73,5-6), huma u jkissru d-dgħajjes fl-ilma.

15 Għalfejn noqogħdu ngħidu ħafna kliem? Il-belt kollha qamet, u l-aktar għax l-imġieba ħażina għamlet il-ħsara lill-ġid komuni. 16 U waqt li dawk kienu għadhom jgħajjtu b'dagħdigħa fuqhom, sar magħruf li l-abitanti taż-żona ta' isfel tal-belt kienu resqin, armati huma wkoll. 17 Meta ċ-ċittadini ta' Capo di Ponte semgħu b'dan, marru jaffaċċjawhom u ngħaqdu fi gruppi. Kienu lesti għall-battalja, li kieku xi ħadd min-naħa l-oħra kien jazzarda jmiss lil djarhom jew jieħu band'oħra l-ġisem ta' l-imqaddes Antnin.

## 24 – DWAR IL-BIKI TAL-PATRIJIET U T-TRASPORT TAL-ĠISEM TA' SANT'ANTNIN

[24] 1 Meta l-patrijiet raw li l-belt kollha kienet mhedda b'rovina, inħakmu minn biża' kbir, sewdu qalbhom u nfexxew jibku, u jgħidu: 2 "Imsieken aħna! Din it-tempesta qamet ħtija tagħna, konna aħna li tajna l-okkażjoni biex tinqered *il-belt* kollha, *jekk il-Mulej ma jħarishiex* (S. 126,1). 3 Kif nistgħu nibqgħu ngħixu, li kellhom jintilfu tant eluf ta' nies biex jiddefendu l-kawża tagħna? 4 *Mulej, ismagħna* (Dan 9,19). Mulej, stabar bina. Dawwar wiċċek lejna u ndaħal biex tgħinna. Għaliex iddawwar wiċċek minna, u tinsina għal kollox, u ma tiġikx ħniena minna li ninsabu f'dan il-hemm? 5 *Stennejna s-sliem u ma għandna ebda riżq; żmien il-fejqan, u arana mwerwra* (Ġer 14,19). 6 O Alla tagħna, għat-tjubija tiegħek nitolbuk isma' t-talb ta' wliedek: tħallix lil din il-belt tinqered".

7 Bl-istess mod, meta semgħu dak li kien qed jiġri, bdew

Hekk nifhmu għaliex kien meħtieġ li titħejja triq alternattiva, permezz ta' pont ta' dgħajjes u travi ta' l-injam, li malajr ġie meqrud mill-furja taċ-*cives de Capitepontis*.

jilmintaw il-miqjumin Sorijiet qaddejja ta' Kristu. U waqt li għoddew lilhom infushom ħatja ta' dak li kien qed jiġri, kattru kemm felħu t-talb ħerqan u xerrdu d-dmugħ. Bdew jitolbu li jittieħed il-ġisem qaddis li qabel tant xtaqu u insistew biex iħalluhulhom[123].

8 Ilkoll, irġiel u nisa ta' kull età u kundizzjoni, b'qalbhom ittaqtaq talbu u stennew li Alla jħenn għalihom.

9 Iżda Alla, *li qatt ma jinsa juri ħniena* (S 76,10) u li *hu kenn għall-mgħakkes fi żmien id-dwejjaq* (S 9,10), ta l-għajnuna tiegħu f'waqtha. Infatti, Hu, li l-provvidenza tiegħu ma tiġix nieqsa biex iseħħu l-pjani tiegħu, għall-akbar glorja tiegħu ippermetta li n-nies jitħawdu għal xi żmien, biex imbagħad iwassal għal tmiem glorjuż dak il-pjan li kien skond id-digrieti tiegħu. 10 Dak li hu eternament twajjeb qatt m'hu se jippermetti d-deni fis-soċjetà, kemm il-darba, fl-istess ħin, ma joħroġx il-ġid għat-tajbin. 11 Il-*podestà*, li ma setax jittollera rewwixta bħal dik, permezz tal-bandu sejjaħ biex jinġemgħu fil-palazz[124] iċ-ċittadini kollha tal-belt. Laqqa' l-kunsill u żamm fin-naħa ta' isfel tal-belt lil dawk ħatja li kissru l-pont. Ipprojbixxa b'editt taħt ġurament u b'theddida li tiġi ikkonfiskata l-proprjetà kollha tagħhom, li f'dak il-jum imorru lura lejn djarhom.

12 Meta reġgħet il-kalma, l-isqof tal-belt u l-kleru, flimkien ma' ġemgħa kbira ta' ċittadini, iltaqgħu f'Arcella, iffurmaw korteo, u bil-kant ta' *l-innijiet, tifħir u għana spiritwali* (Ef 5,19; Kol 3,6), ferħanin se jtiru, għaddew miċ-ċentru ta' Capo di Ponte, iġorru l-ġisem għażiż ta' l-imqaddes Antnin għall-knisja ta' l-Imqaddsa Omm Alla. 13 In-nobbli u l-kbarat tal-belt ġarrew it-tebut fuq l-ispallejn, u *kull min kellu x-xorti jmissu* (Mt 14,36), imqar darba waħda biss, kien jgħodd ruħu ixxurtjat.

14 Tant kienet kbira r-rassa tal-folol kbar li nġemgħu, li ħafna ma

123 Quddiem dak il-periklu l-Klarissi jintebħu bil-ħtija tagħhom u jirtiraw it-talba insistenti li jżommu għandhom il-ġisem ta' S. Antnin. Ftit tax-xhur wara, iżda, kellhom ix-xorti li jindifen fil-monasteru tagħhom il-ġisem ta' waħda minnhom magħrufa għal qdusitha, il-Beata Elena Enselmini. Issa li ma kienx fadlilhom l-appoġġ tan-nobbli, tas-Sorijiet u tal-kleru, iċ-ċittadini ta' Capo di Ponte ftit kellhom tama li l-għajjat insistenti tagħhom jiġi mismugħ mill-awtoritajiet tal-belt.

124 L-*universitatem civium*, il-ġemgħa taċ-ċittadini msejħin mill-*podestà*, iltaqgħet fil-palazz tal-*comune*. Dan il-palazz kien inbena fis-snin '20 tas-seklu 13 bħala emblema tal-*comune* ġdid ta' Padova. Fil-bidu tas-seklu 14 ġie ristrutturat bil-ħidma ta' Giovanni degli Eremitani, u miegħu żdiedu l-loġoġ fuq barra u l-volta tas-*salone*. Il-palazz *comunale* ta' Padova ġie msejjaħ wieħed mill-aktar palazzi pubbliċi sbieħ tal-Medjuevu ewropew.

setgħux jgħaddu miċ-ċentru tal-belt. Erħilhom, għalhekk, jiġġerrew fil-pjazez u t-toroq dojoq u s-subborgi b'ħeffa hekk kbira li waslu qabel il-korteo. 15 Kellhom f'idejhom xemgħat daqskemm setgħu jakkwistaw, u tant kien hemm dawl li l-belt kienet ħuġġieġa waħda.

16 Meta ntemmet il-purċissjoni ħdejn il-knisja ta' l-Imqaddsa Omm Alla, l-isqof iċċelebra b'solennità l-quddiesa, u b'qima kbira difen il-ġisem ta' l-imqaddes Antnin[125]. Meta tlesta r-rit tal-funeral, fost il-ferħ u l-hena ta' dawk kollha preżenti, l-isqof mar lura lejn daru.

## 25 – DWAR IL-MIRAKLI IN ĠENERALI LI SEĦĦEW F'DAK L-ISTESS JUM

[25] 1 *Dakinhar stess* (Num 9,22; Eż 12,41) tad-difna[126], inġabu

125 Il-purċissjoni telqet minn Arcella u għaddiet minn Ponte Molino sa Santa Maria. Fiha ħadu sehem iċ-ċittadini kollha ta' Padova, flimkien ma' devoti li ġew mill-*contado* u wkoll minn irħula fil-bogħod. Il-kronista jillimita ruħu billi jinnota li l-korteo għadda *per medium civitatis*. X'aktarx li l-korteo minn Ponte Molino għadda għal Strada Maggiore (l-antik *cardo maximus* ta' *Patavium* rumana), u wasal kważi sal-kattidral, u mbagħad dar għal via Manin, piazza delle Erbe, via S. Canziano, via Roma tallum sa Ponte delle Torricelle, lejn S. Daniele, u għall-*contrada Ruthena*, fejn kienet tinsab il-knisja tal-patrijiet *Sancta Maria Mater Domini*. L-*Assidua*, mill-kapitlu 25, tibda ssejjaħ il-qabar ta' S. Antnin bl-isem ta' *archa*. Rolandino, fil-*Cronica* ippubblikata fit-13 ta' April 1262, sena qabel it-translazzjoni tar-relikwi ta' S. Antnin li għamel S. Bonaventura, kiteb: *Cuius corpus sanctissimum, translatum honorifice* (minn Arcella) *in arcam marmoream, Padue* (lejn Padova)*, de ecclesia que erat sancta Maria mater Domini* (fejn illum hemm il-bażilika ta' S. Antnin)*, usque in hodiernum die requiescet in loco fratrum suorum*.

126 Il-jum tad-difna kien it-Tlieta 17 ta' Ġunju 1231. Din id-data timmarka l-bidu tal-fatti ta' l-għaġeb tal-mirakli attribwiti għall-interċessjoni ta' S. Antnin, u li malajr għamluh famuż mhux biss f'Padova u fost il-Franġiskani, imma fil-kristjanità kollha kemm hi, bħala tawmaturgu kbir, u li saru s-siġill tal-qdusija tiegħu u tal-popolarità tal-kult li hu gawda matul is-sekli. Il-morda li jiġu *ex diversis mundi partibus* huma x-xhieda li jagħmlu minn Padova ċentru ekumeniku, hekk li l-belt malajr saret waħda mill-kapitali spiritwali tad-dinja, u tassew Ġerusalemm ġdida (*Asd* 26,1). Lejn Padova jiġu jiġru bi ħġarhom *veneti, trevisini, vicentini, lombardi, sclavi, aquilegii, theotonici, hungari* (*Asd* 26,20).

fuq il-qabar tal-qaddis kotra ta' nies li kienu jsofru minn kull xorta ta' mard, u għall-merti ta' l-imqaddes Antnin[127] dak il-ħin stess *ħadu lura saħħithom mill-ġdid* (Mt 12,13). 2 Fl-istess waqt li fih xi ħadd mill-morda kien jirnexxilu jmiss l-arka, arah ferħan għax iħossu ħieles minn kull marda li seta' kellu. 3 Minħabba l-kotra, ħafna morda ma setgħux jitwasslu quddiem l-arka. Għalhekk kienu jibqgħu quddiem il-bieb tal-knisja, fil-pjazza. U hemm, quddiem għajnejn kulħadd, ħadu l-fejqan.

4 Tabilħaqq, hemm *infetħu għajnejn il-għomja*; hemm *mill-ġdid ħadu s-smigħ widnejn it-torox*; hemm *iz-zopp beda jaqbeż bħaċ-ċerv*; *ilsien l-imbikkem inħall* (Iż 35,6; Mk 7,35). u malajr beda jxandar, b'leħen ċar u qawwi, tifħir lil Alla. 5 Hemm il-membri ta' ġisem il-mifluġin u l-paralitiċi mill-ġdid bdew jiffunzjonaw b'mod normali; hemm il-ħotba, il-gotta, id-deni u kull xorta ta' mard ieħor, għebu b'mod mirakoluż. 6 F'kelma waħda, hemm il-fidili kisbu l-benefiċċji kollha li kienu jixtiequ: irġiel u nisa ġew minn kull naħa tad-dinja u qalgħu l-fejqan li talbu[128].

## 26 – DWAR IL-PURĊISSJONIJIET U D-DEVOZZJONI TAL-POPLU

[26] 1 Id-dawl leqqien li xtered minn dawn il-mirakli, kompla żied bis-sħiħ id-devozzjoni ta' l-insara. Alla *bena lil Ġerusalemm il-ġdida, u ġema' l-imxerrdin ta' Iżrael* (S 146,2; Apk 21,2). 2 Tabilħaqq, *mil-lvant u mill-punent, mit-tramuntana u min-nofsinhar* (Mt 8,11; Lq 13,29) bdew ġejjin popli sħaħ f'purċissjonijiet organizzati tajjeb[129]. Huma u

127 L-espressjoni *beati Antonii meritis* tinsab f'*Asd* 26,2.21; 27,9; 29,3.8; 31,12.28.34.40; 34,4; 37,6b; 39,5.8; 43,7.

128 Hawnhekk jiġi mħabbar minn qabel il-pjan ta' dak li l-awtur jikteb fit-*Tractatus miraculorum*, li jagħlaq l-aħħar parti ta' l-*Assidua*: *oculi cecorum,* kap. 33; *aures surdorum,* kap. 34; *claudus,* kap. 31; *soluta mutorum lingua,* kap. 35; *dissoluta paralisi membra,* kap. 32; *gibbus,* kap. 37; *gutta quadam medullitus anxiatus; febris,* kap. 38; *morborum pestes varie,* kap. 41, 44, 46; *optata fidelibus beneficia prestantur,* kap. 40, 42, 43, 45.

129 Padova hawnhekk titqiegħed f'paralleliżmu mal-belt ta' Ġerusalemm li inbniet mill-ġdid wara r-ritorn mill-eżilju ta' Babilonja, permezz tad-digriet tas-sultan Ċiru tal-Persja fis-sena 538 qK.

jaraw isiru quddiem għajnejhom kotra kbira ta' mirakli, għall-merti ta' l-imqaddes Antnin, erħilhom ifaħħru bil-qima li tixraq il-virtujiet tal-qdusija tiegħu.

3 Kif diġà ntqal, ġew għadd kbir ta' pellegrini f'purċissjoni biex joffru lill-Mulej it-tifħir li jixraq lilu u wkoll lill-qaddej tiegħu Antnin. Minn ta' quddiem fosthom kien hemm in-nies li joqogħdu Capo di Ponte. Iva, proprju huma li, biex ħadd ma joħdilhom il-ġisem tal-qaddis, f'dagħdigħa kienu kissru u farrku l-pont. 4 Kollha ħafjin u mbikkija, u quddiem kulħadd il-membri tal-kleru jġorru slaleb u bandalori, imxew lejn il-għatba tal-qabar ta' l-imqaddes Antnin[130] b'espressjoni ta' qima hekk straordinarju li qasmet qlub il-fidili, u f'dawk li kienu hemm iħarsu qanqlu sentimenti ta' ndiema u ħeġġuhom bl-imħabba divina.

5 Tabilħaqq, liema qafas ta' sider, imqar jekk tal-ħadid, ma jitqanqalx u jinfexx fil-biki, u ma jissaħħaħx bi proponimenti qaddisa meta jara kavallieri, nies imdorrija jgħixu ħajja komda, jimxu f'toroq imħarbta, u nisa nobbli, li bilkemm jifilħu jżommu dritti għax imdorrijin fit-tajjar, tarahom jimxu ħafjin fuq il-passi ta' dawk li għaddew qabilhom? 6 Min-naħa tagħhom il-patrijiet ukoll imitaw din id-devozzjoni, l-aktar għaliex it-tilwim li nqala' minħabba l-pussess tal-ġisem tal-qaddis, kienu saru kuntrarji għal dawn in-nie nobbli. Issa biex iwassluhom għall-paċi tal-qalb li tagħti frott u biex jonorawhom, marru *jiltaqgħu magħhom* (Ġw 12,13) ikantaw kor wieħed.

7 Mhux dawk biss, imma ċ-ċittadini kollha tal-belt, skond il-kwartieri tagħhom u fil-ġranet iffissati minn qabel, ġew proċessjonalment miexjin ħafjin. Ir-reliġjużi wkoll, li f'Padova minnhom hemm kotra kbira[131], ingħaqdu mal-fidili tad-distrett tagħhom, u meta messhom ġew proċessjonalment miexjin ħafjin huma wkoll. 8 L-isqof ma baqax lura: akkumpanjat mill-kleru tiegħu, ġie miexi ħafi u resaq lejn il-qabar

130 L-awtur mhux biss iqabbel lil Padova ma' Ġerusalemm, imma saħansitra mas-santwarju famuż tal-kristjanità tal-punent, jiġifieri Santiago de Compostella fi Spanja. L-espressjoni *ad visitanda beati Antonii limina* tfakkarna f'waħda simili li nsibu fl-*Asd* 42,2: *ad visitanda beati Jacobi limina.*

131 L-*Assidua* ssemmi l-*maxima multitudine* ta' reliġjużi li kienu jgħixu fil-belt, u r-*religiosorum conventus, qui in villis et castris circumadiacentibus copiosus habitant*. Dan kollu juri preżenza numeruża ta' reliġjuża fil-belt u barra l-ħitan tal-belt. Nafu li f'Padova u fis-subborgi tagħha kien hemm 4 monasteri doppji, 8 monasteri femminili u mal-15-il kunventi ta' reliġjużi maskili, barra mid-diversi monasteri u kunventi oħrajn fil-*contado* ta' madwar.

b'qima kbira; il-*podestà,* ħafi hu wkoll, wasal hemmhekk flimkien ma' qtajjiet ta' kavallieri u folol bla għadd ta' nies.

9 L-istess għamlu l-komunitajiet reliġjużi li jgħixu f'għadd kbir fl-irħula u l-kastelli ta' madwar, liebsin ilbies liturġiku, ħafjin, miexjin minn toroq skabrużi b'devozzjoni ferreħija. 10 Ma naqsux lanqas l-istudenti universitarji li l-belt ta' Padova hi miżgħuda bihom[132]. Arahom iħalltu l-biki tad-devozzjoni mal-kant ta' l-innijiet, u hekk kienu jfakkru t-tnehid imħallat mal-ferħ ta' dawk l-ulied li ġew lura mill-eżilju biex jibnu mill-ġdid it-tempju ta' Alla. Kien hemm min, qalbu sewda, kien jinfexx fil-biki, imma wara ftit tisimgħu jgħanni għanja ta' ferħ.

11 Hekk, iva proprju hekk, kortej organizzati tajjeb – kif se naqbad ngħidha: ta' nies jgħannu ferħana jew jibku? - ħafjin, kienu jimxu, u quddiemhom kienu jġorru xemgħa hekk kbira li, jekk ma jaqtgħulhiex biċċa sew minnha, qajla kienet tista' toqgħod dritta taħt is-saqaf tal-knisja ta' l-imqaddsa Omm Alla[133]. 12 Mhux biss l-istudenti, imma wkoll gruppi oħrajn ta' nies, fil-jum li kien imisshom, kienu jġibu magħhom xemgħat hekk twal li, jekk ma jaqtgħulhomx biċċa kbira minnhom, ma kienx jirnexxilhom idaħħluhom fil-knisja.

13 Dawn ix-xemgħat ta' kobor straordinarju kienu jinġarru fuq l-ispallejn, u sittax-il raġel bilkemm kienu biżżejjed biex iġorru waħda minnhom. Jekk imbagħad kienu jġorruhom fuq karru, kienu jorbtu miegħu żewġ pari gniedes, marbutin taħt il-madmad, ħalli jirnexxilhom iġorruhom. 14 Dawn kienu xemgħat twal ħafna. Fuq kull naħa, bħallikieku kienu Kandelabri[134], kienu joħorġu minnhom sferi u ġilji, dwieli u kull xorta ta' ward, maħdumin b'sengħa minn idejn artisti.

---

132 L-awtur ta' l-*Assidua* juri interess partikulari għaż-żgħażagħ universitarji li bihom kienet miżgħuda Padova, wara li fl-1222 kien sar eżodu ta' *magistri* u studenti minn Bologna għal Padova. L-università tissemma wkoll f'*Asd* 27,14.

133 Il-knisja ta' *Sancta Maria Mater Domini* kienet tassew żgħira, jekk lanqas setgħu jiddaħħlu fiha x-xemgħat twal li kienu jġorru d-devoti fil-purċiss jonijiet. Jekk is-saqaf tagħha kien baxx u kien ta' l-injam, il-periklu ta' ħruq kien tassew kbir. Minkejja dan l-*Asd* ta' spiss issemmi din il-knisja bħala *templum,* issemmi l-*murum ecclesiae*, u l-*claustrum*. Mela kienet knisja mibnija bil-ġebel, u kienet akbar minn sempliċi kappella.

134 Dan hu riferiment għall-kandelabru b'seba' fergħat (*menorah*) tas-santwarju tal-Lhud. Cfr. Eż 25,31-39; 37,17-24.

15 Uħud minnhom kienu f'għamla ta' bini reliġjuż, oħrajn f'għamla ta' *eżerċtu lest għat-taqbida* (Għanja 6,10). 16 Xi pellegrini li kienu jsebbħu l-purċissjoni b'dawn ir-rigali hekk sbieħ, f'idejhom kienu jġorru wkoll xemgħa taqbad. 17 Meta minħabba r-rassa ma kienx jirnexxilhom joqorbu lejn il-bieb tal-knisja, f'konfużjoni sħiħa kienu jitfgħu fuq xulxin dawn ix-xemgħat fil-pjazza, quddiem il-bieb tat-tempju.

18 Pellegrini oħrajn kienu jqiegħdu fuq il-ħitan fjakkli jixgħelu, u jgħaddu s-sahra tal-lejl fil-pjazza. U, ħaġa ta' l-iskantament, la kienu jiddejqu minħabba s-sħana tas-sajf u lanqas jitgħażżnu fl-istaġun kiesaħ tax-xitwa. B'kura u qawwa, magħqudin fi gruppi, arahom jieħdu post xulxin, lejl u nhar, biex jgħaddu l-ħin kollu jfaħħru lil Alla.

19 Il-belt kienet ferħana għal darba, imdawla u mżejna b'kotra hekk kbira ta' dwal[135]; bħal donnha tilfet għal kollox id-dalma tal-lejl. 20 Ġew jiġru l-Venezjani, għaġġlu t-Trevigiani, ma naqsux nies minn Vicenza, mil-Lombardia, nies Slavi, nies minn Aquileia, Ġermaniżi, Ungeriżi[136]; dawn kienu jaraw isiru quddiem għajnejhom mirakli u kull xorta ta' għeġubijiet. Kienu jgħaddu l-ħin ifaħħru u jigglorifikaw lill-ħallieq li jista' kollox.

21 Il-pellegrini kollha setgħu *jaraw b'għajnejhom* (Ġob 19,27) u jmissu b'idejhom, bla l-iċken dell ta' dubju, il-ġrajjiet ta' l-għaġeb li kienu qed isiru għall-merti ta' l-imqaddes Antnin. Kienu, għalhekk, iħossu tikber fihom it-tama li jaqilgħu l-grazzja li kienu jitolbu. Ma kienux jibqgħu lura milli *jistqarru dnubiethom* (Neħ 9,2) għand il-patrijiet, li bilkemm kienu jlaħħqu mal-kotra tal-penitenti. 22 Dawk, imbagħad, li kienu jiġu bit-tama li mill-ġdid jerġgħu jieħdu saħħithom, *skond ma hemm miktub, u jżommu dnubiethom moħbija* (Prov 28,13), ma kienu jagħmlu l-ebda pass fit-triq tal-fejqan. Meta, mbagħad, kienu

135 Dawn l-espressjonijiet huma meħudin mill-*Praeconium* tal-Vġili ta' l-Għid (*Exsultet*): *Gaudeat et tellus tantis irradiata fulgoribus, et aeterni regis splendore illustrata, totius orbis se sentiat amisisse caliginem*.

136 Din il-lista ta' popli devoti, li ma tinkludihomx kollha, tindika l-mappa tal-kult lejn Sant'Antnin. Iċ-ċentru tad-devozzjoni jibqa' s-santwarju ta' Padova, u huma indikati bliet fl-Italja ta' fuq, fil-pajjiżi 'l fuq mill-Alpi, fiż-żona ċentrali-orjentali tal-kristjanità kattolika (*slavi, theotonici, hungari*). Ma tissemmix il-penisola Taljana, lanqas Franza u lanqas Spanja (il-fatt li Antnin kien Portugiż ma jiġix muri f'din it-taqsima).

jagħmlu qrara tajba u jiddeċiedu li jbiddlu ħajjithom, hemm quddiem kulħadd kienu jaqilgħu l-fejqan mixtieq.

## 27 – DWAR IL-MISSJONI TAD-DELEGATI LI MARRU L-KURJA JITOLBU L-KANONIZZAZZJONI TA' SANT'ANTNIN

[27] 1 Il-fidi tal-Knisja kienet mgħollija u mfaħħra; kiseb stima l-ogħla faqar u qima l-umiltà sempliċi. Il-qerq, omm għamja ta' kull xorta ta' erruri, ħammret wiċċha bil-mistħija, u l-moħħ imħassar bil-ħażen ta' l-ereżija dbiel u tmewwet għall-aħħar. Iva, il-ħażen bla fiduċja tħawwad u d-dlam tan-nuqqas ta' twemmin tħarrab mid-dawl sabiħ li tferrex mill-mirakli bħallikieku b'dehra ta' dawl ġdid.

2 Dan xandruh il-laqgħat qaddisa tal-kleru; talbu wkoll il-poplu devot; ilkoll b'leħen wieħed qablu u wrew ix-xewqa u saħqu li għandhom jibgħatu delegati fil-kurja tal-Papa biex jitolbu li l-imqaddes Antnin ikun kanonizzat. 3 Issejħet laqgħa solenni tal-kleru u tal-poplu biex jiddiskutu din il-proposta, u *l-kotra kollha, ruħ waħda u qalb waħda* (Atti 4,32) laħqet ftehim li din ix-xewqa komuni għandha tiġi rispettata. 4 U xi ngħidu iżjed? L-isqof għamel talba miktuba u miegħu qablu l-membri tal-kleru u l-*podestà*[137] flimkien man-nobbli u l-kotra tal-poplu. Bilkemm kien għadda xahar mill-mewt tal-qaddis[138] li ma ntbagħtitx delegazzjoni għand is-sede apostolika[139], magħmula minn nies magħrufin għas-serjetà u r-rispett għall-qagħda tagħhom.

5 Meta ftit ġranet wara, il-membri tad-delegazzjoni ippreżentaw ruħhom quddiem il-Papa, u bil-għaqal kollu spjegawlu r-raġunijiet għala ġew quddiemu, is-Sinjur Papa Girgor IX, u miegħu dawk kollha preżenti

137 Il-*podestà* dan iż-żmien kien Goffredo de Lucino minn Como, elett wara Stefano Badoer, u li dam fil-kariga mid-29 ta' Ġunju 1231 sat-28 ta' Ġunju 1232, deskritt bħala *iustus et rectus homo, diligens quod Marchia in tranquillitate maneret ... et rexit civitatem in multa iustitia*. Kien hu l-*podestà* li ra l-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin fit-30 ta' Mejju 1232.

138 Mela ninsabu qabel it-13 ta' Ġunju 1231.

139 Fil-perjodu ta' żmien li jinteressana, il-kurja pontifiċja kienet tinsab fi Rieti bejn Ġunju 1231 u April 1232. Wara għaddiet għal ftit żmien f'Terni, Alatri u Narni. Mit-tieni nofs ta' Mejju sa nofs Lulju 1232 kienet tinsab fi Spoleto, fejn appuntu saret il-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin.

fil-kurja, laqgħuhom b'kordjalità kbira. 6 Tabilħaqq, ħafna minn dawn ta' l-aħħar stagħġbu mhux ftit meta semgħu dwar il-glorja tal-bniedem ta' Alla li kibret hekk malajr, u dwar il-kotra kbira ta' mirakli li bdew iseħħu f'daqqa għall-merti tiegħu. 7 Issejħet laqgħa tal-kulleġġ sagru tal-kardinali[140] u f'din il-laqgħa solenni iddiskutew il-proposta tad-delegati tal-belt ta' Padova. 8 Fl-aħħarnett, bil-parir ta' kulħadd, il-Papa ta l-inkarigu lill-meqjum isqof ta' Padova, lill-prijuri ta' San Benedittu u lill-patrijiet Predikaturi biex jagħmlu eżami serju tal-mirakli[141].

9 Minn kullimkien bdew ġejjin lejn Padova[142] gruppi kbar ta' nies, irġiel u nisa, kollha jiddikjaraw li, għall-merti ta' l-imqaddes Antnin, ġew meħlusa minn ħafna xorta ta' disgrazzji, u ikkonfermaw dan bil-provi li ġabu. 10 Instemgħu dawk li taw ix-xhieda tagħhom taħt ġurament, u meta nstemgħu ħafna xhieda tal-verità, saret ir-redazzjoni

140 Jissemmew tliet konċistorji rigward il-kanonizzazzjoni ta' Antnin: hawnhekk, fejn il-kulleġġ (*concio*) kardinalizju iltaqa' mal-Papa għal eżami preliminari tal-kwestjoni, u ħatar tribunal djoċesan inkarigat li jeżamina l-mirakli attribwiti għall-interċessjoni ta' Antnin; it-tieni laqgħa f'*Asd* 27,18, fil-konklużjoni tal-fażi djoċesana tal-proċess, li wasslet għall-fażi definittiva; u fl-aħħarnett it-tielet laqgħa plenarja li fiha ħadu sehem, barra mill-Papa Girgor u l-kardinali, xi prelati preżenti fil-kurja. L-*Asd* 28,2 issemmi laqgħa oħra li fiha l-kardinal ta' Abbeville semma' r-riżultati pożittivi ta' l-indaġini tiegħu.

141 Fil-Bulla ta' kanonizzazzjoni *Cum dicat Dominus* (*Bullarium Franciscanum* I, 80b), il-Papa Girgor jikteb: *eidem episcopo* (ta' Padova) *et dilectis filiis fratri Jordano S. Benedicti et Johanni S. Augustini prioribus ordinis Predicatorum, Paduanis, receptionem testium de miraculis eiusdem Sancti duximus committendum.* L-isqof li kien kap tal-kummissjoni kien Jacopo de Corrado, li jissemma diversi drabi fl-*Assidua*; il-prijur ta' S. Benedittu (li mhix riferiment għall-Benedittini imma għall-monasteru ta' S. Benedittu ta' Padova) kien, almenu mill-1203, il-beatu Giordano Forzaté dei Transelgardi, li miet fis-7 ta' Awissu 1248. It-tielet imħallef tat-tribunal djoċesan kien il-beatu Giovanni da Vicenza, figura importanti ħafna fl-Ordni Dumnikan, li kellu l-prijorat ta' S. Agostino in Padova fis-snin 1230-1233. Salimbene jitkellem dwar il-parti kbira li dan id-Dumnikan kellu fil-moviment reliġjuż ta' l-Alleluia fis-sena 1233. Fil-fatt, din il-kummissjoni għamlet indaġini mhux biss dwar l-awtentiċità tal-mirakli, imma wkoll dwar il-ħajja ta' S. Antnin.

142 Il-kummissjoni mall-ewwel bdiet il-ħidma, billi laqgħet *testes super miraculis beati Antonii, in camera domini episcopi Paduani,* kif tinfurmana l-*Assidua* 44,1.

tal-mirakli bil-kitba. 11 Fl-aħħar, imbagħad, bi twettieq akbar tal-fidi u l-mirakli, ġew eżaminati u mgħarbla b'reqqa l-qagħda u l-kundizzjoni tal-persuni u tal-fatti. Inkiteb kollox bl-akbar serjetà: il-post u ż-żmien, dak li raw u semgħu u kull ċirkustanza oħra li kellha x'taqsam max-xhieda.

12 Meta l-eżami bir-reqqa tal-mirakli tlesta, l-insara twajba ta' Padova komplew jinsistu b'devozzjoni qawwija, u wara li bagħatu t-tieni u t-tielet delegazzjoni, għażlu nies ta' fiduċja biex jibgħatuhom għand is-sede apostolika[143]. 13 Infatti, biex jinfurmaw lill-Papa li kien ħerqan, u miegħu lill-kardinali li dmirhom hu li jgħassu dwar il-verità tal-kawża u tad-dinjità tad-devozzjoni, il-venerabbli isqof ta' Padova bagħat fil-kurja patrijiet u kanoniċi tal-knisja ewlenija tiegħu[144], u magħhom il-Prijur ta' Santa Maria di Montecroce[145]. Il-*podestà* wkoll, min-naħa tiegħu, ma naqasx li jibgħat persuni nobbli u ta' setgħa, konti u kavallieri, numru kbir ta' persuni oħrajn magħrufa, u ġemgħa ġmielha ta' ċittadini. 14 Biex jintlaħaq l-istess għan, il-korporazzjoni kollha ta' l-università – professuri u studenti – kitbu ittra li kien jixirqilha tittieħed

143 Ma tantx tidher ċara fir-rakkont id-distinzjoni bejn it-tieni u t-tielet delegazzjoni. X'aktarx li t-tieni delegazzjoni, li kienet inkarigata li twassal lis-santa sede d-dossier tat-tribunal djoċesan, kienet magħmula minn persuni ekkleżjastiċi, filwaqt li t-tielet delegazzjoni kienet wasslet l-ittri tal-*magistrorum atque scolarium universitas,* tal-*litteratorum concio* u tad-dokument ta' konferma miktub miż-żewġ kardinali li kienu jinsabu Padova f'dawk il-ġranet.

144 Mill-Bulla *Litteras quas*, nafu li l-isqof bagħat bħala rappreżentanti tiegħu lill-arċidjaknu tal-kattidral, u kanoniku ta' l-istess knisja.

145 Filwaqt li fil-leġġenda l-prijur ta' S. Maria *de Monte crucis* jissemma wara ż-żewġ prelati tal-kattidral, fil-Bulla *Litteras quas* jinsab fl-ewwel post. Il-monasteru ta' S. Maria ta' Monte delle Croci kien wieħed minn diversi monasteri ta' Benedittini *albi* (bojod). Il-post ma kienx muntanja imma għolja qrib Battaglia Terme, fit-territorju ta' Padova, qalb il-Colli Euganei. Fejn kien hemm il-monasteru inqered għal kollox minn barriera. Il-prijur fl-1224 kien ċertu Gregorio. Rigward ir-rwol li l-patrijiet Minuri ta' *S. Maria Mater Domini* kellhom fil-kanonizzazzjoni ta' Antnin, l-awtur ta' l-*Assidua* jżomm skiet prudenti. Imma l-Bulla *Litteras quas* issemmi, wara l-prijur ta' Monte delle Croci, l-arċidjaknu u l-kanonku ta' Padova, żewġ reliġjużi ta' *S. Maria,* jisimhom *fratrem Gerardum et fratrem Spinabellum*, li ma nafu xejn dwarhom.

in kunsiderazzjoni serja. Il-ġemgħa tan-nies letterati[146], li mhix ta' min iqishom ta' ftit importanza, wkoll bagħatu messaġġ, u *taw xhieda* (Ġw 1,8.15.32) ta' dak li raw u semgħu.

15 Dwar dan kollu, kitbu wkoll il-venerabbli kardinali li, bil-pjan tal-providenza tal-Mulej, inzertaw kienu preżenti għal dawn il-ġrajja. Dik il-ħabta, infatti, is-sinjur Oddo di Monferrato[147] u s-sinjur Jacopo[148], isqof elett ta' Palestrina, fil-qadi ta' l-uffiċċju tagħhom bħala delegati tal-Papa, kienu qed iħabirku biex iġibu l-paċi f'xi bliet tal-Lombardia u tal-Marca Trevigiana. 16 It-tnejn li huma, waqt din il-ħidma tagħhom, waslu Padova u kisbu tagħrif minn xhieda li raw b'għajnejhom u li kienu jafu l-verità li ħadd ma jista' jmeriha dwar l-għeġubijiet li wettaq Alla. Hekk huma wkoll saru xhieda tal-verità u ikkonfermaw il-kredibilità tal-mirakli permezz ta' ittra li kitbu huma wkoll.

17 Meta kellhom f'idejhom dawn l-ittri, id-delegati ma tilfux żmien, imma b'ħeffa kbira erħewlha lejn il-kurja. Megħjunin minn din il-kotra ta' dokumenti awtorevoli, il-Papa u n-nies kollha tal-kurja

---

146 Flimkien mal-ġemgħa ta' ċittadini l-*podestà* bagħat fil-kurja papali xi persunaġġi magħrufin, li fil-fatt jissemmew fil-Bulla *Litteras quas*: *nobiles viros Schinellam et Ubertum comites, Paschalem et Carolum Paduanos patritios vestros* (*Bullarium Franciscanum* I, 79a). Il-*litterarum concio* li jitkellem minnha l-aġjografu, tidher distinta mill-organizzazzjoni universitarja li għadna kemm fakkarna. Iż-żewġ gruppi ħadu quddiem is-santa sede d-dokument proprju tagħhom rigward il-kanonizzazzjoni ta' Antnin.

147 Ottone di Monferrato kien minn Piemonte, mill-familja ta' Tonengo, tal-markiżi ta' Monferrato. Kien kappillan papali, u fit-18 ta' Settembru 1227 Girgor IX ħatru kardinal djaknu ta' S. Nicola in Carcere. Flimkien mal-kardinal Jacopo di Pecorara mar bħala legat pontifiċju għand Federiku II u l-Lega Lombarda. Fix-xitwa ta' l-1232 iż-żewġ prelati ma sabux lill-imperatur Bologna, għax kien telaq lejn Friuli. Għalhekk marru l-Veneto u mbagħad reġgħu lura Bologna għal trattattivi mar-rappreżentant ta' l-imperatur. Dawn iż-żewġ kardinali kienu Padova bejn Frar u Marzu 1232. Il-kardinal Ottone di Monferrato miet f'Lyon bejn tmiem l-1250 u l-bidu ta' l-1251.

148 Iacopo di Pecorara (Piacenza) kien protagonista fil-konflitt li kien hemm bejn il-Papa u l-Imperatur. Bħal Ottone di Monferrato kien qassis, imma lejn l-1219 kellu kriżi reliġjuża, u mar Franza biex daħal fl-Ordni taċ-Ċisterċensi fi Clairvaux, u mbagħad għadda fl-abbazija ta' Trois-Fontaines. Fl-1231 Girgor IX għażlu bħala kardinal isqof ta' Palestrina. Għal perjodi twal fil-kardinalat tiegħu kien legat pontifiċju. Miet fil-25 ta' Ġunju 1244. Fid-dokumenti, sas-sena 1235 jingħad li kien isqof *electus* ta' Palestrina, u biss wara t-18 ta' Awissu ta' dik is-sena jidher bħala isqof ikkonsagrat.

laqgħuhom b'ħafna mħabba. 18 Għalfejn noqogħdu ntawwlu? Mill-ġdid issejħet laqgħa oħra u matulha ġiet diskussa l-kanonizzazzjoni ta' l-imqaddes Antnin, b'mod favorevoli, fil-preżenza tal-Papa u l-kardinali. Wara dan, imbagħad, issejjaħ konċistorju, u l-eżami ġenerali tal-mirakli u l-approvazzjoni tagħhom tħalla f'idejn is-sinjur Giovanni[149], isqof ta' Sabina. 19 Min-naħa tiegħu, dan l-uffiċċju ma qdieħx bħallikieku kien bla ħeġġa. Għall-kuntrarju, mexxa l-kawża 'l quddiem bl-akbar reqqa u ħeffa, u wettaq b'mod sħiħ l-eżami u l-approvazzjoni tal-mirakli fi żmien li ħadd ma stenna li jkun daqshekk qasir.

## 28 – DWAR VIŻJONI MURIJA MIS-SEMA

[28] 1 Filwaqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja, id-delagati minn Padova kellhom jiffaċċjaw intopp ġdid u urġenti li qatt ma kienu ħasbu dwaru qabel. Id-diffikultà li tqajmet ħawdet il-ferħ tar-riżultati sbieħ li kienu nkisbu. 2 Kien hemm xi kardinali[150] li, għall-virtujiet u

149 Giovanni twieled f'Abbeville, fil-Piccardy. Fl-1217 kien *regens in theologia* fl-università ta' Pariġi, fl-1218 dekan tad-djoċesi ta' Amiens, fl-1225 arċisqof ta' Besancon, u fl-1227 kardinal ta' Sabina. Bħala legat ta' Girgor IX kien fi Spanja minn Frar 1228 sa tmiem l-1229 biex jippriedka l-kruċjata. Fl-1228 ikkonsagra l-knisja ta' Santa Cruz f'Coimbra (fejn Antnin kien għex bħala Agostinjan), u fi Puerto laqqa' kapitlu ġenerali tal-monasteri kollha Agostinjani tal-Portugal. Fl-1230 ħa sehem attiv fil-paċi bejn Federiku II u l-Papa Girgor. Miet f'Ruma f'Settembru 1237.

150 F'dan il-perjodu ta' kriżi – bejn April u Mejju 1232 – il-kulleġġ kardinalizju kellu 16-il membri. Mhux possibbli nkunu nafu min kienu l-*quidam principes ecclesie* li ma kienux qablu li titħaffef il-proċedura tal-proċess ta' kanonizzazzjoni, għax dehrilhom li dan kien imur kontra d-drawwiet tal-Knisja. L-awtur jiddiskrivi lil dawn il-kardinali bħala *moribus et litteratura non mediocres*, jiġifieri personalitajiet li kienu magħrufin għal ħajja eżemplari u għorrief. X'aktarx li kienu kardinali li kienu studjaw il-liġi kanonika, u kemmxejn tradizzjonalisti quddiem il-fenomenu ġdid tal-moviment Franġiskan. Fost dawn il-kardinali wieħed jista' jsemmi lill-ġurista Sinibaldo Fieschi, li mbagħad sar Papa Innoċenz IV; il-kardinal anzjan Egidio de Torres; jew inkella Rainaldo da Jenne, li mbagħad sar Papa Alessandru IV. Dan, fil-fatt, fl-okkażjoni tal-funerali ta' S. Klara (11 ta' Awissu 1253), wera sens kbir ta' prudenza quddiem il-Papa Innoċenz IV, skond il-*LegCl* 47 (FSK 648): «Meta wasal il-ħin biex tibda ċ-ċelebrazzjoni qaddisa, u l-patrijiet bdew jgħidu l-Uffiċċju tal-mejtin, f'daqqa waħda s-Sinjur Papa qal li mhux

l-għerf tagħhom, kienu jispikkaw fuq il-prinċpijiet l-oħrajn tal-Knisja. Misjuqin mill-ħeġġa biex jitħarsu d-drawwiet ekkleżjastiċi, u mħassbin minħabba l-fatt li ftit kien għadda żmien mill-mewt ta' l-imqaddes Antnin, dehrilhom li f'ħaġa importanti bħal din ma kienx hemm għalfejn issir għaġġla[151], l-aktar għaliex lanqas kienet għadha għaddiet sena minn mindu kien miet l-imqaddes Antnin. Għalhekk, bi prudenza qalu li la riedu u lanqas setgħu jaqblu mal-kanonizzazzjoni tiegħu qabel ma jgħaddi perjodu xieraq ta' żmien.

3 Dak li b'fomm il-profeta qal *ma nċedi lil ħadd il-glorja tiegħi* (Iż 42,8; 48,11), ried li ssir waqfa qasira biex nagħrfu li għandna nattribwixxu s-seħħ tal-pjan tagħna lill-grazzja. 4 Meta deherlu li kien il-waqt, fil-ħniena tiegħu għoġbu jindaħal, u permezz ta' viżjoni mirakoluża ipperswada lil wieħed mill-kardinali biex jitkellem favur il-kanonizzazzjoni.

5 Il-viżjoni kienet din. Dan il-kardinal *kellu dehriet f'moħħu waqt li kien mimdud fuq friexu* (Dan 7,1). Fil-ħolm ra l-Papa liebes l-ilbies pontifikali, lest biex jikkonsagra l-knisja u l-altar. Il-venerabbli kardinali li s-soltu kienu jassistuh, kienu mdawrin miegħu, qishom jiffurmaw *kuruna madwaru* (Sir 50,12); fosthom kien hemm jassisti l-Papa wkoll dan il-kardinal li kien rieqed, u mhux l-aħħar wieħed għall-uffiċċju u d-dinjità, hu wkoll kien liebes il-paramenti imqaddsa. 6 Meta qorob il-mument tal-konsagrazzjoni l-Papa talab li jġibulu r-relikwi tal-qaddisin li, skond ir-ritwal, soltu jitqiegħdu fl-altar, imma wieħed wara l-ieħor kollha qalu li ma kienx hemm relikwi. 7 Imbagħad il-Papa beda jħares 'l hawn u 'l hinn, donnu jfittex xi ħaġa, u fil-qrib ra l-ġisem ta' xi ħadd li ma kienx ilu li miet, imgeżwer fil-faxex. Malli rah, qal: "Ħaffu, ġibuli dawn ir-relikwi l-ġodda biex inqiegħdhom fl-altar".

8 Il-kardinali, iżda, kif lemħu dak il-ġisem mejjet, kollha insistew li dawk ma kienux relikwi. Imbagħad il-Papa qalilhom: "Neħħu l-velu li hu mgħotti bih, u almenu araw sewwa x'hemm mistur taħtu". 9

l-Uffiċċju tal-mejtin għandu jingħad, imma dak tal-Verġni: bħallikieku ried jagħmilha qaddisa qabel id-difna ta' ġisimha. Iżda l-eminentissimu Sinjur, l-isqof ta' Ostia, ma qabilx ma dan, u qal li f'dil-ħaġa wieħed għandu jimxi bil-mod, u għalhekk għandha tiġi iċċelebrata l-quddiesa tal-mejtin».

151 Fil-Bulla *Litteras quas* Girgor IX saħaq dwar iż-żmien eċċezzjonali li fih ġie kanonizzat S. Antnin: *Romana ecclesia in tam sancto negotio non sic subito, sed cum gravitate et maturitate plurima consueverit procedere hactenus*.

Dawk, b'pass imkaxkar u kontra qalbhom, resqu lejn il-ġisem, u kif kienu ordnati, neħħew b'ħeffa l-faldrappa li biha kien mgħotti. 10 Meta kixfuh, raw li fil-ġisem ma kienx hemm l-iċken ħjiel ta' taħsir, u tant ħadu gost b'dawk ir-relikwi li, b'gara bejniethom, bdew jiddiskutu min minnhom kien se joħodhom l-ewwel.

11 Meta fil-ħolm il-kardinal ra dik il-folla nies kollha ġejjin jiġru lejn il-ġisem, qam b'ħasda mill-irqad u ħareġ mis-sodda. Sejjaħ lill-kjeriċi li kienu jaqduh u qagħad jiddiskrevilhom il-viżjoni li kellu fil-ħolm. Il-ħolma taha interpretazzjoni devota, bħala li kellha x'taqsam mal-kanonizzazzjoni ta' l-imqaddes Antnin, li bla dubju ta' xejn kienet se ssir fi żmien qasir. 12 Kif niżel isfel minn daru biex imur il-kurja, ra *quddiem il-bieb* (Atti 10,17) id-delegati minn Padova, mibgħutin għandu bħallikieku mnebbħa mill-Mulej. 13 Kif rahom il-kardinal dar fuq il-kjeriċi li soltu kienu jaqduh, u b'ħarsa ferħana fuq wiċċu qal: "Ara, din hi l-ħolma u l-interpretazzjoni tagħha!".

14 Imfarraġ għall-aħħar mill-viżjoni divina, beda jaħdem biex iġib 'il quddiem il-kawża taċ-ċittadini ta' Padova. Qal ukoll ċar u tond li ma jistgħux jiġu stabiliti limiti ta' żmien għas-setgħa bla tarf ta' Alla, u li ebda drawwa ma għandha ttellef il-glorifikazzjoni tal-qaddis.

## 29 – IL-KANONIZZAZZJONI TA' SANT'ANTNIN

[29] 1 Wara li, kif digà għidna[152], r-rapport tal-mirakli inqara pubblikament quddiem is-sinjur Giovanni, isqof ta' Sabina, u l-verità tagħhom ġiet ikkonfermata b'ġurament min-nutara, u hekk ġew dikjarati approvati u milqugħin, il-kardinali u l-prelati kollha, li kienu preżenti fil-kurja, inġabru flimkien[153]. 2 Tressqet il-proposta favur il-kanonizzazzjoni ta' l-imqaddes Antnin, u billi kollha qablu b'mod unanimu, il-laqgħa tkompliet fi klima ta' ferħ kbir.

3 Il-kardinali qalu: "Kienet tkun ħaġa indenja għall-aħħar, u jalla dan ma jseħħ qatt, li aħna ntellfu l-qima fuq l-art li tixraq lill-merti ta' l-

152 Cfr. kap. 27,18-19.

153 Din il-laqgħa saret fit-28 ta' Mejju 1232, il-Ġimgħa qabel Pentekoste. Il-Bulla *Litteras quas* titkellem minn: *fratrum nostrorum* (kardinali) /.../ *et omnium prelatorum apud sedem Apostolicam existentium*.

imqaddes missier Antnin, meta l-Mulej, fil-maestà tiegħu, diġà għoġbu jinkurunah bil-glorja u l-ġieħ fis-sema. 4 Tabilħaqq, kif kienet tkun nuqqas ta' fiduċja kieku ma nemmnux il-mirakli li ġew ikkonfermati, hekk ukoll tkun togħma ta' għira li niċħdu t-tifħir li jixraq lill-qaddisin". 5 Fl-aħħar, il-Papa ra li kollha kienu jaqblu dwar il-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, u billi kien jara li xejn ma seta jwaqqaf id-devozzjoni tan-nies ta' Padova[154], fuq il-parir ta' kulħadd, qabel li tiġi milqugħa t-talba ħerqana tagħhom. Hekk warrab kull tnikkir, u iddeċieda li jiffissa d-data taċ-ċerimonja.

6 Kien diġà wasal it-tielet jum għad-data stabilita għal din is-solennità kbira[155]. Kienu preżenti l-kulleġġ sagru tal-kardinali; tlaqqgħu flimkien l-isqfijiet, ġew l-abbati u nġemgħu prelati mill-knejjes tad-dinja kollha. Fuq naħa kien hemm il-ġemgħa tal-kleru, u fuq in-naħa l-oħra kotra ta' nies li ma tgħoddhomx. 7 Hemm hu l-Papa, wieqaf fil-kobor tal-glorja tiegħu, liebes l-ilbies pontifikali. Madwar *il-midluk tal-Mulej* (S 44,8; 1Sam 24,7), kienu miġmugħin il-kardinali u l-prinċpijiet l-oħrajn tal-Knisja, ilkoll liebsin bil-paramenti liturġiċi. 8 Skond id-drawwa, *quddiem il-ġemgħa tal-poplu* (Neħ 8,5), inqraw il-mirakli, u

154 L-aġjografu jitkellem qabel xejn mill-*unanimem omnium consensum* dwar il-kanonizzazzjoni tal-qaddis, u mbagħad dwar *de comuni omnium consilio* rigward il-kardinali u l-prelati li ħadu sehem f'din il-laqgħa solenni. Il-Papa Girgor IX, fil-Bulla *Litteras quas* jikteb li iddeċieda li jikteb lil Antnin fil-kataologu tal-qaddisin, *de fratrum nostrorum consilio,* l-istess espressjoni li niltaqgħu magħha fil-Bulla ta' kanonizzazzjoni *Cum dicat Dominus*. Biex iħaffu l-proċess ta' kanonizzazzjoni, billi jagħmlu derogi mid-direttivi kurjali, kienu strumentali l-ħafna mirakli li seħħew fuq il-qabar ta' S. Antnin, kif ukoll il-pressjoni li saret miċ-ċittadini ta' Padova.

155 F'dak iż-żmien iċ-ċerimonja ta' kanonizzazzjoni kellha ħames mumenti: (1) fil-knisja (imma xi kultant ukoll fis-sala tal-palazz papali jew fi pjazza barra) quddiem il-poplu miġbur għar-rit imqaddes, u wkoll biex jara dan l-ispettaklu, il-Papa kien jieħu postu fost il-kardinali u l-prelati lebsin il-paramenti liturġiċi solenni, u kien ifaħħar il-virtujiet u l-merti tal-qaddis li jkun se jikkanonizza. (2) Kardinal djaknu mbagħad kien jaqra pubblikament il-mirakli li jkunu ġew approvati b'mod sommarju. (3) Il-Papa kien f'dan il-ħin ilissen il-formola solenni ta' kanonizzazzjoni. (4) Kulħadd kien ikanta t-*Te Deum* ta' ringrazzjament, u warajh kienet issir talba ta' invokazzjoni lil Alla bl-isem tal-qaddis il-ġdid. (5) Il-Papa fl-aħħarnett kien jiċċelebra l-quddiesa ad unur tal-qaddis ġdid.

ġew mgħollija b'qima u devozzjoni l-mirakli u l-merti ta' l-imqaddes Antnin[156].

9 Ir-ragħaj tal-Knisja, imbagħad, mimli b'faraġ qaddis, qam bilwieqfa, refa' idejh lejn is-sema, u wara li sejjaħ l-isem tat-Trinità l-aktar qaddisa, kiteb lill-imqaddes missier Antnin fil-katalogu tal-qaddisin[157]. Ordna wkoll li l-festa tiegħu tiġi iċċelebrata fid-data tal-jum tal-mewt tiegħu; *għat-tifħir u l-glorja ta' Alla, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, li lilhom jixraq kull ġieħ u setgħa għal dejjem ta' dejjem. Amen* (1Tim 6,16; 1Pt 5,11).

10 Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet saru fil-belt ta' Spoleto[158], fis-sena tal-Mulej 1232, fil-ħames *indictio*, nhar is-solennità ta' Għid il-Ħamsin, fis-sitt sena tal-pontifikat tas-sinjur papa Girgor IX.

11 Ir-rappreżentanti tal-belt ta' Padova, imbagħad, b'pass ħafif marru lura lejn djarhom se jtiru bil-ferħ. Dan kollu seħħ qabel magħaddiet sena mill-mewt ta' l-imqaddes Antnin. Il-festa tiegħu ġiet iċċelebrata b'solennità li qajla tista' tiddiskreviha f'għeluq is-sena mit-tluq tiegħu lejn is-sema[159].

---

156 Ma wasalx għandna d-diskors ta' Girgor IX, u lanqas it-test bibliku li soltu kien jintuża bħala tema tal-priedka.

157 Il-formola sħiħa tal-kanonizzazzjoni nsibuha f'1C 126, rigward il-kanonizzazzjoni ta' S. Franġisk: *Ad laudem et gloriam omnipotentis Dei Patris et Filii et Spiritus Sancti, et gloriose virginis Marie, et beatorum apostolorum Petri et Pauli, et ad honorem gloriose ecclesie Romane, beatissimum patrem Franciscum, quem Dominus glorificavit in celis, venerantes in terris, de consilio fratrum nostrorum et aliorum prelatorum, in catalogo sanctorum decernimus adnotandum, et festum eius die sui obitus celebrari.* Hi biss il-*Benignitas* (20,3) li titkellem mill-kant tat-*Te Deum*, li warajh il-Papa intona l-antifona *O doctor optime* u t-talba liturġika. Il-Bulla *Cum dicta Dominus* tagħti indulġenza ta' sena li l-insara li jkunu qerru dnubiethom setgħu jaqilgħu fil-festa ta' S. Antnin u matul l-ottava tiegħu, jekk iżuru u jitolbu fuq il-qabar tal-qaddis. Dan nafuh mir-*Rigaldina* 10,65.

158 Iċ-ċerimonja saret fil-kattidral ta' Spoleto, u mhux fil-knisja Franġiskana ta' S. Simone, li inbniet aktar tard. Fl-1232 il-Franġiskani kienu jinsabu f'S. Elia u qabel hemmhekk kienu f'S. Apollinare. Fl-1698 f'S. Simone ittieħdet parti mill-kranju ta' S. Antnin għall-festi speċjali.

159 L-istess jum, jiġifieri t-13 ta' Ġunju 1232. Il-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin tistabilixxi *record* fil-lista ta' kanonizzazzjonijiet tal-qaddisin, imma hemm qaddis li jgħaddi lil S. Antnin għall-ħeffa li biha ġie kanonizzat: il-martri Dumnikan S. Pietro ta' Verona, inkwiżitur, li miet fis-6 ta' April 1252 u ġie kanonizzat f'Perugia minn Innoċenz IV fid-9 ta' Marzu 1253.

# II/B
# JIBDA R-RAKKONT TAL-MIRAKLI TA' SANT'ANTNIN

## 30 – PROLOGU

[30] 1 Għat-tifħir u l-glorja ta' Alla li jista' kollox, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, u tal-glorjuża Verġni Marija u ta' Sant'Antnin. Bil-għan li nħeġġu d-devozzjoni tal-fidili, ħsibna li tkun ħaġa tajba niktbu fil-qosor, imma fi qbil mal-verità, il-mirakli li nqraw fil-preżenza tas-Sinjur Papa Girgor IX u li nstemgħu mill-poplu miġbur quddiemu[160].

## 31 – DWAR DAWK B'DIŻABILITÀ FIŻIKA

[31] 1 (I) Dakinhar li l-ġisem tal-wisq qaddis Antnin indifen bil-ġieħ kollu fil-knisja ta' l-imqaddsa Omm ta' Alla Marija[161], waħda mara, jisimha Cunizza, kienet ilha sena marida. Biex timxi kienet tistrieħ fuq dawk l-istrumenti ta' l-injam, jgħidulhom krozzi, u bil-għajnuna tagħhom irnexxielha titkaxkar sal-knisja. 2 Fuq spallitha kellha ħotba tal-biża', li kienet kawżata mill-ilma li nġemgħa fiha. Kienet hekk imgħawġa li, mingħajr il-krozzi, ma kienet tista' tagħmel l-ebda pass. 3 Inxteħtet għal żmien qasir titlob ħdejn il-qabar tal-wisq imqaddes Antnin, u fid-daqqa u l-ħin spallitha ħadet il-forma naturali tagħha u l-ħotba għabet. Il-mara setgħet tiddritta u hekk għamlet; ħalliet il-krozzi hemm, u telqet lejn darha.
[32] 4 (II) Mara oħra, jisimha Guilla, kienet ilha mgħawwġa għal tmien snin jew aktar. Riġilha tax-xellug kien nixef u n-nerrvituri nġibdu

160 Għall-kanonizzazzjoni ta' S. Franġisk il-kardinal Ottaviano Ubalidini kien qara l-mirakli li seħħu bl-interċessjoni tiegħu (1Cel 125). Jista' jkun li kien dan l-istess Ottaviano li qara l-lista tal-mirakli attribwiti għall-interċessjoni ta' S. Antnin. L-awtur ta' l-*Assidua* jistqarr li hu ġabar biss l-essenzjal tal-lista tal-mirakli. Iġib 53 fatti mirakolużi. Normalment jillimita ruħu biex ifakkar l-isem tal-persuna mirakolata, il-post minn fejn kien ġej, ir-rakkont u ċ-ċirkustanzi tal-fejqan mirakoluż.

161 Kien il-jum tat-Tlieta 17 ta' Ġunju 1231, wara d-difna ta' S. Antnin, jiġifieri tard filgħodu jew wara nofs in-nhar.

'l ġewwa, hekk li lanqas kien jirnexxilha tmiddu ma' l-art. Meta minħabba l-ħtieġa kien ikollha tmur x'imkien, kienet tistrieħ fuq il-krozzi u titkaxkar b'diffikultà kbira. 5 Żewġha Marcoardo rikkibha fuq iż-żiemel u ħaffef ġabha lejn il-knisja ta' Marija, l-Omm qaddisa ta' Alla. Daħħalha ġewwa, u b'devozzjoni sabilha post quddiem l-arka ta' l-imqaddes Antnin, bit-tama li tikseb saħħitha. 6 Il-marida nxteħtet titlob, u fid-daqqa u l-ħin minħabba l-uġigħ kbir li qabadha, bdiet togħroq ħafna. Billi ma setgħetx tissapporti s-sħana, xi rġiel ħarġuha barra mill-knisja biex tieħu ftit arja friska. 7 Wara ftit, daħħluha mill-ġdid ħdejn il-qabar, u waqt li kienet b'għajnejha magħluqa, ħasset bħallikieku id xi ħadd li jmissha fuq sidirha u jipprova jqajjimha. 8 Billi xtaqet tkun taf min messha, il-mara għolliet ħarsitha, imma ma rat lil ħadd. 9 Fehmet, imbagħad, li dak li ħasset kienet għajnuna mis-sema. Malajr qamet dritta, warrbet il-krozzi, u kollha ferħana marret lura d-dar ma' żewġha.

[33] 10 (III) Riccarda kienet ilha għoxrin sena b'riġlejha nexfin. Kellha dehra li tbeżżagħek, imkebba 'l ġewwa ħtija ta' ċerti kallijiet tal-ġilda, hekk li rkobbtejha kienu mwaħħlin ma' sidirha, u l-pali ta' saqajha mal-warrani. Darba minnhom, tistrieħ fuq il-krozzi minflok fuq riġlejha, ġiet flimkien ma' xi tallaba oħrajn ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes missier Antnin bil-ħsieb li n-nies li jkunu għaddejjin, jagħtuha l-karità. 11 Qabadha n-ngħas u raqdet, gedduma jmiss ma' l-art. F'xi ħin semgħet leħen jgħidilha: "Niżżu ħajr lil Alla, għax ġiet meħlusa". 12 Fil-pront fetħet għajnejha u rat tfajla li qabel kienet ħotbija, imma li għall-merti tal-missier l-aktar qaddis kienet reġgħet ħadet saħħitha. It-tfajla kienet imdawwra minn ħafna nies li kienu jakkumpanjawha u kienet sejra minn dak il-post. 13 Għamlet kull sforz biex tqum u tidħol ħdejn il-qabar bit-tama li hija wkoll tikseb il-fejqan. U, ara, hija u dieħla, dehrilha tifel ta' seba' snin, għadda quddiemha b'idejh marbutin flimkien, u stedinha tidħol bil-kliem: "*Ejja, f'isem il-Mulej* (cfr. S 117,26), għax hu jeħilsek". 14 Imxiet fuq il-passi tat-tifel li għadda qabilha, u bil-għajnuna tal-krozzi, mill-aħjar li setgħet, tkaxkret sa ħdejn il-bieb tal-knisja. X'ħin waslet ħdejn il-għatba lit-tifel ma ratux iżjed. 15 X'ħin daħlet ħdejn il-qabar, inġabret titlob, u kif kienet hekk mehdija, ara, żewġ blalen, tondi qishom bajd, ħarġu minn bejn qaddejha u l-kustilji, u ħasset bħal qisu likwidu jiġri taħt il-ġilda u l-blalen ġrew u niżlu sal-pali ta' riġlejha. Għamlu ħoss kbir, bħallikieku ta' idejn iċapċpu, u l-ħoss instema' minn ħafna nies li kienu hemm. 16 Fid-daqqa u l-ħin, riġlejha, li kienu ilhom

għoxrin sena nexfin għuda, twalu, u l-ġilda reġġħet iġġebdet u l-laħam kiber f'qjies normali. 17 Meta l-għassiesa tal-qabar raw dak li kien qed jiġri, lill-mara ħarġuha barra l-bieb tal-knisja, u bagħtuha d-dar, imma mhux imfejqa għal kollox. 18 Hi ma qatgħetx qalbha, imma kompliet titlob bla taqta', u għal dsatax-il jum sħaħ baqgħet titkaxkar sa l-istess post. Fl-għoxrin jum iddeċidiet li twarrab il-krozzi u marret lura d-dar. B'pass deċiż għaddiet minn nofs il-belt u dan mhux mingħajr l-istagħġib ta' kulħadd.

[34] 19 (IV) Wieħed tifel, li kien jismu Alberto, minn twelidu sa ma kellu ħdax-il sena, kellu siequ tax-xellug mgħawwġa, bil-parti ta' fuq li kienet milwija 'l isfel, u s-swaba ta' saqajh milwijin lejn l-għarqub ta' siequ l-leminija. 20 Missieru, bil-ħsieb li jidrittalu siequ, kien spiss jorbotlu magħha biċċa injama dritta, imma meta kien iħollielu, dlonk kienet tirritorna għall-forma ta' qabel. 21 Darba minnhom l-omm flimkien mat-tifel marret ħdejn l-arka ta' l-imqaddes Antnin, u b'xi mod irnexxielha tressaq ir-riġel mgħawweġ ta' binha u tmissu magħha. Alberto baqa' f'dik il-qagħda għal xi ħin, jogħroq kemm jiflaħ. Meta l-għassiesa ta' l-arka tawh lura lil ommu, it-tifel mar lura magħha d-dar, miexi fuq il-pali ta' saqajh imissu ma' l-art.

[35] 22 (V) Tifla jisimha Agnese, sa mill-età ta' tliet snin, ġisimha kien bla saħħa ta' xejn. Il-marda li kienet qed issofri minnha n-nies kienu jsejħulha *antropija*: marda li tnixxef il-ġisem u ġġibu qisu għuda. 23 Bilkemm kienet tilħaq titfa' l-ikel f'ħalqha, li ma kienetx tkun pronta ttellgħu, bla ma tkun iddiġerietu. Il-marda tant daħlet 'il ġewwa, li minħabba n-nixfa bilkemm setgħet tibla lanqas xi ħaġa ratba. 24 Meta t-tobba kienu jiġu biex, bl-arti tagħhom, iwaqqfulha r-remettar kontinwu u jibbilanċjaw il-likwidi naturali, ma kienx jirnexxilhom. Qalbhom maqtugħa għall-aħħar li jfejquha, arahom sejrin lura mnejn ikunu ġew. 25 Jum fost l-oħrajn, ħaduha l-knisja, u waqt it-talb qegħduha fuq l-arka[162] tal-qaddis Antnin. 26 Fid-daqqa u l-ħin, qabadha uġiegħ kbir

162 Qabel il-kanonizzazzjoni tiegħu mill-Papa, Antnin diġà kien meqjum bħala qaddis min-nies ta' Padova. Imma kien biss bl-approvazzjoni uffiċjali tal-qdusija tiegħu (30 ta' Mejju 1232) li hu irċieva kult liturġiku uffiċjali, u bħala sinjal ta' dan kien hemm il-qabar tiegħu, li kien miqjum f'post għoli, merfugħ fuq kolonni baxxi, u li ġie trasformat f'altar. It-*Tractatus Miraculorum* jippreżenta l-arka tal-qaddis kif kienet qabel il-kanonizzazzjoni: is-sarkofagu ta' l-irħam kien jinsab x'imkien fil-knisja ta' Sancta Maria, forsi fiċ-ċentru

ma ġisimha kollu, hekk li dehret f'xifer il-mewt. Meta dak l-uġiegħ tal-biża' batta xi ftit, sejħet lil ommha li kienet fil-qrib, u qaltilha li issa tista' tibla mqar ħobża sħiħa. Fil-pront l-omm qabdet it-tifla u marret lura d-dar. Issa li t-tifla setgħet tiekol u żżomm dak li tiekol, il-ġisem li kien niexef ħa lura s-saħħa li kellu qabel.

[36] 27 (VI) Fil-belt ta' Venezia, waħda mara, jisimha Cesaria, kellha idha qasira, u għal sentejn kellha sieqha x-xellugija mgħawġa lejn il-ġenb. 28 Għall-ħabta ta' meta jsir il-ħsad, ġiet fid-djoċesi ta' Padova biex, kif inhi d-drawwa tal-foqra, tlaqqat iż-żbul tal-qamħ li jaqa' minn idejn il-ħassada. Semgħet b'dak li kien qed jiġri għall-merti ta' l-imqaddes Antnin, u għad li b'diffikultà, irnexxielha tasal Padova bit-tama li tieħu saħħitha. 29 Minħabba l-kotra tal-morda preżenti, qajla rnexxielha toqrob lejn l-arka. 30 Rat kif għamlet u daħħlet saqajha bejn il-balavostri tal-kanċell li kien hemm madwar l-arka. Waqt li kienet qed tagħmel dan l-isforz biex tmiss magħha, qabadha uġiegħ hekk kiefer li bdiet togħroq ħafna, u ħasset il-ġewwieni tagħha donnu jrid joħroġ barra. 31 Dawk li kienu hemm, meta raw lil din il-mara f'dik it-tbatija, hekk li lanqas felħet titkellem, ħaduha qrib il-ħajt tal-knisja biex tistrieħ. 32 Wara li kienet ilha hemm ftit tal-ħin, l-għaraq waqaf u qamet bil-wieqfa fil-pront. Imfejqa f'idha u riġlejha, marret lura tirringrazzja lil Alla.

[37] 33 (VII) Prosdocima minn Noventa[163], li kienet armla ta' Mainerio, kellha idha x-xellugija u saqajha t-tnejn miġbudin. Ħaduha ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin f'mejjilla ta' l-injam. 34 Kif għollewha fuq l-arka, dlonk ħadet saħħitha, u għall-merti ta' l-imqaddes Antonju, saqajha iddrittaw kif kienu qabel. Idha wkoll fetħitha xi ftit, għall-ewwel tirtogħod, imma mbagħad ħarġitha b'mod li kulħadd seta' jaraha, fetħitha u għalqitha. 35 Kif niżżluha minn fuq l-arka, qabżet fuq il-ponot ta' saqajha. Meta ħassitha li fieqet, telqet mill-post se ttir bil-ferħ.

[38] 36 (VIII) Raġel li kien jgħix f'Padova, jismu Pietro, kellu tifla jisimha Padovana. Għad li kellha erba' snin, qatt ma setgħet timxi fuq saqajha. Kienet tiċċaqlaq minn post għall-ieħor titkaxkar fuq idejha qisha serp. Kien jingħad ukoll li kellha l-epilessija, u spiss kienet taqa'

---

tagħha, u mgħotti b'faldrappa (33,2), u mħares mad-dawra kollha bl-injam. Min kien jersaq lejh kien jitħalla jagħmel dan mill-*custodes arche*, li kienu jpoġġu fuq din l-arka lill-morda biex dawn ifiqu.

163 Dan hu r-raħal ta' Noventa Padovana, li jinsab ftit kilometri lejn il-lvant ta' Padova.

u titgerbeb 'l hawn u 'l hinn. Meta Antnin kien għadu ħaj[164], il-missier li kien qed iġorrha fuq dirgħajh, darba minnhom waqt li kien miexi fil-belt, iltaqa' miegħu u talbu jagħmel fuq bintu s-sinjal tas-salib. 38 Il-missier qaddis ammira ħafna l-fidi tal-missier, u bierek lil bintu u bagħatha. Meta l-missier daħal id-dar, waqqaf lit-tifla fuq saqajha. Bil-għajnuna ta' banketta bdiet tiġri 'l hawn u 'l hinn. 39 Imbagħad neħħiet il-banketta, u l-missier taha bastun. It-tifla bdiet timxi bil-mod il-mod fid-dar u bdiet ġejja dejjem għall-aħjar. 40 Fl-aħħar, għall-merti ta' l-imqaddes Antnin, fieqet għal kollox, u sal-ġurnata tallum ma għandhiex bżonn ta' aktar għajnuna biex tweżinha. U minn dak il-ħin li rċeviet il-barka, qatt ma mardet iżjed.

[39] 41 (IX) Waħda mara, jisimha Maria, kienet qegħda tgħasses id-dbieb ta' missierha mal-ġenb tax-xmara Brenta, u kienet bilqiegħda waħedha ħdejn siġra tal-ġewż. U ara, mix-xmara ħareġ raġel iswed u mexa dritt lejha, qabadha fuq dirgħajh u ġarrha lejn siġra oħra tal-ġewż fil-qrib[165]. 42 Imriegħda bil-biża', beda juża vjolenza fuqha u xeħetha ma' l-art. Il-missier ħadha lura d-dar, imma ġisimha kien imfarrak, kellha balla fuq sidirha, l-irkobba miġbuda u l-għadma ta' koxxitha mqabbża 'l barra. 43 Baqgħet f'din il-qagħda ta' diżabilità għal aktar minn ħames snin. 44 Iżda darba minnhom, bil-lejl, wara l-mewt ta' l-imqaddes Antnin, l-irkobba u riġilha ġew f'posthom, u setgħet timxi mingħajr ebda għajnuna. B'danakollu l-balla fuq sidirha u l-għadma ta' koxxitha baqgħu kif kienu. 45 Jum fost l-oħrajn, ħaduha lejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin u hemm mill-ġdid ħadet lura saħħitha għal kollox. Waqt li kienet qed tiġi mfejqa, bħal donnha ħasset l-id ta' xi raġel tgħaddi ħafifa ħafifa bejn il-laħam u l-għadam, u ħasset il-membri ta' ġisimha li qabel kienu juġuha, bħal donnhom xi ħadd qed jidlikhom b'ungwent fin.

[40] 46 (X) Nascinguerra minn Sacile[166] kellu riġel imdendel, għax

---

164 Dan il-miraklu li seħħ fil-moħbi hu l-uniku wieħed li l-awtur ta' l-*Assidua* jattribwixxi lil Antnin meta kien għadu ħaj. Dan ċertament ħadu mill-Atti tal-proċess ta' kanonizzazzjoni. Dan jidher mill-espressjoni *ut nullo penitus sustentaculo egeat* (sal-ġurnata tallum ma għandhiex bżonn ta' aktar għajnuna), li jindika ż-żmien li fih sar il-proċess.

165 Dan hu episodju stramb li fih elementi medjevali marbutin ma' l-arti ta' seħer u l-alluċinazzjoni. Il-fatt ġara qrib Padova, mal-ġenb tax-xmara Brenta, fl-1225-1226.

166 Sacile hi belt fil-Friuli, fil-provinċja ta' Pordenone. Il-Franġiskani bnew

għal sentejn siequ l-leminija kienet miġbuda. 47 Jum fost l-oħrajn, mistrieħ fuq il-krozzi, irnexxielu jasal ħdejn l-arka ta' l-imqaddes Antnin. Hemm beda jogħroq ħafna, u billi ma setax jissapporti l-uġiegħ li qabdu, tbiegħed xi ftit mill-arka. 48 In-nies li kienu fil-qrib indunaw b'dan u rawh jipprova jqum. U hemm, quddiem kulħadd, in-nervituri ta' ġismu straħu. 49 Hu mbagħad warrab il-krozzi u telaq b'ħeffa lejn daru. Il-ġirien tiegħu marru jilqgħuh imbikkija, u bdew idoqqu l-qniepen u jiżżu ħajr lil Alla u lil Sant'Antnin.

[41] 50 (XI) Maria minn Saonara, għal tnax-il sena kienet tilfet l-użu tal-membri ta' ġisimha tan-naħa tal-lemin, minn qaddha 'l isfel. Kien jirnexxilha tkaxkar ġisimha miġbud b'ħafna tbatija, u biss bl-għajnuna tal-krozzi. Darba minnhom ġabuha fuq karru ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes missier Antnin. 51 Minn xħin daħlet, inxteħtet titlob ħdejn l-arka u baqgħet hemm sa kważi nofsinhar. Għajjenin, l-għassiesa tal-qabar għajtulha biex tqum minn hemm. Malli semgħethom jgħajtu, il-mara qamet mingħajr l-għajnuna ta' ħadd. Warrbet il-krozzi u marret lura lejn darha, meħlusa perfettament mid-diżabilità li kellha.

[42] 52 (XII) Raġel minn Porciglia[167], li kien jismu Scoto, twassal ħdejn il-kunvent tal-patrijiet fuq spallejn raġel ieħor. Saqajh kienu jrejħu u minfuħin, għax kienu infettati b'tumur kollu għoqod. 53 Qerr għand wieħed mill-patrijiet u għamel il-penitenza li tah, u mbagħad għaġġel jitlob b'devozzjoni biex jeħduh lejn l-arka ta' Sant'Antnin. Wara li qagħad hemm għal ftit ħin, sab ruħu mfejjaq. B'ħeffa kbira mar għand il-patri li kien qarru, u dan mistagħġeb għall-aħħar għal dan il-fejqan miksub hekk malajr, daħħal lir-raġel imfejjaq jippassiġġa fil-kjostru tal-kunvent[168]. 54 Ir-raġel, imbagħad, quddiem kulħadd, beda

kunvent lejn tmiem is-seklu 13, imma abbandunaw il-kunvent tagħhom qabel l-1340.

167 L-aġġettiv *de Porcili*, jirreferi għal Porcilia, subborg antik ta' Padova bejn Bacchiglione-Piovengo u l-kanal ta' Codalunga. F'din iż-żona kienu nbnew żewġ monasteri Benedittini, wieħed femminili ta' S. Bernardo u l-ieħor doppju ta' S. Maria, li fih ġie midfun il-Beatu Pellegrino (†1267).

168 Fil-Franġiskaneżimu ta' l-ewwel żminijiet, il-kelma *claustrum* ma tfissirx kjostru bil-portiku mgħotti, li għandu forma kwadra, u li f'nofsu hemm il-bitħa u l-bir, u fuqu l-kmamar tal-patrijiet. Il-kelma tirreferi sempliċement għall-ispazju riservat għar-reliġjużi, fejn dawn kellhom iċ-ċelel tagħhom u l-ambjenti komunitarji.

jirringrazzja lil Alla u lill-imqaddes Antnin. Hu li kien ġie fuq spallejn ħaddieħor, mar lura miexi b'saqajh stess.

[43] 55 (XIII) F'Codigoro[169] kien hemm tfajla jisimha Samaritana. Darba minnhom, flimkien ma' sħabha, marret fl-għalqa ta' missierha tiġbor xi ħxejjex ta' l-ikel. Fid-daqqa u l-ħin ħasset irkobbtejha jinġibdulha u lanqas setgħet tmur lura d-dar; kellhom iġorruha sħabha. Billi l-marda baqgħet sejra mill-ħażin għall-agħar, għal tliet snin sħaħ setgħet timxi biss fuq idejha bħat-trabi. Kienet iġġiblek ħniena taraha titkaxkar bilqiegħda ma' l-art. 56 Jum minnhom, wara li qerret, ġiet ma' ommha titlob ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin. Ma laħaqx għadda wisq ħin li ma bdietx tħossha tikseb saħħitha lura mill-ġdid. Marret lura d-dar b'saqajha stess. 57 Meta n-nies ta' Codigoro saru jafu b'din l-aħbar, bdew idoqqu l-qniepen u ħarġu jiġru jiltaqgħu mat-tfajla. Kollha, mbagħad, taw qima lill-kobor tal-Mulej għall-għeġubijiet li ħadem fiha.

[44] 58 (XIV) Fil-kastell ta' Montagnana[170] kienet tgħix waħda mara jisimha Guina. Għal sentejn sħaħ ma setgħetx tħaddem spallitha u idha l-leminija. Mhux biss ma setgħetx iġġorr xejn fuq spallitha, imma lanqas terfa' idha sa ħalqha. 59 Jum fost l-oħrajn qatgħetha li tmur għal darba darbtejn ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin. Ma ħasset l-ebda serħan la fl-ispalla u lanqas f'dirgħajha, u marret ħdejn il-patri li kien iqarar. 60 Qerret u marret għat-tielet darba ħdejn il-qabar titlob. Mehdija kif kienet fit-talb, bdiet tħoss uġiegħ kbir fi spallitha. L-għadma ta' spallitha bdiet tagħmel ħoss bħal meta jfarrku l-ġewż, u ġiet f'postha. 61 Fil-pront, il-mara qamet dritta u bdiet ixxejjer idejha quddiem kulħadd u marret id-dar ħielsa.

[45] 62 (XV) Margherita, mill-belt ta' Padova, meta darba minnhom kienet rieqda bil-lejl, ħassitha li waqgħet mill-għoli għal isfel. Qamet b'ħasda fuqha, u sabet għonqa mgħawweġ u idha x-xellugija bin-nervituri miġbudin; sieqha x-xellugija qsaritilha u l-għarqub iddendel hekk li bilkemm setgħet tmiss l-art bil-ponot ta' subgħajha. 63 Imma

169 Codigoro hi belt żgħira fil-provinċja ta' Ferrara, ħdejn il-Po di Volano, 5 kilometri bogħod mill-abbazija famuża ta' Pomposa.

170 Montagnana tinsab fuq il-lbiċ ta' Padova, xi 45 km. bogħod minnha. Hi famuża għas-swar tagħha li huma eżempju ta' belt fortifikata ta' l-Ewropa medjevali. Għandhom perimetru ta' 1925 metri, u l-belt hi ta' forma rettangolari. Il-ħitan għandhom 24 torrijiet ta' difiża. Il-Franġiskani kienu joqogħdu f'S. Gregorio, fil-borgo S. Zeno, sa mill-1238.

meta darba minnhom għollewha fuq il-qabar ta' Sant'Antnin, wara li damet ftit hemmhekk, għonqha iddritta, ir-ras ġiet f'postha mill-ġdid, u fiequlha wkoll idha u sieqha. Niżlet meħlusa minn kull diżabilità.

[46] 64 (XVI) Iacopino, bin Alberto, kellu idu u siequ miġbudin. Qagħad jitlob għal xi ħin fuq l-arka tal-qaddis missier Antnin, u beda jogħroq kemm jiflaħ. Fid-daqqa u l-ħin mattar siequ u ħareġ idu; u hemm, taħt għajnejn il-għassiesa ta' l-arka, mar lura d-dar ifaħħar lil Alla li fejqu.

[47] 65 (XVII) Fil-belt ta' Padova kien hemm tifel jismu Giovanni li, għal erba' snin sħaħ, geddumu kien hekk imwaħħal ma' sidru li b'ebda mod ma seta' jgħolli rasu; kien jimxi mgħawweġ u rasu baxxa. 66 Jum fost l-oħrajn, ommu ġabitu fuq il-qabar ta' l-imqaddes Antnin. Fid-daqqa u l-ħin it-tifel għolla rasu, u flimkien ma' ommu mar lura d-dar imfejjaq. Iżda fuq sidru dehret ħofra, proprju fil-post fejn kien imwaħħal geddumu.

[48] 67 (XVIII) Federico, li kien jgħix fil-*contado* ta' Concordia[171], meta kien waqa' mill-knisja ta' Polcenigo, sofra ġrieħi fil-kliewi, u mingħajr il-krozzi ma kellux ħila jagħmel pass. 68 Wara li għamel wegħda, ġie b'devozzjoni jżur il-qabar ta' l-imqaddes Antnin u dlonk ħa lura saħħtu. Il-krozzi ħallihom hemm warajh, u telaq.

[49] 69 (XIX) Waħda mara, jisimha Gertrude, kienet ilha erba' snin b'riġilha miġbud. Li ma kienetx titwieżen fuq il-krozzi, qajla kien jirnexxilha tagħmel pass. 70 Darba bil-lejl, waqt li kienet rieqda fil-fond taħt siġra tal-ġewż, dehrilha li ħdejha kienet qed tara raġel, b'xuxtu bajda, qsajjar, u ta' dehra li ġġiblek qima, liebes ilbies ta' kulur aħdar u b'mantell ta' kulur aħmar jgħajjat. Qalilha: "Tfajla, hu hawn fejn għandek torqod?" U żied jgħidilha wkoll: "Oħroġ sieqek 'il barra". 71 Hekk għamlet, u dak ir-raġel kien pront qabdilha sieqha bejn idejh, iddrittalha n-nervituri, u ma deherx aktar. 72 Kif stembħet, il-mara għajtet: "Grazzi lilek, Sant'Antnin, li ħlistni!" Qabdet il-krozzi u marret imfejqa lejn darha, tfaħħar lil Alla u tirrakkonta l-viżjoni li kellha lil kull min kien jismagħha.

## TMIEM IT-TAQSIMA TAL-MORDA B'DIŻABILITÀ FIŻIKA

171 Polcenigo hu ċentru żgħir fil-provinċja ta' Pordenone u djoċesi ta' Concordia. Il-kelma *contado* tirreferi għall-kampanja madwar il-belt, li minnha kien jiddependi l-għajxien tal-belt, u li kienet titqies bħala parti mit-territorju tal-belt.

## 32 – PARALITIĊI

[50] 1 (XX) Fil-*contado* ta' Ferrara kien hemm waħda mara jisimha Maria, li kellha ġisimha kollu paralizzat. Sa minn meta kellha erba' snin, rasha u l-membri kollha ta' ġisimha kienu jirtogħdu. Meta minħabba xi bżonn, kien liema kien, kien ikollha toħroġ, spiss kien ikollha timxi b'lura jew inkella la ġenba. 2 Jum minnhom, waqt li b'devozzjoni kbira kieneet qegħda titlob ħdejn il-qabar ta' Sant'Antnin, bdiet tħoss in-nervituri juġugħa bis-sħiħ, u bil-mod il-mod bdew jerħu. Qamet dritta fuq saqajha u marret lura d-dar imfejqa għal kollox.

[51] 3 (XXI) Amerina, minn Vicenza[172], kienet ilha ħames snin paralizzata. Minkejja l-isforzi kollha, ma kienx jirnexxilha tagħmel pass wieħed sod. Kull darba li kienet tqum, araha tixxengel 'il quddiem jew lura, kollha mriegħda. 4 Ġiet ħdejn l-arka ta' l-imqaddes Antnin, u nxteħtet titlob. Dak il-ħin stess immeritat li mill-ġdid tieħu lura s-saħħa li kellha qabel.

[52] 5 (XXII) Mainardo minn Ronchi[173] kien ilu paralizzat għoxrin sena. B'ebda mod ma seta' jimxi fuq saqajh jew jiftaħ ħalqu biex jiekol. Darba ħaduh sal-Prato della Valle[174], fuq karru mgħobbi bit-tiben. 6 Meta l-karru wasal fil-post, wieħed raġel ġarr il-paralizzat fuq spallejh u mar qiegħdu fuq il-qabar ta' l-imqaddes Antnin, jitlob bil-ħerqa. 7 Kif temm it-talb tiegħu, qam f'daqqa waħda, fetaħ fommu u beda jfaħħar lil Alla u lil Sant'Antnin. Mar lura d-dar miexi fuq saqajh.

[53] 8 (XXIII) Waħda mara, jisimha Bilia, kienet ilha tliet snin b'rogħda ma' ġisimha kollu. Miexja se taqa' u ma taqax irnexxielha

172 Il-patrijiet Minuri kienu preżenti fil-belt ta' Vicenza qabel l-1221 fil-kunvent ta' S. Salvatore, li mbagħad ġie iddedikat lil S. Franġisk. Minn hemm għaddew fil-knisja ta' S. Lorenzo (1280).

173 Fi żmien li fih inkitbet l-*Assidua* kien hemm żewġ bliet li jġibu dan l-isem fid-distrett ta' Padova. Ronchi di Campanile, kienet fewdu ta' familja nobbli minn Padova, fil-*comune* ta' Villafranca Padovana. Ronchi di Casal Serugo, fil-*comune* ta' Casalserugo, titfakkar għall-ewwel darba f'dokument ta' l-1095.

174 Sallum il-ġurnata din il-pjazza kbira f'Padova ġġib l-istess isem: Prato della Valle. Kienet timmarka l-fruntiera tan-nofsinhar tal-*contrada Ruthena*, u kienet tasal ftit bogħod mill-bażilika ta' Sant'Antnin. Il-pjazza hi 85.410 metri kwadi, u fil-medjuevu kienet famuża għax fiha kien isir is-suq u l-fieri, kif ukoll il-festi popolari, spettakli u laqgħat ta' natura politika.

tasal sa l-arka ta' l-imqaddes Antnin. Talbet fit-tul quddiem il-qabar, filwaqt li r-rogħda żdiedet u bdiet tħoss sħana kbira f'ġisimha li ma setgħetx tissapportiha. 9 L-irġiel u n-nisa li rawha nfexxew jibku, għax ġiethom ħniena minn din il-mara miskina, tirtogħod u għarqana xraba. Kif ħarġuha 'l barra mill-knisja biex tieħu ftit tan-nifs, is-sħana ta' ġisimha battiet u marret lura d-dar imfejqa.
[54] 10 (XXIV) Fil-kastell ta' Montagnana kienet tgħix waħda mara jisimha Solagna. Kienet ilha sena u xahar paralizzata. Bit-tama li tieħu lura saħħitha mill-ġdid, għamlet wegħda lill-imqaddes missier Antnin, li tmur fuq il-qabar tiegħu. 11 Darba, bil-lejl, kif kienet rieqda fis-sodda tagħha, qamet maħsuda. Dehrilha li semgħet bħal ħoss qawwi ta' xi ħadd li ta daqqa ta' sieq lis-sodda. Għajtet lil wieħed li kien fil-qrib[175], u staqsietu jekk kienx sema' xi ħaġa. 12 Għad li weġibha li ma kien hemm l-ebda ħoss, il-mara mbeżżgħa qamet mis-sodda u baqgħet imqajma, tgħasses. 13 Ma stennietx fit-tul wisq, għax is-sodda ma damitx ma ntlaqtet mill-ġdid. Imbeżżgħa aktar minn qabel, għamlet is-sinjal tas-salib fuq ġbinha, u staqsiet: "Min qed imiss is-sodda?"
14 Semgħet leħen jgħidilha: "Agħmel il-qalb. Rodd is-salib". U hi staqsiet: "Min int, sinjur?" It-tweġiba kienet din: "Jiena Antnin". Il-mara għajtet: "Eħlisni, Sant'Antnin!" U hu weġibha: "Ara, inti salvata". 15 Kif sebaħ, il-mara reġgħet ħadet saħħitha, qamet, u minn dakinhar qatt ma ħasset xejn aktar.

## 33 – GĦOMJA MFEJQA

[55] 1 (XXV) Waħda tifla jisimha Auriema kienet ilha sena u nofs li tilfet id-dawl ta' għajnejha. Bil-għan li tikseb il-fejqan, ġabuha ħdejn l-arka ta' l-imqaddes Antnin. 2 Kif messet ma' għajnejha d-drapp li kien jgħatti l-arka, dak il-ħin fetħet xfar għajnejha, u immeritat il-grazzja li tara d-dawl tas-sema.
[56] 3 (XXVI) Teodorico, patri mill-Ordni tal-Minuri[176], kien ilu sentejn ma jarax minn għajnu x-xellugija. Mill-Puglia ġie ħdejn l-arka

---

175 X'aktarx żewġha jew xi ħadd jiġi minnha li kien rieqed fl-istess kamra tal-mirakolata.

176 Teodorico hu l-uniku patri Minuri mirakolat fl-*Assidua,* u ma kienx mill-provinċja tal-Marca Trevigiana.

ta' l-imqaddes missier Antnin, misjuq mill-qima lejh. 4 Qagħad għal xi żmien mal-patrijiet ta' Padova, jitlob b'insistenza l-grazzja tal-fejqan. Fl-aħħar, meta qala' l-grazzja mixtieqa, mar lura l-ħin kollu jirringrazzja lil Alla.

[57] 5 (XXVII) Fil-belt ta' Treviso[177] kien jgħix raġel, jismu Zambono, li għal sitt snin ma kien jara xejn minn għajnu x-xellugija. 6 Darba ġie ħdejn il-qabar ta' Sant'Antnin u qagħad hemm jistieħ għal xi ħin. Mill-ġdid kiseb id-dawl, u mar lura d-dar kollu ferħan għall-grazzja li qala'.

[58] 7 (XXVIII) Leonardo minn Conegliano[178] kien ilu tliet snin litilef id-dawl minn għajnu waħda, u mill-oħra kien jara biss dell. Kien jirnexxilu jagħraf il-persuni li jaf u jiddistingwihom mill-oħrajn minn leħinhom. Il-qima saqitu lejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin, inxteħet quddiem l-arka u beda jitlob b'ħeġġa kbira. Ġie jara minn għajnejh it-tnejn, u mar lura lejn daru.

[59] 8 (XXIX) Alessia kienet ilha għamja fiż-żewġ għajnejn għal ħames snin, u ma setgħetx tara d-dawl. Ġiet ħdejn l-arka tal-qaddis, u dlonk ħadet id-dawl li kienet tilfet.

[60] 9 (XXX) Fior-di-gemma minn Loreo[179], kienet ilha seba' snin ma tarax minn għajnha x-xellugija. Ġabuha ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin, u marret lura d-dar imfejqa għal kollox.

[61] 10 (XXXI) Mara Ġermaniża, jisimha Carolina[180], kienet ilha seba' snin għamja fiż-żewġ għajnejn. Ġabuha ħdejn il-qabar tal-missier l-aktar qaddis Antnin, qagħdet hemm titlob għal xi ħin, u bil-għajnuna tas-sema, kisbet mill-ġdid id-dawl. Kollha ferħana, marret lura d-dar tfaħħar lil Alla.

---

177 Fil-bidunett tal-Franġiskaneżmu fil-Veneto, il-belt ta' Treviso kellha importanza kbira. Kien fra Giuseppe da Treviso li ikkollabora ma' fra Caeser minn Speyer fil-fondazzjoni tal-provinċja tal-Ġermanja fl-1221. Fra Giacomo da Treviso kien l-ewwel kustodju ta' Alsace fl-1223. Fl-1224 fra Enrico il Misericorde minn Treviso kien l-ewwel gwardjan tal-patrijiet Minuri f'Londra. Ċertu fra Nicola da Treviso kien jgħix fis-Sacro Convento ta' Assisi fis-snin 1241-1244.

178 Conegliano hi belt fil-provinċja ta' Treviso, taħt il-prealpi ta' Belluno. Il-Franġiskani marru hemmhekk qabel l-1225.

179 Loreo hu raħal fil-provinċja ta' Rovigo.

180 Din hi l-unika mirakolata li mhijiex Taljana f'dan it-*Tractatus Miraculorum*.

## 34 – IT-TOROX

[62] 1 (XXXII) Fil-belt ta' Venezia[181] kien hemm wieħed raġel jismu Leonardo, li għal erba' snin kellu widnejh imblukkati; kien trux għal kollox, u ma kien jisma' xejn. 2 Darba minnhom ġie jitlob b'ħerqa ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin, u fid-daqqa u l-ħin kiseb mill-ġdid is-smiegħ li tant kien jixtieq.
[63] 3 (XXXIII) Raġel ieħor, jismu Menico[182], għal sentejn ma kien jisma' proprju xejn. Wara li ġie jżur il-qabar tal-qaddis, mar lura mfejjaq.
[64] 4 (XXXIV) Rolando, imlaqqam Bulgaro, kien ilu għoxrin sena ma jisma' xejn. Dan kien konsegwenza ta' marda f'rasu, li kienet dejjem dieħla 'l ġewwa. Wara talb quddiem l-arka tal-qaddis, għall-merti tiegħu kiseb mill-ġdid is-saħħa li kellu qabel, u seta' jmur lura lejn daru.

## 35 – IL-MUTI

[65] 1 (XXXV) Bartolomeo minn Piove di Sacco[183], mutu mit-twelid, b'ġismu paralizzat għal erbatax-il sena, kien jitgħawweġ bl-uġiegħ fis-sodda. Meta fl-aħħar ħaduh ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes missier Antnin, ilsienu nħallu u beda jfaħħar lill-Mulej. Dak li nġieb fuq spallejn ħaddieħor, mar lura d-dar miexi fuq saqajh.
[66] 2 (XXXVI) Waħda mara, jisimha Michelotta, kienet ilha muta ħdax-il sena, u ma kellhiex il-ħila tlissen lanqas kelma waħda. Terġa', ġisimha kien bla saħħa u kienet dgħajfa għal kollox. 3 Meta saret taf bil-mirakli li kienu qegħdin isiru għall-merti tal-qaddis ta' Alla Antnin,

---

181 Fil-belt ta' Venezia il-patrijiet Minuri kellhom diversi kunventi, bħal dak li mbagħad sar S. Francesco della Vigna, abbandunat u mbagħad reġa' miftuħ fl-1257. L-aktar kunvent antik u famuż baqa' dak magħruf bħala «dei Frari», iddedikat lil S. Maria Gloriosa, li kien diġà jeżisti fl-1227. Il-knisja primittiva ġiet mibdula fi knisja akbar fl-1250, u fit-tielet kwart tas-seklu 14 inbniet il-bażilika solenni li naraw illum.

182 Menico hu diminuttiv ta' Domenico.

183 Pieve (Piove) di Sacco hi belt fil-Padovano, qrib il-laguna ta' Venezia. Il-Franġiskani kellhom *locus* f'din il-belt diġà fl-1238.

talbet li joħduha ħdejn il-qabar tiegħu. Wara li damet hemm titlob b'ħerqa kbira, marret lura d-dar titkellem u tgawdi saħħitha.

[67] 4 (XXXVII) Raġel mill-Friuli[184] kellu dispjaċir kbir li safa mċaħħad mill-użu ta' lsienu. Ommu ġabitu ħdejn l-arka ta' Sant'Antnin, u waqt li kien jitlob b'devozzjoni quddiem il-qabar, mill-ġdid ġietu l-kelma li kien ilu żmien twil li tilef.

## 36 L-EPILETTIĊI

[68] 1 (XXVIII) Fil-belt ta' Padova kien hemm waħda mara jisimha Michelotta. Kienet ilha ssofri tmint ijiem minn ċerta marda, u fl-aħħar inħakmet mill-eplessija. Tilfet għal kollox id-dawl ta' għajnejha u l-mewt kienet għoddha fil-qrib. 2 Ommha ħaditha ħdejn il-qabar tal-missier qaddis Antnin u qegħditha fuq l-arka biex titlob hemm. Mall-ewwel infetħulha għajnejha u ġiet tara mill-ġdid. Minn dak il-ħin 'il quddiem ma sofrietx mill-marda terribbli ta' l-epilessija.

[69] 3 (XXXIX) Simone, tifel żgħir, kien ilu tliet snin ibati minn attakki ta' epilessija. Spiss kien jaqa' u jistabat ma' l-art fuq wiċċu. Wara kull waqgħa, kien jibda jirtogħod b'mod li jġiblek ħniena. Ma kien jirnexxilu jmur imkien, jagħmel kemm jagħmel sforzi. 4 Ommu għamlet wegħda u b'ħerqa ħadet lil binha ħdejn il-qabar ta' Sant'Antnin. Meta temmet it-talba, marret lura d-dar, u Simone qatt aktar ma ta l-iċken sinjal tal-marda li semmejna.

## 37 – IL-ĦOTBIN

[70] 1 (XL) Żagħżugħ jismu Trentino, mis-silsla ta' dahru kibritlu għadma, u għal ħames snin kien jimxi mħatteb, bl-għajnuna tal-krozzi,

---

[184] Hawnhekk l-isem Latin *Forum Iulii* jista' jirreferi għall-belt ta' Cividale del Friuli, li kellha dan l-isem Latin f'epoka Rumana, imma li fiż-żmien li fih inkitbet l-*Assidua* kienet magħrufa bit-tieni isem. Ma nistgħux naħsbu li l-awtur qed jirreferi għar-reġjun tal-Friuli, għax meta jitkellem dwaru hu juża l-isem Latin *Aquilegii*, b'riferiment għar-reġjun madwar Aquileia. F'Cividale del Friuli l-patrijiet Minuri kellhom kunvent qabel l-1238.

idejh imdendlin sa rkubbtejh. 2 Darba minnhom, ommu ġabitu ħdejn il-qabar ta' Sant'Antnin. Kif qegħditu fuq il-qabar, minn dak il-ħin il-ħotba bdiet dejjem tiċkien. Ħalla l-krozzi, u mar lura d-dar ma' ommu, jimxi dritt.
[71] 3 (XLI) Fil-belt ta' Treviso, waħda mara jisimha Veneziana, kienet ilha għal aktar minn sentejn li fuq sidirha kibritilha ħotba kbira daqs ħobża. Kull meta kien ikollha tmur xi mkien, rasha kien ikollha żżommha mdendla sa rkobbtejha. 4 Ġiet ħdejn il-qabar ta' Sant'Antnin titlob b'insistenza għal jumejn sħaħ. Meta l-ħotba niżlet, hi setgħet terfa' rasha u marret lura d-dar.
[72] 5 (XLII) Wieħed raġel, jismu Guidolotto, kien ilu jsofri minn marda gravi. Il-kliewi ma baqgħux jiffunzjonaw u kibritlu ħotba. Bla ma jistrieħ fuq il-krozzi, ma setax jagħmel pass, u rasu wkoll kienet imdendla kważi ma' l-art. 6 Bit-tama li jieħu saħħtu, ommu rat kif għamlet u ġabitu ħdejn il-qabar ta' l-imqaddes Antnin. Ftit wara li wasal hemm, beda jħoss uġigħ kbir ma' ġismu kollu, u għad-dieqa li qabditu, xaqq l-għaraq għalih. Meta ħallieh l-uġigħ, seta' mill-ġdid jiftaħ il-kliewi, u għall-merti ta' Sant'Antnin il-ħotba marret.

## 38 – FEJQAN MID-DENI

[73] 1 (XLIII) Bonizo minn Roncaglia[185], għal tmint ijiem sħaħ, kien qed isofri minn nefħa fi griżmejh. Meta l-marda marret għall-agħar, ħakmu d-deni li kien iħallih bla nifs. 2 Darba fost l-oħrajn għaddew żewġ patrijiet qrib id-dar fejn kien jgħix, u daħlu jżuruh. B'ħafna diskorsi twal ippruvaw isabbruh, u hu ħassu jitqanqal għall-indiema. Wieħed mill-patrijiet, imbagħad, ħareġ biċċa mill-mantell li l-imqaddes Antnin kien soltu jilbes u poġġiha fuq il-marid bit-tama li jfiq. 3 Dak immedjatament, hemm quddiem il-patrijiet, ħassu tajjeb. Meta mess il-polz, ħass li d-deni kien ħallieh. X'ħin telqu l-patrijiet, il-marid mill-ewwel qam, u wara li għamel is-sinjal tas-salib fuq rasu b'dik il-biċċa mantell, in-nefħa ta' griżmejh marritlu għal kollox.
[74] 4 (XLIV) Tifel jismu Zono, kull erbat ijiem kien jaqbdu d-deni

185 Din mhix Roncaglia fil-provinċja ta' Piacenza, jew dik fil-provinċja ta' Alessandria. L-awtur hawnhekk jirreferi għal raħal żgħir fil-*comune* ta' Ponte San Nicolò, fit-triq li minn Padova tieħu Piove di Sacco.

li kien iħallih dgħajjef ħafna, u kien isofri wkoll, b'dieqa kbira, minn xorta ta' gotta. Ġabuh fuq il-qabar tal-missier qaddis Antnin, u qegħduh fuq l-arka u dam hemm għal xi ħin. Meta niżel sab ruħu mfejjaq mill-gotta u mid-deni.

## 39 – MEJTIN IRXUXTATI

[75] 1 (XLV) Fil-*contado* ta' Padova, tifla jisimha Eurilia, marret timxi bħas-soltu wara ommha, li kienet marret fid-dar ta' waħda ġara biex titlob in-nar. Hi hu ġejja lura, il-mara sabet lil binha tgħum wiċċha 'l fuq fl-ilma ta' foss kollu tajn. 2 Imbikkija, l-omm marret b'ġirja waħda u ħarġet lil binha mgħarrqa, u qegħditha fuq ix-xatt. Sadanittant, ġew jiġru ħafna nies oħrajn, jaraw x'kien qed jiġri. 3 Wieħed mill-irġiel li kienu hemm wieqfa, meta ra li t-tifla kienet ibbieset, għax kienet kesħa xxoqq il-għadam, dawrilha wiċċha 'l isfel u għollielha saqajha 'l fuq. Imma wkoll f'din il-qagħda, Eurilia ma lissnet l-ebda kelma u lanqas tat l-iċken sinjal ta' ħajja. Ħaddejha baqgħu miġbudin, u xofftejha magħluqa bħal dawk ta' persuna mejta, u għebet kull tama ta' salvazzjoni. 4 L-omm kienet inkwetata għall-mewt, iżda għamlet wegħda lill-Mulej u lill-qaddej tiegħu Sant'Antnin, li fuq il-qabar tiegħu ġġib xemgħa xbieha ta' bintha, jekk jogħġbu jagħtiha lura lil bintha ħajja. 5 Kif għamlet din il-wegħda, it-tifla mall-ewwel bdiet iċċaqlaq xofftejha quddiem kulħadd. Meta xi ħadd daħħal subgħajh f'ħalqha, fil-pront bdiet tneħħi l-ilma li kienet belgħet. Hekk, għall-merti tal-missier qaddis, il-ġisem reġa' kiseb is-sħana tiegħu, u t-tifla reġgħet lura għall-ħajja.

[76] 6 (XLVI) Storja bħal din ġrat fil-belt ta' Comacchio[186]. Kien hemm ċertu raġel jismu Domenico, li darba minnhom ħareġ mid-dar biex imur għax-xogħol, u ħa miegħu, jimxi warajh, lil ibnu ċ-ċkejken. 7 Meta kien laħaq tbiegħed ftit mid-dar, ħares lura u ma ra lil ħadd. Inkwetat, u b'ħarsa ta' wieħed imħawwad f'għajnejh, beda jfittex 'l hawn u 'l hinn. Fl-aħħar lemaħ lil ibnu, mgħarraq f'għadira. 8 Il-missier żventurat ġibed lil ibnu 'l barra, u ta t-tifel lil ommu. Hi fil-pront għamlet wegħda, u għall-merti ta' l-imqaddes Antnin, ħaditu lura ħaj.

---

186 Comacchio, fil-provinċja ta' Ferrara.

## 40 – IT-TAZZA TAL-ĦĠIEĠ LI MA NKISRITX

[77] 1 (XLVII) Kavallier minn Salvaterra[187], jismu Aleardino, kien inqabad fix-xibka ta' l-ereżija sa minn ċkunitu. Darba minnhom, wara l-mewt tal-qaddis, ġie Padova flimkien mal-mara u l-familja numeruża tiegħu. Waqt li kien fuq il-mejda, id-diskors ma' l-oħrajn li kienu miegħu waqa' fuq il-mirakli li kienu qed isiru mad-devoti għall-merti ta' l-imqaddes Antnin. 2 L-oħrajn kollha iddikjaraw li Antnin kien tassew qaddej qaddis ta' Alla, imma Aleardino, wara li svojta t-tazza tal-ħġieġ li kellu f'idu, b'arja ta' sfida qal: "Jekk dak li intom tgħidu li hu qaddis jagħmel li din it-tazza ma tinkisirx, hu mbagħad li nemmen dak li intom qed tisfurzaw biex iġġiegħluni nemmen dwaru". 3 U mill-post fejn kien bilqiegħda jiekol, waddab it-tazza ma' l-art. Ħaġa bilkemm titwemmen! It-tazza ħabtet ma' l-art żonqrija, imma irreżistiet għad-daqqa u baqgħet sħiħa. Dan rawh in-nies kollha li kienu preżenti hemm, fit-triq.

4 Meta ra l-miraklu, il-kavallier nidem, kien pront ġabar mill-art it-tazza li ma nkistrix, u ħadha miegħu għand il-patrijiet[188], jirrakkontalhom x'ġara. 5 Imbagħad qerr, b'devozzjoni aċċetta l-penitenza li ngħatatlu għal dnubietu, u bil-fedeltà kollha ngħaqad ma' Kristu. B'konvinzjoni qawwija, mbagħad, beda jxandar il-mirakli.

## 41 – IL-MARA MILQUTA U MBAGĦAD IMFEJQA MILL-MULEJ

[78] 1 (XLVIII) Waħda soru mill-Ordni tas-Sorijiet Foqra, li kien jisimha Oliva[189], fiż-żmien meta l-ġisem tal-qaddis kien għadu mhux

187 Salvaterra, frazzjoni tal-*comune* ta' Badia Polesine, fil-provinċja ta' Rovigo. Miraklu jixbaħ lil dan insibuh fil-*De vita et miraculis venerabilis Benedicti abbatis* ta' S. Girgor il-Kbir, c. 28 (PL 66,186).

188 Din it-tazza kbira tal-ħġieġ, li hi l-eqdem *ex voto* li ġie offrut lill-arka ta' S. Antnin, għadha mħarsa sallum fit-Teżor tal-bażilika ta' S. Antnin f'Padova, miksija b'ċintura tal-fidda, opra tas-seklu 13.

189 Fil-versett 3 jingħad: *monasterium intravit*. Mela swor Oliva kienet ħarġet mill-klawsura biex tmur fid-*domus* tal-patrijiet Minuri ħalli tagħti qima lill-ġisem ta' Antnin. Fost ir-reliġjużi nisa Klarissi hemm dawk li r-*RegCl* issejħilhom *sorores servientes extra monasterium*, u huma addetti għall-qadi estern tal-monasteru. Il-fatt seħħ jew filgħaxija tal-Ġimgħa 13 ta' Ġunju, jew

midfun, resqet b'qima tbuslu idejh. 2 Mixħuta quddiem il-ġisem l-aktar qaddis, għamlet talba ħerqana lil Alla. Fost ħwejjeġ oħrajn talbitu li, għall-merti ta' l-imqaddes missier Antnin, il-Mulej f'din il-ħajja jagħtiha l-pieni kollha li jkunu jistħoqqulha għal dnubietha, u ma jħalli ebda piena għaż-żmien li ġej.

3 Meta temmet it-talba, daħlet fil-monasteru. Mall-ewwel qabadha uġiegħ kiefer ma' ġisimha kollu, hekk li b'ebda mod ma setgħet toqgħod fuq riġlejha. Bl-għajjat tagħha, minħabba l-uġiegħ aħrax li ħakimha, bdiet tħawwad u tinkwieta lis-sorijiet l-oħra. 4 Il-jum ta' wara, waqt li l-oħrajn kienu deħlin jieklu, inkiss inkiss daħlet hi wkoll. Iżda l-uġiegħ kompla jikber u lanqas biss setgħet tmiss ikel ma' ħalqha. Waqt li ħutha kienu qed jieklu, erħilha titgħawweġ min-naħa għal oħra.

5 Bl-ordni tal-badessa, ħaduha fl-infermerija[190]. Hemm dik li talbet b'qalbha kollha li tirċievi l-kastig fil-ħajja ta' issa, bdiet tkattar it-talb biex tikseb rimedju. 6 Fl-aħħar, ftakret li kienet żammet biċċa mit-tonka[191] ta' l-imqaddes Antnin. Talbithom iġibuhielha, u fil-pront messitha magħha, u dak il-ħin stess l-uġiegħ ħalliha.

## 42 – IL-MARA LI NTEFGĦET FL-ILMA U MA XXARBITX

[79] 1 (XLIX) Waħda mara minn Monselice[192], sa minn ċkunitha

---

inkella filgħodu tal-jum ta' wara, minħabba l-fatt li wara nofs in-nhar ta' l-14 ta' Ġunju, Antnin ġie magħluq f'*capsella lignea* u midfun provvisorjament, minħabba s-sħana tas-sajf.

190 Ir-*RegCl* issemmi l-infermerija, parti mill-monasteru riservata għas-sorijiet morda. Ir-Regola ssemmi wkoll ambjenti oħrajn komunitarji bħall-knisja, dormitorju u refettorju.

191 Fost ir-relikwi tal-bażilika ta' S. Antnin f'Padova, fit-Teżor hemm żewġ teki li fihom biċċiet żgħar mit-tonka ta' S. Antnin.

192 Monselice hi belt żgħira fil-Colli Euganei. Sa mill-qedem kienet punt strateġiku importanti. Fi żmien il-ħakma tal-Longobardi kienet iċ-ċentru ġudizjarju u amministrattiv tat-territorju ta' Padova. Daħlet bħala parti mill-*comune* Guelfo ta' Padova fl-1256. Kienet wieħed mill-eqdem postijiet tal-moviment Franġiskan fil-Veneto. Diġà fl-1231 nafu li, fil-kjostru ta' S. Maria (li mbagħad sar il-kunvent ta' S. Francesco), sar att notarili. Il-knisja u l-kunvent ma għadhomx jeżistu. Kienu jinsabu fil-*contrada* ta' Capodiponte, lejn il-punent tar-*rocca* li kien bena Federiku II fl-1242 u fil-post fejn qabel kien hemm il-parroċċa ta' S. Giustina.

kienet reliġjuża ħafna, imma intrabtet fiż-żwieġ ma' raġel li kien jgħix skond il-ġisem. 2 Hemm miktub li *r-raġel li ma jemminx jitqaddes permezz ta' martu li temmen* (1Kor 7,14). Issa, jum fost l-oħrajn, ġara li, imħeġġeġ mit-talb ta' martu, iddeċieda li jmur għand saċerdot u jqerr. Lura d-dar wiegħed li jmur iżur il-qabar ta' San Ġakbu[193], akkumpanjat minn martu. 3 Ferħana se ttir għal din l-aħbar, il-mara għaġġlet kemm setgħet fil-vjaġġ, u bis-saħħa tat-talb tagħha, ipperswadiet lil żewġha jżur Padova biex jixtru kull ma jkollhom bżonn għal matul il-pellegrinaġġ.

4 Flimkien ma' persuni oħrajn li akkumpanjawhom, qabdu t-triq lejn Padova. Il-mara qajla setgħet taħbi l-ferħ u l-kuntentizza tagħha, u erħilha tidħaq u tpaċpaċ, u tesprimi dak li kienet tħoss b'vivaċità esaġerata u hena tal-qalb. 5 Meta r-raġel ra dan, quddiem din l-imġieba ta' ferħ esaġerat, beda jitlef il-paċenzja, u qal lill-mara: "Għalfejn qegħda tagħtiha għat-tpaċpiċ żejjed, u ingannata minn tama fiergħa, tagħtiha għad-daħq u l-ġesti li xejn ma jixirqu? Kun af li jien warrabt il-pjan li kelli, u ma għandi l-ebda ħsieb li mmur fejn inti qed tħaffef biex tasal".

6 Meta semgħet dan il-kliem, il-mara sfaret bħal lelluxa, u d-dehra ta' wiċċha kixfet id-dieqa li kellha f'qalbha. Billi r-raġel, b'ħafna kliem iebes, kompla jdejjaqha, wara ħin twil ta' skiet, fl-aħħar wieġbet lil żewġha li kien ċanfarha: "Kemm il-darba ma żżommx il-wegħda li tagħmel il-pellegrinaġġ, kun af li f'isem Ġesù Kristu u Sant'Antnin, se nintefa' fl-ilma u negħreq". 7 Ir-raġel ma emminx dik it-theddia, anzi, b'ħarsa qalila fuq wiċċu, beda jgħajjarha miġnuna. Webbes rasu u qalilha li ma kienx se jwettaq il-wegħda. 8 Il-mara imnikkta tilfet kull tama u għabet ukoll il-fiduċja tagħha, hekk li żiedet fiha x-xewqa li tneħħi ħajjitha b'idejha. Sejħet l-isem ta' l-imqaddes Antnin, u nxteħtet fix-xmara[194] li kienet tgħaddi maġenb dik it-triq.

9 In-nisa li raw dak li ġara, baqgħu bla nifs u mbikkmin, meta rawha mitfugħa 'l hawn u 'l hinn mill-qawwa ta' l-ilma. Bdew jiġru kemm jifilħu, u bla ma taw kas tal-mistħija tagħhom bħala nisa, xarrbu

---

193 Is-santwarju famuż ta' Santiago de Compostella, fil-Galizia, Spanja.

194 Fil-fatt dan hu kanal li jgħaqqad Padova ma' Monselice, u jgħaddi minn Battaglia. Ġie skavat bejn l-1187 u l-1202 biex minnu jiġu trasportati l-ġebel (selci) ta' Monselice u tal-Colli Euganei. Il-kanal għadu jeżisti sallum, bit-triq maġenbu.

ħwejjiġhom sa qaddhom. Raw kif għamlu u ħarġuha mill-ilma li kien se jġorrha 'l bogħod. 10 Meta ħarġuha, meddewha max-xatt, u – din tassew hi ħaġa ta' l-għaġeb! – raw b'għajnejhom li lanqas l-iċken ħajta tal-ħwejjeġ ta' taħt ma xxarbet. Għall-kuntrarju, in-nisa li għenuha kellhom jgħasru ħwejjiġhom biex ineħħu l-kwantità ta' ilma.

11 Għad li, kif tgħid l-Iskrittura, *il-Mulej hu tarka għal min jimxi bla ħtija* (Prov 2,7), b'danakollu l-każ ma nippreżentawhx biex jiġi imitat. Għax dak li ġara kien aktar frott ta' bluha milli ta' virtù. Imma bla ebda dubju nemmnu li l-merti tal-missier l-aktar qaddis, li sejħet il-mara, qalgħulha dan il-miraklu mingħand il-Mulej, għax aħna ċerti li hu kien dejjem imħeġġeġ għas-sempliċità vera.

## 43 – ĦELSIEN MIN-NAWFRAĠJU

[80] 1 (L) Jum fost l-oħrajn, grupp ta' irġiel u nisa, madwar sitta u għoxrin, rikbu fuq dgħajsa, qrib San Ilario[195], sejrin lejn Venezia. Waqt li kienu jaqfu, għall-ħin tal-kumpieta waslu f'dik in-naħa tal-laguna li mhix bogħod mill-knisja ta' San Giorgio in Alga[196]. Billi qamet tempesta qalila, ippruvaw isibu kenn hemmhekk. It-tempesta tqawwiet bl-ikraħ, u r-riħ kaxkarhom f'post li ma kienux jafuh.

2 Billi lanqas biss setgħu jaraw lil xulxin, u r-riħ u x-xita baqgħu jħabbtuhom, kienu għoddhom qatgħu qalbhom li se jsalvaw. Bdew jixtiequ li l-mewt li kienet imdendla fuqhom, tfittex tgħaġġel ittemm id-dieqa u l-inkwiet ta' ħajjithom. Infaqgħu jibku lkoll, u mal-ħsejjes tat-tempesta żiedu l-għajat kiebi tagħhom. 3 Qerrew dnubiethom għand qassis li kien magħhom u ħadu l-assoluzzjoni. Bdew jitolbu b'ħerqa kbira l-interċessjoni ta' l-imqaddes Antnin, u ntrabtu miegħu bil-wegħdi li għamlulu. 4

195 Sant'Ilario kienet abbazija Benedittina ċelebri, li kienet tinsab fil-punent tal-laguna ta' Venezia. Kienet twaqqfet mid-Doge Agnello Partecipazio fis-sena 819. Imma spiċċat minħabba l-malarja ta' dawk iż-żoni mimlijin tajn, u l-abbazija ġiet abbandunata għal kollox fil-gwerra bejn Padova u Venezia lejn tmiem is-seklu 14.

196 San Giorgio in Alga, jew inkella San Giorgio in Isola. Monasteru Benedittin, imwaqqaf fl-1020. Kien hawnhekk li twieldet il-kongregazzjoni ta' kanoniċi sekulari ta' San Giorgio in Alga, li fosthom kien hemm S. Lawrenz Giustiniani.

Kien hemm min wiegħed li jagħti dgħajsa tax-xemgħa, u oħrajn intrabtu li jixegħlu kontra ta' xemgħat madwar l-arka tal-missier qaddis.

5 Kif temmew jagħmlu dawn il-wegħdi, it-tempesta bdiet tikkalma. Iżda billi kien għadu dlam taqtgħu b'sikkina, ħadd minnhom ma għaraf il-post fejn kienu jew fejn kienu sejrin. 6 U, ara, mid-dgħajsa ħareġ dawl li mexa quddiemhom jurihom it-triq huma u jbaħħru, u lkoll imtlew bil-ferħ. Id-dawl kien gwida għalihom, u wassalhom qawwijin u sħaħ ħdejn San Marco Piccolo[197], xi mil 'l hemm minn Venezia. 7 Meta waslu, maħtufin minn idejn il-mewt għall-merti ta' l-imqaddesAntnin, id-dawl li mexxihom it-triq kollha matul il-vjaġġ ma deherx aktar, u wara li wassalhom f'port kenni, ħeba r-raġġi leqqiena tiegħu. 8 Kollha qalu li, sakemm dak id-dawl kien imexxihom, kienu qed jaqdfu f'baħar kalm. U għad li ippruvaw inaqqsu l-ġiri qawwi tad-dgħajsa, ma rnexxilhomx, sakemm imbagħad daħlu fil-port mixtieq, imwasslin minn dak id-dawl.

## 44 – DWAR IR-RAĠEL LI MA EMMINX U ĠIE IKKASTIGAT U MFEJJAQ

[81] 1 (LI) Wieħed kjerku minn Anguillara[198], jismu Guidotto, kien fil-kamra tas-sinjur isqof ta' Padova, u minn taħt beda jwaqqa' għażżufjett lil dawk kollha li kienu qed jagħtu x-xhieda tagħhom dwar il-mirakli ta' l-imqaddes Antnin. Mal-lejl beda jħoss uġiegħ kbir ma' ġismu kollu, u hekk li deherlu li l-ġudizzju ta' mewtu, bla dubju ta' xejn, kien fil-qrib.

2 Bil-ħaqq kollu beda jqis lilu nnifsu li ma jistħoqqlux ħniena, u dan ġiegħelu jitlob lil ommu biex hi, megħjuna mill-fidi tagħha, f'ismu tagħmel wegħda lill-qaddis ta' Alla biex hu jikseb il-ħniena. 3 Meta għamlet il-wegħda, l-uġiegħ mall-ewwel waqaf, u fieq qabel sebaħ. Hekk, dak li qagħad jgħaddi biż-żmien lix-xhieda, misjuq minnuqqas ta' fidi, issa kien imġiegħel ikun hu *li jixhed għall-verità* (cfr. Ġw 18,37).

197 X'aktarx San Marco de Boccalama jew San Marco in Isola, ħdejn il-bokka ta' Lama, fergħa tax-xmara Brenta. Mill-1013 kien hemm monasteru ta' kanoniċi regolari ta' S. Wistin.

198 Anguillara Veneta, *comune* fil-provinċja ta' Padova, f'xatt ix-xmara Adige.

## 45 – L-ISKALORA LI MA NTMESSITX MILL-GĦASAFAR

[82] 1 (LII) Waħda mara minn Tremignon[199], jisimha Vita, kienet ħafna devota ta' l-imqaddes Antnin, u kellha xewqa kbira li żżur il-qabar tiegħu. 2 Imma billi żmien il-ħsad kien fil-qrib u qtajja ta' għasafar tal-bejt kienu qed jagħmlu ħerba mill-pjanti ta' l-iskalora abjad u lest biex jinġabar, qabbduha tgħasses l-għelejjel u toqgħod tnaffar l-għasafar. Hekk qatt ma setgħet issib okkażjoni tmur lejn il-qabar.

3 Jum minnhom, x'ħin ġiet ħdejn l-ilqugħ li jkennen il-pjanti, wegħdet li, jekk l-imqaddes Antnin ma jħallix l-għasafar jagħmlu ħerba, iżżur qabru għal disa' darbiet. 4 Kif għamlet il-wegħda, il-għadd kbir ta' għasafar li kienu hemm, tnaffru u telqu, donnhom armata waħda. Ma rat lanqas għasfur tal-bejt wieħed fuq is-siġar taż-żafżaf li kienu jdawru l-pjanti ta' l-iskalora.

## 46 – DWAR WEGĦDA LI MA TWETTQITX

[83] 1 (LIII) Wieħed tifel mill-belt ta' Padova, jismu Enrico, intefaħlu għonqu u baqa' muġugħ ħafna għal ħmistax-il ġurnata. Ommu wegħdet li ġġib fuq il-qabar ta' Sant'Antnin ix-xbieha tar-ras u l-għonq tax-xemgħa. Meta t-tifel ġie lura minn ħdejn il-patrijiet, għonqu kien imfejjaq. 2 Iżda billi l-omm ma żammitx il-kelma u naqset li tagħmel dak li wegħdet, għonq it-tifel reġa' beda jintefaħlu.

3 Il-mara għarfet li kienet naqset, u bil-ħaqq kollu sogħob biha. Ġeddet il-wegħda u għamlet mod li ras u għonq tax-xemgħa jittieħdu fuq il-qabar tal-qaddis. 4 Kif appena għamlet dan, in-nefħa ta' l-għonq niżlet, u wara ftit jiem it-tifel fieq għal kollox, għall-merti tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li Lilu kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen.

---

199 Tremignon, frazzjoni ta' Piazzola sul Brenta, fil-provinċja ta' Padova u fid-djoċesi ta' Vicenza.

## 47 – GĦELUQ IL-KTIEB TAL-MIRAKLI

[84] 1 Tabilħaqq, il-Mulej tal-maestà, għall-merti tal-qaddej tiegħu Antnin, għamel *kotra ta' sinjali oħra li m'humiex imniżżla f'dan il-ktieb* (Ġw 20,30). 2 Hawn ġbarna ftit mill-ħafna, fost dawk l-aktar magħrufa għalina dwar l-aktar ċerti. Ridna nħallu f'idejn oħrajn li jixtiequ jagħmlu dan u jkomplu jżidu ma' dan it-tifħir. Ħallejna barra l-fatti li mhumiex aċċertati biex, waqt li nixtiequ nfaħħru lill-qaddis, ilsienna ma jgħidx dak li mhux veru. 3 Iva, *kieku kellna niktbu, ħaġa, ħaġa* (Ġw 21,25) l-għeġubijiet kbar u l-meravilji straordinarji tiegħu, nibża' li l-għadd esaġerat tagħhom kien idejjaq lill-qarrej, u l-kobor tal-mirakli kien iwassal għan-nuqqas ta' fidi fl-imħuħ tad-dgħajfin.

## TALBA TA' L-AĦĦAR LILL-QADDIS

[85] 4 Ara, missier l-aktar twajjeb, jiena irrakkontajt l-għemejjel tiegħek bi kliem fqir, imma ktibt mill-aħjar li stajt. Xandart il-veru kobor tiegħek, għad li mhux b'mod sħiħ, u mxejt fuq l-informazzjoni li rnexxieli nsib.

5 Nitolbok, missier tiegħi: ftakar fija u miegħi fl-aħwa l-oħrajn tal-familja tiegħek[200]. Int issa, b'xorti tajba, tinsab ħdejn it-tron ta' Alla f'ħajja li ma tintemmx. Għall-merti tiegħek, *eħles minn bir waħdi u minn qalb il-ħama u t-tajn* (cfr. S 39,3) lilna li nixxenqu biex inkunu miegħek.

6 Ftakar, nitolbok, *fit-tjubija* (cfr. Lq 1,78; Kol 3,12) ta' l-għaġeb li meta kont għadek fil-ġisem, *bla ma għext skond il-ġisem* (cfr. Rum 8,12), urejt ma' l-imsejknin li waqaft tant magħhom. Int li, magħqud ma' l-Għajn tal-ħniena, *tixrob mix-xmara ta' l-hena tiegħek* (cfr. S 35,9), sawwab fuqna, għatxana, nixxiegħa ta' grazzja. Amen.

## HAWN JINTEMMU L-ĦAJJA U L-MIRAKLI
## TA' SANT'ANTNIN KONFESSUR

---

200 L-awtur jerġa' lura għall-espressjoni li biha kien beda l-bijografija: *Assidua fratrum postulatione deductus.* L'*Assidua* twieldet bl-inizjattiva u għall-edifikazzjoni tal-patrijiet Minuri (tal-komunità ta' *Sancta Maria Mater Domini*).

# JULIAN MINN SPEYER «OFFICIUM RHYTHMICUM SANCTI ANTONII» (1235)

## INTRODUZZJONI

Filwaqt li sallum ma nafux eżattament min hu l-awtur ta' l-*Assidua*, bla ebda dubju l-awtur ta' l-*Officium Rhythmicum Sancti Antonii* hu fra Julian minn Speyer, li hu wkoll l-awtur ta' l-*Officium Rhythmicum Sancti Francisci*, kif ukoll ta' żewġ *legendae* aġjografiċi, il-*Vita Sancti Francisci* u l-*Vita Secunda Sancti Antonii*, jew *Juliana*.

Il-kronista Giordano da Giano (*Chronica*, 53) fl-1262 jikteb li, waqt il-kapitlu ġenerali ta' Assisi ta' l-1227 il-ministru ġeneral Giovanni Parenti bagħat bħala ministru tal-Ġermanja lil fra Simon the Englishman, u miegħu mar fra Julian minn Speyer, "li mbagħad kiteb l-istorja ta' San Franġisk u Sant'Antnin bi stil nobbli u melodija sabiħa". L-awtur juża l-kelma *historia*, li fil-lingwaġġ liturġiku tas-seklu 12 tirreferi għall-Uffiċċju liturġiku, magħmul minn antifoni, innijiet, responsorji u versetti bir-rima u l-mużika. Minn hawn l-isem *Officium Rhythmicum*.

Fra Bernard minn Besse, li kien segretarju ta' San Bonaventura, u li għex għal żmien twil fil-*magna domus studiorum* Franġiskana ta' l-università ta' Pariġi, fil-*Liber de Laudibus beati Francisci* (1279-1290) jgħid: "Fi Franza fra Julian, magħruf għax-xjenza u l-qdusija, kiteb ukoll ħajja ta' San Franġisk, kif ukoll in-notturni ta' l-Uffiċċju Divin bil-kliem u bin-noti mużikali" (FSF 1418).

Livarius Oliger, fil-*Liber exemplorum fratrum Minorum saeculi XIII* (*Antonianum* 2 (1927) n. 104, 253-254) isemmi wkoll il-qdusija ta' fra Julian minn Speyer, imma ma jsemmi xejn dwar l-Uffiċċju ta' San Franġisk li hu kiteb.

Il-*Catalogus sanctorum fratrum Minorum* (1335) jgħid: "F'Pariġi hemm midfun fra Julian ġermaniż, raġel ta' qdusija kbira, li kiteb l-uffiċċji ta' San Franġisk u Sant'Antnin, li jitkantaw fil-knisja". Il-

manuskritt tal-Cordeliers ta' Fribourg fl-Isvizzera jżid: "kien *corrector mensae* f'Pariġi għal bosta snin", u l-manuskritt ta' Münich iżid li darba minnhom Julian dam ma jixrob għal tmint ijiem.

Fra Paolino da Venezia (†1344), fl-*Historiarum investigator permaximus,* ukoll jgħid li fra Julian kien ġermaniż, u li kiteb l-uffiċċji ta' San Franġisk u Sant'Antnin.

Fil-*Chronica XXIV Generalium,* Arnald de Sarrant jikteb: "F'dan il-kunvent ta' Pariġi hemm midfun raġel ta' qdusija kbira, fra Julian ġermaniż, li ikkompona l-Uffiċċju bil-vrus u l-mużika ta' San Franġisk u Sant'Antnin, li jitkantaw fil-knisja, u li kien *corrector mensae* f'Pariġi għal bosta snin" (*Analecta Franciscana* III,381). Il-*corrector mensae* kien patri li kellu l-inkarigu li jikkoreġi l-iżbalji tal-patrijiet waqt li kienu jaqraw jew ikantaw fl-Uffiċċju divin jew fir-refettorju.

L-istess fra Arnald, fil-*De Cognatione Sancti Francisci* wkoll jikteb li Julian ikkompona l-Uffiċċju tan-notturni ta' San Franġisk bil-vrus u l-kant.

Il-bollandista François van Ortroy (*Julien de Spire, biographe de s. François d'Assise*, in *Analecta Bollandiana* 19 (1900) 331-340), wara li jitkellem mill-*Officium Rhythmicum* ta' San Franġisk, li fih isemmi wkoll l-antifoni, innijiet u responsorji miktubin mill-Papa Girgor IX, u l-kardinali Tommaso da Capua u Rainerio Capocci, iżid: "L-istess fra Julian kiteb u immużika l-Uffiċċju ta' Sant'Antnin. L-istess talbuh il-patrijiet ta' l-Ordni tal-Predikaturi biex jikkomponi Uffiċċju ta' San Duminku; imma laħqitu l-mewt, u l-Uffiċċju ta' San Duminku ma lestiehx".

Il-kronista fra Bartolomeo da Pisa, fil-*Liber de Conformitate*, jagħti din l-informazzjoni dwar fra Julian minn Speyer: "Dwar fra Julian ġermaniż. Fil-provinċja ta' Franza, f'Pariġi, hemm midfun fra Julian ġermaniz, raġel ta' qdusija kbira; li kiteb l-Uffiċċji ta' San Franġisk u Sant'Antnin ... Dan, qabel daħal fl-Ordni, kien *magister cantus* fil-palazz tar-re ta' Franza" (*Analecta Franciscana* IV,308).

Kronista ieħor Franġiskan, fra Nicholas Glassberger, fl-1508, kiteb fil-*Chronica* tiegħu: "Fra Simon ġie fil-Ġermanja flimkien ma fra Julian, li mbagħad kiteb l-Uffiċċju ta' San Franġisk u Sant'Antnin bi stil nobbli u melodija mill-isbaħ, u l-leġġenda ta' San Franġisk, li tibda bil-kliem: *Ad hoc quorundam*, miktuba b'eleganza kbira ... Julian minn Speyer ġermaniż, *cantor* f'Pariġi u *corrector mensae*, kiteb l-istorja bl-

antifoni u l-leġġenda qasira ta' Sant'Antnin, fiż-żmien li kien ministru ġeneral Giovanni Parenti" (*Analecta Franciscana* II,46-47.91). Din hi l-eqdem xhieda li għandna li tattribwixxi lil Julian minn Speyer mhux biss l-*Officium Rhythmicum* imma wkoll il-*Vita Secunda Sancti Antonii*.

Minn dawn id-dettalji nistgħu issa nibnu fil-qosor il-ħajja ta' Julian minn Speyer, awtur ta' l-*Officium Rhythmicum* u tal-*Vita Secunda Sancti Antonii*, jew *Juliana*. Jingħad li Julian hu minn Speyer, fuq ix-xmara Rhine fil-Ġermanja, għalkemm ma nafux jekk din il-belt kienetx il-post fejn twieled, inkella l-post tal-fraternità Franġiskana li tagħha kien membru għal xi żmien. Id-data tat-twelid tiegħu hi normalment maħsuba li kienet bejn is-snin 1175-1180. Il-Franġiskani kienu waslu fi Speyer fl-1221, u fl-1222 Giordano da Giano wasal hemm minn Strasbourg. Kien fi Speyer li Giordano ġie ordnat saċerdot fl-1223. F'dak iż-żmien il-famuż biografu ta' San Franġisk, fra Tommaso da Celano, kien kustodju tal-kunventi ta' Worms, Mainz u Speyer. Fl-1223 fra Caesar minn Speyer, li kien mexxa l-ispedizzjoni missjunarja tal-Franġiskani fil-Ġermanja, reġa' lura fl-Italja, u floku sar ministru Alberto da Pisa, fil-kapitlu li sar fit-8 ta' Settembru fi Speyer. Fl-istess żmien, fil-Ġermanja kienu daħlu d-Dumnikani fl-1220. Wara l-mewt ta' San Duminku, fis-6 ta' Awissu 1221, laħaq *magister* ġeneral tad-Dumnikani l-Beatu Jordan minn Saxony.

Qabel ma sar Franġiskan, madwar l-1215, Julian minn Speyer kien *magister cantus* fil-palazz tar-re ta' Franza (Philippe II Augusto, 1180-1223; jew Louis VIII, 1223-1226; jew San Louis (Ludoviku) IX, 1226-1270). Kien fl-1226 li x'aktarx Julian daħal Franġiskan l-ewwel fi Speyer u mbagħad f'Pariġi, meta kien diġà akkwista fama bħala kompożitur ta' mużika f'ambjenti prestiġjużi bħalma kienet li *schola* ta' Nôtre Dame de Paris.

Fil-komunità akkademika tal-*magna domus studiorum* tal-Minuri f'Pariġi, Julian minn Speyer kellu l-uffiċċju ta' *corrector mensae*, u kien hemmhekk li hu ikkompona l-erba' opri tiegħu, jiġifieri l-*Officium Rhythmicum Sancti Francisci*, l-*Officium Rhythmicum Sancti Antonii,* il-*Vita Sancti Francisci*, u l-*Vita Secunda Sancti Antonii.*

Ma nafu kważi xejn dwar id-data li fiha miet Julian, u lanqas dwar l-età tiegħu. Li nafu hu li hu miet fl-istess kunvent ta' l-istudji f'Pariġi, għaliex indifen fil-knisja tal-Minuri. Nafu wkoll li Julian miet

meta kien qiegħed jikkomponi l-Uffiċċju ritmiku ta' San Duminku, li kien ġie kanonizzat mill-Papa Girgor IX fid-29 ta' Ġunju (jew 2 ta' Lulju) 1234. Nafu li ż-żewġ antifoni ritmati għall-*Benedictus* u l-*Magnificat* fil-festa ta' San Duminku fl-1239, meta sar kapitlu ġenerali tad-Dumnikani, x'aktarx huma l-fdalijiet ta' din l-opra li Julian kien qed jikkomponi, qabel ħasditu l-mewt x'aktarx fl-1240, meta kellu madwar 65 sena. Il-kronisti u storiċi Franġiskani, Mariano da Firenze (†1523) u Luke Wadding (†1657), ipoġġu d-data tal-mewt ta' Julian wieħed fl-1285 u l-ieħor fl-1278, imma dawn id-dati ma jistgħux ikunu korretti għax ma jaqblux ma' l-informazzjoni li llum akkwistajna dwar dan il-persunaġġ Franġiskan.

Fl-1580 kien hemm ħruq kbir fil-bibljoteka tal-kunvent ta' l-istudji ta' Pariġi, u saru ħsarat kbar fil-knisja tal-Minuri u wkoll il-qabar ta' Julian minn Speyer. Ir-rivoluzzjoni Franċiża ta' l-1789, imbagħad, qerdet għal kollox il-*Grand Couvent des Cordeliers*, kif kien magħruf il-kunvent tal-Franġiskani f'Pariġi, u hekk intemm għal kollox il-qabar ta' Julian minn Speyer.

Rigward id-data ta' kompożizzjoni ta' l-*Officium Rhythmicum* ta' Sant'Antnin, l-istudjuż Michael Bihl jgħid li Julian kiteb il-*Vita Sancti Francisci* wara t-30 ta' Mejju 1230, għax fiha lil Antnin isejjaħlu bit-titlu ta' qaddis. Il-*Vita Sancti Antonii* kitibha madwar l-1235, għalkemm ma hemm l-ebda prova żgura rigward din l-affermazzjoni. Rigward l-*Officium Rhythmicum Sancti Antonii* nafu li fl-1242 dan kien diġà qed jintuża mill-fraternità Franġiskana tal-kunvent ta' l-istudji f'Pariġi. Ċertament id-dokumenti antonjani ta' Julian minn Speyer inkitbu wara d-data tal-kanonizzazzjoni tal-qaddis, għaliex fil-kapitlu 15 tal-*Vita Secunda* jissemmew żewġ mirakli li seħħew wara l-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin fil-kattidral ta' Spoleto nhar Ħadd Għid il-Ħamsin, 30 ta' Mejju 1232.

Il-kontenuti ta' l-*Officium Rhythmicum* ta' Sant'Antnin huma kollha opra ta' Julian minn Speyer, skond kif juri l-manuskritt Vatikan. Baqgħu famużi l-innijiet *En gratulemur hodie* ta' l-Għasar, u l-*Laus Regi plena gaudio* u *Jesu, lux vera mentium* tal-Matutin u l-Lawdi. Julian ikkompona dawn l-innijiet fuq l-istess metru ta' innijiet famużi ta' Sant'Ambroġ, bħall-innu *Aeterne rerum conditor*. Fil-każ ta' l-*Officium Rhythmicum* ta' San Franġisk l-innijiet huma opra ta' Girgor IX u l-kardinali Tommaso da Capua u Rainerio Capocci.

Kien il-ministru ġeneral Haymo of Faversham (1240-1243) li ried li l-quddiesa tal-festa ta' Sant'Antnin tkun dik tad-dutturi tal-Knisja.

Fost l-aktar elementi interessanti ta' l-*Officium Rhythmicum* ta' Sant'Antnin, insemmu r-responsorju *Si quaeris miracula*, għaliex dan hu magħruf ħafna fid-devozzjoni lejn il-qaddis, u kien oġġett ta' kompożizzjonijiet mużikali ta' surmastrijiet ċelebri. Ir-responsorju jsemmi lista ta' mirakli li jiġu attribwiti lill-qaddis ta' Padova, u li nistgħu nsibu l-fonti bibliċi tagħhom fis-siltiet ta' Mt 10,8: "Fejjqu l-morda, qajjmu l-mejtin, fejjqu l-lebbrużi, keċċu x-xjaten"; Mt 11,5: "L-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, l-Evanġelju jixxandar lill-foqra"; Mk 16,17-18: "F'ismi jkeċċu x-xjaten, jitkellmu b'ilsna ġodda, jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu". F'dawn id-diversi tipi ta' mirakli ta' l-Evanġelju nilmħu l-binja strutturali li jagħti Julian minn Speyer lil dan ir-responsorju, fil-kliem: "mewt, qerq, għama, ġdiem, demonji, // kollha jdubu, jfiq il-mard". Magħhom inżidu l-mirakli li fihom "jerħi l-mewġ, jinħall il-jasar" u li fihom "il-mitluf malajr jinstab". Fil-fatt, wieħed jista' jara xebħ bejn dan ir-responsorju u l-parti ta' l-*Assidua* li titkellem dwar il-mirakli attribwiti lill-qaddis. Il-każi ta' persuni maħkumin mix-xitan li jiġu meħlusin minn Sant'Antnin jidhru mbagħad aktar tard fil-*Liber Miraculorum*. L-istess *Liber Miraculorum* joffrilna żewġ każi ta' mirakli li fihom Sant'Antnin isib ħwejjeġ mitlufin, element li baqa' mill-aktar qawwi fid-devozzjoni popolari lejn il-qaddis: il-każ tat-tazza tal-ħġieġ li inkisret u mbagħad reġgħet għaqdet ħaġa waħda bit-talb tal-qaddis (każ meħud mir-*Rigaldina*) u l-każ tas-salterju li insteraq u mbagħad reġa' ingħata lura.

Ta' min isemmi wkoll ir-riferimenti li l-*Officium Rhythmicum* jagħmel għall-Iskrittura mqaddsa. Insibu 46 riferimenti għat-Testment il-qadim, li 21 minnhom huma meħudin mis-Salmi, u 32 riferimenti mit-Testment il-ġdid.

Fl-aħħarnett nitkellmu fil-qosor dwar l-immaġini ta' Sant'Antnin li jagħti l-*Officium Rhythmicum*. Fl-uffiċċju naraw jiddu l-virtujiet tal-qaddis, fosthom l-umiltà, il-faqar, l-imħabba, s-sempliċità, il-ħerqa għall-martirju u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Għalkemm fl-*Assidua* rajna li qatt ma jissemma San Franġisk b'riferiment għal Sant'Antnin,

fl-*Officium Rhythmicum* Julian minn Speyer jintroduċi lil San Franġisk bħala ispiratur ta' l-evanġelizzazzjoni ta' Antnin. Din ir-relazzjoni bejn iż-żewġ qaddisin tidher l-aktar fl-antifoni ta' l-Għasar. Imma l-akbar xebħ jidher l-innu famuż *En gratulemur hodie*, li hu ikkonsagrat kollu kemm hu biex ifaħħar il-fedeltà ta' Sant'Antnin lejn l-idejali tal-missier imqaddes Franġisku: "Dixxiplu ta' Franġisku // 'l missieru hu ried jixbaħ, // bħall-ilma minn għajn nixxa // madwaru jsaqqi l-ħajja"; "Tqabad hu taħt mexxej kbir, // rebaħ dlonk lil ġismu stess, // suldat għex mal-kap tiegħu, // mill-ġlieda ħareġ rebbieħ". L-uffiċċju jagħtina wkoll dehra tal-glorja ta' Sant'Antnin fis-sema, ifaħħar il-qawwa tawmaturġika tal-qaddis biex ifejjaq u jinterċedi għal dawk li huma devoti tiegħu.

L-*Officium Rhythmicum Sancti Antonii* hu għajn ta' ispirazzjoni li minnha telaq Julian minn Speyer biex ikkompona l-*Vita Secunda*, jew *Juliana*, bl-istess mod kif, fil-każ ta' San Franġisk, dan il-poeta u aġjografu l-ewwel ikkompona l-*Officium Rhythmicum* u mbagħad il-*Vita Sancti Francisci*.

# JULIAN MINN SPEYER «OFFICIUM RHYTHMICUM SANCTI ANTONII» (c. 1235)

## FIL-FESTA TAL-KONFESSUR SANT'ANTNIN

### I GĦASAR

*Antifoni*

[86] Timtela bil-ferħ il-Knisja,
l-Għarus bil-glorja żejjinha,
biex minnh'għalih imur jagħmel
*omm ta' wlied* (S. 112,9) li ma jmutu qatt.

*L-Iben għaref* fi qdusitu
*lil Missieru jmur isebbaħ* (cfr. Prov 10,1):
hekk ukoll f'Antnin imqaddes
dan mar jidher b'mod ta' l-għaġeb.

Filwaqt li b'riġlejh kien jirfes
*l-għerf* fieragħ *ta' din id-dinja* (1Kor 2,6),
il-glorja tal-Missier għoli
bil-għerf kbir tiegħu *kien jgħolli* (cfr. Fil 2,11).

Fil-bidunett kien sudditu
tar-regola tal-kbir Wistin,
jistmerr imbagħad mar lid-dinja
mar isib kenn taħt Franġisku.

Bħalma fid-dinja imita
l-eżempji qaddisa tagħhom,

hekk issa jaqsam fil-glorja
tal-missirijiet fis-sema.

*Kapitlu*

*a) qabel il-Memoriale tas-sena 1307*
Il-bniedem ġust idur minn kmieni
lejn il-Mulej li ħalqu,
u jitlob quddiem l-Għoli;
u jiftaħ fommu fit-talb,
u jitlob maħfra ta' dnubietu (cfr. Sir 39,5; *Vg:* Eccli 39,6-7).

*b) wara l-Memoriale tas-sena 1307*
Jien tlabt u qlajt il-għaqal;
sejjaħt, u ġie fuqi l-ispirtu ta' l-għerf.
Dan l-għerf qistu aqwa minn kull xettru u tron,
u ntbaħt li l-għana m'hu xejn ħdejh (Għerf 7,7-8).

*Innu: «Engratulemur hodie»*

[87] Nifirħu llum minn qalbna
ma' Kristu re ferrieħi,
għaliex fid-dawl ta' sebħu
jithenna llum Antonju.

Dixxiplu ta' Franġisku
'l missieru hu ried jixbaħ,
bħall-ilma minn għajn nixxa
madwaru jsaqqi l-ħajja.

Bħal xmara f'wesgħa ġera,
tal-mewt hu taffa n-nixfa,
mar jisqi b'kliem il-ħajja
jgħajjixhom b'nida mqaddsa.

Dan l-iben mar jitwieżen
mal-missier f'salib miġruħ,
jippriedka fuq dan l-isem
Franġisk bierek, deher merfugħ[1].

Tqabad hu taħt mexxej kbir,
rebaħ dlonk lil ġismu stess,
suldat għex mal-kap tiegħu,
mill-ġlieda ħareġ rebbieħ.

Aħna f'kamp il-ġlieda tagħna,
nixbħu ġieħ missirijietna,
b'qawwet dak li tana ismu
nirbħu mmorru fuq kull dnewwa.

Il-Missier b'dad-don jagħnina,
hekk ukoll l-Imnissel minnu,
u bħat-tnejn Dak li hu daqshom
il-Qaddis Difensur Spirtu. Amen.

V/. Itlob għalina, imqaddes Antnin.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

*Antifona tal-Magnificat*

[88] O iben ta' Spanja,[2]
biża' ta' l-infidili,

1 Dan hu riferiment għall-viżjoni ta' S. Franġisk waqt il-kapitlu ta' Arles, li fih S. Antnin kien qed jippriedka dwar l-isem ta' Ġesù Nazarenu Sultan tal-Lhud, imwaħħal fuq is-salib. Cfr. LM 4,10 (FSF 1169).

2 L-isem Latin *Hispania* rridu nifhmuh fil-kuntest tal-kultura ewropea medjevali, li kienet issejjaħ b'dan l-isem il-penisola kolla Iberika, jiġifieri l-Ispanja u l-Portugal. Ir-riferiment għall-"infidili" hu wkoll ritratt tal-kultura tal-kruċjati, li ma ssib l-ebda appoġġ fl-aġjografija Antonjana. Bħall-*Assidua* l-awtur ta' din l-antifona jirrestrinġi l-ħidma apostolika ta' S. Antnin biss għall-Italja.

dawl ġdid ta' l-Italja,
teżor mill-aktar nobbli
tal-belt ta' Padova;
agħtina Antonju,
bil-grazzja ta' Kristu għinna,
sabiex iż-żmien qasir
tal-ħniena lejn il-midneb
ma jaħrabx fil-frugħa.

*Talba*

[89] Il-Knisja tiegħek, o Alla, timtela' bil-ferħ
fis-solennità u l-qima lejn Sant'Antnin konfessur tiegħek,
sabiex tkun dejjem imħarsa mill-qawwa spiritwali tiegħu
u hekk tasal għall-ferħ ta' dejjem fis-sema.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, eċċ.

## MATUTIN

*Invitatorju*

[90] Illum Kristu jiġi mfaħħar
minn kor umli li jfur bil-hena;
fih is-saċerdot nobbli Antonju
jifraħ fil-verità.

*Innu: «Laus Regi plena gaudio»*

[91] Tifħir sħiħ lis-Sultan tagħna,
li jippremja 'l min jissielet,
lilu nnifsu lil Antonju

jagħti b'don lis-suldat tiegħu[3].

Int, Antnin, raġel wisq nobbli,
rajt minn qabel rahan il-glorja,
waqt li f'din id-dinja tgħammar
minn hawnhekk tilmaħ lil Kristu.

Kien għalhekk li fil-mewt tiegħek
it-tfal ġrew, ħabbru qdusitek:
il-belt ġiet bi ħġarha tikseb
mhux katavru, imma ġawhra[4].

Hekk il-ġieħ ta' din il-glorja
int lil Padova mort tħabbar,
li għall-merti tiegħek tixrob
mill-għajn tnixxi ta' dil-grazzja.

Lill-Missier flimkien ma' l-Iben
u l-Ispirtu faraġ tagħna
nitolbuhom inaddfuna
mill-ħtijiet li ittebbgħuna. Amen.

## I NOTTURN

### *Antifoni*

[92] *Bħal siġra mħawwla*
*ħdejn nixxigħat ta' l-ilma* (S 1,3),
hekk dan ir-raġel imbierek
ta l-frott fi żmienu.
*Fuq Sijon, il-muntanja qaddisa* (S 2,6)

---

3 Din l-istrofa turi influss mill-Innu liturġiku tal-Komun tal-Martri: *Deus, tuorum militum // sors et corona praemium*.

4 Riferiment għall-fatt tat-tfal ta' Padova li ħabbru l-mewt tal-qaddis (*Assidua* 18,6). Il-ġawhra hi l-ġisem ta' Antnin, li fl-antifona *O proles Hispaniae*, Julian minn Speyer isejjaħlu *nobile depositum // urbis Paduanae*.

hu xandar il-preċetti tal-Mulej,
u radd lura bit-tnejn fil-wieħed
*it-talent* (cfr. Mt 25,20) li rċieva mis-sema.

*Lill-midinbin snienhom kissrilhom* (S 3,8)
bil-mirakli li mar iwettaq,
għaliex b'ħalqhom miftuħ jigdmu
lill-għarusa ta' Kristu riedu.

V/. Il-Mulej ħabbu u mar iżejnu.
R/. *Mar ilibbsu bi stola ta' glorja* (cfr. Sir 6,31).

*Responsorji*

[93] R/. Dawk li tfew id-dawl tal-fidi
jxerrdu marru demm bla ħtija,
imma l-ħlas ta' dawn il-martri
kien Ġesù, il-Ħobż tal-ħajja;
hekk il-fama ta' Antonju
mhux ta' b'xejn marret titferrex.
V/. Kien għalhekk b'mibgħed' għall-Kristu,
sultan kiefer b'sejf ried joqtol
lill-fqajrin aħwa Minuri[5].

R/. L-akbar xewqa li qatt kellu
kienet jirbaħ mar-rebbieħa,
li mir-re tal-Marokk kiefer
kien ġew ilkoll maqtula,
Antnin ried jimxi fil-passi
u fix-xhieda ta' ħajjithom.
V/. Hu ferħan se jtir mhux jibża'
mis-sejf kiefer ta' l-għedewwa,
mar fi bniedem ġdid jinbidel.

---

5 L-istorja ta' S. Antnin li jingħaqad mal-patrijiet Minuri tibda bid-dehra tar-relikwi tal-protomartri Franġiskani maqtulin f'Marrakesh, fil-Marokk, fis-16 ta' Jannar 1220, minn id Miramolino.

R/. B'xewqa mħeġġa li jmut martri,
kebbes qillet re tad-dinja;
imma din ix-xewqa tiegħu
bl-ebda mod ma ra mitmuma:
is-Sultan tas-slaten kollha
taqbidiet oħrajn ried minnu.
V/. Sakemm fl-aħħar qalb nies umli,
sinjal ta tal-kobor tiegħu,
hekk deher għaref dan ir-raġel[6].

## II NOTTURN

### *Antifoni*

[94] *Il-qalb iebsa li tfittex il-frugħa* (S 4,3)
u t-tlellix tad-dinja
minn Antonju t-triq titgħallem
tal-verità u tal-ħajja.

*In-nies qattiela u qarrieqa*
mar jurihom u jxandrilhom
kemm bnedmin li huma bħalhom
il-Mulej Alla *jistmerrhom* (S 5,7).

*Is-sebħ ta' Alla* joħroġ
*minn fomm trabi tal-ħalib,*
li fihom Kristu jmur jeqred
*lill-għedewwa u 'l min iqum kontrih* (S 8,3).

V/. *Minn fomm il-ġust joħroġ kliem il-għerf.*
R/. *U lsienu jgħid is-sewwa* (S 36,30)

---

6 Julian jitkellem dwar l-avventura ta' S. Antnin fl-Afrika ta' fuq, li spiċċat f'falliment, biex daħlet fin-nofs l-id ta' Alla li wasslitu mill-ħemda ta' l-eremitaġġ ta' Montepaolo għall-fama ta' predikatur f'Forlì.

*Responsorji*

[95] R/. B'don ta' l-għerf hu mar jimtela,
għaliex f'ħajtu hu kien jibża
mill-kburija u l-qalb iebsa,
hekk għal żmien mar jaħbi f'qalbu
d-dawl tal-grazzja li mar tgħallem,
donnu kien bniedem bla skola.
V/. Għax it-toqol t'għerfu msebbaħ
hu ma riedx iperrċu barra
bla prudenza biex jiftaħar.

R/. Mar jissieħeb m'aħwa foqra
hu li fqir kien sa mill-bidu.
hekk ried jidher *fqir fl-ispirtu* (Mt 5,3),
u lil ħajtu ried li joffri
biex il-*kelma* hu jmur *jaqdi* (cfr. Atti 6,4),
għax għal dan hu ħassu msejjaħ.
V/. Kemm fil-mewt u kemm fil-ħajja
xhieda ried lil kulħadd jagħti
dwar is-Sid li kien sejjaħlu.

R/. Mar iferragħ l-kalċi jfawwar
bit-tagħlim li bih mar jisqi
lil kull bniedem bil-ġustizzja;
mal-kbarat u maż-żgħar tkellem
bla ma għażel 'l kulħadd nifed
b'kelma vera qisha vleġġa.
V/. Din il-qawwa kienet ikbar
mill-mirakli, dawwlet ħajtu
b'dija li kulħadd kien jara.

## III NOTTURN

*Antifoni*

[96] Ifraħ, inti li fid-dinja
pellegrin kont f'ħajja li tgħaddi:
issa int jistħoqqlok *tgħammar*
ġewwa *d-dar* (S 14,1) tas-sebħ ta' dejjem.

Agħti lilna fi tjubitek
dak li inti mort tirċievi,
*għax xewqat qalbek mort taqta'* (cfr. S 20,3.5)
sabiex tikseb ħajja ħienja.

*Fuq il-għolja* int wassalna!
Antnin 'l Alla għalina itlob,
sabiex m'Alla magħmul bniedem
flimkien nidħlu *f'tempju mqaddes* (S 23,3).

*Responsorji*

[97] R/. Bħala prova ta' qdusitu
umli, sempliċi w innoċenti,
kellu mħabba għad-dixxiplina;
karità mwaħħda mal-ħeġġa,
l-verità w il-modestja
huma xhieda ta' tagħlimu.
V/. Jekk int prova trid, konferma,
tista' ssibha fil-mirakli
li lkoll jiddu f'kotra sħiħa.

R/. Jekk tixtiequ għeġubijiet:
kemm ħsarat jidhru f'wiċċ l-art,
mewt, qerq, għama, ġdiem, demonji,
kollha jdubu, jfiq il-mard.
Jerħi l-mewt, jinħall il-jasar,

sew għall-ġisem, kemm għar-ruħ,
grazzji talbu w jaqlgħuhom
sew iż-żgħażagħ, sew ix-xjuħ.
V/. It-tiġrib, il-għaks jinqerdu,
il-mitluf malajr jinstab:
hekk jistqarru n-nies ta' Padova,
mad-devoti kollha sħab[7].

R/. Il-Qaddis kien qed jippriedka
dwar it-titlu tas-salib
tbatijiet Ġesù mar fakkar
bi kliem ħelu daqs il-għasel.
Il-missier qaddis Franġisku,
kien 'il bogħod, 'ma hemm ried jidher,
lil uliedu, maqtugħ fl-arja
b'għaġeb kbir u ġdid għal kollox.
V/. Idejh jiftaħ biex ibierek
bħall-Imsallab msammar m'għuda,
hekk 'l uliedu mar jimmarka
b'sinjal is-salib tal-fidwa[8].

---

7 Dan hu l-famuż responsorju *Si quaeris miracula* ta' Sant'Antnin. Għal sekli sħaħ ġie attribwit, mingħajr l-ebda fundament, lil S. Bonaventura. L-istess Julian minn Speyer li kitbu tah ukoll in-noti mużikali gregorjani, u b'mod solenni u impressjonanti ġie mużikat minn mużiċisti ta' fama. Hu stedina qawwija biex id-devoti kollha tal-Qaddis iduru lejn il-patroċinju tiegħu fil-ħtiġijiet kollha tagħhom materjali u spiritwali. Jinstab responsorju simili fil-Brevjarju ta' York, li jfaħħar lil S. William, isqof ta' din il-belt (†1154) u kanonizzat minn Onorju III fl-1227. Jista' jkun li r-responsorju ta' S. Antnin ġie ispirat minn din il-kompożizzjoni liturġika. Ġibna t-traduzzjoni Maltija poetika ta' P. Marjanu Vella OFM.

8 Cfr. nota 1.

## LAWDI

### *Antifoni*

[98] *Fuq il-blat mar jibni daru* (cfr. Mt 7,25)
fuq *il-ġebla li hu Kristu* (cfr. 1Kor 10,4),
hekk Antnin waqaf u ssaħħaħ:
la *l-imwieġ qawwi tal-baħar,*
la *l-ħsejjes tax-xmajjar* jiġru (cfr. S 92,3-4)
qatt ma jistgħu jgħerrquh taħthom.

*B'għana w ferħ quddiemek daħal,*
*Mulej* (cfr. S 99,2) lilek hu ried jaqdi,
Int għalhekk sebħek urejtu;
Int *id-dawl* li d-dija tiegħu (cfr. Ġw 8,15; Mt 5,4)
lil Antnin għamlitu jixbħek,
biex fih sab il-ħajja vera.

Kollu *għatxan, għalik imxennaq,*
*Mulej, fik jishar u jaħseb*
*sa minn sbieħ il-jum jixtieqek* (cfr. S 62,2):
Int *għajn t'ilma qatt ma jonqos* (cfr. Iż 58,11),
Inti dawl tgħammex bid-dija,
Int *bil-għatx* f'salib imdendel (cfr. Ġw 19,28).

*Ħlejjaq fl-art, sema u baħar*
*lill-Mulej bierku* u faħħru (cfr. Dan 3,59.74.78.57),
lilu għannu fi sbuħitkom,
għax bl-għeġubijiet t'Antonju
fil-bnedmin it-tama tikber
f'dik il-ħajja l'għad trid tiġi.

*B'daqq it-tromba, b'ħoss it-tnabar,*
*bl-arpa u ċ-ċetra, b'kordi ħelwa,*
*u bid-daqq qawwi taċ-ċimbli,*
*bl-orgni w* kant tal-kor ferrieħi (cfr. S 150,1.3-5),

ruħi tfaħħar 'l Alla f'telfa
kif ifaħħru kien Antonju.

*Kapitlu (bħal fl-I Għasar)*

*Innu: «Iesu, lux vera mentium»*

[99] Ġesù, dawl veru ta' ruħna[9],
dawwal b'sebħek sa minn kmieni,
dlam id-dinja tagħna mċajpra
b'sebħ l-għeġubijiet t'Antonju.

Lill-baħħara fit-tempesta
bl-għelm tal-fidwa mar isalva,
lilhom offra raġġ ta' tama
li wassalhom f'port imkennen.

Bid-dawl qawwi ta' twemminu
biddel qlub dawk fl-ereżija,
b'sinjal tazza tal-ħġieġ sabbat,
sħiħa baqgħet bla ma nkisret.

Kjerku b'dawl il-grazzja daħaq
iżżufjetta bil-mirakli;
marad, wegħda hu mar jagħmel,
sabiex sebħ il-qaddis jixhed.

Int, Missier id-dawl agħtina,
b'talb Antonju saħħa w barka,

9 L-innu tal-Lawdi *Iesu, lux vera mentium*, hu iċċentrat kollu fuq mirakli li nsibu rakkontati fl-*Assidua*. Hekk l-awtur isemmi l-miraklu tal-ħelsien min-nawfraġju ta' grupp ta' devoti fil-Laguna Veneta (*Asd* 43), il-miraklu tal-konverżjoni ta' l-eretiku Aleardino, li tiegħu għadha teżisti t-tazza tal-ħġieġ laminata bil-fidda fit-teżor tal-bażilika ta' Padova (*Asd* 40), il-miraklu tal-kjeriku Guidotto d'Anguillara (*Asd* 44).

Dawl minn Dawl, miegħek imwaħħad
ma' l-Ispirtu li jdawwalna. Amen.

V/. Itlob għalina imqaddes Antonju.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

*Antifona tal-Benedictus*

[100] Ifraħ, Padova u thenna[10],
għax teżor int stħaqqlek tħares:
dehra wriet rieda tas-sema,
li għalih il-ġieħ kien jistħoqq
li jitgħolla fuq l-altari.
Imsoqqija bil-mirakli,
int, permezz t'Antonju tiegħek,
mistrieħ tagħti 'l tant imsejkna:
dan il-ġieħ kompli ħarsilna
li bih inti tant tistagħna.
Int Missier lil dawk li tikseb
mur ħarishom minn kull saram,
mexxi lilna fl-għoli miegħek,
aħna li fid-dell tal-mewt ninsabu
mixħutin ma' l-art hawn isfel.

## PRIMA

*Antifona:* Fuq il-blat mar jibni daru (1 ant. tal-Lawdi)

---

10 L-antifona hi iċċentrata fuq is-santwarju ta' Padova, li għandu l-privileġġ li jħares ir-relikwi ta' Sant'Antnin, li minn qabru jidher bħala t-tawmaturgu li lejh jirrikorru d-devoti għal kull xorta ta' fejqan fir-ruħ u l-ġisem.

KAPITLU

*a) qabel il-Memoriale tas-sena 1307:*
Iżomm dritt fil-parir tiegħu u t-tagħlim,
u jaħseb fuq il-misteri tal-Mulej.
Juri t-tagħlim li kien imrobbi fih,
u jiftaħar bil-Liġi tal-patt tal-Mulej (Sir 39,7-8).

*b) wara l-Memoriale tas-sena 1307:*
Jagħtini Alla li nitkellem sewwa kif għaraft,
u naħseb kif jixraq bid-doni li tani.
Għax hu t-triq ta' l-għerf,
hu jmexxi l-għorrief fis-sewwa (Għerf 7,15).

TERZA

*Antifona:* B'għana w ferħ quddiemek daħal (II ant. tal-Lawdi)

*Kapitlu bħal fil-Għasar.*

R/. Il-Mulej ħabbu u żejjnu.
V/. Libbsu libsa ta' ġieħ. Glorja lill-Missier eċċ.
R/. Il-fomm tal-ġust jitkellem il-għerf.
V/. U lsienu jgħid is-sewwa.

SESTA

*Antifona:* Kollu għatxan, għalik imxennaq (III ant. tal-Lawdi)

KAPITLU

*a) qabel il-Memoriale tas-sena 1307:*
Jekk tkun ir-rieda tal-Mulej fil-kobor tiegħu,
jimtela bi spirtu ta' fehma.

Minnu toħroġ xmara ta' kliem l-għerf,
u fit-talb irodd ħajr lill-Mulej (Sir 39,6).

*b) wara l-Memoriale tas-sena 1307:*
Ma' l-għerf ġieni l-ġid kollu,
u miegħu ġiebli għana bla qjies.
Jiena fraħt b'dan kollu, għax kollox ġie wara l-għerf;
u ma kontx naf li hu l-bidu ta' kollox.
Bla qerq tgħallimtu u bla għira lill-oħrajn ngħaddih;
l-għana tiegħu ma naħbihx (Għerf 7,11-13).

R/. *Minn fomm il-ġust joħroġ kliem il-għerf.*
V/. *U lsienu jgħid is-sewwa.* Glorja lill-Missier eċċ.
R/. *Il-liġi ta' Alla tiegħu għal qalbu,*
V/. *Ma jitfixkilx fil-mixi tiegħu* (S 36,30-31).

## NONA

*Antifona:* B'daqq it-tromba, b'ħoss it-tnabar (V ant. tal-Lawdi)

*Kapitlu bħall-Prima.*

R/. *Il-liġi ta' Alla tiegħu għal-qalbu,*
V/. *Ma jitfixkilx fil-mixi tiegħu* (S 36,31). Glorja lill-Missier eċċ.
R/. *Lill-ġust l-għerf mexxieh minn toroq dritti,*
V/. *U wrieh is-saltna ta' Alla* (Għerf 10,10).

## II GĦASAR

*Antifoni, salmi, innu u talba bħall-I Għasar*

*Antifona tal-Magnificat*

[101] O Ġesù, dawl qatt jintefa,
d-dija tiegħek int mort turi

b'tant mirakli li ħdimt b'Antnin,
l-glorja li biha żejjintu
hi għalina għajn ta' hena,
lilek tfaħħar u ġieħ tagħtik.
Permezz tiegħu l-grazzj'agħtina
li fl-imsiebaħ ta' dawl qlubna
ż-żejt inġorru minn tal-fidi;
le jintefa' l-musbieħ tagħna,
jagħti d-dawl ta' mġieba tajba,
jaqbad b'ħeġġa ta' l-imħabba.
Ta' xejn tishar x-xebba belha,
barra jkollha toħroġ tfittex,
sabiex tixtri ż-żejt li jonqos.

# APPENDIĊI

## ANTIFONI OĦRAJN

*Antifona tal-Magnificat*
[102] O kewkba tiddi tad-dinja,
li tiddi xħin jidħol l-għabex,
xandârt kelma w xtaqt tmut martri,
tifħir doppju lilek jixraq;
għax Antnin, bil-ħila tiegħek,
nerġgħu nibnu l-ħerba tagħna[11].

[11] Is-*suffragium* (tifħir-rakkomandazzjoni) kommemorattiv ta' S. Antnin ġie introdott fil-kapitlu ġenerali ta' Padova fl-1276. Hu magħmul minn antifona, versett doppju u *oremus* proprju, li wieħed patri Franġiskan anonimu sawwar. Fil-fatt hemm aktar minn antifona waħda, għax jistgħu jintużaw f'okkażjonijiet differenti. L-ewwel antifona, *O preclarum*, tfaħħar iż-żewġ kuruni tal-qaddis: il-kariżma tal-predikazzjoni u l-martirju tax-xewqa, u titlob l-interċessjoni u l-protezzjoni tiegħu. L-isem *kewkba ta' filgħaxija* tfakkarna

*Antifona tal-Benedictus*
[103] O koppa *qisha ħannieqa* (cfr. Għan 7,2)
ta' l-għarusa ta' Salamun,
inti sirt *għodda maħtura* (cfr. Atti 9,15)
biex l-għatx għal dejjem jinqata',
lill-qaddejja ċkejknin tiegħek
Antnin, nida l-faraġ tihom[12].

*Antifona "ad libitum"*
[104] O kewkba tiddi ta' Spanja,
int ġawhra ta' faqar safja,
Antnin, bħall-mudell ta' Setia, [int missier l-għerf safi],
tas-safa daqs is-silġ bajda;
int dawl jiddi fuq l-Italja,
int għalliem tas-sewwa mdawwal,
int xemx tiżreġ ta' Padova
għall-mirakli bla tarf tiegħek[13].

*Antifona lil Sant'Antnin*
[105] O Antnin, ragħaj tassew twajjeb,
inti tfejjaq lill-miġruħa,
ejja fejjaq il-mard tagħna
itfi n-nar jaħraq tal-kiefra:

---

fis-sensibilità mxerrda fl-aġjografija medjevali, jiġifieri l-konvinzjoni li kienu waslu l-aħħar żminijiet. Ma nsibux riferiment għal dan l-aspett fl-*Assidua*, filwaqt li hu interessat ħafna f'dawn l-aspetti l-awtur ta' dan is-*suffragium*.

12 F'dan it-tieni *suffragium,* qabel xejn il-qaddis patrun jiġi mqabbel mal-koppa ta' l-għarusa ta' Salamun, li minnha s-sultan jixrob b'ħeġġa kbira. Imbagħad jiġi mqabbel ma' l-għodda maħtua (*vas electionis*), jiġifieri, mal-kollaboratur predilett (S. Pawl fl-Atti 9,15). Antnin joffri lid-devoti tiegħu bħal xarba ta' nida ta' devozzjoni.

13 Min kiteb din l-antifona għandu quddiem għajnejh l-antifona *O proles Hyspanie* ta' Julian minn Speyer. Fil-fatt, tissemma Spanja, kif ukoll hemm riferiment għal *nova lux Ytalie* u riferiment għas-santwarju ta' Padova. Meta ippubblikaw l-antifona l-Bollandisti taw lill-isem stramb u enigmatiku *par Scithie (pari di Setia)* s-sens ta' *pater scientie* (missier il-għerf). Scizia jew Setia hi l-pajjiż bajdani bis-silġ etern, u għalhekk issir simbolu tas-safa bajda tal-qaddis. Is-safa immakulata ta' Antnin tiġi mfaħħra bil-kliem *forma puritatis*.

o missier twajjeb, għalina
imsejknin lill-Mulej itlob.

*Antifona V fil-Lawdi*
[106] Il-qtajjiet ta' l-Anġli mbierka
f'Sant'Antnin imorru jfaħħru
lill-Mulej fl-għoli tas-sema,
waqt li hawn fl-art id-devoti
lkoll jifirħ'għall-ksib tal-premju
tal-qaddej fidil u twajjeb[14].

## INNIJIET OĦRAJN

[107] *Felix Pater Antonius*
Il-missier hieni Antonju
illum jitla' lejn is-sema;
joħroġ biex imur jilqgħu
*il-Missier jiddi bil-glorja*.

Antnin, int missier nobbli,
tiddi w tleqq fis-sebħ tal-ġenna,
għal imħabbtek r-Re tal-glorja
*Ferħ qaddis lilna jmur jagħti*.

Ġieħ nagħtu 'l Missier u 'l Iben
lill-Ispirtu faraġ tagħna,
li fis-sema jmur ifaħħar
*Dan il-konfessur ta' Kristu*[15].

---

14 Din l-antifona ġiet miżjuda mal-Lawdi minħabba l-bdil tas-salmi. Flok is-salm 150 iddaħħal is-salm 148.

15 Dan l-innu jsellem lil Antnin bit-titlu ta' missier (*pater*), li jiġi milqugħ fil-glorja tas-sema fil-jum tal-mewt (*dies natalis*) tiegħu (13 ta' Ġunju). L-innu hu imitazzjoni ta' l-innu *Decus morum, Dux minorum*, tal-kardinal Tommaso da Capua, miktub għal S. Franġisk, għax kull strofa tispiċċa bl-ewwel versett ta' innijiet li jinsabu fil-Brevjar. Hekk l-ewwel strofa tiegħu l-bidu ta' l-innu *Splendor paternae gloriae* (Lawdi tat-Tnejn); it-tieni strofa tiegħu l-bidu ta'

[108] *Chori nostri preconium*
Għalenija mmorru ngħannu
għanja ta' tifħir lil Sidna:
biex infaħħru il-mirakli
ta' Antnin li jġeddu l-Knisja.

Bl-ilmijiet tax-xmara Ebro[16]
mar ifejjaq kemm nies morda;
u bl-Ispirtu divin, qawwi,
b'duwa dilek r-ruħ miġruħa.

Tifraħ b'hena n-nobbli Spanja
b'iben hekk qaddis u qawwi;
u bil-merti jiddu tiegħu
ssir magħrufa art l-Italja.

Imma fuq kulħadd Padova
bikri tqum biex lilu tfaħħar,
minnu kienet bis-sħiħ mgħallma
sabiex fit-triq dritta timxi.

Hu għall-poplu fidil tiegħek
kien isawwab xorb il-ħajja,
bil-mirakli s-sebħ kien juri
l-għelm u l-isem li kien libes.

Int, belt hienja l'Alla riedek
issir għanja b'ġismu mqaddes,

l-innu *Beata nobis gaudia* (Lawdi ta' Pentekoste); it-tielet strofa tiegħu l-bidu ta' l-innu *Iste confessor Domini* (Għasar ta' S. Martin, 11 ta' Novembru u tal-komun tal-Konfessuri, illum Ragħajja ta' l-erwieħ).

16 Ix-xmara Ebro, li ssib il-bokka tagħha f'Lisbona, fil-Portugal, tiġi murija bħala xmara li l-ilmijiet tagħha jfejjqu l-morda bl-interċessjoni ta' S. Antnin. Dan id-dettall ma nsibuh fl-ebda bijografija tal-Qaddis, u forsi hu inkluż sempliċement bħala riferiment għall-Portugal (li fl-innu jissejjaħ Spanja, bħal fil-każ ta' l-antifona *O proles Hispanie*), u li jiġi mqabbel ma' l-Italja u ma' Padova, iċ-ċentru tal-kult lejn S. Antnin.

mill-imgħallem fqajjar tiegħek
tgħallem ġenneb lil kull frugħa.

Kristu, mwieled minn Omm Verġni,
Int kont fqir u tħobb lill-foqra,
għani lilna fl-art, fis-sema,
bil-ġid veru li jhennina.

Imħeġġin fit-tifħir tiegħek,
Sant'Antnin, qaddis wisq hieni,
lill-qaddejja twajba tiegħek
sliem agħtina llum u dejjem.

Trinità qaddisa w hienja,
nitolbuk tilqa' t-talb tagħna:
libbisn'int bl-istola doppja
fil-għamara tas-sebħ tiegħek.

## RESPONSORJU IEĦOR

[109] R/. *Il-ħamiema b'rixha mdieheb* (cfr. S 67,13-14)
lejn is-sema tmur tittajjar,
hi r-ruħ safja t'Antnin fqajjar.
Hu li kien jimtedd u jorqod
fost il-kleru, *r-rix* ta' denbu,
il-ħidmiet li fnew bla heda,
ġew *imżejna b'deheb safrani* (cfr. S 67,13-14),
f'xebħ ma' Kristu, Alla w bniedem.
V/. *Meta s-slaten Għoli ferrex*
lil Antonju fosthom qiegħed,
*daqs is-silġ fuq Salmon* abjad (cfr. S 67,14-15)[17].

17 Dan ir-responsorju hu komposizzjoni libera ta' versi ta' proża b'kadenza, u hu ispirat għall-versetti 13-14 tas-Salm 67, fit-traduzzjoni latina tal-Vulgata. Ma tantx jinftiehem faċilment, għax hu kompożizzjoni ta' xbihat mistiċi imġebbdin mhux ħażin fis-sens tagħhom biex ifissru l-qdusija tiddi daqs id-deheb u bajda daqs is-silġ ta' S. Antnin.

# JULIAN MINN SPEYER
# «VITA SECUNDA»
(1235)

## INTRODUZZJONI

Filwaqt li Giuseppe Abate jippubblika l-ewwel l-*Officium Rhythmicum* u mbagħad il-*Vita Secunda* ta' Sant'Antnin, miktubin minn Julian minn Speyer, Jacques Cambell jagħmel bil-maqlub. L-istess kien ġara fl-edizzjoni ta' l-*Officium Rhythmicum* u l-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer, ippubblikati fil-volum 10 ta' l-*Analecta Franciscana*. Michael Bihl jaqbel li l-uffiċċju jiġi qabel il-leġġenda, imma fil-fatt jippubblika l-leġġenda f'paġni 335-371 u l-uffiċċju ritmiku f'paġni 375-388.

Fil-każ ta' Sant'Antnin hu ċar li Julian minn Speyer, li kien poeta u mużiċista, ukoll l-ewwel ma ikkompona kien l-uffiċċju liturġiku, u mbagħad il-leġġenda magħrufa bħala *Vita Secunda*.

Il-*Vita Secunda*, jew *Juliana*, twieġeb għal programm ta' amministrazzjoni ċentrali ta' l-Ordni fl-ewwel fażi tal-gvern ta' frate Elia bħala ministru ġeneral (1232-1239). Bħala leġġenda twieġeb ukoll għall-ħtiġijiet ta' qarrejja li kienu jgħixu f'ambjent akkademiku bħalma kienet il-*magna domus studiorum* li l-Ordni kellu f'Pariġi. Filwaqt li fl-*Assidua* Sant'Antnin jiġi ppreżentat bħala l-qaddis ta' Padova, fil-*Vita Secunda* Julian minn Speyer jagħti aktar importanza għall-fatt li Sant'Antnin hu qaddis Franġiskan, il-*Francisci patris emulus* (*Officium Rhythmicum,* Innu ta' l-Għasar).

Il-Fonti prinċipali tal-*Vita Secunda* hi l-*Legenda Assidua*, bl-istess mod li l-Fonti tal-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer hi l-*Vita Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano. Teżisti l-ipotesi li Julian seta' ltaqa' xi darba ma' Sant'Antnin. Dan seta' kien possibbli biss fi tmiem Mejju 1230, fl-okkażjoni tal-kapitlu ġenerali ta' Assisi li fih saret it-traslazzjoni tar-relikwi ta' San Franġisk. Li Sant'Antnin kien preżenti għal dan il-kapitlu jiggarantuh l-*Assidua,* 11,2 u Thomas of Eccleston, *Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam,* XIII,77. Imma

li Julian kien preżenti wkoll hi sempliċement ipotesi li tibbaża ruħha fuq il-paragrafi 75-76 tal-*Vita Sancti Francisci* [FSF 457-458]. Skond l-istudjuż M. Bihl, "id-deskrizzjoni ħajja ta' din is-solennità turi li fra Julian kien ħa sehem f'din it-traslazzjoni" (*Analecta Franciscana* X, p. XLIV). Id-dipendenza tal-*Vita Secunda* mill-*Assidua* tidher fil-fatt li hi tieħu 1480 kelma mill-*Assidua*, fuq total ta' 5823 kelma li minnhom hi komposta l-*Juliana*. Fl-istess ħin, il-kapitli 16 u 17 huma proprji ta' Julian. L-aktar kapitlu li jiddependi mill-*Assidua* hu l-kapitlu 13, li jitkellem dwar il-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin.

Il-valur storiku tal-*Vita Secunda* hu mibni fuq il-fatt li din il-leġġenda tirriproduċi, taħt forma aktar ridotta, l-*Assidua*. Il-preġju tagħha jidher l-aktar fil-fatt li tiġi miktuba f'Pariġi, iċ-ċentru intellettwali tal-*christianitas* medjevali, kif ukoll ċentru akkademiku ta' l-Ordnijiet mendikanti. Jekk l-*Assidua* hi ħidma ta' awtur li ġabar informazzjoni prezzjuża mill-ambjent ta' Padova, imma li hu personalment ma jidhirx li kien midħla daqshekk qrib ta' Sant'Antnin jew tal-kunvent tal-Minuri f'Padova, il-*Vita Secunda* hi dokument li jiddependi b'fedeltà mill-ħidma ta' l-awtur anonimu ta' l-*Assidua*. F'kelma oħra, il-valur storiku tal-*Juliana* jiddependi direttament mill-valur storiku ta' l-*Assidua*.

Studju attent tal-*Vita Secunda* juri kif Julian minn Speyer kitibha bħallikieku bnieha mill-*Officium Rhythmicum* ta' Sant'Antnin. L-istudjużi jsibu 33 siltiet komuni bejn iż-żewġ Fonti, li wieħed jista' jistudjahom taħt forma ta' sinossi. Nagħtu biss eżempju wieħed, biex nifhmu kemm iż-żewġ Fonti ħerġin mill-istess pinna:

*Officium Rhythmicum S. Antonii,* Ant. 1 ad Vesperas: "Timtela bil-ferħ il-Knisja, // l-Għarus bil-glorja żejjinha, // biex minnha għalih imur jagħmel // *omm ta' wlied* (S. 112,9) li ma jmutu qatt".

*Vita Secunda,* 16,1: "Għalhekk, mela, ħa timtela bil-ferħ u l-hena l-omm twajba tagħna, il-Knisja, li l-Għarus maħbub tagħha, Ġesù Kristu, jgħolli u jżejjen bil-glorja ta' wlied li ma jmutux".

Il-*Vita Secunda* tipprovdi ritratt ta' Sant'Antnin taħt diversi aġġettivi. Għal 16-il darba Julian sejjaħ il-qaddis sempliċement bl-isem ta' *Antonius*. Għal 7 darbiet isejjaħlu *Beatus Antonius*, filwaqt li għal 6 darbiet isejjaħlu *Sanctus Antonius*. L-aġġettiv *Sanctus*, "il-Qaddis", jidher għal 17-il darba, u jindika kif f'Padova dan l-aġġettiv kien l-aktar riferiment ċar għal Sant'Antnin. Ismijiet oħrajn huma *sanctus vir,* "raġel qaddis" (9 darbiet); *pater sanctus,* "missier qaddis" (10 darbiet);

*vir Dei,* "bniedem ta' Alla" (14-il darba); *beatissimus Christi sacerdos et confessor,* "is-saċerdot u l-konfessur l-aktar qaddis ta' Kristu" (1 darba); *servus Dei,* "qaddej ta' Alla" (4 darbiet); *Christi famulus,* "qaddej ta' Kristu" (1 darba).

Il-*Vita Secunda* hi Fonti importanti għal diversi dokumenti oħrajn dwar Sant'Antnin fis-sekli 13 u 14. Fosthom ta' min isemmi li *Speculum maius* ta' fra Vincenzo de Beauvais, Dumnikan li twieled qrib l-1191, li għex fl-istess żmien ta' Sant'Antnin, u miet fl-1264. Fir-raba' taqsima ta' l-opra tiegħu, intitolata *Speculum historiale*, hemm ħames kapitli iddedikati għall-ħajja, mewt u mirakli ta' Sant'Antnin, li jiddependu għal kollox mill-*Vita Secunda* ta' Julian minn Speyer. It-tieni leġġenda li tiddependi direttament mill-*Vita Secunda* hi l-*Benignitas*, opra ta' John Peckham. Sfortunatament ma għandniex l-edizzjoni sħiħa tal-*Benignitas*, u għalhekk ma nistgħux inkunu nafu sa kemm tiddependi mill-*Vita Secunda*. Il-*Leggenda Raymundina* hi prinċipalment dipendenti mill-*Assidua*, imma fl-istess ħin fiha diversi passi li juru għarfien tal-*Vita Secunda*. Imma l-veru bijografija ta' Sant'Antnin li ċertament tiddependi mill-*Vita Secunda* hi l-*Legenda Rigaldina*. Fuq 11000 kliem li jikkomponuha, madwar 1500 huma meħudin mill-*Vita Secunda*. Fost il-Fonti tas-seklu 14, insemmu biss il-*De conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Ihesu* ta' fra Bartolomeo de Rinonico da Pisa (1385-1390), li fiha sezzjoni dwar Sant'Antnin (cfr. *Analecta Franciscana,* IV, Quaracchi 1907, 264-273).

L-edizzjonijiet kritiċi tal-*Vita Secunda* huma dik ta' Daniel Papenbroeck, *Vita Auctore Anonymo valde antiquo,* in *Acta Sanctorum – Junii II,* Antverpiae 1698, 705a-708b. 712a-718a; M. Bihl, "La leggenda di fra Giuliano da Spira ed il suo epilogo inedito", in *Studi Francescani* 29 (1932), 429-450. 450-453; G. Abate, in *Il Santo* 9 (1969), 166-189; J. Cambell, "Le culte liturgique de sainte Antoine de Padoue", in *Il Santo* 11 (1971), 156-196.

# JULIAN MINN SPEYER
# «VITA SECUNDA»

## IL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN KONFESSUR,
## jew «VITA SECUNDA»,
## jew «LEGENDA ANTONIANA»,
## jew «JULIANA»
## (1235)

## TIBDA L-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN KONFESSUR

### 1 – DWAR IL-BELT FEJN TWIELED SANT'ANTNIN, U KIF DAĦAL FL-ORDNI TA' SANTU WISTIN, U DWAR IL-PATRIJIET MARTRI FIL-MAROKK

[110] 1 Fi Spanja[1], fil-belt ta' Lisbona – li qegħda fix-xaqliba tal-punent tas-saltna tal-Portugal, fit-trufijiet tad-dinja – hemm knisja kbira ħafna, iddedikata lill-Verġni glorjuża Marija, Omm Alla. Miżmuma f'ġieħ kbir, fiha hemm il-ġisem għażiż ta' l-imqaddes Vinċenz, martri. 2 Mhux bogħod mill-bibien tal-punent ta' din il-knisja, kienu jgħixu l-venerabbli ġenituri ta' l-imqaddes Antnin. Meta welldu lil dan l-iben hieni kienu għadhom fil-fjur ta' żogħżithom; fil-magħmudija tawh l-isem ta' Fernando. Wara, imbagħad, afdawh lill-knisja biex jiġi edukat u mgħallem l-iskola.

[111] 3 Is-snin bikrin tat-trobbija għaddihom fi klima ta' serenità fi ħdan il-familja. Wara mbagħad, meta l-pjaċiri tas-sensi kienu qed iħajruh bis-seħer qarrieq tad-dinja, u l-pjaċiri tal-ġisem ukoll kienu qed idejquh bl-insistenza tagħhom, iż-żagħżugħ tagħna b'ebda mod qatt ma reħa l-kontroll fuq il-konkupixxenza. Kien deċiż għall-aħħar li ma

---

1 Fil-medjuevu, *Hispania*, jew kif jippreferixxi Julian, *Hispanie,* kienet tikkomprendi l-penisola Iberika kollha kemm hi. Antnin innifsu jiġi msejjaħ *Hispanus*.

jaqdix ħlief lil Alla waħdu, deċiżjoni li wera bil-fatti. 4 Warrab minnu b'disprezz it-tħajjir tad-dinja u tal-ġisem, u irtira f'monasteru ta' l-Ordni ta' Santu Wistin[2], qrib Lisbona. Kien hemm li, b'devozzjoni umli, libes l-ilbies reliġjuż.

[112] 5 Meta kien hemm, kien iħossu jiddejjaq bil-ħafna żjajjar li kienu jagħmlulu ħbieb li ħsiebhom kien fil-ħwejjeġ tad-dinja, żjajjar dawn li kienu jtellfulu l-paċi tal-qalb. Kien għalhekk li, wara li dam hemm sentejn, mar f'Coimbra, f'monasteru ieħor ta' l-istess Ordni, iddedikat lis-Salib Imqaddes. Mingħand is-superjuri tiegħu qala' l-permess meħtieġ wara ħafna tiġbid, għax il-maturità ta' l-imġieba tiegħu kienet apprezzata ħafna. 6 Issa li mill-ġdid irnexxielu jikseb is-serenità ta' l-ispirtu, li kien tant imxennaq għaliha, mexa ħafna 'l quddiem fil-perfezzjoni reliġjuża. Dan wera li dik il-bidla ma kienetx frott ta' deċiżjoni mgħaġġla.

[113] 7 L-Ispirtu, li jaf minn qabel il-ġejjieni, kien qed imexxih biex jingħata għall-istudju tal-Kotba Mqaddsa. Il-meditazzjoni tagħhom bla taqta' għallmitu mhux biss kif jinqalgħu l-vizzji mill-għeruq u jitħawwlu l-virtujiet fl-għalqa ta' ħaddieħor – naturalment wara li dak li jkun ikun ikkultiva l-għalqa tiegħu – imma kiseb għarfien ta' min joqgħod fuqu mill-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja. Hekk kien f'qagħda mhux biss li jsaħħaħ il-fidi tiegħu, imma wkoll li jxejjen l-erruri. 8 Għaldaqstant, megħjun minn Dak li ma għandux bżonn ta' ħafna żmien biex jgħallem, il-bniedem ta' Alla mtela bl-ispirtu ta' l-għerf kmieni ħafna.

[114] 9 Fil-Marokk[3] kien qed jixxerred demm l-innoċenti minn idejn il-ħżiena. Sultan aħrax, mimli b'rabja kollha mibegħda għal Kristu, ħareġ ix-xabla kontra l-patrijiet minuri. It-tbatija kiefra li għaddew minnha dehret tiddi bis-saħħa tal-mirakli, 10 għax Dak li niżel mis-sema, u li għall-imħabba tiegħu sofrew, kien ħobż il-ħajja għalihom li

---

2 L-*Assidua* 3,4 tagħmel għall-ewwel darba riferiment għall-*Ordo Sancti Augustini*, u tispeċifika li dan kien l-Ordni tal-Kanoniċi Regolari, dettall li Julian hawnhekk ma' jinkludihx. Attwalment l-isem Ordni ta' Santu Wistin jirreferi għall-Ordni mendikanti li twieled fl-Italja fl-1244, u li għalhekk hu distint mill-Ordni tal-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin li tiegħu kien membru Sant'Antnin qabel ma sar Franġiskan.

3 Dan hu riferiment għall-belt ta' Marrakesh fil-Marokk. Din ġiet imwaqqfa mill-Emir Yusuf-ibn-Tashufin fl-1062, u saret il-kapitali tar-renju tal-Marokk fil-medjuevu, fi żmien id-dinastija ta' l-Almohadi, li okkupawha fl-1146-47.

aċċettaw il-mewt. 11 Waqt il-pellegrinaġġ famuż, meta mill-Marokk ittrasportaw dawk ir-relikwi li jixirqilhom kull qima, Pedro *Infante* xandar ma' kulħadd li għall-merti tagħhom inħeles minn periklu gravi. Din l-istorja tal-martirju ċelebri tagħhom xerridha ma' kullimkien.

[115] 12 Widnejn Fernando ma kienux torox għall-aħbar ta' ġrajja bħal din. F'daqqa waħda, bħalma jitqanqal l-iljun għall-ġlied meta jara d-demm, tħeġġeġ b'żelu kbir għall-fidi. F'kompassjoni straordinarja, qagħad jaħseb bejnu u bejn ruħu dwar l-insult li sar lil Kristu u l-qtil tal-martri, u wasal għall-konklużjoni li ma għandux missjoni oħra x'jaqdi għajr li jaffronta bl-istess ħruxija lit-tirann, u għall-imħabba ta' Kristu jikseb l-istess palma tar-rebħa.

[116] 13 Hieni dan ir-raġel li x-xabla tal-persekutur ma ġiegħlitux jirtogħod bil-biża' quddiem il-mewt. Mhux hekk biss, imma kif se naraw, il-ħeġġa ta' l-imħabba perfetta biddlitu għall-aħjar. 14 Għalhekk, hu u jaħseb fi spirtu mqanqal x'kien l-aħjar li jagħmel, iddeċieda li jilbes it-tonka ta' dawk li mietu mewta erojka għal Kristu u jħaddan il-ħajja tagħhom. Hekk kien żgur li jkun jista' jieħu sehem fil-ġlieda għall-fidi.

## 2 – DWAR KIF DAĦAL FL-ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI, MAR IL-MAROKK U KIF SPIĊĊA FI SQALLIJA

[117] 1 Ħdejn il-monasteru, f'Coimbra, kienu jgħixu xi patrijiet ta' l-Ordni li semmejna. Skond id-drawwa tagħhom, huma kienu jmorru jħabbtu l-bieb tal-monasteru, jittallbu l-karità. Meta rahom il-qaddej tal-Mulej ma setax iżomm iżjed. Bil-ġentilezza kollha sejħilhom fil-ġenb, fetaħ qalbu magħhom u wrihom x'kien qed iħoss f'qalbu. 2 Dawk il-patrijiet sempliċi tgħidx kemm ferħu meta saru jafu b'dan. Ftiehmu dwar il-ġurnata meta dan il-ferħ tagħhom kellu jitwettaq u jilħaq il-milja tiegħu. Ferħanin għall-aħħar marru lura, u fi triqthom erħilhom il-ħin kollu jroddu ħajr lill-Mulej.

[118] 3 Min-naħa tiegħu Fernando, wara ħafna taqtigħ il-qalb, qala' l-permess mingħand il-prelat tiegħu, u kollu ferħan beda jħejji ruħu għal dak il-jum mistenni. Min-naħa tagħhom il-patrijiet, kif kienu wegħdu, ħabbtu l-bieb tal-monasteru, u hemmhekk stess libbsuh il-libsa tagħhom. 4 Meta biddel il-libsa reliġjuża u kien ħabat sejjer mal-patrijiet minuri, wieħed mill-kanoniċi, imnikket aktar mill-oħrajn għat-tluq tiegħu, fid-

dieqa ta' qalbu sellimlu b'dan il-kliem qabel telaq: "Mur, mur, għax għandek mnejn issir qaddis"[4]. 5 Għal dan, b'ħafna umiltà wieġbu: "Tajjeb! Meta għad tisma' li sirt qaddis, int żgur li tfaħħar lill-Mulej".
[119] 6 Ġie, għalhekk, fil-post fejn kienu jinġabru dawk il-patrijiet sempliċi, magħruf bħala ta' Sant'Anton. Fi qbil ma' dan l-isem talab li jibda jissejjaħ Antonju[5]. B'din l-istrataġemma, maħsuba bil-għaqal, taħt isem mhux magħruf, irnexxielu aktar faċilment jeħles mid-dwejjaq li kienu qed jikkawżawlu dawk li ma kienux jieqfu jfittxuh.
[120] 7 Kif għidna, kellu taqbad fih xewqa kbira li jmur martri. Waqt li sultan ta' l-art kien akkanit għall-aħħar kontra Kristu, Antnin b'ebda mod ma seta' jberred fih din ix-xewqa ħerqana. Meta fl-aħħar, kif kienu wegħduh, qala' l-permess mar fl-art tas-Saraċini. 8 Iżda, minkejja l-impenn tiegħu kollu biex jilħaq dan il-għan, ix-xewqa tiegħu ma seħħitx. Il-Mulej, is-Sultan tas-Slaten, kellu għalih pjan differenti minn tiegħu.
[121] 9 Li ġara kien dan: ħakmitu marda gravi li b'xejn ma ħallietu. B'hekk fehem li ma seta' jagħmel xejn biex il-wegħda titwettaq, u mġiegħel mill-ħtieġa qatagħha li jmur lura f'art l-insara. 10 Waqt li kienu qed ibaħħru lejn Spanja qamet tempesta qalila u l-irwiefen tefgħuh fuq ix-xtut ta' Sqallija[6]. Hekk il-pjan tiegħu falla!

---

4 L-*Assidua* diġà tagħmel riferiment għall-istima li Fernando kellu f'Lisbona u f'Coimbra, imma ma tidħolx fid-dettalji dwar ir-relazzjoni fraterna tiegħu mal-kanoniċi Agostinjani. Il-kanonku li hawnhekk jissemma' jidher li kien profondament imnikket quddiem l-abbandun li Fernando iddeċieda li jagħmel mill-Ordni li kien fih biex jidħol mal-patrijiet Minuri.

5 L-*Assidua* tgħid: *Antonius ipse sibi nomen imposuit*. Ma jidhirx li din kienet prassi stabilita fil-familja Franġiskana f'dan il-perjodu bikri ta' l-istorja tagħha. Ġeneralment kull patri kien iżomm l-isem tal-magħmudija. Il-bdil ta' l-isem kien isir biss rarament u għal motivi ċari, bħal fil-każ ta' Fernando.

6 Julian jippreferi l-espressjoni ġenerika *diutino langore*, marda li ħadet fit-tul, għall-informazzjoni ta' l-*Assidua*, li tgħid li l-qaddis dam marid għal tul ix-xitwa kollha. Rigward il-vjaġġ lejn Sqallija, jidher ċar li l-ġifen ma ltaqax biss ma' irjieħ kuntrarji, imma ma' tempesta vera u proprja, biex inġarr dik id-distinza kollha minn viċin il-kosta ta' Spanja b'riħ qawwi mill-punent li xeħtu fuq Sqallija. Il-post tradizzjonali li fih ġie nawfragat Sant'Antnin hu indikat sallum f'santwarju-għar imxabbat fuq irdum barra l-belt ta' Milazzo, fuq il-kosta tat-tramuntana ta' Sqallija, quddiem il-gżejjer Lipari. Minn dan il-post kien faċli għal Sant'Antnin li jmur iżur lill-patrijiet fil-kunvent ta' Messina, fejn sar jaf bil-kapitlu ġenerali li kien se jiġi iċċelebrat f'Assisi f'Pentekoste tas-sena 1221.

## 3 – DWAR KIF MILL-KAPITLU ĠENERALI ĠIE FIR-ROMAGNA, FEJN FL-EREMITAĠĠ TA' L-AĦWA GĦADDA ĦAFNA JIEM MEHDI FIT-TALB U L-ĦAJJA TA' DIXXIPLINA

[122] 1 Dik il-ħabta kienet fil-qrib ħafna ċ-ċelebrazzjoni tal-kapitlu ġenerali tal-patrijiet fil-belt ta' Assisi. 2 Meta Antnin sar jaf b'dan mingħandhom, għad li dgħajjef u marid, ra kif għamel[7] u sab ruħu hemm.

[123] 3 Meta ntemm il-kapitlu u, skond id-drawwa, il-patrijiet bdew jintbagħtu fid-destinazzjonijiet tagħhom, lil Antnin ħadd ma talab biex imur miegħu. Billi ma kien jafu kważi ħadd, kellu bixra ta' wieħed li m'hu tajjeb għal xejn. 4 Hu ma qagħad jgħid xejn fuqu nnifsu, la dwar il-kultura li kellu u lanqas dwar xi kwalitajiet oħra li setgħu juruh bħallikieku wieħed utli. Għalhekk avviċina lil Graziano, li dik il-ħabta kien is-superjur tal-patrijiet fir-Romagna. Bl-umiltà kollha talbu jkellem lill-ministru ġeneral[8] biex jieħdu miegħu, u jiffurmah fid-dixxiplina reliġjuża.

[124] 5 Graziano laqgħu b'ħafna tjubija u ħadu miegħu fir-Romagna. Billi meta kien hemm talab post ta' solitudni, bagħatu fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo[9]. 6 Hemm sab grotta fil-kripta li kienet skond il-gosti

---

7 Skond Russo, *I francescani in Calabria,* 25.28, hemm xi tradizzjonijiet fil-Calabria li Sant'Antnin waqaf hemmhekk fil-vjaġġ tiegħu lejn Assisi, b'mod partikulari f'Pizzo u San Marco Argentano, fejn għad hemm kappella li tfakkar il-waqfa tal-bniedem ta' Alla.

8 Xhieda ta' l-antikità tal-bijografija hu l-fatt li ssejjaħ lil frate Elia *minister generalis*. Minn 2C (1247) nafu li Elia kien pjuttost *vicarius* tal-qaddis, għax it-titlu ta' ministru ġeneral beda jiġi applikat għas-superjuri ta' l-Ordni wara l-mewt ta' San Franġisk.

9 Il-Bollandisti għażlu l-isem *Montis Sancti Pauli* u mhux *Montis Pauli*. Dan wassal għal konfużjoni dwar l-eremitaġġ li fih Sant'Antnin intbagħat minn frate Graziano. Monte Paolo hu eremitaġġ marbut ma' dan is-soġġorn tal-qaddis u li għadu venerat sallum barra l-belt ta' Forlì. Imma jekk wieħed jaċċetta l-isem Monte San Paolo, jista' jkun li l-isem jirreferi għal kunvent ieħor Franġiskan, magħruf bħala *Convento dell'Osservanza*, fuq għolja barra l-belt ta' Bologna, li kienet tissejjaħ, appuntu, *Monte San Paolo*. L-istess knisja tal-Franġiskani hi dedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl. Hu x'inhu, Sant'Antnin għex kemm f'Monte Paolo barra Forlì, u x'aktarx ukoll f'Monte San Paolo barra Bologna, fejn aktar tard kien jgħallem it-teoloġija lill-patrijiet.

tiegħu, bogħod mill-oħrajn u adattata ħafna għat-talb. Wera x-xewqa tiegħu lil wieħed mill-patrijiet li kien għamilha għalih, u dan ġentilment tahielu.
[125] 7 Kemm kien possibbli għalih, hemm għex ħajja solitarja[10]. Bl-għajnuna tal-meditazzjoni qaddisa, qawwa fih l-ispirtu kontra t-tentazzjonijiet u fittex li jissaħħaħ fl-imħabba ta' Alla. 8 Waħdu, hemm kien jgħaddi sahriet twal jitlob matul il-lejl, dispost għall-aħħar li jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla. Qabad u żamm sħiħ ma' l-ankra antika tat-tama li ma tiġi qatt nieqsa. 9 Hemm ukoll kien isum ħobż u ilma, u jissoġġetta lil ġismu għal ċaħdiet iebsin għall-aħħar. Kif jixhdu dawk li kienu preżenti, meta kien jibda miexi għall-ħin ta' l-ikel biex jingħaqad ma' ħutu, kien tant dgħajjef li, xi drabi, bil-kemm kien jiflaħ iżomm fuq saqajh.
[126] 10 Il-bniedem ta' Alla Antnin, għad li kien mimli bid-don ta' l-għerf, għex ħajja sempliċi ma' nies sempliċi. Din l-għamla ta' ħajja għenitu jwarrab minnu l-arroganza bl-umiltà tal-qalb, u għal ħafna żmien, taħt il-bixra ta' wieħed bla skola, ħeba d-dawl leqqien tal-grazzja. 11 Minn dak li għidna jidher ċar li kellu mħeġġeġ fih għall-aħħar iż-żelu għad-dar tal-Mulej. B'danakollu, imfixkel darba milli jirrealizza xewqtu, ma azzardax mill-ġdid, b'inizjattiva proprja, jipprova jagħmel ġesti ta' glorja, sakemm Dak li ntelaq f'idejh b'fiduċja sħiħa ma iddisponiex b'sinjal ċar, li jkabbarlu l-fama tiegħu fil-laqgħa ta' patrijiet sempliċi.

10 Hawn l-awtur mhux qed jirreferi għall-ħajja anakoretika, imma pjuttost għal eżistenza eremitika-komunitarja, li tgħaqqad flimkien mumenti ta' solitudni ma' mumenti oħrajn ta' ħajja fil-fraternità, fuq il-mudell tar-*Regola pro eremitoriis* ta' San Franġisk.

## 4 – DWAR KIF, BIR-RIEDA TA' ALLA, SAR MAGĦRUF FOST IL-PATRIJIET, ĠIET AFDATA LILU L-MISSJONI LI JIPPRIEDKA, U B'LIEMA GĦAQAL U ĦEĠĠA XANDAR IL-VERITÀ, BLA MA ĦARES LEJN WIĊĊ ĦADD

[127] 1 Wara li għadda ħafna żmien, xi patrijiet ġew mibgħuta fil-belt ta' Forlì biex jirċievu l-Ordni sagri. Fosthom kien hemm Antnin u għadd ta' patrijiet Dumnikani. 2 Meta sar il-ħin għall-priedka, il-ministru tal-post[11] talab bil-ħerqa lill-Predikaturi biex xi ħadd minnhom jgħid kliem ta' ħeġġa lill-aħwa miġburin. Iżda Alla rieda li ħadd minnhom ma aċċetta li jitkellem, għax dehrilhom li ma kienux ippreparati biżżejjed għal dan.

[128] 3 Fl-aħħar, imbagħad, il-ministru, misjuq bil-qawwa mill-Ispirtu s-Santu, mar fuq Antnin. U għad li ma kellu ebda ħjiel dwar l-għerf tiegħu, tah l-inkarigu li jgħid lill-aħwa dak li jnebbħu l-Ispirtu. 4 Bl-umiltà kollha, il-qaddej ta' Alla wieġeb li ma kienx denn li jagħmel hu dan id-diskors. Tabilħaqq, lilu kulħadd kien jgħoddu bħala wieħed tajjeb biex joqgħod jaħsel il-platti u l-borom fil-kċina, u jehda f'xi xogħolijiet umli oħrajn, imma mhux li kellu ħila jesponi l-misteri divini ta' l-Iskrittura.

[129] 5 Imma għax noqgħod ninħela f'ħafna kliem? Iva, hu kien irċieva mis-sema l-grazzja kbira li l-memorja tiegħu kienet isservih bħala ktieb, u b'danakollu qatt ma kien jidher fih l-iċken ħjiel ta' xjenza, tneħħi xi kliem bil-latin li kultant kien jgħid. 6 Irreżista kemm seta', imma ma rnexxielux imur kontra l-ordni li rċieva. Għad li kontra qalbu, ċeda u beda jitkellem, bil-biża' tal-Mulej, b'mod l-aktar sempliċi.

[130] 7 Iżda l-Mulej ried li jqiegħed fil-għoli fuq kandelabru din *l-imnara li kienet ilha żmien twil moħbija taħt il-modd* (Mt 5,15). Hekk ġara li, meta kompla jitkellem, inqeda bi kliem magħżul li juri l-

---

11 Julian iżomm it-terminoloġija paleofranġiskana *minister loci* (ministru tal-post), li tagħmilha proprja wkoll l-*Assidua*. Imma diġà fit-*Testment* 27 (1226) San Franġisk isejjaħ lis-superjur personali tiegħu bl-isem ta' *guardianus: Et firmiter volo obedire ministro generali huius fraternitatis et alio guardiano, quem sibi placuerit michi dare*. Mela l-*minister loci* fil-fatt hu l-*guardianus*, jew gwardjan, tal-fraternità ta' Forlì li minnu kienet tiddependi l-fraternità eremitika ta' Monte Paolo.

profondità tal-ħsieb mistiku tiegħu lil dawk preżenti, ilkoll mistagħġbin għall-aħħar. Wara, imbagħad, kollha stqarrew li qatt ma semgħu diskors bħal dan. 8 Il-patrijiet imtlew b'faraġ kbir, u minn dak il-ħin 'il quddiem bdew iqimu f'dan ir-raġel, li Alla għamlu magħruf, id-dija leqqiena ta' l-għerf tas-sema. Fl-istess ħin qiemu wkoll il-virtù ta' l-umiltà li ġiet imfaħħra b'mod meraviljuż.

[131] 9 Ma għaddiex wisq żmien sakemm din l-aħbar waslet f'widnejn il-ministru ġeneral. Bla telf ta' żmien obbligah joħroġ fil-pubbliku u jimpenja ruħu bis-sħiħ fil-ministeru tal-kelma[12]. 10 Tabilħaqq, kien xieraq u sewwa li l-uffiċċju tax-xandir tal-Kelma jingħata lill-bniedem imħarreġ sewwa fl-għerf divin, magħruf diġà bħala fqir fl-ispirtu fil-fraternità ta' l-aħwa fqar, raġel li dan l-unur ma ħadux minn jeddu, imma ġie msejjaħ għalih.

[132] 11 Ma għandux ikollna l-iċken dubju li din kienet inizjattiva divina[13], u l-prova ta' dan ingħatat kemm mill-ħajja kif ukoll mill-mewt ta' Antnin. 12 Waqt li kien jgħix fil-miżerja ta' dan il-pellegrinaġġ fuq l-art, Antnin warrad kemm bil-ħajja tiegħu kif ukoll bit-tagħlim tiegħu. Bil-ħajja, għax kien ta' min ifaħħru għaċ-ċaħda minn rajh tiegħu nnifsu, għall-innoċenza sempliċi u għall-ħarsien tad-dixxiplina. Bit-tagħlim, għax iggarantit mill-imħabba, il-verità u l-modestja.

[133] 13 Għad li fi ftit kliem ma nistax nuri kemm kull waħda minn dawn il-virtujiet dehret leqqiena fih b'mod ta' l-għaġeb, irrid almenu nikteb fil-qosor xi ħaġa dwar kemm hu xandar bla ħabi l-verità sħiħa lil kulħadd. 14 Din il-virtù dehret ċara quddiem għajnejn kull min semgħu. Bla dubju ta' xejn hi bil-wisq aqwa mill-mirakli li, meta jsiru

---

12 Fiż-żmien li fih seħħ il-fatt ta' Forlì (tmiem Settembru 1222), l-Ordni kien għadu jħares ir-*Regola non bullata* ta' l-1221. Fil-kapitlu 17,1 hemm miktub: *Nullus fratrum predicet /.../ nisi concessum sibi fuerit a ministro suo*. F'kelma oħra l-permess tal-predikazzjoni kien kompetenza tal-ministru provinċjal. L-*Assidua* 9,1 tikkonferma dan: *Non multo post tempore, delata ad ministrum eorum que contigerant relatione*. Julian hawnhekk qiegħed japplika l-prassi tar-*Regola bullata* ta' l-1223, li fil-kapitlu 9,2 tgħid: *Et nullus fratrum populo penitus audeat predicare, nisi a ministro generali huius fraternitatis fuerit examinatus et approbatus, et ab eo officium sibi predicationis concessum*.

13 Il-leġġendista jippreżenta r-rivelazzjoni ta' l-għerf ta' Sant'Antnin fil-priedka ta' Forlì bħala l-punt kulminanti tal-ħajja tiegħu bħala Franġiskan, li fih il-qaddis jgħaddi mis-silenzju ta' l-eremitaġġ għall-ħajja intensa ta' apostolat. Julian jara f'din il-bidla l-id ta' Alla.

waqt li dak li jkun ikun għadu ħaj, spiss iqarrqu[14]. 15 Il-qaddis tagħna xandar bil-kotra t-tagħlim imqaddes, u b'miżien ġust ta lil kull wieħed dak li ħaqqu. Kellem kemm lill-kbar kif ukoll liż-żgħar, u bil-vleġġa tal-verità darab lil kull wieħed bl-istess mod.

[134] 16 Proprju hu, li qabel tant xtaq b'ħerqa li jixrob il-kalċi tal-passjoni, la baqa' lura u lanqas ċeda quddiem il-kobor ta' xi ħadd meta kien meħtieġ li jgħid il-verità. Lanqas il-mewt ma beżżegħtu. B'kuraġġ ta' min jammirah u jfaħħru, irreżista t-tirannija tal-kbar. 17 Mhux l-ewwel darba li kellu jattakka bl-aħrax xi persunaġġi kbar u importanti, li kien ħaqqhom ċanfira. Kien hemm predikaturi oħrajn magħrufin, li meta semgħuh jgħajjat u jwissi, bdew jirtogħdu huma stess quddiem il-kuraġġ li ma jafx x'inhu biża' ta' dan il-bniedem. Il-biża' kien iħammrilhom wiċċhom u juri d-dgħufija tagħhom. Kien għalhekk li aktar xtaqu li jkunu bogħod minnu milli jisimgħuh mill-qrib. Arahom imbeżża' jgħattu wiċċhom bil-pali ta' jdejhom jew bl-ilbies tagħhom[15].

[135] 18 Id-diskorsi li kien jagħmel fil-pubbliku, kienu liema kienu ċ-ċirkustanzi, kienu dejjem imħawwra bil-melħ u bil-grazzja. Irrid ngħid jien, hu kien dejjem ħlejju u fl-istess ħin aħrax. Fis-semmiegħa tiegħu kien jirnexxielu jqanqal kemm l-imħabba kif ukoll il-biża'. 19 Hekk iż-żmien tal-pellegrinaġġ tiegħu fuq l-art, nobbli għall-għerf u l-virtujiet

---

14 Julian hawnhekk jesprimi ruħu b'opinjoni komuni fit-tradizzjoni kristjana: mhumiex l-opri mirakolużi li huma sinjali ta' qdusija, imma l-virtujiet sinċieri. Cfr. S. GIRGOR IL-KBIR, *Hom. 29 in Ev.,* 4: *Nam corporalia illa miracula ostendunt aliquando sanctitatem, non faciunt* (PL 76, 1216). 1C 70: *Quid enim miraculis, que sanctitatem magis ostentant quam faciunt, immoremur?*

15 Dwar dan l-argument, l-*Assidua* 10,6, tillimita ruħha għal riferiment, mingħajr ma tagħti ismijiet konkreti ta' persunaġġi li ġew umiljati mill-predikazzjoni tal-qaddis. Nafu mill-bijografiji li Sant'Antnin ta' spiss ċanfar persunaġġi importanti fil-kamp ċivili u ekkleżjastiku waqt il-predikazzjoni tiegħu. Hu kien qawwi quddiem l-imħabba għall-verità kristjana, u qatt ma ċediha lil dawk li kienu kompromessi minn duttrina eretika, jew li kienu tiranni, jew usurai, jew immorali. Biżżejjed li wieħed jaqra s-*Sermones* tal-qaddis biex jintebaħ b'liema qawwa hu kien jeħodha kontra l-vizzji. Eżempji konkreti nsibuhom f'leġġendi posterjuri, bħalma hu l-fatt taċ-ċanfira li Antnin jagħmel lill-arċisqof ta' Bourges (*Rigaldina* 9,21-23; *Liber Miraculorum* 13), jew l-affront quddiem it-tirann Ezzelino da Romano (*Benignitas* 17,41-47; *Liber Miraculorum* 33).

tiegħu, kien prova ċara tal-vokazzjoni divina li kien imsejjaħ għaliha. Kif naraw aktar 'il quddiem, din il-vokazzjoni ġiet ikkonfermata b'kotra kbira ta' mirakli wara mewtu.

## 5 – DWAR L-ELOKWENZA U L-FROTT TAL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU, U DWAR KIF META DARBA KIEN JIPPRIEDKA DEHER SAN FRANĠISK IMSALLAB, JITTAJJAR FL-ARJA

[136] 1 Issa li rċieva l-mandat li jippriedka, Antnin beda jimpenja ruħu bis-sħiħ fil-qadi ta' dan il-ministeru afdat lilu. Dan kien ifisser ukoll li jibdel il-paċi ta' l-eremitaġġ, fejn kien jikkultiva l-ispirtu tiegħu, ma' ħidma mhux tas-soltu għall-ġid ta' l-aħwa. 2 Araħ issa jiġġerra minn belt għal oħra, iżur kastelli, kampanja u kull fejn isib in-nies, biex b'ħeġġa jxandrilhom kliem il-ħajja. Hu li rċieva t-tagħlim mis-sema, araħ jadatta ruħu għal kull xorta ta' semmiegħa, u joffri lil kull wieħed minnhom tagħlim li jgħinu fl-istat li jħaddan.
[137] 3 In-nies tal-kultura kienu jammiraw fih il-finezza ta' l-intelliġenza tiegħu, magħquda ma' ċarezza ta' kliem u elokwenza fl-espożizzjoni tad-diskorsi tiegħu. F'kull ċirkustanza kienu jieħdu gost jisimgħuh jitkellem b'sens ta' ekwilibriju ta' l-għaġeb. 4 Kemm kien jitkellem b'mod profond dwar l-Iskrittura Mqaddsa ta xhieda għalih personalment il-Papa ta' Ruma. Kien hu li ta lil dan ir-raġel qaddis titlu partikulari: *Arka tat-Testment*.
[138] 5 Ma kienx jillimita ruħu jitkellem b'argumenti kalmi dwar il-formazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-imġieba morali. B'argumenti sodi kien jaf jeħodha u jwaqqa' t-tagħlim qarrieq ta' l-eretiċi. 6 B'dan il-metodu tiegħu, f'Rimini rnexxielu jikkonverti kotra ta' eretiċi għall-fidi nisranija sħiħa. Fosthom wassal għad-dawl tal-verità lill-ereżjarka Bononillo, li kien ilu tletin sena agħma bid-dlamijiet qerrieda ta' l-ereżija. Ikkonvinċih jibqa' fidil għall-kmandamenti tal-Knisja u jsum, ħaġa li baqa' jagħmilha sa mewtu.
[139] 7 Kont nieħu wisq fit-tul li kelli noqgħod nirrakkonta, waħda wara l-oħra, il-għadd ta' Provinċji li dawwal bil-kelma tiegħu. U nsemmi kemm kienu kbar l-istima u l-imħabba li wrewh kemm il-kbar u kemm iż-żgħar u l-umli. 8 Nuri b'liema ħila u ħeġġa qeda l-ħafna

inkarigi li ġew afdati lilu u kemm erwieħ mitlufa reġġa' lura lejn il-Ħallieq. Inħallu dan kollu u ngħaddu b'ħeffa biex nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq il-mument tal-aħħar li lejh mexjin.

[140] 9 Aħna u nfakkru l-aħħar fażi ta' ħajtu, inkunu nistgħu nifhmu b'mod sħiħ kemm u liema kien il-frott tal-predikazzjoni ta' dan il-bniedem, mibgħut minn Alla, f'ħafna partijiet tad-dinja[16]. Biżżejjed insemmu dak li għamel f'belt waħda matul Randan sħiħ.

[141] 10 F'dan il-kuntest ma nistgħux ma nsemmux ġrajja li tissarraf f'tifħir għalih. Mela darba minnhom, meta l-patrijiet fi Provence kienu miġburin għall-Kapitlu, il-qaddis tagħna kien qed jitkellem bi ħlewwa kbira fuq il-misteru tas-salib u t-tbatijiet ħorox li sofra Ġesù waqt il-passjoni. 11 U ara, b'miraklu stupend li qatt ma nstema' bħalu, deher fl-arja l-imqaddes Franġisku, li kien għadu ħaj, imma li kien f'reġjun ieħor fil-bogħod. 12 Biex bħallikieku japprova l-priedka tal-bniedem ta' Alla u juri fih innifsu x'imisshom jimitaw dawk li jisimgħuh, Franġisku deher lil wieħed minn dawk li kienu hemm, b'dirgħajh miftuħa bħal donnu fuq l-għuda tas-salib. Bierek lil uliedu li kienu preżenti billi radd fuqhom ilkoll is-sinjal tas-salib[17].

---

16 Antnin hu l-*vir a Deo missus*, ir-raġel mibgħut minn Alla, li jwettaq speċi ta' rifondazzjoni kristjana fil-belt ta' Padova permezz tal-predikazzjoni tiegħu. U mhux biss f'Padova, imma wkoll fi Provence, f'lokalità mhux speċifikata, kif jidher fil-versett 10. Imma Bonaventura, fil-*Legenda Maior* IV,10, jindika l-belt ta' Arles bħala l-post li fih Sant'Antnin kien qiegħed jippriedka fil-kapitlu provinċjali tal-patrijiet.

17 Fir-rubrika naqraw: *S. Francisco in aere crucifixus apparuit*. Julian kien diġà kiteb dwar dan il-fatt fil-*Vita Sancti Francisci,* 30, ispirat minn 1C 48. Dawn iż-żewġ redazzjonijiet ta' l-istess fatt storiku li seħħ f'Arles huma distinti wieħed mill-ieħor fiż-żewġ opri letterarji ta' Julian minn Speyer. Hawnhekk jidher li Julian hu aktar qrib l-*Officium Rhythmicum*. Ġdid ukoll id-dettall li Franġisku, meta deher f'Arles, kien għadu ħaj. Jekk nagħmlu konfront bejn id-diversi fonti li jitkellmu minn din il-ġrajja, nsibu li Celano jikteb meta Franġisku biss kien mejjet mill-persunaġġi msemmija, u kien diġà kanonizzat. Isemmi lil fra Monaldo bi kliem ta' tifħir, hekk li jidher protagonista flimkien ma' Franġisku. Flimkien miegħu jissemma fra Giovanni da Firenze. Fil-*Vita Sancti Francisci* Julian minn Speyer iħalli lil fra Giovanni fil-ġenb, u jitkellem dwar fra Monaldo, imma jagħti importanza akbar lil Sant'Antnin, li kien għadu kif ġie kanonizzat hu wkoll. Fil-każ tal-*Vita Secunda*, jisparixxu mix-xena l-persunaġġi inferjuri, biex jibqgħu biss quddiemnett Franġisk u Antnin.

## 6 – DWAR KIF QABEL IL-MEWT ĠIE PADOVA JIPPRIEDKA, U KIF KIEN MEĦLUS MID-DWIEFER TA' SATANA LI RIED JIFGAH

[142] 1 Meta għoġob lill-Mulej li jtemm il-mixja tal-qaddis tiegħu Antnin, sena qabel it-tluq tiegħu minn din id-dinja ġie meħlus mit-temxxija tal-patrijiet u mogħti l-permess li jmur jippriedka fejn irid hu[18]. Dan ġara fil-kapitlu ġenerali li matulu ġew trasferiti l-fdalijiet qaddisa ta' l-imqaddes missier Franġisku[19]. 2 Issa li seta' jgawdi din il-libertà, qatagħha li l-ewwel imur jippriedka fil-belt ta' Padova. Diġà kellu esperjenza tad-devozzjoni sinċiera tal-poplu ta' din il-belt. Dik il-ħabta kien qed jikteb il-priedki ta' nhar ta' Ħadd. 3 Issa, fuq talba ta' l-isqof ta' Ostia, kien impenjat għall-aħħar biex ma' din il-ġabra ta' priedki jikteb ukoll priedki għall-festi ta' matul is-sena. Deherlu li jkun aħjar li jmur ikompli din il-biċċa xogħol f'Padova.

[143] 4 Kif appena wasal, mall-ewwel ħejja l-ispirtu tiegħu biex iżomm ruħu okkupat f'din il-ħidma qaddisa. Għadda hemm ix-xitwa kollha, mhux jippriedka, imma jikteb il-priedki. 5 Iżda meta qorob ir-Randan iddeċieda li jibda jippriedka kuljum, u rnexxielu jwettaq ix-xewqa tiegħu.

---

18 L-*Assidua* tispeċifika li l-permess ta' predikatur ġenerali ġie mogħti lil Sant'Antnin mill-ministru ġeneral Giovanni Parenti fl-1227: *a ministro generali suscepit.*

19 Jidher li Antnin seta' kien preżenti fiċ-ċerimonja tat-translazzjoni tal-fdalijiet ta' San Franġisk, li hi deskritta mill-istoriku Franġiskan Luke Wadding, fl-*Annales Minorum,* ad. An. 1230, n. 3, vol. II, 261: *Multis premissis preludiis, magna preparata sollemnitate, tandem in ipso festo Pentecostes, die 21 maii, facta est translatio. Elevata a terra, magno cum clangore tubarum aliorumque instrumentorum, capsa lignea, in qua sanctum corpus occludebatur, impositaque plaustro seu currui pulcherrimo, mira et pretiosa varietate ornato, quem ob ingentem molem trahebant boves, purpura cooperti. Vi et armis voluerunt esse precipui actores, in hoc spectaculo cives Assisiates, adhibitis multis custodibus et valida militum manu, caventes ne dolo ullo aut arte surriperetur vel, precisis ullis partibus, minueretur adeo insignis thesaurus*. Kien ukoll f'din l-okkażjoni li Antnin seta' ltaqa' ma' frate Giacomo da Ieso, li kien maħkum minn ernja gravi, u li ġie mfejjaq mirakolożament (cfr. 3C 109; SALIMBENE, *Cronica*, 96: *Et frater Iacobus de Yseo, qui in locis inguinaribus et membris genitalibus totaliter erat confractus, integraliter fuit redditus sanitati*).

[144] 6 Iżda l-għadu tal-bniedem ried jara kif jagħmel u jwaqqaf din il-ħidma qaddisa. X'għamel? Darba minnhom bil-lejl, fil-bidu tar-Randan, waqt li l-qaddej ta' Alla kien qed jistrieħ wara l-għeja tal-jum, ix-xitan beda jagħfaslu griżmejh b'kemm kellu ħila. Li mhux għax kien hemm intervent divin żgur li kien jifgah. Dan irrakkontah Antnin stess, kunfidenzjalment, lil wieħed mill-patrijiet. 7 Iżda hu, bla telf ta' żmien, beda jsejjaħ l-isem tal-Verġni glorjuża, fetaħ għajnejh u, ħieles mill-għadu tiegħu, ra ċ-ċella mdawwla kollha kemm hi b'dawl is-sema. U x-xitan, li jobgħod id-dawl u li ma jissapportix id-dawl divin, rah jaħrab, imbeżża'[20].

## 7 – DWAR KEMM IL-POPLU KIEN IMUR KOTRAN BIEX JISIMGĦU, U KEMM IL-MULEJ KISEB FROTT FI ŻMIEN HEKK QASIR PERMEZZ TIEGĦU

[145] 1 Dak li l-qaddej tal-Mulej kien iddeċieda li jagħmel matul iż-żmien qaddis tar-Randan, mall-ewwel beda jwettqu. In-nies tant kibret fihom ix-xewqa li jisimgħuh li bdew jinġabru ġmiegħi kbar hekk li kien hemm bżonn issir organizzazzjoni fil-knejjes fejn kien se jippriedka. 2 Iżda billi l-folol bdew dejjem jikbru l-ebda knisja ma kienet kbira biżżejjed biex tesagħhom. Iddeċieda għalhekk li jmur ifittex spazji fil-beraħ tal-kampanja. Hemm kien iniżżel bl-abbundanza x-xita tad-duttrina tiegħu, xita li tagħti s-saħħa lil dawk kollha li kienu għatxana għall-Kelma ta' Alla.

[146] 3 Kuljum, mingħajr eċċezzjoni, kienu jmorru hemm l-abitanti tal-belt ta' Padova. Mal-membri tal-kleru u r-reliġjużi kien imur jisimgħu anke l-isqof[21]. 4 Barra dan, mill-ibliet tal-qrib, il-kastelli u l-irħula oħra

---

20 Dan il-kapitlu jikkonkludi bir-rebħa glorjuż ta' Sant'Antnin fuq ix-xitan li ried ixekkel il-qawwa tal-predikazzjoni tiegħu billi jipprova jifggħu. Hekk il-kapitlu jipprepara x-xena għar-Randan famuż li hu ippriedka f'Padova fis-sena 1231.

21 Julian hawnhekk jagħmel żjieda ma' dak li tgħid l-*Assidua*, għax din titkellem mill-kleru u l-poplu bħala s-semmiegħa tal-predikazzjoni tal-qaddis. Imma hawnhekk naraw li, barra mill-Franġiskani addetti għas-servizz tal-persuna tal-predikatur u biex jgħinuh fl-amministrazzjoni tas-sagrament tal-qrar,

tal-qrib kienu jmorru bi ħġarhom folol kbar li ma jingħaddux. Kienu jitilqu jgħaġġlu fis-sigħat bikrija tal-lejl, bid-dawl tal-lanterni, lejn fejn kien se jkun jippriedka, b'gara bejniethom biex isibu l-aħjar postijiet. 5 Kienu jmorru magħhom irġiel u nisa delikati u raffinati, imma li kienu jiċċaħdu minn ilbies li jlellex u rikk. Kuljum bl-akbar umiltà kienu jistennew li tinżel fuqhom mill-għoli x-xita tal-grazzja, u ma kienux jitilqu qabel jispiċċa.

[147] 6 Meta kien ikun jitkellem il-qaddej ta' Alla, il-ġemgħa kollha kienet toqgħod tisimgħu b'attenzjoni kbira. U għad li laħaq kien hemm tletin elf ruħ jew iżjed, rari ħafna kont tisma' lil min jitkellem jew jagħmel xi ħoss. 7 In-neguzjanti wkoll kienu jagħlqu l-ħwienet tagħhom, u ma kienux jazzardaw jibdew ibiegħu qabel ma tispiċċa l-priedka. Wara l-priedka kienu jkomplu l-ħidma tagħhom bħas-soltu. 8 Imbagħad, il-folla misjuqa minn devozzjoni li qajla tista' trażżanha, kienet tipprova tmissu. Kien hemm li biża' li jiġi mgħaffeġ, imma grupp ta' żgħażagħ b'saħħithom kienu jipproteġuh[22].

[148] 9 Hemm kont tara għedewwa li kienu joboghdu lil xulxin għall-mewt jagħmlu paċi. Nies miżmuma mjassra għal żmien twil jiksbu l-ħelsien. Ħwejjeġ mirhuna u flus miksuba bl-użura mogħtija lura lill-vittmi, u maħfura kull rahan u dejn. 10 Kull wieħed kien jitlob, mingħand il-bniedem ta' Alla, il-parir li jgħodd għalih, skond id-dnubiet li jkun soltu jaqa' fihom. Imbagħad, jimpenja ruħu li joqgħod lealment għal dak li jgħidlu hu. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu jistqarru li kienu mwissijin f'dehra biex iġibu ruħhom b'dan il-mod. 11 Kienu ħafna n-nisa midinbin pubbliċi li ikkonvertew. U l-għadd tal-midinbin ħatja ta' ħafna xorta ta' dnubiet kien hekk kbir li s-saċerdoti ma kienux ilaħħqu jqarruhom kollha.

---

insibu wkoll qassisin u saċerdoti minn Ordnijiet reliġjużi oħrajn, li wkoll kienu jagħtu daqqa ta' id f'din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni. Il-preżenza ta' l-isqof, imbagħad, kienet tiġbed għand Antnin folol kbar mid-djoċesi kollha.

22 Dettall importanti li jurina l-popolarità kbira li kien igawdi Sant'Antnin, li saħansitra kellu bżonn ta' "bodyguards" biex jipproteġuh mill-fanatiżmu tal-folla!

## 8 – DWAR IL-PERSEVERANZA TIEGĦU FILLI JAĦDEM FL-OPRA TA' ALLA[23], DWAR IL-FAMA TAL-QDUSIJA TIEGĦU FIL-POPLU, U KIF KIEN JAF MINN QABEL IL-GLORIFIKAZZJONI TIEGĦU

[149] 1 Il-qaddej ta' Alla Antnin kellu ħafna xi jtaqqlu: mard serju u kroniku, u kien imġissem b'tali mod li l-mixi kien jgħejjih ħafna. U b'danakollu, minkejja l-piż tax-xogħol tiegħu, kompla jqarar u jagħti pariri[24]. 2 B'dan il-mod għadda erbgħin jum ixerred iż-żerriegħa fejjieda tal-ħajja u jiġbor kotra ta' frott ta' nies li jemmnu tabilħaqq. 3 B'dan il-Mulej ried jgħarraf lill-poplu l-merti tal-qaddej tiegħu. Iddeċieda wkoll li fi żmien qasir jigglorifikah quddiem kulħadd bil-għan li b'devozzjoni kbira jqimuh dawk li qabel kienu ammiraw is-sinjali tal-qdusija tiegħu.

[150] 4 Fil-fatt, il-poplu kellu devozzjoni lejh hekk straordinarja u fiduċja fil-merti tiegħu li, min kien jirnexxilu jaqta' mqar biċċa żgħira mil-libsa tiegħu, kien iħossu hieni li jippossjedi relikwa għażiża. 5 Li xi ħadd kellu l-privileġġ li jkellmu jew li jmissu, din kien jgħoddha bi grazzja kbira.

[151] 6 Li l-bniedem ta' Alla kien jaf minn qabel b'din il-glorifikazzjoni tiegħu, nistgħu nifhmuh bla tbatija ta' xejn. 7 Darba minnhom, kien qed jammira minn fuq għolja l-pjanura ta' Padova u l-firxa tal-belt. Kollu ferħan fl-ispirtu tiegħu beda jfaħħarha b'tifħir kbir waqt li l-patri li kien jakkumpanjah qagħad jisma'. Il-qaddis iddikjara li l-belt dalwaqt kienet se tingħata ġieħ kbir.

[152] 8 Il-ġrajjiet li seħħew wettqu l-kliem ta' din il-profezija. Bil-ħaqq kollu, għax minn dakinhar tal-mewt tiegħu sallum, Padova ferħana tiddikjara li, grazzi għall-merti tal-qaddis, kotra li ma tgħoddhiex ta'

---

23 Fil-lingwaġġ tradizzjonali monastiku l-*opus Dei* hi l-azzjoni liturġika tal-ġurnata (Quddiesa u Uffiċċju divin). Hawnhekk Julian iwessa' t-tifsira u jiġbor fiha l-ħidma pastorali kollha kemm hi ta' Antnin (Quddiesa, katekeżi, predikazzjoni, sagrament tal-qrar). Fix-xandir ta' l-Evanġelju Antnin jieħu tassew sehem fl-*opus divinum*.

24 L-*Assidua* tuża l-verb *docendo,* li Julian għalih jippreferi l-espressjoni *dando consilia*. Ma kienx biss jamminstra l-qrar bħala sagrament, imma kien ukoll ifittex li l-qrar ikun okkażjoni li fih il-penitenti jkunu jistgħu jiftħu qalbhom mas-saċerdot u jirċievu pariri għaqlin għal imġieba aħjar.

pellegrini dejjem iżuruha u jonorawha bil-kant u għotjiet tassew ta' l-għaġeb[25].
[153] 9 Din il-belt, irrid ngħid jien, għandha xmara ta' mirakli u tgawdi minn unur li ma tqabblu ma' xejn, u li minn dan it-teżor permezz tal-maħbub Antnin hija tista' tgħin lil ħafna nies fil-bżonn. 10 O Padova, tabilħaqq ixxurtjata, għal dawn il-grazzji kollha għandek raġun tifraħ u tithenna. U bis-saħħa ta' din il-qima denja tiegħu, li biha ġejt mogħnija b'tant glorja, żomm u għożż sa l-aħħar dan it-titlu ta' glorja!

## 9 – DWAR KIF WAQAF JIPPRIEDKA U IRTIRA FIS-SOLITUDNI, U META MARAD TALAB LI JOĦDUH PADOVA, U KIF FIL-ĦIN TAT-TLUQ TIEGĦU LEJN IS-SEMA STQARR LI QED JARA LILL-MULEJ U LI KELLU D-DILKA TA' L-ISPIRTU

[154] 1 Wara dan, billi żmien il-ħsad kien fil-qrib, il-bniedem ta' Alla ra li n-nies kienu se jkunu mħabbtin jiġbru l-għelejjel mill-għelieqi; għalhekk, iddeċieda li jwaqqaf il-predikazzjoni. 2 Sfinit kif kien minħabba l-kuntatti bla jaqtgħu mas-sekulari, tbiegħed mill-għagħa tal-belt. Mar jgħix f'Camposampiero, post solitarju, biex hemm jgħajjex mill-ġdid l-ispirtu tiegħu.
[155] 3 In-nobbli Tiso, sid il-post fejn kienu jgħixu l-patrijiet, laqgħu bl-akbar devozzjoni, wera gratitudni lejh u kien lest jaqdih f'kollox. 4 Ftit ġranet wara, f'ambjent pjaċevoli mdawwar bis-siġar, qrib il-post fejn kienu jgħixu l-patrijiet, ħa ħsieb jibnilu b'idejh stess ċella żgħira fuq siġra tal-ġewż[26]. Antnin aċċettaha b'rikonoxxenza, għax ra li kien il-post li xtaq biex fih jiddedika ħinu f'ħidmiet spiritwali.
[156] 5 Hu li ruħu kienet diġà tgħammar fis-sema, fl-aħħar jiem ta'

25 L-element internazzjonali ta' l-Ordni minoritiku u l-vokazzjoni apostolika ta' l-ewwel patrijiet minuri kienu jidwu fi bliet universitarji bħal Pariġi u Padova, waħda famuża għall-għerf li bih kienu mżejnin il-patrijiet, u l-oħra għall-għeġubijiet li seħħew bl-interċessjoni ta' Sant'Antnin fis-santwarju famuż tiegħu.

26 L-*Assidua* tinnota li l-qaddis, jum minnhom, kien waqaf jammira l-isbuħija majjestuża ta' dik is-siġra tal-ġewż u wkoll li kien hu li talab lill-Konti Tiso jibnilu ċella fiha biex jinqata' mill-art u jintrefa' fil-ħsibjiet tas-sema.

ħajtu għex fil-għoli anke f'ġismu. Hemm fuq, il-ħin kien jgħaddih f'meditazzjonijiet qaddisa u talb devot. Ried jippurifika l-ispirtu tiegħu minn kull tinġis tad-dinja, hekk li jkun lest jingħaqad ma' l-ispirti tas-sema[27].

[157] 6 Darba minnhom, qrib ħin l-ikel, niżel miċ-ċella biex jingħaqad ma' ħutu l-patrijiet. Fid-daqqa u l-ħin ħassu ħażin sew. Qegħduh fuq mitraħ u dlonk ħass il-forzi ta' ġismu jitilquh għal kollox[28]. 7 Il-marda kompliet sejra mill-ħażin għall-agħar, u malajr fehem li ma kienx baqagħlu wisq żmien biex jikkumbattiha. Ma riedx li jkun ta' piż għall-patrijiet, u għalhekk talab li joħduh Padova[29]. 8 Il-patrijiet opponew kemm felħu, għax ma xtaquhx jabbandunahom. Fl-aħħar, għad li kontra qalbhom, ċedew biex jaqtgħulu xewqtu. Imnikktin għall-mewt, għabbewh fuq karru u ħallewh jitlaq.

[158] 9 Kien għoddu wasal qrib il-belt meta ltaqa' miegħu patri ieħor li kien ġej biex iżuru[30]. 10 Meta ra lill-bniedem ta' Alla f'dak l-istat u periklu gravi, mixħut fuq il-karru, ipperswadih li, biex jevita l-fittaġni tas-sekulari, ikun aħjar li ma jidħolx il-belt u jmur jiltaqa' mal-patrijiet ta' Santa Maria. Issuġġerielu li minnufih imur l-Arcella, fil-kunvent tal-patrijiet[31] li kienu inkarigati mill-assistenza spiritwali tas-Sorijiet

---

27 Fuq l-eżempju ta' l-*Assidua*, ukoll il-*Vita Secunda* b'delikatezza kbira tkompli turi li Antnin, minkejja li kien qaddis safi u qisu ċittadin ma' l-anġli, kellu wkoll bżonn ta' purifikazzjoni, u kien konxju li kien midneb (*ut ... purificaret ab omni terrenorum contagio spiritum*), fl-ispirtu ta' Ġw 15,3: "Intom diġà ndaf, bil-kelma li ħabbartilkom". Aktar 'il quddiem l-awtur ifakkar li l-qaddis moribond talab li jirċievi l-penitenza sagramentali, u li kanta mal-patrijiet is-seba' Salmi penitenzjali.

28 Dan il-mitraħ x'aktarx kien xkora miżera li kienu jimlewha bit-tiben: *stramentis se lectuli cuiusdam preceps inclinavit,* kif tgħid l-*Assidua*.

29 Julian iħalli barra d-dettall li Antnin ikkonsulta lil frate Ruggero, il-*consocius* tiegħu.

30 Dan kien frate Vinoto, skond l-*Assidua*. Skond id-drawwa tal-Franġiskani tal-bidu, meħuda mill-preċett apostoliku, il-patri itineranti dejjem kellu *consocius* biex jakkumpanjah. Dan kien ġej mill-fraternità ta' *Sancta Maria Mater Domini* biex iżur lil Antnin f'Camposampiero.

31 Il-leġġendista, li ma kienx jaf eżattament fejn kienet iċ-*Cella* (Arcella), ħaseb li din kienet kunvent ieħor tal-patrijiet minuri ta' Padova. Nafu li, fil-fatt, kienet monasteru tal-Klarissi, li għalihom kien hemm xi patrijiet jaqdu bħala kappillani u ċirkaturi.

Klarissi. 11 Il-qaddej ta' Alla aċċetta dan il-parir u ħalla li jieħduh l-Arcella.

[159] 12 Ftit wara dan, billi l-marda kompliet taggrava, ħassu bla saħħa għal kollox, u t-tmiem kien qed joqrob minn ħin għal ieħor. 13 Wara li qerr u ħa l-assoluzzjoni[32], beda jlissen l-innu li jibda bil-kliem: *O gloriosa Domina*.

[160] 14 Imbagħad, għolla għajnejh 'il fuq, u baqa' jħares fiss quddiemu. Kif rawh iħares hekk ċass bla jitħarrek, staqsewh x'kien qed jara, u hu wieġeb: "Qed nara lill-Mulej tiegħi".

[161] 15 Kif kienet id-drawwa, il-patrijiet ġabru ż-żejt tad-dilka tal-morda, imma Antnin qalilhom: "Jien diġà għandi din id-dilka fija. B'danakollu, għad li mhux neċessarju li tagħmluli l-griżma tal-morda, nitlobkom tagħmluhieli u żgur tkunli ta' għajnuna". 16 Wara li rċieva b'devozzjoni d-dilka biż-żejt imqaddes, talab flimkien mal-patrijiet is-salmi penitenzjali kollha. 17 Baqa' ħaj għal madwar nofs siegħa u mbagħad, ħelu ħelu, radd ruħu f'dirgħajn l-aħwa li kienu jassistuh, bħallikieku daħal f'raqda.

[162] 18 Antnin, il-konfessur glorjuż ta' Kristu, miet jum il-Ġimgħa, fit-tlettax tax-xahar ta' Ġunju tas-sena 1231 ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej.

---

32 Il-bijografi antiki ta' San Franġisk (1C 108-110; 2C 214-217; LM XIV,5) jfakkru l-mewt tal-qaddis ta' Assisi, imma għalkemm jieqfu fuq bosta dettalji, qatt ma jsemmu li San Franġisk talab li jersaq lejn is-sagrament tal-penitenza qabel ma miet, jew li rċieva l-Ewkaristija taħt forma ta' vjatiku, jew ukoll li ġiet amministrata lilu d-dilka mqaddsa. Dan ma jfissirx li San Franġisk ma rċeviex dawn is-sagramenti qabel ma miet, imma li għall-bijografi dan kollu ma kellux importanza partikulari fil-każ tiegħu. Imma l-*Legenda Sanctae Clarae* 42 titkellem mill-fatt li Santa Klara, qabel ma mietet fil-11 ta' Awissu 1253, irċeviet l-assoluzzjoni sagramentali mill-Papa Innoċenz IV u mbagħad tqarbnet.

## 10 – DWAR KIF L-AĦBAR TAL-MEWT TIEGĦU XTERRDET MIRAKOLOŻAMENT[33], KIF IL-PATRIJIET MA SETGĦUX JITTRASPORTAW IL-ĠISEM TIEGĦU, U KIF IL-POPLU LI DAĦAL B'SAĦĦA FL-ARCELLA ĠIE MILQUT MINN STURDAMENT U GĦAMA

[163] 1 Meta miet il-bniedem ta' Alla, il-patrijiet ma riedux ixandru l-aħbar tal-mewt tiegħu. Beżgħu li folol kotrana ta' nies kienu se jidħlu fuqhom b'mod goff. Imma l-ġrajja li riedu jżommu moħbija sar jaf biha kulħadd b'mod ta' l-għaġeb, kif sejrin ngħidu.
[164] 2 Ħadd ma kien għadu jaf b'dak li ġara, ħlief dawk li kienu preżenti. Imma f'daqqa waħda qtajja ta' tfal bdew jiġġerrew mal-belt jgħajtu: "Miet il-missier qaddis, miet Sant'Antnin".
[165] 3 L-aħbar xterdet bħal leħħa ta' berqa f'kull rokna tal-belt u f'kemm ilni ngħidlek sar jaf biha l-poplu kollu.
[166] 4 Beżgħanin li xi ħadd jaħtaf il-ġisem tal-qaddis u jieħdu xi mkien ieħor, l-abitanti tal-kwartier tal-belt ta' Capodiponte, b'għaġġla kbira, ġabru kotra ta' nies armati. Imma ċittadini oħrajn ukoll, b'ħeffa xejn anqas kbira u mingħajr distinzjoni ta' sess jew qagħda soċjali, waslu fuq il-post, u kollha flimkien infexxew f'bikja ta' tnehid u niket.
[167] 5 Aktar minn kulħadd bdew jibku u jolfqu s-Sorijiet Klarissi, li biex jitfarrġu fin-niket tagħhom, qatgħuha li jirrikorru għand il-kbarat tal-belt. Billi meta kien għadu ħaj huma ma setgħux juruh il-qima tagħhom, ma riedux jirriskjaw li jitilfuh wara mewtu. 6 Biex jilħqu dan il-għan tagħhom, minn wara dahar il-patrijiet u bla telf ta' żmien, bagħatu messaġġiera u sabu li l-parti l-kbira tal-kbarat tal-belt kienu favorevoli għat-talba tagħhom.
[168] 7 Meta l-patrijiet li kienu jgħixu fil-qrib tal-knisja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija – il-post li l-qaddis kien għażel li jindifen fih – waslu ħdejn l-Arcella, u talbu li jingħatalhom il-ġisem, l-abitanti ta' Capodiponte qamu kontrihom; lanqas biss ħallewhom imissuh. Gruppi ta' nies armati minn fosthom qagħdu jgħassu l-ġisem. 8 Meta l-patrijiet raw li t-talba tagħhom ġiet miċħuda hekk sfaċċatament, iddeċidew li jitkellmu ma'

---

33 Julian jagħti importanza lill-intervent divin, li bih saret magħrufa l-mewt tal-qaddis Antnin. Hekk l-inizjattiva spontanja tat-tfal ta' Padova hi attribwita għal miraklu.

l-isqof dwar dak li kellu jsir. Sabuh favorevoli għad-drittijiet tagħhom, u kuntrarju għall-pretensjonijiet ta' dawk li semmejna.

[169] 9 L-isqof talab lill-*podestà* tal-belt biex jieħu passi u jgħin kemm jista' l-patrijiet biex jittrasportaw il-ġisem. 10 Imma n-nies tal-belt li diġà semmejna waqfulu lill-*podestà*, u qegħdu ħajjithom u l-proprjetà tagħhom fil-periklu, deċiżi għall-aħħar li jiddefendu l-fdalijiet qaddisa. F'dan qablu anke dawk li għal żmien twil kienu għedewwa ta' xulxin. 11 Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, ħasbu li kien hemm xi nassa. Għalhekk qatgħuha li jisirqu l-ġisem huma stess. Qajla xi ħadd seta' jipperswadihom jistennew sa ma jasal il-ministru provinċjal li, wara kollox, minnu kienet tiddependi l-kawża tal-patrijiet.

[170] 12 F'nofs ta' lejl il-poplu tilef sabru u beda jinstema' l-għajjat tal-folla li, jiġri x'jiġri, riedet tara l-ġisem tal-qaddis. 13 Fil-fatt, ġrat xi ħaġa tabilħaqq straordinarja: għal darba, tnejn, tlieta, n-nies taw is-salt biex jidħlu fl-Arcella, kissru s-serraturi, u b'danakollu bħal donnhom storduti u milqutin mill-għama, ma rnexxielhomx jidħlu lanqas darba biss, għad li l-bibien kienu miftuħa beraħ.

[171] 14 L-għada, imbagħad, il-kotra tan-nies li ġew mill-pajjiżi qrib ma kontx tgħoddhom. Dawk li personalment ma rnexxielhomx imissu l-ġisem minħabba r-rassa li kien hemm, bdew jagħtu lill-oħrajn xi offerti jew proprjetà tagħhom, ngħidu aħna, ċinturini, ġiżirani u ċrieket, biex imissuhom mal-ġisem.

## 11 – DWAR L-EBUSIJA TAR-RAS TA' L-ABITANTI BIEX JIDDEFENDU L-ĠISEM, IT-TIXWIX TAL-POPLU U L-FUNERAL TAL-QADDIS

[172] 1 Il-ministru dam ma wasal u l-kwestjoni baqgħet imdendla. Iżda l-patrijiet bdew jinkwetaw dwar dak li seta' jiġri minħabba s-sħana tas-sajf. Għalhekk iddeċidew li jagħlqu l-ġisem f'kaxxa ta' l-injam, inizżluh ġo fossa u jitfgħu fuqu ftit ħamrija. 2 Bħal sajjetta ġriet l-aħbar li l-ġisem ġie meħud xi mkien ieħor. Immedjatament ilkoll, qishom nies barra minn sensihom, taw is-salt biex jidħlu fl-Arcella, ixejru sjuf u bsaten. B'xejn ma ikkalmaw qabel ma investigaw sewwa x'kien ġara, kif u għaliex.

[173] 3 Filgħaxija wasal il-ministru, u l-abitanti li diġà semmejna kemm il-darba, bla telf ta' żmien marru jkellmuh. 4 B'insistenza talbu l-ġisem, u r-raġunijiet li tahom il-ministru ma ikkalmawhomx. Saħansitra waslu anke jheddu li qatt ma kienu se jerġgħu lura minn din il-kawża, u ma kienu se jibżgħu minn ħadd. Qalu ċar u tond li kienu lesti jipperikolaw mhux biss il-proprjetà tagħhom, imma ħajjithom ukoll. 5 Meta ra din ir-ras iebsa u dan il-fanatiżmu, l-ministru, b'għaqal umli u ftit diplomazija[34], għaraf isib tarf din il-kwestjoni billi talabhom jgħassu l-ġisem sa l-għada.

[174] 6 L-għada filgħodu, it-tielet jum mill-mewt[35], il-ministru mar għand il-*podestà* tal-belt u talbu parir u għajnuna. 7 Il-*podestà* sejjaħ il-kunsill u iddeċieda, taħt multa ta' mitt lira, li ħadd ma għandu juża vjolenza fuq il-patrijiet, sakemm din il-kwestjoni tiġi regolata mill-isqof u l-kleru. Ordna wkoll, bil-kunsens tal-kunsill, li l-ġisem ikun mgħasses tajjeb.

[175] 8 Fir-raba' jum, l-isqof eżamina l-kwestjoni b'attenzjoni flimkien mal-kleru. Sema' r-raġunijiet taż-żewġ naħat, u ikkonkluda b'sentenza definittiva favur il-patrijiet. 9 Il-motiv ewlieni kien dan: il-bniedem ta' Alla, meta ħass il-mewt qrib, għażel li jindifen ma' ħutu l-patrijiet. U meta kien għadu ħaj kien jieħu sehem f'kollox u jgħix magħhom taħt l-istess saqaf.

[176] 10 Stieden il-kleru u l-poplu kollu biex l-għada jinġabru lkoll flimkien ħalli jieħdu sehem fil-korteo waqt it-trasport tal-ġisem. Talab lill-*podestà* biex iħares tajjeb il-patrijiet ħalli ma jkunux vittmi ta' xi tip ta' vjolenza. 11 Il-*podestà* ordna li jinbena pont bid-dgħajjes f'nofs ix-xmara[36]. Dan għax beża' li l-abitanti li semmejna, jekk jaraw għaddej mill-inħawi tagħhom il-ġisem, issa li d-deċiżjoni ttieħdet kontrihom, jerġgħu jqajmu xi rewwixta qalila oħra.

---

[34] Julian jinnota l-kwalitajiet ta' gvern li kellu l-ministru provinċjal Alberto da Pisa: *humiliter et caute*.

[35] Dan kien jum il-Ħadd. Il-ministru jitlob liċ-ċittadini jħarsu l-ġisem, biex hu jkollu żmien ħalli jimxi bid-diplomazija u jilħaq ftehim bejn il-patrijiet u l-*podestà* dwar id-dritt tiegħu li jidfen lil Antnin fil-kunvent ta' *Sancta Maria* f'Padova.

[36] L-*Assidua* tinnota: *ex transverso fluminis, quod Cellam circuit*. Il-pont tad-dgħajjes ġie mibni biex il-korteo jevita li jgħaddi mill-ponte Mulino, għax dan kien ifisser li kien ikollu jaqsam iċ-ċentru abitat ta' Capo di Ponte.

[177] 12 Iżda dawk, meta raw x'kien qed jiġi ippreparat, qamu xorta waħda, u f'radda ta' salib kissru l-pont. Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, iddikjaraw li kienu lesti jaffrontaw kull theddida, kemm il-darba xi ħadd jazzarda jmiss il-ġisem, jew jagħmel xi ħsara lilhom, lil djarhom jew lill-proprjetà tagħhom. 13 Dawk tan-naħa l-oħra, meta saru jafu b'dan, qabdu l-armi huma wkoll u bdew mexjin gruppi gruppi, b'kuraġġ xejn anqas minn ta' dawk li kissru l-pont.
[178] 14 Il-patrijiet, meta raw x'rovina u diżastru kienu se jaħbtu fuq il-belt, qabadhom biża' kbir. Xejn inqas terrorizzati minnhom kienu s-Sorijiet Klarissi u għalhekk talbu li l-ġisem jieħduh. 15 Kemm dawk u kemm dawn bdew jgħidu li dan il-gwaj kollu kien kastig minħabba dnubiethom. Bil-biki u x-xegħir, bdew jitolbu l-ħniena divina biex il-belt ma ssofrix ħsara[37].
[179] 16 Iżda l-*podestà* ħass li ma għandux jittollera rewwixta bħal din. Permezz tax-xandar, sejjaħ b'għaġġla l-kunsill fil-palazz, u lil dawk responsabbli ta' dan it-taħwid kollu qatagħhom għalihom f'naħa oħra tal-belt. B'rabta ta' ġurament ġiegħelhom li dakinhar ma jmorrux lejn djarhom, taħt il-piena tal-konfiska tal-proprjetà tagħhom.
[180] 17 Meta kollox kien f'postu, l-isqof flimkien mal-kleru, il-*podestà* akkumpanjat mill-kbarat, il-kavallieri u ġemgħa bla għadd ta' nies imxew proċessjonalment lejn l-Arcella. Qalgħu l-ġisem mill-fossa[38], u n-nobbli ġarrewh fuq l-ispallejn. 18 Fl-aħħar, fid-dawl ta' xemgħat bla għadd, il-kant ta' l-innijiet u t-tifħir, il-korteo solenni wasal, bil-mod il-mod, fil-knisja ta' l-Imqaddsa Omm Alla. L-isqof iċċelebra l-quddiesa solenni, u mbagħad saret id-difna tal-ġisem b'unur kbir. Dan kien il-ħames jum mill-mewt tiegħu.

---

37 Julian hawnhekk jiġbor fi ftit kliem is-sitwazzjoni kollha, billi jattribwixxi lill-Klarissi l-*mea culpa* tal-kundizzjoni drammatika li sabu ruħhom fiha l-patrijiet minħabba l-insistenza ta' dawk ta' l-ewwel li riedu jidfnu lil Sant'Antnin fil-monasteru tagħhom.

38 Il-ġisem mejjet ta' Sant'Antnin kien ġie magħluq f'*capsella lignea* u mqiegħed provvisorjament ġewwa fossa fil-ħamrija, minn fejn imbagħad qalgħuh biex jieħduh għad-difna f'Padova.

## 12 – DWAR KIF DAKINHAR STESS BDEW ISIRU KOTRA TA' MIRAKLI, U B'LIEMA DEVOZZJONI U FERĦ ILKOLL ĠREW LEJN IL-QABAR TAL-BNIEDEM QADDIS

[181] 1 Fil-pjan tagħha, il-Providenza divina ippermettiet li l-ewwel tqum it-tempesta tar-rewwixta, għax riedet li malajr wara titferrex, b'mod aktar intensiv, is-serenità li ġġib magħha l-kalma. Dan sar biex id-dawl sabiħ u leqqien tal-grazzja, li kellha tiġi wara, jiddi b'mod aktar ta' l-għaġeb aktar ma kienet sewda s-sħaba tal-prova ta' qabel. 2 F'din iċ-ċirkustanza wkoll dehret l-imħabba tal-poplu lejn il-qaddis – għad li mhux b'mod għaqli jew prudenti! Qima li dehrilhom jistħoqqlu dak li, qabel ma bdew isiru l-mirakli bil-kotra, kienu qegħdu lilhom infushom fil-periklu.

[182] 3 Meta għaddiet it-tempesta u reġgħet il-kalma, fid-daqqa u l-ħin, dak il-jum stess, bdew isiru ġrajjiet ta' l-għaġeb. Dawk kollha li, imġarrbin minn xi mard, kien liema kien, għalihom kien biżżejjed imissu l-qabar tal-qaddis u jaqilgħu l-fejqan mixtieq dak il-ħin stess. 4 Dawk, imbagħad, li minħabba r-rassa, ma setgħux jersqu jew ma kienx possibbli li jitwasslu sal-qabar, bdew jiksbu l-fejqan, quddiem kulħadd, anke barra l-bibien tal-knisja, fil-pjazza.

[183] 5 Dawn il-ġrajjiet qajmu fost il-poplu devozzjoni li qajla tista' tiddiskreviha bil-kliem. Bdew ġejjin pellegrinaġġi b'kotra ta' nies, ifaħħru b'unuri xierqa l-merti tal-bniedem qaddis. 6 Qabel kulħadd ġew l-abitanti ta' Capodiponte, irġiel u nisa, żgħażagħ u anzjani, ilkoll mexjin ħafjin. Inxteħtu quddiem il-qabar tal-qaddis b'umiltà u qima hekk kbira li, bl-eżempju tagħhom, qanqlu għall-kompassjoni l-qlub ta' kulħadd. Il-patrijiet ukoll, misjuqin minn pjetà kbira, marru purċissjoni jiltaqgħu magħhom biex jagħtuhom merħba.

[184] 7 Warajhom imxew l-isqof tal-belt, il-kleru, il-venerabbli komunitajiet reliġjużi, ġemgħa kbira ta' studenti u professuri, il-*podestà* akkumpanjat minn għadd ta' nies importanti u ringieli ta' kavallieri u membri ta' kull professjoni u sengħa: ilkoll f'korteo organizzat tajjeb, waslu bl-akbar dinjità, fil-ġranet u l-ħinijiet stabiliti, ħafjin, kulħadd iġorr xemgħa f'idu.

[185] 8 Fil-bidu ta' kull grupp kien hemm xi wħud iġorru xemgħat kbar, imżewqin b'ħafna tiżjin u figuri maħdumin minn idejn nies artisti.

Kienu jġorruhom għadd ta' nies fuq spallejhom jew fuq il-karrijiet. U biex jidħlu fil-knisja kienu jridu jaqtgħulhom biċċa sewwa minnhom biex ikun jistgħu joqogħdu weqfin taħt is-saqaf. Meta xi drabi, minħabba l-folol enormi li kien ikun hemm, ma kienx jirnexxilhom idaħħluhom fil-knisja, kienu jqiegħduhom barra l-bibien, fil-pjazza. 9 U hekk, ġgajta wara l-oħra, lejl u nhar, bla ma jaqtgħu qalbhom minħabba l-kesħa jew is-sħana, arahom bla waqfien jgħollu innijiet ta' tifħir u juru sinjali ta' qima lil Alla u lill-qaddis[39].

## 13 – DWAR KIF SARET IL-KANONIZZAZZJONI TIEGĦU, U L-VIŻJONI MURIJA B'MOD DIVIN BIEX IL-KAWŻA TIMXI 'L QUDDIEM

[186] 1 Wara li dehru dawn l-għeġubijiet kbar ta' Kristu fil-qaddej tiegħu Antnin, il-fama kbira tiegħu xterdet ma' kullimkien, u ġibdet nies minn ħafna bliet, provinċji, ilsna u saltniet[40]. 2 Il-folol kbar li ġew erħilhom il-ħin kollu jroddu ħajr lil Alla u jgħollu b'tifħir kbir il-merti tal-qaddis, u jsejħu lil Padova bħala l-belt iffortunata għax inkurunata bi glorja bħal din.

[187] 3 Ġiet mogħtija ġieħ ukoll il-fidi tal-Knisja, tkissru s-snien li jigdmu ta' dawk li ma jemmnux u li kienu dejjem lesti, b'ħalq miftuħ u mimli rabja, biex bil-kalunnji tagħhom iqattgħu bċejjeċ l-Għarusa ta' Kristu. 4 Ilkoll bdew jgħajtu għalenija li jeħtieġ isir impenn qawwi ħalli sseħħ il-kanonizzazzjoni tal-qaddis. Riedu wkoll li dak kollu li kien qed jiġri, b'ħerqa tiġi mgħarrfa bih is-Sede Apostolika[41].

---

39 L-awtur jirriserva l-ewwel post ta' l-unur lin-nies ta' Padova. Hu biss f'mument suċċessiv li l-kult ta' Sant'Antnin jestendi ruħu f'reġjunijiet oħrajn fl-Italja sa ma jinfirex mal-kristjanità kollha.

40 L-*Assidua* tiddeskrivi kif infirex il-kult lejn Sant'Antnin, l-ewwel b'termini ġeneriċi (26,2) u mbagħad b'mod eżatt (26,20), billi titlaq mill-Italja ta' fuq lejn in-nazzjonijiet ta' l-Ewropa ċentrali u orjentali. Billi kiteb minn Pariġi, Julian jippreferi jibqa' aktar ġeneriku, u jħabbar il-fama tat-tawmaturgu li tinfirex mal-kristjanità kollha.

41 Wara l-assemblea straordinarja taċ-ċittadini kollha ta' Padova, isir qbil

[188] 5 Biex imexxu 'l quddiem din il-kawża, intagħżlu nies ta' ġieħ kemm għall-qagħda onorevoli tagħhom kif ukoll għall-imġieba eżemplari tagħhom. Fil-Kurja Rumana ġew milqugħin b'kordjalità kbira u mogħtijin merħba. 6 Dawk li semgħu r-rakkonti tal-ġrajjiet li seħħew hekk f'daqqa, u l-kotra ta' mirakli li kienu qed isiru l-ħin kollu, baqgħu mistagħġba għall-aħħar. Bi premura għaqlija tkellmu dwar dak li kellu jsir f'dawn iċ-ċirkustanzi. Fl-aħħar iddeċidew li jafdaw kollox f'idejn il-venerabbli isqof ta' Padova, il-prijuri Benedittini u xi patrijiet Dumnikani ta' l-istess belt. Dawn kollha kellhom id-dmir li jinvestigaw b'għaqal u attenzjoni, u jaċċertaw ruħhom dwar il-mirakli li kienu qed isiru.

[189] 7 Ir-rappreżentanti ġew lura se jtiru bil-ferħ u xerrdu ma' kullimkien l-ordni tal-Papa. 8 Kotra ta' rġiel u nisa bdew imorru jkellmu lil din il-kummissjoni. Dawk li għamlu l-esperjenza ta' tant ġid miksub bl-interċessjoni tal-qaddis, taw ix-xhieda tagħhom għall-verità. 9 Sar qbil dwar fejn kellhom jinstemgħu x-xhieda li bdew jippreżentaw ruħhom, u jittieħdu l-prekawzjonijiet ġuridiċi mitluba f'ċirkustanzi bħal dawn. Kif titlob il-liġi, il-mirakli approvati ġew miktuba.

[190] 10 Proprju f'dik il-ħabta, kif maħsub fil-pjan ta' Alla, inzertaw waslu Padova żewġ kardinali mis-Sede Apostolika li kienu inkarigati jaqdu missjoni bħala legati fil-Marca Trevigiana[42]. Mal-kitbiet li ntbagħtu l-Kurja żiedu huma wkoll ix-xhieda tagħhom, denja ta' min jemminha, bħala konferma tal-verità dwar il-fatti li jirrigwardaw l-imqaddes Antnin, magħrufin b'ċertezza.

[191] 11 Ġew magħżula, imbagħad, diversi personaġġi mill-aktar imsemmija fost il-prijuri reliġjużi, il-kleru, in-nobbli u l-konti tal-belt. Mill-ġdid intbagħtu l-Kurja Rumana, mogħnija bl-appoġġ ta' ittri hekk importanti. 12 Laqgħuhom bl-unuri kollha, u l-prinċpijiet tal-Knisja bdew jitrattaw fit-tieni istanza l-affari tal-kanonizzazzjoni tal-qaddis. Il-proċess kanoniku l-ġdid, għall-eżami u l-approvazzjoni

unanimi biex dawn jibgħatu delegazzjoni fil-kurja Rumana biex din tirrikonoxxi uffiċjalment il-kult tal-qaddis. Id-delegazzjoni, skond l-*Assidua* 27,3-4, telqet lejn Ruma *necdum post mortem sancti mense completo.*

42 Dawn il-kardinali kienu Ottone da Tonengo (Asti) u Iacopo da Pecorara (Piacenza), legati papali fil-Lombardia (li Julian ma jsemmihiex) u fil-Marca Trevigiana, *pro reformanda quarundam civitatum pace* (*Assidua* 27,15).

tal-mirakli, afdawh lis-Sinjur isqof ta' Sabina[43]. Min-naħa tiegħu dan ħa ħsieb il-kawża b'kuxjenza kbira u fl-istess ħin b'ħeffa li qajla kienet mistennija.

[192] 13 Xi kardinali ħassewhom imħawdin, għax dehrilhom li kien hemm għaġġla żejda, ħaġa mhux tas-soltu f'materja bħal din. Kien għadha lanqas biss għaddiet sena mill-mewt tal-qaddis. 14 Il-Providenza ta' tjieba divina ma naqsitx li tgħin lir-rappreżentanti ta' Padova li sewdu qalbhom ħafna għal dan, u mexxiet 'il quddiem proċedura li ma setgħet b'ebda mod tieqaf. Uriet ir-rieda tagħha permezz ta' viżjoni li kellu wieħed mill-kardinali li kienu ħolqu tfixkil biex il-proċess ma jkomplix sejjer b'ħeffa.

[193] 15 Deherlu li qed jara lill-Papa waqt konsagrazzjoni ta' knisja, imdawwar bil-kardinali, li fosthom kien hemm hu wkoll. Wasal il-mument li fih jitpoġġew fl-altar ir-relikwi tal-qaddisin. 16 Kif jitlob ir-rit, bdew ifittxu r-relikwi, imma ma sabux. Deher il-ġisem ta' xi ħadd li ma kienx ilu li miet, imqiegħed fil-ġenb u mgħotti b'biċċa drapp. Il-Papa talab li jġibulu malajr relikwi meħudin minn dak il-ġisem.

[194] 17 Wieġbuh li dawk ma kienux relikwi, imma hu ikkmandahom jersqu immedjatament u jikxfu bla dewmien il-ġisem moħbi. 18 Ġara li dawk ir-relikwi tant għoġbuh lil min kien qed jikxifhom li, bħal donnhom bdew jippikaw bejniethom min kien se jkun l-ewwel li jieħu minnhom.

[195] 19 Kif dak il-kardinal qam filgħodu u sebaħ jum ġdid, sab jistennewh ħdejn il-bieb id-delegati minn Padova. Hu, kif rahom, irrakkonta lill-kjeriċi tiegħu d-dehra li kellu, u bil-ħaqq kollu rabatha mal-kanonizzazzjoni tal-qaddis. 20 Wara dan, imbagħad, sar wieħed mill-promuturi ewlenin tal-kawża. Fl-aħħar, meta lkoll qablu, ġie iffissat l-aħjar jum li fih jagħlaq il-proċess[44].

[196] 21 Fil-jum miftiehem, ir-ragħaj ewlieni tal-Knisja kien preżenti, liebes l-ilbies liturġiku solenni. Preżenti, nerġa' ngħid, u mdawwar bil-kardinali, liebsin huma wkoll paramenti mill-isbaħ. Imdawrin miegħu

43 Il-kardinal Giovanni di Abbeville, ġie afdat bl-inkarigu biex jikkontrolla l-verità ta' l-avvenimenti mirakolużi u l-korrettezza ġuridika tal-proċediment tal-proċess ta' kanonizzazzjoni.

44 F'dan il-kapitlu Julian ikkondensa l-kapitli 27-29 ta' l-*Assidua*, billi jagħti l-informazzjonijiet l-aktar importanti. Hawnhekk ma jġibx il-ġrajja tal-konċistorju li sar tlitt ijiem qabel iċ-ċerimonja solenni tal-kanonizzazzjoni.

wkoll kien hemm għadd ġmielu ta' prelati li ġew minn ħafna knejjes minn ħafna partijiet tad-dinja, u ġmiegħi ta' poplu li ma jingħaddux. 22 Inqraw pubblikament il-mirakli approvati. Il-Papa wieqaf fuq riġlejh għolla jdejh lejn is-sema u sejjaħ l-isem tat-Trinità l-aktar qaddisa. Imbagħad kiteb isem l-imqaddes saċerdot u konfessur ta' Kristu, Antnin, fil-lista tal-qaddisin. Iddeċieda wkoll li l-jum tal-mewt tiegħu jitqies bħala l-jum li fih tiġi iċċelebrata solennement il-festa tiegħu[45].
[197] 23 Dan kollu sar fi Spoleto, nhar is-solennità ta' Għid il-Ħamsin, tas-sena 1232 mill-Inkarnazzjoni tal-Mulej, is-sitt sena tal-pontifikat tas-Sinjur Papa Girgor IX[46]. 24 Meta ntemmet iċ-ċelebrazzjoni, id-delegati ferħanin se jtiru marru lura Padova. Fil-jum stabilit iċċelebraw bl-akbar solennità l-festa tal-qaddis missier Antnin.

## 14 – DWAR IL-MIRAKLI TAL-QADDIS LI B'MOD SOLENNI ĠEW APPROVATI MILL-KURJA RUMANA

[198] 1 Il-mirakli approvati solennement li dwarhom tkellimna, sibthom miktuba fi Trattat kbir[47], bl-ismijiet tan-nies u ċ-ċirkustanzi kollha li fihom saru. Jien nixtieq niġborhom, fuq fuq fil-qosor, f'din il-kitba żgħira tiegħi. 2 Fiha wieħed jista' jsib rapport dwar dsatax il-persuna li kellhom ġisimhom miġbud b'ħafna modi u ġew normali, ħames paralitiċi u ħamsa oħra li kellhom xi diżabilità fiżika, u li kisbu l-fejqan. Sitt għomja reġgħu ħadu d-dawl. Tliet torox infetħulhom widnejhom u tliet muti reġgħu bdew jitkellmu. Żewġ persuni li kienu jbatu mill-epilessija ħelsu minn din il-marda, tnejn oħra mid-deni, u fl-aħħarnett, b'mod ta' l-għaġeb, żewġ mejtin reġgħu lura għall-ħajja.
[199] 3 Xi mirakli oħrajn, li mhux tant possibbli tiġborhom b'mod hekk skematiku, nispjegahom fil-qosor wieħed, wieħed. 4 Waħda mara

---

45 Il-leġġendista ma jgħid xejn dwar il-panġierku tal-Papa fl-okkażjoni tar-rit imqaddes tal-kanonizzazzjoni. Imma kien semma' dan l-istil ta' predikazzjoni meta jitratta l-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk (1228) fil-*Vita Sancti Francisci* 74: *exhortatione sermonis, miraculorum recitatione...*

46 Is-Sibt ta' qabel kien għadu kif ġie elett ministru ġeneral ta' l-Ordni minoritiku frate Elia d'Assisi, fil-kapitlu li sar fi Rieti.

47 Dan hu riferiment għat-Trattat tal-mirakli li jiġbor fih il-kapitli 30-47A ta' l-*Assidua*.

li waqgħet fl-ilma sejħet lil Sant'Antnin. Waqt li dawk kollha li għenuha toħroġ mill-ilma xxarbu għasra, hi biss żammet ġisimha u ħwejjiġha nexfin għal kollox. 5 Mara oħra kienet ħerqana għall-aħħar li żżur il-qabar tal-qaddis, imma ma setgħetx tħalli postha. Dmirha kien li tnaffar il-qtajja ta' l-għasafar biex ma jħarbtux il-pjanti ta' l-iskalora. Qalgħet il-grazzja li dawn il-pjanti lanqas biss jintmessu mill-għasafar wara li wegħdet li żżur il-qabar tal-qaddis għal disa' darbiet.

[200] 6 Grupp ta' nies li kienu qed ibaħħru sfaw nawfragi u kienu għoddhom tilfu kull tama li jsalvaw[48]. Qerrew, għamlu wegħda lil Sant'Antnin u fil-pront deher quddiemhom raġġ ta' dawl li mexxiehom u wassalhom f'port kenni. 7 Soru Klarissa[49], li l-ħsieb biss tan-nar tal-Purgatorju kien iwerwirha, bl-interċessjoni ta' Sant'Antnin qalgħet il-grazzja li tpatti għal ħtijietha kollha f'din id-dinja. Waqt li kienet qed iġġarrab sofferenzi kiefra għall-aħħar, inħelset minnhom, għall-interċessjoni tas-Sorijiet l-oħra, u wkoll ta' Sant'Antnin.

[201] 8 Tifel ġie mfejjaq minn tumur li kellu f'għonqu, perikoluż għall-aħħar, għax ommu għamlet wegħda għalih lill-qaddej ta' Kristu. Imma mill-ġdid intlaqat mill-istess marda, għax ommu ittraskurat li twettaq il-wegħda. Reġgħet għamlet u wettqet il-wegħda, u t-tifel ħa lura saħħtu.

[202] 9 Kavallier li, sa minn ċkunitu kien inħakem mill-ereżija, waqt li kien bilqiegħda fuq il-mejda sema' lil min jitkellem dwar il-mirakli tal-bniedem qaddis. Bi tbissima ta' disprezz, xeħet mill-għoli tazza tal-ħġieġ li kellu f'idu, u qal: "Jekk Sant'Antnin għandu ħila jżomm sħiħa din it-tazza, imbagħad, iva, nemmen li hu qaddis". 10 It-tazza li waqgħet mill-għoli u stbatet fuq l-art tal-ġebel, b'miraklu ma niksritx. Meta ra dan, ċaħad għall-erruri kollha, u beda jemmen b'fidi perfetta fi Kristu. 11 Kjerku li kien jidħaq bl-eżamijiet tal-mirakli li kienu qed isiru, qabdu uġiegħ kbir[50]. Meta fl-aħħar għamel wegħda ma' Sant'Antnin, ġie mfejjaq. Imbagħad, mgħallem mill-esperjenza personali tiegħu, sar xhud pubbliku tiegħu.

---

48 Il-fonti tirreferi għal grupp ta' 26 persuni, fosthom saċerdot, li kienu imbarkaw minn S. Ilario lejn Venezia, fil-laguna, imma ltaqgħu ma' tempesta waqt il-vjaġġ.

49 Minn fonti oħrajn nafu li kien jisimha swor Oliva.

50 L-*Assidua* tgħidilna li dan il-kjeriku kien jismu Guidotto da Anguillara.

## 15 – AKTAR DWAR IL-MIRAKLI

[203] 1 Għall-merti ta' l-imqaddes Antnin seħħew kotra ta' ġrajjiet mirakolużi, xejn inqas awtentiċi minn dawk li semmejna, għad li ma ġewx approvati bl-istess solennità. Beħsiebni niddeskrivi fil-qosor xi ftit minnhom; dwar ħafna oħrajn nagħti biss ħjiel b'mod ġenerali[51].
[204] 2 Xi rġiel minn Padova kienu qed jiftiehmu bejniethom biex joqtlu saċerdot, u f'ċertu post ħejjewlu nasba. 3 U, ara, Sant'Antnin deher f'dak il-post liebes ta' patri li huma ma kienux jafuh. Dawk kienu fuq ix-xwiek jistennew lis-saċerdot jgħaddi minn hemm, imma raw li dak il-patri baqa' hemm qisu statwa. 4 Ġiegħeluh jibqa' sejjer għal triqtu, imma hu ma riedx, u hu qalilhom li hu kien jaf bil-ħsieb tagħhom. Huma ħasbu li xi ħadd kien ittradihom, u bdew irossuh jgħidilhom min. 5 Meta weġibhom li kien Sant'Antnin, stagħġbu u tħawdu mhux ftit. Hekk begħedhom mill-ħsieb qerriedi tagħhom, ipperswadihom jistqarru pubblikament dak li ġara u jagħtu glorja lil Alla[52].
[205] 6 Wieħed raġel, li b'idu ma seta' jagħmel proprju xejn, qala' l-fejqan għall-merti ta' l-imqaddes Antnin. 7 Imma meta beda jagħmel użu ħażin mill-għemil ta' mħabba li għamel miegħu l-Mulej, irrenda ruħu indenn ta' benefiċċju hekk kbir. 8 Infatti, issa li seta' juża idejh beda jaħseb kif se jagħmel vendetta mill-għedewwa tiegħu. Malajr tilef is-saħħa li kiseb u mill-ġdid sab ruħu paralizzat[53].
[206] 9 Għalissa biżżejjed li ddeskrivejt fil-qosor dawn l-eżempji ta' mirakli miksuba bl-interċessjoni ta' l-imqaddes Antnin. 10 Għall-merti tiegħu, minn dak il-ħin li hu għadda għall-eternità, ħafna bżonnijiet ma nħassux aktar u għebu l-perikli qerrieda: ġdiem, demonji, qerq, mewt u kull xorta ta' disgrazzji ħarbu. 11 Il-morda, kien liema kien il-mard

---

51 Dan il-kapitlu, għalkemm jiġbor materjal mill-*Assidua*, hu kollu kemm hu opra ta' Julian minn Speyer. Hu jgħid li mhux qed jislet il-mirakli mit-*Tractatus* li semma' qabel, imma minn ġabra oħra ta' narrazzjoni ta' l-istess stil, li ġew *sollempniter approbata* għall-kanonizzazzjoni. Sfortunatament ma waslitx f'idejna din il-ġabra ta' mirakli, jekk mhix il-famuż *Liber Miraculorum*. Julian jidher li kien ispirat minn din il-ġabra ta' mirakli meta ikkompona l-famuż responsorju *Si queris miracula*. Għandna erba' tipi ta' mirakli li ma nsibuhomx fl-*Assidua:* lebbrużi u indemonjati mfejjqin, ħabsin meħlusin, affarijiet mitlufin li jinstabu.

52 Episodju inkluż fil-*Liber Miraculorum* 44.

53 Episodju inkluż fil-*Liber Miraculorum* 45.

tagħhom, mill-ġdid ħadu saħħithom. Inħallu l-ktajjen tal-priġunieri u immansa l-baħar għal min isib ruħu f'periklu ta' nawfraġju. Irġiel u nisa li jfittxu l-ħwejjeġ mitlufa, isibuhom. 12 U min jixtieq ikun jaf id-dettalji dwar dan kollu, ħa jistaqsi lil dawk li gawdew minn dawn il-beneficċji, u n-nies ta' Padova joffru garanzija ċerta dwar il-verità ta' dawn il-fatti[54].

## 16 – TIFĦIR U GLORJA LILL-QADDIS[55]

[207] 1 Għalhekk, mela, ħa timtela bil-ferħ u l-hena l-omm twajba tagħna, il-Knisja, li l-Għarus maħbub tagħha, Ġesù Kristu, jgħolli u jżejjen bil-glorja ta' wlied li ma jmutux. 2 Xieraq li f'Antnin, bħala iben għaref, tiġi iċċelebrata l-glorja tal-Missier Għoli. Il-qaddis hu mfaħħar b'mod ta' l-għaġeb, hu li kien jaf mhux il-ħwejjeġ ta' din l-art imma dawk tas-sema. Kien mogħni bil-prudenza ta' l-ispirtu li tgħodd bluha dik tal-ġisem u tad-dinja.

[208] 3 Iżda Antnin hu kuruna ta' glorja mill-aqwa wkoll għal dawk li kienu għalih l-ewwel missirijiet, irrid ngħid jien Wistin u Franġisku. Fil-fatt, kif irrakkontajna qabel, hu mexa fuq ir-regola ta' l-ewwel wieħed u taħt tat-tieni għamel lilu nnifsu ta' min imaqdru f'din id-dinja. 4 Issa

54 Espressjonijiet li jixbħu r-responsorju *Si queris miracula* fl-*Officium Rhythmicum Sancti Antonii: a die transitus sui usque nunc, diversimode tribulatorum necessitates cessant et pericula pereunt; lepra, demones, error, mors et calamitas fugiunt; sani egrotantes quique resurgunt; vincula captivis et naufragantibus maria cedunt; res et membra perdita repetentes, utriusque sexus et omnis etatis accipiunt. Que omnia si explicatius quis requirat, qui vere hec sentiunt referant, quibus et testimonium veritatis Paduani perhibeant*. Is-santwarju ta' Padova jibqa' għal Julian iċ-ċentru internazzjonali tal-kult lejn Sant'Antnin, u l-aktar wieħed privileġġjat mis-santwarji Antonjani oħrajn kollha.

55 Din il-«lauda» in unur ta' Sant'Antnin hi, mill-bidu sa l-aħħar, minsuġa minn temi u espressjonijiet meħudin mill-*Officium Rhythmicum*. Mill-paragrafu 5 sa 13 it-tifħir hu direttament indirizzat lil Sant'Antnin. Jiġu murija l-virtujiet u l-għemejjel tiegħu: hu r-raġuni tal-ferħ u l-glorja tal-Knisja; hu xorob il-veru għerf, igglorifika lill-Missier tas-sema u kien il-ferħ ta' Santu Wistin u San Franġisk, li tagħhom kien iben. L-awtur ifaħħar ukoll il-ħidma apostolika ta' Antnin, speċjalment dik kontra l-eretiċi. Issa li jinsab fil-glorja tal-ġenna, Antnin jidħol bit-talb tiegħu għal dawk kollha li huma devoti lejh.

hu qed jithenna fil-glorja tal-ġenna ma' dawn il-missirijiet qaddisa, hu li hawn fl-art mexa fuq l-eżempju tagħhom bil-professjoni reliġjuża u fittex li jimita l-imġieba qaddisa tagħhom.

[209] 5 Ifraħ inti wkoll, Antnin, raġel tabilħaqq hieni: imħawwel bħal siġra fis-sodda tax-xmara, f'dawn l-aħħar jiem ipproduċejt għall-Knisja frott tar-rebbiegħa u frott tal-ħarifa. 6 Sentinella u kustodju mqiegħed mill-Mulej fuq l-għolja ta' Sijon[56], tippriedka l-liġi tiegħu, it-talent li rċevejt raddejtulu lura għal darbtejn.

[210] 7 Iva, minn għandek tgħallmu l-verità tal-ħajja dawk li inti ċanfart bis-sħiħ, dawk ta' qalbhom imtaqqla, mgħaffġin taħt it-toqol tar-realitajiet ta' din l-art, nies li jħobbu l-frugħa u jfittxu l-gideb. 8 Il-bniedem tad-demm, jiġifieri mimli bl-għerf tad-dinja, il-laħam u d-demm juruh biss dak li jaqbel lilu. U l-giddieb, irrid ngħid jien, l-eretiku li bil-ħażen tal-qerq tiegħu jaqbad fin-nassa r-riġlejn ta' dawk li huma spiritwalment boloh: dawn kollha semgħuk tgħid li huma mistmerra quddiem Alla.

[211] 9 Minn fommok gelgel it-tifħir perfett, għax int erdajt mis-sider tat-Testment il-Qadim u l-Ġdid is-safa sempliċi u innoċenti, bħal *minn xofftejn ta' tarbija u tifel tal-ħalib* (cfr. S 8,3). 10 Permezz tiegħek, Kristu xejjen l-għadu, jiġifieri l-filosfi li jiġġieldu bl-armi ta' għerf il-bniedem, u wkoll il-vendikattiv, jiġifieri l-eretiku li juri dehra falza tal-verità biex jiddefendi l-fidi, imma l-fehma tiegħu hi li jqarraq.

[212] 11 Intenni ngħidlek, ifraħ int li bħalna mxejt b'nifsek maqtugħ il-vjaġġ ta' dan il-pellegrinaġġ, imma issa qiegħed tgħammar fit-Tinda tas-sema li ddum għal dejjem. 12 Nitolbuk tagħmel li jkun favur tagħna, bl-interċessjoni tiegħek, *Dak li mingħandu rċevejt kull ma xtaqet qalbek* (cfr. S 20,3.5)[57], Hu li tak il-ħajja li tlabtu u li la jaf b'mewt u lanqas bi dwejjaq.

---

56 Din ix-xbieha tal-mibgħut ta' Alla inkarigat li jkun sentinella u ħarries (kustodju) tal-poplu diġà tinsab f'Iżaija 21,11: *Custos, quid de nocte?* Tinsab ukoll f'Iżaija 62,6: *Super muros tuos, Ierusalem, constitui custodes; tota die et nocte in perpetuum non tacebunt*. Tassew Antnin hu l-ħarries tal-belt ta' Alla, u wkoll tal-ħidma tal-Franġiskani f'Ġerusalemm u fil-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa, għalkemm naturalment dan it-titlu ta' patrun tal-Kustodja hu reċenti u ma kienx ċertament fi ħsieb Julian minn Speyer.

57 Ps 20,3.5: *desiderium cordis eius tribuisti ei ... Vitam petiit a te, et tribuisti ei*.

[213] 13 Kun il-mexxej tagħna l-imsejknin li l-katina tal-mewt li ma nistgħux neħilsu minnha żżommna lsira f'dan l-abiss. Nitolbuk dan biex merfugħin 'il fuq bl-għajnuna tiegħek, *inkunu nistgħu nitilgħu l-għolja tal-Mulej* (cfr. S 23,3), fejn miġbura flimkien fil-post imqaddes tiegħu, jiġifieri magħqudin ma' Kristu Alla-bniedem, nibqgħu għal dejjem miegħek[58].

## 17 – TIFĦIR U TALB[59] LIL KRISTU GĦALL-MERTI TA' SANT' ANTNIN

[214] 1 O Ġesù l-aktar twajjeb, bidu u tmiem ta' kollox: fi tmiem din il-kitba ngħollu lejk il-kelma tagħna, anzi t-temtim tagħna. Irridu nfaħħruk, imqar jekk biss ftit u mhux kemm jistħoqqlok. Int dejjem jixraqlek *tkun imfaħħar fil-qaddisin tiegħek* (cfr. S 150,1) u xejn anqas f'Antnin tagħna. 2 Għalhekk, Mulej, *Sid ta' kollox, il-ħlejjaq kollha tas-sema, l-art u l-baħar ifaħħruk* (cfr. Dan 3,57.59.74.78) kif jixraqlek, għax permezz ta' Antnin, b'sinjali ċari, tkabbar fil-fidili tiegħek it-tama fil-ħajja li għad trid tiġi.

[215] 3 Int il-ġebla samma tal-pedament li fuqha bena fis-sod id-dar tiegħu dan il-qaddis. La *l-ilmijiet tax-xmajjar imfawra* (cfr. S 92,3-4) u lanqas *il-qawwa ta' l-irwiefen*, jiġifieri kull xorta ta' tempesta qalila ta' tentazzjonijiet, ma hi qatt se tasal *iġġarraf din id-dar, mibnija fuqek* (cfr. Lq 6,48), Mulej, u mqiegħda b'mod ta' l-għaġeb fuq il-għoljiet. 4 Għax issa Antnin, mimli bil-hena, qed jifraħ fil-preżenza tiegħek, o Mulej. Issa daħal fid-dar fejn hemm biss ferħ bla tmiem u li qatt m'hu se jiġi mfixkel. 5 Hemm *id-dawl veru* (cfr. 1Ġw 2,8), li huwa Inti stess,

---

58 Il-Bollandisti ċaħdu lil dan l-Epilogu l-valur storiku tiegħu. Jekk bi storja nifhmu l-espożizzjoni ta' fatti li seħħew, kellhom raġun. Imma jekk nestendu l-kunċett ta' storiċità lill-virtujiet morali u l-iżvilupp tal-kult ta' xi qaddis determinat, l-Epilogu jistħoqqlu li ninkluduh fl-istorja tat-tawmaturgu Franġiskan.

59 Għalkemm dan it-tifħir u talb tat-II Epilogu hu dirett lejn Kristu Feddej, imma bħala protagonista għandu lil Sant'Antnin. Il-ġeneri letterarju tiegħu hu dak ta' *laus cum oratione*, tifħir flimkien ma' talb, lejn il-Medjatur suprem, imma li għandu bħala motiv ispiratur il-ħajja u l-ispiritwalità tal-qaddis ġdid. L-awtur jerġa' jagħti lista ta' virtujiet tipiċi tal-qaddis, meħudin mill-*Officium Rhythmicum*. Jagħti importanza partikulari lill-virtù ta' l-umiltà.

jagħmel tixbaħ lilek għal dejjem il-ħajja li ma tintemm qatt fil-hena li ma jafx b'niket.

[216] 6 Int tabilħaqq dawl leqqien għall-aħħar ta' glorja għalih li, ikkalmat il-ħars tal-moħħ lejn il-ħwejjeġ ta' l-art, sa miż-żernieq tal-grazzja kien jishar b'ħarsa fissa fuqek matul ħajtu. 7 Int ukoll, min-naħa tiegħek, għalih *int għajn ta' ħajja u gliegel li ma jieqfux ta' hena* (cfr. S 35,9-10). Hu, kollu kemm hu, ġisem u ruħ, *kellu għatx kbir għalik* (cfr. S 62,2) li xrobt matul it-triq mill-wied tal-passjoni u *fuq is-salib kont għatxan* (cfr. Ġw 19,28) għas-salvazzjoni tagħna l-bnedmin.

[217] 8 Għalhekk nitolbu lilek, o Ġesù, dawl li qatt ma jnemnem. Int lil Antnin għamiltu dawl meraviljuż bil-kotra bla għadd ta' mirakli li jdawlu d-dinja. Permezz tiegħu, li bir-raġun kollu niftaħru, aħna noffrulek l-unur li nfaħħruk: agħmel li aħna wkoll, imseddqin bix-xhieda ta' kuxjenza retta, nkunu nistgħu fina stess niftaħru kif jixraq b'dawn *l-għemejjel ta' dawl* (cfr. Rum 13,12b).

[218] 9 Għall-grazzja tiegħek agħtina li nrażżnu minn barra x-xewqa għall-ħwejjeġ li jidhru u li nħossu, u fl-intimu nġibu fil-preżenza tiegħek *iż-żejt tal-ferħ* spiritwali fil-važun safi ta' qalbna. Hekk ma nimitawx *lix-xebbiet boloħ* (cfr. Mt 25,1-13), billi noqogħdu niftaħru bil-ħwejjeġ li jidhru u l-merti ta' l-oħrajn, u fl-aħħar imbagħad, bejjiegħa ta' qlubna vojta, għal xejn nirrikorru għall-ġustifikazzjoni tagħna għand bejjiegħa li jafu biss ifaħħru jew imorru saħansitra għand il-missirijiet qaddisa li nippretendu li naqsmu magħhom il-glorja bla ma rridu nimitawhom[60].

[219] 10 Imma bl-imsiebaħ mixgħula minn ġewwa bin-nar ta' l-imħabba u minn barra jdawlu bil-fama ta' tjubija awtentika, nibqgħu mqajmin nistennewk tiġi, l-Għarus ta' verġinità bla mittiefsa, u niġu nilqgħuk biex nidħlu miegħek għall-festa tat-tieġ. 11 Hemm, bil-għajnuna ta' l-istrumenti mistiċi ta' David, inkantaw bla ma nieqfu, flimkien mal-kori ta' l-ispirti tal-hienja, l-għana taż-żwieġ ta' l-għaqda hienja ma' l-Għarusa tiegħek.

[220] 12 Dan nitolbuk tagħtihulna, għad li ma jistħoqqilniex, għall-merti ta' l-imqaddes Antnin, għax Inti ġeneruż fit-tjieba tiegħek. Int li ma' Alla l-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

---

60 Din hi riferiment għas-6 *Twissija* ta' San Franġisk - *Adm* 6,3: *Unde magna verecundia est nobis servis Dei, quod sancti fecerunt opera, et nos, recitando ea, volumus recipere gloriam et honorem.*

# «DIALOGUS DE GESTIS BEATI ANTONII»
## MEĦUD MID-«DYALOGO SANCTORUM FRATRUM MINORUM»

Awtur Anonimu mill-Ordni tal-Minuri
(1245-1246)

## INTRODUZZJONI

Fl-oriġini tad-*Dialogus de Gestis Beati Antonii* niltaqgħu mal-figura ta' fra Crescenzio da Iesi, ministru ġeneral ta' l-Ordni minoritiku mill-1244 sa l-1247. Thomas of Eccleston (*De adventu fratrum minorum in Angliam*, Collatio XIII, n. 88) jitkellem dwaru bħala: *frater Crescentius, medicus famosus, minister Marchie*. Ikompli jgħid li billi kienu kontrih bosta patrijiet mill-provinċja tiegħu, fl-istess lejl tal-kapitlu ġenerali li fih kellu jiġi elett, wara tilwima li kellu ma' xi patrijiet żelanti ta' l-Ordni li kienu qajjmu ribelljoni kontra ħuthom, wieħed patri kellu viżjoni, li ipperswadiet lill-kapitulari biex jippreferu lilu, u għalhekk eleġġewh fil-votazzjoni.

Bernard minn Besse, fil-*Catalogus generalium ministrorum*, AF III, 697, jinnota: "Il-miqjum u anzjan fra Crescenzio, raġel ġust u ippruvat fil-ħeġġa tiegħu fl-uffiċċji u d-dixxiplina ta' l-Ordni". Arnald de Sarrant, fil-*Chronica XXIV Generalium*, AF III, 263, jikteb dwaru: "Dan il-ġeneral daħal fl-Ordni meta kien anzjan, kien espert fil-liġi kanonika u fil-mediċina. Ftit wara li sar ministru tal-Marche, sab fl-Ordni setta ta' patrijiet li ma kienux jimxu skond il-verità ta' l-Evanġelju, li kienu jiddisprezzaw il-liġijiet ta' l-Ordni, u jaħsbu li huma aħjar mill-oħrajn; dawn riedu jgħixu skond kif jidhrilhom huma u kollox kienu jattribwixxu lill-ispirtu, kienu jilbsu mantelli qosra sa fuq l-irkobba. Lil dawn it-talin il-ministru ġeneral ried jeqridhom bil-qawwa".

Crescenzio ġie elett fl-4 ta' Ottubru 1244 f'Genova, u fit-13 ta' Lulju 1247, fil-kapitlu ta' Lyon, ġie mneħħi minn ministru biex sar floku Giovanni da Parma. Mill-1252 sa ma miet qrib is-sena 1263,

Crescenzio kien isqof ta' Iesi, wara li Innoċenż IV ma kienx aċċetta li jagħmlu isqof ta' Assisi.

Crescenzio da Iesi baqa' magħruf għall-ordni li ta lill-patrijiet li kienu jafu lil San Franġisk biex jibgħatulu bil-miktub it-tifkiriet tagħhom. Il-famużi "tre compagni", fra Leone, fra Rufino u fra Angelo, mill-eremitaġġ ta' Greccio, bagħatu ittra lil Crescenzio fil-11 ta' Awissu 1246, u magħha l-materjal dokumentarju magħruf bħala *florilegium*, li llum hu mitluf.

Dan il-materjal intuża minn fra Tommaso da Celano biex jikkomponi l-*Memoriale in Desiderio Animae*, jew *Vita Secunda Sancti Francisci*, fl-1246-47, proprju fl-istess żmien li l-Anonimu patri li ikkompona d-*Dialogus de gestis beati Antonii* kien qiegħed ukoll jaħdem. Nistgħu inqabblu d-daħla ta' dawn iż-żewġ opri, biex naraw l-importanza tal-kmand ta' Crescenzio da Iesi dwar il-ħtieġa li jinġabru *signa et prodigia* (sinjali u għeġubijiet) li seħħu bl-interċessjoni ta' San Franġisk u ta' l-ewlenin sħabu:

"Għoġob lill-miġemgħa qaddisa ta' l-aħħar kapitlu ġenerali u lilek, missier l-aktar miqjum, li mhux mingħajr il-parir tar-rieda divina, ridtu tordnaw lilna fiċ-ċokon tagħna, sabiex l-għemejjel jew il-kliem tal-glorjuż missier tagħna Franġisku, aħna, li miegħu għexna għal żmien twil u li kellna l-esperjenza li konna midħla sewwa tiegħu aktar minn bosta oħrajn, niktbu dawn it-tifkiriet għall-faraġ ta' dawk preżenti u għat-tifkira ta' dawk li għad iridu jiġu warajna" (2C 1: FSF 724).

"Wara li aċċertajt ruħi mill-verità tal-fatti, mill-opri ta' virtù ta' min jistagħġeb bihom, li l-onnipotenza tal-Ħallieq għoġbot toffrielna permezz ta' xi wħud mill-qaddisin tiegħu, patrijiet ta' l-Ordni tagħna, f'diversi partijiet tad-dinja ... dan sejjer nagħmlu b'ubbidjenza għall-kmand li rċevejt mir-reverendu patri ministru ġeneral, fra Crescenzio" (*Dialogus* 1,6).

Dan kollu juri li Crescenzio da Iesi kien dak li qanqal dawn il-kitbiet aġjografiċi. Mhux biss, imma fil-każ ta' Celano l-*Memoriale* hu biss l-ewwel taqsima ta' opra li, biex tkun kompluta, għandha tinkludi wkoll it-*Tractatus Miraculorum* li ġie approvat aktar tard, fl-1253. L-element mirakoluż hu wkoll preżenti mhux biss fl-isem tad-*Dialogus* imma saħansitra fil-fatt li parti kbira minnu hi dedikata għall-figura ta' Sant'Antnin bħala tawmaturgu.

Id-*Dialogus* hu, qabel xejn, ġabra ta' mirakli, b'kollox 259 fatti

mirakolużi, imqassmin b'dan il-mod: 55 mirakli tal-Beatu Ambrogio da Massa, 44 mirakli ta' Sant'Antnin (li hawn qegħdin nittraduċu), 43 mirakli tal-Beatu Benvenuto da Gubbio, 101 mirakli tas-16 Beati oħrajn li jissemmew f'din l-opra: Ruggero, Graziano, Adamo Rufus, Matteo da Narni, Ottone da Pola, Paolo della Marca, Martino, Ermanno, Pietro da Trani, Iacopo di Assisi, Domenico, Bernardo, Pietro, Tientialbene, Leonardo u Guglielmo da Cordella.

Fid-*Dialogus* ma hemmx l-iċken ħjiel dwar min jista' jkun l-awtur tiegħu. Ma teżistix lanqas l-ebda xhieda esterna rigward l-identità ta' l-awtur anonimu. Li nafu fiż-żgur, iżda, hu li ċertament dan hu patri Minuri, u wieħed mis-sħab il-patrijiet qaddisin li jiġu iċċelebrati fid-*Dialogus*. Hu jiddefinixxi ruħu bħala *inutilis servus Christi,* u jgħid li jrid jikteb dwar il-*mira opera* (għeġubijiet) li Alla wettaq permezz tas-*sanctos suos quosdam ordinis nostri fratres*, u dan b'ubbidjenza u riverenza lejn il-ministru ġeneral (1,6). San Franġisk jissejjaħ *beatus pater noster* (2,8). L-anonimu kien reliġjuż disponibbli u affidabbli, li kienu jafuh il-mexxejja ta' l-Ordni, u li Crescenzio seta' jafdalu trankwillament dan il-proġett ta' kitba. Jidher li hu raġel li mhux żagħżugħ, li kellu kultura ekkleżjastika tajba, li kien kapaċi fl-arti li jikteb bil-latin, u li kien wieħed mill-patrijiet għorrief ta' l-Ordni. Jista' jkun li kien professur tat-teoloġija u kien midħla ta' ambjenti akkademiċi.

Diversi ismijiet ġew ippreżentati biex nifhmu min seta' kien l-awtur tad-*Dialogus*. Il-*Chronica XXIV Generalium* tgħid li kien fra Crescenzio da Iesi innifsu, u din hi ipotesi insostenibbli (AF III, 263). Il-kronista Portugiż fra Marco da Lisbona (†1591) jaċċenna għal fra Giovanni da Parma (†1289), futur ministru ġeneral ta' l-Ordni. Din hi l-opinjoni li jżomm Lemmens. Proposta li kellha fortuna hi dik ta' Delorme, li jgħid li l-awtur hu fra Tommaso da Pavia (†c.1284). Forsi jkun aktar eżatt jekk infittxu l-awtur fost iċ-ċirku ta' patrijiet intellettwali li kien hemm madwar Crescenzio da Iesi, fosthom Bonaventura da Iseo, u Marco da Montefeltro (†1284), li kien imbagħad segretarju kemm ta' Giovanni da Parma kif ukoll ta' San Bonaventura.

It-titlu ta' l-opra li jagħti l-uniku manuskritt sħiħ, l-Assisano Borgiano, fil-fol. 152r fih din il-kitba: *Dyalogus sanctorum fratrum Minorum*. L-istess titlu jinsab fl-inventarju tal-Bibljoteka tas-Sacro Convento t'Assisi, li sar fl-1381. Il-*Catalogus XV generalium Minorum*

(bidu tas-seklu 14), opra ta' fra Bernardo da Besse, segretarju ta' San Bonaventura, jgħid rigward Crescenzio da Iesi: *Hic multa beati Francisci miracula requiri et colligi fecit, necnon et de vitis fratrum opusculum quoddam in modum dialogi editum* ("Dan talab li jitfittxu u jinġabru bosta mirakli ta' l-imqaddes Franġisku, kif ukoll ħajjiet ta' qaddisin, u ġew ippubblikati f'opra li saret taħt forma ta' djalogu"). Ninnutaw l-użu ta' l-istess isem: *Dialogus* (*in modum dialogi* – taħt forma ta' djalogu). Bernardo jgħid ukoll li dawn id-dokumenti kienu għosfru miċ-ċirkolazzjoni minħabba t-traskuraġni (*alia per incuriam perierunt*). Hemm min jgħid li dan seta' ġara bħala effett tal-famuż digriet tal-kapitlu ta' Pariġi ta' l-1266 li ordna li "jitħassru" l-leġġendi kollha li kienu inkitbu qabel il-*Legenda Maior* ta' San Bonaventura. Arnald de Sarrant jagħmel tiegħu dak li qal Besse: *Idem etiam generalis de vitis sanctorum fratrum Minorum opusculum quoddam in modum dialogi edidit, quod incipit: «Venerabilium gesta fratrum»* (AF III, 263). L-aħħar forma ta' titlu mogħtija lill-opra hi dik ta' Delorme fl-edizzjoni tiegħu tad-*Dialogus* ta' l-1923. Hu jerġa' jirrepeti l-isem li kien uża Bernard de Besse, imma jbiddel il-kelma *vitis* (ħajjiet) f'*gestis* (għemejjel). Biex jiddefendi t-teżi tiegħu jgħid li biżżejjed naqraw dak li jikteb Tommaso da Celano fil-*Vita Prima,* Prologu 2: "Dak kollu li stajt niġbor dwar dan il-bniedem qaddis, qed insawwru fi tliet taqsimiet … L-ewwel taqsima timxi fuq nisġa storika, u titkellem l-aktar dwar is-safa tal-Ħajja tiegħu, il-qdusija ta' l-għemejjel tiegħu u l-eżempju tat-tagħlim tiegħu. Fiha daħħalt wkoll xi ftit mirakli fost il-ħafna li, meta kien għadu jgħix fil-Ġisem, il-Mulej Alla għoġbu jaħdem permezz tiegħu. It-tieni taqsima tirrakkonta dak li seħħ matul l-aħħar sentejn ta' ħajtu qabel miet. It-tielet waħda, fl-aħħarnett, fiha bosta mirakli" (FSF 201).

Il-kelmiet *gestis, de gestis, gestorum series* jirrikorru bosta drabi fil-paġni tad-*Dialogus*. Delorme jgħid li l-isem li hu għażel, *Dialogus de gestis*, jaqbel mal-kontenuti ta' din l-opra u ma' l-intenzjonijiet ta' l-awtur Anonimu tagħha.

Il-fonti prinċipali tad-*Dialogus* hi l-*Assidua*. L-awtur tad-*Dialogus* ħafna drabi jiġbor fil-qosor dak li sab fl-*Assidua*, u mhux dejjem hu eżatt daqsha fid-dettalji li jagħti (*Dialogus* 8,6 jgħid li Sant'Antnin għadda l-aħħar jiem ta' ħajtu fil-ħemda ta' Arcella, meta fil-fatt hu kien f'Camposampiero, u Arcella ħaduh biss biex miet hemm). Id-dipendenza tad-*Dialogus* mill-*Assidua* tidher aktar ċara jekk wieħed

iqis is-sezzjoni tal-mirakli. Mit-tieni sezzjoni ta' l-*Assidua* l-Anonimu tad-*Dialogus* ħa 42 minn total ta' 53 mirakli.

L-element Franġiskan tad-*Dialogus* għandu wkoll importanza kbira. Fl-opra l-isem ta' San Franġisk niltaqgħu miegħu 18-il darba. Huma diversi l-espressjonijiet marbutin mal-missier imqaddes fid-*Dialogus*: *beatissimi patris nostri Francisci, sancti Francisci, beatis patris Francisci, gloriosi patris Francisci,* huma biss ftit mit-titli mogħtija lil San Franġisk. Marbut ħaġa waħda ma' Franġisku hemm Sant'Antnin, li barra li jiġi ippreżentata bħala iben fidil ta' San Franġisk, hu wkoll muri bħala bniedem li bl-umiltà kollha jaħbi d-doni straordinarji li żejjnu bihom Alla.

Id-*Dialogus,* fil-parti kbira tiegħu ġie tażmess minn żewġ manuskritti, għalkemm huma ħafna dawk li jittrażmettu partijiet minnu. Il-kodiċijiet huma: (1) Ms. Assisano-Borgiano (Vat. Borg. 347) ta' tmiem is-seklu 13; (2) Il-brevjar Franġiskan ta' Chambéry (Savoy) li inkiteb bejn l-1427 u l-1435 fuq kummissjoni tal-prinċipessa Maria di Savoy, bint Amedeo VIII u mart id-duka ta' Milano Filippo Maria Visconti. Is-silta li minnha l-istudjużi ħarġu l-edizzjonijiet kritiċi hi magħmula minn disa' lezzjonijiet, marbutin ma' l-*Officium Rhythmicum* ta' Julian minn Speyer, fil-ff. 496-499.

L-edizzjonijiet kritiċi tad-*Dialogus de gestis* jinkludu dawn li ġejjin: (1) L. LEMMENS, *Dialogus de vitis sanctorum fratrum Minorum, scriptus circa annum 1245,nunc primum editit fr. L. Lemmens,* Romae, typis Sallustianis, 1902, pp. XXIV-122 («Fragmenta franciscana», I). (2) F. DELORME, *Dialogus de gestis sanctorum fratrum Minorum, auctore fr. Thoma de Papia, ex integro edidit p. Ferdinandus M. Delorme OFM,* Ad Claras Aquas (Quaracchi), ex typographia collegii S. Bonaventurae, 1923, pp. LXVIII-316 («Bibliotheca Franciscana Ascetica Medii Aevi», Tom. V). (3) G. ABATE, *La leggenda antoniana del «Dialogus» nel codice di Chambéry. Discussioni e testo,* in *Miscellanea Franciscana* 32 (1932) 119-138. (4) G. ABATE, *Testo della leggenda antoniana del «Dialogus» secondo il codice Vaticano-Assisano,* («Le fonti biografiche di s. Antonio» IV), in *Il Santo* 9 (1969) 310-320. (5) *Vita del «Dialogus» e «Benignitas»*, Introduzione, testo critico, versione italiana e note a cura di V. GAMBOSO, Edizioni Messaggero Padova 1986 («Fonti Agiografiche Antoniane» Vol. III).

# «DIALOGUS DE GESTIS BEATI ANTONII»
## MEĦUD MID-«DYALOGO SANCTORUM FRATRUM MINORUM»

Awtur Anonimu mill-Ordni tal-Minuri
(1245-1246)

### 1 – PROLOGU ĠENERALI

[221] 1 Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Amen. 2 L-għemejjel ta' l-għaġeb[1] tal-missirijiet venerabbli u l-glorji tal-persunaġġi kbar tagħna li jixirqilhom tifkira, jiġu mħollijin fl-annali, b'sentiment u dmir ta' mħabba. B'hekk jitnissel kotra ta' frott meħtieġ għall-vantaġġ ta' l-insara li jiġu warajna. 3 L-ewwel frott: sabiex il-Ħallieq ta' l-univers, u l-Aktar Għoli *li jagħmel l-għeġubijiet* (cfr. Għerf 7,21) ikun imfaħħar fil-qaddisin tiegħu li jistagħġbu bil-kobor tal-majestà tiegħu. 4 It-tieni frott: sabiex il-fidi taż-żgħar, li għadha dgħajfa, imqanqla minn dawn l-eżempji ta' virtù li tmisshom b'idejk, tinfatam mill-*ħalib tat-trabi*, u tieħu bħala mudell ħajja aktar perfetta, u hekk tissaħħaħ billi titmantna *b'ikel sħiħ tal-kbar* (cfr. 1Kor 3,2; Lhud 5,14a).

[222] 5 L-aħħar frott: sabiex il-ħsara li ssir mill-qerq ta' l-eretiċi, li tipprova ddallam bis-sħaba tal-ħażen ir-raġġ tal-*veritajiet magħrufa* (cfr. Lhud 10,26), konvinta mill-ħajja ta' min ifaħħarha tal-missirijiet u minn għeġubijiet, tiċħad l-iżball u terġa' lura għall-għaqda tal-fidi kattolika: u jekk le, filwaqt li tgħażżeż is-snien li jigdmu ta' l-għira, hi tinqered fit-telfien, magħluq fil-ħabs u d-djuq ta' l-għama qarrieqa.

[223] 6 Għal dawn ir-raġunijiet jiena wkoll, għalkemm qaddej ta' Kristu li ma niswa għal xejn, għall-glorja u t-tifħir tal-majestà divina, ingħatajt biex ngħaqqad flimkien din l-opra, wara li aċċertajt ruħi mill-verità tal-fatti, mill-opri ta' virtù ta' min jistagħġeb bihom, li l-onnipotenza tal-Ħallieq għoġbot toffrielna permezz ta' xi wħud mill-

[1] Nittraduċu l-kelma Latina *gesta* bl-espressjoni "għemejjel ta' l-għaġeb". Din hi l-kelma fundamentali li tagħti t-titlu lill-opra: *Dialogus de gestis beati Antonii*.

qaddisin tiegħu, patrijiet ta' l-Ordni tagħna, f'diversi partijiet tad-dinja. Dan sejjer nagħmlu b'ubbidjenza għall-kmand li rċevejt mir-reverendu patri ministru ġeneral, fra Crescenzio[2]. 7 B'dan il-mod id-devozzjoni tal-patrijiet ikollha għad-dispożizzjoni tagħha nisġa u kompendju ta' għemejjel ta' l-għaġeb; il-mod kif jiena nitkellem iqanqal lill-moderni, li jħobbu l-qosor, biex jammiraw b'attenzjoni aktar ħajja u ħeġġa l-provi tat-tjubija divina.

[224] 8 Jiena, iżda, ma kellix l-intenzjoni li nikteb hawnhekk dwar l-għemejjel l-aktar magħrufin tal-virtujiet tagħhom, li dehru b'mod ċar f'kull rokna tad-dinja. Għażilt li nillimita ruħi bi preferenza għal dawk il-ġrajjiet li dwarhom, fuq kummissjoni tal-Papa u fil-preżenza ta' inkwiżituri delegati mis-sede apostolika, saret id-depożizzjoni tax-xhieda b'rakkonti ta' min joqgħod fuqhom, u li ġew approvati wara l-kontroll attent ta' dawk li xehdu, u inkitbu minn nutar pubbliku. Ġrajjiet oħrajn sirt nafhom b'ċertezza permezz tar-relazzjoni mibnija fuq verità li tawni xi patrijiet li għadhom ħajjin fl-Ordni tagħna.

[225] 9 Deherli li jaqbel li niġbor fil-qosor u niddeċiedi, fil-bidu ta' kull kapitlu ta' din l-opra, dwar xi ftit fatti marbutin mal-virtujiet u l-ħajja ta' dawn il-qaddisin, taħt forma ta' daħla għal kull wieħed. 10 B'dan il-mod din il-kitba li toħroġ fid-dawl il-perfezzjoni jirnexxielha twassal biex tqanqal lil dawk li jridu jimitaw l-eżempji ta' virtù ta' dawn il-qaddisin; u s-sinċerità provata tal-ħajja tkun ta' għajnuna għall-fidi permezz tal-mirakli li, kif nafu, jiġu offerti mhux lil dawk li jemmnu imma lil dawk li ma għandhomx fidi.

[226] 11 Fl-aħħarnett, biex inneħħu mill-qarrej kull motiv li jdejjqu fil-qari u kull avversjoni, u biex inwasslu fil-widnejn reliġjużi il-pjaċir aktar sħiħ biex wieħed ikun disponibbli li jisma', nippreżentaw żewġ patrijiet *li jiddjalogaw bejniethom* (cfr. Lq 24,17; Atti 4,15), wieħed minnhom li jagħmel il-parti tan-narratur, u l-ieħor tas-semmiegħ. 12 B'hekk, jekk il-verità tal-fatti rakkontati tqajjem stagħġib jew dubju fid-dgħajfin, filwaqt li tqajjem kwestjonijiet simili, twassal biex turi kif il-fatti jaqblu mal-liġijiet tal-Kotba Mqaddsa u li xejn ma hu diffiċli għall-Ħallieq li jista' kollox, meta hemm fidi li hi kapaċi li timela bil-grazzja divina u li hi doċli biex tiġi mħarrġa.

[2] Fra Crescenzio da Iesi, ministru ġeneral ta' l-Ordni mill-1244 sa l-1247.

## 2 – IL-BIXRA U L-ISKOP TA' L-OPRA

[227] 1 NARRATUR – *Alla, wara li fl-imgħoddi wera ħafna drabi u b'ħafna modi* (cfr. Lhud 1,1-2) l-qawwa tal-*kobor tiegħu bla tarf u l-għana tal-glorja tiegħu* (cfr. Rum 9,22-23; Innu Ambosjan «Te Deum»), *fil-missirijiet u fil-profeti, f'dan l-aħħar żmien* (cfr. Lhud 1,1-2), fil-jiem li fihom ngħixu aħna, ried *iqajjem mill-ġdid* (cfr. Ġw 11,11) il-fidi ta' dawk li huma reqdin. B'hekk wara l-għeġubijiet kbar tal-missirijiet tal-qedem, *wera sinjali ġodda u reġa' għamel l-għeġubijiet* (cfr. Sir 36,6) bil-mod qawwi tiegħu. 2 Tabilħaqq, billi Alla fi żminijietna reġa' ħa fil-hena tiegħu lil xi bnedmin, li bħalna kienu mlibbsin bil-ġisem li jmut, issa qiegħed jagħmel li huma jiddu bil-mirakli li qatt ma nstemgħu bħalhom sallum fid-dinja. 3 Xi trid, mela, twettaq *l-id setgħana* (cfr. 1Pt 5,6) tal-Feddej fil-qlub ta' dawk li ġew imsejħin minn qabel, jekk mhux li tkabbar u ssaħħaħ, bit-tqassim ta' l-għaġeb ta' dawn il-mirakli preżenti, l-istennija tal-ġid futur, li diġà ġie mwiegħed lil dawk li jemmnu?

[228] 4 Billi *l-fidi hi l-pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw* (Lhud 11,1), tkun qisha jkollha l-ħarsa tagħha mtappna meta tiġi mċaħħda mill-merti dik il-parti tagħha li tinbena fuq argumenti *mlibbsa bil-kliem qawwi ta' l-għerf* (cfr. 1Kor 2,4) uman, u li hi sensibbli għall-provi li tmisshom b'idejk, hekk li tippreferixxi tibni biss fuq il-mirakli, milli fuq verità miktuba quddiemha u trasmessa darba għal dejjem. 5 Għal dan l-iskop, iżda, bl-intervent tat-tjieba u l-ħniena divina, iċ-ċkejknin jerġgħu jqumu minn fidi marida, skond il-kmand sod tal-wegħda evanġelika (cfr. Mt 16,18; 28,20; Lq 22,32; Ġw 14,12): fil-membri aktar f'saħħithom tal-Knisja tibqa' sħiħa sa l-aħħar tad-dinja l-qawwa mogħtija u l-grazzja tal-virtujiet.

[229] 6 SEMMIEGĦ – Nistqarr li ta' spiss jiena nieqaf f'kontemplazzjoni intensa fuq *il-missirijiet glorjużi* (cfr. Sir 44,1) tat-Testment il-ġdid u l-qadim, li l-għemejjel tagħhom jiġu trasmessi lilna mill-antikità fil-Kotba Mqaddsa. Jiena nkun se jħossni ħażin meta nammira dawn il-virtujiet tagħhom, u meta niskopri bħal marka tar-riġel tal-kobor divin fl-għemejjel tagħhom u fis-sħuħija ta' kliemhom. 7 Imma, ħija l-aktar għażiż, jiena nixtieq li inti, *għall-edifikazzjoni* ta' dawk li huma preżenti u biex fil-ġejjieni *tkabbar il-fidi* (cfr. Rum 15,2) dgħafja ta' dawk li jitwieldu għal ħajja ġdida, tirrakkonta mqar fil-qosor xi ħaġa dwar il-virtujiet u l-mirakli tal-patrijiet ta' l-Ordni tagħna, hekk li, filwaqt li

ngħaqqad flimkien il-glorji tal-ħajja tagħhom, jiena nkun nista' nagħraf kemm għad jonqosni mill-perfezzjoni u kemm għandi nitħeġġeġ biex nixxennaq li *nimxi fuq l-eżempju tal-fidi* (cfr. Lhud 13,7) u l-virtujiet tagħhom, skond kemm ikun possibbli għalija.

[230] 8 NARRATUR – Għal dak li għandu x'jaqsam mal-virtujiet u l-mirakli tal-wisq imqaddes missier tagħna Franġisku, jiena nixtieq, ħija, li inti ma tagħmillix mistoqsijiet, għaliex jiena magħfus biex nitkellem dwar agrumenti oħrajn. Fil-fatt, jiena mhux biss stajt naqra l-ħajja u l-opri li hu wettaq meta kien għadu qiegħed jgħix magħna fid-dinja, imma wkoll dak li hu għadu jwettaq issa li qiegħed *jsaltan ma' Kristu* (cfr. Apk 20,4): dawn ġew miktubin minn patri ieħor b'evidenza sabiħa u ħeġġa kbira. 9 Imma lil dan il-kittieb baqgħulu moħbija bosta mirakli tal-missier qaddis, kemm għaliex, minħabba d-distanza tar-reġjuni dawn ma waslulux f'widnejh, kif ukoll għaliex minħabba l-kotra tagħhom hu ma rnexxilux jikteb is-serje sħiħa, u hekk dawn ħarbu minn taħt il-pinna tiegħu[3].

[231] 10 Nibdew għaldaqstant billi nitkellmu dwar dawk il-patrijiet li l-għemejjel tagħhom, li dwarhom aħna iddokumentajna ruħna, ġew imxerrdin minn fama mifruxa, kif ukoll li ġew ikkonfermati minn awtorità għolja[4]. Minkejja dan, dawk il-fatti li jiena qed inħejji ruħi biex

3 Hawnhekk l-awtur jirreferi għal Tommaso da Celano li fl-1229 kien ippubblika l-*Vita Sancti Francisci*, u li fl-istess żmien ta' l-Anonimu tagħna kien qiegħed jikkomponi l-*Memoriale in Desiderio Animae*, jew *Vita Secunda Sancti Francisci*, kapolavur ta' aġjografija medjevali. Fl-istess ħin juri li l-*Vita Prima*, għalkemm miktuba b'attenzjoni u stil raffinat, kienet ħalliet barra bosta mirakli. Fil-fatt dan kien l-iskop li għalih Crescenzio da Iesi kien talab lil Celano jikteb il-*Vita Secunda*, u li mbagħad tkompliet b'mod definittiv taħt il-ġeneralat ta' Giovanni da Parma bit-*Tractatus Miraculorum Sancti Francisci*, li jagħlaq it-«trilogia» ta' l-opri ta' Celano dwar San Franġisk.

4 Dan hu riferiment għall-awtorità pontifiċja. Mill-patrijiet Minuri preżentati fid-*Dialogus*, kien biss Sant'Antnin li ġie regolarment kanonizzat erbatax-il sena qabel din il-pubblikazzjoni. Rigward patrijiet oħrajn ta' fama qaddisa, kien hemm tnejn li l-kawża tagħhom kienet quddiem is-sede apostolika (il-Beati Benvenuto da Gubbio u Ambrogio da Massa). Sittax-il patri oħrajn kienu jgawdu minn venerazzjoni spontanja u lokali mid-devoti u fl-Ordni. Dawn kienu: Graziano, Matteo da Narni, Ruggero da Todi, Paolo della Marca, Ermanno da Foligno, Martino, Domenico, Bernardo, Pietro da Monte Ulmone, Leonardo da Piperno, Tientialbene, Jacopo di Assisi, Pietro da Trani, Ottone da Pola, Adam Rufus, Guglielmo Cardello.

nesponi jixirqilhom li wieħed jistagħġeb bihom, u li jiġu mismugħin bil-qima kollha mill-widnejn tad-devoti.

## DWAR L-IMQADDES ANTNIN TA' PADOVA

### 3 – L-EWWEL SNIN TAL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN

[232] 1 SEMMIEGĦ – Għandi xewqa kbira li nisma' xi ħaġa kemm dwar l-għemejjel ta' l-għaġeb kif ukoll dwar il-mirakli, ta' persunaġġ hekk famuż fi żminijietna fl-Italja[5], jiġifieri dwar ħuna Sant'Antnin.
[233] 2 NARRATUR – Iva, ħija. Dwar bosta affarijiet li int qiegħed tistaqsini jiena xhud li rajt b'għajnejja; imma huma ħafna aktar kotrana dawk il-fatti li jiena niftakar li smajthom jiġu rakkontati minn xhieda ta' min joqgħod fuqhom. Kemm dwar dawk ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni jiena minix se nsemmi ħlief għażla, biex hekk ma ntawwalx, jekk inti, kif qiegħed tgħidli, se tismagħni bil-ħlewwa u d-devozzjoni.
[234] 3 SEMMIEGĦ – La toqgħodx ittawwal iżjed, nitolbok, il-bidu tar-rakkont tiegħek li jiena qiegħed nistenna. Ruħi lesta li tisma', u b'ħerqa kbira tnin biex tagħti widen għal dak li inti diġà bdejt tesponili.
[235] 4 NARRATUR – Dan l-imqaddes Antnin li inti tixtieq tkun taf dwaru, kien mill-penisola Iberika min-nazzjonalità tiegħu u kien ċittadin ta' Lisbona. 5 Twieled minn familja nobbli ta' din il-belt[6], u kważi sa mill-benniena, bħala tħabbira għall-ġejjieni, hu żejjen lil ħajtu b'imġieba mimlija virtù. 6 Imbagħad, meta bagħtuh biex jistudja l-arti liberali, u laħaq il-pubertà, bdew jikbru f'ġismu x-xewqat żienja, u beda jħossu jinġibed lejn il-ħażen aktar minn qatt qabel. Għaldaqstant hu rebaħ l-istinti ta' l-adolexxenza u tal-pjaċir, abbanduna l-istudji li

5 L-Anonimu tad-*Dialogus* jiskot għal kollox dwar l-apostolat li Sant'Antnin wettaq fi Franza, u jillimita ruħu biex jitkellem mill-Italja, u anke hawnhekk dwar ftit inħawi: *in Sycilie partibus* (3,15; 5,1); Assisi (5, 1.13); *provincia Romaniole* (5,2); Monte Paolo (5,3); Rimini (5,10); u l-aktar iċ-*civitas Paduana* u l-inħawi ta' madwarha, inklużi l-Colli Euganei; iċ-Cella (5,13s); u xi lokalitajiet fejn seħħew xi mirakli oħrajn.

6 Id-*Dialogus* hu l-ewwel Fonti Antonjana, safejn nafu aħna, li titkellem espliċitament dwar l-oriġini aristokratika ta' Antnin. Imma diġà l-*Assidua* tagħti ħjiel dwar il-fatt li Antnin kien ġej minn familja tat-tajjeb.

kien qed jagħmel, u mar jiġri jsib kenn f'monasteru Agostinjan, li kien qrib il-belt imsemmija, u hemmhekk bil-qima kollha libes it-tonka ta' kanonku regolari.

[236] 7 Iż-żagħżugħ dixxiplu ta' Kristu dam jgħix hemmhekk kważi sentejn: imma billi kellu jissapporti l-ħafna żjarat ta' ħbieb u qraba[7], li tant kienu jtellfulu l-ġabra ta' l-ispirtu tiegħu, iddeċieda li jabbanduna dawk l-inħawi li fihom kien twieled, u li setgħu biss imantnuh bl-ikel li jdgħajjef l-erwieħ qawwija, u biex hekk iħobb is-sliem b'mod aktar abbundanti għadda kollu hieni fiċ-ċenobju ta' Santa Cruz f'Coimbra. 8 Għax, kif jgħid wieħed qaddis, hi ħaġa ta' min ifaħħarha mhux li wieħed ikun għex f'Ġerusalemm, imma li wieħed ikun għex sewwa hemmhekk[8]. Hu għaldaqstant kien jagħmel l-almu tiegħu biex jikkonforma ħajtu mad-dixxiplina klawstrali, hekk li għal kulħadd kien jidher li kien wettaq tassew bidla ta' ħajja, aktar milli sempliċement li biddel il-post fejn jgħix.

[237] 9 Kien jeżerċita bla waqfien il-pjan tiegħu permezz ta' studju appassjonat ta' l-Iskrittura mqaddsa; la bin-nhar u lanqas bil-lejl ma kien jieqaf, skond dak li kien jaqbel fiċ-ċirkostanzi, li jitkellem ma' Alla u li jitlob. 10 Dak li kien jaqra, kien mall-ewwel jafdah lill-memorja qawwija tiegħu, hekk li fi żmien qasir, bis-saħħa tad-duttrina li kiseb, hu wasal biex jarma lilu nnifsu b'għarfien dwar l-Iskrittura li kien jiġi ammirat minn kulħadd.

[238] 11 Filwaqt li kienu jseħħu dawn il-ġrajjiet, ġara li wieħed persunaġġ ta' nisel irjali, l-*infante* Pedro, ġab mill-Marokk ir-relikwi ta' xi patrijiet ta' l-Ordni tagħna; u beda jħabbar, b'leħen li ried li l-fama tagħhom tidwi, li kien ġie meħlus b'mod mirakoluż għall-merti tagħhom. 12 Meta l-aħbar waslet f'widnejn Antnin, mall-ewwel hu ħażżem ġenbejh bil-ħeġġa tal-martirju, u kien jixxennaq bil-qawwa kollha biex jidħol fl-Ordni tal-patrijiet Minuri, u kien jirrikmanda lil Kristu b'ħafna talb u sawm ix-xewqa li kien nissel minn qalbu. 13 Jum minnhom il-patrijiet Minuri, li kienu jgħixu fil-qrib ta' dak il-monasteru, ġew bħas-soltu biex jittallbu l-għajxien tagħhom. Wara li huma wegħeduh li kienu sejrin jibgħatuh fl-artijiet tas-Saraċini, fl-istess

---

7 Id-*Dialogus* iżid id-dettall li dawk li kienu jiddisturbaw lil Antnin (Fernando meta kien għadu kanonku regolari) ma kienux biss il-ħbieb, imma wkoll il-*parentes*, jiġifieri l-qraba.

8 Din il-kwotazzjoni libera hi meħuda mill-kitbiet ta' San Ġilormu.

monasteru huma libbsu lill-bniedem ta' Alla bit-tonka ta' San Franġisk, wara li dan kien bi tbatija kbira qala' l-kunsens tas-superjur tiegħu[9].
[239] 14 Waqt li kien jaqbad bil-ħeġġa ta' l-imħabba għall-martirju, hu mar iħaffef lejn l-inħawi tal-Marokk, fejn l-aħwa patrijiet kienu bagħatuh. Imma Dak li f'idejh huma l-għażliet kollha kien ippredestinah għal għemejjel akbar, u laqtu b'mod iebes bid-deni, hekk li ġiegħlu, kontra qalbu, jerġa' lura lejn art twelidu biex jerġa' jakkwista saħħtu. 15 Imma ġara li meta l-ġifen kien qiegħed jaqsam il-baħar, u kien kważi wasal biex jersaq lejn Spanja, bil-qawwa tar-rieda divina, qam riħ kuntrarju li beda jonfoħ, u hekk il-ġifen ittieħed fuq il-kosta ta' Sqallija.

## 4 – GĦAL LIEMA RAĠUNI ALLA MA TAĦX IL-GRAZZJA TAL-MARTIRJU

[240] 1 SEMMIEGĦ – Dawn ir-rakkonti jħalluni miblugħ. Għaliex Dak li jista' kollox, li tassew jagħraf il-qalb u li hu dak li jnebbaħ b'tant tjubija idejal hekk perfett, mhux biss ippermetta li Antnin ikun imċaħħad mill-ferħ imxennaq tal-martirju, imma wkoll li jibgħatu 'l bogħod, fost nies u fi nħawi li ma kienx jafhom?
[241] 2 NARRATUR – Meta wieħed jeżamina u jqis b'attenzjoni l-għemejjel ta' l-*Imgħallem tal-ġnus* (cfr. 1Tim 2,7)[10], jiskopri li ma hemmx għalfejn wieħed jistagħġeb f'dak li jqisu li hu stramb. 3 Proprju Pawlu, minkejja li l-Ispirtu kien ħabbarlu bil-fomm ta' l-aħwa, li f'Ġerusalemm *kien hemm jistennewh ħabs u ktajjen* (cfr. Atti 20,23), imħeġġeġ mill-fidi, b'rieda sħiħa telaq lejn dik il-belt biex hemmhekk jiġi mħabbat. 4 Imma skond il-pjan tal-Mulej, f'dik iċ-ċirkustanza ma setax jiltaqa' mal-glorja mixtieqa tal-martirju; mhux biss, imma saħansitra wasal sal-belt imbiegħda ta' Ruma, imħabbat u mitfugħ 'l hawn u 'l hemm fil-

9 Ma jissemma xejn dwar it-tislija ta' qsim il-qalb u mrar tal-kanonku sieħeb Antnin u lanqas tal-bidla ta' isem Fernando f'dak ta' Antnin (id-*Dialogus,* fil-fatt, lanqas biss isemmi li l-isem tal-magħmudija kien Fernando), dettall li nsibuh għall-ewwel darba fl-*Assidua*. Waqt li l-*Assidua* 6,3 issemmi l-*gravi morbo* (marda serja) li laqtet lil Antnin għal tul ix-xitwa kollha, id-*Dialogus* jispeċifika li kien *febre*, deni qawwi.

10 Riferiment għall-Appostlu San Pawl, li hu l-evanġelizzatur tal-pagani.

baħar u fl-art (cfr. Atti 27,1s)[11]. 5 Alla, li jiggverna r-rieda u l-għemejjel tal-bnedmin, filwaqt li laqa' bħala fwieħa ta' offerta tal-ħruq l-intenzjoni qaddisa tiegħu, għoġbitu l-immolazzjoni ta' l-ispirtu ġeneruż tiegħu.

[242] 6 Billi kabbar ix-xewqat tajba u l-proġetti ta' Pawlu, Alla wera dak li kien se jseħħ bħala aktar meħtieġ għall-ġid komuni tal-belt tiegħu, permezz tal-ħajja tiegħu. 7 Għax tabilħaqq, filwaqt li l-atleta l-aktar b'saħħtu kellu jippreżenta ruħu *quddiem it-tribunal ta' Ċesari* (cfr. Atti 25,10) biex jiddefendi l-fidi, dak li fi ftit postijiet tad-dinja hu kien għallem bil-kelma, issa ikkonfermah għall-ħtiġijiet tal-Knisja billi kompla l-apostolat tiegħu, u billi saqqa x-xtieli ċkejknin bi twissijiet ta' salvazzjoni u permezz ta' ittri, skond il-qjies li kien meħtieġ għal persuni li kienu għadhom mhumiex maturi fil-fidi tagħhom. 8 Wara dan Pawlu, billi kien jaf b'mod aktar sħiħ ir-rieda ta' Alla, kiteb dawn il-kliem lill-Filippin: *Ninsab bejn ħaltejn. Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija; min-naħa l-oħra, jekk nibqa' ngħix fil-ġisem, ikun ħafna aħjar għalikom* (Fil 1,23-24).

[243] 9 B'dan il-mod, għalhekk, il-provvidenza ta' Alla tagħna ħarset b'ħarsa għarfa lejn ix-xewqat ta' dan il-bniedem qaddis li għoġbu lil Alla u, bl-iskop li taħsad frott aktar kotran ta' fidi, żammet imdendel fit-tul taż-żmien il-proġett li hu kien nissel f'moħħu, b'tali mod li l-ħajja tiegħu tkun ta' vantaġġ għal ulied l-omm qaddisa l-Knisja fl-art ta' l-Italja, u dan kien jiswa ħafna aktar mit-tixrid tad-demm li ma kienx ikun ta' ġid għall-fidi f'art ta' nies infidili ta' ras iebsa[12].

[244] 10 SEMMIEGĦ – Nagħraf li hu perikoluż li wieħed jiddiskuti dwar il-profondità tal-ġudizzji divini ma' persuni injuranti u rozzi, li jafu jqisu biss il-fatti u l-kliem minn barra li jistgħu jagħmlu esperjenza tagħhom is-sensi umani, imma mhumiex fi grad li jindagaw b'eżami ekwilibrat il-valur tal-kawżi tagħhom. 11 Minkejja dan, billi nqis li

---

11 Qabel ma appella biex jidher quddiem Ċesari (Ċesarija Marittima, fis-sena 60 w.K. quddiem il-prokuratur Porcio Festo), Pawlu kien xerred il-messaġġ kristjan fl-Asja Minuri u fil-Greċja matul tliet vjaġġi missjunarji, bejn is-snin 45-46 u l-Pentekoste tas-sena 58. Wara l-vjaġġ famuż li ġabu fuq xtut gżiritna l-Appostlu wasal Ruma, li kienet iċ-ċentru politiku u kulturali ta' dak iż-żmien. B'hekk kellu spazju akbar għall-ħidma tiegħu missjunarja.

12 Ir-riflessjoni storiko-teoloġika li jagħmel l-awtur rigward il-missjoni fallita fil-Marokk, hi kantata minn Julian minn Speyer fl-*Officium Rhythmicum* ta' Sant'Antnin, Respons. III,3-6: *Sed hoc desiderium // suum non implevit, // de quo Rex regnantium // aliud decrevit;* kif ukoll fil-*Vita Secunda* 2,8.

rċevejt tweġiba għad-dubji tiegħi b'raġunijiet ċari, nitolbok li tkompli r-rakkont li diġà bdejt rigward l-għemejjel ta' l-għaġeb ta' raġel hekk kbir; nitolbok ukoll li ma taħbilix dak li fil-ħajja tiegħu irnexxa li jkun għall-ħtieġa tal-Knisja ta' Kristu.

## 5 – GĦEMEJJEL APOSTOLIĊI TA' L-IMQADDES ANTNIN

[245] 1 NARRATUR – F'dan il-perjodu ta' żmien li fih, kif għidna, ir-raġel qaddis kien wasal fl-art ta' Sqallija, ġara li f'Assisi kien se jiġi ċelebrat il-kapitlu ġeneral ta' l-Ordni. 2 Antnin mar hemmhekk u ħa sehem fil-kapitlu ma' patrijiet oħrajn, skond l-użanza; wara dan, fuq ordni tal-ministru ġeneral, ġie destinat għall-provinċja tar-Romagna.
[246] 3 Hu għex f'dan ir-reġjun għal żmien twil, u kien jgħix ħajja solitarja f'post li jissejjaħ l-eremitaġġ ta' Monte Paolo. Hemmhekk hu ġiegħel lil ġismu biex, bla ma jċedi għal xejn, joqgħod taħt l-ispirtu, billi ma jiekolx ħlief ftit ħobż bil-qjies, u jixrob kemm kemm ilma. 4 B'dan il-mod hu rażżan il-kilba taqbad tal-ġisem bil-gidma tat-talb, tas-sahriet u ta' l-astinenza li ġġib is-saħħa. Tant tħarreġ f'dawn il-penitenzi li, meta l-qanpiena kienet issejjaħlu biex joħroġ miċ-ċella tiegħu u jmur mal-patrijiet l-oħrajn, ta' spiss hu ma kienx jirnexxilu jasal kieku ma kienx jiġi mwieżen mill-istess patrijiet, minħabba t-telqa kbira tal-ġisem dgħajjef li kienet taħkmu.
[247] 5 Bla qatt ma jgħejja kien iqim l-umiltà, u għaldaqstant fassal l-impenn kollu tiegħu biex jaħrab kull presunzjoni u twebbis tar-ras. Għalkemm hu kien hekk diliġenti li l-memorja kienet isservih ta' bibljoteka u għalkemm hu kellu don eċċezzjonali tal-kelma fuq argumenti spiritwali, l-aħwa kienu jafuh aktar bħala patri li kellu d-don li jaħdem fil-kċina milli wieħed li kien kapaċi jesponi l-misteri ta' l-Iskrittura mqaddsa. 6 Lanqas ma kienu jissupponu l-aħwa[13] li hu kien jaf xi ħaġa dwar l-Iskrittura divina. Huma kienu jaħsbu biss li seta' kellu xi ħaġa kbira fih innifsu, meta kienu jieqfu biss fuq dan il-ħjiel: għax huma kienu semgħuh jitkellem bil-latin, imma dan narament, u biss meta kien imġiegħel mill-ħtieġa. 7 Fl-aħħarnett, ix-xjenza tal-

---

[13] Id-*Dialogus* iħalli barra l-episodju ċentrali ta' Forlì, u jattribwixxi hawnhekk b'mod ġeneriku lill-aħwa dak li l-*Assidua* 8,5 tattribwixxi lill-*minister loci* tal-kunvent ta' din il-belt.

bniedem ta' Alla dehret quddiem il-patrijiet bir-rieda tal-Mulej. Dak li ordna li jitqiegħed fuq il-kandelabru l-musbieħ tal-grazzja, iddestina lil dan il-maħbub ta' l-eremitaġġ biex jevanġelizza l-glorja ta' ismu[14].

[248] 8 Il-qaddej fidil u intelliġenti, wara li aċċetta *l-missjoni ta' evanġelizzatur*, ingħata *b'ruħu u ġismu biex jaqdiha* (cfr. 2Tim 4,5) b'tant qawwa li, filwaqt li ċaħad bil-qawwa għal kull mistrieħ tal-ġisem, kien idur bliet, irħula u kastelli, kien jaffronta lil dawk li ma jemmnux, kien iħeġġeġ lit-tajbin, kien iċanfar lill-għażżenin; bl-abbundanza tad-duttrina u tal-kelma mħeġġa tiegħu kien iqassam lil kull wieħed it-tagħlim li kien meħtieġ għalih (cfr. 2Tim 4,2). 9 Ma kienx iċedi quddiem l-ebda diskrimazzjoni bejn persuni, u lanqas ma kien jimpressjona ruħu biċ-ċapċip tan-nies u s-simpatija tal-folol; għall-kuntrarju, skond kliem il-profeta, kien bħal *romblu tad-dris ġdid, jaqta' u kollu snien, jidres* bil-predikazzjoni *l-muntanji* tal-kburija umana *u jfarrakhom, u l-għoljiet jagħmilhom tlief* (cfr. Iż 41,15), billi jċanfar sa l-aktar klassijiet umli tal-poplu.

[249] 10 Ma rridx niskot dwar li, meta hu kien qiegħed jippriedka fil-belt ta' Rimini waqt l-ewwel vjaġġ apostoliku li għamel hemmhekk, bl-għajnuna ta' Kristu hu ikkonverta wieħed eretiku jismu Bonello[15].

---

14 *Dialogus de gestis sanctorum fratrum Minorum,* ed. F. DELORME, Bibliotheca Franciscana Ascetica Medii Aevi, Tom. V, Quaracchi 1923, 1-72. 297-299, iżid il-fatt ta' Forlì: *Nam cum de predicto loco vir Dei Forlivium advenisset, tempore quo illic pro suscipiendis ordinibus fratres advenerant, instante collationis hora, minister loci fratres quosdam, qui de Predictorum ordine aderant, instanter rogavit, ut salutis verbum proponerent fratribus adunatis. Cumque improvisum se quisque nec velle nec debere predicare assereret, nutu Dei, minister conversus ad fratrem Antonium, precepit ut quodcumque sibi Spiritus suggereret, predicaret. Non enim credebat eum quicuam de Scripturis nosce (!), licet quandoque litteraliter loqueretur. Cumque diu renitens vir Dei humiliter obedisset, luculenta satis expositione ac brevi sermonis compendio multa prudenter disseruit. Omnes denique admiratione stupenda perculsi, humilitatis meritum cum dono scientie venerati sunt in beato Antonio. Sicque factum est quod, eorum que contigerant relatione ad superiorem delata, ad publicum venire compulsus est Antonius, interrupto quietis silentio.*

15 Kienet ċertament ir-Romagna l-ewwel kamp tal-ħidma ta' evanġelizzazzjoni ta' Sant'Antnin. Jekk is-superjur tiegħu fra Graziano tah il-mandat li jippriedka, dan ċertament seta' jagħmlu biss fir-reġjun li tiegħu kien ministru provinċjal, jiġifieri r-Romagna jew l-Italja ta' fuq.

11 Mit-teżori moħbija ta' l-Iskrittura hu kien jaf joħroġ b'kelma ħafifa ħwejjeġ hekk eċċellenti u profondi, li l-istess vigarju ta' Kristu ta' spiss kien isejjaħlu, b'nota ta' affett singulari, «Arka tat-Testment» jew tal-Patt.

[250] 12 Billi nieħdu wisq fit-tul noqgħodu nsemmu wieħed wara l-ieħor l-aspetti bl-akbar tifsir tal-virtujiet tiegħu, u nagħtu lista ta' dawk il-provinċji u nħawi fid-dinja li hu mliehom biż-żerriegħa tal-kelma divina, jiena sejjer issa nsemmi fil-qosor l-aħħar għemejjel tal-ħajja tiegħu, li fihom jiddu b'mod aktar evidenti s-sinjali tal-virtujiet tiegħu[16]. 13 Fil-fatt, fl-okkażjoni tal-kapitlu ġenerali li sar f'Assisi, u li fih saret it-traslazzjoni tal-fdalijiet ta' San Franġisk, il-ministru ġeneral ta' l-Ordni tah libertà sħiħa biex jippriedka kullimkien; b'hekk, immexxi minn Kristu, hu wasal fil-belt ta' Padova.

[251] 14 Meta ra li l-perjodu tar-Randan kien jiftaħlu quddiemu l-bibien tal-predikazzjoni, u billi kien iqisha ħaġa li taqbel li jintensifika s-servizz tal-kelma, għal erbgħin jum bla jaqtgħu hu ippriedka lill-poplu l-konverżjoni u l-maħfra tad-dnubiet. 15 Għalkemm kien magħfus mill-kostituzzjoni fiżika tiegħu ta' raġel imġissem, u magħkus minn mard kontinwu, minkejja dan, misjuq minn ħeġġa bla ma tgħejja għall-erwieħ, minn tlugħ u sa nżul ix-xemx kien jippriedka, jgħallem, jisma' l-qrar tal-penitenti, u kien jitgħakkes bis-sawm.

[252] 16 L-għadu tal-bnedmin, li jgħir għall-virtù, jagħmel minn kollox biex jeħodha kontra l-għemejjel tajbin; b'hekk, fil-bidu ta' dak ir-Randan, fit-tentattiv li jfixkel lill-qaddej ta' Alla mill-impenn ta' salvazzjoni li kien beda, lejl minnhom meta kien rieqed fil-fond, dan l-għadu ipprova jagħfaslu griżmejh biex jifgħu. 17 Imma l-qaddis, filwaqt li bid-devozzjoni sejjaħ l-isem tal-glorjuża Verġni omm Alla, immarka ġbinu bis-sinjal tas-salib, u wara li ħarrab minnu l-vjolenza ta' l-għadu, mall-ewwel reġa' ħassu jistrieħ. 18 Billi mbagħad ried jara lil dak li ħarab, fetaħ għajnejh; u ara ċ-ċella kollha li fiha kien qiegħed mimdud dehret quddiemu tiddi b'dija tas-sema. 19 Aħna konvinti li dak id-dawl niżel b'rieda divina fiċ-ċella tal-bniedem ta' Alla sabiex, filwaqt li hu jduq id-dija divina li xterrdet madwaru, il-qaddej ta' Alla jagħraf

16 Id-*Dialogus* jitkellem minn *virtutum insignia* ta' Sant'Antnin, imma sfortunatament iħalli barra dawn il-virtujiet u s-sinjali matul ħajtu, forsi għaliex ma kienux jidhru daqshekk importanti għall-iskop ta' l-awtur ta' l-opra.

id-don tal-ġenerożità l-aktar għolja. 20 Dak li jħobb id-dlamijiet, billi ma felaħx jissapporti dawk ir-raġġi, għab mimli mistħija u biża'.

## 6 – IL-BNEDMIN SPIRITWALI SOLTU JIĠU ITTENTATI B'ŻEWĠ MODI, SABIEX B'HEKK JIEQFU MILLI JAGĦMLU L-ĠID

[253] 1 SEMMIEGĦ – Hi ħaġa mill-aktar ċara li l-ħeġġa ta' l-erwieħ ma jifilħux għaliha l-ispirti li twieldu fil-ħażen, u għal din ir-raġuni, wara li huma jippruvaw jirrikorru għall-arti malinji tagħhom, ifittxu li jfixklu mill-proponiment tagħhom ta' salvazzjoni lil dawk il-bnedmin twajbin li jistennew bil-ħerqa għar-rebħiet spiritwali. Huma jagħmlu minn kollox biex, permezz ta' raġunamenti qarrieqa, jimpedixxu li l-erwieħ ta' dawk li jemmnu, *mifdija mid-demm ta' Kristu* (cfr. 1Pt 1,18-19), jerġgħu lura mix-xibka tad-dnubiet.

[254] 2 NARRATUR – Jeħtieġ li tkun taf li *l-ispirti ħżiena* (cfr. Lq 8,2) b'żewġ modi ta' spiss iqanqlu ostakli għal dawk li jirbħu l-erwieħ, sabiex b'hekk dawn ma jkunux jistgħu iwettqu għall-vantaġġ tal-proxxmu l-intenzjoni ta' ħniena li jkunu nisslu f'moħħhom. 3 Xi mindaqqiet jiġri li *Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl* (2Kor 11,14) u bi pretest ta' ġid aħjar minn opra tajba li dawn ikunu diġà bdew, iwarrbuhom minnha biex hekk joħorġu barra mit-triq l-intenzjonijiet tal-qalb, u jiġu distratti f'ħidmiet li ma jagħtux frott, hekk li ma jiddedikawx ruħhom aktar b'mod effikaċi għall-impenn li jkunu iddeċidew li jwettqu. 4 Kienu membri ta' dan l-eżerċtu dawk il-mexxejja Lhud li żebilħu lill-Mulej fuq is-salib, meta bdew jistiednu lill-Iben ta' Alla, imdendel mas-salib għas-salvazzjoni tad-dinja, u jwiegħduh li jikkonvertu, imma basta jagħmel dak li riedu huma: *Jekk hu s-sultan ta' Iżrael, ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih!* (cfr. Mt 27,42). 5 Bil-mod tagħhom kif jaraw l-affarijiet huma kienu jqisu li Kristu seta' jagħmel ħafna aktar kieku jinżel mis-salib biex jikkonverti l-poplu Lhudi, li kien ġie fid-dinja għall-fidwa tiegħu, milli kieku kien jiġbor il-popli kollha billi jmut b'dirgħajh miftuħin, *bħall-qroqqa li tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha* (cfr. Mt 23,37). 6 Huma kienu jagħmlu din il-proposta, imma x'aktarx li ma kienux jemmnu fih lanqas kieku Hu niżel mis-salib. Għaldaqstant is-saċerdot u l-vittma tagħna, Ġesù Kristu, billi ried iwettaq is-sagrifiċċju ta' filgħaxija għas-salvazzjoni tad-dinja, ma qagħadx għal dak li riedu,

biex hekk ma jċaħħadx mill-prezz ta' demmu mxerred lil dak li, għall-ħniena ta' Alla, kien qiegħed joffri demmu għalihom b'distribuzzjoni ġusta ta' salvazzjoni.

[255] 7 Xi drabi oħrajn l-ispirti ħżiena jobżqu l-velenu ta' l-għira tagħhom mhux taħt id-dehra qarrieqa tal-virtù, imma b'wiċċhom minn quddiem u bil-qerq li juruh fil-beraħ, issa jirrikorru għal theddid, issa jwerwru. Ta' spiss, kull meta jippermettilhom Alla, huma wkoll jolqtu b'turmenti tal-ġisem lill-bnedmin ġusti, biex hekk ma jħalluhomx ikomplu fil-mixja tal-perfezzjoni, u jhedduhom li jekk jagħmlu hekk ipattuhielhom qares bil-kefrija. 8 Tabilħaqq, il-bnedmin qaddisin mill-għoli tal-fortizza tagħhom spiritwali jiddisprezzaw il-qtajjiet ta' spirti qarrieqa li jħebbu għalihom. B'kuraġġ kbir huma jħarsu rwieħhom mill-vleġeġ ta' l-għadu bit-tarka tas-sabar, u b'enerġija kbira, wara li jiksbu r-rebħa fuq l-għadu qarrieq, iwasslu għat-tmiem dak li kienu bdew jibnu.

[256] 9 Bl-istess mod, filwaqt li dawk li kienu ġew lura mill-jasar kienu qegħdin jibnu l-ħitan ta' Ġerusalemm, l-għedewwa tagħhom li kienu jdawwruhom minn kullimkien, biex hekk iwaqqfuhom minn din il-ħidma, bdew jhedduhom u jbeżżgħuhom, u jhejju gwerer kontrihom. Minkejja dan, dawk, għalkemm imħabbtin mill-persekuzzjoni, ma ħallewx il-ħidma tagħhom sa ma wassluha fit-tmiem (cfr. Neħ 3,33-38). 10 Mhux biss, imma talli naqraw: *Il-bennejja kienu jibnu, kull wieħed minnhom imħażżem bix-xabla ma' qaddu* (Neħ 4,12); biex hekk jirbħu bix-xabla ta' l-ispirtu l-gwerer li qamu kontrihom u fl-istess ħin iwettqu bis-suċċess mixtieq il-bini tal-ħitan li kienu qegħdin itellgħu għad-difiża tal-belt.

[257] 11 SEMMIEGĦ – Minn dak li qiegħed tesponi, jiena nikkonkludi bir-raġun li għall-qaddejja ta' Alla hu indispensabbli li jkollhom intelliġenza kbira għad-*dixxerniment ta' l-ispirti* (cfr. 1Kor 12,10), hekk li ma jonqsux mill-proponiment li jwettqu l-ġid meta jinġibdu mid-dehra ta' virtù finta, u biex ma jwaqqfux l-impenn qabel ma jaslu għat-tmiem ġust li jridu jilħqu, għaliex ikunu maħkumin min-niggieża tat-tentazzjonijiet. 12 Imma issa, nitolbok, ejjew nerġgħu lura għall-fil tar-rakkont li inti bdejt.

## 7 – IL-ĦIDMA U L-FROTT TAL-PREDIKAZZJONI TAR-RANDAN

[258] 1 NARRATUR – Jidhirli li kont qiegħed ngħid li, wara li n-nies ta' Padova semgħu bl-isem ta' Antnin, bdew jiġru minn kullimkien *folol kbar ta' nies* (Lq 6,17) f'numru straordinarju biex jisimgħu l-kelma tiegħu. Kienu jkunu qishom għalqa bil-għatx għax-xita. 2 Il-knejjes ma kienux biżżejjed biex jesgħu fihom u jilqgħu folol li kienu jiġu minn kullimkien hekk numerużi. Għaldaqstant il-qaddis ħareġ biex jippriedka f'nofs l-għelieqi wesgħin. 3 Mill-bliet, kastelli u rħula ta' madwar Padova bdew ġejjin folol li ma jingħaddux ta' kull età, sess u kundizzjoni; kollha kienu għatxana għall-kelma tal-ħajja, u b'fiduċja li ma tinħattx kienu jafdaw is-salvazzjoni tagħhom f'idejn it-tagħlim tiegħu. 4 Kienu jqumu fil-qalba tal-lejl, u kienu jmorru jiġru f'gara min jasal l-ewwel, filwaqt li jġorru magħhom fanali mixgħulin biex jaslu malajr u bil-ħerqa fil-post li fih hu kellu jippriedka.

[259] 5 Hu kien isejjaħ għall-paċi u għar-rabta ta' l-għaqda lil dawk li kienu miġġieldin; kien jerġa' jagħti l-ħelsien lill-ħabsin; kien jara li jintraddu lura b'titlu ta' retribuzzjoni ġusta l-flus misluħin mill-użura u l-ġid misruq mill-oħrajn. Kien hemm min jasal li jirhan għelieqi u djar, u jġib id-dħul f'riġlejn il-qaddis. Bosta kienu jroddu lura dak li ħadu bil-qerq, u kif diġà għidna, kienu jrodduh lura lil dawk li jkunu għamlulhom il-ħsara, billi jagħtuhom il-flus jew jitolbu li dawn jiġu maħfurin mid-dejn tagħhom. 6 Il-prostituti pubbliċi, li kellhom fama ħażina minħabba l-mestier bla mistħija li jwettqu, meta kienu jisimgħu t-twissijiet tiegħu kienu jieqfu milli jingħataw għal dan il-ħażen; dawk li jaħtfu n-nies, il-piromani li jqabbdu n-nar biex jeqirdu proprjetà[17], il-ħallelin u l-persuni imċappsin bi tbajja' ta' kull tip ta' għemejjel faħxija oħrajn, kollha kemm huma hu rnexxielu jikkonvertihom u jwassalhom b'mod qawwi biex jagħmlu penitenza.

[260] 7 Fl-aħħarnett, kienet hekk kbira l-folla ta' rġiel u nisa li hu kien

---

17 Padova, li kien fiha bosta djar u bini ieħor ta' l-injam, kienet faċli li tgħaddi minn ħruq, kemm naturali kif ukoll opra ta' piromani. L-istess kien jiġri lill-uċuħ tar-raba, meta jkun wasal żmien il-ħsad tal-qamħ, għax meta l-belt kienet tkun fi gwerra kontra belt oħra, l-għadu kien jiġi u jaħraq l-uċuħ kollha.

jibgħatha biex tqerr dnubietha għand is-saċerdoti, li la l-patrijiet tagħna u lanqas il-qassisin l-oħrajn li kienu jakkompanjawhom f'għadd kbir ma kienu jlaħħqu biex jisimgħu lil kulħadd. 8 Bosta nies kienu jersqu għand il-konfessur, u kienu jgħidulu li kienu mqanqlin li jagħmlu dan b'viżjoni divina, li kienet tgħidilhom biex jintelqu bil-fiduċja biex jobdu l-pariri ta' Antnin. 9 Oħrajn, imbagħad, wara l-mewt tiegħu, kienu jgħidu lill-patrijiet taħt sigriet, u jixhdu li hu kien dehrilhom fil-ħolm, u kien saħansitra semmielhom lil dawk ir-reliġjużi li għandhom setgħu jirrikorru biex iqerru.

## 8 – DWAR IT-TRANSITU QADDIS TIEGĦU

[261] 1 SEMMIEGĦ – Jiena nixtieq inkun naf, jekk inti tista' tgħidli, jekk dan ir-raġel hekk kbir kienx jaf minn qabel il-jum tat-tluq tiegħu mid-dinja, u x'għoġob lill-Mulej li jirrivelalu dwar dan.

[262] 2 NARRATUR – Ma naħsibx li għal konfessur bħal dan baqa' moħbi l-jum li fih hu kellu jmut[18]; għaldaqstant, bl-iskop li ma jibqgħux deżolati l-aħwa jekk hu jħabbrilhom minn qabel il-jum tat-tluq tiegħu mid-dinja, nimmaġina li hu ħeba b'attenzjoni kbira l-fatt li dalwaqt ruħu kellha tinħall minn ġismu. 3 Madwar ħmistax-il jum qabel ma ħalla din il-ħajja, filwaqt li mill-quċċata ta' għolja kien qiegħed jammira l-pjanura għammiela li hemm madwar Padova, hu dar lejn il-patri li kien sieħbu fil-vjaġġ, u beda jfaħħar il-pożizzjoni tal-belt b'tifħir mill-aktar għoli, u ħabbar li ftit tal-ġranet wara dik il-belt kellha tkun immarkata bi glorja ta' l-għaġeb. 4 Tabilħaqq bir-raġun aħna nemmnu li, għall-ġieħ ta' Padova, hu indika l-merti tal-qdusija tiegħu, li ftit aktar tard kellha tagħmel ċelebri lil din il-belt. Naraw ukoll kemm din il-belt, minħabba dawn il-merti, hi mżejna bit-tifħir ta' l-għaġeb u eċċezzjonali.

[263] 5 Is-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej 1231, *indictione quarta*,

18 L-Anonimu tad-*Dialogus* juri biss opinjoni personali (*non extimo lautuisse ... arbitror occultasse*) l-aħbar li l-*Assidua* 14,1 turi b'termini assertivi: *obitum suum longe ante prescivit*. Il-fatt li Antnin kien jaf minn qabel il-jum tal-mewt tiegħu jittieħed mill-*Vita Martini* ta' Sulpicio Severo. Imma filwaqt li San Martin wera lill-irħieb sħabu li kellu dalwaqt imut, Antnin jippreferi jżomm dan il-fatt bħala sigriet li jaħbih. Wara kollox, Martin miet f'età veneranda, imma Antnin kien għadu żagħżugħ.

fit-13 ta' Ġunju, jum il-Ġimgħa, il-miqjum Antnin, wara li għadda mit-triq tal-bnedmin kollha li jmutu, telaq hieni lejn l-għamara ta' l-ispirti beati, fil-belt ta' Padova – li fiha permezz ta' l-Aktar Għoli kienet kibret il-fama ta' ismu – fil-kunvent tal-patrijiet f'Arcella.

[264] 6 Meta hu kien irtira biex ifittex is-skiet fil-post ta' l-Arcella[19] li għadna kemm semmejna, tqalet fuqu id il-Mulej; il-marda tiegħu iggravat ruħha, u bdiet tidher fis-sinjali ta' affann mill-aktar serju. 7 Hu kellu ftit ħin li fih straħ mill-attakk, li fih qerr u rċieva l-assoluzzjoni, imbagħad beda jkanta b'leħen għoli[20], u bil-ferħ ta' l-ispirtu, dak l-innu tal-Verġni glorjuża:

*O gloriosa Domina, excelsa super sydera*
(O Sinjura li fil-għoli // fuq il-kwiekeb ġejt imtella').

[265] 8 F'daqqa waħda, filwaqt li refa' għajnejh lejn is-sema, beda jħares ċass fil-għoli. 9 Wieħed mill-patrijiet li kienu jassistuh staqsieh x'kien qiegħed jikkontempla. Hu wieġbu: "Qiegħed nara lill-Mulej Ġesù Kristu".

[266] 10 Meta l-patrijiet intebħu li kien qrib ħafna l-mument tal-mogħdija hienja tiegħu minn din id-dinja, iddeċidew li jamministraw lill-qaddej ta' Alla ż-żejt tad-dilka mqaddsa. 11 Meta s-saċerdot resaq lejh skond ir-rit taż-żejt imqaddes, Sant'Antnin ħares lejh u qallu: "Ħija, mhux daqshekk meħtieġ li inti tagħmilli dan, għaliex fil-fatt diġà għandi fija nnifsi din id-dilka. Minkejja dan, naf li tkun ta' ġid għalija, u nixtieqha".

[267] 12 Imbagħad għaqqad idejh flimkien, u mal-patrijiet ħutu preżenti, kanta s-salmi penitenzjali sa l-aħħar. 13 Kompla jieħu n-nifs b'affann għal kważi nofs siegħa; u ara li dik ir-ruħ l-aktar qaddisa, maħlula mill-ħabs tal-ġisem, inxtorbot fl-abbiss tad-dawl. 14 Ġismu kellu l-aspett ta' wieħed li hu rieqed; dawk il-membri li meta kien għadu ħaj kienu juru lewn kemmxejn mitfi, wara t-transitu tiegħu saru mill-

---

19 Id-*Dialogus* ma jgħid xejn dwar is-soġġorn tal-qaddis f'Camposampiero, u jippreżenta l-perjodu ta' skiet u meditazzjoni tiegħu bħallikieku sar fil-kunvent ta' Arcella fejn, fil-fatt, Sant'Antnin ittieħed biex hemm imut, meta inġarr minn Camposampiero bl-intenzjoni li jmur imut Padova f'*Sancta Maria Mater Domini*.

20 L-Anonimu kien għadu kemm qal li l-qaddis kellu affann kbir, u għalhekk mhux daqstant kredibbli li hu seta' jkanta l-innu tal-Verġni Marija *voce alta*. L-*Assidua* 17,11 tippreferi tgħid sempliċement: *cantare cepit*.

aktar bojod. Għal min kien iħares lejh, din kienet tħabbira tal-glorja futura tal-qawmien mill-imwiet[21].

## 9 – GĦALIEX XI ĠUSTI JMUTU QABEL IŻ-ŻMIEN

[268] 1 SEMMIEGĦ – Hu fatt straordinarju, u nqis li dan seħħ bi grazzja speċjali tat-tjieba divina, li dan il-qaddis, li xejn aktar ma kien jagħraf bil-ferħ kollu f'din id-dinja ħlief biss lil Ġesù kurċifiss – kważi b'garanzija tal-premju etern, meta qorbot il-mewt ikkontempla fiżikament preżenti l-istess skop tax-xewqat tiegħu. 2 Imma nistqarr li, dak li l-aktar iqanqal fija l-istagħġib hu dan: għaliex *il-Mulej ħanin* (cfr. S 102,8; 144,8), li jsegwi b'kull kura l-frieghi l-aktar għammiela, ippermetta li hu jinħataf hekk malajr minn dan is-seklu preżenti u ħażin u jittieħed *ħaddiem* li tant stinka b'impenn *fil-għalqa tad-dwieli li Hu ħawwel* (cfr. S 79,15-16; Mt 20,1s), biex qatt ma jerġa' lura hawnhekk. Għax hu minn Alla kien irċieva għal darbtejn, bil-qawwa ta' impenn akbar minn dak li stenna minnu, *il-qliegħ tat-talent li Hu kien ħalla f'idejh* (cfr. Mt 25,14s).

[269] 3 NARRATUR – Ta' spiss il-kunsilli divini jibqgħu moħbija għalina, u kif tgħid l-Iskrittura, *min qatt għaraf il-ħsieb ta' Alla?* (Għerf 9,13). 14 Mill-awtorità ta' l-Iskrittura mqaddsa hu possibbli għalina nargumentaw li għal raġunijiet differenti, il-bnedmin qaddisa xi mindaqqiet jiġu maħtufin bil-ħniena minn din l-għamara msejkna.

[270] 5 Ta' spiss jista' jiġri li l-erwieħ ta' xi wħud mill-magħżulin, li huma mjassrin fil-ġisem imħassar, isofru mit-tqanqil li jwassal għall-ħażen, *meta l-istinti morda tal-ġisem jiġġieldu kontra l-liġi ta' l-Ispirtu* (cfr. Rum 7,23; 8,2), jew meta l-eżempju ħażin tal-ħtijiet ta' l-oħrajn jagħtihom il-qawwa ta' din is-seduzzjoni li twassal għall-mewt biex jikkommettu azzjonijiet illeċiti. 6 Minn dawn il-miżerji l-profeta kien jixtieq li jkun purifikat, meta fil-persuna tal-bniedem ġust talab hekk: *minn dak li ma nafx bih saffini, u mill-kburija wkoll ħares lill-qaddej tiegħek* (S 18,13). 7 Alla tal-ħniena jagħti widen ta' spiss għal din ix-xewqa tal-magħżulin tiegħu meta Hu jagħtihom il-mistrieħ mit-taħbit

21 L-Anonimu jżid l-informazzjoni ta' l-*Assidua* 17,16, li tgħid li idejn il-qaddis saru bojod wara l-mewt u li l-membri ta' ġismu baqgħu flessibbli, mhux soġġetti għar-*rigor mortis*.

tagħhom, jaħtafhom mid-dinja u jwassalhom għall-ħelsien glorjuż ta' wlied Alla. 8 Għal din ir-raġuni, fil-ktieb ta' l-Għerf hemm miktub rigward il-bniedem ġust: *Ħatfu biex il-ħażen ma jħassarlux moħħu, jew il-qerq iqarrqu b'ruħu* (Għerf 4,11).

[271] 9 Fuq kollox it-tjieba tal-Feddej tqiegħed quddiem għajnejn il-midinbin, bħallikieku quddiem mera, il-ħajja ta' xi perfetti, biex tħeġġiġhom għall-għemil tajjeb. B'dan il-mod huma jsebbħu l-wiċċ tal-bniedem ta' ġewwa bl-abbundanza tal-virtujiet, jew inkella jaħslu bid-dmugħ ta' l-indiema u l-opri ta' ħniena t-tbajja' li wieħed jiċċappas bihom meta jidħol f'kuntatt mal-vizzju. 10 Xi mindaqqiet, iżda, l-Mulej, meta jara li l-ħżiena u dawk li huma rashom iebsa fil-ħażen, jiċħdu l-istedina biex isewwu triqthom, ineħħi lill-ġusti mid-dinja, u jiktibhom b'titlu sħiħ fil-qtajjiet ta' dawk li jgħixu fis-sema. 11 Għal din ir-raġuni, fost it-tifħir l-ieħor ta' missirijiet il-fidi, Pawlu jżid: *neqsin minn kollox, mħabbtin u maħqurin; id-dinja ma kienx jixirqilha jkollha nies bħal dawn* (Lhud 11,37-38). 12 Billi d-dinja ċaħdet l-eżempji tal-ħajja tal-qaddisin, li fuqhom wieħed irid jimmudella d-drawwiet u l-atteġġjamenti tiegħu, hi uriet ruħha li ma jistħoqqilhiex li tieħu sehem fil-kumpanija nobbli tagħhom.

[272] 13 Xi drabi oħrajn, wara li l-qaddejja ta' Alla jkunu qasmu mill-fruntiera ta' din il-ħajja u saħqu l-għedewwa tagħhom, huma jiddaħħlu *fil-ferħ* tal-Mulej tagħhom, billi magħhom *iġorru qatgħet* (cfr. S 125,6) marbutin sewwa ta' virtù, biex hekk huma jifirħu fih b'hena li ma tintemmx għall-merti tagħhom li jiddu. Huma, fiż-żmien tal-pellegrinaġġ tagħhom, b'fedeltà u perseveranza, kienu qdew lill-Mulej bħala sudditi fidili. 14 B'tifħir għal xi wħud minn dawn il-perfetti jingħad lill-anġlu tal-Knisja ta' Sardi: *Madankollu f'Sardi għandek ftit uħud li ma tebbgħux ilbieshom; huma għad jimxu miegħi lebsin l-abjad, għax jistħoqqilhom* (Apk 3,4). 15 Tassew, dak li huma mżejnin bis-safa tal-ħajja matul l-eżilju ta' din l-eżistenza tal-ġisem li jmut, bir-raġun kollu, bħala premju tas-safa tagħhom, huma mkebbin fil-ferħ ta' dejjem ta' l-istola bajda ta' l-immortalità.

## 10 – NIES B'DIŻABILITÀ MFEJJQIN B'MIRAKLU

[273] 1 SEMMIEGĦ – Kellimni issa dwar il-mirakli u l-għeġubijiet li inti sirt taf bihom dwar dan il-qaddis, biex hekk immantni d-devozzjoni tiegħi, kif int kont għidtli nagħmel fil-bidu.
[274] 2 NARRATUR – Biex inkun qasir, se nħalli fis-skiet ir-rakkont ta' bosta għeġubijiet u provi ta' qdusija ta' dan il-bniedem ta' Alla, li kienu mxerrdin mill-fama tiegħu ma' kullimkien. 3 L-intenzjoni tiegħi hi dik li nittrażmetti għall-għarfien ta' kulħadd taħt forma sinċiera l-għeġubijiet li seħħu, wara li miet il-qaddis, u l-aktar fit-territorju ta' Padova, filwaqt li nħalli barra l-mirakli l-oħrajn. 4 L-eżami tal-mirakli mis-sede apostolika tħalla f'idejn il-miqjum isqof ta' Padova, u f'idejn il-prijuri tal-patrijiet Predikaturi u ta' San Benedittu. It-tiftix sar malajr u b'riżultati tajbin, dejjem fir-rispett ta' l-ordni ġudizjarju li, wara li jirċievi x-xhieda dwar il-mirakli konfermati b'ġurament, u wara li jistudja b'attenzjoni l-kundizzjonijiet tal-persuni u tal-fatti, ta' dak li raw u semgħu, tal-post u taż-żmien, u jekk ikun hemm ċirkustanzi oħrajn biex jiġu kontrollati permezz ta' xhieda, kull wieħed minn dawn il-punti jiġi mqiegħed fil-miżien bir-reqqa kollha, isir att pubbliku li jiġi trasmess lis-sede apostolika, bħala prova tal-verità dwar dawn il-fatti.
[275] 5 (I) Il-għada tal-jum li fih il-ġisem ta' l-imqaddes Antnin ġie midfun fil-knisja ta' l-imqaddsa Omm Alla bit-tifħir u l-unuri li kienu jixirqulu, waħda mara, jisimha Cunizza, li kienet mgħawwġa b'mod li jbeżża', ġiet fil-post tal-qabar titwieżen fuq dawk l-istrumenti ta' l-inham li jissejħu krozzi. 6 Fuq spallejha, minħabba tumur li kien inġema' fiha, kienet kibret nefħa tassew kbira, li minħabba fiha hi kienet tgħawwġet ganċ b'mod li titħassarha. Mingħajr il-krozzi hi ma setgħetx tiċċaqlaq bl-ebda mod. 7 Waqfet għal ftit tal-ħin, u nxteħtet titlob quddiem il-qabar. Malajr spallitha ġiet lixxa u quddiem għajnejn kulħadd dik il-ħotba li kellha għabet għal kollox. Il-mara ħalliet hemmhekk il-krozzi, u qamet dritta u setgħet tmur lura d-dar.
[276] 8 (II) F'Padova kienet tgħix waħda mara jisimha Riccarda, li kważi n-nies kollha tal-belt kienu jafuha. Kienet ilha għal għoxrin sena b'riġlejha nexfin, u kienet saret hekk bla forma li rkobbtejha kienu milwijin b'tali mod li kienu mqabbdin ma' sidirha u saqajha kienu mwaħħlin mal-warrani. 9 Jum minnhom waslet, imwieżna minn krozzi, quddiem it-tempju tal-missier imqaddes biex hemmhekk tittallab il-karità flimkien ma' tallaba oħrajn. Inħakmet minn nagħas u mejjlet

rasha lejn l-art u raqdet. 10 Waqt li kienet qegħda tistrieħ, semgħet vuċi tgħajjat: "Nizżu ħajr lil Alla, għaliex ġiet imfejjqa". 11 Dik il-mara qamet mir-raqda, u rat tifla li kienet ġiet hemmhekk kollha milwija u li issa kienet imfejjqa għall-merti tal-missier l-aktar qaddis, u kienet sejra akkumpanjata minn ħafna persuni. 12 Għaldaqstant hi qamet kif setgħet, u marret titkaxkar lejn il-qabar, bl-iskop li tikseb il-fejqan. 13 Meta ma kienetx bogħod mid-daħla tal-knisja, deher quddiemha tifel ta' seba' snin li mexa quddiemha b'idejh marbutin, u kien jistedinha biex tidħol: "Ejja, ejja f'isem il-Mulej, għaliex Hu se jeħilsek". 14 Il-mara, titkaxkar bi tbatija wara l-marki tar-riġlejn ta' dak it-tfajjel, waslet fuq il-għatba tal-knisja; imma proprju waqt li kienet wieqfa fil-bieb, dak għeb minn quddiemha; minkejja dan hi kompliet titkaxkar sa ma waslet fil-grada li ddawwar il-qabar. 15 Waqt li kienet qegħda titlob, żewġ blalen żgħar qishom bajd qabżulha 'l barra minn bejn qaddejha u l-wirk, u filwaqt li beda ħiereġ bħal ilma minn taħt il-ġilda, dawk il-blalen baqgħu neżlin 'l isfel sa riġlejha, u ikkawżaw ħoss li kulħadd semgħu, li kien donnu ċapċip ta' l-idejn. 16 F'dak il-mument riġlejha li kienu ilhom nexfin għoxrin sena, quddiem għajnejn kulħadd bdew jitwalu, il-ġilda bdiet titwal u l-laħam li kien mixrub beda jikber bħalma kien jagħmel fi tfulitha. 17 Il-mara telqet hemmhekk il-krozzi li kienu jservuha biex tiċċaqlaq, u marret lura d-dar, u bdiet miexja b'pass żgur f'nofs il-belt quddiem l-istagħġib taċ-ċittadini li kienu jafuha.

[277] 18 (III) Waħda mara, li kien jisimha Maria, filwaqt li kienet għassa mad-dbieb ta' missierha fuq xatt ix-xmara Brenta, marret toqgħod bilqiegħda taħt siġra tal-ġewż. Dak il-ħin ħareġ mix-xmara bħal raġel iswed li ġie dritt lejha, u wara li ħatafha bejn dirgħajh ħadha bil-għaġġla taħt siġra oħra tal-ġewż li ma kienetx tant bogħod. 19 Hemmhekk, b'xewqa li jivvjolentaha, xeħetha ma' l-art; imbagħad ħallieha hemmhekk fi stat tal-biki, b'ħotba fuq sidirha, bl-irkobba milwija, bl-għadam ta' riġilha miksur fl-għaksa; hi setgħet tasal id-dar biss għax ġie jġorrha missierha. 20 Damet għal ħames snin u aktar f'dik il-qagħda ta' diżabilità; imbagħad ħaduha fuq il-qabar tal-wisq imqaddes missier Antnin, u għall-merti tiegħu hi reġgħet kisbet saħħitha lura. 21 Fil-mument tal-fejqan, kellha sensazzjoni li id kienet qed tmellisha bil-ħlewwa bejn il-ġisem u l-għadam; u li l-membri ta' ġisimha, li qabel kienu jsofru uġigħ mill-aktar kiefer, kienu donnhom qegħdin jirċievu messaġġi bil-ħlewwa minn xi id esperta.

[278] 22 (IV) Waħda mara oħra, li kien jisimha Gisla, kienet ilha mgħawwġa għal tmien snin, kellha r-riġel tax-xellug niexef u n-nervituri mgħawwġin, u ma setgħet bl-ebda mod tpoġġi riġlejha ma' l-art biex timxi. 23 Żewġha, li kien jismu Marcoaldo, refagħha u poġġieha fuq is-sella ta' żiemel, u mbagħad ħadha u ħallieha quddiem il-qabar tal-qaddis, filwaqt li talbu għaliha bil-ħniena; għarkobbtejha, hi ikkonċentrat il-forzi kollha tagħha biex titlob, imma bdiet tinħakem minn uġigħ hekk kiefer li, billi ma felħitx tissapporti s-sħana kbira li ġriet ma' ġisimha kollu, xi irġiel ħarġuha barra, biex hi tkun tista' tistrieħ ftit u tieħu arja friska. 24 Wara ftit reġgħu daħħluha quddiem il-qabar tal-qaddis, filwaqt li hi kienet tittallab ħniena. Il-mara ħasset id ta' raġel li tmissha fuq żaqqha, bħallikieku kienet qed tipprova tqajjimha. 25 Hi kienet kurjuża biex tkun taf min kien li kien messha b'idu, u għalhekk fetħet għajnejha, imma qrib tagħha ma rat lil ħadd. 26 Għalhekk il-mara fehmet li kien hemm qawwa divina f'dak li kienet qed tħoss, u dak il-ħin stess qamet weħidha bilwieqfa, u wara li ħalliet hemm il-krozzi, telqet kollha hienja u f'saħħitha flimkien ma' żewġha.

[279] 27 (V) Waħda tifla, jisimha Agnese, għal perjodu ta' tliet snin kienet għal kollox imfarrka u bla forzi, għax kienet issofri minn marda. L-imsaren tagħha kienu hekk nexfin, li malli hi kienet tieħu ftit ikel, kienet mall-ewwel tirriġettah minn ħalqha, mingħajr lanqas biss ma tkun bdiet id-diġestjoni. Fl-aħħarnett din id-disfunzjoni tant aggravat ruħha, li kien kważi ingħalqilha l-osofagu, u bi tbatija kbira kienet tista' tibla r-riq jew xi ħaġa ta' l-ikel ratba. 28 Jum minnhom, għaldaqstant, ġarrewha u poġġewha fuq il-qabar tal-qaddis, imma inħakmet minn uġigħ mill-aktar kiefer u kienet donnha sejra tmut. 29 Meta dak l-uġigħ kbir li kien iġiegħel lil ġisimha jitgħawweġ ganċ beda jbatti bil-mod il-mod, it-tifla bdiet issejjaħ lil ommha li kienet hemm qrib tagħha, u bdiet tgħidilha li tant kellha ġuħ li kienet kapaċi tiekol ħobża sħiħa. 30 Dik l-omm, tfur bil-ferħ, qabdet lil bintha u ħaditha minn hemm; dak il-ħin stess tawha tiekol, u hi żammet dak l-ikel; il-ġisem niexef reġa' beda jirkupra fil-bixra normali tiegħu, u t-tifla ċkejkna setgħet tmur lura d-dar.

[280] 31 (VI) F'Codigoro, waħda tfajla li kien jisimha Samaritana, marret flimkien ma' sħabha fil-għalqa ta' missierha biex tiġbor il-piżelli. F'daqqa waħda rkobbtejha ltwewlha, hekk li ma setgħetx tmur lura lejn dar missierha, u kellhom iġorruha sħabha. 32 Il-marda bdiet tissaħħaħ,

u għal tliet snin hi setgħet tiċċaqlaq biss jekk timxi imbè, u ħaġa li kienet tbikkik, kienet tkaxkar żaqqha ma' l-art. 33 Jum minnhom ġiet ma' ommha fuq il-qabar tal-qaddis u wara li marret tqerr, resqet titlob bil-ħerqa lejn l-Arka. Hemmhekk waqfet biss għal ftit tal-ħin, għaliex għall-merti tal-missier l-aktar qaddis, intradditilha s-saħħa ta' qabel, u setgħet tmur lura d-dar fuq riġlejha. 34 Meta l-aħbar tħabbret lill-popolazzjoni ta' Codigoro, ilkoll ġew jiltaqgħu magħha bid-daqq tal-qniepen; u filwaqt li raw bl-għajnejn tal-fidi tagħhom il-kobor ta' Alla, huma faħħruh ilkoll flimkien bil-venerazzjoni li tixraqlu.

[281] 35 (VII) Federico, mill-*contado* ta' Concordia, minħabba nuqqas ta' ħsieb waqa' mill-knisja ta' Polcenigo, u kellu ħsara kbira fil-kliewi. Hu seta' jiċċaqlaq minn post għal ieħor biss billi jitwieżen fuq krozzi. 36 Ġie għalhekk fuq il-qabar tal-missier imqaddes u hemmhekk għamel wegħda, u reġa' kiseb is-saħħa ta' qabel. Ħalla warajh il-krozzi u kien jimxi dritt, bl-istagħġib ta' dawk kollha li kienu jħarsu lejh, u hekk mar lura lejn daru.

[282] 37 (VIII) Fil-belt ta' Venezia waħda mara li kien jisimha Cesaria kienet ilha aktar minn sentejn b'idha niexfa u r-riġel tax-xellug kien mgħawweġ. Meta hi semgħet bil-mirakli tal-missier imqaddes, marret tħaffef lejn Padova. 38 Billi ma setgħetx tersaq lejn il-qabar, minħabba l-folol kbar ta' nies morda li kien hemm, hi sforzat ruħha biex tmiss il-qabar billi ttawwal ir-riġel tagħha. 39 Malli tawwlet ir-riġel, bix-xewqa mħeġġa li tfiq, f'daqqa waħda hi nħakmet minn uġigħ hekk qawwi li bdiet togħroq minħabba l-affann, u bdiet tħoss li l-ġewwieni tagħha kien donnu jrid joħorġilha barra minn ġisimha. 40 Dawk li kienu preżenti, meta raw dik it-tbatija tal-mara, li kienet għoddha sejra tmut u lanqas setgħet titkellem, ħarġuha minn ħdejn il-qabar u meddewha mal-ħajt tat-tempju sabiex tkun tista' tistrieħ. 41 Wara li damet hekk għal ftit taż-żmien, hi waqfet milli togħroq, u qamet bilwieqfa. Hi akkwistat b'hekk id-don tal-fejqan kemm ta' idha kif ukoll tar-riġel, u marret ferħana, filwaqt li raddet ħajr kif jixraq lil Alla.

[283] 42 (IX) Prosdocima kienet mart il-mejjet Mainerio di Noventa u kellha idha u riġlejha milwijin. Ħaduha fuq il-qabar tal-missier imqaddes fuq karru. 43 Daħħluha u poġġewha fuq l-Arka. Quddiem għajnejn kulħadd riġlejha drittaw, u reġgħu lura b'mod perfett għall-movimenti normali tagħhom; idha għall-bidu bdiet titriegħed ftit, imbagħad bdiet tinfetaħ u tikber dak il-ħin stess, hekk li setgħet tagħlaqha u tiftaħha mill-ġdid, bl-għajnuna ta' dawk li kienu jħarsu l-Arka.

[284] 44 (X) Margherita, ċittadina minn Padova, lejl minnhom kienet qed tistrieħ fl-irqad, imma kellha sensazzjoni li waqgħet mill-għoli u stabtet ma' l-art. 45 Meta qamet mir-raqda sabet li kellha għonqha mgħawweġ, idha x-xellugija u riġlejha wkoll imqassrin. L-għaksa kienet qisha mdendla, hekk li bil-ħniena setgħet tmiss l-art bil-ponot ta' subgħajha. 46 Imma jum minnhom ħaduha fuq il-qabar, u dak il-ħin stess għonqha dritta u rasha reġgħet ħadet il-pożizzjoni naturali tagħha. Imbagħad kisbet il-fejqan ta' idha u tar-riġel u għall-merti ta' l-istess missier qaddis niżlet id-dar meħlusa.

## 11 – DWAR IL-KUNĊETT TA' MIRAKLU U GĦALIEX XI MORDA JSOFRU MINN TBATIJIET KBAR

[285] 1 SEMMIEGĦ – Meta segwejt il-fil tar-rakkont tiegħek, tqanqlu fija żewġ motivi ta' stagħġib: kif inhu li tant għeġubijiet iseħħu b'mod hekk malajr u b'evidenza ta' dak il-ħin stess; u għaliex xi mirakolati, qabel ġew imfejjqin, kellhom isofru, kif għidt int, minn tbatijiet kbar?
[286] 2 NARRATUR – Jekk inqisu l-ġrajjiet biss bil-ġudizzju li hu bażat fuq dak li naraw b'għajnejna, dak li qegħdin nirrakkontaw hu ċertament kbir, ma nistgħux nifhmuh għal kollox, u li jgħaġġibna. 3 Imma jekk nindagaw bid-dawl tar-raġuni l-ordni naturali li hemm f'kull ħaġa, niskopru li l-miraklu wkoll hu suġġett għall-Ħallieq tiegħu, li jista' jagħmel dak li jrid; għaliex, tabilħaqq, xejn ma jista' jkun diffiċli għall-qawwa li toħloq, meta hi tkun trid twettaq l-għemejjel tagħha; u għan-natura ma tiġi qatt nieqsa l-kapaċità li tobdi, meta dan ikun jogħġob għal Dak li jkun taha din il-grazzja.
[287] 4 Għaldaqstant, billi Alla għandu dejjem u kullimkien il-qawwa – minħabba l-maestà assoluta ta' l-onnipotenza tiegħu – li jwettaq dak li jrid, għalkemm tidher iebsa kull ħaġa li Hu jwettaq meta jiddispensa mill-kors naturali tal-liġijiet tan-natura, minkejja dan ma tafx b'dewmien il-grazzja li Alla jsawwab bil-ġenerożità, sakemm din ma ssibx reżistenza mill-persuna li lilha Alla jqassam bil-ħniena d-doni tat-tjieba tiegħu. 5 Jeħtieġ iżda nosservaw b'għaqal li, kif isostnu dawk li huma esperti, mhux dak kollu li jidher stramb għal dawk li jħarsu lejh għandu jiġi attribwit lil azzjoni mirakoluża. 6 Fil-kunċett ta' miraklu hemm differenza mhux żgħira bejn dak li jiġri skond id-dispożizzjoni li hemm sa mill-oriġini tal-ħwejjeġ, jiġifieri skond l-andament ordinarju

tan-natura, u dak li jiġi magħmul kontra l-liġijiet tan-natura, u l-aktar b'mod soprannaturali[22].

[288] 7 Dak li, kif għadna kemm għidna, iseħħ skond id-dispożizzjoni ordinarja ta' realtà, jiġifieri skond il-liġijiet tas-soltu tan-natura, ma għandux proprjament jissejjaħ miraklu jew xi ħaġa ta' min jammiraha u li tgħaġġibna. 8 Imma l-fenomeni li, bis-sinjal ta' Alla, jiġu prodotti fil-kors tas-soltu tan-natura, per eżempju mejjet li jerġa' jgħix, għama li jibda jara u oħrajn jixbħuhom, ġustament jirċievu l-isem ta' mirakli, għaliex hu mill-virtù l-aktar għolja li dawn in-nies jirċievu l-fejqan biex jirritornaw għal xi kundizzjoni jew stat determinat. Fil-fatt, mingħajr din il-qawwa divina, huma qatt ma jkunu jistgħu jirritornaw għall-istat ta' qabel bil-ħila tagħhom stess. 9 Huma fenomeni soprannaturali dawk li fihom in-natura stess, filwaqt li tobdi lill-Ħallieq, tiġi mgħollija 'l fuq mill-possibilitajiet tagħha, hekk li twessa' t-trufijiet tal-kapaċità tagħha għal fatti li minnhom kienet tbiegħdet l-aktar. Fil-għadd ta' dawn il-mirakli ta' min jinkludi l-opra ta' l-inkarnazzjoni - ħaġa meraviljuża, iva, imma mhux miraklu, għaliex hi mwettqa mhux kontra l-kors tan-natura, imma bl-elevazzjoni tan-natura għal stat li jmur 'il fuq min-natura nnifisha.

[289] 10 Irridu ngħidu fl-aħħarnett li jiġru barra mill-ambitu tan-natura xi fenomeni li, għalkemm huma moħbijin għas-sensi tal-ġisem, imma xorta għandhom ċerta uniformità u ordni fin-natura. 11 Skond il-parir ta' qaddis, il-miraklu tal-bsaten mibdulin fi sriep li għamlu s-saħħara tal-Fargħun, ma kienux proprjament mirakli u lanqas fatti ta' l-għaġeb, imma biss xi ħaġa barra mill-ordinarju, li ma setgħetx tiġi spjegata għall-ħarsa ta' dawk li kienu raw dawn il-fatti[23]. Dawn is-saħħara kixfu, bl-għajnuna tad-demonji, xi prinċipji ta' ħajja li kienu moħbijin fl-elementi tad-dinja, u ħarġu minnhom xi speċi naturali, imma dejjem għax ippermetta l-Mulej. 12 Barra mill-każ ta' l-inkarnazzjoni u wkoll mill-abilità tas-saħħara u tad-demonji, ta' spiss fl-intern ta' l-ordni naturali naraw li jiġi realizzat dan il-fenomenu:

---

22 Dan hu *excursus* qasir dwar il-kunċett ta' miraklu, skond it-teoloġija kattolika ta' dak iż-żmien. Tumas d'Aquino fid-*De potentia*, q. 6, art. 2, ad 3, jipproponi l-istess klassifika billi jitkellem minn tliet kategoriji ta' mirakli *supra, contra, praeter naturam*.

23 L-awtur qiegħed jirreferi għal Eżodu 7,12. Il-qaddis li jikkwota hu Santu Wistin, *Quaestiones in Heptateuchum* II,21: PL 34, 602.

hemm żerriegħa ta' ħajja li tiżviluppa fi ħlejqa sensibbli, basta li hemm qbil mal-prinċipji tal-ħajja, skond dak li jaqbel fiż-żmien, u f'modi u limiti determinati.

[290] 13 Rigward it-tieni raġuni tat-tħassib tiegħek, jiġifieri għaliex xi mirakolati jsofru tbatijiet kbar f'ġisimhom, jiena nwieġeb li dan hu ċertament mitlub jew minħabba fidi li tkun għadha nieqsa, inkella minħabba l-ħażen tal-ħtija li jkunu wettqu qabel u li ma jkunux għadhom pattew għaliha. Dan biex, ukoll permezz ta' pwieni tal-ġisem jiġu imsoffija b'mod aktar perfett dawk li, kif għidt, ikollhom fidi dgħajfa, jew inkella jkunu wettqu xi ħażen u ma pattewx għalih, jew inkella jkollhom iż-żewġ affarijiet, u hekk juru li huma inqas disposti biex jilqgħu fihom il-grazzja. 14 Sabiex imbagħad dawn l-aspetti li qegħdin inħabbru jidhru f'dawl aktar ċar għall-eżami tagħna, ejjew niftakru f'żewġ morda li fl-Evanġelju jiġu mfejjqin bil-qawwa tal-Feddej tagħna.

[291] 15 Dwar dak ir-raġel għama li, skond ix-xhieda ta' Mark, ingħatalu d-dawl wara li Ġesù applika r-riq tiegħu fuq għajnejh, l-evanġelista jkompli jżid: *Ġesù qabad l-għama minn idu u ħadu barra mir-raħal, beżaqlu f'għajnejh, qiegħed idejh fuqu u staqsieh: "Qiegħed tara xi ħaġa?" Dak ħares 'il fuq u qal: "Qiegħed nara n-nies, imma qiegħed narahom donnhom siġar mexjin". Imbagħad reġa' qegħedlu jdejh fuq għajnejh, u beda jara ċar: u kien imfejjaq, hekk li sar jara kollox tajjeb mill-bogħod ukoll* (Mk 8,23-25). 16 Din kif inhi li l-għama, wara li kien imxarrab bir-riq ta' Ġesù li jqiegħed idu fuqu għall-ewwel darba, ma setax jara b'mod perfett? Ikollna nikkonkludu b'mod evidenti li l-fatt li kiseb lura d-dawl b'mod imperfett kien konsegwenza tal-fatt li l-fidi tiegħu kienet għadha wkoll imperfetta. 17 Fil-fatt, Ġesù meta qiegħed idejh fuqu għall-ewwel darba ma kienx inqas qawwi mit-tieni darba li qiegħed idejh fuqu. Bil-mod li hu għażel biex ifejjaq lill-għama, l-imgħallem tas-sema ried jirrivela li, aktar ma dak kiber fil-merti tal-fidi tiegħu, aktar seta' jkun jistħoqqlu li jakkwista l-misteru tal-ħelsien perfett.

[292] 18 Rigward ir-raġel trux u mutu, li jiġi mfejjaq mill-kelma tal-Feddej, l-istess Mark jikteb: *Ġesù qal lill-missier it-tifel: "Jekk tista'! Kollox jista' jkun għal min jemmen!" Missier it-tifel minnufih beda jgħajjat u jgħid: "Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!"* (cfr. Mk 9,22-23). 19 Daqs li kieku qallu espliċitament: "Jiena nifhem mill-kliem tiegħek, Mulej, li biex naqla' l-grazzja tas-saħħa ta' ibni hi

indispensabbli l-fidi; u billi jiena nara li l-fidi tiegħi ma hix biżżejjed, inti li int mimli ħniena fit-tjieba tiegħek, u li inti ħafna akbar minn kemm jistgħu jkunu x-xewqat u l-merti tiegħi, nitolbok tkabbar il-fidi tiegħi, li permezz tagħha jiena nasal biex naqla' b'mod sħiħ dak li jiena nitolbok".

[293] 20 L-evanġelista mbagħad iżid: *U filwaqt li qabad jixher u jħabbtu ħafna,(l-ispirtu ħażin) ħareġ minnu, u t-tifel inxteħet għal mejjet* (Mk 9,26). 21 Hu magħruf li teħtieġ qawwa akbar biex jitkeċċa raġel b'saħħtu mid-dar li fiha jgħix trankwill, milli li wieħed jiġġieled kontra raġel fit-triq, sabiex dan ma jagħmilx ħsara. 22 Dak li wasal b'tant qawwa biex ikeċċi d-demonju trux u mutu mill-ġisem tat-tifel maħkum minnu, forsi ma kienx ukoll fi grad li ma jħallix lid-demonju joħroġ bla ma jħabbat lit-tifel? 23 Ċertament l-istess ħruxija tat-tbatija li dehret f'dak il-ġisem waqt li Ġesù kien qiegħed ifejjqu, tgħallem li l-liberazzjoni, li hi meritata mid-devozzjoni tal-fidi, damet ftit ma twettqet minħabba dnub li kien sar qabel u li ma kienx għadu ġie espjat għal kollox.

## 12 – MIRAKLI OĦRAJN

[294] 1 SEMMIEGĦ – Nitolbok għal darb'oħra biex tkompli tispjegali kif inti sirt taf b'mirakli oħrajn ta' l-imsemmi missier qaddis, u li inti tiftakarhom.

[295] 2 NARRATUR – (XI) Wieħed żagħżugħ jismu Tridentino kellu għadma mqabbża fil-qasba ta' daru, u fi żmien ħames snin kien kostrett li jimxi mgħawweġ ganċ, b'idejh imdendlin sa rkobbtejh. Kien jitwieżen bil-krozzi, u wasal sal-qabar tal-qaddis. 3 Ommu, mimlija bil-fidi, qiegħditu għal ftit tal-ħin fuq l-Arka; dak il-ħin stess il-ħotba twittiet, u hu niżel minn hemm wieqaf dritt; ħalla hemmhekk il-krozzi, u flimkien ma' ommu mar lura d-dar ifaħħar lil Alla.

[296] 4 (XII) Wieħed raġel jismu Veridoto kien iddgħajjef minn marda mill-aktar gravi, għax hu kellu l-kliewi maqsumin u kien ħotbi, hekk li kien jitkaxkar u jitwieżen fuq krozzi, u rasu kienet imdendla kważi sa l-art. 5 Ommu ħaditu magħha fuq il-qabar tal-missier imqaddes, u dak il-ħin stess beda jħossu maħkum minn uġigħ hekk qawwi li kien donnu paralizzat f'ġismu kollu u beda jogħroq ħafna. 6 Bil-mod il-mod l-

għaraq għab u dak ir-raġel, quddiem dawk kollha li kienu hemmhekk, ġie mfejjaq fil-kliewi u għall-merti tal-qaddis il-ħotba għabet dak il-ħin stess.

[297] 7 (XIII) Fil-belt ta' Treviso waħda mara jisimha Veneziana, għal sentejn u fuqhom kellha ħotba fuq sidirha kbira daqs ħobża; u meta kienet trid tiċċaqlaq minħabba l-ħtieġa, rasha kienet tinżel sa rkobbtejha. 8 Ġiet fuq il-qabar tal-missier imqaddes, u damet hemm tlitt ijiem titlob. Wara dan kisbet is-saħħa li kienet tixtieq, il-ħotba niżlet u rasha setgħet terfagħha, u telqet minn hemm trodd ħajr lil Alla u lill-imqaddes Antnin.

[298] 9 (XIV) Solagna di Montagnana kienet ilha paralizzata għal sena u xahar. Hi għamlet wegħda mal-missier l-aktar qaddis li kellha titlob li joħduha fuq il-qabar tiegħu biex hemm tikseb il-fejqan. 10 Waqt li lejl minnhom kienet rieqda, mimduda fuq il-friex tagħha, semgħet ħoss bħal dak ta' min kien qiegħed iħabbat fuq sieq is-sodda, u qamet b'ħasda, u kollha biża' baqgħet tishar. 11 Wara ftit tal-ħin semgħet mill-ġdid min qiegħed iħabbat fuq sieq is-sodda, u hi imtliet bil-kuraġġ u raddet is-salib, u għajtet: "Min qiegħed imiss is-sodda?" Semgħet leħen li qalilha: "Kuraġġ, qum minn hemm". 12 U hi mill-ġdid: "Min int, sinjur?" Il-leħen weġibha: "Jiena Antnin". Allura l-mara għajtet bi stagħġib: "Sant'Antnin, eħlisni". U hu weġibha: "Ara, inti mfejjqa". 13 Malli sebaħ filgħodu dik il-mara qamet imfejjqa; u għall-merti tal-qaddis ma ħassitx aktar l-ebda tbatija, u minn dak il-ħin baqgħet tgħix f'saħħitha.

[299] 14 (XV) Wieħed raġel jismu Bartolomeo minn Piove di Sacco kien mutu sa minn tfulitu u għal erbtax-il sena kien imħabbat bl-iżventura li kien paralizzat f'ġismu kollu. Wara li għamel wegħda mar jitlob fuq il-qabar tal-missier imqaddes. 15 Hawnhekk kompla jinsisti fit-talb b'fidi u devozzjoni sħiħa, hekk li lsienu nħall u beda jfaħħar lil Alla. Dak li kien ġie hemmhekk għax ġarrewh in-nies, issa telaq minn hemm jimxi fuq riġlejh.

[300] 16 (XVI) Fil-*contado* ta' Ferrara waħda mara, jisimha Maria, kienet ilha għal erba' snin deformata fiżikament, u kienet issofri minn tregħid kostanti f'rasha. 17 Ġiet fil-post fejn hu midfun il-missier qaddis, u hemm baqgħet titlob bil-qima kollha. F'daqqa waħda n-nervituri tagħha bdew jitqawwew mill-ġdid, filwaqt li rasha ma komplietx titriegħed kif kienet tagħmel is-soltu. 18 Il-mara qamet u baqgħet

wieqfa fuq riġlejha, quddiem il-preżenza ta' ħafna. Kisbet mill-ġdid saħħitha u marret lura d-dar tfaħħar lil Alla.

[301] 19 (XVII) Wieħed raġel minn Porciglia, jismu Sconito, li kellu riġlejh b'ferita tnixxi l-materja u bil-vini kollha minfuħin, ġie fuq il-qabar tal-missier imqaddes, billi ġarru raġel fuq daru. 20 Wara li qerr u rċieva l-penitenza minn patri, u wara li dan bagħatu, ħaduh fuq il-qabar tal-qaddis. 21 Hemmhekk, wara li talab bil-ħniena u d-devozzjoni l-għajnuna tal-qaddis, mar lura mfejjaq hekk malajr għand dak il-patri li kien qerr għandu, li r-reliġjuż baqa' mbellaħ għall-veloċità ta' dak il-miraklu, u mar miegħu jippassiġġa quddiem u lura fil-kjostru.

[302] 22 (XVIII) Ermerina minn Vicenza kienet ilha ħames snin paralizzata f'riġlejha. Kull meta kien ikollha bżonn tiċċaqlaq, kienet tkaxkar ġisimha donnu se jaqa' u ma jaqax 'il quddiem u lura. 23 Ġiet fuq il-qabar tal-missier imqaddes, inxteħtet hemmhekk titlob, u malajr irnexxielha taqla' l-fejqan mixtieq.

[303] 24 (XIX) Bl-istess mod, mara oħra, li kien jisimha Bilia, kienet ilha tliet snin maħkuma minn paralisi f'ġisimha kollu, u fl-aħħarnett waslet titkaxkar fuq l-Arka tal-missier imqaddes. 25 Damet żmien mhux ħażin quddiem il-qabar, sakemm ġiet maħkuma minn fwawar ta' sħana u bdiet titriegħed b'mod li jbeżżgħek. 26 L-irġiel u n-nisa li kienu hemm bdew jibku xħin raw din ix-xena. 27 Imma meta ħarġuha mill-bieb tat-tempju, wara li qagħdet għal ftit ħin tieħu n-nifs, il-fawra tas-sħana ħallietha u ma baqgħetx titriegħed iżjed. Hekk ingħatatilha s-saħħa li kellha qabel, u marret timxi bil-ħeffa lejn id-dar.

## 13 – ĦTIEĠA LI NIRRIKORRU GĦALL-PROTEZZJONI TAL-QADDISIN

[304] 1 SEMMIEGĦ – Inħoss li, b'mod xieraq, mhuwiex inqas ta' ħtieġa li l-insara jittallbu l-favur tal-qaddejja ta' Alla, li bil-medjazzjoni tagħhom ta' spiss naqilgħu benefiċċji u grazzi ta' l-għaġeb.

[305] 2 NARRATUR – Hu tassew meħtieġ, kif tafferma int, li aħna nerfgħu l-għajnejn ta' moħħna *lejn l-għolijiet* eterni, mnejn *tiġina l-għajnuna* (cfr. S 120,1). Il-qaddisin, bl-interċessjoni tagħhom, iħabblu rashom dwar dawk il-ħwejjeġ li huma għeżież għalina, u mhux biss jikkuntentaw ruħhom li jagħtuna biss dak li aħna nitolbuhom, imma

wkoll ta' spiss iqassmu lil dawk li jitolbuhom, fl-abbundanza tat-tjieba tagħhom, ħwejjeġ li jaqblu għalihom aktar minn dawk li kienu talbuhom. 3 Mhux biss, imma aħna nitolbu lill-qaddisin il-benefiċċji għal ħajjitna f'din id-dinja, bħallikieku konna wlied u werrieta, jew inkella nitolbuhom temp tajjeb, biex l-art tkattar il-frott tagħha, u ta' spiss ukoll is-saħħa tal-ġisem. Meta aħna nkunu qlajna dawn il-grazzji kif nixtiequ, jew anke meta dawn jiġu miċħudin lilna għaliex inkunu nixtiequ għalina ħwejjeġ li jagħmlulna ħsara, huma bl-interċessjoni tagħhom jagħtuna ż-żjieda tal-grazzja li naħdmu sewwa, u ta' spiss bil-ħniena ta' Alla jaqilgħulna wkoll il-maħfra ta' dnubietna.

[306] 4 Pietru u Ġwanni juruna b'mod żgur dawn il-grazzji, li ta' spiss jiġu mogħtijin b'abbundanza aktar milli jistħoqqilhom il-merti ta' dawk li jitolbuhom. Huma, lir-*raġel magħtub li kien jittallab il-karità ħdejn il-Bieb is-Sabiħ tat-tempju* (cfr. Atti 3,1-2), u li kien jittama li jirċievi karità materjali f'idejh, tawh id-don tas-saħħa tal-ġisem, li kienet ħaġa li tmur 'il hemm minn dak li hu seta' jistenna, u aktar mis-salvazzjoni spiritwali, taw id-don tal-fidi lil dak li ma kienx talabha mingħandhom.

5 Xi jfisser il-magħtub jekk mhux il-bniedem midneb, li ma jirnexxilux jibqa' wieqaf għaliex hu paralizzat f'riġlejh, jiġifieri għandu fidi u għemil neqsin? F'dan ir-rigward Elija jgħid lil xi midinbin: *Kemm se ddumu titlajjaw min-naħa għall-oħra?* (1Slat 18,21). 6 Tassew, dawk li huma mħassbin biex jogħġbu fl-istess ħin lill-Mulej u lill-Bagħal bil-fidi u bl-għemil, ma jaqblux mal-kult xieraq u ma joffruħx la lill-wieħed u lanqas lill-ieħor, u jkunu qishom izappu fuq ir-riġlejn.

[307] 7 Bir-raġun, skond xi awturi, dan l-imsejken kien paralitiku. Għaliex il-midneb iqis lilu nnifsu dgħajjef wisq biex jilħaq ir-realtajiet tas-sema, u jibqa' paralizzat fil-qiegħa ta' l-art, u lanqas ma jitqażżeż il-pjaċiri li jagħmlulu ħsara. 8 Dan ir-raġel, iżda, meta qies il-ħsara li tnisslet minn dik il-qagħda msejkna tiegħu, mall-ewwel nidem u beda jibki u jittallab mingħand dawk l-irġiel perfetti u qaddisin dak li kien jonqsu fix-xewqat tiegħu. 9 Dwaru ġie miktub: *Dak baqa' jħares lejhom, jistenna li se jaqla' xi ħaġa minn għandhom*, jiġifieri xi ħaġa temporali.

10 Ġustament Pietru wieġbu: *Fidda u deheb ma għandix; imma dak li għandi se nagħtihulek.* 11 Donnu fi kliem ieħor irid jgħidlu: "Bit-talb tiegħek int qed titlob il-profitti ta' benefiċċju ta' din id-dinja, ħaġa

li, skond l-għerf tal-qaddisin, meta tqabbilha mal-ġid spiritwali, ma tiswa xejn. Tajjeb, mela jiena se noffrilek ħwejjeġ ħafna aktar meħtieġa li inti ma tlabthomx, u li inti għandek tqiegħdhom quddiem kull għana materjali li tgħaddi".

12 U jsegwi: *Fl-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret, qum u imxi!* Hawnhekk jeħtieġ nosservaw b'attenzjoni, li rigward l-isem tal-Feddej tiġi mwiegħda l-grazzja li se tingħata; Ġesù Kristu, fil-fatt, hu l-oriġini u l-iskop ta' kull grazzja ta' salvazzjoni. 13 Jgħidlu: *Qum u imxi*; bħallikieku qiegħed jifhem li jafferma b'mod ċar kelmiet jixbħuhom: "Qum mill-ġid tad-dinja u iddritta bl-intenzjoni li takkwista l-ħwejjeġ eterni, u ibqa' miexi bl-abbundanza ta' l-għemejjel tajba. 14 U mbagħad jiżdied fil-qosor: *U qabdu minn idu l-leminija u qajjmu. Minnufih riġlejh u l-għekiesi tiegħu ħadu saħħithom* (cfr. Atti 3,5-7).

15 Billi ta' spiss il-qaddisin jintebħu kemm ikunu għadhom għażżenin fl-impenn ta' perfezzjoni dawk li huma kienu imbuttawhom biex jibdew ħajja spiritwali permezz tat-talb tagħhom, huma jkattru t-talb tagħhom quddiem Alla u f'ċertu sens joffru idhom bħala għajnuna, u bl-id il-leminija jgħolluhom lejn il-virtujiet meta jsaħħulhom ir-riġlejn ta' ħsibijiethom u l-għekiesi ta' l-azzjonijiet tagħhom u jqawwuhom fid-don tal-perseveranza.

[308] 16 SEMMIEGĦ – Nistqarr li jogħġobni dak li inti qiegħed tispjegali dwar l-interċessjoni tal-qaddisin; inti ddikjarajt b'evidenza u b'mod meħtieġ kemm huma jaħsbu f'dawk li jitolbuhom grazzji. 17 Issa, iżda, nitolbok biex ma jiddispjaċikx li tkompli r-rakkont li diġà bdejt, hekk li inti tkun tista' tesponi, kif jiena nixtieq, il-mirakli li fadal.

## 14 – GĦOMJA, TOROX, MUTI U MORDA OĦRAJN IMFEJJQIN

[309] 1 NARRATUR (XX) Wieħed patri ta' l-Ordni tagħna[24], jismu Teodorico, kien ilu sentejn nieqes mid-dawl ta' għajnu tax-xellug. Dan ġie mill-inħawi tal-Puglia biex jitlob fuq il-qabar tal-qaddis missier Antnin. 2 Meta kien jgħix għal xi żmien mal-patrijiet ta' Padova, hu

24 Id-*Dialogus* ibiddel l-espressjoni *de ordine fratrum Minorum* ta' l-*Assidua* 33,3 fl-espressjoni *de ordine nostro*, biex juri r-rabta intima tiegħu ma' l-Ordni li tiegħu kien membru.

kien jitlob quddiem l-Arka tal-qaddis b'ħeġġa l-grazzja tal-qdusija. 3 Fl-aħħarnett hu akkwista d-dawl mixtieq ta' l-għajn tiegħu, u mimli hena u jkanta tifħir bil-ferħ kollu reġa' lura lejn l-art li minnha kien ġie.

[310] 4 (XXI) Waħda mara Ġermaniża, jisimha Carolina, kienet ilha seba' snin għamja f'għajnejha t-tnejn, u ġie bid-devozzjoni fuq il-qabar tal-missier imqaddes. Wara li waqfet għal ftit tal-ħin quddiem l-Arka fit-talb, reġgħet kisbet id-dawl ta' għajnejha għall-favuri li talbet missema, u kollha ferħana, tfaħħar lil Alla, marret lura lejn darha.

[311] 5 (XXII) Waħda tifla jisimha Auriema, kienet ilha sena u nofs nieqsa mid-dawl ta' għajnejha, u bl-iskop li tkun imfejjqa ittieħdet lejn il-qabar tal-missier imqaddes. 6 Malli hi messet ma' għajnejha d-drapp li kien jgħatti l-Arka, għall-merti tal-qaddis malajr fetħet il-kpiepel ta' għajnejha u reġgħet kisbet id-dawl li tant kienet ilha tixtiequ.

[312] 7 (XXIII) Leonardo ta' Conegliano kien ilu għal tliet snin sħaħ għama minn għajn waħda, u bl-għajn l-oħra kien jara hekk imċajpar li kien jiddistingwi l-persuni li kien jaf minn dawk li ma kienx jaf biss minn leħinhom. Ġie għaldaqstant fuq il-qabar tal-missier miqjum, mimli fiduċja li kien se jerġa' jakkwista d-dawl. 8 Dam għal ftit tażżmien quddiem l-Arka, u mar lura minn hemm b'għajnejh li kienu reġgħu kisbu lura l-funzjoni tagħhom.

[313] 9 (XXIV0 Fiordigemma ta' Lorèo kienet ilha seba' snin mċaħħda għal kollox mill-użu ta' għajnha tax-xellug. Hi ġiet fuq l-Arka tal-missier imqaddes Antnin u hemmhekk reġgħet ħadet lura l-vista li kienet tixtieq, u marret lura d-dar mimlija ferħ, u tiżżi ħajr lil Alla.

[314] 10 (XXV) Waħda mara jisimha Alessia għal ħames snin kienet issofri għama totali miż-żewġ għajnejha. Fuq il-qabar tal-bniedem ta' Alla, u għall-merti tiegħu, reġgħet kisbet lura d-dawl ta' għajnejha.

[315] 11 (XXVI) Dwar it-torox. Rolando, imlaqqam Bulgaro, kellu marda kerha ħafna f'rasu, u għal għoxrin sena sħaħ kien sar trux. Hu qagħad bid-devozzjoni quddiem il-qabar tal-missier imqaddes, u reġa' kiseb is-saħħa ta' qabel, u mar kollu hieni lura lejn id-dar.

[316] 12 (XXVII) Leonardo minn Venezia, għal erba' snin sħaħ, minħabba li nġabrulu likwidi f'rasu, kellu widnejh misdudin hekk li kien kien sar trux għal kollox. 13 Jum minnhom resaq b'devozzjoni u talb imħeġġeġ lejn il-qabar tal-bniedem ta' Alla, u dak il-ħin stess reġa' kiseb lura s-smiegħ mixtieq.

[317] 14 (XXVIII) Raġel ieħor, jismu Menico, kien trux għal sentejn sħaħ, u ġie biex jitlob fil-knisja li fiha hu midfun Sant'Antnin, bl-intenzjoni li jaqla' l-fejqan. 15 Hawnhekk hu baqa' għal xi żmien, jittallab ħniena; meta mbagħad ingħata lura s-saħħa tiegħu għal kollox, hu telaq minn hemm kuntent u jfaħħar lil Alla.

[318] 16 (XXIX) Waħda mara, jisimha Michelotta, kienet ilha ħdax-il sena muta, u ma setgħetx titkellem bl-ebda mod. Mhux biss, imma kienet qegħda tnin bil-mod il-mod, nieqsa mill-forzi fiżiċi. 17 Meta saret taf mingħand in-nies bl-għeġubijiet li kienu qed iseħħu għall-merti tal-missier qaddis, talbithom joħduha fuq il-qabar tiegħu biex tiġi mfejjqa. Filwaqt li, mimlija bid-devozzjoni, hi kienet mixħuta quddiem l-Arka tittallab il-ħniena, għall-merti tal-qaddis hi marret minn hemm meħlusa minn kull marda.

[319] 18 (XXX) Wieħed raġel mill-Friuli, li kien dejjem jitniehed għaliex ma kienx jista' jitkellem, ġabitu ommu fuq l-Arka tal-missier qaddis. 19 Waqaf hemm devot quddiem il-qabar, u reġa' kiseb l-użu ta' lsienu li kien ilu li tilfu żmien twil.

[320] 20 (XXXI) Pietro, ċittadin ta' Padova, kellu bint jisimha Padovana. Din, meta kellha erba' snin, ma setgħetx tħaddem saqajha bl-ebda mod, u kienet timxi fuq idejha, titkaxkar qisha serp. 21 Mhux biss, imma talli kienet issofri minn attakki ta' epilessija, u ta' spiss kienet tistabat u tibda titkgħawweġ u titgerbeb fuqha nnifisha. 22 Jum minnhom il-missier imqaddes, li kien għadu ħaj, kien miexi fil-belt, u ltaqa' ma' Pietro li kien qiegħed iġorr lil bintu f'dirgħajh. Dan beda jitolbu biex ibierek lil bintu, u l-qaddis, meta ra l-fidi tiegħu, mall-ewwel berikha u bagħathom it-tnejn fuq triqthom. 23 Il-missier tat-tifla, malli reġa' lura d-dar, ħallieha ma' l-art biex tipprova timxi 'l hawn u 'l hinn mad-dar kollha, iżżomm ma' karrozzella. Wara ftit tal-ħin it-tifla qalbet hekk għall-aħjar li lanqas kellha bżonn iżżomm ma' xejn; u mill-ħin li l-qaddis kien berikha, qatt aktar ma ħasset l-ebda tbatija tal-marda ta' l-epilessija.

[321] 24 (XXXII) Wieħed tifel jismu Simone, għal perjodu ta' tliet snin kien imħabbat mill-attakki ta' l-epilessija, u ta' spiss kien jinstabat ma' l-art u jeħodha għal wiċċu. Kien joqgħod imiss b'idu b'mod miżerabbli li jġiblek ħasra, u wara l-attakk kien jibqa' qisu mejjet. 25 Ommu, imħassba għas-salvazzjoni ta' binha, wasslitu fuq il-qabar tal-missier l-aktar qaddis; u wara li talbet hemmhekk reġgħet lura d-dar. Binha qatt aktar ma sofra sintomi ta' dik il-marda.

[322] 26 (XXXIII) Fil-belt ta' Padova waħda mara jisimha Michelotta, kienet imħabbta mill-marda ta' l-epilessija, u minħabba l-gravità tal-marda kienet tilfet id-dawl ta' għajnejha u ta' spiss kienet donnha sejra tmut. 27 Ommha ħaditha fuq il-qabar tal-qaddis biex tikseb il-fejqan. Malli poġġewha għal ftit tal-ħin fuq l-Arka, mall-ewwel hi fetħet għajnejha u reġgħet kisbet il-viżta li kienet tilfet. U minn dak il-ħin qatt aktar ma sofriet mill-marda ta' l-epilessija.

## 15 – DWAR IL-QAWWA TAL-MIRAKLI LI JIEĦDU SEHEM MINNHA DAWK LI JEMMNU

[323] 1 SEMMIEGĦ – Hi ta' ċertezza mill-aktar tiddi, u li ma għandniex nillimitawha biss għal żmien l-appostli u l-martri, il-profezija ta' Iżaija: *Mbagħad jinfetħu għajnejn il-għomja, jinfetħu widnejn it-torox. Mbagħad iz-zopp jaqbeż bħal għażżiela u lsien l-imbikkma jinħall bil-ferħ* (Iż 35,5-6).
[324] 2 NARRATUR – Il-profeta juri li din it-tħabbira tirreferi fuq kollox għall-*milja taż-żminijiet* (Gal 4,4), meta permezz ta' l-Inkarnazzjoni misterjuża tal-Verb deher id-dawl fid-dinja[25]; fil-fatt, ghall-kliem li diġà semmejt, il-profeta mall-ewwel iżid dawn ukoll: *Alla tagħna ġej biex isalvana* (cfr. Iż 35,4). 3 Billi *l-medjatur bejn Alla u l-bnedmin, Ġesù Kristu* (1Tim 2,5), wiegħed li jikkomunika din il-qawwa lil dawk li jemmnu fih f'kull żmien, u qal kif jixhed l-Evanġelju: *Min jemmen fija, hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien* (Ġw 14,12), jidher li mhux biss fil-bidunett tal-Knisja, imma saħansitra sa tmiem id-dinja hu ta l-qawwa li l-bnedmin iwettqu mirakli, kif diġà għidna, skond id-diversità tal-kawżi u l-ħtiġijiet tal-postijiet u taż-żminijiet. Imma din il-qawwa taha biss u b'mod ċar lil dawk li jħarsu d-dinjità ta' l-isem ta' insara bil-milja tal-*fidi sħiħa* (Lhud 10,22) tagħhom, li hi garantita mix-xhieda tad-drawwiet u ta' l-għemejjel tagħhom.
[325] 4 Minkejja dan, il-qaddisin soltu jippreżentaw, skond il-wegħda ta' Kristu, xi ħaġa akbar mill-għeġubijiet li jidhru, meta bit-tħabbira vera tal-kelma ta' Alla u bl-eżempju ta' ħajja perfetta, u xi mindaqqiet

25 Espressjoni meħuda mil-liturġija, mill-Prefazju tal-Milied tal-Mulej fil-Missal Ruman: *per incarnati Verbi mysterium*.

bl-intervent tat-talb tagħhom, huma jdawwlu lill-għomja fil-moħħ biex dawn ikunu jistgħu jaraw il-verità, u jifqgħu bil-qawwa l-widnejn ta' oħrajn, miżdudin minħabba l-ebusija fil-ħażen, sabiex jagħtu widen għall-kmandamenti divini. 5 Huma jerfgħu fil-għoli tal-virtù lil dawk li bil-ħniena jifilħu jżommu fuq riġlejhom minħabba d-difetti tal-ħsibijiet u ta' l-għemejjel tagħhom. Huma jiftħu l-fomm magħluq ta' dawk li jeħtieġ jagħmlu stqarrija ta' fidi. Huma jfejjqu lil-lebbrużi mill-marda tittieħed ta' drawwa ta' ħażen li tkun rabbiet il-kankrena fihom. Huma jreġġgħu lura għall-manswetudni ħiemda lil dawk li jkunu jaġixxu ta' invażati minħabba l-krudeltà tax-xjaten. Fl-aħħarnett huma jqajjmu mill-ġdid għall-ħajja spiritwali preżenti u futura lil dawk li, minħabba l-velenu tad-dnub, ikunu ġa mejtin u jrejjħu.

[326] 6 Dawn il-mirakli kollha, dawk li huma bla fidi u mqanqlin mill-*għaqal tal-ġisem* (cfr. 2Kor 1,12) ma jistmawhomx bħala li jixirqilhom li wieħed jammirahom u jqabbilhom ma' l-għeġubijiet materjali. Imma quddiem l-Imħallef ħanin, għalkemm kemm il-mirakli kif ukoll l-għeġubijiet materjali jitolbu l-istess qawwa, imma hi meqjusa stima akbar dik li wieħed jikkonverti lill-ħażin mid-dnub milli li jkun ħalqu.

## 16 – DWAR TLIET PERSUNI MEĦLUSIN MILL-MEWT

[327] 1 SEMMIEGĦ – Naqraw fl-Evanġelju li Kristu l-Mulej qajjem tliet persuni mill-mewt[26]. Nitolbok tgħidli jekk kienetx rivelata qawwa simili rigward il-qawmien tal-mejtin permezz ta' Sant'Antnin.

[328] 2 NARRATUR (XXXIV) – Fil-*contado* ta' Padova waħda mara marret f'dar fil-qrib biex tqabbad in-nar. Meta reġgħet lura f'darha sabet lil bintha ċkejkna, li kienet ġiet tiġri warajha, li kienet waqgħet wiċċha 'l isfel f'ħofra li kienet mimlija ilma bil-ħama. 3 L-omm inxteħtet fuqha tolfoq u ħarġet lil bintha minn dik il-ħofra mimlija tajn, u medditha fuq l-art maġenb il-ħofra. 4 Malajr ġew diversi persuni biex jassistu għal dik id-dehra ta' niket. Wieħed raġel li kien hemm fil-qrib, għolla lit-tifla minn saqajha u ħallieha mdendla rasha 'l isfel, u ipprova jgħinna biex

26 L-episodji huma: il-qawmien ta' bint Ġajru (Mk 5,22-43); il-qawmien ta' bin l-armla ta' Najn (Lq 7,12-16); il-qawmien ta' Lazzru (Ġw 11,1-44).

taqla' barra dik il-ħama li kienet belgħet. 5 Imma lanqas b'dan il-ġest ma rnexxielha tirkupra l-leħen jew is-sensi, għaliex xofftejha żammithom magħluqin u ħaddejha bla lewn; kull tama li jsalvawha kienet mitmuma għal kollox. 6 Fl-aħħarnett, iżda, l-omm għamlet wegħda li tieħu fuq il-qabar ta' Sant'Antnin xbieha tax-xemgħa ta' bintha, jekk hu jagħtiha lura lil bintha ħajja. 7 Malli lissnet din il-wegħda, f'daqqa waħda, quddiem għajnejn dawk kollha preżenti, it-tifla ħarrket xofftejha. Wieħed raġel daħħal subgħajh f'ħalqha, u dak il-ħin stess hi qalgħet l-ilma u t-tajn li kienet belgħet. Hekk, għall-merti tal-missier imqaddes, it-tifla reġgħet ħadet il-lewn tal-ħajja, u bdiet tgħix mill-ġdid.

[329] 8 (XXXV) Fatt jixbaħ lil dan ġara fil-belt ta' Comacchio. 9 Kien jgħix hemmhekk raġel, jismu Domenico, li jum minnhom kien ħareġ mid-dar biex imur jaħdem, u ibnu ż-żgħir mar jiġri warajh. 10 Meta kien ftit bogħod mid-dar, ħares warajh, imma innota li ma kien hemm ħadd li kien fil-qrib. 11 Mimli tħassib beda jfittex u jgħarrex ma' kullimkien, sakemm mimli niket skopra li ibnu kien waqa' f'ħofra bl-ilma. Ħatfu malajr mill-ilma u ħadu jiġri għand l-omm, imma t-tifel kien għereq. 12 L-omm dak il-ħin stess għamlet wegħda b'leħen kollu biki, u bdiet titlob l-għajnuna tal-missier l-aktar qaddis b'qalbha kollha. Għall-merti tiegħu hi reġgħet kisbet lura lil binha ħaj.

[330] 13 (XXXVI) Fil-Puglia, fil-belt ta' Monopoli[27], qrib il-kunvent tal-patrijiet, wieħed żagħżugħ kien impenjat iħaffer ħofra fl-art, imma waqa' fiha u miet, għax fuqu kienet niżlet il-ħamrija. 14 Wieħed tifel intebaħ li dik il-ħamrija kienet qegħda tidfen lil dak iż-żagħżugħ, u beda jgħajjat u jiġri biex imur jgħid bil-fatt lil omm dak iż-żagħżugħ. 15 Din, malli semgħet l-aħbar, bdiet tħabbat fuq wiċċha b'idejha u tqatta' xagħarha, u marret tiġri tibki lejn il-kunvent tal-patrijiet, u bdiet tixher u twerżaq: "Iġru, l-aħwa, iġru! Għinuni, għaliex il-ħamrija waqgħet u difnet lill-ibni!" 16 Meta semgħu dan il-kliem, il-patrijiet ħarġu jiġru bl-imgħażaq u għodod oħrajn, u bdew iħaffru fejn kienet niżlet il-ħamrija. Sadanittant omm iż-żagħżugħ ma waqfitx titlob: "Sant'Antnin, agħtini

27 Monopoli hi port fil-Puglia, fil-provinċja ta' Bari. Hi sede episkopali sa mis-seklu 11. Il-kunvent tal-Minuri, li kien jagħmel parti mill-Kustodja ta' Taranto, fil-Provinċja ta' Apulia, kien ilu jeżisti snin qabel ma nkiteb id-*Dialogus*. Imma din hi l-ewwel darba li għandna riferiment għall-eżistenza tiegħu. Il-miraklu ġie miktub fuq informazzjoni miġbura fil-post, u mibgħuta fil-proċess kanoniku u mbagħad lill-ministru ġeneral fra Crescenzio.

lil ibni lura!" 17 Meta ħaffru, l-ewwel ħelsu riġlejn iż-żagħżugħ, li kienu mgħaffġin minħabba l-piż tal-ħamrija; imbagħad deher il-warrani mimli ġrieħi. Oħrajn bdew iħaffru fuq il-kappell li kellu f'rasu, u taqqbu minn tliet naħat. 18 Meta ħarġu liż-żagħżugħ minn taħt il-ħamrija, intebħu li kien għadu ħaj, għalkemm kien jidher miġruħ sew. 19 Il-patrijiet staqsewh biex ikunu jafu kif hu seta' jkompli jgħix taħt dak il-piż tal-ħamrija, u hu weġibhom: "L-imqaddes Antnin żammni b'idu minn griżmejja". 20 Dawk il-ħafna nies li kienu preżenti, meta semgħu dan, raddew ħajr kif jixraq lil Alla u lil Sant'Antnin.

## 18 – DWAR IT-TAZZA LI MA NKISRITX U DWAR DIVERSI EFFETTI TAL-MIRAKLI[28]

[331] 1 NARRATUR (XXXVII) Wieħed kavallier ta' Salvaterra, jismu Aleardino, sa mill-età tar-raġuni ġie mqarraq mill-ereżija. Meta sema' bl-għeġubijiet tal-missier imqaddes, jum minnhom ġie flimkien ma' martu u l-familja f'Padova, u waqt li kien fuq il-mejda kien jiddiskuti mal-ħbieb li kienu jieklu miegħu dwar il-mirakli ta' Antnin. 2 Waqt li l-oħrajn bdew isostnu li dan kien tassew qaddis ta' Alla, hu żvojta t-tazza li kien qed iżomm f'idu, u qal bejn wieħed u ieħor dawn il-kelmiet: "Jekk dak li intom qed tgħidu li hu qaddis iżomm lil din it-tazza sħiħa hekk li ma tinkisirx, jiena nammetti li dawk l-affarijiet li intom qed titħabtu biex tipperswaduni bihom huma veri". 3 Imbagħad xeħet bil-qawwa t-tazza mit-terrazzin li fih kienu qed jieklu fuq iċ-ċangaturi tal-pjazza ta' taħtu. Ħaġa ta' l-għaġeb, dik it-tazza stabtet fuq il-ġebel, imma baqgħet qawwija u sħiħa, għad-dehra ta' dawk kollha li kienu jinsabu fil-pjazza, qrib dak il-post. 4 Meta ra dak il-miraklu, il-kavallier inħakem minn indiema u niżel b'ħeffa jiġbor dik it-tazza, u ġarra lura miegħu intatta, u mbagħad mar jgħid ħaġa wara l-oħra lill-patrijiet dak kollu li kien intqal u li seħħ. 5 Għamel l-istqarrija ta' dnubietu, aċċetta b'devozzjoni umli

28 Għażilna li naqbżu l-kapitlu 17, intitolat *De quadruplici genere mortuorum et quae inter suscitatos diversitas* (Dwar l-erba' modi tad-destin tal-mejtin u dwar id-diversità bejn dawk li jqumu mill-imwiet). Hu kapitlu li hu diskussjoni fuq it-tagħlim tas-Santi Padri dwar il-qawmien mill-imwiet, li hu *quaestio* teoloġika medjevali li ttaqqal ir-rakkont tal-mirakli attribwiti lil Sant'Antnin.

l-penitenza li ingħatatlu, u filwaqt li ingħaqad bil-fedeltà ma' Kristu, beda jxandar il-kobor tal-qaddis bla ma jehda.
[332] 6 SEMMIEGĦ – Billi hemm miktub: *Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek* (Mt 4,7), jiena nibqa' mbellaħ. Għal liema raġuni, fil-fatt, it-tazza meta stabtet ma' l-art, ma nkisritx, wara li kien xeħetha dak li ried iwaqqa' l-grazzja għaż-żufjett?
[333] 7 NARRATUR – Ta' spiss, minħabba l-fidi mqarrqa u n-nuqqas ta' mertu tal-ħżiena, Alla jwiegħed u jipprova jwettaq li jiġru ħwejjeġ straordinarji. Dawn, minkejja li dawk li jarawhom iseħħu ma jkunux konxji, huma ta' vantaġġ għall-edifikazzjoni tad-devozzjoni ta' dawk li jikkorrispondu għall-ħniena divina. 8 Xi mindaqqiet, imbagħad, biex titkabbar bla tarf il-grazzja u l-ġenerożità ta' Kristu, dawn l-għemejjel jistiednu bil-ħniena lil dawk li jisfidaw biex jindmu mid-dnub tagħhom, kif jidher mill-episodju li għadna kif irrakkontajna. 9 Jew inkella, minħabba l-ġudizzju divin moħbi, dawk li jwaqqgħu l-grazzja għaż-żufjett u dawk li jiddisprezzaw il-qawwa divina, jibqgħu għomja; oħrajn ta' spiss jiġu milqutin, biex hekk jippurifikaw it-tbajja' ta' l-għemil tan-nuqqas ta' fidi tagħhom.

## 19 – GĦEĠUBIJIET OĦRAJN U KIF MA GĦANDNIEX INQIEGĦDU F'KONFRONT IL-MERTI TAL-QADDISIN

[334] 1 (XXXVIII) Wieħed ekkleżjastiku minn Anguillara, jismu Guidotto, jum minnhom kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Padova, u beda jiddieħaq bil-moħbi bix-xhieda li kienu qegħdin jiddeponu dwar il-mirakli tal-missier l-aktar qaddis. Il-lejl ta' wara hu beda jħossu mħabbat f'ġismu kollu minn uġigħ mill-aktar qawwi, hekk li beda jikkonvinċi ruħu mingħajr l-ebda dell ta' dubju li l-mewt kienet imdendla fuq rasu. 2 Billi ma kienx iħoss li jistħoqqlu ħniena, irrikorra b'talbiet umli għand ommu, u biex jakkwista d-don tal-fejqan, din bdiet tordnalu li jagħmel bil-fidi wegħda mal-qaddis. 3 Malli hu għamel din il-wegħda, qabel ma beda jbexbex il-jum, reġa' kiseb saħħtu lura. Dak li ma kienx jemmen u li kien waqqa' għaż-żufjett ix-xhieda tal-verità, issa sar xhud pubbliku hu wkoll tal-verità, u beda jħabbar il-glorja ta' Kristu.
[335] 4 (XXXIX) Jum minnhom, kien hemm ċorma ta' xi sitta u għoxrin irġiel u nisa li kienu telgħu fuq ġifen ħdejn Sant'Ilario, u riedu

jmorru Venezia. 5 Fis-siegħa tal-kumpieta huma kienu waslu fil-laguna, qrib San Giorgio in Alga, meta f'daqqa waħda qamet taqliba furjuża. Huma ippruvaw isibu kenn f'dan il-post, imma kien kollu ta' xejn. 6 Bdew jittieħdu 'l hawn u 'l hinn mit-tempesta li kienet ħakmithom, u spiċċaw f'postijiet li lanqas kienu jafuhom. Flimkien mar-riħ u d-dilluvju ta' xita huma kienu daħlu f'dalma hekk ħoxna, li bil-ħniena kienu jagħarfu wieħed lill-ieħor; hekk li *kienu tilfu kull tama li jsalvaw* (cfr. Atti 27,20). 7 Fl-aħħarnett huma qerru dnubiethom u rċevew l-assoluzzjoni għand wieħed saċerdot li kien hemm fil-grupp, u b'ħafna tnehid u dmugħ bdew jitolbu l-għajnuna lil Alla u lill-imqaddes Antnin. 8 Malli huma għamlu l-wegħda tagħhom, f'daqqa waħda madwar il-ġifen dik it-tempesta ikkalmat. Imma billi kien issa dalam sewwa ħadd mill-preżenti ma kien jaf fejn kienu se jdawwru t-tmun biex isibu d-direzzjoni ġusta. 9 U ara quddiemhom raw li ħareġ dawl mill-ġifen. Dawn li kienu jmexxu l-ġifen bdew jibku bil-ferħ. Dan id-dawl fl-aħħar wassalhom f'San Marco Piccolo, qrib Venezia. 10 Meta waslu, meħlusin mill-mewt għall-merti tal-missier l-aktar qaddis, mall-ewwel għab minn quddiem għajnejhom dak id-dawl li kien mexa quddiemhom. Wara li huma salvaw, dan id-dawl ma baqax jakkumpanjahom.

[336] 11 SEMMIEGĦ – Jidhirli li qed nisma' xi ħaġa tixbaħ lil dak li ġara lin-nawfragi fi żmien San Nikola.

[337] 12 NARRATUR – Naħseb li hi ħaġa iebsa, jekk mhux ukoll perikoluża, li nagħmlu konfront bejn il-merti ta' qaddis u ta' qaddis ieħor. 13 Tabilħaqq, jekk nivvalutaw dawn il-merti fuq il-bażi ta' mirakli li jidhru, ta' spiss insibu li xi qaddisin ħadmu għeġubijiet quddiem għajnejn il-bnedmin, imma li dawn il-mirakli kienu żgħar jew inqas numerużi, jew ukoll li qatt ma wettqu l-ebda miraklu. Imma skond l-istima universali, nafu li huma taw sinjali ta' perfezzjoni akbar fil-ħajja u fl-imġieba tagħhom. 14 Għaldaqstant, jekk int jidhirlek li jixraqlu ammirazzjoni dak li ġara lil dawk li kienu meħlusin min-nawfraġju fi żmien l-imqaddes Nikola, jiena se nsemmilek każ inqas ta' l-għaġeb, imma li niftakar li sibtu fost l-għeġubijiet tal-missier imqaddes li ġew approvati.

[338] 15 (XL) Waħda mara minn Monselice, filwaqt li kienet miexja minn Padova flimkien ma' żewġha u xi nisa oħrajn, bdiet turi l-allegrija li kellha f'qalbha b'ħafna tpaċpiċ u billi tfaqqa' d-daħq. 16 Żewġha kien wegħda ftit qabel li jeħodha miegħu biex iżżur is-santwarju ta' San

Giacomo[29], kif hi kienet tixtieq. 17 Billi dak ir-raġel ried irażżan dak il-ferħ żejjed u dak id-daħq, qal lil martu: "Ftit għandek x'toqgħod tpaċpaċ fil-vojt u tidħaq bla ħsieb, u b'tama fiergħa, tintelaq f'atteġġjamenti li ma jixirqux. Kun af li issa jiena bdilt il-ħsieb, u minix se mmur bl-ebda mod lejn dak il-post fejn inti tixtieq tħaffef". 18 Żewġha lanqas laħaq temm idejjaqha bi frażi bħal din, li dik il-mara libtet għal żmien twil, qarrset wiċċha, u mbagħad wieġbet lil dak li ried jgħaddiha biż-żmien: "Jekk inti ma żżomx il-wegħda tal-pellegrinaġġ, kun af li fl-isem ta' Ġesù Kristu u ta' l-imqaddes Antnin jiena ninxteħet fl-ilma ta' din ix-xmara li hawn maġenb din it-triq". 19 Imma hu ma kienx qed jemmen dawk il-kelmiet; mhux biss, imma b'dagħdigħa fuqu beda jsejjaħ lil martu miġnuna, u baqa' jinsisti li ma kienx se jħares il-wegħda li kien għamlilha. 20 Għabet f'dik il-mara l-fiduċja u tilfet kull tama, u dik l-imsejkna ddeċidiet li ttemm ħajjitha, u filwaqt li sejħet l-isem ta' l-imqaddes Antnin, inxteħtet għal isfel fix-xmara. 21 Meta n-nisa rawha maqbuda fil-kurrent, baqgħu imsammrin bil-biża', u qabżu huma wkoll fl-ilma, mingħajr ma taw każ tal-mistħija femminili, u wara li xarrbu l-warrani u ħwejjiġhom kollha rnexxilhom joħorġuha mill-ilma. 22 Meta ħarġuha, meddewha fuq xatt ix-xmara. Dak li se nirrakkonta hu tassew ta' l-għaġeb. Filwaqt li huma bdew jagħasru lbieshom u joħorġu minnhom kwantità ta' ilma, dik il-mara li kienet mimduda fuq ix-xatt innutaw li lanqas kellha ħajta waħda tal-libsa mxarrba. 23 Dan l-għemil x'aktarx aktar nattribwuh lin-nuqqas ta' ħsieb milli lill-virtù. Imma nemmnu li kienu l-merti tal-missier l-aktar qaddis li qalgħu din il-grazzja minn Alla; biex hekk dak li aħna nafu li kien dejjem ħabib tas-sempliċità vera, kellu jħares f'nofs il-kurrent, is-sempliċità, ukoll jekk belha, ta' dik il-mara.

29 Cfr. *Assidua* 42, fejn jingħad: *Ad visitanda beati Jacobi limina*, espressjoni li tindika s-santwarju famuż ta' Santiago (San Giacomo) de Compostela f'Galizia, fi Spanja.

## 20 – DWAR KIF L-GĦAJNUNA TAL-QADDISIN GĦANDHA EFFETTI DIFFERENTI

[339] 1 SEMMIEGĦ – Hu evidenti li l-merti tal-qaddisin xi mindaqqiet jaqtgħu x-xewqat ta' persuni sempliċi, u bil-qawwa ta' Alla li jaħdem fihom, jagħtu l-għajnuna mitluba, għall-ħtieġa ta' dawk li jitolbuhom, u mhux rarament ukoll għall-konverżjoni tagħhom.
[340] 2 NARRATUR – Ma niddubitax li l-għajnuniet tal-qaddisin huma dejjem mogħtijin għall-ħtiġijiet utli ta' dawk li jitolbuhom, kif tafferma int, kemm meta huma jiċħdu kif ukoll meta jikkonċedu dak li wieħed jitlob. 3 Imma billi ta' spiss jintalbu ħwejjeġ li, kemm għall-post kif ukoll għaż-żmien li jkun, ma jkunux ta' vantaġġ għal dawk li jitolbuhom, il-qaddisin jagħtu, bil-permess ta' Alla, bosta grazzji biex jikkoreġu lil dawk li jitolbu mingħajr dixxerniment. 4 Għal din ir-raġuni sejjer nikkwota bħala eżempju wieħed mill-għemejjel mirakolużi li Sant'Antnin wettaq a favur ta' waħda mara.
[341] (XLI) Waħda soru li taqdi barra mill-monasteru[30] fl-Ordni tal-*Povere Dame*, li kien jisimha Oliva, meta l-ġisem tal-qaddis kien għadu mhux midfun, resqet lejh bid-devozzjoni u bisitlu idejh. 6 Fost il-ħwejjeġ li talbitu, riedet li Alla jagħtiha grazzja kbira bil-merti tiegħu: li fil-ħajja preżenti hi ssofri l-pieni kollha li kienet timmerita għal dnubietha, u li xejn ma jifdlilha xi tpatti għalih fil-ħajja futura. 7 Malli għamlet din it-talba, dik il-mara daħlet fil-monasteru. F'daqqa waħda ħasset uġigħ kbir ma' ġisimha kollu, hekk li minħabba l-qawwa ta' dak l-uġigħ ma felħitx aktar, u bl-għajjat tagħha kienet tiddisturba lis-sorijiet l-oħrajn kollha.

8 Mal-lejl qalbet xi ftit għall-aħjar. L-għada daħlet fir-refettorju flimkien mas-sorijiet l-oħrajn. U malli poġġiet fuq il-mejda magħhom, mill-ġdid bdiet titkagħweġ b'ħafna uġigħ li ma tissapportihx, hekk li lanqas setgħet tieħu l-ebda ikel, imma bdiet tiltewa qisha mara qiegħdha twelled, u tgħajjat bl-uġigħ fuq il-mejda, tixxengel 'l hawn u 'l hemm. 9

30 Ir-*Regola ta' Santa Klara* 10,2, titkellem dwar is-*sorores servientes extra monasterium*, is-sorijiet li jaqdu barra mill-monasteru. Oliva, mela, kienet soru li setgħet toħroġ barra mill-klawsura għall-qadi tas-sorijiet l-oħrajn, u għalhekk kellha relazzjoni man-nies ta' barra. Id-*Dialogus* juża l-aġġettiv *servitialis*, li bih jiddistingwi lil suor Oliva minn ħutha s-sorijiet l-oħrajn koristi li ma setgħux joħorġu barra mill-klawsura.

B'ordni ta' l-abbadessa ħaduha fl-infermerija. Hi li, b'tant ħeġġa kienet talbet li jiġu fuqha l-pieni tal-purgatorju fil-preżent, bdiet issa tkattar it-talb tagħha biex tiġi meħlusa minnhom. 10 Fl-aħħar ftakret li hi kellha fuqha biċċa mit-tonka tal-qaddis, u għalhek talbithom jagħtuhielha, u poġġietha fuq ġisimha, u dak il-ħin stess għab kull uġigħ li kellha.
[342] 11 (XLII) Waħda mara minn Tremigon, jisimha Iuvitta[31], meta semgħet l-aħbar tal-mirakli tal-missier imqaddes, kienet tixxennaq bil-ħerqa li tmur iżżur il-qabar tiegħu, imma ma setgħetx tiġi, għaliex hi kellha tagħmel ix-xogħol li tħares mill-għasafar tal-bejt l-għalqa ta' l-iskalora, li huma kienu jiġu bi ħġarhom biex inaqqruha. 12 Jum minnhom li kienet maġenb il-ħajt li jħares dik l-għalqa ta' skalora, għamlet wegħda ma' Sant'Antnin li, jekk hu jħares dik il-għalqa mill-għasafar tal-bejt, hi tmur iżżur għal disa' darbiet il-qabar tiegħu. 13 Malli għamlet il-wegħda, f'daqqa waħda dik il-qtajja kbira ta' għasafar tbiegħdu kollha flimkien minn dik l-għalqa; u lanqas għasfur wieħed ma rat iżjed wieqaf fuq is-siġar tal-luq li kienu jdawwru dik l-għalqa ta' skalora.

## 21 – DWAR IL-FEDELTÀ LI WIEĦED IĦARES IL-WEGĦDA LI JKUN GĦAMEL

[343] 1 SEMMIEGĦ – Skond int, il-wegħdiet li jagħmlu dawk li jitolbu lill-qaddisin, u li mbagħad ma jħarsuhomx, jibqgħu jorbtu lil dawk li jkunu wegħduhom? Dan għaliex bosta drabi huma ma jkunux qegħdin ifittxu vantaġġi għall-ħajja ta' din l-art.
[344] 2 NARRATUR – Hemm miktub: *Jekk tagħmel xi wegħda 'l Alla ddumx ma ttmemha, għax Alla ma jiħux pjaċir bil-boloh. Dak li twiegħed qis li tagħmlu. Aħjar ma twiegħed xejn milli ma żżommx dak li twiegħed* (Koħ 5,3-4). Naħseb, għalhekk, li rridu nammettu li lanqas lill-qaddisin ma jogħġob dak li jafu li ma jogħġobx lill-Mulej tagħhom. 3 Ta' spiss fil-fatt huma jżommu lura l-grazzja li jkunu riedu jaqilgħu, u donnhom jitolbu li jinżamm b'mod doveruż dak li l-fidili jkunu qalu fil-wegħdiet tagħhom.
[345] (XLIII) Enrico, tifel mill-belt ta' Padova, kien intefaħlu għonqu,

[31] L-*Assidua* 45,1 issemmi lil din il-mara Vita.

u għal ħmistax-il ġurnata kien isofri minn uġigħ kiefer. Ommu, imħassba kif kienet, għamlet wegħda mal-qaddis li kellha tieħu fuq il-qabar tiegħu forma tax-xema' tar-ras u l-għonq tat-tifel. 5 Jum minnhom hi ħadet lil binha fuq il-qabar tal-missier l-aktar qaddis, u malli t-tifel ġabitu lura d-dar, hu mall-ewwel kiseb il-fejqan f'għonqu. 6 Imma l-omm ma tatx kas li tagħmel il-wegħda tagħha, u għalhekk l-għonq tat-tifel reġa' intefaħlu mill-ġdid u reġa' beda jħabbtu l-uġigħ ta' qabel. 7 Dik, meta intebħet bil-ħtija tagħha, inħakmet minn niket li kien jistħoqqilha, u mall-ewwel bagħtet fuq il-qabar il-forma tax-xema' tar-ras u l-għonq ta' binha. 8 Malli għamlet hekk, dak il-għonq li kellu tumur mill-ġdid niżlitlu n-nefħa u waqaf l-uġigħ. Fi ftit jiem it-tifel reġa' ħa lura saħħtu għal kollox.

[346] 9 SEMMIEGĦ – L-episodji li inti qed tirrakkonta huma ħafna u ta' l-għaġeb. Nitolbok issa li tgħid xi ħaġa dwar għemejjel oħrajn tal-qaddis li inti tiftakar.

[347] 10 NARRATUR (XLIV) Wieħed kavallier minn Camporotondo[32], jismu Bartolomeo, kellu bintu li kienet gravement marida bil-ġebel, hekk li kellha uġigħ tal-biża', u f'ċerti ġranet tas-sena kienet tingħi qisha kelb. 11 Billi kienet maħkuma minn dwejjaq kbar, omm it-tifla ħasset ħniena lejha, u b'devozzjoni kbira għamlet wegħda ma' Sant'Antnin, filwaqt li talbitu li jerġa' jagħti lil bintha l-fejqan mixtieq. 12 Wara li għamlet il-wegħda, mall-ewwel dik it-tifla rnexxielha teħles minn ġebla kbira billi neħħietha minn ġisimha, u minn dak il-ħin qatt aktar ma sofriet minn dik il-marda.

## 22 – KONKLUŻJONI TAT-TRATTAT TAL-MIRAKLI

[348] 1 NARRATUR – Il-Mulej tal-glorja għoġbu jħaddem permezz tal-qaddej tiegħu Antnin dawn is-sinjali u għeġubijiet tal-qawwa tiegħu li għidna kemm semmejna, u oħrajn bħalhom li mhumiex miktubin f'dan il-ktieb. 2 Dwar il-bosta mirakli li jiena kont naf bihom, ktibt biss dwar dawn il-ftit, billi għamilt għażla, hekk li nkun nista' noffri

---

32 X'aktarx Camporotondo di Fiastrone, fil-provinċja ta' Macerata, fil-Marche. Illum jeżisti wkoll Camporotondo Etneo, imma dan hu *comune* fil-provinċja ta' Catania fi Sqallija. Dan il-fatt ma jidhirx li l-Anonimu tad-*Dialogus* sabu fl-ebda waħda mill-fonti aġjografiċi Antoniani tas-seklu 13.

okkażjoni għal min jixtieq iżid tifħir ieħor lilu, u biex hekk bi stil qasir inqanqal il-kurżità u l-gost ta' dawk li jaqraw. 3 Għax kieku kellhom jinġabru wieħed, wieħed, l-għeġubijiet kollha li hu wettaq, jiena nibża' li n-numru eċċessiv tagħhom jispiċċa biex idejjaq lil dak li jaqra, u l-kobor mhux komuni tal-fatti jġib motivi ta' dubju fil-moħħ ta' dawk li huma l-aktar dgħajfin.

HAWNHEKK JINTEMMU L-ĦAJJA U L-MIRAKLI TA' SANT'ANTNIN.

23 – EPILOGU ĠENERALI TAD-«DIALOGUS»

[349] 1 NARRATUR – Ħija, hekk hu li jiena impenjajt ruħi biex naqtagħlek xewqatek, imma ittieħidt kif jiġri mill-ħafna kliem, u qbiżt il-limiti ta' konversazzjoni. 2 Jidhirli, iżda, li inti tagħdirni iżjed, billi jiena ta' spiss ġejt mitlub minnek biex nagħtik spjegazzjonijiet fuq il-fatti li ġew rakkontati, u għalhekk jiena kont kostrett li noħroġ xi ftit mill-pjan tar-rakkont kif fassaltu fil-bidu, u xi mindaqqiet ħriġt mill-fil tar-rakkont biex nieqaf fuq diversi kwestjonijiet bl-għajnuna ta' l-imsaġar folti ta' l-Iskrittura bħallikieku kont ħriġt għall-kaċċa tal-bhejjem moħbijin hemmhekk, u ippruvajt skond il-qjies tal-kapaċità tiegħi li niflihom.

3 Bħall-kelb tal-kaċċa li mhux dejjem jiġri dritt u b'passi ma jaqtgħux, imma jimxi billi jsegwi l-passi tal-bhima li tkun qed taħrab minnu, jew inkella, miġbud mir-riħa tad-demm, jew anke jxomm biss ir-riħa, issa jiġri fit-triq u issa f'mogħdijiet iebsin, issa lejn ix-xellug u issa lejn il-lemin, issa 'l quddiem u issa lura, imma dejjem biex jiġri wara l-priża li jkun jixtieq jaqbadha b'ħerqa kbira hu u jiġri; 4 hekk bl-istess mod u bilfors, min irid jogħdos fi problemi iebsin, min irid jinvestiga l-veru mill-falz, irid xi mindaqqiet isegwi ħwejjeġ jixxiebħu u drabi oħrajn ħwejjeġ kuntrarji, drabi oħrajn irid iqis dawk ta' qabel u dawk ta' wara, u mbagħad l-aspetti kontinġenti, biex ikun jista' jippreżenta lill-intelliġenza mċajpra d-dawl tal-verità bħallikieku mlibbes bi sħaba, jew idawwal il-kapaċità dgħajfa u rozza bir-raġġi tar-raġunament, billi juża argumenti qishom mgħottijin bil-ħwejjeġ tat-tfulija.

5 Jiena ma rridx b'dan kollu ngħid li fl-opra jiena esponejtlek xi ħaġa kbira jew profonda bil-ħila u l-kapaċità tiegħi; kull ma għamilt kien dak li nipprova nwieġeb għall-mistoqsijiet tiegħek skond il-qawwa tal-kapaċità tiegħi, billi nagħmel tiegħi l-pariri u l-opinjonijiet ta' l-antiki. Dak li niftakar li jiena kont qrajt fil-kitbiet tal-qaddisin u tad-dutturi ridt ngħaddihulek bla ma niżbalja. 6 U hawnhekk se niskot milli nitkellem iżjed. Jekk imbagħad xi ħadd jara li f'xi agrument jiena għidt inqas milli kelli ngħid, jew li żbaljajt, mela għandu jikkoreġini.

7 Jiena xtaqt intemm issa dan ir-rakkont tiegħi, mhux għaliex jiena ngħir għal min jimpenja ruħu biex jirrakkonta ħwejjeġ aktar abbundanti u kbar rigward l-għemejjel ta' l-għaġeb tal-patrijiet, imma, għall-kuntrarju, biex nagħti bix-xogħol tiegħi okkażjoni ta' ferħ biex inżid elementi oħrajn mal-glorja ta' l-aħwa tagħna. 8 Dwar dan biss jiena rrid inwissi lill-qarrej, kif kelli okkażjoni ngħid fil-bidu tar-rakkont, jiġifieri li ħallejt l-argumenti rigward il-missier imqaddes Franġisku għal impenn u stil aktar xieraq għal biċċa xogħol bħal din. Rigward l-għemejjel li jiena smajt dwarhom u li qrajt dwarhom, u li għandhom x'jaqsmu ma' patrijiet oħrajn, jiena ħallejt barra ħafna minħabba li ma ridtx indejjaq il-widnejn ta' min jaqra minħabba l-bosta ripetizzjonijiet ta' fatti identiċi jew li jixxiebhu, u wkoll minħabba l-kwantità kbira ta' ħwejjeġ li kelli nesponi.

9 Jekk għaldaqstant xi ħadd jidhirlu li hu xieraq iżid ma' din il-kitba, rigward l-istorja passata, affarijiet li jixirqu u jagħtu ġieħ lill-aħwa, u li dwarhom jiena ma kellix aħbar, jew episodji li ġraw wara, għall-binja tal-fidi, jiena kuntent li nkun sibt min jista' jimla n-nuqqasijiet tiegħi. 10 Jiena ngħannaq lil dawn it-talin bħala sħabi fit-tifħir ta' Alla, biex inkabbru l-glorja tal-patrijiet ta' l-Ordni tagħna, u nkun aktar milli kburi u ferħan li nkun iltqajt ma' kollegi li huma tassew aħwa.

TMIEM. NIŻŻI ĦAJR LIL ALLA. AMEN.

# FRAMMENTI MIL-LEĠĠENDA TA' SANT'ANTNIN PRESBITERU U KONFESSUR MAGĦRUFA BĦALA «BENIGNITAS»

John Peckham (c. 1280)

## INTRODUZZJONI

Fl-1276, waqt il-kapitlu ġenerali ta' Padova, il-ministru ġeneral Franġiskan Girolamo da Ascoli, talab lil John Peckham, li dak iż-żmien kien ministru provinċjal ta' l-Ingilterra, biex jikteb bijografija ta' Sant'Antnin. L-informazzjoni jagħtihielna Arnaldo de Sarrant, fil-*Chronica XXIV Generalium* (AF III, 361): "Fra John (Peckham) kien bniedem ta' preparazzjoni u virtujiet kbar, kien mgħallem famuż tas-sagra teoloġija ... bil-mandat tal-ministru ġeneral hu kiteb *Vitam beati Antonii* bi stil mill-isbaħ, imma billi l-ħajja tal-qaddis kienet diġà miktuba fil-brevjarji, din il-ħajja ftit ġiet divulgata".

John Peckham x'aktarx twieled f'Sussex, l-Ingilterra, f'data mhux magħrufa. Ġie edukat mill-monaċi Klunjaċensi ta' Lewes. Fl-1250 daħal fl-Ordni Franġiskan u kien student ta' San Bonaventura. Sar *magister regens* ta' l-iskola Franġiskana fl-Università u għallem f'Pariġi, flimkien ma' San Tumas t'Aquino. Fl-1275 ġie magħżul ministru provinċjal ta' l-Ingilterra. Ħa sehem fil-kapitlu ġenerali ta' Padova ta' l-1276. Wara Peckham sar *lector sacri palatii* (teologu fil-palazz pontifiċju). Fit-28 ta' Jannar 1279 ġie elett arċisqof ta' Canterbury u primat ta' l-Ingilterra. Miet fit-8 ta' Diċembru 1292 u jinsab midfun sallum f'sarkofagu fil-kattidral ta' Canterbury, fit-transett tat-tramuntana, magħruf bħala "Martyrdom", għax jimmarka l-post fejn ġie maqtul San Thomas Becket, arċisqof ta' Canterbury (†1170).

Il-*Benignitas* waslet għandna sfortunatament fi frammenti, permezz ta' erba' manuskritti: (1) Paris, bibl. Faculté de Théologie Protestante, ms. 6, ff. 138va-139rb. 144ra-149ra, lectionarium franciscanum olim cuiusdam conventus Anglici seu Hibernii o. Min.,

postea bibliopolae Rosenthal, saec. XV; (2) London, British Museum, ms. Cotton Cleop. B. II, order 43724, ff. 160vb-169rb, lectionarium franciscanum, saec. XV; (3) Dublin, Trinity College, ms. E. 3. 11 (Abbott 175), ff. 131v-132, lectionarium olim cuiusdam conventus Hibernii o. Min., saec. XIV-XV; (4) Dublin, bibl. Marshiana, ms. Z. 3. 1 (olim V. 3. 4), ff. 33v-34v, lectionarium olim cuiusdam conventus Hibernii o. Min., saec. XIV-XV. Ma' dawn inżidu l-Inventarju tal-biblioteca Antoniana ta' Padova (1449), li fih hem reġistrat manuskritt li fih il-*Benignitas.* Inventarju ieħor hu dak tal-biblioteca del Sacro Convento di Assisi (Biblioteca Comunale Ms. 691, ff. 45v-46r), li jsemmi wkoll il-*Benignitas*.

Rigward id-data ta' kompożizzjoni nsibu xi elementi interessanti. Fil-*Benignitas* 21,6, fejn tiġi rakkontata t-traslazzjoni tar-relikwi ta' Sant'Antnin magħmula minn San Bonaventura, dan jiġi indikat bħala *tunc generalis minister, postea cardinalis episcopus Albanensis*. Jekk Bonaventura kien ministru ġeneral ta' l-Ordni bejn l-1257 u l-1273 u sar kardinal fit-28 ta' Mejju 1273, mela l-*Benignitas* inkitbet wara din id-data.

Ir-riferiment għall-moviment tal-Flagellanti, li fil-fatt il-*Benignitas* tgħid li beda fi żmien Sant'Antnin, mhux eżatt. Imma jgħinna niddataw il-kompożizzjoni ta' din l-opra lejn is-sena 1280, meta dan il-moviment kien diġà infirex sewwa.

Fis-sena 1286 kien miet il-famuż *socius* tal-qaddis, il-beatu Luca (Belludi), forsi l-aħħar ċurkett fil-katina ta' xhieda li setgħu joħduna lura għas-snin 1230-1231, meta seħħew l-aktar ġrajjiet importanti fil-ħajja ta' Sant'Antnin.

Fil-paġni tal-*Benignitas* niltaqgħu ma' l-immaġini ta' Sant'Antnin li John Peckham ħa mill-fonti ewlenin tad-dokument aġjografiku li kiteb. Hekk hu silet informazzjoni dwar il-qaddis prinċipalment mill-*Assidua*, mill-*Officium Rhythmicum* u l-*Vita Secunda* ta' Julian minn Speyer, kif ukoll mill-awtur anonimu tad-*Dialogus de gestis*. Imma l-*Benignitas* għandha valur għax, għall-ewwel darba, tagħti importanza kbira lill-element tawmaturġiku tal-ħajja tal-qaddis, li bih turi lil Sant'Antnin bħala bniedem li għamel l-għeġubijiet, hekk li bosta mill-mirakli li ġġib ġew imbagħad meħudin mill-ġdid minn Arnald de Sarrant fil-*Liber Miraculorum*. Fost l-ismijiet li jingħataw lil Sant'Antnin minn Peckham insibu: *alte tonans* (jidwi bħal ragħda); *Archa Testamenti* (Arka tat-

Testment); *confessor Christi* (konfessur ta' Kristu); *doctor egregius* (duttur magħruf); *Christi famulus* (qaddej ta' Kristu); *lector* (lettur tat-teoloġija); *hereticorum malleus* (martell ta' l-eretiċi). Eżempju tas-sbuħija ta' l-użu ta' dawn l-aġġettivi fil-lingwa Latina nistgħu nsibuh fil-*Benignitas* 2,1:

*Anthonius igitur, // quasi matutinum sydus, // confessor Christi prefulgidus // et, tanquam Dei servus // et Altissimi nuncius, // predicator insignis // et doctor egregius*.

L-awtur jeżalta l-virtujiet tal-qaddis, l-aktar l-umiltà, il-għerf, l-elokwenza, il-karità, il-faqar, il-manswetudni, il-kortesija. Eżempju sabiħ insibuh fil-*Benignitas* 17,49:

*Humilitate precipiuum, // sapientia clarissimum, // eloquentia dulcissimum, // caritate fervidum, // paupertate conspicuum, // omni morum elegancia illustrissimum, // honestate precelsum, // in affando benignum, // in conversando mansuetissimum, // in omnibus tam Deo quam hominibus graciosum*.

Fost l-edizzjonijiet tal-frammenti tal-*Benignitas* li saru f'dawn l-aħħar mitt sena, insemmu biss tnejn:

Léon De KERVAL, ed. Fragminum *Benignitas*, in *Sancti Antonii de Padua vitae duae*, Paris 1904, pp. 116-129. 133-135. 144-148. 207-235.

G. ABATE, *I frammenti della «Benignitas»,* in *Il Santo* 10 (1970), 223-226 (premessa), 227-245 (testo critico).

# FRAMMENTI MIL-LEĠĠENDA TA' SANT'ANTNIN PRESBITERU U KONFESSUR MAGĦRUFA BĦALA «BENIGNITAS»

John Peckham (c. 1280)

## 1 - JIBDA L-PROLOGU

[350] 1 *It-tjieba ta' Alla Salvatur tagħna u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin dehru* (Tit 3,4) f'din id-dinja, meta mhux biss personalment /.../

## 2 – DWAR IL-FAMILJA U T-TFULIJA TAL-QADDIS

[351] 1 Antnin, qaddej ta' Alla u ħabbâr ta' l-Aktar Għoli, li kien jixbaħ il-kewkba ta' filgħodu, u li kien predikatur insinji u duttur li jistħoqqlu kull ġieħ, twieled minn familja nobbli, fir-renju tal-Portugal, fi Spanja[1], fil-belt ta' Lisbona, li tinsab fit-trufijiet tad-dinja. Missieru, Martino di Alfonso, kien kavallier; ommu kien jisimha Maria[2], u kienet ukoll imnissla minn familja tat-tajjeb, jekk inħarsu lejn it-tnissil skond il-kriterji tad-dinja. Sa mill-benniena, bħala tħabbira ta' dak li kellu jiġri minnu fil-futur, it-tifel ħlejju ġab ruħu b'kull tjieba u ta' mġieba.

[352] 2 Meta kien għadu żagħżugħ wera ruħu *ta' ħila u qawwa kbira* (cfr. 1Slat 1,28), u ma kienx jintelaq għall-imġieba laxka skond id-

---

1 Mhux eżatt li r-renju tal-Portugal kien jinsab fi Spanja, għax nafu li dawn kienu żewġ renji distinti. L-*Assidua* 2,1 hi aktar ċara: *in regno Portugaliae*. Imma aktar 'il quddiem il-*Benignitas* titkellem mir-*regis illustris Portugaliae* (3,1).

2 Il-*Benignitas* iżżid informazzjoni prezzjuża rigward l-ismijiet tal-ġenituri ta' Sant'Antnin, u dettalji oħrajn tat-tfulija tiegħu: imħabba lejn il-foqra, parteċipazzjoni fl-uffiċċji divini u l-predikazzjoni fil-monasteri u l-knejjes, verġinità bla mittiefsa.

dinja, kif soltu jiġri f'dik l-età. Għall-kuntrarju, kien jimita l-eżempju tal-ġenituri tiegħu, nies ta' virtù kbira, u *jiftaħ idejh mal-fqar* (cfr. Prov 31,20) biex iweżinhom fil-ħtiġijiet materjali tagħhom. Sa minn ċkunitu l-ħniena kibret miegħu. 3 Ta' spiss kien jgħaddi minn fuq l-għetiebi tal-monasteri u tal-knejjes, u t-tagħlim li kien jisma' hemmhekk b'widnejn attenti għall-Kotba mqaddsa, kien iħarsu b'imħabba fit-teżor ta' qalbu, biex hekk ma jinsihomx.

[353] 4 Dan hu l-mod li bih Antnin ta bidu, kif kien jixraq lilu, għall-ħajja tiegħu, hu li kien qaddej nobbli ta' Kristu li ma hemmx ieħor jixbħu. *Hu qiegħed pedament sod, bħal bennej għaqli* (cfr. 1Kor 3,10), għat-tempju tal-ħajja spiritwali. Sa tmiem ħajtu żamm bla mtebba' *l-libsa bajda silġ* (cfr. Dan 7,9) tal-verġinità l-aktar safja, kemm fil-moħħ kif ukoll fil-ġisem.

## 3 – IL-PROTOMARTRI FRANĠISKANI

[354] 1 Waqt li kienu qed iseħħu dawn il-ġrajjiet, wieħed raġel, Pedro *Infante*, li kien l-ewwel iben tar-re illustri tal-Portugal, ġab miegħu r-relikwi ta' xi patrijiet ta' l-Ordni tal-Minuri, li l-imqaddes missier Franġisku kien bagħathom biex jikkonvertu lill-infidili, u li kienu ġew maqtulin mis-sultan krudil tal-Marokk minħabba l-fidi tagħhom fi Kristu /.../

## 4 – L-GĦATX TIEGĦU GĦALL-MARTIRJU

[355] 1 Bħall-*iljunfant, li juruh l-għasir ta' l-għeneb u t-tut biex isaħħnuh għall-battalja* (cfr. 1Mak 6,34), hekk dan il-bniedem qaddis, meta għaraf il-ħeġġa li kellhom dawk il-patrijiet, kien imġiegħel biex imur jaffronta l-martirju għal Kristu. Beda jikber dejjem aktar fil-qawwa, u wara li keċċa barra kull biża' li setgħu inisslu fih il-bnedmin, imħares mill-favur divin bħallikieku kien tarka qawwija, beda jittama li fi ftit ġranet kellu jikseb il-premju billi jirbaħ fuq dawk l-għedewwa kiefra tas-salib ta' Kristu.

[356] 2 Waqt li kien jixxennaq biex iwettaq dan il-proġett li kien jgħożż fir-ruħ devota tiegħu, u kien jaħbi din ix-xewqa minn kulħadd

ħlief minn Alla tal-qalb tiegħu, lejl u nhar kien jitlob bid-devozzjoni lill-Missier tal-ħniena, sabiex jogħoġbu jispirah fit-tjieba tiegħu, ħalli jwettaq din il-wegħda. Hu kien jiżżi ħajr lill-majestà divina, għax kien jaf li l-ħsieb kien ta' ġid għas-salvazzjoni tiegħu u ta' vantaġġ għall-proxxmu.

## 5 – AFETT U STIMA TA' SĦABU R-RELIĠJUŻI

[357] 1 Ħuti l-aktar għeżież, oqogħdu qisu lil Antnin, dan ir-*raġel tas-sliem* (cfr. S 36,37), maħbub sinċerament minn kulħadd: il-prelat jew superjur tiegħu ma riedx iċedi biex jagħtih permess li jitlaq, sħabu r-reliġjużi oħrajn ma kienux tal-parir li jappoġġjawh f'din ir-riżoluzzjoni tiegħu, u wieħed kanonku ħabib tiegħu ma setax jirrassenja ruħu meta sar jaf li kien se jitilfu.

[358] 2 Jiena konvint li dik il-komunità ħalliet lil raġel bħal dan joħroġ minnha mhux mingħajr dispjaċir profond, mhux mingħajr ma xtered ħafna dmugħ, u mhux mingħajr deżolazzjoni. Fil-fatt kulħadd kien qiegħed jittama li dak ir-raġel kien fi żmien qasir se jistħoqqlu jsir rettur ta' dak il-monasteru[3].

## 6 – GĦALIEX MA RNEXXILUX JIKSEB IL-MARTIRJU

[359] 1 O raġel tassew hieni, Antnin, inti tabilħaqq jistħoqqlok it-tifħir ta' kulħadd, għaliex b'qalbek kollha inti kont tixtieq li ssofri l-martirju għal Kristu! Imma l-providenza ta' Alla, li hi ta' l-għaġeb u ma tistax titkejjel, - kif sejrin nuru aktar tard, - ħarset lil Antnin għal għemejjel aktar meħtieġa għall-proxxmu, meta, f'ħafna nħawi tad-dinja, hu ħeles mit-tajn tad-dnubiet lil ħafna erwieħ, imqarrqin mix-xitan, u wassalhom biex jagħmlu frott li jsalva ta' penitenza. 2 Ir-ruħ tiegħu, għalkemm

---

3 Riferiment għat-tluq ta' Fernando mill-monasteru tal-Kanoniċi Regolari Agostinjani ta' Coimbra. Il-*Benignitas* tagħtina din l-informazzjoni interessanti dwar li Fernando kien se jiġi elett prijur ta' din il-komunità ta' Kanoniċi Regolari.

ma ġietx maħsuda mis-sejf tal-persekutur, ma tilfitx, iżda, li tikseb il-palma tal-martirju[4].

## 7 – RIEPOLOGU TA' L-EWWEL KAPITLU

[360] 1 Kull min joqgħod iqis bl-attenzjoni lil dan ir-raġel qaddis, jara: fit-tfulija tiegħu l-bidu mimli tifħir ta' ħajtu, fiż-żogħżija l-eżempju kbir tiegħu li jibni l-erwieħ, fit-tieni monasteru r-riforma mdawwla ta' l-imġieba tiegħu, fl-istess post it-taħriġ devot fit-talb u fl-impenn meħtieġ ta' l-istudju, fil-ħeġġa taqbad li jsofri l-martirju r-raġuni ewlenija li għaliha daħal fl-Ordni tal-patrijiet Minuri[5], fl-intenzjoni hienja li jbiddel l-ewwel ismu, fl-offerta spontanja biex isofri għal Kristu, fil-proponiment sod li jwettaq ir-rieda divina f'kull ħaġa. Dawn kollha huma l-aspett li għadna kemm qisna ftit ilu, u jwassluna biex ninnutaw b'liema perfezzjoni dan il-qaddej ta' Alla ikkonverta għall-istat reliġjuż, u iddedika ruħu bl-aktar mod sħiħ, u mingħajr l-ebda riserva.

## 8 – IL-ĦAJJA PENITENZJALI TIEGĦU FL-EREMITAĠĠ

[361] 1 F'dik iċ-ċella ċkejkna *kien jagħti ruħu għat-talb* (cfr. 1Kor 7,5) lejl u nhar. Hemm kien jitlob lill-Missier, kien iwieġeb lill-Imħallef, kien jiddjaloga mal-Ħabib[6], u kien jitlob bla heda għall-midinbin u għal dawk kollha li kienu jemmnu fi Kristu.

---

4 Riferiment dirett għall-Antifona tal-*Magnificat* tal-festa ta' San Martin ta' Tours (11 ta' Novembru) fil-Brevjar Ruman: *O sanctissima anima, quam etsi gladius persecutoris non ábstulit, palmam tamen martyrii non amisit!*

5 Fi qbil ma' l-*Assidua* 5,2.5, Peckham jisħaq li l-motiv prinċipali li kien il-karatteristika tal-passaġġ ta' Antnin mill-*Ordo sancti Augustini* għall-*Ordo fratrum Minorum* kien ix-xewqa li hu jikseb il-palma tal-martirju, aktar milli li jsegwi l-esperjenza evanġelika Franġiskana.

6 Dawn l-espressjonijiet huma meħudin, kważi kelma b'kelma, mil-*Legenda Maior* 10,4 (FSF 1230). Rigward San Franġisk, Bonaventura jikteb: *Ibi respondebat iudici, ibi supplicabat patri, ibi colloquebatur amico, ibi colludebat sponso*. L-aħħar espressjoni ma jinkludihiex Peckham fil-każ ta' Sant'Antnin.

[362] 2 F'dak il-post diversi drabi rawh isofri bil-qawwa l-attakki u t-taħbit tad-demonji, li kienu jagħmlu ħilithom kollha biex jippruvaw ifixkluh milli jingħata għat-talb imqaddes[7].

## 9 – DWAR L-UMILTÀ PROFONDA TIEGĦU

[363] 1 Fil-fatt, Antnin kien mar bl-umiltà għand il-gwardjan tiegħu u kien talbu, bħala titlu ta' favur kbir, li jħallih jaħsel il-borom tal-kċina u jiknes ta' kuljum id-dwejra li fiha kienu jgħammru l-aħwa; fil-fatt hu nnifsu kien stqarr li ma kienx utli għal xejn aktar. Hu kien jaqdi dawn id-dmirijiet b'umiltà u devozzjoni, għax tabilħaqq hu kien *għodda magħżula* (Atti 9,15), imżejjen bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu li hi ta' ħafna xorta[8].
[364] 2 Il-patrijiet ma kienux jaħsbu li hu kien midħla ħafna ta' l-Iskrittura divina, għax l-unika ħaġa li kienu innutaw kienet biss li rarament kienu semgħuh jitkellem bil-latin, imma dan biss meta kien imġiegħel mill-ħtieġa. Kienu innutaw ukoll li kien jaf b'mod perfett dak li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċji ekkleżjastiċi.

## 10 – IL-VOKAZZJONI APOSTOLIKA TAL-QADDIS

[365] 1 Fl-aħħarnett, bid-dispożizzjoni tal-Mulej l-aktar twajjeb, li *jiftaħ fomm l-imbikkma u jħoll l-ilsna tat-trabi* (Għerf 10,21), skond kif jingħad mill-profeta Iżaija: *Iftaħ garġik, għajjat u la tiskotx! Għolli*

---

7 Cfr. *Legenda Maior* 10,3.5: *demonum pugnas horribiles frequenter sustinuit, qui /.../ nitebantur ipsum ab orationis studio perturbare*. Jista' jkun li hawnhekk l-awtur qiegħed iqabbel lil Sant'Antnin mal-qaddis li tiegħu kien iġib l-isem, jiġifieri Sant'Anton Abbati, li baqa' magħruf għall-provi kbar li għadda minnhom fid-deżert ta' l-Eġittu meta kien jiġi attakkat mid-demonji.

8 Dan id-dettall dwar Antnin li jitlob lill-gwardjan tiegħu biex jiknes ta' kuljum l-eremitaġġ tal-patrijiet f'Monte Paolo, jaqbel mat-tradizzjoni miżmuma fil-kunvent ta' Padova, u li tixhed għaliha l-*Assidua* 8,6 *(in ablenda suppellectili coquine)* u l-*Legenda Raymundina* 6,16.18 *(a gardiano flexis genibus postulavit, lavandorum coquine utensilium ac parassidum, et scopande domus sibi offitia commendari /.../ Concesso igitur sibi predicto fretus offitio, id indefesse ac devotissime exercebat).*

*leħnek bħal tromba. Dnubhom uri lill-poplu tiegħi* (Iż 58,1), - hekk dan il-qaddej ta' Alla, Antnin, ġie magħżul minn qabel mill-Mulej biex jagħti messaġġ ta' salvazzjoni. 2 Bħal dak il-qaddej li dwaru jitkellem l-Evanġelju, li ġie mibgħut fis-siegħa taċ-ċena biex jgħid lill-mistednin ħalli jħaffu jiġu, għax il-mejda kienet imħejjija (cfr. Lq 14,17); hekk Alla b'mod għaref ħatar lil dan il-qaddej tiegħu Antnin, li kien lest li jwettaq dak kollu li kien se jkun mitlub minnu, sabiex kif diġà rajna, hu jingħata biex jgħix fis-solitudni.

[366] 3 Il-Mulej ta investitura li kienet tixraq sewwa lil dan il-ħabbâr ta' l-għaġeb, Antnin, bħallikieku kien Pawlu ieħor, sabiex hu jwassal Ismu quddiem il-prelati, quddiem il-prinċpijiet tad-dinja, u quddiem il-popli kollha.

[367] 4 Kemm hi kbira l-providenza ta' Alla tagħna lejna *bnedmin li m'aħniex għajr dud* (cfr. Ġob 25,6). Hu jistedinna għal din l-ikla, li dwarha tkellimna aktar 'il fuq, l-ewwelnett permezz tal-patrijarki u tal-profeti tal-qedem, imbagħad permezz ta' Ibnu l-waħdieni u ta' l-appostli qaddisin, imbagħad ukoll permezz tad-dutturi qaddisa tal-Knisja, u fl-aħħarnett permezz tal-qaddejja tiegħu Franġisku u Antnin kif ukoll permezz ta' evanġelizzaturi oħrajn, li huma destinati li jingħataw lid-dinja li, kif nemmnu, riesqa lejn it-tmiem tal-jum tagħha[9].

## 11 – MILL-ĠDID DWAR L-UMILTÀ TIEGĦU U D-DONI TAL-PREDIKAZZJONI

[368] 1 O umiltà mhix tas-soltu, li biha Antnin xejjen lilu nnifsu b'mod ta' l-għaġeb, billi ċaħad lilu nnifsu, biex hekk sar jiddi bil-merti! Huma bosta dawk l-oħrajn li, qabel ma jsiru dixxipli, jippretendu li jogħlew fil-ġieħ ta' mgħallmin, jaħtfu l-kattedri donnhom qishom bilqiegħda fuq il-mejda, u jlissnu b'leħen jidwi ħafna kliem minfuħ li n-nies ma jistgħux jifhmuh. 2 Għall-kuntrarju, Antnin, li kien jaf bil-perfezzjoni l-paġni sagri, kien jippreferi jiġi magħdud mal-grupp ta' dawk li ma jafux skola u li huma illetterati, pjuttost milli ma' l-għorrief u l-imgħallmin. 3 Antnin adatta ruħu biex jingħata għall-qadi fil-kċina u b'qalb twajba

---

9 L-espressjoni *adverperascens seculum* tindika l-imminenza tat-tmiem eskatoloġiku ta' l-istorja umana, u hi tipika fl-aġjografija medjevali.

u ferrieħa kien joqgħod fost l-umli, aktar milli jippreferi joqgħod fuq il-kattedra ta' l-imgħallem.

[369] 4 Malli laqa' l-inkarigu tal-predikazzjoni evanġelika, dan il-qaddej fidil u għaqli beda jaħseb biex jeżerċitah b'tant qawwa u sens ta' attenzjoni għall-opportunità li ippreżentat ruħha, li kien jiċħad kull mistrieħ lil ġismu, u kien imur idur fil-bliet, irħula u kastelli, jikkonvinċi lil dawk li ma jemmnux dwar l-iżbalji tagħhom, iwissi lit-tajbin u jċanfar lill-ħżiena. Lil kulħadd hu kien iqassam, b'abbundanza u qalb mimlija ħeġġa, twissijiet u tagħlim skond kif kien jixraq. 5 Lil dawk il-persuni mgħallmin kien jikkomunikalhom l-aktar tagħlim profond u iebes; lil dawk li kellhom preparazzjoni medja kien iħabbrilhom il-kelma b'mod aktar sempliċi; lil dawk li kienu l-aktar umli kien jesponilhom il-materja b'mod li jiddi bis-sempliċità, hekk li wieħed kien kważi jista' jmissu b'idejh.

[370] 6 Ma kellu l-ebda rigward għall-persuni li kien jirnexxilu jġiegħelu jmil, l-ebda ħlewwa li jirċievi ż-żegħil ta' interessi umani, u ċ-ċapċip tal-folol qatt ma kien jagħmel bih. 7 Meta kien jitkellem kemm mal-kbar u kemm maż-żgħar, lil kulħadd hu kien jipproponi l-verità skond il-qjies ġust, u kien jolqot lil kulħadd bil-vleġeġ tal-verità. 8 Kien donnu Elija ieħor[10], *qam qisu nar, u fi żmienu kelmtu kienet taqbad bħal ħuġġieġa* (cfr. Sir 48,1.13). Il-qaddej tal-Mulej, fil-fatt, bil-kelma tiegħu kien jiġbed, jaħraq, iqabbad, issaħħan u jħeġġeġ il-qlub bierda, jongħosu, kesħin u mdallmin ta' dawk li kienu jisimgħuh.

## 12 – L-GĦARFIEN STRAORDINARJU LI KELLU TA' L-ISKRITTURA MQADDSA

[371] 1 Tabilħaqq dan ir-raġel jista' jissejjaħ "Arka tat-Testment il-Ġdid u l-Qadim", għaliex hu kien imħarreġ sewwa fil-Bibbja kemm bi sforz personali kif ukoll bl-intervent tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, għax ċertament ma setax jakkwista profitt ta' waħda mingħajr l-ieħor. 2 Fil-verità, - kif kienu espressament qalu dawk li kienu jafuh tajjeb u li

10 Antnin jiġi mqabbel mal-profeta Iżaija (10,1), ma' Elija (11,8), ma' Esdra (12,2), ma' Ġakobb (17,48), ma' Pawlu (22,8), ma' Girgor il-Kbir (12,4), ma' Ambroġ (17,6), ma' Nikola ta' Mira (17,33), ma' Ġilormu (12,2), u ma' Franġisku (17,6).

dejjem għexu maġenbu, - hu kien iżomm il-ħin kollu f'idejh it-Testment il-Qadim u l-Ġdid, u kien donnu Ġilormu ieħor, dak id-duttur qaddis tal-Knisja. Hu kien jaf hekk perfettament il-paġni sagri bl-amment, li kieku dawn il-paġni – Alla ħares qatt! – kellhom jintilfu darba għal dejjem, hu kien ikun kapaċi jerġa' jiktibhom kelma b'kelma, b'mod sħiħ, bl-għajnuna tal-ħniena divina, sakemm jerġa' jipproduċihom fl-istil oriġinali tagħhom, bl-istess mod kif fil-qedem kien għamel il-famuż Esdra[11].

[372] 3 Xi ngħidu iżjed? Ma kienx hemm kelma waħda mill-Iskrittura li dan il-qaddis ma kienx jafha. 4 Mhux biss, imma hu kien fi grad li jesponi l-paġni sagri b'mod ċar skond l-erba' sensi tagħhom: allegoriku, storiku, tropoloġiku u anagoġiku, u hekk kien jimita lill-imqaddes Girgor kull meta kienet tippreżenta ruħha quddiemu l-ħtieġa li jagħmel dan[12].

[373] 5 Min jista' qatt jiċċelebra b'tifħir u kliem għoli li jixraq lil missier hekk kbir? Għax tabilħaqq hu, kważi mill-bidunett tal-ħajja reliġjuża tiegħu, kien jidher quddiem il-qaddejja ta' Alla bħala mudell ta' kontemplazzjoni perfetta, ta' umiltà profonda, ta' ubbidjenza pronta, ta' għotja mħeġġa għall-ġid ta' l-erwieħ, ta' rettitudni u ġustizzja intelliġenti, ta' awsterità eċċezzjonali biex irażżan lil ġismu, u dan kollu għall-ġieħ kbir tal-familja reliġjuża tiegħu.

---

11 Esdra kien saċerdot u skriba li, taħt ir-re persjan Artaserse I (458 q.K.) kien reġġa' lura mill-Babilonja l-ġmiegħi ta' Israeliti li kienu jinsabu fl-eżilju lejn Ġerusalemm. Kien għen lill-gvernatur Neħemija fir-riforma reliġjuża. Il-leġġenda spiċċat biex ippreżentat lil Esdra bħal Mosè ġdid, u attribwiet lilu redazzjoni ġdida tal-*corpus* kollu ta' l-Iskrittura mqaddsa, li l-manuskritti tagħha kienu inqerdu fin-nirien tat-Tempju fil-qerda ta' Ġerusalemm minn Nabukadnessar. Il-ktieb apokrifu 4 Esdra 14,21-47 jirrakkonta li, f'perjodu ta' ħamsin jum, Esdra kiteb mill-ġdid l-24 kotba tat-Testment il-Qadim.

12 Sa minn żmien is-Santi Padri u fil-medjuevu l-Iskrittura kienet tiġi kummentata skond 4 sensi spiritwali: (1) is-sens letterali jew storiku tat-test sagru; (2) is-sens allegoriku, jew ta' tixbiħat; (3) is-sens tropoloġiku, jew ta' l-imġieba morali li jgħallem it-test sagru; (4) is-sens anagoġiku, jew eskatoloġiku, dwar l-aħħar realtajiet li għalihom iwassal it-test sagru. Fl-attività tiegħu ta' predikatur, il-Papa San Girgor il-Kbir (†604) kiteb kummentarju dettaljat tal-Ktieb ta' Ġob skond l-erba' sensi hawnhekk indikati, bit-titlu *Moralium libri XXXV.*

## 13 – SANT'ANTNIN GĦALLIEM U SUPERJUR

[374] 1 Nieħdu wisq fit-tul kieku kellna noqogħdu nsemmu l-għemejjel ta' l-għaġeb ta' l-imqaddes Antnin, u nitkellmu dwar kemm ġera fi provinċji u partijiet oħrajn tad-dinja jiżra' ż-żerriegħa tal-Kelma, jew kemm kunventi solenni hu għamilhom ċelebri bit-tagħlim tiegħu, bid-diskussjonijiet teoloġiċi[13], bil-priedki, imbuttat kemm mill-ħeġġa għall-fidi kif ukoll mill-ħerqa għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, kemm meta kien miġbud mill-imħabba biex jgħallem lill-aħwa, kif ukoll meta kien imġiegħel mix-xewqa u l-ħeġġa li jagħti ġieħ lill-familja reliġjuża tiegħu, li f'dawk iż-żminijiet kienet qed tiġi mkasbra minħabba n-nuqqas ta' preparazzjoni kulturali tagħha.

[375] 2 Kien hu, fil-fatt, l-ewwel wieħed li fl-Ordni mexxa skola ta' teoloġija, jiġifieri dik ta' Bologna, għaliex hemmhekk kien jiffjorixxi *Studium* tax-xjenzi moderni liberali kollha, li kien l-aktar wieħed famuż u kbir li kien jeżisti dak iż-żmien taħt l-Alpi[14]. Għal din ir-raġuni kien jidher jaqbel lill-patrijiet suprjuri li hemmhekk jagħżlu lil Antnin bħala lettur f'dan li *Studium*, billi hu kien l-aktar wieħed li kien kwalifikat għal dan ir-rwol.

[376] 3 Fiż-żmien tal-kapitlu ġenerali ta' Assisi, li matulu saret it-traslazzjoni tal-fdalijiet ta' l-imqaddes Franġisku, Antnin ġie meħlus mill-uffiċċju ta' ministru. Għaliex hu kien mexxa għal xi snin il-provinċja tar-Romagna b'mod li jixraqlu kull tifħir, bħala ministru tal-patrijiet. 4 U għalkemm *fix-xandir tal-Kelma u t-tagħlim* (cfr. 1Tim 5,17) ma kien hemm ħadd fl-Italja li kien kbir daqs Antnin, madankollu fl-inkarigu ta' superjur hu kien juru lilu nnifsu mimli kortesija b'mod ta' l-għaġeb.

---

13 Dan hu dettall anakronistiku, billi nafu li fi żmien Antnin il-kunventi fqajrin Franġiskani ma setgħux ċertament ikunu kunventi "solenni" bħalma kienu l-monasteri. L-espressjoni *ordinis sui legendo*, tindika l-arti tat-tagħlim bħala *lector* tat-teoloġija fis-sens medjevali Skolastiku.

14 *Citra montes*, jiġifieri fin-nofsinhar tal-katina muntanjuża ta' l-Alpi li tagħlaq il-penisola Taljana dawramejt fit-tramuntana. Il-belt ta' Bologna kienet famuża għall-università tagħha, li fiha Antnin għallem fli *Studium,* jew Skola Teoloġika Franġiskana. Dak iż-żmien ma kienx għad hemm Fakultà Teoloġika f'Bologna, għax din twaqqfet biss mill-kardinal Albornoz fit-30 ta' Ġunju 1360. Cfr. C. PIANA, "Sullo studio francescano di Bologna", *Chartularium Studii Bononiensis S. Francisci,* AF XI, Quaracchi 1970, 85.

[377] 5 Fl-aħħarnett, meta irċieva mill-ministru ġeneral il-fakultà li jippriedka liberament kulfejn ried, bi tnebbieħa divina hu rħielha lejn il-belt ta' Padova, għax f'xi żmien qabel hu kien sperimenta kemm kienet bla dubju, magħquda, għolja u sinċiera l-istima u d-devozzjoni li dak il-poplu kienu juri lejh.

## 14 – XI PARTIKULARI DWAR IL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU F'PADOVA

[378] 1 Għalkemm il-poplu kien jiġri minn kullimkien, mingħajr waqfien, qisu qtar tax-xita, biex jisma' l-priedki tal-qaddej ta' Alla, bl-ebda mod ma kien se jirnexxilu jisma' xi ħadd li jitkellem b'leħen għoli. 2 Ma kontx tisma' minn imkien xi ċaqliq jew tpaċpiċ, ma kontx tara min jipprova jitkellem minn taħt l-ilsien ma' min ikun qrib tiegħu, lanqas ma kont tisma' tifel iwerżaq, u l-ebda persuna oħra li tfixkel imqar għal ftit tal-ħin id-diskorsi tal-qaddis. 3 Kulħadd kien jibqa' wieqaf b'attenzjoni kbira, jikkontempla lill-qaddej tal-Mulej b'ħarsa iffissata fuqu u bħallikieku maħtuf barra minnu nnifsu, u kienu jneħħu b'deċiżjoni kull ħsieb li jxekkilhom. Bid-devozzjoni kollha kulħadd kien isegwi l-kliem tiegħu, daqslikieku kien niżel mis-sema xi spirtu anġeliku u kien jippriedka floku lil dik il-ġemgħa bla tarf li hemmhekk inġabret.

[379] 4 Ma hemmx għalfejn nistagħġbu, meta nintebħu li Alla kien imlieh bi grazzja hekk abbundanti, li l-kliem li kien ilissen, li kien qawwi, u kien joħroġ qisu ilma jgelgel b'mod ordnat, b'leħen ċar u mill-aktar jaqbel għall-gost tal-widnejn, kien donnu jagħmel minnu *tromba ta' Alla* (cfr. 1Tess 4,16), hekk li kulħadd seta' jisimgħu u jifhmu. 5 Irridu mbagħad nistagħġbu ħafna għaliex għalkemm Antnin kien ġej minn art imbiegħda, u li fiha kien irċieva t-tagħlim tiegħu għal bosta snin, imma b'danakollu kien jitkellem bl-ilsien Taljan b'mod perfett, qisu qatt ma kien għex x'imkien ieħor[15].

---

15 L-espressjoni *linguam ytalicam* tnissel perplessità, għax fis-seklu 13 ma kienetx teżisti lingwa Taljana nazzjonali, imma kien hemm biss id-djaletti reġjonali. Nistgħu naħsbu li Antnin kien kapaċi jitkellem tajjeb fid-djalett reġjonali ta' Padova. Ir-*Raymundina* 9,8 taqbel mal-*Benignitas* meta tgħid: *mirum in modum vulgariter loquens, sic se extraneis intelligibilem*

## 15 – IL-FLAĠELLANTI

[380] 1 Kien f'dak iż-żmien li għall-ewwel darba l-bnedmin bdew jinġemgħu flimkien f'folol kbar biex jagħmlu purċissjonijiet, li matulhom kienu jissawwtu u jerfgħu leħinhom b'devozzjoni kbira filli jinfexxu f'innijiet reliġjużi. Din id-drawwa ta' min ifaħħarha, li kienet bdiet mill-inizjattiva ta' qaddis hekk magħruf, minn dawk il-jiem bdiet tinfirex f'dawk l-inħawi. Din hi drawwa li, sallum, għadha mħarsa b'ħeġġa kbira kważi fir-reġjuni kollha ta' l-Italja[16].

## EPILOGU TAL-KAPITLU

[381] 2 O raġel tassew ta' l-għaġeb, duttur eminenti, predikatur tal-verità, li l-awtorità tas-superjuri li bagħtuk tippriedka ħabbret minn qabel u saħħitu; ix-xitan kien jipprova jaqbdu f'kull xorta ta' nasba, imma l-Omm tal-Mulej kienet tħaffef biex tħarsu; il-grazzja ta' Alla kienet tmexxih u ssaħħu u l-fervur tal-poplu kien jakkumpanjah u jappoġġjah; it-tjieba divina madwaru kienet twettaq b'mod li jidher u turi ġrajjiet ta' l-għaġeb, u bis-saħħa tal-predikazzjoni tiegħu, kien jitkattar b'abbundanza l-frott tal-ġid fl-erwieħ.

---

*exhibebat, ut, quasi linguarum simul multa genera loqueretur, ab omnibus eius sermocinatio caperetur*.

16 Il-moviment tal-Flaġellanti fil-fatt kien beda b'inizjattiva ta' fra Raniero Fasani f'Perugia, fl-1260, u minn hemm infirex bħal berqa kemm fl-Italja kif ukoll 'il fuq mill-Alpi. Cfr. J. BERDONCES, *Fasani Raniero,* in *Dizionario degli Istituti di Perfezione,* vol. 3, Roma 1976, 1418-1420; G. CECCHINI, *Flagellanti,* in *Dizionario degli Istituti di Perfezione,* vol. 4, Roma 1977, 60-72: "Forse proprio il carattere di processione penitenziale, assunto dalle *stazioni* quaresimali antoniane, ad alimentare la tarda leggenda, che fece del Santo il promotore primo dei Flagellanti nel 1260: manifestazione troppo spettacolare per essere di spirito antoniano". Mela ma nistgħux naċċettaw li Sant'Antnin, li għex biss sa l-1231, kien l-idejatur u l-promutur tal-moviment tal-Flaġellanti. Pjuttost Sant'Antnin nistgħu nqisuh l-idejatur u l-promutur tal-priedki tar-Randan, il-*quaresimale*, bil-Malti *kwareżimal* (minn fejn ġej l-isem *kwareżimalista*, applikat għall-predikatur magħżul ta' kull sena mill-kapitlu kattidrali biex jippriedka uffiċjalment fil-Ħdud tar-Randan u fil-festi prinċipali).

## 16 – DWAR IL-ĦEĠĠA TIEGĦU BIEX JIEQAF LILL-ERETIĊI U JĦAWWAD L-IŻBALJI TAGĦHOM

## I – MARTELL TA' L-ERETIĊI

[382] 1 Il-bniedem ta' Alla, Antnin, dejjem kien imħasseb bis-sħiħ biex jirbaħ, u jiġġieled bil-qawwa kollha tiegħu, iċ-ċorma qarrieqa ta' l-eretiċi. Għax dawn huma *volpijiet* mill-agħar u ta' min jistmerrhom, li jirrovinaw *l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej ta' l-eżerċti* (cfr. Għan 2,15; Ġak 5,4). Antnin ried jeqridhom mill-pedamenti u jqalleb ta' taħt fuq l-għeruq tat-tagħlim qarrieq tagħhom.

[383] 2 Fid-disputi li kien jagħmel fil-pubbliku, Antnin kien jieqaf lil dawk li jxerrdu l-ereżiji, u li huma msejħin ukoll ereżjarki. Hemm għamel f'Rimini, Toulouse[17] u Milan[18]; ikkonvinċihom b'argumenti li wieħed ma jistax jiċħadhom u b'evidenza, billi kixef beraħ l-iżbalji tagħhom quddiem kulħadd. 3 Hu kien armat b'argumenti bibliċi qawwija li kien isaħħaħhom b'argumenti mill-aktar ċari u solidi, hekk li kull min kien jipprova jifrex in-nasba qarrieqa ta' l-ereżija ma kienx jiflaħ jieqaflu f'wiċċu, u lanqas ma kien jazzarda jiftaħ fommu quddiemu. B'hekk f'Antnin seħħet b'mod perfett dik il-kelma li l-Mulej qal lid-dixxipli tiegħu biex jagħmlilhom il-qalb: *Jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx jista' jiqaflu jew imerih* (Lq 21,15).

[384] 4 Il-qaddej ta' Kristu kien ilu għal żmien twil imdawwal bl-għerf divin. Hu kien jikxef b'mod hekk għaref il-qerq ta' dawn il-volpijiet u kien ineżżа' sa ma jurihom fil-għera tagħhom l-argumenti djaboliċi u qarrieqa tagħhom, kien jitkellem b'mod hekk ċar dwar il-ħmieġ ta' l-ereżiji moqżieża tagħhom li lanqas ma wieħed jiflaħ jismagħhom, li kif

17 Rigward Toulouse bħala bejta ta' eretiċi, biżżejjed li nirreferu għal dak li ddikjara l-kardinal legat Pietro, fl-ittra li kiteb lill-arċisqof Arnaldo di Narbonne, f'Jannar 1214: *caput et sentina esse dignoscitur totius malitie heretice pravitatis*. Il-miraklu tal-bagħal li jadura l-Ewkaristija seħħ *in partibus Tholosanis*.

18 Il-*Benignitas* hi l-unika opra aġjografika li tgħid li Antnin żar il-belt ta' Milan. Il-metropoli Lombarda kienet waħda miċ-ċentri kbar ta' l-ereżija tal-Katari (cfr. A. DONDAINE, "La hiérarchie cathare en Italie", *Archivum Fratrum Praedicatorum* 19 (1949), 280-312; 20 (1950), 234-324). L-istess Jacques de Vitry, fl-Ittra miktuba minn Genova f'Ottubru 1216, isejjaħ Milan "bejta ta' l-eretiċi" (FSF 1682).

hu stess kien jafferma pubblikament, ma kienx jeżisti bniedem wieħed fid-dinja kollha, fit-tul u l-wesgħa tagħha, li f'dak iż-żmien qanqal kontra l-ereżija tempesta hekk qawwija ta' persekuzzjoni. Kien hekk mehdi f'dan l-impenn tiegħu, li b'espressjoni li saret komuni kullimkien, Antnin kienu jsejħulu l-"Martell ta' l-eretiċi" li qatt ma jehda jaħdem[19].
[385] 5 Bil-qawwa ta' dan kollu, xi uħud mill-eretiċi reġgħu lura flimkien mad-dixxipli tagħhom għall-ubbidjenza u l-għaqda mal-Knisja mqaddsa. Biex nuri kif dan kollu seħħ permezz ta' miraklu evidenti, barra mill-każ ta' l-ereżjarka Bonovillo[20], li ġie konvertit għall-fidi vera f'Rimini, se nirrakkonta issa l-istorja ta' ereżjarka mill-agħar ieħor, li bil-qawwa tal-merti tal-bniedem qaddis, ġie maħtuf mill-ereżija permezz ta' miraklu ta' l-għaġeb.

## II – DWAR KIF IKKONVERTA ERETIKU

[386] 6 Fir-reġjun ta' Toulouse dan l-istess bniedem mill-aktar qaddis kien iddiskuta b'argumenti qawwija rigward is-sagrament ta' salvazzjoni ta' l-Ewkaristija kontra eretiku inkallit, u kien għoddu reġgħu lura b'konvinzjoni u ġibdu lejn il-fidi kattolika. Imma dan, wara bosta argumenti varji, ipprova jerġa' lura, u żied jgħid dawn il-kelmiet: 7 "Ejjew inħallu warajna l-kliem vojt u niġu għall-fatti. Antnin, jekk inti jirnexxilek twettaq miraklu li fih tagħti prova li fit-tqarbin *dawk li jemmnu* (cfr. Atti 2,42; 1Kor 10,16) jirċievu tassew, għalkemm b'mod moħbi, l-veru ġisem ta' Kristu, jiena niċħad għal kollox kull ereżija, u npoġġi rasi mingħajr dewmien taħt l-ubbidjenza tal-fidi kattolika"[21].

---

19 Cfr. M. D'ALATRI, "Antonio martello degli eretici?", *Il Santo* 5 (1965) 123-130.

20 L-*Assidua* 9,6 tirrakkonta l-ġrajja tal-konverżjoni ta' dan l-eretiku, imma ssejjaħlu Bononillo.

21 Il-miraklu li jiġi rakkontat hu lokalizzat b'mod ġeneriku fit-territorju ta' Toulouse. Ma nafux x'kien jismu l-eretiku, filwaqt li l-bhima li tadura l-Ewkaristija kienet bagħal. Dan ir-rakkont tal-*Benignitas* hu l-aktar wieħed spettakolari, hekk li minnu jiddependi r-rakkont fil-*Liber Miraculorum* 3, u dak ta' Polentone 39 u Surio 22. Ir-*Rigaldina* 9,29-40 ma ssemmix il-lokalità u lanqas l-ereżjarka, imma titkellem minn *equus*, żiemel. Paolino da Venezia 4,7-11 jitkellem minn Rimini bħala l-post tal-miraklu. Bartolomeo da Pisa, *De Conformitate Vitae* 2,17-19, jitkellem minn Rimini, u jsemmi lill-eretiku

[387] Il-qaddej tal-Mulej b'fidi kbira wieġbu: "Jiena għandi fiduċja fil-Feddej tiegħi Ġesù Kristu li, għall-konverżjoni tiegħek u ta' l-oħrajn, jiena naqla' mill-ħniena tiegħu dak li inti qiegħed titlob". 9 Qam għaldaqstant dak l-eretiku u, filwaqt li b'idejh wera li ried is-skiet madwaru, qal dawn il-kelmiet: "Jiena se nżomm magħluqa ġewwa l-bhima tiegħi għal tlitt ijiem u nħalliha ssofri l-ġuħ. Wara li jgħaddu dawk it-tlitt ijiem, jiena noħroġha quddiem in-nies kollha, u nuriha x-xgħir imħejji għall-għalf tagħha; sadanittant inti oqgħod biswit il-bhima b'dak li inti tafferma li hu l-ġisem ta' Kristu. Jekk l-annimal, li jkun imġewwaħ, iwarrab l-għalf tiegħu, u jmil bil-ħeffa biex jadura lil Alla tiegħu, allura jiena nemmen bis-sinċerità kollha għall-fidi tal-Knisja". 10 Il-missier mimli b'fidi kbira mall-ewwel wera li qabel mal-proposta. Allura l-eretiku għajjat u qal: "Isimgħu tajjeb, intom kollha li qegħdin hawn!"

[388] 11 Għalfejn intawwal b'ħafna kliem? Wasal il-jum miftiehem għall-isfida, u n-nies ġiet tiġri minn kullimkien u iffullata dik il-pjazza kbira. Hemmhekk kien hemm preżenti l-qaddej ta' Kristu, Antnin, imdawwar mill-folla miġmugħa ta' l-insara. Kien hemm ukoll l-eretiku, biċ-ċorma qarrieqa tal-kompliċi tiegħu. 12 Il-qaddej ta' Alla ħejja ruħu biex jiċċelebra l-quddiesa f'kappella li kien hemm fil-qrib, u daħal bid-devozzjoni kollha għar-rit tal-quddiesa. 13 Meta temm il-quddiesa, ħareġ lejn il-poplu li kien qiegħed jistenna, u kien qiegħed iżomm b'qima kbira l-ġisem tal-Mulej. Il-bagħal imġewwaħ ħarġuh mill-istalla, u bdew juruh il-għalf tiegħu biex iġiegħluh jiekol.

[389] 14 Fl-aħħarnett, wara li talab lil kulħadd biex jiskot, il-bniedem ta' Alla b'fidi kbira kkmanda lil dik il-bhima u qalilha: "Bil-qawwa u f'isem Dak li ħalqek, li jiena, għalkemm ma jistħoqqlix, qiegħed inżomm tassew f'idejja, jiena nordnalek, ja bhima, biex tersaq issa stess bl-umiltà u turih il-venerazzjoni li tixraqlu. B'hekk l-eretiċi kiefra jitgħallmu b'mod ċar minn dan l-għemil li kull ħlejqa għandha toqgħod għall-Ħallieq tagħha, Dak li d-dinjità saċerdotali żżomm f'idejha fuq l-altar". 15 Il-qaddej ta' Alla lanqas kien għadu laħaq temm jgħid dawn il-kelmiet, meta dik il-bhima warrbet l-għalf li kellha quddiemha, u

---

bl-isem ta' Bonello, filwaqt li jgħid li l-bhima kienet ħmara li kienet imdorrija tiekol l-ostji. Cfr. L. OLIGER, *Liber exemplorum fratrum Minorum saeculi XIII,* in *Antonianum* 2 (1927) 214. L-espressjoni latina *in communicacione* hi sinonima għat-tqarbin ewkaristiku.

bdiet tmejjel rasha u niżlet għarkobbtejha quddiem is-sagrament tal-ħajja tal-ġisem ta' Kristu.

[390] 16 Il-ferħ tal-fidili u l-kattoliċi preżenti ma kontx tista' tikkontrollah, filwaqt li l-eretiċi u dawk ta' bla fidi baqgħu miblugħin u avviliti. Alla b'hekk ġie mbierek u mfaħħar, il-fidi kattolika ġiet mgħollija u mogħtija ġieħ, il-qerq ta' l-eretiċi ġie mikxuf għall-mistħija u kkundannat għall-istmerrija ta' dejjem. 17 L-eretiku li semmejna, wara li ċaħad l-ereżija quddiem kulħadd, minn dak il-ħin beda juri ubbidjenza u fedeltà lejn il-preċetti tal-Knisja mqaddsa.

## III – TIFĦIR LILL-EVANĠELIZZATUR QADDIS

[391] 18 Jiena nistaqsi, liema qalb, ukoll jekk iebsa daqs il-ġebel jew daqs iż-żonqor, jew inkella daqs il-ħadid, ma tibdiex tinħall f'ilfiq ta' ndiema, meta tisma' ħwejjeġ hekk ħarxa u terribbli dwar il-pwieni ta' l-infern, li Antnin, ħabbâr singulari ta' Kristu, kien jirnexxilu kważi jpinġihom quddiem għajnejn dawk li jisimgħuh? Min ma jismax imbagħad dak il-kliem hekk ħelu daqs il-għasel dwar il-hena tal-ġenna, li hu kien jiddeskrivi b'mod hekk ċar? Min ma jismax dik il-verità li bil-ħeġġa ta' l-ispirtu u bil-qawwa hu kien ilissen minn dak il-fomm mimli bil-verità tal-kelma ta' Alla? Fuq kollox, min hu dak li jara jseħħu quddiem għajnejh ta' kuljum dawk il-mirakli ta' l-għaġeb, u ma jħossuhx imġiegħel biex, malajr, malajr iwettaq kull tip ta' ġid, immexxi f'kollox mill-qaddis u mill-grazzja ta' Ġesù Kristu?

19 Jiena deherli li għandi nagħmel għażla u niġbor uħud minn dawn il-mirakli, u nesponihom bl-iqsar mod possibbli.

## 17 – MIRAKLI[22]

### I – DWAR PRIEDKA TA' ANTNIN LI SETGĦU JIFHMUHA B'MOD ĊAR PERSUNI TA' DIVERSI ILSNA[23]

[392] 1 Waqt li l-bniedem ta' Alla kien jinsab fil-kurja Rumana[24] okkupat minn ċerti kwestjonijiet li kellhom x'jaqsmu ma' l-Ordni tiegħu, ġara li folla ta' rġiel u nisa la ma tistax tgħoddha, u li kienu *jitkellmu diversi ilsna* (cfr. Atti 2,6.8), kienet inġabret fil-belt ta' Ruma biex takkwista l-indulġenzi ta' l-Għid.

[393] 2 Waqt li hu kien jippriedka bis-solennità kollha lil dawn il-pellegrini, għax kien inkarigat jagħmel hekk mill-Papa, ġara bħal fi żmien l-appostlu f'jum Għid il-Ħamsin. Il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu għamlet li jkun ta' l-għaġeb, u għaniet b'doni hekk kbar lil ilsien Antnin, li kull wieħed u waħda minn dawk li semgħuh bi preċiżjoni, setgħu jifhmuh b'mod ċar bl-ilsien li fih kienu twieldu u kibru. Aktar tard, bosta minnhom ikkonfermaw din il-ġrajja b'mod żgur[25].

---

22 It-titlu sħiħ ta' din is-sezzjoni hu: *Mirabilia Dei per Antonium*. Bħala lista ta' mirakli huma proprji ta' l-awtur tal-*Benignitas*, ħlief għall-fejqan tal-mara minn Padova (§§14-17) u r-riferiment għall-mirakli ta' apparizzjonijiet (§34) meħudin mill-*Assidua*.

23 Fil-bidu ta' dan ir-rakkont insibu fatt mirakoluż ta' tip "pentekostali", li jidher ukoll fl-ewwel post fil-*Liber Miraculorum*. Dan il-miraklu jagħti bħal siġill ta' kattoliċità lill-ġabra kollha tal-mirakli. Hemm xebħ kbir ma' l-azzjoni ta' l-Appostli, il-*missio* papali, l-intervent ta' l-Ispirtu, il-folol ta' pellegrini li jitkellmu diversi ilsna. Antnin jinsab jevanġelizza f'Ruma, *in medio Ecclesiae*, biex hekk jidher li hu l-qaddis kattoliku tad-dinja kollha.

24 Dwar il-mawra ta' Sant'Antnin f'Ruma fl-1230 titkellem ukoll l-*Assidua*, meta ssemmi l-kapitlu ġenerali li sar f'dik is-sena. Hemm ukoll aċċenn għall-Bolla ta' kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, *Cum dicat Dominus*, promulgata minn Girgor IX fl-1232. Imma ż-żmien *circa Pascha* mhux eżatt, għax fil-fatt ninsabu fi tmiem żmien il-Għid, lejn Pentekoste ta' l-1230. Forsi Antnin kien diġà mar f'Ruma ftit ġimgħat qabel?

25 L-espressjoni *multi eorum postmodum certitudinaliter asserebant*, turi li l-Qaddis, barra mill-konferenzi magħmulin lill-kulleġġ tal-Kardinali, kien għamel ukoll priedki lill-poplu li kien ġie biex jirċievi l-indulġenzi f'Ruma.

## II – DWAR KIF IL-QADDIS DEHER F'ŻEWĠ POSTIJIET FL-ISTESS ĦIN

[394] 3 Fiż-żmien li fih il-bniedem qaddis kien jgħallem it-teoloġija f'Montpellier, ġara li darba minnhom ippriedka matul festa solenni, li fiha kien ġie bi ħġaru l-kleru u l-poplu. Malli beda jippriedka, ftakar li dak il-ħin kellu impenn ieħor, u li ma kienx ħalla lil ħadd biex jaqdih floku. 4 Għaliex hemmhekk kien hemm id-drawwa li, fis-solennitajiet ewlenin, żewġ patrijiet mill-aktar għorrief ikantaw l-*Alleluia* fil-quddiesa komunitarja. Dakinhar l-inkarigu li jkanta kien proprju d-dmir tal-bniedem ta' Alla.

[395] 5 Antnin iddispjaċih talli kien nesa. Hu miel kemmxejn fuq il-leġiju, u għatta rasu bil-kapoċċ, bħallikieku kellu l-intenzjoni li jorqod. Fl-istess ħin il-bniedem ta' Alla deher fil-kor tal-patrijiet, f'Montpellier, waqt li kien ikanta l-*Alleluia* flimkien mal-patri sieħbu li kellu jkanta miegħu. Matul dak il-ħin il-ġisem ta' Antnin baqa' fuq il-pulptu, wieqaf għal spazju ta' mixja twila, quddiem dik il-kotra kbira ta' nies li kienu hemmhekk.

[396] 6 Ma hemmx dubju li Alla li jista' kollox, kif darba ried jittrasferixxi lid-duttur magħruf Ambroġ biex ikun preżenti għall-funerali ta' San Martin[26], u kif ittrasferixxa lill-missier imqaddes Franġisku għall-kapitlu ta' Arles waqt li l-qaddis tagħna kien qiegħed jippriedka fuq it-titlu trijonfali tas-salib[27], hekk ried iwettaq l-istess miraklu fil-każ ta' dan il-bniedem venerabbli, ħalli jurih ugwali fil-merti

---

26 Cfr. GREGORIUS TURONENSIS, *De miraculis Sancti Martini,* lib. 1, cap. V: *Qualiter b. Ambrosio idem transitus est ostensus* (PL 71,918-919). Fl-altar tad-deheb ta' Sant'Ambroġ f'Milan, Volvinio (835) f'lamina tad-deheb ibbuzzata iffigura lil Ambroġ f'estasi waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, fil-ħin li fih ġie meħud fl-ispirtu f'Tours ħdejn il-moribond Martin, u li hu middu fis-sarkofagu. Simone Martini, fil-kappella dedikata lil San Martin fil-basilica inferiore ta' San Franġisk f'Assisi (1322-1326) pitter f'affresk lil Ambroġ mehdi qisu f'raqda spiritwali, filwaqt li fl-ispirtu kien qiegħed jissollennizza l-funeral ta' San Martin, isqof ta' Tours. Imma Ambroġ kien diġà miet fl-4 ta' April 397, u ċertament ma setax ikun preżenti għall-funeral ta' San Martin, li miet warajh, fil-11 ta' Novembru ta' l-istess sena.

27 Il-miraklu tad-dehra ta' San Franġisk fil-kapitlu ta' Arles hu riprodott f'JULIAN MINN SPEYER, *Officium Rhythmicum Sancti Antonii* (Respons. IX) u fil-*Vita Secunda* 5,10-12.

għall-missirijiet qaddisa li semmejna. 7 Meta wettaq bil-galbu kollu d-dmir li kien għadu kemm ftakar fih, il-qaddis mall-ewwel reġa' daħal fih innifsu u kompla b'mod ta' min ifaħħru l-priedka li kien beda qabel.

## III – TIFEL PARALITIKU MFEJJAQ

[397] 8 Darba oħra ġara li l-qaddej umli ta' Alla, hu u rieġa' lura mill-predikazzjoni, kien miexi waħdu fuq triq imwarrba, biex hekk jevita ċ-ċapċip tal-folla li kienet sejra lura lejn darha. Waħda mara, iżda, resqet qrib tiegħu billi għaddiet minn mogħdijiet oħrajn biex tqassar. Malli waslet ħdejn il-bniedem ta' Alla, li kien miexi faċċata tagħha, poġġiet quddiemu f'riġlejh lit-tifel ċkejken tagħha, li kellu diżabilità sa minn twelidu f'dirgħajh u f'riġlejh. B'ħafna lfiq u dmugħ bdiet titolbu biex ibierek liċ-ċkejken bis-sinjal tas-salib, u jkollu ħniena minnha li kienet omm deżolata. 9 Hi kienet tittama bil-qawwa li binha kien se jiġi mfejjaq dak il-ħin stess.
[398] 10 Il-qaddej ta' Alla kien maħkum minn umiltà profonda, u ipprova jaħrab, imma dik il-mara bdiet tkattar il-biki u ttenni t-talba tagħha bil-ħniena filwaqt li kienet tinsisti miegħu u tgħidlu: "Messer padre Antonio, ikollok ħniena minni!" 11 Fl-aħħarnett, il-missier twajjeb, mirbuħ mill-kompassjoni lejn dik l-omm imnikkta u lejn dik il-ħlejqa li kienet issofri, u wara li kien talbu wkoll sieħbu frate Luca[28], raġel famuż għat-tjieba tiegħu, immarka u bierek lil dak it-tifel bis-sinjal tas-salib bil-qawwa u fl-isem ta' Kristu.
[399] 12 Ħaġa ta' l-għaġeb! Dak il-ħin stess it-tifel qam imfejjaq għal kollox. Dik l-omm, li kienet ġarritu f'dirgħajha marid fost ħafna niket u dmugħ, issa kollha ferħana ħaditu lura lejn id-dar hekk li seta' jimxi waħdu. 13 Il-bniedem qaddis, iżda, beda jattribwixxi l-miraklu mhux lill-merti tiegħu imma lill-fidi ta' dik il-mara, u beda jirrikmandalha biex ma tgħid lil ħadd b'dan il-fatt, sakemm hu jkun għadu ħaj.

---

28 Din hi l-ewwel darba li, fit-tradizzjoni aġjografika Antonjana, jissemma s-*socius* meqjum ta' Sant'Antnin, frate Luca. L-istess patri jissemma aktar tard fil-*Benignitas* 18,3 fit-tifħir flimkien mal-*consocius* frate Ruggero.

## IV – TIFLA PARALITIKA U EPILETTIKA MFEJJQA

[400] 14 Waħda tifla ta' erba' snin, li kien jisimha Padovana, ma kienetx tista' tagħmel użu minn riġlejha, u kienet titkaxkar bħal serp. Mhux biss, imma kienet ukoll issofri bl-epilessija, u ta' spiss kienet taqa' ma' l-art titkgħaweġ, bir-ragħwa ħierġa minn ħalqha, u kienet tistabat ma' l-art hekk li kienet tagħfas il-qalb ta' kull min jaraha. 15 Missierha, li kien jismu Pietro, darba waħda ġie biha f'dirgħajh, u mar jiltaqa' ma' l-imqaddes missier Antnin, li kien ġej lura minn priedka.
[401] 16 Pietro, bid-devozzjoni kollha, mar jiġri lejh u beda jitolbu b'insistenza biex jimmarka lil bintu bis-sinjal tas-salib li jagħti l-ħajja. 17 Malli l-missier twajjeb intebaħ bil-fidi sinċiera ta' dan ir-raġel, immarka lit-tifla minn rasha sa saqajha bis-sinjal tas-salib, u dik f'dak il-ħin stess ġiet meħlusa mill-mard li kien jaħkimha[29].

## V – DWAR KIF ĦELES MIT-TAJN WAĦDA MARA LI WAQGĦET FIH

[402] 18 Waħda mara nobbli minn Padova, - kif sirna nafu mix-xhieda ta' binha, li kien patri fl-Ordni, - flimkien ma' folla kbira ta' poplu kienet takkumpanja lil Antnin li kien sejjer lejn il-ftuħ ta' l-għelieqi biex jippriedka. Hi kellha tgħaddi minn triq dejqa, u mgħaffġa kif kienet minn dik ir-rassa ta' nies mexjin, dik il-mara waqgħet fit-tajn maħmuġ.
[403] 19 Hi u taqa', iżda, billi kienet imħassba dwar il-periklu li kien hemm lest għall-persuna tagħha u għall-ilbies ta' valur kbir li kienet għadha kemm libset għall-ewwel darba, hi irrikmandat ruħha bil-fidi lil Alla u lill-qaddej tiegħu Antnin, sabiex iħarsuha u jippreservawha. Hi fil-fatt kienet tibża' mill-korla ta' żewġha, kieku kellha tmur lura d-dar b'dak l-ilbies kollu tbajja' u ħmieġ. 20 Bla dewmien indaħlet għaliha l-protezzjoni tal-qaddis. Ħaġa ta' l-għaġeb! Is-sinjura qamet minn dak it-tajn bl-ilbies tagħha nadif u l-persuna tagħha mhix mimsusa mit-tajn, fost l-istagħġib ta' dawk kollha li kienu preżenti u li kienu rawha taqa'.

29 L-istudjuż Kerval juri d-differenzi bejn id-diversi redazzjonijiet ta' dan l-istess miraklu, fl-*Assidua* 31,36-40; *Dialogus de Gestis* 14,20-23; *Benignitas* 17,14-17; *Liber Miraculorum* 28.

U waqt li n-nies kienu jfaħħru b'tifħir ta' l-għaġeb lil Alla u lil Antnin, hi waslet mimlija ferħ fil-post li fih kellha ssir il-priedka.

## VI – WAĦDA MARA SEMGĦET LIL ANTNIN B'MOD MIRAKOLUŻ MINN DARHA, FILWAQT LI L-QADDIS KIEN QIEGĦED JIPPRIEDKA FIL-BOGĦOD

[404] 21 Waħda mara oħra devota minn Padova, għalkemm kienet tixtieq li tmur wara li l-bniedem ta' Alla meta dan kien joħroġ fil-kampanja biex jiżra' l-kelma tal-ħajja, kienet tiltaqa' dejjem mal-projbizzjoni ta' żewġha li kien marid, u kellha tibqa' magħluqa fid-dar mifnija bin-niket. 22 Filwaqt li kienet tippassiġġa fuq il-bejt tad-dar, bdiet tħares bid-devozzjoni lejn dik in-naħa li dehritilha li fiha kien hemm il-post li fih f'dak il-ħin il-qaddis kien qiegħed jippriedka, biex almenu tgawdi d-dehra tal-post li fih hi ma setgħetx tmur.
[405] 23 Ħaġa ta' l-għaġeb! Filwaqt li dik il-mara kienet attenta biex tħares, f'daqqa waħda, bl-intervent tal-qawwa ta' Dak li soltu jagħti widen għax-xewqat twajba, f'widnejha beda jidwi l-ħoss tal-leħen tal-predikatur qaddis. 24 Mimlija bl-istagħġib u l-ferħ għall-ħlewwa ta' dak il-leħen, dik il-mara baqgħet hemm imwaħħla tħares fil-gallerija. Meta żewġha beda jgħajjat magħha għax baqgħet hemm, hi weġbitu: "Imma jiena qiegħda nisma' lill-missier Antnin jippriedka".
[406] 25 Dak beda jgħajjat magħha u jidħaq biha bil-fomm u fil-ħsieb ukoll, għax qies li ma kienx possibbli li wieħed jisma' l-leħen ta' raġel li kien qed jitkellem żewġ mili bogħod minn hemm, għax dik kienet id-distanza bejn dik id-dar u l-post fejn Antnin kien qed jippriedka. Il-mara, iżda, baqgħet tinsisti fil-ħsieb tagħha, hekk li dak ir-raġel ukoll tela' ħdejha fit-tieqa biex jara jekk dak li kienet qed issostni kienx veru. 26 U hu wkoll, għall-merti tal-fidi ta' martu, beda jisma' b'mod ċar il-leħen tal-qaddis f'widnejh. B'hekk hu radd ħajr bil-kbir lil Alla u lill-imqaddes missier Antnin qaddej tiegħu. 27 Minn dak il-jum intrabat bi ħbiberija speċjali mal-qaddej ta' Alla, u qatt aktar ma xekkel id-devozzjoni tal-mara twajba tiegħu[30].

---

30 Bartolomeo da Pisa, *De Conformitate Vitae* 3,1-7 (AF IV, 267) jgħid li din il-ġrajja seħħet f'Le Puy fi Franza.

## VII – L-EWWEL EPILOGU

[407] 28 Tabilħaqq, o predikatur insinji u tawmaturgu li jistħoqqlok kull ġieħ għall-mirakli li wettaqt, jalla minn issa stess iħaddnu bis-sigurtà it-tagħlim tiegħek dawk li jridu jgħaddu minn din id-dinja għall-hena tal-ħajja ta' dejjem! Din hi duttrina li r-re tas-smewwiet, Ġesù Kristu, ried japprova,
billi ikkonfermaha bil-konverżjoni ta' bosta eretiċi,
bil-venerazzjoni li bhima uriet lejn is-sagrament ewkaristiku,
bil-kapaċità tiegħek li tfiehem il-kelma bl-ilsna kollha,
bil-miraklu tal-bilokazzjoni ta' l-għaġeb f'Montpellier,
bil-qawmien u l-fejqan immedjat ta' tifel b'diżabilità,
bil-fejqan ta' tifla paralitika u epilettika,
bil-ħarsien qawwi tal-mara nobbli milli tittabba' bit-tajn,
u fl-aħħarnett bis-smiegħ ta' l-għaġeb tal-leħen tiegħek mill-bogħod.

## VIII – IL-FROTT TAL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU

[408] 29 Il-kelma ta' Alla kienet toħroġ mill-fomm ta' dan il-ħabbâr magħruf ta' Kristu bħall-ilsna tan-nar ħerġin mill-forn jikwi. Fil-priedki tiegħu, kien jimbotta lil kulħadd għal devozzjoni hekk qawwija tar-ruħ, għall-indiema tal-qalb u għall-istmerrija tad-dnubiet, u kien jinfed b'mod ħaj il-ġewwieni tal-qlub, li l-bnedmin li jkunu qrib xulxin kienu jgħidu wieħed lill-ieħor u jistqarru b'leħen ta' tnehid: "Ħażin għalija, miżerabbli, għaliex jiena qatt ma kont naf li dan kien dnub, ħlief issa. Kieku kont naf dan qabel, Alla ċertament kien jeħlisni milli nwettqu kif fil-fatt għamilt".
[409] 30 Bniedem ieħor qal: "Ħabib l-aktar għażiż, jekk jogħġbok, wara li nqerru, ejjew immorru pellegrinaġġ lejn Ruma jew lejn San Giacomo, biex inżuru l-bażiliċi qaddisa ta' l-appostli[31]. Jew inkella,

[31] John Peckham isemmi postijiet importanti ta' pellegrinaġġi: Ruma u Santiago de Compostella, imma jiskot dwar l-aktar wieħed importanti fosthom, jiġifieri l-Art Imqaddsa u l-Qabar ta' Kristu. Imma fi tmiem is-seklu 13 il-pellegrinaġġi lejn Ġerusalemm kienu saru diffiċli ħafna, billi r-Renju Latin kien wasal fit-tmiem, u l-kruċjati kienu ilhom li tilfu Ġerusalemm mill-1187, meta din intrebħet mill-ġdid minn Saladin.

ejjew insumu f'dak il-jum stabilit, jew inwettqu xi opra partikulari ta' penitenza għall-ġieħ tal-Verġni Marija". U hekk, b'atti oħrajn jixbħu ta' devozzjoni, wieħed kien iħeġġeġ lill-ieħor *biex iħabrek għal doni ogħla* (cfr. 1Kor 12,31). 31 Min jista' jsemmi kemm dmugħ xtered, kemm ilfiq tela' mill-ġewwieni tal-qlub, kemm kienu jħabbtu qawwi fuq sidirhom il-midinbin li qabel kellhom qalbhom iebsa? Min jista' jirnexxilu jirrakkonta dan kollu fid-dettalji?

## IX – MILL-ĠDID DWAR IL-KONVERŻJONI TAL-MIDINBIN

[410] 32 Il-Mulej tant għolla fil-ġieħ lill-qaddis tiegħu, li mhux biss kien jiddi kuljum bil-mirakli li kien dejjem iwettaq, imma kien ukoll jarmi raġġi ta' dawl minħabba s-sinjali u l-għeġubijiet li qatt ma kienu instemgħu bħalhom f'dak iż-żmien. 33 Kif naqraw dwar San Nikola, li deher fil-ħolm lill-imperatur Kostantinu u bil-qawwa u l-ħruxija heddu u ikkonvinċih biex jeħles lill-innoċenti, li kien qiegħed iżommhom magħluqin fil-ħabs[32]; hekk dan il-bniedem qaddis b'kull impenn kien jitħabat biex jeħles lil dawk kollha li kien jilmaħhom maħkumin u miżmumin mid-demonju minħabba d-dnub, u hekk ikkundannati fl-aħħarnett għall-mewt ta' dejjem.

[411] 34 Qiegħed ngħid dan kollu, għaliex meta l-qaddis kien għadu ħaj, xi wħud ġew għand il-patrijiet u affermaw b'ċertezza komuni li, waqt li kienu reqdin bil-lejl fis-sodda tagħhom, il-missier imqaddes deherilhom u qalilhom: "Qum, Martin! Qum, Agnese! Mur għand dak il-patri jew għand it-tali qassis, u qerr dan jew dak id-dnub, li inti wettaqt f'dik iċ-ċirkustanza, u f'dak il-post"[33]. Ħadd ħlief Alla ma kien ikun jaf b'dawn id-dettalji kollha. 35 U b'dan il-mod, u grazzi għas-sagrament tal-qrar, kienu jinħafru bosta dnubiet moħbija.

---

[32] Cfr. *Vita Sancti Nicolai Myrensis Episcopi*, 17, in SURIUS, "Historiae seu vitae sanctorum", tom. 12, Taurini 1880, 182-183.

[33] *Assidua* 13,14 tgħid ukoll li, meta kien għadu ħaj Sant'Antnin, kien jidher f'apparizzjoni divina lill-penitenti, u jibgħathom biex iqerru. U fil-paragrafu 15 titkellem dwar ix-xhieda ta' l-istess penitenti *post mortem eius*, hekk li kien jidhrilhom u jsemmilhom il-patri li għandu kellhom imorru biex iqerru. Dan kollu juri kemm kien għażiż għal Sant'Antnin il-ministeru tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

## X – KIF REĠA’ GĦAQQAD FLIMKIEN SIEQ MAQTUGĦA

[412] 36 Darba minnhom seħħ miraklu ta’ l-għaġeb, li dwaru ma nistgħux nisktu, u li kien imqanqal minn qrara. 37 Wieħed raġel minn Padova, jismu Leonardo, darba minnhom qal lill-bniedem ta’ Alla li, fost il-ħafna dnubiet oħrajn li kien qerr, hu kien ta daqqa ta’ sieq lil ommu, u dan il-ġest kien għamlu bi vjolenza hekk kbira li hi waqgħet ma’ l-art. Il-missier imqaddes Antnin, li kien jistmerr bil-qawwa kull xorta ta’ azzjoni ħażina ta’ kattiverja, bil-qawwa ta’ l-ispirtu u b’sens ta’ ċanfira wieġbu: “*Min jaħbat għal missieru jew għal ommu* (cfr. Eż 21,15) ikun ħaqqu li dak il-ħin stess jaqtgħulu riġlu barra” (cfr. Mk 9,44).

[413] 38 Dak ir-raġel sempliċi ma fehemx il-veru sens ta’ dik il-frażi, u minħabba r-rimors kbir tal-ħtija u l-kliem iebes li kien qallu l-qaddis, mar lura d-dar bil-ħeffa u dak il-ħin stess qata’ siequ barra. Il-fama ta’ kastig hekk krudil malajr xterrdet bħal leħħa ta’ berqa mal-belt kollha, u waslet f’widnejn il-qaddej ta’ Alla. 39 Dan mar jiġri għand dak ir-raġel u, wara li, mgħolli għall-aħħar bin-niket, ingħata b’ħerqa kbira għat-talb devot, għaqqad dik il-parti tar-riġel li kienet maqtugħa mal-kumplament, u fl-istess ħin immarkaha bis-sinjal tas-salib. 40 Ħaġa ta’ l-għaġeb! Kif appena l-qaddis għaqqad dak ir-riġel u immarkah bis-sinjal ta’ l-Imsallab, u baqa’ jżommu bil-ħlewwa b’idejh qaddisa għal ftit tal-ħin, ir-riġel ta’ dak ir-raġel ingħaqad hekk malajr, li dak ir-raġel qam dak il-ħin stess ferħan u bla ebda ħsara f’ġismu, u beda jimxi u jaqbeż, ifaħħar u jigglorifika lil Alla, filwaqt li beda jiżżi ħajr bla jaqta’ lill-missier imqaddes Antnin, li kien fejjqu b’mod hekk ta’ l-għaġeb[34].

---

[34] Il-miraklu tar-riġel maqtugħ hawnhekk jiġi rakkontat fil-kuntest tal-ministeru ta’ Sant’Antnin fil-konfessjunarju (*ex quadam sua confessione*), għaliex għandna rakkont tal-laqgħa tal-Qaddis ma’ raġel penitenti impulsiv fl-aġir tiegħu. Il-*Liber Miraculorum* 32 jagħmel tiegħu dan ir-rakkont tal-*Benignitas*, imma jżid dettall: l-omm infurjata kontra fra Antnin minħabba d-disgrazzja ta’ binha. In-narrazzjoni tinsab ukoll fir-*Rigaldina* 8,31-42, imma hawnhekk jingħad *in Hispania existente*. Bartolomeo da Pisa, *De Conformitate Vitae* 4,33-36 (AF IV, 270) jagħtina verżjoni oħra tal-ġrajja. L-aktar xhieda qadima tal-fatt li nafu bih ġej minn Albertino da Verona, fil-paneġierku tiegħu *Iustus cor suum,* seklu 13.

## XI – DWAR KIF IKKUNDANNA BIL-QAWWA LIT-TIRANN EZZELINO

[414] 41 Ma nistgħux bl-ebda mod inħallu barra episodju ieħor straordinarju, li seħħ bil-qawwa tal-qaddis tagħna. 42 Dak id-despota arroganti u mill-agħar, it-tirann krudil Ezzelino da Romano[35], fil-bidunett tal-ħakma tat-terrur tiegħu, kien wettaq straġi enormi ta' bnedmin fil-belt ta' Verona. Il-missier li ma kienx jibża', malli sar jaf b'dak li ġara, ħa r-riskju li jmur hu stess personalement għandu, għax kien joqgħod f'dik il-belt.

[415] 43 Antnin ċanfru b'dawn il-kelmiet: "O għadu ta' Alla, tirann bla ħniena, kelb infurjat, kemm se ddum tkompli xxerred demm innoċenti ta' persuni insara? Ara, fuq rasek hemm imdendla s-sentenza tal-Mulej, terribbli u mill-aktar iebsa". 44 U kompla jkellmu b'ħafna espressjonijiet oħrajn qawwija u iebsa, u ma beżax jieqaflu f'wiċċu. Il-gwardji li kienu jħarsu lit-tirann kienu mħejjija, għax kienu qed jistennew li Ezzelino, kif kien soltu jagħmel, kien se jagħtihom ordni biex joqtluh bla ħniena. 45 Imma ġara l-kuntrarju, għax hekk kien iddispona l-Mulej. Dak l-istess tirann, milqut mill-kliem tal-bniedem ta' Alla, neħħa kull rabja feroċi u sar jixbaħ lil ħaruf. Imbagħad, qabad iċ-ċinturin tiegħu u rabtu ma' għonqu, u inxteħet quddiem il-bniedem ta' Alla, u beda jistqarr bl-umiltà l-għemejjel ħżiena tiegħu, filwaqt li żgurah li, skond dak li kien jixtieq Antnin, hu, Ezzelino, kellu jpatti għad-deni li kien wettaq.

[416] 46 U żied jgħid: "Sħabi fil-ġlied, ma għandkomx tistagħġbu għax qiegħed inġib ruħi b'dan il-mod. Ngħidilkom fil-verità kollha, li jiena rajt li minn wiċċ dan il-missier kienet ħierġa bħal dija divina, li tant werwritni li, quddiem dik id-dehra tal-biża' kelli s-sensazzjoni li qiegħed dak il-ħin stess fl-infern". 47 U minn dak il-jum Ezzelino

[35] Ezzelino III da Romano (1194-1259), kien għex fl-istess żmien ta' Sant'Antnin. Kien kap militari kuraġġuż imma krudil, u kellu personalità b'qalb kiesħa u li ma tħoss l-ebda ħniena għal ħadd. Għex f'kuntest storiku karatterizzat minn ġlied feroċi u bla soluzzjoni, speċjalment bejn id-diversi partiti fil-bliet ta' l-Italja ta' fuq, u kellu intenzjoni li jaħkem dan ir-reġjun u jagħmel dominju personali tiegħu. Innoċenz IV skomunikah fl-1254, u organizza kruċjata kontrih. Ezzelino ħataf il-belt ta' Padova taħt idejh fl-1256. F'dik is-sena wettaq straġi min-nies ta' Padova, fatt li tirreferi għalih il-*Benignitas*, imma b'mod anakronistiku. Cfr. G. SORANZO, "S. Antonio di Padova ed Ezzelino III da Romano", *Il Santo* 1 (1961) 3-12.

dejjem wera devozzjoni mill-aktar kbira lejn il-qaddis u, sakemm dan kien baqa' ħaj, żamm ruħu bogħod minn kull att ta' krudeltà li xtaq iwettaq, skond kif l-istess tirann kien stqarr.

## XII – TIFĦIR LILL-VIRTUJIET APOSTOLIĊI TIEGĦU

[417] 48 Dan il-qaddis nistgħu narawh prefigurat fil-miqjum patrijarka Ġakobb, li dwaru Iżakk, - li kien xbieha tal-wisq qaddis missier Franġisku – tana dan it-tifħir ta' l-għaġeb: *Ara, riħet ibni, bħar-riħa ta' għalqa, mbierka mill-Mulej!* (Ġen 27,27) 49 Ngħid li l-grazzja tal-barka divina kienet saqqiet din il-għalqa, xbieha ta' Antnin, u nisslet fih il-ħajja b'ħafna virtujiet għammiela, hekk li sar eċċezzjonali għall-umiltà, jiddi għall-għerf, mill-aktar ħelu għall-elokwenza, jaqbad bil-karità, eminenti fil-faqar, imdawwal b'kull perfezzjoni ta' kwalitajiet morali, mgħolli 'l fuq bir-rettitudni, mimli ħlewwa fil-kliem, ġentilissimu fil-ħajja ma' l-oħrajn, u fil-qosor, mogħġub f'kollox kemm għal Alla kif ukoll għall-bnedmin[36].

## XIII – DWAR IL-PRUDENZA AMMIRABBLI TIEGĦU

[418] 50 Mhux mingħajr raġuni il-filosfu morali għallem li l-prudenza hi l-omm u l-gwida tal-virtujiet l-oħrajn. Il-qaddej tal-Mulej fil-predikazzjoni kollha tiegħu, u f'kull konferenza li kien jagħti lill-kleru, mal-persuni li kienu jiġu għandu għall-pariri u biex iqerru, u in ġenerali f'kull azzjoni u inizjattiva tiegħu, tant kien jimpenja ruħu biex juża l-prudenza, tant kien jaspira għaliha ta' kuljum, tant kien iħeġġeġ lill-oħrajn biex jirbħuha, li xejn ma kont tista' tara fih, xejn ma kont tista' tiskopri fih li ma jkunx imħallat u mżewwaq bil-melħ tal-prudenza[37].

---

36 L-awtur hawnhekk jagħti lista ta' tmien virtjiet insara. Dawn ir-riflessjonijiet jagħtu kwalifika lill-*Benignitas* bħala ħajja meditata u bi skop li tedifika. Fil-Qaddis wieħed jammira repertorju ta' virtujiet, mudell għall-membri tal-moviment Franġiskan u għad-devoti kollha. Huma virtujiet individwali, kemm *ad intra* (umiltà, għerf, faqar), kif ukoll *ad extra,* fil-ħajja fraterna (elokwenza, karità, onestà, affabilità, manswetudni).

37 Id-*discretio*, li l-imgħallmin kbar ta' l-Iskolastika kienu jifhmuha fil-virtù tal-

## XIV – IT-TIENI EPILOGU

[419] 51 Bħala konklużjoni, ngħidu li kull nisrani jista' jersaq b'sigurtà lejn dan il-missier l-aktar qaddis, li filwaqt li jixxennaq li jaħtaf lil kulħadd, bla ebda favoritiżmi, mid-dnub, sakemm kien jgħix fil-ġisem, qatt ma naqas li jidħol għall-għajnuna ta' kull wieħed, kienet liema kienet in-natura tat-talba tiegħu; u li lanqas wara li miet ma waqaf milli jagħtina l-għajnuna, kif nistgħu naraw b'mod ċar. 52 Għalhekk fid-diskorsi tiegħu kien jinfed il-qlub tal-midinbin, kien iqanqal fihom il-grazzja divina bil-proponiment li jsalvaw; kien jidher b'mod ta' l-għaġeb fl-imħuħ tagħhom meta jkunu fis-sodda reqdin u bħal missier kien jibgħathom biex iqerru d-dnubiet moħbija tagħhom; b'mod ta' l-għaġeb għaqqad flimkien riġel maqtugħ minħabba l-bluha; b'ħarsa li tinfed il-qlub bħal berqa li tbeżża' ċanfar b'mod iebes lit-tirann, u dejjem, kull meta kien ikun possibbli, kien joffri lilu nnifsu b'mod ħelu lil kulħadd, biex jiġbed lil kulħadd għat-tajjeb.

## 18 – DWAR KIF MAR F'CAMPOSAMPIERO U DWAR IL-MEWT TIEGĦU

[420] 1 Għal tul iż-żmien kollu ta' dak ir-Randan u mbagħad sa Pentekoste, hu qassam lill-poplu ta' Padova l-ikel tal-kelma ta' Alla[38]. Billi kien qorob żmien il-ħsad, hu ittrasferixxa ruħu f'lokalità mwarrba,

*prudentia*, tfisser "ekwilibrju", u għandha tradizzjoni dekoruża fl-iskejjel ta' axxetika kristjana. Id-definizzjoni hawnhekk mogħtija tinsab fir-*Regola ta' San Benedittu*, kap. 64,19: *discretionis, matris virtutum.* Cfr. GIOVANNI CASSIANO, *Collationes:* PL 49, 528: *omnium virtutum generatrix, custos moderatrixque discretio est*. S. BERNARDO, *In Cantica* 23,8: PL 183, 888: *At pauci profecto qui utiliter; pauciores, qui et humiliter praesint. Facile tamen utrumque adimplet, qui matrem virtutum discretionem perfecte adeptus...* S. ANTNIN, *Sermones* II, 139,9: *discretio est mater omnium virtutum*./

38 Il-perjodu twil li, fil-lingwaġġ liturġiku, jissejjaħ Randan u żmien il-Għid, fl-1230 estenda mill-5 ta' Frar (Ras ir-Randan) sat-30 ta' Marzu (Ottava ta' l-Għid), u kompla mbagħad sat-18 ta' Mejju (Ottava ta' Pentekoste). Il-*Benignitas* hi l-ewwel dokument li jitkellem dwar predikazzjoni ta' Sant'Antnin ukoll fi żmien il-Għid, għax soltu l-fonti aġjografiċi jitkellmu biss mill-*quaresimale*, jew priedki tar-Randan.

msejħa Camposampiero, għal perjodu ta' mistrieħ spiritwali, li fih seta' jingħata bi trankwillità akbar għat-talb u għall-istudju tal-Kotba mqaddsa[39].

[421] 2 Is-sinjur li kien proprjetarju ta' dak il-post, u li kien jismu Tiso, kellu mħabba kbira lejn il-patrijiet Minuri, hekk li kien imantnihom għas-spejjeż tiegħu[40]. Dan mela laqa' lil Antnin b'devozzjoni mħeġġa, u bħala anġlu li kien bagħatulu Alla. 3 Fuq it-talba ta' Antnin, Tiso ikkmanda li, fuq siġra kbira tal-ġewż li kellha friegħi wesgħin u mifruxin, jinbnew tliet ċelel ċkejknin biz-zkuk, li fihom Antnin u sħabu mill-aktar perfetti, jiġifieri frate Luca u frate Ruggero, setgħu jingħataw il-ħin kollu għall-paċi tat-talb u tal-kontemplazzjoni[41].

[422] 4 Ftit taż-żmien wara, Antnin beda jitlef bil-ħeffa l-forzi ta' ġismu, u għalhekk tahom ordni biex jeħduh lura Padova. 5 Imma, billi kienu ġejjin jiltaqgħu miegħu bosta persuni f'numri kbar, dan ir-raġel umli, li ried jaħrab mill-unuri u ċ-ċapċip[42], sab kenn fil-kunventin tal-patrijiet li kienu għas-servizz tal-monasteru tal-*Povere Dame* ftit bogħod minn Padova. 6 Hawnhekk, billi l-marda tiegħu marret ħafna għall-agħar, wara li kien tenna xi kliem ta' edifikazzjoni u wera sinjali evidenti ta' devozzjoni, dik ir-ruħ l-aktar qaddisa *għaddiet minn din id-dinja għal għand il-Missier* (cfr. Ġw 13,1).

---

39 Il-lingwaġġ li juża John Peckham hu dak skolastiku: *vacant* il-lezzjonijiet universitarji! Imma dan jaqbel għal kollox ma' l-ispiritwalità ta' Antnin. Flimkien mal-predikazzjoni, l-Qaddis kien ukoll jingħata għat-tagħlim u għall-konferenzi spiritwali għall-kleru, u għall-patrijiet, u x'aktarx ukoll għaż-żgħażagħ universitarji. Il-perjodu ta' talb li għadda f'Camposampiero kien magħmul mill-eżerċizzi spiritwali li ħejjewh għall-mument tal-mewt. L-istudju ta' l-Iskrittura jirreferi għall-impenn tiegħu li jtemm jikteb is-*Sermones de Sanctis*.

40 Id-dettall tal-Conte Tiso li jmantni lill-patrijiet Minuri li jgħixu f'Camposampiero, għalkemm indikat diġà fl-*Assidua*, imma hu espliċitat hawnhekk, fil-*Benignitas*.

41 *Assidua* 15,6 tgħid: *doubus sociis ipsius*. Aktar tard, f'17,5 tagħtina wkoll l-isem ta' wieħed minnhom: *quodam de /.../ consociis suis, nomine Rogerio*. Imma tiskot dwar it-tieni wieħed. Hi l-*Benignitas* li tgħidilna li kien frate Luca, li diġà ltqajna miegħu f'17,11.

42 Fil-fatt nafu li Antnin evita li jaqsam il-belt ta' Padova biex imur fil-kunvent ta' *Sancta Maria Mater Domini*, mhux minħabba l-umiltà jew biex jevita l-unuri u ċ-ċapċip, imma pjuttost, kif insibu fl-*Assidua* 17,9, għaliex kien jibża' li jqum *tumultum magnum et turbationem non parvam* fil-popolazzjoni.

[423] 7 Is-snin tal-ħajja kollha ta' l-imqaddes Antnin kienu b'kollox sitta u tletin. 8 Tabilħaqq, hu għex għal ħmistax-il sena fid-dar ta' missieru, imbagħad għex sentejn fil-monasteru ta' San Vincenzo, u disa' snin fil-monasteru ta' Santa Cruz f'Coimbra. 9 Fl-aħħarnett, famuż bil-ħafna sinjali u mirakli li wettaq, għex għal għaxar snin fl-Ordni ta' l-imqaddes Franġisku[43].

## 19 – DWAR KIF MALLI MIET DEHER LILL-ABBATI TA' VERCELLI U FEJJQU

[424] 1 Fl-istess jum tal-mewt tiegħu, il-wisq famuż abbati ta' Vercelli kien jinsab magħluq waħdu fil-kamra tiegħu, mehdi fil-meditazzjonijiet divini u okkupat fil-qari mqaddes[44].

[425] 2 Ir-raġel ta' Alla, waqt li kien għadu ħaj, kien wera affett singulari u profond lejn dan l-abbati, u hu wkoll kien juri lejn Antnin l-istess rispett. Dan għaliex fl-imgħoddi dak il-bniedem qaddis kien espona lill-abbati x-xjenza tat-teoloġija mqaddsa, u l-abbati nnifsu kien midħla tat-tagħlim mill-aktar għoli u devot tal-kotba ta' San Dijonisju. 3 Minħabba din ir-raġuni, ukoll f'kitbiet oħrajn tiegħu, l-aktar f'kummentarju li kien kiteb bi kliem tassew straordinarji, dan l-abbati hekk tkellem dwaru: "Ħija Antnin, mill-Ordni tal-patrijiet Minuri, hu mdawwal bil-grazzja tad-dawl divin, u dejjem fehem b'mod sħiħ is-sens mistiku tat-teoloġija pura".

[426] 4 Il-qaddej tal-Mulej daħal f'daqqa waħda f'dik il-kamra, u wara li sellem lil dan ħabibu, qallu: "Ara, *messer* abbati: jiena ħallejt il-ħmar tiegħi f'Padova, u bil-ħeffa kollha sejjer niġri lejn is-sema pajjiżi"[45].

---

43 Cfr. G. FORNACIARI, "Determinazione dell'età della morte di S. Antonio", *Il Santo* 21 (1981) 363-371.

44 Dan l-Abbati kien kanonku regolari ta' Santu Wistin, u kien jismu Tommaso di San Vittore, magħruf ukoll bħala Tommaso "Gallo", għax kien Franċiż (mill-Gallia). Wara ħajja impenjata fl-istudju u l-ministeru ekkleżjastiku, ħalla din id-dinja f'Diċembru 1246. Cfr. G. THÈRY, *Thomas Gallus, apercu biographique,* in *Archive d'histoire doctr. et littér. du moyen âge*, 12 (1939) 141-208.

45 Espressjoni meħuda mill-*Vita Hilarionis* 3,4, miktuba minn San Ġilormu: *Ego, inquit, aselle, faciam ut non recalcitres*.

5 L-abbati li semmejna kien isofri minn uġiegħ fi griżmejh, imma l-missier l-aktar twajjeb mess bil-ħlewwa kollha dik il-parti marida, u dak il-ħin stess l-abbati fieq minn dik il-marda. Imbagħad Antnin għab minn quddiemu.

[427] 6 Billi dak l-abbati ħaseb li Antnin kien sejjer lura lejn art twelidu[46], billi hu ma kienx jaf li l-qaddis kien għadu kif miet, qam malajr bl-iskop li joqgħod għal ftit tal-ħin fil-kumpanija tal-mistieden tiegħu, u hu u jdur fil-monasteru beda jistaqsi bil-ħerqa lill-qaddejja li ltaqa' magħhom fejn kien mar fra Antnin. Imma dawk, miblugħin, weġbuh bis-sinċerità li ma kienux jafu. 7 L-abbati kompla jinsisti bil-qawwa u jgħid li hu kien għadu kif raħ, u li kien daħal fil-kamra tiegħu u kien qallu ċar u tond il-kelmiet li semmejna aktar 'il fuq. Għalhekk bagħat xi qaddejja fil-kunvent tal-patrijiet[47], biex isir jaf jekk dawk kienux jafu li hemmhekk kien wasal Antnin.

[428] 8 Imma bl-ebda mod ħadd ma seta' jsib lil Antnin. Kien dak il-ħin li l-imsemmi abbati reġa' f'sensieh, u fehem li l-missier imqaddes kien telaq minn din il-ħajja, u kien sejjer iħaffef bil-ferħ kollu għall-ikla tal-festa ta' dejjem fis-sema. 9 Wara li ħa nota preċiża taż-żmien, imbagħad seta' jagħraf b'ċertezza li l-qaddis kien miet fil-jum u fis-siegħa li fihom, kif diġà għidna, hu kien deherlu fil-kamra tiegħu. Hekk dak il-prelat irrakkonta l-ġrajja lill-patrijiet waqt li silet ħafna dmugħ[48].

## EPILOGU TAL-KAPITLU

[429] 10 Dan il-qaddis tassew jistħoqqlu li jkun imfaħħar b'tifħir kbir taħt kull aspett, għaliex hu ġie mogħti minn Alla grazzja straordinarja fil-mewt: dik li jikkontempla lill-Mulej personalment, u wara t-tluq hieni tiegħu seta' jmur ikellem lill-abbati devot ta' Vercelli.

---

46 Lisbona.

47 Dokument ta' arkivju, li jġib id-data 28 ta' Diċembru 1227, jitkellem dwar knisja li l-patrijiet Minuri kienu qed jibnu f'Vercelli.

48 Filwaqt li San Franġisk, wara li miet, deher lil żewġ patrijiet u lill-isqof Guido ta' Assisi, li dik il-ħabta kien f'pellegrinaġġ f'San Michele del Gargano (2C 218-220), id-Duttur Evanġeliku deher lil dan ħabibu kanonku regolari Agostinjan ta' Vercelli.

[430] 11 Mhux biss, imma t-tfal ta' Padova xerrdu b'mod mirakoluż l-aħbar tat-tluq tiegħu; wara mewtu ġismu deher ħafna isbaħ milli kien qabel; in-nies ta' Padova bkewh u ma setgħux jiġu mfarrġin; il-popolazzjoni, li kienet imqallba bil-ġlied, kisbet il-paċi b'mod mirakoluż; u immedjatament wara mewtu l-popli tqanqlu b'mod ta' l-għaġeb biex imorru jżuru l-qabar tiegħu.
[431] 12 Għal dawn ir-raġunijiet, jekk Alla ried irendi hekk glorjuż fuq l-art lil dan il-missier l-aktar qaddis, aħseb u ara liema glorja sublimi mar jagħtih fil-ħajja ta' bla tmiem!

## 20 – DWAR IL-KANONIZZAZZJONI GLORJUŻA TIEGĦU

[432] 1 Minn dak il-jum[49], għaldaqstant, taħt id-dija tiddi tal-ħarsa tal-wiċċ divin, bdew iseħħu bid-dieher mirakli li ma tgħoddhomx, bdew jiġru għeġubijiet, u l-qaddis beda jwettaq sinjali ta' l-għaġeb. 2 Dawn il-ġrajjiet kollha sar jaf bihom lis-sinjur Papa Girgor IX, permezz ta' delegazzjoni illustri ta' nies minn Padova. Wara li l-mirakli ġew eżaminati bir-reqqa kif suppost, u wara li damu jqisu kollox, ħaġa, ħaġa, f'jum Għid il-Ħamsin, l-istess Papa b'solennità li ma titfissirx, wara li temm il-qari tal-mirakli quddiem il-prelati u l-kotra tal-poplu, u dawn ġew approvati minn kulħadd, u wara li sejjaħ l-isem tat-Trinità u għamel is-sinjal tas-salib, kiteb fil-katalogu tal-qaddisin lill-missier hieni Antnin. Kienu għaddew ħdax-il xahar mill-mewt tiegħu[50].
[433] 3 Imbagħad tkanta bl-akbar devozzjoni l-innu *Te Deum laudamus*, u l-Papa intona b'leħen għoli l-antifona proprja tad-dutturi: "O duttur mill-aqwa, dawl tal-Knisja mqaddsa, Sant'Antnin, int li ħabbejt il-liġi divina, itlob għalina lill-Iben ta' Alla"[51]. 4 Imbagħad il-Papa temm il-

49 Jiġifieri mill-jum solenni tal-funeral, it-Tlieta 17 ta' Ġunju 1231. Cfr. *Assidua* 25.

50 Ir-rakkont hawnhekk jiġbor fil-qosor dak li tgħid l-*Assidua* 27-29, u ma jsemmix il-belt ta' Spoleto, li fiha ġie iċċelebrat ir-rit solenni tal-kanonizzazzjoni.

51 L-innu *Te Deum laudamus* hu innu ta' tifħir u radd il-ħajr solenni, magħruf ukoll bħala *Hymnus Ambrosianus*, għaliex leġġenda tardiva attribwietu lil Sant'Ambroġ u lil Santu Wistin./ Hu magħmul minn 21 versetti, li minnhom

kant, flimkien mal-kleru, billi lissen il-versett u t-talba liturġika proprja, u dan bl-akbar solennità.

## 21 – DWAR IT-TRASLAZZJONI TA’ SANT’ANTNIN TA’ PADOVA

[434] 1 Fis-sena ta’ l-Inkarnazzjoni tal-Mulej 1263, wara li għoġob lil Alla l-aktar għoli, għall-merti ta’ dan il-qaddis, li jeħles il-belt ta’ Padova mill-madmad tal-kiefer Ezzelino da Romano[52], li kien ħarbatha b’mod li jbeżżgħek, in-nies ta’ Padova, mixgħulin b’devozzjoni kbira lejn il-qaddis tagħhom, iddeċidew li jpattulu għall-benefiċċju insinji li għoġbu jagħtihom.
[435] 2 B’hekk huma inġabru f’ġemgħa, u iddeċidew li jibnu ad unur tiegħu tempju grandjuż u stupend[53], u li jaqilgħu lill-ġisem l-aktar qaddis tiegħu, li kien midfun taħt l-art fil-ħamrija, bħall-ġisem ta’ tallâb fqir, u jqiegħduh bl-unuri kollha f’dik il-knisja. 3 Kif matul il-medda tas-snin ta’ ħajtu hu kien jiddi kważi fid-dinja kollha bħallikieku kien dawl kbir, hekk wara mewtu kien jixraqlu li jqiegħduh f’qabar merfguħ mill-art, sabiex ikun venerat b’mod regolari mill-insara kollha.
[436] 4 Dan il-qabar, jew aħjar Arka, li fiha l-qaddis jistrieħ illum, jingħad li ġiet skolpita mill-Qaddisin Quattro Coronati, martri minn

l-aħħar 8 huma meħudin mis-salmi. Il-versetti 1-13 huma dossoloġija trinitarja, il-versetti 14-21 huma tifħir kristoloġiku. X’aktarx li l-innu ġie miktub fis-sekli 4-5. L-antifona tad-dutturi *O Doctor optime* ilha tintuża fil-Knisja Latina sa mis-seklu 13 fl-uffiċċju tad-dutturi tal-Knisja. Hi kompożizzjoni mibnija, kemm fil-kliem kif ukoll fil-mużika, fuq il-mudell ta’ l-antifoni maġġuri *O* ta’ l-Avvent: *O Sapientia, O Radix David, O Emmanuel*, eċċ. Hu rilevanti d-dettall li mill-bidunett Sant’Antnin irċieva l-kult ta’ duttur tal-Knisja.

52 Id-data ta’ din il-liberazzjoni kienet l-20 ta’ Ġunju 1256.

53 Hawnhekk ukoll, John Peckham ma jagħtix riferimenti kronoloġiċi preċiżi. L-istatut tal-*comune* ta’ Padova hu dak ta’ l-1265. Cfr. G. LORENZONI (a cura di), *L’edificio del Santo di Padova*, Vicenza 1981, 202b: *...statuimus quod comune Padue dare teneatur et expendere annuatim quatuor millia librarum, que debeant expendi in ecclesia, et laborerio ecclesie tantum, beati patris Antonii hedificanda et refficienda, donec reffecta fuerit et completa*. Fis-17 ta’ Lulju 1256 il-Papa Alessandru IV kien ikkonċeda indulġenza, valida biss għal sitt snin, favur il-knisja li l-Franġiskani kienu bdew jibnu f’Padova.

żmien il-qedem u magħrufin fil-Knisja[54]. Hi għaldaqstant jistħoqqilha l-akbar venerazzjoni, kemm minħabba l-ġisem qaddis li hemm magħluq fiha, kif ukoll minħabba dawn il-qaddisin illustri, li l-opri magħrufin u devoti tagħhom għadhom imħarsin sallum.

[437] 5 Nhar l-ottava ta' l-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet[55], seħħ it-trasferiment tar-relikwi li kien jistħoqqilhom kull ġieħ mogħti lilhom minn Alla, fil-bażilika solenni u ġdida, bl-akbar solennità, fost id-daqq ta' l-orgni, iż-żarżir tat-trombi, id-daqq taċ-ċembali u l-kunċert armonjuż ta' kant mill-aktar ħelu. U ara li lsien Sant'Antnin, li kien ilu tnejn u tletin sena midfun taħt l-art, instab mill-ġdid li kien frisk, aħmar u sabiħ, daqslikieku dak il-missier l-aktar qaddis kien għadu kif miet.

[438] 6 U ara li l-miqjum *messere* Bonaventura, li kien duttur mill-aktar magħruf tat-teoloġija mqaddsa, u li dak iż-żmien kien ukoll ministru ġeneral, u li mbagħad sar kardinal isqof ta' Albano, u li kien preżenti għal din it-traslazzjoni mimlija hena, ħa f'idejh bil-qima kollha dak l-ilsien u b'wiċċu maħsul b'ħafna dmugħ, quddiem dawk kollha li kienu miġburin hemmhekk, lissen dawn il-kelmiet l-aktar devoti: 7 "O lsien imbierek, li dejjem kont tbierek lill-Mulej u kont tħeġġeġ lill-oħrajn biex ibierkuh, issa jidher b'mod ċar kemm kien kbir il-mertu tiegħek quddiem Alla!" 8 U filwaqt li beda jbus dik ir-relikwa bil-ħlewwa u d-devozzjoni, ta ordni sabiex iqiegħduha f'post xieraq u jagħtuha l-akbar ġieħ, kif kien ġust u jixraq[56].

---

54 Il-fdalijiet ta' Sant'Antnin iddaħħlu fis-sarkofagu jew Arka biss fl-1263. L-*Assidua* titkellem dwar dan diversi drabi. Dwar l-Arka ta' Sant'Antnin, cfr. *Vita Prima o «Assidua»* (Fonti agiografiche antoniane, 1), Padova 1981, 136-137. Il-kronista Rolandino, li ippubblika l-*Cronica* tiegħu fl-1262, jiġifieri sena qabel ma saret it-traslazzjoni, jitkellem minn *arca marmorea* li fiha kien diġà meqjum il-ġisem tal-qaddis. Dwar il-figuri leġġendarji tal-Qaddisin Quattro Coronati, partruni ta' l-iskulturi kristjani, cfr. A. AMORE, in *Bibliotheca Sanctorum*, Vol. X, Roma 1968, 1276-1286.

55 Dik is-sena l-ottava ta' l-Għid il-Kbir kienet ċelebrata fit-8 ta' April.

56 Cfr. A. SARTORI, "I reliquiari della Lingua del Santo", *Il Santo* 3 (1963) 31-60.

## EPILOGU TAL-KAPITLU

[439] 9 Għaldaqstant, Alla tagħna li hu l-aktar għoli, ta' l-għaġeb, qawwi u ġeneruż, u li waħdu jwettaq għemejjel stupendi u għeġubijiet kbar, fil-fatti li għadna kemm semmejna wera kemm kien ta' l-għaġeb dan il-missier l-aktar illustri, jiġifieri: fl-ispirazzjoni ta' flimkien tan-nies ta' Padova rigward il-kanonizzazzjoni grandjuża tiegħu, fit-twissija mogħtija lil xi abitanti ta' din il-belt, f'dik il-viżjoni profetika u apparizzjoni li ħabbret minn qabel il-kanonizzazzjoni[57], fit-tjieba tassew taqbel u xierqa li wera l-Papa, fil-ħelsien ta' salvazzjoni ta' Padova mid-dwiefer tat-tirann, fil-konservazzjoni fit-tul u ta' l-għaġeb ta' l-ilsien imbierek tiegħu, ta' dak l-ilsien li kien l-istrument tal-leħen ħlejju u għoli ta' l-Ispirtu s-Santu.

[440] 10 Kull min jaqra b'attenzjoni dak li ktibna, jista' b'mod ċar jikkonkludi li dan ir-raġel l-aktar qaddis qatta', mingħajr waqfien, iż-żmien kollu ta' ħajtu f'din l-opra u f'għemejjel oħrajn numerużi ta' virtù, filwaqt li impenja bil-ferħ kollu l-ħeġġa tiegħu f'kull ħaġa, privata u pubblika. 11 Għal din ir-raġuni qala' bil-ferħ kollu l-grazzja li jisma' minn Kristu l-Mulej, li jħallas b'mod mill-aktar ġust lil kulħadd, dik l-espressjoni ta' l-Evanġelju: *Sewwa, qaddej tajjeb u fidil, int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdak fuq ħafna; idħol fil-hena ta' sidek* (Mt 25,23). 12 Hu akkwista dan il-premju speċjalment meta Alla li jista' kollox igglorifikah, u kważi ta' kuljum jigglorifikah, bl-għeġubijiet numerużi u ta' l-għaġeb f'din id-dinja, u li għad jigglorifikah fil-hena sħiħa u b'mod ta' l-għaġeb fil-ġejjieni.

[441] 13 Mill-kunsiderazzjoni ħelwa ta' dan il-kobor, dan il-missier l-aktar qaddis, fil-kwalità ta' duttur mill-aktar veru u difensur mill-aktar fidil u qawwi ta' kulħadd quddiem Alla, kif jidher b'mod mill-aktar ċar, jimmerita mingħajr dubju li dawk kollha li jemmnu fi Kristu jqimuh b'solennità u gratitudni, li jfaħħruh b'tifħir l-aktar għoli, li jagħtuh ġieħ b'festività eċċezzjonali, u li fid-dinja kollha l-glorja tiegħu tiġi mħabbra lill-popli biċ-ċapċip u b'kull qima.

---

57 Dawn it-tliet siltiet mhumiex preżenti aktar fil-*Benignitas*. Bħal siltiet oħrajn, huma mitlufin, u fadlilna biss frammenti ta' dik li qabel kienet il-*Benignitas* kompluta kif miktuba minn John Peckham.

## 22 – KONKLUŻJONI TAL-LEĠĠENDA

[442] 1 Ifraħ issa b'mod żgur fil-Mulej, u ikseb glorja, ja belt ta' Padova, għaliex Hu għoġbu jagħnik b'dan id-duttur magħruf ta' ġustizzja, li għallmek b'mod ta' l-għaġeb bil-priedki u l-kliem qaddisa tiegħu. Ifraħ b'dan il-bniedem li wettaq mirakli hekk magħrufin, li dawwlek b'dija ta' l-għaġeb bis-sinjali u għeġubijiet. Ifraħ b'dan il-qaddis li jidħol għalik bit-tjieba quddiem Alla, u li jimlik bil-ġieħ ta' kotra ta' benefiċċji[58].
[443] 2 Ħa tifraħ bl-istess mod il-komunità qaddisa tal-patrijiet Minuri, li filwaqt li kienet għadha f'età hekk żagħżugħ, tat lill-insara kollha dawl hekk glorjuż[59]. 3 Hu kien jiddi fid-dinja għall-qdusija tal-ħajja u l-għerf tiegħu, u bl-għajnuna tal-grazzja tas-sema, wassal fit-triq tas-salvazzjoni erwieħ bla għadd, billi ġibidhom min-niggieża tad-dnubiet, u għalhekk, glorjuż għal dejjem, jikseb fis-sema ħlas doppju.
[444] 4 Ħa tifraħ Spanja, li nisslet lil Antnin li jsemma' leħnu bħal tromba![60] Ħa tifraħ l-Italja, li kellha x-xorti li tgħożż fi ħdanha teżor hekk prezzjuż![61] Ħa tifraħ il-Knisja militanti f'din id-dinja, talli żgurat b'mod hieni lill-Knisja trijonfanti kampjun hekk ħili tal-fidi tagħna, kavallier hekk imħeġġeġ biż-żelu għar-reliġjon kristjana![62]

---

58 John Peckham hawnhekk iwassal fil-final glorjuż il-"paneġierku" tiegħu ad unur ta' Sant'Antnin. Ifaħħar, qabel xejn, il-belt-santwarju ta' Padova, iħeġġiġha biex tqim lil Antnin, *doctor evangelicus*, it-tawmaturgu mill-aktar sublimi, l-interċessur mimli mħabba quddiem Alla l-għoli.

59 It-tifħir issa jdur fuq l-Ordni tal-Minuri li, għalkemm kien għadu fl-età tar-rebbiegħa tiegħu, diġà offra lill-kristjanità dawl jiddi bħalma kien Antnin. Waqt li kienet tinkiteb il-leġġenda, il-familja Franġiskana kienet bdiet tħoss li ssuperat l-età żagħżugħa tagħha, u waslet għall-maturità sħiħa.

60 L-awtur issa jistieden lill-art li fiha twieled Sant'Antnin biex tfaħħar lil Alla. L-isem *Hyspania* ma jindikax biss ir-renju ta' Spanja, imma l-penisola Iberika kollha kemm hi, li kienet tiġbor fi ħdanha r-renju tal-Portugal u l-belt ta' Lisbona.

61 It-tifħir issa jmiss lill-Italja, li fiha tinsab iċ-*civitas Paduana*.

62 Il-leġġendista issa jdur lejn il-Knisja universali (Knisja militanti fuq l-art, u Knisja trijonfanti fis-sema). Il-Knisja militanti tat id-don ta' Sant'Antnin lill-Knisja trijonfanti, fejn issa hu jgawdi lil Alla għall-eternità.

[445] 6 Qum fuq tiegħek, għalhekk, issa, Ordni fqajjar tal-patrijiet Minuri[63], mimli bid-devozzjoni u tfur bit-tifħir u l-għana, u mimli kif int bil-hena u b'kull ferħ spiritwali, faħħar u igglorifika mingħajr waqfien lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha għollieh u bierku, kattar bla waqfien ir-radd il-ħajr tiegħek lill-maestà glorjuża tiegħu, filwaqt li tagħtih il-ħlas li jistħoqqlu bl-akbar devozzjoni ta' qalbek! Hu għoġbu jżejjnek u jagħnik bi protetturi, ried jimmarkak b'interċessuri u jarmak b'difensuri hekk kbar u singulari, hekk mimlijin virtù u illustri, hekk uniċi u sublimi, li jiena ċert li l-ebda familja reliġjuża oħra ma tista' tiftaħar li għandha kotra ta' nies qaddisin bħalhom.

[446] 7 L-ewwel wieħed fosthom kien il-wisq imqaddes kavallier ta' Kristu, San Franġisk, raġel eċċezzjonali u uniku, konfessur ta' Kristu, li bħall-imqaddes Pietru appostlu fil-Knisja universali kien għalik, Ordni fqajjar tal-patrijiet Minuri, il-fundatur, il-gwida u r-ragħaj. 8 It-tieni wieħed kien il-wisq miqjum missier Antnin, li bħalma l-imqaddes Pawlu kien għall-Knisja, hekk hu kien għalik predikatur, edukatur, duttur: it-tnejn li huma kienu bnedmin mill-aktar famużi u insinji[64].

[447] 9 Dawn huma *l-għajnejn jiddu u jleqqu fuq il-wiċċ ta' l-għarusa* (cfr. Għan 4,1), jiġifieri dan l-Ordni reliġjuż ikkonsagrat lil Alla. Huma tassew imdawwlin minn Alla u maħbubin tiegħu, hekk li jdawwlu bosta oħrajn u f'ħafna modi jkunulhom ta' għajnuna permezz tal-kelma, ta' l-għajnuna u ta' l-eżempju, u filwaqt li jaħtfuhom mid-dwiefer ta' l-għedewwa, bil-qawwa kollha jiġbduhom u jdaħħluhom bil-ferħ fil-ġemgħa taċ-ċittadini tas-sema.

## TMIEM TAL-ĦAJJA TAL-MISSIER GLORJUŻ ANTNIN TA' PADOVA

63 Peckham idur mill-ġdid fuq ir-*religio* tal-patrijiet Minuri, talli Alla għoġbu jagħtiha żewġ patruni hekk famużi: Franġisku u Antnin. Jidher li min qed jikteb hu Franġiskan li hu konvint li l-ebda moviment reliġjuż ma jista' jixxiebaħ ma' dak tal-*paupercula fratrum religio Minorum* fil-grazzja ta' nies qaddisin li bihom għoġbu jagħnih Alla.

64 Dettall interessanti. Peckham ma jsemmix it-tielet Franġiskan li ġie kanonizzat, jiġifieri San Ludoviku t'Anjou, Isqof ta' Toulouse, li ġie mgħolli għall-ġieħ ta' l-altari minn Ġwanni XXII fis-7 ta' April 1317. Dan ifisser li l-*Benignitas* inkitbet qabel din id-data.

# APPENDIĊI

## 23 – XI MIRAKLI LI SARU WARA L-MEWT TAL-QADDIS

### I – DWAR IL-MEWT ZOPTU TA' DAWK LI RIEDU JEQIRDU X-XBIEHA TAL-QADDIS FIL-LATERAN

[448] 1 Fi żmien is-sinjur Papa Bonifaċju VIII[65], ġiet restawrata l-abside tal-bażilika ta' San Giovanni in Laterano f'Ruma[66], li tissejjaħ

---

65 Il-kardinal Benedetto Caetani sar Papa Bonifaċju VIII mill-24 ta' Diċembru 1294 sal-11 ta' Ottubru 1304. Ġie elett wara r-riżenja famuża tal-Papa Ċelestinu V, li kien ġie elett Papa fil-5 ta' Lulju 1294 u abdika fit-13 ta' Diċembru ta' l-istess sena. Bonifaċju VIII *fuit magnus pater et amicus specialis Ordinis a principio, sicut data per eum eidem privilegia protestantur* (AF III, 431). Kien iebes lejn l-esponenti tal-kurrent tal-Franġiskani «spiritwali», li fosthom kien hemm Jacopone da Todi. Forsi din il-ġrajja hawnhekk rakkontata għandha x'taqsam ma' din it-tensjoni bejn parti mill-Ordni u l-Papa. Jew ukoll għandha x'taqsam mal-problemi li l-istess Papa kellu mal-*Communitas Ordinis*, jiġifieri l-komunità ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri bil-mexxejja tiegħu, bħala riżultat tal-Kostituzzjoni Apostolika *Super cathedram* (18 ta' Frar 1300), li ġiet promulgata matul l-ewwel «Anno Santo» fl-istorja tal-Knisja, imma li għamlet restrizzjonijiet iebsin għall-ħidma ta' l-Ordnijiet mendikanti (Predikaturi u Minuri) rigward il-predikazzjoni għall-poplu, a favur tal-kleru sekulari. Ir-rakkont tal-kompożizzjoni mill-ġdid tal-mużajċi, fil-fatt, ma jirreferix għal Bonifaċju VIII, imma kien il-Papa Franġiskan Nicolò IV (fra Girolamo d'Ascoli) li ikkmanda dan ix-xogħol fil-Lateran u f'Santa Maria Maggiore waqt il-papat tiegħu (15 ta' Frar 1288 – 4 ta' April 1292). Ix-xbieha tiegħu, għarkobbtejh bl-abiti pontifikali u b'idejh marbutin, tidher fiż-żewġ rappreżentazzjonijiet mużivi tal-bażiliċi Rumani.

66 Il-bażilika ta' San Giovanni in Laterano hi l-kattidral ta' Ruma, u l-knisja-omm tal-kattoliċità universali. Dedikata lil Ġesù Kristu Salvatur, ġiet mibnija mill-imperatur Kostantinu fiż-żona tal-palazzi imperjali tal-Lateran. Hi magħrufa wkoll bl-isem ta' San Giovanni, minħabba li fiha huma meqjumin b'mod partikulari San Ġwann Battista u San Ġwann Evanġelista. Maġenb il-kattidral kien hemm il-palazz solenni, jew *patriarchium* (għax il-Papa, isqof ta' Ruma, jġib ukoll it-titlu ta' Patrijarka tal-Punent). Hawnhekk għal aktar minn elf sena kien jgħix l-isqof ta' Ruma. Mill-1305 il-Papiet għaddew fir-residenza ta' Avignon. Wara l-Konċilju ta' Kostanza (1417) il-Papa mar joqgħod fil-Vatikan, maġenb il-bażilika ta' San Pietru, fejn għadu sallum. Bejn it-tmiem tas-seklu 16 u l-1870 il-Papiet għexu wkoll fir-residenza pontifiċja tal-palazz tal-Quirinale, illum residenza tal-President tar-Repubblika ta' l-Italja.

ukoll «Episcopio». 2 Għall-eżekuzzjoni tal-mużajċi ġew inkarigati żewġ patrijiet Minuri, li kienu kapaċi ħafna u esperti f'din l-arti[67].

3 Meta lestew ix-xbihat li l-Papa stess kien ordnalhom jirrappreżentaw, dawk il-patrijiet, billi raw li kien fadal spazji li fihom setgħu jinkludu immaġini oħrajn, b'inizjattiva proprja pinġew ix-xbihat tal-qaddisin Franġisk u Antnin[68]. 4 Il-ġrajja ta' dan kollu waslet f'widnejn il-Papa, li ikkmanda lil xi ekkleżjastiċi, li b'intenzjoni ħażina kienu qalulu b'dan il-fatt, u qalilhom: "Rigward ix-xbieha ta' San Franġisk, issa li ġiet esegwita, aħna nittolleraw li titħalla f'postha. Imma rigward Sant'Antnin ta' Padova, aħna x'għandna x'naqsmu miegħu? Għaldaqstant morru u eqirdu dik ix-xbieha, u flokha ikkmandaw li tiġi impinġija x-xbieha ta' San Girgor Papa".

5 Dawk waslu fuq il-post f'għadd kbir, u bdew telgħin wieħed wara l-ieħor bl-iskop li jeqirdu dik ix-xbieha. Imma, kif imbagħad huma stess stqarrew, persuna tal-biża' bdiet twaddabhom wieħed, wieħed, minn dak l-għoli kollu għall-art, b'korla kbira u mingħajr ma taħsibha darbtejn. 6 Uħud minnhom mietu dak il-ħin stess; il-kumplament, mietu ftit tal-ħin warajhom.

7 Meta l-Papa msemmi sema' b'din it-traġedja, bagħat mall-ewwel kontrordni: "Ejjew inħallu bi kwietu lil dak il-qaddis, għaliex, kif rajna espressament, miegħu nistgħu aktar nitilfu milli niggwadanjaw"[69].

67 Iż-żewġ patrijiet mużajċisti kienu fra Jacopo Torriti minn Ruma, u fra Jacopo da Camerino. Fl-1291 iffirmaw ir-restawr tal-mużajċi ta' l-abside tal-Lateran. Iż-żewġ figuri li huma iżgħar mill-oħrajn, jiġifieri San Franġisk (fuq ix-xellug) u Sant'Antnin (fuq il-lemin) huma inklużjoni fl-iskema ikonografiku li kien hemm qabel. Jidher ukoll il-Papa Nicolò IV, li ikkummissjona l-mużajċi, u wkoll iż-żewġ artisti huma raffigurati. L-istil ta' dawn iż-żewġ Franġiskani mużajċisti jidher b'mod aktar ċar fl-abside ta' Santa Maria Maggiore, li tlesta fl-1292 u ġie kummissjonat ukoll minn Nicolò IV, li mill-ġdid jidher maġenb San Franġisk. Maġenb Sant'Antnin jidher il-kardinal Jacopo Colonna.

68 Ma tantx hu probabbli li ż-żewġ artisti setgħu jinkludu xbihat ta' qaddisin li għażlu huma fil-mużajċi tal-Lateran. Nafu, kif rajna, li kien il-Papa Franġiskan Nicolò IV li qabbadhom, u għalhekk mhux ħaġa bi kbira li hu talabhom jinkludu qaddisin li kienu l-ewlenin fil-preferenzi devozzjonali tiegħu u tagħhom.

69 Ta' min jinnota l-importanza speċjali ta' dan l-episodju u l-qbil tiegħu ma' l-episodju narrat f'*Benignitas* 17,1-2, għax fih tiġi murija ċ-ċentralità kattolika ta' Sant'Antnin, li l-kult tiegħu jiġi estiż matul is-sekli miċ-ċentru tal-kattoliċità fid-dinja kollha.

## II – DWAR KIF PADOVA ĠIET MEĦLUSA MINN TIRANN

[449] 8 Fiż-żmien li fih il-belt ta’ Padova kienet ġiet meħlusa minn idejn il-kiefer Ezzelino da Romano, waqt li l-legat pontifiċju[70] kien qiegħed jassedja mingħajr waqfien il-belt bl-eżerċtu tiegħu, fil-lejl tal-festa ta’ Sant’Antnin il-gwardjan tal-patrijiet ta’ Padova, frate Bartolomeo di Corradino, kien qiegħed iqatta’ s-sigħat tal-lejl fis-sahra jitlob quddiem l-Arka jew il-qabar tal-qaddis, jitolbu bil-ħniena u b’ħafna dmugħ biex jogħġbu jeħles lill-belt. Jingħad li, f’daqqa waħda, mill-qabar instema’ ħiereġ leħen mill-aktar ċar, li beda jgħid dawn il-kelmiet: 9 “Ħija Bartolomeo, ma għandekx għalfejn tibża’, u la titlifx il-kuraġġ! Mhux biss, imma imtela’ bil-kuraġġ u kun ferħan. Kun af fi żgur li jiena qlajt mill-ħniena ta’ Alla li, fl-ottava tal-festa tiegħi, il-belt ta’ Padova terġa’ tiġi mirbuħa, u minn dak il-jum tibda tgawdi l-ħelsien tagħha bħas-soltu u jkollha l-immunità ta’ qabel”.

10 Hekk seħħ, bid-dispożizzjoni ta’ Alla. Bosta patrijiet, li f’dak il-mument kienu qegħdin jishru fit-talb fil-knisja, taw xhieda li semgħu b’mod ċar dak il-leħen li kien qiegħed jagħmel dawk il-wegħdiet[71]. 11 Meta mbagħad in-nies ta’ Padova saru jafu b’din il-ġrajja, iddeċidew ilkoll flimkien li jiċċelebraw ta’ kull sena b’hena mill-akbar l-ottava ta’ Sant’Antnin bl-istess solennità tal-festa. Dan l-istatut, għall-grazzja ta’ Alla, għadu jitħares bir-reqqa kollha sallum.

---

70 Il-legat kien l-arċisqof ta’ Ravenna, Filippo Fontana.

71 L-oriġini ta’ din ix-xhieda hi Padovana, anzi konventwali. Maż-żmien ġiet iffurmata l-leġġenda dwar l-apparizzjoni profetika ta’ Antnin lis-*socius* frate Luca, kif nistgħu naqraw f’affresk ta’ Giusto de Menabuoi, li jġib id-data ta’ l-1380c., li wieħed jista’ jammirah fil-kappella gotika fejn huma mħarsin il-fdalijiet tal-Beatu Luca Belludi: *Hic dum beatus Lucas deprecaretur Deum sedula oracione pro conservatione Paduane civitatis meruit a beato Antonio sibi apparente revelationem habere quod in proximum...* L-aħħar kelmiet ma għadhomx jidhru fl-affresk, u forsi kienu jgħidu: *Padua liberaretur*.

## III – DWAR IL-KONVERŻJONI TA' L-GĦAĠEB TA' L-USUARIO IACOPINO DA CARTURA

[450] 12 Frate Iacopino da Cartura[72], lajk, kien jirrakkonta li daħal fl-Ordni minħabba r-raġuni li sejrin insemmu. Fis-seklu hu kien usuraio sfrenat billi jisloħ lin-nies b'imgħaxijiet għoljin. Grazzi għar-rieda divina ma kellux ulied, għax dawn xi mindaqqiet jistgħu jimblukkaw t-triq tas-salvazzjoni għal xi wħud.

13 Martu, iżda, kienet mara ta' fidi sinċiera, u permezz tagħha hu seta' jasal għas-salvazzjoni, kif jikteb l-Appostlu. Fil-fatt hi kienet terfa' lejn Alla u lejn Sant'Antnin talb bla qatt ma tieqaf u kienet iżżur ta' kuljum il-knisja tal-qaddis, sabiex Alla, għall-imħabba tal-magħżul tiegħu, jogħġbu jikkonverti lil żewġha. 14 Dak, iżda, mhux biss ma kienx iżur qatt lill-Qaddis, imma talli kien jaħqar lill-pellegrini u kullimkien kien iwaqqa' għaż-żufjett il-mirakli tiegħu.

15 Ġara, iżda, jum minnhom li, mirbuħ mill-insistenzi ta' martu li dejjqitu, mar fil-knisja ta' Sant'Antnin. Proprju f'dak il-ħin wieħed raġel, li kellu dirgħajh milwi u niexef qisu injama mgħawwġa u niexfa qoxqox, ġie mfejjaq fuq il-qabar tal-qaddis. 16 Meta semgħu l-għajjat tal-mirakolat li beda jsemma' leħnu bil-qawwa kollha waqt li n-nervituri bdew jistrieħu, in-nies kollha li kienu preżenti fis-santwarju marru jiġru biex jaraw il-miraklu, u flimkien ma' nies oħrajn mar jiġri wkoll Iacopino. 17 Hu beda jqis b'attenzjoni lil dak ir-raġel marid li kellu wiċċu aħmar bil-battikata u kien qiegħed isofri uġigħ mill-aktar kiefer, u beda jinnota kif dirgħajh kien qiegħed jistrieħ u jitwal hekk li wieħed seta' jħares lejh, u li beda jimtela' bil-laħam u d-demm, bl-istess mod kif wieħed jimla' z-zalzett.

18 Meta ra dak il-miraklu, Iacopino reġa' lura d-dar bil-ġiri. Issa kien inbidel f'ruħu u qal lil martu: "Sinjura, issa spiċċa ż-żmien li nibqgħu hawn". 19 U hu mall-ewwel mar daħal fl-Ordni, radd lura madwar għoxrin elf liri fi flus li kien ġemma' bl-interessi misluħin minn fuq dahar in-nies. Martu wkoll daħlet bil-ferħ kollu fost is-sorijiet ta' Santa Klara.

---

72 Cartura hi *comune* żgħir fil-provinċja ta' Padova. Mid-dokumenti jirriżulta li ċertu *frater Iacobinus de Carturio* kien jgħix fil-kunvent ta' Sant'Antnin f'Padova fis-snin 1272-1297.

## IV – DWAR KIF PATRI MINURI ĠIE MFEJJAQ MIN-NUQQAS TA' DAWL

[451] 20 Wieħed patri ta' l-Ordni tal-Minuri, li kien jismu Teodorico, kien ilu sentejn nieqes mid-dawl ta' għajnu x-xellugija. Hu ġie mill-art tal-Puglie, jitlob bil-ħniena u jmil sa l-art quddiem il-qabar ta' Sant'Antnin, mhux mingħajr periklu kbir għal saħħtu. 21 Dam jgħix għal xi żmien fil-kunvent ta' Padova, u ta' spiss kien iżur bid-devozzjoni l-Arka tal-Qaddis, u hemmhekk kien jitolbu b'insistenza l-grazzja tal-fejqan. 22 Fl-aħħarnett, meta reġa' kiseb lura d-dawl mixtieq ta' għajnejh, seta jmur lura ferħan u rikonoxxenti lejn art twelidu, minn fejn kien ġie.

## V – BAĦĦARA MEĦLUSIN MILL-PERIKLU TAN-NAWFRAĠJU

[452] 23 Kien hemm ċorma rġiel u nisa, li kienu b'kollox madwar sitta u għoxrin, li kienu qegħdin ibaħħru mill-post ta' Sant'Ilario, li jagħmel parti mid-djoċesi ta' Padova, lejn Venezia. Ma nżul ix-xemx waslu fil-lokalità ta' San Giorgio in Alga. 24 F'dak il-mument faqqgħet tempesta mill-aktar qawwija, u bdiet nieżla xita bil-qliel. Madwarhom it-temp sar mudlam qisu bil-lejl u beda jonfoħ riħ qawwi kontra tagħhom. Hekk huma ma setgħux jaslu bl-ebda mod fid-destinazzjoni tagħhom, u l-luzzu li kienu fuqu beda jitħabbat 'l hawn u 'l hinn mill-mewġ. 25 Il-baħħara stennew li l-mewt kienet fil-qrib, u kienu jafu li ma kienx hemm l-ebda għajnuna għalihom mill-bnedmin. B'hekk huma bdew jistqarru dnubiethom fil-pubbliku. Wara li rċevew l-assoluzzjoni minn wieħed saċerdot li kien hemm preżenti, b'ħafna dmugħ u tnehid bdew jitolbu lkoll flimkien il-protezzjoni ta' l-imqaddes Antnin, u bdew jagħmlu wegħda li joffru min ħaġa, u min oħra.

26 O x'qawwa wera magħhom il-missier l-aktar meqjum! U liema tjieba veneranda ried juri lejhom! Filwaqt li kienu f'periklu għal ħajjithom, dak il-ħin stess ġiet tiltaqa' magħhom il-qawwa li talbu mill-Aktar Għoli, bil-ħila tal-merti tal-qaddis tiegħu. 27 Qabel xejn ikkalmat dik it-tempesta; imbagħad, mill-luzzu tagħhom beda ħiereġ dawl ta' l-għaġeb, favur dawk l-imsejkna li kienu fid-dlam, u beda jwassalhom b'ħeffa kbira u ta' l-għaġeb qawwijin u sħaħ lejn il-port tas-salvazzjoni.

Meta waslu hemm dak id-dawl għab minn quddiemhom. 28 Il-meħlusin bdew ixandru li huma ġew mirakolożament meħlusin minn ħalq il-mewt bit-tmexxija tar-raġel qaddis, u mimlijin rikonoxxenza, raddew lilu sagrifiċċju solenni ta' tifħir.

## VI – DWAR KIF QAJJEM L-IBEN TA' MASTRUDAXXA

[453] 29 Wieħed mastrudaxxa mill-Marca Trevigiana kien għażel bħala protettur tiegħu, b'devozzjoni sinċiera u mqanqla, lil Sant'Antnin. 30 Dan kellu iben żagħżugħ, li kien iħobbu bi ħlewwa kbira. Alla għoġbu jaħtafulu bil-mewt, li hi d-destin ta' kulħadd. 31 Kif kienet id-drawwa tagħhom, il-qraba kienu waslu fil-punt li jidfnu l-ġisem mejjet tiegħu, meta l-missier, li kien deċiż li jħares lil dak il-ġisem biex jieħu l-ħajja, qal b'fiduċja mħeġġa lil dawk li kienu fil-qrib: "Jiena ċert li l-imqaddes Antnin, li dejjem ħabbejtu b'devozzjoni sħiħa, tiġih ħniena min-niket tiegħi u jerġa' jagħtini lura t-tifel ħaj u f'saħħtu".

32 Kien diġà sebaħ it-tielet jum, imma l-mejjet ma kien qed jagħti l-ebda sinjal ta' ħajja; hekk il-ħbieb u l-qraba bdew jiddieħku bis-sempliċità ta' dak ir-raġel ġust, li kien ilu jistenna għal tlitt ijiem li l-ġisem mejjet ta' ibnu jerġa' lura għall-ħajja, għalkemm issa *kien beda jrejjaħ, bħal Lazzru* (cfr. Ġw 11,39). 33 Fl-aħħarnett, għall-merti ta' Sant'Antnin, il-qawwa ta' l-għaġeb tal-Ħallieq f'daqqa waħda ġiet għall-għajnuna ta' dak il-mastrudaxxa li kien qiegħed jippersevera fit-talb u fil-fidi li ma tiġix nieqsa. Fost il-għaġeb u l-ferħ ta' dawk kollha li kienu preżenti, iż-żagħżugħ reġa' qam, u reġgħet ingħatatlu lura l-ħajja u s-saħħa.

34 Dawk li kienu fil-qrib, meta raw dak il-miraklu, bdew ifaħħru lil Alla bit-tifħir, għaliex għoġbu jfarraġ b'imħabba hekk kbira lil dak il-missier mgħolli bin-niket, u hekk bdew jigglorifikaw il-qaddis tiegħu permezz tal-qawmien mill-imwiet ta' dak iż-żagħżugħ.

## 24 – MIRAKLI OĦRAJN

### I – TIFEL LI TQAJJEM MILL-MEWT

[454] 1 Fil-belt ta' Lisbona kien jgħix tifel jismu Parisio, li kien jiġi mill-qrib ħafna mill-missier qaddis tagħna Antnin[73]. Jum minnhom xi tfal oħrajn, bil-ħsieb li jmorru ħarġa ħdejn il-baħar, kif jiġri f'dik l-età, ħaduh magħhom fuq dgħajsa żgħira. Imma f'daqqa waħda qamet tempesta qawwija fuq il-baħar[74], u d-dgħajsa b'dawk kollha li kienu fuqha malajr inbelgħu mill-mewġ li qajjem ir-riħ. 3 Iżda filwaqt li t-tfal l-oħrajn, li kienu akbar minnu u kienu jafu jgħumu, irnexxielhom isalvaw, dak it-tifel ċkejken belgħu l-baħar fond.

4 Min sar jaf bid-disgrazzja mar jgħid lil ommu li binha kien għereq. Dik bdiet tixher u tolfoq, u marret tiġri lejn xatt il-baħar. Meta rat lis-sajjieda lesti biex jixħtu x-xbiek fil-baħar, bdiet titlobhom bil-ħniena biex jixħtu x-xbiek fil-post li fih kien għereq it-tifel. Għalkemm tilfitu bħala ħaj, imma almenu riedet tarah mejjet, mifnija bil-għali kif kienet. 5 Huma, mela, xeħtu x-xbiek fil-baħar, u tellgħu lit-tifel qisu ħuta, - u f'dehra li kienet taqsam il-qalb ta' kull min raha, - tawh lil ommu.

6 Il-qraba u l-ħbieb ġew jiġru u flimkien ma' dik il-mara ġarrew il-ġisem mejjet lejn id-dar b'ħafna biki u għajjat. Imbagħad dendluh saqajh 'il fuq u rasu 'l isfel biex jgħinuh forsi jaqla' barra l-ilma li kien bela'. 7 Imma minkejja dan, iċ-ċkejken ma kien jagħti l-ebda sinjal ta' ħajja; kellu ħalqu sserrat u ħaddejh pallidi, bħal dawk ta' wieħed mejjet. Kull tama kienet għabet.

8 Il-għada l-familjari iddeċidew li jidfnu l-ġisem ċkejken tat-tfajjel, li kien sar iebes fil-kesħa tal-mewt. 9 Imma ommu ma ħallithomx bl-ebda mod, u mqanqla minn ilfiq mill-aktar morr, bdiet titlob bla taqta' lill-imqaddes Antnin, u twiegħdu li, jekk jagħtiha lura lil binha ħaj, hi toffrih meta jikber biex isir patri fl-Ordni tal-Minuri.

73 Fil-*Liber Miraculorum,* 39 (AF III, 142-143), dan il-miraklu jiġi inkluż kemm f'din ir-redazzjoni, kif ukoll f'redazzjoni iqsar [48] (AF III, 145). Skond din, it-tifel bla isem, li kellu madwar 5 snin kien *filius sororis* (neputi) ta' Sant'Antnin.

74 Il-baħar tal-Paglia, fil-ħalq tax-xmara Tagus.

10 Dik il-mara devota kompliet tinsisti fit-talb u b'fiduċja li bl-ebda mod ma tiġi nieqsa, u irrikmandat ruħha lill-missier qaddis Antnin. Fl-aħħarnett, fit-tielet jum, quddiem dawk kollha li kienu preżenti għal dik ix-xena, it-tifel qam mill-mewt, bil-qawwa tal-merti glorjużi ta' l-imqaddes Antnin. 11 Ommu, imbagħad, mimlija ferħ u hena, flimkien ma' dawk kollha li kienu maġenbha, u li kienu miblugħin għal dan il-miraklu ta' l-għaġeb, għamlu ma' Alla u ma' Sant'Antnin offerta ta' tifħir.

12 Meta, mbagħad, għaddew is-snin, u t-tifel kiber, l-omma twajba ma nsietx il-wegħda li kienet għamlet, u afdatu f'idejn l-Ordni tal-patrijiet Minuri. 13 Hu sar reliġjuż, u ħa l-isem ta' frate Parisio u għex ħajja tiddi bil-qdusija taħt kull aspett. Kien soltu jirrakkonta fid-dettalji kollha l-miraklu li għamel miegħu l-Ħallieq, li hu s-salvazzjoni u l-ħajja tal-mejtin, għall-merti tal-qaddej tiegħu Antnin.

## II – DWAR IL-QNIEPEN LI DAQQEW WAĦEDHOM

[455] 14 Ix-xhud li għadna kif semmejna, jiġifieri frate Parisio, irrakkonta lil ħutu l-patrijiet dwar ġrajja mirakoluża oħra, li ġrat f'Lisbona. 15 Fil-jum li fih il-missier qaddis u ħuna Antnin ġie miktub fil-katologu tal-qaddisin[75], il-poplu kollu ta' Lisbona ħassu mimli b'ferħ li ma jitfissirx, imma ma setax jifhem minn liema raġuni kien tqanqal għal ferħ bħal dan. 16 Mhux biss, imma saħansitra oġġetti bla ħajja, bħalma huma ċ-ċnieċel u l-qniepen ta' l-istess belt, bdew idoqqu waħedhom, mingħajr ma ħadd ma kien qiegħed iċaqlaqhom, u hekk bdew jesprimu, bid-daqq tagħhom, il-glorja tal-kbir qaddis.

17 Meta għadda ftit taż-żmien, kulħadd sar jaf li l-imqaddes Antnin kien ġie mgħolli fil-ġieħ bil-glorja tal-kanonizzazzjoni eżattament f'dak l-istess jum li fih, kif għidna, l-belt kollha kienet ferħet b'ferħ li ma jitfissirx. 18 Imlibbsa bid-dawl u d-dija ta' dawn l-għeġubijiet insinji, l-belt ta' Lisbona iddedikat b'festa solenni lil Sant'Antnin l-altar

[75] 30 ta' Mejju 1232, solennità ta' Pentekoste.

maġġur tal-kattidral[76]. 19 Il-festa tiegħu, fost fjoritura ta' mirakli, tiġi hemmhekk iċċelebrata kull sena b'solennità kbira.

## 25 – FRAMMENT TA' L-EPILOGU

1 /.../ frate Bartolomeo da Trento, mill-Ordni tal-Predikaturi.

---

76 L-awtur irid ifisser li l-altar maġġur tal-kattidral ta' Lisbona, iddedikat lill-Verġni Marija Assunta, kellu bħala kompatrun lil Sant'Antnin, il-qaddis ġdid, li ta' tifel kien jagħti servizz liturġiku fl-istess knisja kattidrali.

# IL-ĦAJJA TAL-MISSIER QADDIS ANTNIN TA' PADOVA

jew

# «LEGENDA RAYMUNDINA»

miktuba minn Franġiskan tal-kunvent ta' Sant'Antnin ta' Padova,
diġà attribwita lil Fra Pietro Raymundi minn Saint-Romain
(wara s-sena 1293)

## INTRODUZZJONI

Il-*Legenda Raymundina* hi waħda mill-fonti Antonjani ta' tmiem is-seklu 13. Nafu li nkitbet f'dan iż-żmien għaliex tagħmel riferiment għar-rebħa tal-Guelfi fuq Padova fl-1256, għat-translazzjoni tar-relikwi ta' Sant'Antnin magħmula minn San Bonaventura, ministru ġeneral ta' l-Ordni, fl-1263, u għal bosta għeġubijiet li seħħu bl-interċessjoni ta' Sant'Antnin fl-1293. L-ambjent li fih inkitbet din il-fonti kien ċertament il-kunvent Franġiskan ta' Sant'Antnin ta' Padova.

Fonti oħrajn ta' l-epoka, bħalma huma r-*Rigaldina*, il-kronista Riccobaldo da Ferrara (†c.1312), u l-*Chronicon di Lanercost*, kollha jitkellmu dwar bosta mirakli li seħħu fl-1293, u li kabbru l-fama tawmaturġika ta' Sant'Antnin ta' Padova. Hu għalhekk li l-istoriċi jaqblu li r-*Raymundina* inkitbet ċertament ftit taż-żmien wara l-1293.

L-awtur tar-*Raymundina* jikteb: "Jifraħ l-Ordni fqajjar, imħabbat mill-qilla tat-tempesta" (14,18). Għaliex jgħid li l-Ordni hu *tempesta convulsa?* Jista' jkun li jirreferi għall-kriżi li qamet bil-bolla *Etsi excessus* ta' Bonifaċju VIII (12 ta' Ġunju 1302), miktuba minn Anagni, li biha l-Papa ikkundanna żewġ inkwiżituri Franġiskani tal-Veneto, fra Boninsegna da Trento u fra Pietrobono de Brosemini da Padova. L-awtur iħares lejn din il-persekuzzjoni bħala attakk fuq ir-*religio paupercula* tal-komunità Franġiskana ta' Padova, li tħares b'għożża r-relikwi ta' Sant'Antnin.

L-ewwel kwart tas-seklu 14 jimmarka wkoll wieħed mill-aktar

mumenti diffiċli fl-istorja ta' l-Ordni tal-Minuri. Hu ż-żmien li fih ġie elett Papa Ġwanni XXII u l-ministru ġeneral Michele da Cesena, fl-1316, li kellhom jidħlu f'kontroversja taħraq rigward il-validità tal-faqar tal-mendikanti, li kienu jsostnu li Kristu u l-Appostli ma kellhomx proprjetà. Ġlieda li rat il-kundanna tal-*Fraticelli Spiritwali* fl-1317, u saħansitra l-elezzjoni ta' antipapa Franġiskan, Pietro da Corbara fl-1328. Li *Spiritwali* Franġiskani fi Provence u fil-Marche kienu ilhom persegwitati sa minn tmiem is-seklu 13, l-aktar il-mexxejja tagħhom Pier Giovanni Olivi (†1297), Ubertino da Casale (†1329c.) u Angelo Clareno (†1337). Ninsabu fiż-żmien li fih il-ministru ġeneral Raymond Godefroy, jew Gaufredi, simpatizzanti lejn il-Franġiskani *Spiritwali*, ġie depost minn Bonifaċju VIII fid-29 ta' Ottubru 1295, u ġiet offruta lilu s-sede episkopali ta' Padova f'eżempju klassiku ta' *promoveatur ut amoveatur*, li hu ċaħadha biex temm ħajtu fl-oskurità ta' kunvent moħbi (Arnaldo de Sarrant, *Chronica XXIV Generalium*, AF III, 431).

Ir-*Raymundina* inkitbet ċertament f'Padova, fil-kunvent ta' Sant'Antnin, għax tuża espressjonijiet solenni bħalma huma: *insignis ac magnifica civitas Paduana*, li *custodit honorifice nobile depositum* (il-qabar ta' Sant'Antnin, 16,6), *catholica civitas Paduana, tot per ipsum viventem et mortuum benefitiis illustrata* (14,21).

Bħala leġġenda aġjografika, ir-*Raymundina* jidher li baqgħet ċirkoskritta f'Padova. Fil-fatt, flimkien ma' l-*Assidua*, kellha tistenna s-sena 1883 qabel ma ġiet stampata. Iċ-"Ċittadella Antonjana" ta' Padova kienet, mela, fil-kuntest tal-kult tal-qaddis, provinċja awtonoma għal kollox. Fil-fatt, jidher li l-istess partijiet li kienu jgħixu fil-kunvent ta' Padova kienu jgħożżu b'għira qaddisa t-tifkiriet ta' Sant'Antnin, imma ftit ħadmu huma biex xerrduhom barra mill-ħitan ta' din il-belt. L-istess fra Luca Belludi († wara l-1285), li kien l-aktar sieħeb fidil (*socius*) ta' Sant'Antnin, u li għex warajh għal aktar minn nofs seklu fil-kunvent ta' Padova, ma kiteb l-ebda tifkira aġjografika ta' l-imgħallem tiegħu (V. GAMBOSO, *Profilo storico del beato Luca "socius" di sant'Antonio,* in AA.VV., *La cappella del beato Luca,* Padova 1988, 147-148.167).

L-awtur tar-*Raymundina* hu Pietro Raymundi minn Toulouse, għalkemm il-kitba, mall-ewwel daqqa ta' għajn, ma tagħti l-ebda ħjiel dwar l-awtur tagħha, li jibqa' anonimu fid-dokument. L-ewwel studjużi ta' din il-leġġenda kienu attribwewha lill-pinna ta' Giovanni da Cremona, ministru provinċjal ta' Padova (1299-1301), jew ta' Raimondino, lettur

f'Padova. L-istorjografu Konventwal Giovanni Sbaraglia (†1764) jgħid li fil-katalogu tal-bibljoteka antika manoskritta tal-kunvent ta' San Franġisk ta' Bologna (1401) jissemmew ċerti *legende fratris Raymundini*.

Kellu jkun l-istudjuż Ferdinand Delorme li fl-1899 jagħti indikazzjonijiet aktar ċari dwar l-awtur tar-*Raymundina*. Hu jindika l-awtur fil-persuna ta' fra Pietro Raymundi minn Saint-Romain, qrib Toulouse, li kien ministru provinċjal ta' Aquitaine fi Franza, qabel Arnaldo de Sarrant, awtur tal-*Kronaka tal-XXIV Ministri Ġenerali* (1365). Fil-*Legenda Rigaldina* ta' spiss jissemma Raymundi, u jingħad li hu kien ġabar flimkien (*recolligit*) diversi rakkonti ta' mirakli. Fil-*Chronica XXIV Generalium* Arnaldo de Sarrant jikteb li fid-29 ta' Novembru 1296 miet Raymond Rigaldi, *magister Parisiensis et minister Aquitanie*, u li laħaq warajh bħala ministru provinċjal *frater Petrus Raymundi de Sancto Romano, Tholosanus*, li miet fid-19 ta' Marzu 1297.

L-istoriċi sabu li dan fra Pietro Raymundi kien jinsab Padova fl-1293, bħala *lector*, jiġifieri professur tat-teoloġija. Ma ninsewx li l-kunvent minoritiku ta' Padova kien *studium generale* ta' l-Ordni, jiġifieri kunvent li fih kienu jiġu fost l-aħjar studenti u professuri (letturi), billi Padova kienet belt universitarja, kif kienu Pariġi, Oxford, Cambridge, Cologna, Salamanca, Bologna, Napli.

Il-fonti tal-*Legenda Raymundina* huma kollha marbutin ma' dawk li kienu digà jiċċirkolaw fis-seklu 13. Qari attent ta' din il-leġġenda jurina li l-fonti storjografika prinċipali tagħha hi ċertament il-*Legenda Assidua*. Insibu 112 paragrafi li jiddependu, b'xi mod jew ieħor, mill-*Vita Prima*. L-iskop tal-bijografu hu ċertament dak li juri r-rabta sħiħa mal-kariżma Franġiskan u mal-kunvent ta' Padova, li kien il-post li fih twieldet u żviluppat l-*Assidua*, imma wkoll ir-*Raymundina*.

Flimkien ma' l-*Assidua,* tokkupa post importanti bħala fonti tar-*Raymundina*, il-*Vita Secunda* ta' Julian minn Speyer, kif ukoll xi elementi mill-*Officium Rhythmicum*.

Bħal kull test aġjografiku medjevali, ir-*Raymundina* hi wkoll mimlija b'riferimenti bibliċi. B'kollox niltaqgħu ma' 119 siltiet mit-Testment il-Qadim u 91 mit-Testment il-Ġdid.

Ir-*Raymundina* titkellem b'mod prudenti dwar it-tematika spiritwali Franġiskana fil-ħajja ta' Sant'Antnin. Fi qbil ma' l-*Assidua*,

turi kif Fernando ma sarx patri minuri minħabba l-ammirazzjoni tiegħu lejn San Franġisk, u lanqas ma libes it-tonka biex jingħaqad mad-dixxipli tal-qaddis Serafiku ta' Assisi, u forsi lanqas biex jgħix esperjenza ta' ħajja evanġelika, imma pjuttost biex joffri ruħu lil Alla fix-xhieda erojka tal-martirju. Fil-kapitlu 1 ir-*Raymundina* turi kif Fernando għadda mill-ħajja kanonikali Agostinjana għal impenn ta' evanġelizzazzjoni fid-dinja, permezz ta' l-Ordni Franġiskan li miegħu ingħaqad. Il-kapitlu 2 hu mimli kliem ta' tifħir lil San Franġisk u l-Ordni tiegħu: "Meta l-imqaddes Franġisku, *bħal dielja għammiela* (cfr. Sir 24,23), żejjen il-ġnien kollu tal-Knisja bi fjuri glorjużi, ġara li xi patrijiet ta' qdusija kbira, mogħnija b'kull perfezzjoni, ġew mibgħuta mill-istess Missier biex jagħmlu l-ġid lill-poplu nisrani kollu. Għad li kienu rġiel sempliċi u mhux ta' ħafna skola, ta' qagħda soċjali baxxa u ftit fin-numru, irnexxielhom jikkonvertu kotra ta' nies ta' kultura għolja, magħrufa sewwa għall-qagħda tagħhom, u jqabbduhom it-triq tal-penitenza evanġelika, kważi f'kull rokna tal-kristjanità. Tferrxu ma' kullimkien, bħallikieku kienu raġġi tax-xemx li jdawwlu d-dinja. Hekk tferrxu bħal friegħi ta' dielja li tagħti ħafna frott. Ulied il-barka irriflettew il-ġieħ ta' min nissilhom".

Ma jissemma xejn dwar laqgħa bejn Antnin u Franġisku waqt il-kapitlu ġenerali ta' l-1221, ġrajja li hi rakkontata fil-kapitlu 5. Imma San Franġisk jissemma mill-ġdid fil-kapitlu 9,13-14, fl-episodju tal-kapitlu provinċjali ta' Arles, li fih jidher ibierek lill-patrijiet miġbura. Ta' min jgħid li, fl-istess żmien li fih inkitbet ir-*Raymundina*, Giotto kien qiegħed ipitter l-affreski tal-bażilika superjuri ta' San Franġisk f'Assisi, li f'wieħed minnhom tiġi rappreżentata proprju din ix-xena.

Ir-*Raymundina* ssemmi wkoll it-*tempore translationis sancti Francisci*, jiġifieri l-ġrajja famuża tal-25 ta' Mejju 1230 (kapitlu 10). L-aħħar darba li jissemma San Franġisk fir-*Raymundina* hu fil-kapitlu 12,6, b'riferiment għall-istimmati: "San Franġisk irċieva l-istimmati glorjużi fuq il-muntanja (La Verna), bħala premju għat-talb tiegħu bla jaqta'". Hekk ukoll Sant'Antnin kellu l-grazzja tal-kontemplazzjoni fiċ-ċella fuq is-siġra tal-ġewż fl-eremitaġġ ta' Camposampiero.

Fl-aħħarnett il-preżenza tal-patrijiet minuri fir-*Raymundina* tissiġilla r-rabta li Antnin kellu ma' San Franġisk fl-ispiritwalità li għex. Kienu l-patrijiet minuri ta' Olivais li ħeġġew lil Fernando biex, minn kanonku regolari Agostinjan, isir patri minuri.

Ir-*Raymundina* għandha l-iskop li tigglorifika lil Sant'Antnin proprju f'mument li fih f'Padova kienu saru għeġubijiet speċjali fuq il-qabar tiegħu. L-istil tagħha hu dak ta' paneġierku ta' tifħir lill-qaddis ta' Padova: "O raġel l-aktar qaddis li għaraft tiċħad lilek innifsek, u ġġorr is-salib tal-Mulej, kif jikkmanda l-Evanġelju" (kapitlu 13,19).

# IL-ĦAJJA TAL-MISSIER QADDIS ANTNIN TA' PADOVA
jew
# «LEGENDA RAYMUNDINA»
## miktuba minn Franġiskan tal-kunvent ta' Sant'Antnin ta' Padova,
## diġà attribwita lil Fra Pietro Raymundi minn Saint-Romain
## (wara s-sena 1293)

### 1. JIBDA L-PROLOGU GĦALL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN TA' PADOVA

[456] 1 L-għan ta' min jikteb kotba dwar l-istorja hu li jgħaddi lill-ġenerazzjonijiet ta' warajh informazzjoni utli, imma spiss jiġri li jkun hemm nuqqasijiet. Dan jista' jiġri kemm għax il-memorja tfallilu kif ukoll għax ma jkunx jaf il-fatti kollha. Xi drabi wkoll għax jonqos milli jagħmel tfittxija storika bir-reqqa u għalhekk faċilment jiżbalja. 2 Dan li qed ngħid jiġri kemm f'kitbiet sagri kif ukoll f'dawk profani. Dawn il-fatti huma hekk kotrana li, biex ma ntawwalx iżżejjed, inħoss li ma hemmx għalfejn f'din il-kitba nagħti ħafna eżempji biex nikkonferma dak li għadni kemm għidt.

3 Xejn ma għandna għax nistagħġbu b'dan, ladarba ġara bosta drabi lil nies mogħnija bi *spirtu ta' profezija*, li ma *għarblux* biżżejjed *l-ispirazzjonijiet* (cfr. Apk 19,10; 1Ġw 4,1) li rċevew u t-tħabbira tagħhom ippreżentawha bħallikieku oraklu ġej mis-sema. Sa fl-aħħar, imbagħad, meta *għollew għajnejhom 'il fuq* (cfr. Iż 51,6), raġġ ta' dawl divin urihom biċ-ċar il-verità. 4 L-appostlu wkoll jagħti xhieda meta jħeġġeġ: *Jekk taħsbu xort'oħra, jagħtikom id-dawl Alla* (Fil 3,15).

5 Jiena u nagħti bidu biex, imġiegħel mill-ubbidjenza[1], nikteb il-

1 L-aġjografu jistqarr li kiteb din l-opra imġiegħel mill-ubbidjenza reliġjuża. Forsi kien is-superjur lokali tal-kunvent ta' Sant'Antnin ta' Padova li qabbdu jikteb. Fl-1293 kien gwardjan fra Paolino da Milano, li jidher ukoll gwardjan fis-snin 1300 u 1312. Wara l-1294 kienu gwardjani fra Fidenzio u fra

ħajja tal-qaddis missier Antnin, nistqarr li f'ċerti affarijiet se nitbiegħed minn dak li jirrakkontaw bijografi oħrajn li ġew qabli[2], ladarba rnexxieli nsib il-verità tal-fatti wara li wasalt għal tiftix żgur u *xhieda li huma ta' min jemminhom* (cfr. S 18,8).

6 Dan hu l-qaddis Antnin li, wara li għex ħajja kollha sinċerità taħt ir-Regola tal-kbir dutur Santu Wistin, għadda biex jimxi fuq il-passi ta' l-imqaddes missier Franġisku meta dan kien għadu ħaj. Immexxi mill-ispirtu, bidel għamla ta' ħajja magħluq f'monasteru, ma' xorta oħra ta' ħajja li sservi ta' edifikazzjoni pubblika. 7 Kien tal-fehma li kienet ħaġa aktar togħġob lil Alla li *joħroġ fil-beraħ, jgħix fl-irħula* (cfr. Għan 7,11) u jikkonverti l-midinbin fil-periklu li jintilfu, milli jittraskura s-salvazzjoni tal-mifdijin u jibqa' fil-bejta tal-kontemplazzjoni, ukoll jekk hemm igawdi l-ħlewwiet qaddisa[3].

8 Issa, billi t-twettieq tal-pjani tagħna għandna *nħalluhom f'idejn il-Mulej* (cfr. 2Kor 3,5), u kull interpretazzjoni awtentika tiġi mill-*Verb li kien fil-bidu* (cfr. Ġw 1,1): jekk ngħid xi ħaġa tajba, din ma tkunx mertu tiegħi li niftaħar biha, li minix għajr il-*pinna ta' kittieb* (cfr. S 44,2); għandna nagħtuha lura lill-*Awtur* (cfr. Atti 3,15; Lhud 2,10; 12,2) veru. 9 Mill-banda l-oħra, id-difetti li wieħed jiltaqa' magħhom, irrid li jiġu attribwiti għal dnubieti. Hekk dawk li huma aktar ta' ħila, għad li jċanfruni, nitlobhom juruni ħniena; iva, għax jien nammetti l-limitazzjonijiet tiegħi. Nitlob ukoll li, jiena u nikteb din l-istorja fil-qosor, ma niġix imċaħħad mit-talb tal-fraternità[4].

TMIEM TAL-PROLOGU.

---

Francesco Trissino minn Vicenza. Fl-1295-97 kien gwardjan fra Giuliano Apollonio minn Padova, u fl-1298-99 fra Antonio Scarabello, ukoll minn Padova. Jekk l-inkarigu ġie mill-ministru provinċjal, fis-snin 1289-99 kien ministru fra Bartolomeo Mascara, mill-familja nobbli ta' Sant'Andrea, li miet fl-14 ta' Frar 1301.

2 Id-dokumenti aġjografiċi dwar Sant'Antnin, li għalihom jirreferi l-awtur, huma l-*Assidua,* il-*Vita Secunda*, id-*Dialogus*, u jista' jagħti l-każ li hu kien jaf ukoll il-*Benignitas*.

3 L-awtur juri l-kuntrast bejn il-ħajja kontemplattiva (fil-kjostru tal-monasteru) u dik attiva, apostolika, ta' l-Ordnijiet mendikanti. Fil-kariżma ta' Antnin, iżda, dawn iż-żewġ dimensjonijiet sabu armonija perfetta.

4 Ma jidhirx li saru xi korrezzjonijiet lir-*Raymundina* wara l-pubblikazzjoni tagħha.

# TIBDA L-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN TA' L-ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI

## 2. DWAR IL-PATRIJIET MINURI MARTRI FIL-MAROKK

[457] 1 F'dak iż-żmien tal-ħniena divina, meta l-imqaddes Franġisku, *bħal dielja għammiela* (cfr. Sir 24,23), żejjen il-ġnien kollu tal-Knisja bi fjuri glorjużi, ġara li xi patrijiet ta' qdusija kbira, mogħnija b'kull perfezzjoni, ġew mibgħuta mill-istess Missier biex jagħmlu l-ġid lill-poplu nisrani kollu. 2 Għad li kienu rġiel sempliċi u mhux ta' ħafna skola, ta' qagħda soċjali baxxa u ftit fin-numru, irnexxielhom jikkonvertu kotra ta' nies ta' kultura għolja, magħrufa sewwa għall-qagħda tagħhom, u jqabbduhom it-triq tal-penitenza evanġelika, kważi f'kull rokna tal-kristjanità[5]. 3 Tferrxu ma' kullimkien, bħallikieku kienu raġġi tax-xemx li jdawwlu d-dinja. Hekk tferrxu bħal friegħi ta' dielja li tagħti ħafna frott. Ulied il-barka irriflettew il-ġieħ ta' min nissilhom, fi qbil ma' kliem il-għerf: *Hu l-ġust li jimxi bir-reqqa, henjin uliedu li jiġu warajh* (Prov 20,7).
[458] 4 L-ulied ta' l-imsemmi missier qaddis, immarkat bil-privileġġ straordinarju ta' l-istimmati, kienu mħeġġin minn imħabba ħerqana għall-aħħar għal Kristu. Misjuqin miż-żelu biex iwasslu l-fidi lil dawk li kienu għadhom ma jemmnux, raw kif għamlu u marru fl-ibliet tas-

5 L-aġjografu mall-ewwel juri l-għeruq Franġiskani tal-vokazzjoni ta' Antnin: l-għażla radikali tiegħu li jidħol fil-missjoni tal-penitenti ta' Assisi qalb is-Saraċini. Kellu jkun grupp ta' patrijiet Minuri, li l-awtur isejħilhom *fratres sanctissimos, omni perfectione conspicuos ... carnaliter imperiti, seculariter abiecti ac numero exigui*, li nisslu fiż-żagħżugħ kanonku ta' Coimbra l-vokazzjoni missjunarja. L-espressjoni *quasi in omni christianitatis latere* tirreferi għall-espansjoni tal-patrijiet Minuri li, mill-1216, tferrxu ma' l-Ewropa u l-Lvant Nofsani. Cfr. J. Moorman, *L'espansione francescana dal 1216 al 1226,* in *Francesco d'Assisi e francescanesimo dal 1216 al 1226.* Atti del IV Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani (Assisi 1976), Assisi 1977, 241-276.

Saraċini f'Ceuta[6], Valencia[7], il-Marokk[8] u f'kotra ta' bliet oħrajn. Il-ħsieb tagħhom kien li hemm *ixandru lil Kristu l-Mulej* (cfr. Atti 11,20; Fil 1,17). Huma tqabdu bl-ogħla ġieħ, u bil-prezz tal-martirju, kisbu l-premju tar-rebħa.

[459] 5 Fuq quddiemnett ta' din il-ġemgħa kienu ħames patrijiet taljani, mibgħutin Spanja mill-missier qaddis Franġisku biex hemm iferrxu l-Ordni. 6 Dawn il-patrijiet urew liema kien *l-ispirtu li kien janimahom* (cfr. Lq 8,55) għax bla biża' ta' xejn esponew ruħhom għar-rabja tas-sultan tal-Marokk. Dan bil-qawwa kollha kien qed joħodha kontra l-isem ta' Kristu[9]. Hemmhekk, huma *xandru 'l Kristu* (cfr. Lhud 11,36) b'kuraġġ ta' sur, wara li sofrew żeblieħ u swat. Ġew fl-aħħar maqtula bix-xabla, imma mhux mirbuħa fl-ispirtu tagħhom. Għolew 'il fuq biex jissieħbu mal-kori tas-sema u wara iddew bis-saħħa tal-kotra ta' l-għeġubijiet u l-mirakli li għamlu.

[460] 7 Pedro, iben magħruf tar-re tal-Portugal, ġab lura fi Spanja l-fdalijiet qaddisa tagħhom[10]. Xerred mal-provinċji kollha tal-penisola l-aħbar li, b'mod ta' l-għaġeb, ġie meħlus mill-ħabs bl-interċessjoni ta' dawn il-qaddisin martri[11]. Din il-ħaġa kienet ippruvata b'mod ċar

---

6 F'Ceuta kienu mietu martri fra Daniele mill-Calabria, flimkien ma' sitt patrijiet Minuri, fl-1227. Cfr. *Chronica XXIV Generalium*, AF III, 32-33 (*relatio brevis*) u 613-616 (*relatio longior*); F. Russo, "Le fonti della Passione dei ss. Martiri di Ceuta", MF 34 (1934) 113-117. 350-356.

7 Din il-belt ta' Spanja baqgħet taħt il-ħakma ta' l-Għarab sa l-1238. Fl-1231 kienu mietu martri f'Valencia fra Giovanni da Perugia u fra Pietro da Sassoferrato, li S. Franġisk kien bagħathom fir-renju ta' Aragona. Cfr. *Chronica XXIV Generalium*, AF III, 186-188.

8 F'Marrakesh, fil-Marokk, kienu marru l-ewwel patrijiet li S. Franġisk bagħat fost is-Saraċini, immexxijin minn fra Vitale, li kellu jibqa' marid fi Spanja. Il-ħamsa l-oħra kienu Berardo, Pietro, Adiuto, Accursio u Ottone. Il-martirju tagħhom seħħ fis-16 ta' Jannar 1220. Cfr. *Chronica XXIV Generalium*, AF III, 579-594.

9 Dettall mhux eżatt. Il-fonti kristjani taż-żmien kollha jaqblu rigward in-newtralità ta' Miramolino, sultan tal-Marokk. Il-persekuzzjoni li faqqgħet kontra l-missjunarji Franġiskani kienet riżultat tal-metodu iebes tagħhom ta' evanġelizzazzjoni tal-Misilmin, li ma setax iħalli lis-sultan passiv, hekk li kellu jiddeċiedi li jagħtihom il-piena tal-mewt.

10 Pedro, imsejjaħ *infante*, kien l-iben tar-re tal-Portugal Sancho I (†1211) u ħu r-re tal-Portugal Alfonso II (†1223) li saltan wara missieru.

11 Dan hu dettall li ma nsibuħx fil-leġġendi dwar il-Protomartri Franġiskani

min-naħa, u tistrieħ fuq xhieda ta' min jemminhom mill-oħra. 8 Kienet proprju l-aħbar ta' din il-ġrajja li kebbset f'qalb Sant'Antnin xrara divina. Minn stat tajjeb ta' ħajja li jogħġob lil Alla, għola 'l fuq għall-ieħor aktar perfett. Fi qbil ma' kliem il-profeta, qiegħed il-bini tiegħu *fuq il-quċċata ta' l-għolja* (Eżek 43,12), kif se naraw aktar 'il quddiem fir-rakkont tagħna.

## 3. TWELID U TFUILJA TA' L-IMQADDES ANTNIN, U KIF TA' ŻAGĦŻUGĦ DAĦAL FL-ORDNI TA' SANTU WISTIN

[461] 1 Antnin twieled fil-belt ta' Lisbona, fis-saltna tal-Portugal, iben ta' familja nobbli. Kienu joqogħdu f'dar in-naħa tal-punent tal-bażilika ta' l-imqaddsa Omm Alla, fejn kien hemm jistrieħ il-ġisem tal-glorjuż martri Vinċenz. Fil-magħmudija tawh l-isem ta' Fernando. 2 Il-ġenituri afdaw liċ-ċkejken binhom lis-saċerdoti li kienu jaqdu l-ministeru tagħhom f'din il-knisja biex jagħtuh l-ewwel tagħlim. Kien wisq xieraq li hu, il-ħabib sinċier tas-safa, jikber qrib il-Verġni. U bħala dak li kellu jkun l-atleta ta' Kristu, jirċievi l-formazzjoni tiegħu qrib ukoll tal-martri, rebbieħ glorjuż.

[462] 3 Is-snin tat-tfulija fil-ħarsien tad-dixxiplina għaddew, u meta bdiet toqrob l-adolexxenza, jiġifieri qrib il-ħmistax-il sena, beda jħoss fih u jibża' mill-perikli tad-dinja. Iżda *bix-xabla ta' l-ispirtu* (cfr. Ef 6,3), għaraf irażżan l-attakki spissi tax-xewqat tal-ġisem, bħallikieku kien fi gwerra kontra l-Agareni u l-Idumej, pagani. 4 Fernando, żagħżugħ ta' karattru nobbli, kien jaf tajjeb li *ż-żgħożija u l-pjaċiri buffura riħ* (cfr. Koħ 11,10). Għalhekk, minn kmieni, medd għonqu għall-*madmad* (cfr. Mt 11,30) ta' Kristu. Kien għal din ir-raġuni li daħal fil-monasteru ta' l-Ordni ta' Santu Wistin, qrib il-ħitan tal-belt li semmejna. Hemm libes il-libsa ta' dik il-familja reliġjuża, fittex li jobdi dak kollu li tikkmanda

tal-Marokk. Pedro kien sab kenn minn jeddu għand is-sultan tal-Marokk: "minħabba nuqqas ta' qbil ma' ħuh, Alfonso, u minħabba li kien jibża' minnu, [Pedro] ħarab u mar ifittex għajnuna u kenn għand is-sultan tal-Marokk" (AF III, 585). Wara li mbagħad ħarab minn għand is-sultan, u ħa miegħu r-relikwi tal-martri Franġiskani, is-sultan tal-Marokk bagħat is-suldati tiegħu biex jarresta lill-prinċep, imma dan irnexxielu jaħrab minn taħt idejh, u beda jsostni li kienu r-relikwi tal-Protomartri, li hu kien qed iġorr lura lejn il-Portugal, li ħelsuh minn taħt idejn il-Miramolino.

r-Regola. B'ħeġġa kbira għaraf jgħakkes lil ġismu, dejjem fil-qjies li kienet tippermettilu l-qagħda ta' saħħtu.

[463] 5 B'danakollu, għal min jikkonsagra ruħu lil Alla, mhux biżżejjed jillimita ruħu filli ma jehdiex għall-ħajriet tal-ġisem. Iħoss il-bżonn li jnaqqas xi ħaġa minn dak li jrid il-ġisem, biex b'mod ħieles jiddedika ruħu għall-ħwejjeġ ta' Alla. Ma damx ma ntebaħ li d-diskorsi mondani u spissi mal-familjari kienu qegħdin ifixkluh milli jilħaq il-ħsieb tiegħu. Wara madwar sentejn f'dak il-monasteru qatagħha li jaqta' l-ħabel li kien jorbtu mal-ġisem. Irnexxielu jegħleb il-ftaħir żejjed ġej mill-kuntatti mal-familjari bħallikieku kien għana li jsajjar tas-Sireni[12]. Baħħar b'aktar serenità u ħaffef lejn l-art imwiegħda. 6 Id-dgħufija ta' moħħ il-bniedem twaħħal tassew, u hekk faċilment tibqa' attakkata meta tuża l-ħwejjeġ li jogħġbu, kif hemm miktub: *Min imiss il-qatran, jitħammeġ* (Sir 13,1a).

[464] 7 Għarraf b'din ix-xewqa ta' qalbu lis-superjur tal-monasteru tiegħu. B'ħafna taqtigħ il-qalb, qala' l-permess meħtieġ biex jgħaddi għall-monasteru ieħor ta' l-istess Ordni, fl-istess renju. Mar jgħix fil-monasteru tas-Salib Imqaddes f'Coimbra, bogħod tlitt ijiem mixi mill-belt fejn twieled. 8 Meta wasal hemm, bħallikieku biex jimita lil Abraħam li *tbiegħed minn artu u niesu* (cfr. Ġen 12,1.9), mistikament erħielha lejn in-naħa ta' nofsinhar, kif appena ingħaqad ma' dik il-ġemgħa qaddisa[13]. Bil-ħarsien ta' mġieba mill-aktar sinċiera, id-dinjità msieħba ma' dixxiplina, il-ħeġġa tad-devozzjoni u l-impenn reliġjuż tiegħu kienu prova ċara daqs il-kristall li dik il-bidla ma kienetx frott ta' karattru li ma jafx xi jrid.

[465] 9 Ladarba *s-sehem it-tajjeb hu dak li għażlet Marija* (Lq 10,42), jiġifieri li wieħed ma jieqafx jaħseb lejl u nhar fuq il-liġi ta' Alla, ir-raġel qaddis, wara li twarrab mit-tinġis tad-dinja, imqanqal mill-Ispirtu ta' Dak *li jagħmel l-għamara tiegħu fl-erwieħ qaddisa* (cfr. Għerf 7,27), ingħata kollu ħeġġa għall-istudju tal-Kotba Mqaddsa. 10 Il-ħin li kien jibqagħlu wara l-għemejjel ta' qima, ma kienx jgħaddih fl-għażż jew jinħela fix-xejn; kien jimlieh bil-ħidma iebsa ta' l-istudju qaddis.

[466] 11 Kien jaf li *kull bhima li ma tixtarrx hi mniġġsa* (Lev 11,26)

---

12 Immaġini meħuda mill-*Odissea*.

13 Il-komunità venerabbli tal-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin tal-monasteru rjali ta' Coimbra.

u li l-periklu ta' l-għażż jitkeċċa biss bil-ħidma tal-*bniedem ta' ġewwa* (Rum 7,22). Infatti, ċerti ħaddiema, ukoll jekk imfarrkin bix-xogħol manwali, juru ż-żina tagħhom b'ħafna diskorsi oxxeni. 12 *It-taħriġ tal-ġisem ftit jiswa, waqt li għal kollox tiswa* (1Tim 4,8) t-tjieba tal-*bniedem ta' ġewwa* (cfr. Ef 3,16), dik li bil-Grieg isejjħulha *'thosebia'*[14].

[467] 13 Bla ma qatt ta kas tal-labiriniti ta' l-għerf uman, li għalih xi wħud kienu jingħataw ħalli jkollhom *għaliex jintefħu bihom infushom* (cfr. 1Kor 8,1) u fl-istess ħin *jiġbdu fuqhom il-korla* (cfr. Rum 2,5) ta' l-Aktar Għoli, hu mhux biss stampa fil-memorja tiegħu t-test sagru fl-espressjoni letterali, imma għaraf jifhem fil-fond kemm is-sens allegoriku kif ukoll dak anagoġiku[15]. Fittex bir-reqqa wkoll l-irqaqat tal-kontroversji, bil-għan li jifhem l-interpretazzjoni tar-regoli għall-kisba tal-verità. Fl-istess ħin kien jirribatti l-qerq tat-tagħlim żbaljat. Dan deher b'mod l-aktar ċar aktar 'il quddiem, meta b'tagħlimu ta kotra ta' provi.

[468] 14 Imnaddaf fl-ewwel perjodu ta' ħajja reliġjuża, ġie mbagħad imdawwal fit-tieni. Kif diġà għidna, fil-quċċata tal-perfezzjoni, huwa xtaq b'ħerqa kbira li jasal għall-milja tagħha. Hekk ikun jistħoqqlu jiġi magħdud ma' dawk li jgħixu fil-*kmamar tat-tielet sular tat-tempju tal-Mulej* (cfr. Eżek 42,5-6), li dwarhom jitkellem il-profeta, kmamar li joħorġu 'l barra minn taħtnett fl-art u n-nofs tal-bini.

[469] 15 Fl-ewwel monasteru l-qaddis tagħna, imkisser kif kien fis-sagrifiċċji mistiċi, offra *s-smid fin* (cfr. Lev 2,1) tas-safa l-aktar sinċiera;

---

14 Il-kelma Griega li tikkorrispondi għall-kelma latina *pietas,* fil-fatt hi *eusébia*.

15 Fil-Medjuevu l-Iskrittura kienet tiġi studjata skond id-diversi sensi tagħha. It-test sagru kellu, qabel xejn, is-sens *letterali* jew *storiku*. Imbagħad wieħed kien jgħaddi għas-sens *allegoriku*, jiġifieri s-sens simboliku tat-test sagru. Sens ieħor kien dak imsejjaħ *tropoloġiku*, jew morali, jiġifieri dwar l-imġieba tajba mibnija fuq il-virtujiet. L-ogħla sens kien dak *anagoġiku*, jew mistiku, li kien iwassal għall-għarfien ta' l-iskop finali ta' kull tagħlim: l-għaqda mistika ma' Alla fit-talb. Dan kien il-metodu tal-*Lectio sacra,* jew *Lectio divina*, li kienet il-bażi tat-tagħlim teoloġiku tas-Santi Padri u tat-tradizzjoni monastika li fiha trabba Sant'Antnin bħala kanoniku regolari ta' Santu Wistin. Il-*Questiones*, jew kontroversji, kienu pjuttost spekulazzjonijiet teoloġiċi, li permezz tagħhom it-teologu kien jipprova jadatta l-veritajiet tar-rivelazzjoni għall-għerf uman u filosofiku, l-aktar biex jipprova d-dogmi kbar tal-fidi nisranija.

fit-tieni, *s-sagrifiċċju tat-tjur* (cfr. Lev 1,14) hu u jfittex b'passjoni l-verità. Fit-tielet, imbagħad, li kien għalih kien joffri bħala *vittma tal-ħruq* lill-Mulej il-qawwa tal-*barri*, biex iġedded il-ħartiet spiritwali, u fl-istess ħin is-sempliċità tan-*nagħġa* u l-umiltà spontanja tal-*mogħża* (cfr. Lev 3,1.10)[16]. 16 Xewqan kif kien li jsir jaf it-triq ta' perfezzjoni akbar, kiseb mingħand il-Mulej li din tiġi rivelata lilu bil-mod kif sejrin insemmu.

## 4. DWAR KIF DAĦAL FL-ORDNI TAL-MINURI U BIDEL ISMU

[470] 1 Il-fama li daqqet tant ħelwa tal-martirju glorjuż li ġarrbu l-patrijiet li semmejna fil-Marokk, aħbar li ġriet bil-ħlewwa u d-devozzjoni mal-provinċji kollha ta' Spanja, daħlet b'qawwa tas-sema f'widnejn Fernando u qanqlet bis-sħiħ l-ispirtu tiegħu biex isir jixbaħhom. 2 Xtaq għalhekk li jilbes il-libsa għamla ta' salib li jilbsu l-patrijiet Minuri[17]. Fuq l-eżempju tal-martri, imkebbeb f'dik iċ-ċoqqa, deherlu li seta' jimita mill-qrib il-passjoni tal-Mulej imsallab.
[471] 3 Il-professjoni Franġiskana kienet tassew taqbel kemm mal-pjan ta' Alla għalih, kif ukoll mal-fehmiet qaddisa tiegħu. 4 Tabilħaqq, ir-Regola tal-patrijiet Minuri kienet taqbel perfettament ma' min fil-ġejjieni kellu jkun predikatur ta' l-għaġeb. Din ir-Regola kellha tiffurmah kemm għall-ħajja apostolika kif ukoll għall-predikazzjoni, għax taqbel perfettament għal dawk xewqana għall-martirju. Tipprepara rġiel esperti u evanġelikament maturi u ħerqana li jmorru jevanġelizzaw lil dawk li m'humiex insara[18].

16 Din hi eżeġeżi allegorika tat-tliet waqtiet tal-ħajja ta' Antnin, li fihom kienu jiddu l-virtujiet tiegħu. Fil-monasteru ta' S. Vincente spikkat is-safa mhux mittiefsa tiegħu; f'Santa Cruz l-istudju mħeġġeġ tal-veritajiet teoloġiċi; fl-Ordni Franġiskan il-qawwa, is-sempliċità u l-umiltà tiegħu.

17 Din l-espressjoni diġà nsibuha fit-*Tractatus de Miraculis,* 2, ta' Tommaso da Celano: *habitum penitentie sumpsit, crucis imaginem preferentem*. L-espressjoni daħlet ukoll fil-*Legenda Maior*, Mir. I,1.

18 Tidher hawnhekk il-pinna ta' kittieb Franġiskan, midħla tal-kariżma tal-fqajjar ta' Assisi, li jitkellem ta' spiss dwar il-predikaturi u dwar li l-patrijiet imorru jevanġelizzaw is-Saraċini (cfr. *Regola non bullata,* cc. 16 u 17; *Regola bullata,* cc. 9 u 12: *De predicatoribus; De euntibus inter saracenos et alios infideles*).

[472] 5 Xejn ma jaqbel aħjar għall-predikatur, jew ma hu aktar konvenjenti għall-martirju, mit-tagħlim li l-Feddej ta lid-dixxipli bil-għan li jixxandar l-Evanġelju u tiġi milqugħa wkoll it-tbatija tal-martirju. 6 Meta l-Mulej bagħathom jaqdu dawn iż-żewġ uffiċċji qal: *Tfittxux li jkollkom flus fuqkom, la tad-deheb, la tal-fidda u lanqas tar-ram; u la ħorġa għat-triq, la żewġ ilbiesi, la qrieq u lanqas ħatar.* U aktar 'il quddiem żied: *Ara, jien qed nibgħatkom bħal ngħaġ qalb l-ilpup* (Mt 10,9.16).

[473] 7 L-ewwel wieħed minn dawn il-preċetti hu l-pedament sod tar-Regola qaddisa tal-patrijiet Minuri. It-tieni hu l-kumpliment nobbli tagħha, u bejniethom hemm id-direttivi li jirregolaw l-uffiċċju tal-predikazzjoni. 8 Hieni dan il-qaddis li x-xabla tal-persekutur xejn ma beżżegħtu, anzi qanqlitu biex jixtieq il-mewt misjuq mill-imħabba, biex il-glorja ta' mnifsejh ikun il-biża'.

[474] 9 Skond il-pjan ta' Dak li jiggarantixxi l-għajnuna f'kull ċirkustanza, dik il-ħabta, qrib Coimbra, kienu jgħixu xi patrijiet Minuri fil-post imsejjaħ ta' Sant'Anton[19]. Kienu, iva, neqsin mix-xjenza, imma qalbhom kienet marbuta bis-sħiħ mar-regoli ta' l-Evanġelju. Kienu predikaturi siekta, imma bil-ħajja evanġelika li jgħixu, kienu jdawwlu kullimkien. Ma kienu jridu jew inaqqsu xejn ma' kliem il-Mulej[20]. 10 Tabilħaqq, kienu rġiel foqra, jgħixu b'dak li jaqilgħu meta jmorru jittallbu, kollhom fiduċja fit-tjubija tan-nies. Kienu jimxu fuq l-eżempju ta' Dak li, kif jgħid tajjeb San Ġilormu, kien jitmantna b'dak li joffrilu l-poplu[21]. U l-Evanġelju ta' San Luqa jgħid li *kienu jagħmlu tajjeb għalih dawk in-nisa twajba li kienu jkunu miegħu* (cfr. Lq 8,2). Il-patrijiet li semmejna kienu jmorru spiss iħabbtu l-bieb tal-monasteru, fejn kien jgħix il-bniedem ta' Alla, biex jittallbu l-karità.

---

19 L-eremitaġġ ċkejken ta' Olivais, fejn kienu jgħixu l-ewwel patrijiet Minuri fir-renju tal-Portugal.

20 Espressjoni li tfakkarna fit-*Testment* ta' S. Franġisk 38-39: *Et omnibus fratribus meis, clericis et laicis, precipio firmiter per obedientiam, ut non mittant glossas in Regula neque in istis verbis, dicendo: "Ita volunt intelligi". Sed sicut dedit michi Dominus simpliciter et pure dicere et scribere Regulam et ista verba, ita simpliciter et sine glossa intelligatis et cum sancta operatione observetis usque in finem*.

21 HIERONYMUS, *Epistola* 127, 5, *Patrologia Latina* 22, 1090: *recordetur sanctas feminas, comites Domini salvatoris, quae ministrabant ei de sua substantia.*

[475] 11 Jum fost l-oħrajn il-qaddis tagħna mar ikellimhom. Urihom li kellu l-ħsieb li jissieħeb fl-Ordni tagħhom, misjuq kif kien mix-xewqa li kien iħoss fih għall-martirju. 12 Din ix-xewqa hekk qaddisa mliethom bil-ferħ. Bla telf ta' żmien iddeċidew il-jum meta kellu jilbes it-tonka Franġiskana.

[476] 13 Il-qaddej ta' Kristu, sod għall-aħħar fil-fehma tiegħu, kiseb il-permess meħtieġ mingħand is-superjur tal-komunità[22], bil-għan li jilħaq il-perfezzjoni aktar għolja. Fil-jum miftiehem, fil-monasteru tiegħu stess, libes it-tonka tar-reliġjon fqajra. 14 Waqt li l-patrijiet, se jtiru bil-ferħ kienu se jaqbdu triqthom lura flimkien man-neofita glorjuż tal-ħajja sempliċi, wieħed mill-kanoniċi tal-monasteru tas-Salib Imqaddes, b'qalbu mfawra bin-niket, qal: "Mur, mur, għax għad issir qaddis!"

[477] 15 Antnin dar u dik l-espressjoni la ċaħadha kif ġieb u laħaq, u lanqas ma ikkonfermaha. Xejn ma ħawdu t-tifħir li sema'. Warrab il-ftaħir li ġej mill-bnedmin, u wera l-kobor veru ta' qalbu b'din ir-risposta umli li ta: "Meta għad tisma' li sirt qaddis, int għad tfaħħar lill-Mulej għal dan".

[478] 16 Issa billi dak il-post kien magħruf bħala ta' Sant'Anton, u serva ta' okkażjoni għar-raġel qaddis biex jibdel l-Ordni reliġjuż u jegħleb id-dinja darba għal dejjem, dawk il-patrijiet, fis-sempliċità tagħhom – is-sempliċità hi virtù li tiddefendi u tmexxi l-qaddisin – tawh l-isem ta' Antnin, biex bħallikieku juru li issa jagħmel parti mir-razza spiritwali ġdida, jew biex jesprimu rebħa. 17 U kien isem li tassew joqogħdlu, għax etimoloġikament Antnin donnu jfisser "xi ħadd li jilħaq dak li hemm quddiemu"[23]. Tabilħaqq, sa mit-tfulija bikrija, hu qatt ma waqaf jaspira b'ħeġġa għall-idejal li kellu quddiemu, kif jgħallem l-appostlu (cfr. Fil 3,13). 18 Forsi ssejjaħ Antnin, għax bir-ragħad tal-predikazzjoni l-aktar għolja, hu sawwat il-qlub iebsa tan-nies li jgħixu skond id-dinja.

---

22 Il-prijur tal-komunità tal-Kanoniċi Regolari ta' Coimbra kien jismu João César.

23 L-isem ġdid jesprimi l-passaġġ tal-qaddis fil-familja l-ġdida, u fl-istess ħin ix-xebħ tiegħu mar-rebbieħa rumani li kienu jieħdu isem ġdid li jfakkar il-poplu li ħakmu. Antnin jidher rebbieħ bħallikieku wettaq "kruċjata" ta' evanġelizzatur. It-tifsira simbola ta' ismu hi forsi meħuda minn Fil 3,13b: "jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi".

## 5. DWAR KIF MAR IL-MAROKK U SPIĊĊA L-ITALJA

[479] 1 Ir-raġel qaddis kien ħerqan li jirrealizza l-vokazzjoni tiegħu, u għalhekk fittex li fl-imġieba kollha tiegħu jkun jaqbel mar-Regola. B'ebda mod ma ried ikun ipokrita filli jissejjaħ "patri minuri" u ma jkunx hekk tabilħaqq. Iva, hu xejn ma *kien jaħseb fi ħwejjeġ kbar* (cfr. Rum 12,16), anzi kien jaħbi minn għajnejn in-nies *it-teżori ta' qalbu* (cfr. Lq 6,45). B'ebda mod ma xtaq li jkun espost għar-regħba ta' Babilonja, kif simbolikament ġara lir-re Ħeżekija (2Kron 32,27-31; Iż 39,1-8)[24]. Għall-kuntrarju, fost il-patrijiet minuri ried ikun l-iżgħar wieħed.

[480] 2 Sadanittant, l-Ispirtu kien qed iċaqlaqlu qalbu u jnissel fih ħeġġa għax-xandir tal-fidi u għatx għall-martirju. Hekk fl-aħħar irnexxielu jaqla' l-permess biex imur fl-artijiet tal-popli Saraċini. B'kuraġġ iffaċċja lil min kien armat. Għeleb kull xorta ta' biża' u *ma reġax lura quddiem ix-xabla* (cfr. Ġob 39,21-22). 3 Issa jiġri xi drabi li, b'ġudizzju divin, xi popli arroganti u rashom iebsa jiġu mċaħħda mit-tagħlim tal-verità. Lil Antnin il-Mulej ried jippreservah biex ikun ta' vantaġġ akbar għall-Knisja tiegħu. Kien għalhekk li ma ħalliex li sseħħ ix-xewqa tiegħu li jmur fl-art tas-Saraċini[25]. Ġarrbu b'marda li tturmentatu għal tul ix-xitwa kollha.

---

24 Ir-re ta' Ġuda, Ħeżekija (716-687 q.K.), kien wera lill-ambaxxaturi ta' Babilonja t-teżori rjali, u hekk wera lill-profeta Iżaija li kien tahom okkażjoni biex jippjanaw li jiġu lura ħalli jinvadu t-territorju u jisirqu dawk it-teżori. 2Kron 32,27-31: "U Ħeżekija kellu għana u ġieħ kbir; għamel imħażen għall-fidda u d-deheb, għall-ħaġar prezzjuż u l-fwejjaħ, għat-tarkiet u oġġetti oħra prezzjużi; u mħażen għall-ġabra tal-qamħ u għall-inbid ġdid u ż-żejt, mqawel għal kull xorta ta' bhejjem u oqsma għall-imrieħel. U għamel kwartieri u mandriet għall-imrieħel u l-baqar, għax Alla tah ġid bl-abbundanza. Kien hu, Ħeżekija, li sadd l-għajn ta' l-ilma ta' Giħon ta' fuq, u dawwru għan-naħa tal-punent tal-belt ta' David. U Ħeżekija sab ir-riżq f'kull ma kien jagħmel. Imma fil-każ tal-messaġġiera tal-prinċpijiet ta' Babilonja, li kienu mibgħuta għandu biex jistħarrġuh fuq il-ħwejjeġ ta' l-għaġeb li kienu saru fil-pajjiż, Alla telqu biex iġarrbu u jagħraf kull ma kellu f'qalbu". L-istess fatt jiġi rakkontat b'dettalji mill-profeta Iżaija 39,1-8.

25 Biex mar Marrakesh jippriedka l-Evanġelju lill-popolazzjoni ta' lingwa Għarbija, Antnin x'aktarx kien jaf jitkellem din il-lingwa. Jew forsi kien jittama li jitgħallem l-Għarbi billi jgħix għal xi żmien fost is-Saraċini? Ma nafux eżattament x'ġara. Rigward fra Berardo, jingħad li kien jaf jitkellem l-Għarbi: *Minister autem Verbi erat frater Beraldus, qui noverat Saracenorum idioma* (AF III, 585).

[481] 4 Hu li b'tant ħerqa fittex il-mewt, ma sabhiex. Hemm miktub: *U nwaħħallek ilsienek ma' saqaf ħalqek, u titbikkem, u ma tkellimhomx ta' bniedem li jċanfarhom, għax huma razza ta' nies rashom iebsa* (Eżek 3,26)[26]. 5 Il-qaddis, konvint kif kien li l-marda ma kienetx se tħallih iwettaq ix-xewqa tiegħu, ma riedx li jħalliha tfixklu. Qatagħha, għalhekk, li jmur lura lejn Spanja u hemm mill-ġdid jieħu saħħtu. Imfejjaq, ikun f'qagħda li jirrealizza x-xewqa ħerqana tiegħu.
[482] 6 B'dan il-ħsieb f'moħħu mbarka fuq ġifen. Iżda, għax hekk ried *Dak li r-riħ u l-baħar jaqduh* (cfr. Mk 4,40), ġie misjuq 'l hemm mix-xtajta ta' Spanja; irjieħ kuntrarji tefgħuh fuq Sqallija. Hekk kollox jaħdem għall-ġid, kif naraw aktar 'il quddiem fir-rakkont tagħna. 7 Fi Sqallija sar jaf mill-patrijiet li f'Assisi kienu qed isiru tħejjijiet biex jiġi iċċelebrat kapitlu ġenerali. Ġismu kien għajjien u mifni, imma sforza kemm felaħ, ħaffef mill-aħjar li seta' biex imur Assisi u hemm jieħu sehem fil-ġemgħa kapitolari.
[483] 8 Meta ntemmet il-laqgħa, kif kienet id-drawwa, il-patrijiet bdew jingħataw id-destinazzjonijiet u l-ħidmiet li kellhom iwettqu. Imma billi Antnin ma kienx ilu wisq li ssieħeb fl-Ordni, f'dawk in-naħat ħadd ma kien jafu. Terġa' hu dejjem ried li jibqa' jgħix ħajja ta' sempliċità, u għalhekk lilu ħadd ma fittxu għal xi uffiċċju, jew biex jgħin f'xi fraternità. 9 F'dawk iż-żminijiet ta' sempliċità qaddisa, kien għadu ma ġiex stabilit mil-liġijiet ta' l-Ordni l-għadd ta' patrijiet li kellhom jieħdu sehem fil-kapitli ġenerali[27]. 10 Ta' min jgħid ukoll li Antnin kien iżomm moħbi f'qalbu *t-teżor ta' l-għerf* (cfr. Kol 2,3) u kien jippreferi jkun imwarrab milli jiġi valorizzat. Kien jaħbi kull grazzja li kellu taħt

---

[26] Hawnhekk l-awtur donnu jrid jirreferi għall-impossibilità tal-konverżjoni tas-Saraċini. Ninsabu fiż-żmien ta' wara l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm bil-waqgħa tal-belt kruċjata ta' Akri fit-18 ta' Mejju 1291, li kienet telfa kbira għall-Kristjanità fil-Palestina. L-awtur tar-*Raymundina* jara f'din il-ġrajja d-daqqa ta' mannara għal kull tentattiv ta' evanġelizzazzjoni fost is-segwaċi ta' l-Islam.

[27] Fil-fatt, dan in-numru ġie stabilit bil-promulgazzjoni tar-*Regola bullata* tal-patrijiet Minuri (1223), fejn fil-kapitlu 8,2 jingħad li fil-kapitlu jieħdu sehem il-ministri u l-kustodji. Fl-1230, meta Antnin kien għadu ħaj, fil-Bolla *Quo elongati* (28 ta' Settembru), il-Papa Girgor IX jistabilixxi li l-*custodes* ukoll kellhom jiġu limitati fin-numru, għaliex kienu numerużi wisq, u kellhom biss jaħtru wieħed mill-kustodji ta' kull provinċja biex jieħu sehem fil-kapitlu ġenerali.

il-ħarsa umli ta' wiċċu. Ma kienx jittallab ħbiberiji umani, għax qatt ma kien iħabbel rasu jaqta' figura sabiħa. Ma kien iħajjar lil ħadd għal xi familjarità miegħu. Fost is-sempliċi kien l-aktar wieħed sempliċi, u għalhekk kulħadd kien iżommu ta' injurant u li ma hu tajjeb għal xejn.
[484] 11 O kemm hi ħaġa rari li, qalb l-għasafar li jtiru, *taħbi l-ġwienaħ imżejna b'deheb safrani* (S 67,14). 12 Jew *tixħet ħdejn l-altar, fejn jintrema' l-irmied, il-ħawsla u r-rix* (cfr. Lev 1,16), irrid ngħid jien it-turija ta' kliem sabiħ u l-kobor tal-grazzja. 13 Iżjed minn hekk, mudell ta' spirtu reliġjuż perfettissimu li kien, Antnin qatt ma kien jintilef fi tpaċpiċ fieragħ, u lanqas ma kien jiftaħ ħalqu għall-konversazzjonijiet bla fejda. Araħ jgħaddi kważi l-jum kollu jogħla 'l fuq fil-ferħ tat-talb. Kien *jingħalaq fiċ-ċella* (cfr. Mt 6,6) ta' qalbu, u jħalli f'idejn Alla l-progress tiegħu, l-avanz tiegħu. Kien għadu sajjem għal kollox dwar id-distinzjoni ta' l-uffiċċju fl-Ordni; ministru, kustodju, gwardjan[28].

## 6 DWAR KIF ĠIE FIR-ROMAGNA U L-ĦAJJA LI KIEN JGĦIX HEMM

[485] 1 Għad li Antnin baqa' ma jfittixx lilu nnifsu, il-Providenza *li tmexxi l-qlub tal-mexxejja* (cfr. Prov 21,1) ma naqsitx li tintervjeni. Fra Graziano, li dik il-ħabta kien il-ministru tal-patrijiet fir-Romagna, ħass li għandu jistaqsih jekk kienx irċieva l-ordinazzjoni saċerdotali. 2 Bi ftit kliem qallu li, iva, kien saċerdot u ra kif għamel u *ħarab il-periklu ta' ħafna tpaċpiċ* (cfr. Prov 10,19). 3 F'dak iż-żmien is-saċerdoti kienu rari ħafna, kemm minħabba n-nuqqas ta' preparazzjoni ta' ħafna minnhom, kif ukoll għax, għall-umiltà, xi wħud ma kienux iħossuhom denji jirċievu l-ordinazzjoni[29]. Dawn kienu jġibu ruħhom hekk biex is-

28 Antnin ma kienx daqshekk sajjem mill-għarfien ta' l-uffiċċji fl-Ordni. Hu kien ilu patri diġà kważi sena. Meta ġie Olivais kien il-ministru ġeneral li laqgħu fl-Ordni, u hemmhekk ċertament kellu gwardjan. U meta mar għall-kapitlu fl-Umbria ċertament sar jaf min kien il-ministru ġeneral (fra Elia, vigarju ta' S. Franġisk), u l-ministri provinċjali, kustodji u gwardjani.

29 Hawnhekk l-awtur jitkellem mis-sempliċità ta' l-ewwel patrijiet, li bosta minnhom kienu neqsin mill-preparazzjoni intellettwali meħtieġa għall-Ordni sagri. L-istess jingħad dwar S. Franġisk, li misjuq minn sens profond ta' umiltà, ipprefera li jibqa' djaknu (imma dwar dan mhux l-istudjużi kollha jaqblu). Cfr. 1C 86: *Induitur sanctus Dei leviticis ornamentis, quia levita erat, et voce sonora sanctum Evangelium cantat*.

siġra li 'l quddiem kellha toffri fil-għoli l-frott tagħha, tniżżel fil-fond għeruqha.

[486] 4 Fra Graziano, wara li qala' l-permess mingħand il-ministru ġeneral ta' l-Ordni, ħa miegħu fir-Romagna lin-nobbli saċerdot Antnin. 5 Fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo kien hemm ħames fratelli lajċi li kienu jaqdu lill-Mulej *b'qalb sempliċi* (cfr. Mt 6,22). Meta Antnin wasal hemm, huma mall-ewwel intebħu li kien raġel qaddis[30]. Għalhekk talbu b'insistenza lill-imsemmi ministru biex jagħtihom lil Antnin ħalli jkun jista' jiċċelebra l-misteri qaddisa, u tgħidx kemm ferħu meta tahulhom. 6 Kienet ħaġa wisq tajba li l-ħniena divina iffavoriet ix-xewqat tal-bniedem qaddis; hu kien imxennaq jgħix f'postijiet imwarrba, bogħod mill-għagħa tan-nies. Bl-għajnuna tal-Providenza, u mingħajr taħbit min-naħa tiegħu, irnexxielu jikseb dak li ruħu kienet għatxana għalih. Hekk hemm miktub: *Neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem* (Hos 2,16).

[487] 7 Il-bniedem ta' Alla kien jaf li hu ta' ġid li wieħed jgħix fl-eremitaġġ, imma kien jagħraf ukoll il-periklu f'każ li wieħed ma jadattax ruħu għall-esiġenzi ta' eremita. Darba minnhom ra li wieħed mill-aħwa kien ħejja għalih ċella żgħira f'għar. Talabhielu b'insistenza u dan tahielu. Iżda ta' għaqli li kien, ma kienx joqgħod fiha biex juri ruħu, u inqas u inqas biex jingħata għall-istħarriġ bir-reqqa tat-tagħlim; għalih dik iċ-ċella kienet bħallikieku qabar ta' l-ispirtu. 8 Ta' kuljum, wara ċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa[31], bħal donnu *fit-torri ta' David* (cfr.

---

30 Mela Antnin ma wasalx mall-ewwel Monte Paolo, imma jidher li kien għex għal xi żmien f'xi eremitaġġ ieħor fir-Romagna. Iżda jista' wkoll jagħti l-każ li xi wħud mill-aħwa, li kienu qed jivvjaġġaw mal-ministru provinċjal Graziano u Antnin minn Assisi lejn ir-Romagna, intebħu li dan il-patri Portugiż kellu kwalitajiet ta' bniedem kontemplattiv, u għalhekk talbu b'insistenza (*magna precum instantia*) li jieqaf Monte Paolo wkoll biex jiċċelebra l-quddiesa u jqarar lil dawk il-frajiet li kienu bla saċerdot.

31 Dan hu riferiment għall-fatt li, fl-eremitaġġ kien hemm ċelebrazzjoni ta' quddiesa kuljum. Ma nafux jekk din l-informazzjoni hix eżatta jew inkella interpretazzjoni ta' l-aġjografu. Hu x'inhu, ir-*Regola pro eremitoriis data* ta' San Franġisk ma titkellimx dwar il-quddiesa, għax fl-eremitaġġi (*loca*) tal-patrijiet minuri l-permess li jkun hemm oratorju b'altar mobbli ingħata fit-3 ta' Diċembru 1224, bil-bolla *Quia populares tumultus* ta' Onorju III.

Għan 4,4), arah jitira fiha u jintelaq fit-tgħannieqa ta' Rakele[32]. B'dan il-mod kien *iżomm ħarstu fissa fuq Ġerusalemm* (cfr. Lq 9,51). Fil-għar la kellu, u lanqas kien ifittex li jkollu, manteniment għal ġismu[33]. Meta kienet iddoqq il-qanpiena tal-fraternità, arah jinżel biex imur jiekol mal-patrijiet. Ma kienx jiekol waħdu fis-santwarju ta' ċelltu.

[488] 9 Kien jgħakkes bl-aħrax lil ġismu b'astinenza rigoruża, sawm ħobż u ilma u sahriet twal. Xejn ma kien ifittex li jiekol ikliet kbar, jew jixtieq ikel imħawwar u ta' l-itjeb kwalità. Meta jinżel għall-ikel, arah miexi b'mod li taħsbu se jaqa' u ma jaqax. 10 Kien jaf tajjeb li hi ta' min ifaħħar dik l-astinenza li, fil-ġlieda bejn *il-ġisem u l-ispirtu* (cfr. Gal 5,17)[34], tippreferixxi tgħolli l-ispirtu b'dannu għall-ġisem, aktar milli misjuq minn kompassjoni lejn il-ġisem u l-prudenza tal-ġisem, isaħħaħ l-għadu ta' l-ispirtu.

[489] 11 Infatti, *fis-sagrifiċċji tat-tjur*, biex id-demmm jinżel sa isfel ta' l-altar, kien meħtieġ li tiċċarrat ferita u tintlewa r-ras mill-għonq, bla ma tinqata' barra għal kollox (cfr. Lev 1,14-15)[35]. 12 Bħalma f'ġisem b'saħħtu u mitmugħ tajjeb is-soltu l-ispirtu jkun aktar dgħajjef, hekk ukoll ġisem għajjien u fjakk is-soltu jsibha aktar faċli jogħla għall-ħwejjeġ divini. 13 Id-debbulizza tal-ġisem forsi tkabbar l-għejja tal-moħħ. Infatti, l-meditazzjoni frekwenti tipprovoka l-ħedla tal-ġisem, kif jidher ċar fl-eżempju ta' Danjel, *il-bniedem tax-xewqat* (cfr. Dan

---

32 Rakele, il-kuġina u l-mara ta' Ġakobb (cfr. Ġen 29-35), fit-tradizzjoni kristjana, kienet meqjusa bħala xbieha tal-ħajja kontemplattiva.

33 Dan il-*carnis remedium* jirreferi għall-ikel, jiġifieri għall-*corpori necessaria*. Il-ħajja kontemplattiva u solitarja fl-eremitaġġ Franġiskan tammetti mumenti ta' kondiviżjoni fraterna. L-istess *Regola pro eremitoriis*, 7 tgħid: *Et in claustro, ubi morantur, non permittant aliquam personam introire, et neque ibi comedant*. Din hi deskrizzjoni ċara tal-fedeltà ta' Antnin lejn dan l-istil ta' ħajja fl-eremitaġġ. X'aktarx li l-għar kien jinsab fil-għoli, fuq l-eremitaġġ tal-patrijiet.

34 Gal 5,17: "Il-passjonijiet tal-ġisem huma kontra l-ispirtu, u l-ispirtu hu kontra l-ġisem; dawn it-tnejn huma kontra xulxin, biex ma jħallukomx tagħmlu dak li tixtiequ".

35 Preskrizzjoni ritwali tas-sagrifiċċji skond Lev 1,14-15: "Jekk l-offerta għas-sagrifiċċju lill-Mulej tkun mit-tjur, joffri gamiem jew ħamiem. Il-qassis imbagħad iressaqha fuq l-altar, jilwilha rasha biex jaħraqha fuq l-altar, u jagħsrilha demmha mal-ġnub ta' l-altar".

9,23; 10,11.19)[36], li *wara l-viżjoni tas-sigrieti tas-sema beda jirtogħod u ħassu bla saħħa għal kollox* (cfr. Dan 10,16).

[490] 14 Imsaħħaħ sewwa fl-ispirtu tiegħu, il-bniedem ta' Alla beda jiftaħ għajnejh u jħares madwaru, josserva l-imġieba tal-patrijiet. Xi wħud *jitilgħu u jinżlu s-sellum ta' Ġakobb* (cfr. Ġen 28,12), u *jistrieħu ma'Marija*, waqt li oħrajn *iservu kollhom ħerqa ma'Marta* (cfr. Lq 10,39-40)[37]. 15 Meta ra b'għajnejh dan kollu, beda jħossu jistħi. Arah iċanfar lilu nnifsu għax kien qed jirċievi servizzi mingħand l-aħwa għajjenin, u hu ma kienx jirreċiproka u jagħti għajnuna tixbaħ lil tagħhom.

[491] 16 Il-fehma tiegħu kienet li jibni sellum li jwassal għall-għoljiet diffiċli, sellum magħmul mill-iskaluni tal-ħruxija u ta' l-umiltà, jew id-disprezz tiegħu nnifsu, u wkoll mill-impenn fil-ħidmiet ta' kuljum. Għarkobbtejh talab lill-gwardjan li jingħata l-inkarigu li jaħsel il-borom u l-platti, u jżomm nadif u pulit il-post fejn kienu jgħixu. 17 Kien jaf tajjeb ħafna li l-kburija tiġi mċekkna minn umiltà spontanja, u x-xogħol bla jaqta' jrażżan it-talbiet insistenti tal-ġisem.

[492] 18 L-inkarigu li talab ingħatalu, u min-naħa tiegħu ħabrek jaqdi dmiru b'enerġija devota li ma tafx b'għejja. Aktar ma kien jumilja ruħu minn barra, aktar *kien jiftaħar fil-Mulej* (cfr. 1Kor 1,31; 2Kor 10,17) intensament minn ġewwa. 19 Wara li kuljum kien jagħti b'diliġenza kbira s-servizzi mitluba, misjuq mill-imħabba ta' Kristu kien imur lejn *iċ-ċella ta' l-inbid* (cfr. Għan 2,4) b'ħeġġa ta' l-Ispirtu. Kien jaf li l-annimali ta' l-ilma li jgħumu huma mniġġsa, barra dawk li jkollhom il-ġwienaħ biex jisgiċċaw fuq l-ilmijiet[38]. Kien jaf ukoll li l-annimali kollhom enerġija kienu jafu jgħaqqdu l-ġirja huma u sejrin ma' ritorn lura ħafif[39].

---

36 Fil-verżjoni latina tal-Vulgata, il-profeta Danjel jissejjaħ *vir desideriorum*.

37 Dan hu riferiment bibliku klassiku għall-ħajja kontemplattiva (titla' s-sellum ta' Ġakobb u tinxteħet f'riġlejn il-Mulej bħal Marija) u għall-ħajja attiva (tinżel is-sellum ta' Ġakobb u taqdi lill-Mulej bħal Marta).

38 Lev 11,10: "Kull ma hu bla ġwienaħ u bla qxur, fil-baħar jew fix-xmajjar, kull ma jitħarrek fl-ilma u kull annimal li jgħix fl-ilma, hu qżież għalikom".

39 Eżek 1,13-14: "U f'nofs l-erba' ħlejjaq ħajjin kien hemm bħal ġamar ta' nar jaqbad, bħal torċi jiġġerrew qalb il-ħlejjaq ħajjin; in-nar kien jiddi, u minn ġon-nar kien ileħħ il-beraq, u l-ħlejjaq ħajjin kienu jżiġġu 'l hawn u 'l hemm bħall-beraq".

## 7 DWAR KIF ĠEWWA FORLI SAR MAGĦRUF L-GĦERF KBIR LI KELLU

[493] 1 Ladarba l-Mulej ried li *jqiegħed fuq l-imnara d-dawl* (cfr. Mt 5,15) li Hu stess qabbad, ra kif għamel biex l-għerf li bih kien mogħni Antnin jsir magħruf b'mod li jmur 'l hemm minn kull proġett jew pjan tal-bnedmin. B'mod ta' l-għaġeb laqqa' flimkien ħafna ċirkostanzi. 2 Ġara, għalhekk, wara li għadda ħafna żmien, li xi patrijiet minn inħawi diversi ngħaqdu flimkien f'Forlì għal żewġ raġunijiet: biex jirċievu l-Ordni sagri u wkoll biex jieħdu sehem fil-kapitlu provinċjali li kien se jiġi msejjaħ[40]. 3 Fost il-grupp numeruż ta' Franġiskani, li magħhom ingħaqdu wkoll patrijiet Dumnikani, kien hemm ukoll Antnin, dejjem fidil għar-regola tiegħu ta' sempliċità.

[494] 4 Meta wasal il-ħin biex, bħas-soltu, issir il-konferenza spiritwali, il-ministru tal-post, b'sens ta' rispett, talab l-ewwel lill-patrijiet Predikaturi biex xi ħadd minnhom iwassal lill-ġemgħa l-Kelma ta' Kristu u jħeġġeġ lil dawk preżenti[41]. 5 Alla iddispona li lkoll bdew jiskużaw ruħhom, għax qalu li ma kienux ippreparati. Imnebbaħ mill-Mulej, il-ministru ta ordni lil Antnin biex jagħmel hu l-konferenza u jgħid dak li l-Ispirtu jnebbħu f'qalbu.

[495] 6 Issa, dak is-superjur qatt ma kien innota fir-raġel qaddis xi sinjali partikulari li juru li kellu xi għerf; darba minnhom kien semgħu jitkellem bil-latin, imġiegħel kif kien min-neċessità. 7 Il-qaddis, fuq l-eżempju ta' *Mosè* (cfr. Eż 3,11-13; 4,10-13), *Ġeremija* (cfr. Ġer 1,6-7) u l-profeti l-oħra, kien ifittex li jinħeba kemm jista' jkun. Il-biża' tiegħu kien li, jekk jinfetaħ il-kjostru tas-sempliċità, jidħol b'saħħa l-għadu li hu dejjem lest wara l-bieb, irrid ngħid jien, l-arroganza tal-ftaħir fieragħ.

---

40 Id-data probabbli ta' din il-laqgħa hi l-24 ta' Settembru 1222. Jidher li kienu waslu Forlì l-patrijiet minuri kollha tar-Romagna għall-okkażjoni ta' l-ordinazzjoni saċerdotali.

41 Il-gwardjan tal-*locus* ta' Forlì jagħmel ġest ta' kortesija lejn il-patrijiet Predikaturi (Dumnikani), billi joffrilhom l-unur li jagħmlu huma l-*collatio* (konferenza spiritwali), billi kien jaf li huma kellhom bħala kariżma speċjali l-predikazzjoni tal-Kelma ta' Alla.

[496] 8 Fl-aħħar, megħlub mill-insistenza ta' dawk li kienu hemm miġbura, beda jitkellem bi kliem sempliċi. Kien *bħal forn imsaħħan seba' darbiet* (cfr. Sir 43,4), lest għall-ħami. U daqshekk kien ilu magħluq, daqshekk ieħor qawwija ħarġet is-sħana biex tħeġġeġ qalb kulħadd. 9 F'diskors hekk qasir[42] irnexxielu jiġbor misteri ta' għerf kbar u mdawwla. Bil-qawwa setgħana ta' l-Ispirtu kliemu tant ħalla impatt qawwi li wieħed qajla seta' jgħid x'jammira fil-qaddej ta' Alla: jekk hux il-profondità jew il-ħeġġa tad-devozzjoni, inkella wkoll l-umiltà kbira ta' qdusitu.

[497] 10 Il-memorja tiegħu kienet hekk tajba li ma kellux bżonn kotba. Il-priedka li għamel ma kienetx ippjanata, imma ħarġet spontanjament minn qalbu. U l-fatt li kienet hekk perfetta kien prova biżżejjed. Ġara li kien *is-saba' ta' Alla li jħażżeż fuq it-twavel* (cfr. Dt 9,10) ta' qalb Antnin il-milja ta' l-għerf.

[498] 11 L-aħbar ta' din il-ġrajja xterrdet f'leħħa ta' berqa, u Antnin ġie mġiegħel iħalli l-eremitaġġ. Għal kollox ħa ħsieb Dak li jagħmel li *l-ilma jgelgel fid-deżert u jibdlu f'ġonna* (cfr. Iż 43,20; Iż 32,15); irrid ngħid jien il-kotra ta' frott ta' l-għerf. 12 Kien tabilħaqq xieraq li Antnin jiġi maħtur *ministru ta' l-Evanġelju* (cfr. Ef 3,7), hu li kien sħiħ sewwa kif kien fil-ħajja evanġelika. L-iskapular li fuqu libes *il-pettoral* (cfr. Eż 28,4) ġie meħjut qabel, bis-silenzju umli li bih kien iqim l-Evanġelju. Imbagħad, bla ma ried hu, ġie magħżul għalliem tal-verità.

[499] 13 Hekk jiġri lill-*frieghi tad-dielja: meta jinżabru jagħmlu ħafna frott* (cfr. Ġw 15,2). Hekk ukoll il-qamħa li tindifen f'ħamrija mdemmla. Nistgħu nġibu wkoll it-tixbiha mar-riegla taċ-ċomb li juża l-bennej: xi ġebliet imdaħħlin 'il ġewwa joħroġhom, u bid-daqqiet tal-martell jillivella lil dawk imqabbża 'l barra.

14 O predikatur ta' l-għaġeb: żejnulek ħajtek l-umiltà spontanja, is-sempliċità sinċiera u d-dixxiplina sħiħa!

15 It-tagħlim tiegħu kien animat mill-ħeġġa ta' l-imħabba, minn verità li xejn ma jbeżżagħha u minn modestja kollha prudenza. Deher bħal donnu *Kerubin, bl-għajnejn fuq kull naħa* (cfr. Apk 4,6), u kien idawwal *bħal kandelabru li minnu joħorġu tliet frieghi fuq in-naħa tal-lemin u tliet oħra fuq in-naħa tax-xellug* (cfr. Eż 25,31-32).

---

[42] Din l-espressjoni hi fidila għal dak li jgħid San Franġisk fir-*Regola bullata* 9,4: il-patrijiet iridu jippriedkaw *ad utilitatem ed edificationem populi ... cum brevitate sermonis*.

## 8 DWAR IL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU U L-KONVERŻJONI TA' L-ERETIĊI

[500] 1 Issa li aċċetta l-ministeru tal-predikazzjoni, fuq l-eżempju tal-Mulej Salvatur, araħ iterraq lejn il-bliet u l-kastelli, l-irħula u l-kampanja, ifittex mhux il-flus u l-pranzijiet, kif kienu jagħmlu l-Agapeti[43], imma l-ħsieb tiegħu kien li jwassal lil kulħadd kliem il-ħajja b'ġenerożità kbira u ħeffa akbar.
[501] 2 Il-persuni tal-kultura fil-bniedem ta' Alla kienu jammiraw il-għerf. Bi kliemu kien bħal donnu jimmudella tixbiħat, u jżejjinhom bi frenza tad-deheb. 3 Ilkoll kienu jistagħġbu bil-ħila tiegħu, kif kien jirnexxilu jikxef in-nasbiet tad-dnub, waqt li b'seffud *itaqqab l-imnieħer ta' l-għadu u jqatta' bċejjeċ il-Levjatan* (cfr. Ġob 40,25-26)[44].
[502] 4 Kull wieħed mis-semmiegħa kien jammira l-priedki li kien jagħmel lill-folol fil-pubbliku, priedki jixbħu *drapp minsuġ b'ħafna kuluri* (cfr. Eż 28,6.15; 39,8). Iċanfar il-vizzji ta' kull wieħed u jżomm idejh fuq *ix-xabla tal-Kelma li tifred il-ġogi u l-mudullun, u biha jolqot il-ħsibijiet u l-fehmiet* (cfr. Lhud 4,12) tas-semmiegħa. 5 Kienu jammiraw il-bniedem ta' Alla waqt li bi kliem imżejjen kien *jitfa' vleġeġ kollha nar* (cfr. S 118,140; 2Mak 6,51) f'qalb kulħadd.
[503] 6 Il-qaddis tagħna ma kienx jinżel għarkobbtejh quddiem xi nies importanti, u lanqas ma kien *jistenna xi rigali* (cfr. Dt 16,19) mingħand ħadd. Ma riedx li, kontra l-preċetti tal-Liġi, *iħallat il-għasel jew il-ħmira mas-sagrifiċċju tal-Mulej* (cfr. Lev 2,11). 7 Iżda ta' veru ċittadin tal-Media[45], ma kienx jagħti kas tal-fidda u jmaqdar id-deheb. Antnin kien irattab l-irjus iebsa, isaħħaħ id-dgħajfin, u joftom lil dawk li kienu

43 L-*agapète* (bil-Grieg: *agapetài*, għeżież) kienu verġni ikkonsagrati li kienu jgħixu flimkien ma' l-axxeti jew ekkleżjastiċi. Din id-drawwa kienet l-aktar komuni wara l-paċi ta' Kostantinu, imma malajr intemmet bil-ħila ta' ċirkoli axxetiċi aktar rigorużi u ta' l-isqfijiet u l-konċilji lokali (cfr. M. DI SANTA MARIA – J. GRIBOMONT, *Agapète*, in *Dizionario degli Istituti di Perfezione*, Tom. I, Roma 1974, 146-148).

44 Ġob 40,25-26: "Xi ngħidu mbagħad għall-kukkudrill? Se taqbdu inti b'sunnara, jew torbotlu b'ħabel ilsienu? Se tgħaddilu lenza minn imnieħru?"

45 Skond tradizzjoni mill-antikità, li mbagħad għaddiet fil-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, l-abitanti tal-Media kienu jgħixu ħajja ta' ċaħdiet kbar, u ta' ħidma kontinwa, kontra kull telqa u kumdità.

jerdgħu l-ħalib tad-divertimenti ħżiena, billi jferihom bil-vleġeġ ta' l-ispirtu.

[504] 8 Bla dubju ta' xejn, ebda biża' ma kien se jispunta *x-xabla ta' l-ispirtu* (cfr. Ef 6,17) f'idejn dan ir-raġel li, għal Kristu kien ħerqan għall-aħħar li *jixrob il-kalċi tal-passjoni* (cfr. Mt 20,22; Mk 10,38).

[505] 9 Hu li jiġġerra mimli żelu, jiżra' minn kull fejn jgħaddi ż-żerriegħa ta' l-Evanġelju, wasal Rimini. Hemm sab li l-belt kienet imħawwda waħda sewwa ħtija tal-ħażen ta' l-ereżija. 10 Bla telf ta' żmien, ra kif għamel u laqqa' l-poplu. Dlonk beda jaqbad fix-xibka tal-predikazzjoni l-*volpijiet li kienu qed jeqirdu l-għalqa tad-dwieli* (cfr. Għan 2,15). Bi kliem ċar u konvinċenti wera l-qerq ta' l-eretiċi. Bil-qawwa tal-kelma tiegħu kien jedifika lill-poplu li jisimgħu, hekk li ħafna minn dawk li ħarġu mit-triq it-tajba daru lura bil-fedeltà lejn il-Mulej.

[506] 11 Fost dawn l-eretiċi kien hemm Bononillo. Dan, għal tletin sena sħaħ, żamm għolja 'l fuq rasu marida u moħħu iebes u qerriedi kontra l-fidi kattolika. Għall-merti u t-talb tal-qaddis tagħna, umlija ruħu u għamel penitenza. U minn dak il-ħin obda bla ma qatt ħares lura, t-tagħlim tal-Knisja mqaddsa ta' Ruma. 12 Hekk *it-tifel appena miftum seta' jdaħħal idu fil-ħofra fejn kien jgħix is-serp velenuż* (cfr. Iż 11,8).

## 9 DWAR IL-FAMA TIEGĦU U L-FROTT TAL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU

[507] 1 F'okkażjoni oħra r-raġel qaddis kien mibgħut il-Kurja ta' Ruma dwar xi problemi interi ta' l-Ordni tiegħu[46]. 2 Issa, billi l-qalb tas-sultan hi f'idejn il-Mulej u jdawwarha *kif jogħġob lilu* (cfr. Prov 21,1), il-Providenza divina ippjanat li l-qaddis jiġi milqugħ mill-Papa u l-kulleġġ venerabbli tal-Kardinali b'qima kbira. Dan urewh għax kollha semgħu b'simpatija l-priedki tiegħu. 3 Antnin kien jaf jispjega

[46] Jista' jkun li l-aġjografu hawnhekk qiegħed jirreferi għaż-żjara li Antnin għamel f'Ruma fis-sajf ta' l-1230, meta intbagħat mill-kapitlu ta' Pentekoste ta' dik is-sena flimkien mal-ministru ġeneral Giovanni Parenti u patrijiet oħrajn għorrief, biex jitolbu lill-Papa Girgor IX jagħtihom interpretazzjoni dwar xi passi diffiċli tar-Regola.

u fisser argumenti tqal bi kliem sempliċi, bħallikieku *jqatta' fi ħjut il-folji rqaq tad-deheb* (cfr. Eż 39,3). Kien jirnexxilu *joħroġ għad-dawl ħwejjeġ profondi* (cfr. Ġob 12,22). Kont tistħajlu l-Arka li tissemma' fl-Iskrittura li fiha kien hemm imħarsa b'għożża l-Liġi ta' Alla. Kien għalhekk li l-ogħla Prinċep tal-Knisja sejjaħlu "Arka tat-Testment".

[508] 4 Tabilħaqq, Antnin kien imħarreġ sewwa fit-tagħlim tal-mistiċi. Kien kollega ta' fra Adam minn Marsh, raġel mill-aktar għorrief f'dak iż-żmien, huma u jisimgħu t-tagħlim tal-kotba ta' San Dijonisju[47], li jogħlew 'il fuq minn kull tagħlim uman. 5 B'danakollu, kien aktar ta' ħila minnu filli għaref jagħmel tiegħu d-duttrina divina; dan skond il-ġudizzju ta' l-abbati ta' Vercelli, l-għalliem tagħhom it-tnejn. Lil dan ma għandix għalfejn ninsiġlu t-tifħir, għax kulħadd jaf bl-opri tiegħu mimlijin għerf. 6 Issa li l-għerf eċċezzjonali ta' Antnin sar magħruf, ġie mġiegħel jgħallem id-duttrina Skolastika pubblikament lill-patrijiet u oħrajn ukoll. 7 Infatti, kien hu l-ewwel wieħed li għallem it-teoloġija fl-Ordni[48]. Beda jinforma u jikkonferma l-istudju bi profitt għall-ġenerazzjonijiet li ġew wara.

[509] 8 *Is-suldat qalbieni ta' Kristu* (cfr. 2Tim 2,3) Antnin, iġġerra f'għadd kbir ta' provinċji u kien jitkellem b'mod ta' l-għaġeb l-ilsien tal-poplu. Mal-barranin kien jesprimi ruħu b'mod hekk ċar li kulħadd kien jifhem dak li jkun jgħid, bħallikieku kien fl-istess ħin qed jitkellem b'ħafna ilsna.

[510] 9 Aktar minn kull ħaġa oħra l-patrijiet għandhom jiftakru dan: il-qaddis tagħna, qalbu mimlija rikonoxxenza, kien misjuq minn zelu sinċier għall-unur tal-moviment Franġiskan. Kull meta kien jisma' li

47 Ma nafux jekk, fil-fatt, Sant'Antnin u Adam minn Marsh kienux jattendu flimkien l-iskola famuża ta' Vercelli, fejn kien jgħallem it-teologu Tommaso Gallo. Nafu li Adam minn Marsh daħal fl-Ordni wara l-1226, fiż-żmien li fih Sant'Antnin kien jinsab fi Franza. Nafu wkoll li Antnin kellu xi kuntatti epistolari mat-teologu Tommaso Gallo, li kien kanonku regolari f'Vercelli. Ir-riferiment għal San Dijonisju jindika l-Pseudo-Dionigi, mistiku kbir ta' l-antikità kristjana, awtur ta' diversi opri mistiċi.

48 Dan ma jfissirx neċessarjament li Antnin kien jagħti lezzjonijiet ta' teoloġija Skolastika, għax fi żmienu din kienet għadha fil-bidunett tagħha, u kellha tiżviluppa biss aktar tard, fiċ-ċentru universitarju ta' Pariġi. Ċertament, iżda, li Antnin kien għalliem tax-xjenzi sagri, u nafu li, fil-fatt, bil-permess ta' San Franġisk, Antnin kien l-ewwel għalliem tat-teoloġija li qatt kellu l-Ordni, fl-*studium* ta' Bologna.

s-sempliċità ta' ħutu kienet qed tiġi disprezzata jew immaqdra, bla ma jagħti kas ta' l-għejja ta' ġismu u *biex ma jinsiex il-biki ta' l-omm* (cfr. Sir 7,27), arah iħaffef biex lil ħutu mġarrbin joffrilhom il-faraġ bil-preżenza tiegħu. 10 Hekk, *bl-għaqal tas-serp* (cfr. Mt 10,16b), kien jagħlaq kullimkien l-ixqda ta' kelliema għajjurin[49]. *Il-qaddej fqajjar* u umli, *bl-għerf* tiegħu kien iħawwad lill-kburin u lin-niggieża li l-ħin kollu moħħhom kien li jassaltaw *il-belt tal-Mulej* (cfr. Koħ 9,15). Hekk kien jagħti lura liċ-ċittadini paċi u trankwillità. 11 Kien iħoss bħallikieku tiegħu l-inkwiet tal-patrijiet u arah ifarraġhom bil-ħlewwa ta' l-għerf tiegħu. B'dan il-mod kien jimita lill-Verġni li ġarret fi ħdanha lil Kristu u saret Ommu. Ġietha ħniena mill-mistħija ta' l-għarajjes li stiednuha għall-festa, u mingħand Binha qalgħetilhom li jkollhom kotra ta' nbejjed fini (cfr. Ġw 2,3-10).

[511] 12 F'ċirkustanza oħra l-bniedem ta' Alla ħa sehem f'kapitlu provinċjali li kien qed jiġi iċċelebrat fi Provence. Hemm ippriedka bi kliem ħelu fuq il-kitba trijonfali tas-salib tal-Mulej, u fuq il-passjoni tal-ħelu Ġesù. 13 Il-qaddis San Franġisk, li dik il-ħabta kien għadu ħaj, deher maqtugħ mill-art fil-post fejn kien qed jiġi iċċelebrat il-kapitlu li semmejna. Dan seħħ b'miraklu ta' l-għaġeb.

[512] 14 Biex bħallikieku jifraħ bis-suċċess tal-bniedem ta' Alla, Franġisku deher f'għajnejn wieħed minn dawk li kienu preżenti, b'idejh miftuħa f'għamla ta' salib. Bierek lil uliedu li kienu hemm miġbura u ssiġillahom bis-sinjal tas-salib[50].

---

49 Min kienu dawn il-kelliema għajjurin li x-xedaq tagħhom kien jinfetaħ bħal dak ta' kelb li jrid jiżbrana dak li hemm quddiemu? Il-ħsieb imur mall-ewwel għall-eretiċi. Imma forsi l-awtur għandu wkoll f'moħħu xi elementi fl-Ordnijiet reliġjużi monastiċi tal-qedem, jew fost il-kleru sekular, kif ukoll xi elementi fi ħdan l-istess lajċi. Fl-istess ħin, ma jgħid xejn dwar il-periklu li seta' jkun hemm fil-kuntrasti li kienu evidenti fl-istess moviment Franġiskan.

50 Għad-dehra ta' San Franġisk waqt il-kapitlu ta' Arles, cfr. *LegM* 4,10 (FSF 1169); *Iul* 5,10 (FSA 141).

## 10. DWAR KIF ĠIE PADOVA, HEMM KITEB U IPPRIEDKA, U DWAR IL-PERSEKUZZJONI TAX-XITAN

[513] 1 Il-qaddis tagħna, li nistgħu nxebbħuh ma' *strument tad-deheb, utli għal kull għemil tajjeb* (cfr. Sir 50,9; 2Tim 2,21), ma kienx jaqdi biss l-uffiċċju ta' għalliem u predikatur. Ħafna drabi qeda wkoll il-ministeru xejn faċli tat-tmexxija tal-patrijiet. 2 Dam jaqdi dan l-uffiċċju sa sena qabel ma għalaq għajnejh għad-dawl tad-dinja. Fil-kapitlu ġenerali, li nżamm fl-okkażjoni tat-traslazzjoni tal-ġisem ta' San Franġisk, ġie meħlus mill-preokkupazzjonijiet marbuta ma' dan l-uffiċċju. Mingħand il-ministru ġeneral irċieva l-libertà li jmur jippriedka fejn irid[51].
[514] 3 Antnin ma riedx *iżomm moħbi* jew inutli *t-talent* (cfr. Mt 25,18.24) li kien afdat lilu. Qatagħha li jmur Padova, fejn diġà, żmien qabel, kien għamel esperjenza tad-devozzjoni tal-poplu ta' din il-belt. Iva, għax drabi oħra kien għadda xi żmien hemm. Kien tal-fehma li l-kelma tiegħu n-nies ta' din il-belt jilqgħuha tajjeb. 4 Antnin kien diġà sar magħruf għall-priedki li kien kiteb għall-Ħdud ta' matul is-sena[52]. Għalhekk, meta wasal Padova, is-sinjur isqof ta' Ostia talbu jikteb il-priedki għall-festi li jaħbtu matul is-sena liturġika, u hekk għamel bla telf ta' żmien.
[515] 5 Biex ikun jista' jingħata b'impenn sħiħ għal dan ix-xogħol, iddeċieda li fix-xhur xitwin ta' wara jieqaf għal ċertu żmien mill-predikazzjoni[53]. Dan għamlu bil-ħsieb li, bil-għajnuna ta' din l-opra iddestinata li tibqa' fil-futur, hu jkun jista' jippriedka b'ħafna ilsna, u għal żmien twil jibqa' jwassal il-kelma lill-kotra ta' semmiegħa. 6 Jekk imbagħad dawn il-priedki ma jkunux għall-gosti ta' fomm dawk li b'xejn ma tikkuntentahom, jew oħrajn ta' intelliġenza sofistikata, ħa jkunu jafu b'ċertezza dawn it-talin li l-pergamena b'taħżiż bil-linka ma

51 Wara l-kapitlu ġenerali ta' l-1230 jidher li Antnin ġie eżonerat mill-uffiċċju tal-*ministerium fratrum* (gwardjan, kustodju, ministru provinċjal?). Minn fonti oħrajn nafu li Antnin kien kustodju f'Limoges fl-1226, imma li fl-1227 ġie lura fl-Italja u inħatar ministru provinċjal tar-Romagna, kariga li dam jokkupa sa l-1230. F'din id-data Antnin ġie maħtur predikatur ġenerali.

52 Is-*Sermones Dominicales*.

53 Dan ifisser li Antnin kien wasal Padova almenu fil-ħarifa ta' l-1230.

treġix fil-konfront mal-*pinna ta' l-Ispirtu s-Santu li jikteb fil-paġni tal-qalb* (cfr. 2Kor 3,3)[54].

[516] 7 Meta tingħata xabla f'idejn xi ħadd, magħha ma tingħatalux ukoll is-saħħa ta' min jagħtihielu. Hekk ukoll, għad li l-pinna tista' tħażżeż ħsieb qaddis, ma tistax tixħet, b'biċċa ġilda mejta, is-saħħa tar-ruħ ta' min jikteb. Lanqas ma jista' jirċeviha *min jgħix skond il-ġisem* (cfr. 1Kor 2,14), għax għal dawk li ma jemmnux, saħansitra *l-manna hi nieqsa minn togħma tajba* (cfr. Num 21,5).

[517] 8 Meta qorob ir-Randan imqaddes, Antnin iddeċieda li jwaqqaf ix-xogħol tal-pinna. Għamel dan bil-ħsieb li jgħaddi erbgħin jum bla jaqtgħu, jippriedka u jmantni bil-kelma ta' Alla l-poplu sajjem. 9 Bid-dedikazzjoni eċċezzjonali tiegħu, il-bniedem ta' Alla wera b'liema ħajja u żelu xtaq jirbaħ l-erwieħ. 10 Għad li mfixkel mill-ħxuna tal-ġisem u wkoll mill-marda ta' l-ilma[55], b'danakollu l-jum kollu kien jimlih b'ħidmiet evanġeliċi. Arah jippriedka, jgħallem, iqarar. Mhux l-ewwel darba li ma kien iduq xejn sa nżul ix-xemx, u *jibqa' jaħdem sa filgħaxija* (cfr. S 103,23).

[518] 11 Issa, billi l-għadu tal-bnedmin jobgħod għall-aħħar is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, il-Ħażin tħabat bis-sħiħ biex, sakemm kien jiddependi minnu, lir-raġel qaddis ineħħih min-nofs. 12 Lejla minnhom, fil-bidu tar-Randan, waqt li Antnin, għajjien mejjet, intefa' fuq soddtu jistrieħ, arah il-perfidu *Satana jippreżenta ruħu* (cfr. Ġob 1,6) f'kamartu, jagħfas b'kemm kellu ħila griżmejn il-bniedem ta' Alla, bil-ħsieb li jifgah. B'umiljazzjoni għall-Ħażin, dik *il-gerżuma* l-ħin kollu kienet *toffri l-itjeb inbid* (cfr. Għan 7,9) lill-poplu għatxan. 13 Iżda l-qaddis, li *l-fidi għamlitu aktar qawwi mill-għadu* (cfr. 1Pt 5,8)[56], mall-ewwel sejjaħ l-isem tal-Verġni glorjuża. Iva, hi kienet jixirqilha *tisħaq ras il-Ħażin* (cfr. Ġen 3,15), u għalhekk għamel is-sinjal tas-salib fuq ġbinu, u hekk gerrex lill-għadu tiegħu.

[519] 14 X'ħin fetaħ għajnejh, biex ikun jista' jara lill-għadu jaħrab, ra

---

54 2Kor 3,3: "Intom tidhru li intom l-ittra ta' Kristu fdata f'idejna, miktuba mhux bil-linka, imma bl-ispirtu ta' Alla l-ħaj".

55 Ma nafux eżattament xi tfisser l-espressjoni *naturali corpulentia gravis et ydropisi eciam laboraret*. X'aktarx li Antnin kien tassew marid bl-idropisija.

56 1Pt 5,8-9: "Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-Xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex lil min sa jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi".

li l-kamra fejn kien qed jistrieħ imtliet b'dawl mis-sema. 15 Dan kien il-frott tat-talba li għamel meta sejjaħ lil *Dik* li, *liebsa lbies ileqq daqs ix-xemx, kellha madwar rasha kuruna ta' tnax-il djadema* (cfr. Apk 12,1), *isimha jfuħ bi fwieħa li tgħaxxaq* (cfr. Għan 1,2; Iż 10,27). Għall-ħarsa tagħha jitkisser il-madmad tal-Ħażin u *b'dawlha leqqien tħarrab ulied id-dlamijiet* (cfr. Ġw 1,5; 1Tess 5,5)[57].

## 11 DWAR ID-DEVOZZJONI TAN-NIES TA' PADOVA U L-FROTT TAL-PREDIKAZZJONI TIEGĦU

[520] 1 Jaqbel ħafna nispjegaw bir-reqqa kif il-qaddis għadda dak ir-Randan li matulu iddedika ruħu għall-qadi tal-ministeru tal-predikazzjoni[58]. 2 Biex jisimgħu lir-raġel qaddis, bdew ġejjin nies minn kull naħa. Għalhekk hu beda jorganizza, minn jum għall-ieħor, il-laqgħat fi knejjes differenti fil-belt. 3 Iżda billi l-folol bdew dejjem jikbru u l-knejjes ma kienux jesgħu dik il-kotra hekk kbira, il-qaddis deherlu li jkun aħjar li jfittex xi mkien *fil-beraħ*, fl-għelieqi, *fil-wita* (cfr. Eżek 3,23). Għamel dan bil-ħsieb li, bħal profeta, imur fil-kampanja u hekk ikun jista' jikkontempla l-glorja ta' Alla.

[521] 4 Il-kelma malajr ġriet u, ara, qtajjiet dejjem jikbru ta' nies bdew jinġabru bi ħġarhom mill-ibliet tal-qrib, il-kastelli u l-irħula, xewqanin li jisimgħu *l-kelma ta' Kristu* (cfr. Rum 10,17; Kol 3,16) mill-*kliem ħelu* (cfr. Għan 4,3) tar-raġel qaddis. 5 Fil-qalba tal-lejl, iġorru d-dawl f'idejhom, kienu bil-gara bejniethom biex jgħaddu lil xuxlin. Kollha jħaffu l-pass biex ikunu minn ta' quddiem fil-post indikat mir-raġel qaddis, bħallikieku kien oraklu mis-sema.

[522] 6 Ix-xjuħ kienu jmorru jgħaġġlu, jitkaxkru l-persuni b'diżabilità, b'pass ħafif jiġru ż-żgħażagħ. Lanqas ma baqgħu lura n-nisa nobbli, delikati għall-aħħar, li drabi oħra bilkemm kienu jrieġu fuq saqajhom.

57 *Laudatio* ispirata lill-Verġni Immakulata. L-awtur juża bosta riferimenti bibliċi klassiċi li t-tradizzjoni dejjem applikat għall-Verġni Marija. Ir-*Raymundina* tagħti importanza kbira lid-devozzjoni li kellu Sant'Antnin lejn il-misteru Marjan ta' l-Assunzjoni fis-sema.

58 Hawnhekk l-aġjografu qiegħed jiddependi għal kollox mill-*Assidua* 13 biex jiddeskrivi l-famuż kwareżimal li għamel Sant'Antnin f'Padova fl-1231.

Huma wkoll kienu jħaffu biex jiltaqgħu mar-raġel qaddis, u ma kienu jħallu xejn itellifhom.

[523] 7 Hemm kienu jwarrbu kull xorta ta' lbies fin, anke l-persuni raffinati, irġiel u nisa. Arahom jieħdu posthom u joqogħdu attenti jisimgħu bil-kalma d-diskorsi tiegħu mill-bidu sat-tmiem. 8 Dawk ukoll ta' ċerta kultura, kienu jieħdu gost jisimgħu *l-kliem sempliċi ta' l-Evanġelju* (cfr. Mt 10,16). Ħaġa ta' l-għaġeb! Hemm kont tara *l-iljuni jieklu t-tiben flimkien mal-gniedes* (cfr. Iż 11,7).

[524] 9 Tant kienu ħerqana u għatxana biex jisimgħu b'attenzjoni kbira l-priedka li, minkejja l-eluf li kienu jmorru warajh, qajla kont tisma' xi ħoss huwa u jitkellem. 10 In-nies tan-negozju kienu jagħalqu l-ħwienet, għax il-pjazez kienu jkunu deżerti. La setgħu, u lanqas kienu jazzardaw ibiegħu xejn sa ma kienet tintemm il-priedka u kulħadd jibda sejjer lura lejn daru.

[525] 11 B'devozzjoni kbira kien imur jisma' lill-qaddej ta' Alla Antnin il-wisq miqjum missier, l-isqof ta' Padova. Bl-eżempju tiegħu kien mudell għall-merħla, li *mexxa lejn mergħat bnina u għejjun ta' ilma ġieri* (cfr. Apk 7,17). 12 Hekk, mela, f'ċertu sens, iġġedded fil-qaddej dak li naqraw li seħħ b'mod ta' l-għaġeb fil-Mulej. *Hu waqaf f'wita, flimkien ma' kotra kbira ta' dixxipli u folla kbira ta' nies minn kull naħa tal-Lhudija, minn Ġerusalemm u mix-xtajta ta' Tir u Sidon. Dawn marru biex jisimgħuh u jfejjaqhom mill-mard tagħhom* (Lq 6,17-18).

[526] 13 Għad li dan il-qaddis kien għadu ma xerridx ma' kullimkien id-dawl tal-mirakli fil-ġisem, b'danakollu kien jagħti glorja lill-kobor tal-Mulej b'sinjali aktar importanti. 14 Infatti, bħala frott tal-predikazzjoni tiegħu, kienu jagħmlu ħbieb mill-ġdid dawk mifrudin minħabba l-ġlied, u *l-lupu u l-ħaruf bdew jgħixu flimkien* (cfr. Iż 11,6). *Il-ħabsin ukoll kisbu l-ħelsien* (cfr. Iż 61,1), għax għall-predikazzjoni tiegħu l-ħatja rċevew il-maħfra. 15 It-traffikanti fl-użura u l-ħallelin ikkonvinċew ruħhom li għandhom iroddu lura dak li kisbu b'ingann, u *l-għoġol, l-iljun u n-ngħaġa kienu jirgħu flimkien* (cfr. Iż 11,7). Irġiel u nisa midinba ssejħu għall-indiema u l-penitenza, u hekk *ix-xabla tiegħu nifdet sa firdet minn xulxin il-ġisem mill-ispirtu* (cfr. Lhud 4,12).

[527] 16 Kienu ħafna dawk li, bis-saħħa tal-predikazzjoni tiegħu, twasslu għall-indiema u l-konverżjoni. Hawn ta' min isemmi li la l-għadd tal-patrijiet u lanqas tas-saċerdoti l-oħra li ġew jagħtuhom daqqa ta' id ma kienu biżżejjed biex jisimgħu l-qrar ta' qtajjiet hekk kbar ta' penitenti li kienu jmorru jisimgħu l-qaddis. 17 Kif hemm miktub: *Ma*

*jagħmlux aktar deni u lanqas ma joqtlu fuq il-muntanja qaddisa kollha tiegħi, għax mimlija l-art bl-għarfien tal-Mulej* (Iż 11,9).

[528] 18 Antnin għadda l-jiem tar-Randan imantni spiritwalment lil għajru, u bit-tbatijiet tiegħu ġabar ħsad kbir li kien jogħġob lill-Mulej. 19 Sadanittant, id-devozzjoni ta' l-għaġeb tal-poplu kollu, bir-raġun rabbiet fiduċja hekk kbira fil-merti ta' Antnin, li min kien jirnexxilu jaqta' mqar biċċa żgħira mill-keffa tiegħu kien iħoss ruħu hieni bħallikieku kiseb relikwa importanti. 20 Jekk imbagħad xi ħadd kien jirnexxilu jkellmu jew imqar imissu, dil-ħaġa kien jgħoddha privileġġ eċċezzjonali.

## 12 DWAR IĊ-ĊELLA MIBNIJA FUQ IS-SIĠRA TAL-ĠEWŻ U KIF ĦABBAR MINN QABEL IL-GLORJA TA' PADOVA

[529] 1 Meta temm il-ħidma tar-Randan, Antnin kompla jimpenja ruħu fl-uffiċċju tal-predikazzjoni kif kien jaqbel skond iż-żmien. Meta *l-uċuħ tar-raba bdew jibjadu* (cfr. Ġw 4,35b), b'rispett lejn il-ġid komuni ħalla l-poplu fil-libertà imur jiġbor il-frott tal-ħidma tiegħu. 2 Sadanittant hu, dixxiplu ta' *Dak li qajla jsemma' leħnu fil-ħsejjes qawwija* (cfr. 1Slat 19,11-12)[59], kien ifittex imkejjen ta' solitudni, bogħod mill-għagħa tan-nies. Il-kuntatt magħhom kien għejjieh għall-aħħar, u għalhekk warrab f'post kwiet imsejjaħ Camposampiero.

[530] 3 Hemm, qalb is-siġar qrib fejn kienu jgħixu l-patrijiet, wieħed raġel nobbli, ħabib ta' l-Ordni[60], ħejjielu b'idejh stess ċella żgħira tal-ħsajjar mibnija fuq il-friegħi kbar ta' siġra tal-ġewż: bħallikieku ried jimita u jegħleb il-personaġġ bibliku li mar *ifittex il-frott fil-ġnien tas-siġra tal-ġewż* (cfr. Għan 6,11). 4 Naqraw dwar għadd kbir ta' nies qaddisa li, bl-istess mod għażlu jgħixu f'imkejjen fil-għoli, maqtugħin mill-art, biex il-qagħda tagħhom f'dan il-post tħeġġiġhom jersqu aktar qrib is-sema[61].

---

59 Riferiment għall-profeta Elija, li jiltaqa' ma' Alla fis-solitudni tal-muntanja Ħoreb.

60 L-awtur ma jsemmix lill-konti Tiso, u lanqas liż-żewġ patrijiet li kienu jgħixu ma' Antnin fl-eremitaġġ ta' Camposampiero. Fl-1286 kien miet Luca Belludi, u l-qabar tiegħu kien sar oġġett ta' kult.

61 L-awtur jirreferi għall-anakoreti ta' l-orjent fiż-żmien tal-qedem tal-kristjaneżimu, speċjalment fis-Sirja u fil-Mesopotamja, li kienu għażlu li

[531] 5 Kien proprju biex iħeġġeġ għal dan li s-Salvatur kien *jgħallem, jitlob u jqatta' l-lejl fuq il-muntanji* (cfr. Mt 5,1; Lq 6,12; 9,28). 6 U mgħallem dwar dan, San Franġisk irċieva l-istimmati glorjużi fuq il-muntanja[62], bħala premju għat-talb tiegħu bla jaqta'. 7 Hemm fuq, f'dik id-daqsxejn ta' ċella, id-devot kbir ta' Alla, iddispona qalbu għall-irfiegħ ta' l-ispirtu *u għażel it-tgħalliq* (cfr. Ġob 7,15) mistiku fuq is-siġra. Xejn ma kien jittama aktar f'din id-dinja, xewqan kif dejjem kien li jmut biex jibda jduq il-ferħ tal-ħajja li ma jkollha qatt tmiem.

[532] 8 Il-ħin tal-mewt qaddisa tiegħu kien jafu minn qabel, jiġifieri qabel ma jħallas dejnu mal-Ħallieq. 9 Madwar ħmistax-il jum qabel ma l-marda gravi li ħakmitu *qerdet l-għamara tiegħu hawn fl-art* (cfr. 2Kor 5,1), inzerta kien fuq għolja mnejn seta' jara l-belt ta' Padova. Minn hemm b'tifħir kbir faħħar il-qagħda tagħha. Żied jgħid ukoll li f'qasir żmien kienet se tkun mogħnija b'ġieħ kbir mill-Mulej.

[533] 10 Għad li l-qaddis, ta' umli li kien, ipprefera jiskot u ma jgħid xejn dwar l-unuri, iżda l-evidenza tal-fatti tgħallimna ninterpretaw il-profezija tiegħu: id-difna tal-ġisem glorjuż tiegħu fil-belt ta' Padova; il-ħarsien tal-belt mill-bniedem qaddis; il-mirakli li urew il-glorja tiegħu; il-kotra ta' popli, mill-bliet qrib u minn dawk imbiegħda, li kellhom jiġu f'din il-belt li saret magħrufa minħabba l-fdalijiet tal-qaddis[63].

## 13 IL-PASSAĠĠ GLORJUŻ TA' L-IMQADDES ANTNIN

[534] 1 Il-qaddis tagħna kien isib l-hena tiegħu meta jgħaddi ftit ħin fiċ-ċella fuq is-siġra tal-ġewż. Darba minnhom, mad-daqq tal-qanpiena, niżel biex imur għall-ikel flimkien mal-patrijiet. Huwa u jiekol ħassu ħażin, u qam minn fejn kien. 2 Billi ma riedx ikun ta' piż għal dawk il-ftit

---

jgħixu fil-quċċata ta' kolonni, magħrufin bħala "stiliti", jew inkella fuq is-siġar, u huma magħrufin bħala "dendriti". L-aktar persunaġġ famuż kien San Xmun l-Istilita, li kien jgħix fuq kolonna li llum għad fadal il-bażi tagħha fi fdalijiet ta' knisja kbira fis-Sirja tat-tramuntana. Cfr. D. STIERNON, *Simeone Stilita, il Giovane* (c. 521-592), in *Bibliotheca Sanctorum*, Tom. XI, Roma 1968, 1141-1157.

62 L-episodju ta' l-istimmati, li seħħ fuq il-muntanja La Verna qrib l-14 ta' Settembru 1224.

63 L-aġjografu joħloq kliem ta' tifħir lill-belt ta' Padova, li jqiegħedhom fuq il-fomm ta' Sant'Antnin.

patrijiet, u wkoll għax l-Aktar Għoli ma riedx li Padova tkun imċaħħda mill-ġisem qaddis ta' moribond li jixraqlu kull rispett, meddew il-marid fuq karru bil-ħsieb li jdaħħluh fil-belt.

[535] 3 Meta qorbu lejn is-subborg tal-belt, żewġ patrijiet magħrufa[64] ġew jiltaqgħu miegħu; dawn kienu jgħixu qrib il-monasteru tal-Klarissi f'Arcella. Il-ħidma tagħhom kienet li jamministrawlhom il-misteri qaddisa, kif inhi d-drawwa fl-Ordni. 4 Huma raw li l-qaddis kien mixħut għax mitluq minn marda gravi, u għalhekk talbuh bil-ħerqa jmur magħhom f'Arcella. 5 Ir-raġunijiet li tawh kienu biżżejjed biex jipperswaduh, u mar magħhom f'Arcella.

[536] 6 Iżda hemm saħħtu kompliet marret għall-agħar, u nħakem minn affann serju ħafna. 7 Wara li straħ għal xi ħin qasir, qerr u rċieva l-assoluzzjoni. Imbagħad beda jgħid l-innu[65] tal-Verġni li jibda bil-kelmet:

*O gloriosa Domina, alta super sidera*
*(O Sidt glorjuża li fil-għoli).*

Mixħut kif kien, iffissa 'l fuq il-ħarsa ta' għajnejh, u b'mod li ma jidhirx u intellettwalment, immerita li jara s-sema miftuħ għalih. 8 Wieħed mill-patrijiet li kienu jwieżnuh staqsieh x'kien qed jikkontempla. Antnin wieġeb: "Qiegħed nara lill-Mulej tiegħi". 9 Bil-ħaqq kollu ra, *hu u jħabbat fuq il-bieb, lil Dak li dalwaqt kien se jissieħeb miegħu għaċ-ċena fl-eternità* (cfr. Apk 3,20).

[537] 10 Il-fatt li s-saħħa ta' ġismu kienet sejra għall-agħar minn mument għall-ieħor, kien sinjal li qorob il-waqt li r-ruħ hienja tiegħu kienet waslet biex tħalli din id-dinja. Għalhekk il-patrijiet qatgħuha li jidilkuh biż-żejt imqaddes. 11 Għad li l-bniedem qaddis kien midluk sewwa bid-dilka li ma tidhirx, irċieva b'qima xierqa s-sagrament tal-morda. Wara, imbagħad, bil-palmi ta' idejh flimkien u dirgħajh mifruxa, kanta s-salmi penitenzjali mal-patrijiet. 12 Is-salmista qal: *Ngħanni lil*

---

64 Hawnhekk ma għandniex l-ismijiet ta' dawn iż-żewġ patrijiet. Mill-*Assidua* 17,8 nafu li wieħed minnhom kien jismu Vinotto, imma ma nafux minn kien is-*socius* tiegħu. Ir-*Raymundina* ma tantx issemmi persunaġġi patrijiet fil-ħajja ta' Sant'Antnin, b'eċċezzjoni ta' Graziano (6,1.4) u Adam minn Marsh (9,4).

65 Skond *Assidua* 17,11b u *Juliana* 9,13, il-moribond mhux irreċita, imma kanta l-innu marjan *O gloriosa Domina*.

*Alla tiegħi sakemm indum ħaj* (S 145,2). 13 Dam agunija bejn wieħed u ieħor għal xi nofs siegħa. Wara, imbagħad, dik ir-ruħ qaddisa, meħlusa mill-ħabs tal-ġisem, għaddiet għal *Ġerusalemm tas-sema, ħielsa* (cfr. Gal 4,26) għal dejjem. Daħlet fl-għamara ta' l-hena u l-ferħ bla qjies.

[538] 14 Ġismu kellu aktar dehra ta' wieħed rieqed milli mejjet. Idejh issa saru bojod, u għelbu bis-sħiħ is-sbuħija li kellhom qabel. 15 Il-membri ta' ġismu ma ibbiesux kif soltu jiġri wara il-mewt, imma baqgħu flessibbli f'idejn min imisshom.

[539] 16 O atelta l-aktar qaddis ta' Kristu, li ikkalpestajt il-qerq tad-dinja, biex tobdi l-ordni ta' l-Evanġelju[66]. Mingħajr ma qagħadt titlajja u mingħajr ma bridt, bqajt miexi bla ma għejjejt it-triq l-aktar dritta. Tlaqt mil-livell l-aktar baxx u lħaqt l-għoljiet. Ilħaqt il-perfezzjoni fl-età ta' sitta u tletin sena[67]. B'ġirja ħafifa għall-aħħar *temmejt l-għemejjel ta' ħajja twila* (cfr. Għerf 4,13).

[540] 17 O raġel glorjuż, int ġarrejt l-isem divin, għad li ma kontx mgħolli għad-dinjità ekkleżjastika[68] – spiss mogħtija lil min ma jixraqlux. B'danakollu, int onorat b'mod ta' l-għaġeb għall-eternità bis-sustanza u l-frott ta' ġieħ bħal dan, bi profitt straordinarju għall-erwieħ.

[541] 18 O dixxiplu l-aktar qaddis tas-sempliċità qaddisa; għad li kont xewqan għall-aħħar biex tinħeba u tostor għemilek miċ-ċapċip tan-

66 L-awtur hawnhekk qiegħed jirreferi għal diversi kliem ta' Ġesù fl-Evanġelju skond San Ġwann: Ġw 9,4: "Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu xogħol ta' dak li bagħtni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem"; Ġw 11,9: "Mhux tnax-il siegħa fiha l-ġurnata? Sakemm wieħed jimxi binhar, ma jitfixkilx, għax ikun qiegħed jara d-dawl ta' din id-dinja"; Ġw 12,35-36: "Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl. Mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx. Min jimxi fid-dlam ma jafx fejn hu sejjer. Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu ulied id-dawl".

67 Dan id-dettall hu kontribut fundamentali biex wieħed jistabilixxi l-kronoloġija ta' Sant'Antnin. Jekk miet ta' 36 sena fl-1231, dan ifisser li twieled fl-1195. Meta kienet qed tinkiteb ir-*Raymundina*, il-beatu Luca, is-*socius* ta' Antnin, kien ilu ftit snin biss mejjet, u għalhekk ir-rabta tal-komunità Antonjana ta' Padova mal-fatti storiċi kienet għadha ħajja.

68 Fil-fatt Sant'Antnin kien saċerdot, u għalhekk l-aġjografu bl-espressjoni "dinjità ekkleżjastika" qiegħed hawnhekk jirreferi għall-episkopat. Niftakru li San Franġisk kien sejjaħ lil Antnin bit-titlu onorifiku ta' *episcopo meo* (cfr. 2C 163).

nies, b'danakollu Dak li jmexxi kollox kien imġiegħel ixerridhom ma' kullimkien.

[542] 19 O raġel l-aktar qaddis li għaraft tiċħad lilek innifsek, u ġġorr is-salib tal-Mulej, kif jikkmanda l-Evanġelju. Kontra qalbek ġejt meħlus mix-ximitarra ta' l-infidili, u b'danakollu, x-xewqa kollha ħeġġa għall-mewt, l-għotja spontanja tiegħek innifsek, il-ġarr tas-salib tal-mard b'rassenjazzjoni attiva, il-ħajja ta' żelu, 20 il-ħerqa bla taqta', il-mixja tal-faqar, is-skiet tas-solitudni, it-trijonf taċ-ċaħdiet, *il-perikli ta' l-ibħra* (cfr. 2Kor 11,26) u t-toroq[69], bħallikieku dawn kienu xhieda bil-kotra, li b'xi mod għamlu tajjeb għall-ġrieħi fil-ġisem u l-mewt vjolenta.

[543] 21 Tabilħaqq, jixirqilha tifħir xejn inqas *il-palma ta' Kades*, imxejra fil-għoli ta' qdusija kotrana, daqs *il-ġnien tal-ward f'Ġeriko* (cfr. Sir 24,14), irrid ngħid jien, l-aħmar tad-demm li joħroġ minn ġisimna li jmut[70].

[544] 22 Iva, fakkarna ftit ġrajjiet mill-ħajja tal-qaddis; xi ftit minnhom ġew mgħarrfin issa mill-ħniena ta' Alla. Dawn il-ħwejjeġ kollha l-qaddis tagħna għamel kemm seta' biex jaħbihom minn għajnejn in-nies. 23 Tabilħaqq, min jista' qatt ikun jaf kemm ħwejjeġ kbar ħeba minn għajnejn l-oħrajn, hu li għal żmien twil kien irnexxielu jaħbi t-teżor ta' għerfu? Hu li kien hekk xewqan li jgħix fis-solitudni u jaħbi lilu nnifsu lill-bnedmin li jmutu?

[545] 24 Il-bniedem qaddis miet fis-sena tal-Mulej 1231, fix-xahar ta' Ġunju[71], f'jum il-Ġimgħa, taħt il-ħakma tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li lilu kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen.

---

69 L-awtur forsi qed jirreferi għall-vjaġġ skabruż bil-baħar li għamel Sant'Antnin meta t-tempesta ġarritu mill-Marokk lejn Sqallija.

70 Antnin kiteb dawn il-kelmiet fis-*Sermone* għall-XV-il Ħadd wara Pentekoste: "Il-għalqa hi d-dinja, li fiha aktar ma l-ward idum jgħix, aktar ikun glorjuż ... Għax b'dan il-ward ta' l-għelieqi jiġi mfaħħar Kristu, kif jingħad fil-Għanja: *Jiena l-ward ta' l-għelieqi*. Hekk l-imqaddsa Marija, ommu, tista' tiġi igglorifikata għaliex hi ma tilfitx is-sbuħija ta' warda fid-dinja; u għalkemm hi ma kienetx magħluqa ġewwa bħal soru tal-klawsura, hi kienet glorjuża bħal warda fid-dinja, u bħal ġnien f'nofs id-deżert ... Fil-għalqa tabilħaqq wieħed irid jagħmel frott, u fid-dinja l-ġlieda hi kontinwa, għaliex kontrina jitħabtu l-ġisem, id-dinja u x-xitan, u għalhekk hija meħtieġa l-qawwa tal-qdusija, li tibqa' ma titħarrikx quddiem il-perikli kollha".

71 Jonqos il-jum li fih miet Sant'Antnin, forsi bi svista ta' l-amanuense tal-manuskritt.

## 14 DWAR IT-TRASPORT SOLENNI TAL-ĠISEM TA' L-IMQADDES ANTNIN

[546] 1 Il-patrijiet għamlu kemm setgħu biex iżommu moħbija l-aħbar tal-mewt tar-raġel qaddis. Billi l-ospizju ta' l-Arcella kien żgħir u dejjaq, ma xtaqux li tinħoloq konfużjoni minħabba l-folol li żgur kienu se jiġu bi ħġarhom kif jisimgħu. Imma Dak li jġiegħel *jiftaħ fomm l-imbikkma u jħoll ilsien it-trabi* (cfr. Għerf 10,21) u li ried iħeġġeġ u jweġġaħ id-devozzjoni tal-poplu, iddispona mod ieħor. Għax, ara, kotra ta' tfal żgħar bdew jiġġerrew mal-belt jgħajjtu: "Miet il-missier qaddis! Miet Sant'Antnin".

[547] 2 Għal din il-bxara, fid-daqqa u l-ħin, minn kull rokna tal-belt in-nies bdew jiġru lejn Arcella. Il-kbarat iċċaqlqu mill-għażż tagħhom u n-nies komuni waqqfu xogħolhom. Ilkoll jibku u jitniehdu għat-tluq tal-bniedem qaddis. 3 Iżda xi wħud ferħu għal dik il-mewt. Dehrilhom li ma kienx hemm għalfejn wieħed isewwed qalbu għal min, bi provi ċari ta' qdusija, fil-ħin *tat-tluq għażiż* (cfr. S 115,15) tiegħu ngħaqad maċ-ċittadini tas-sema.

[548] 4 Kulħadd jaf li qabar glorjuż hu teżor ta' min jixtiequ, u li l-fdalijiet ta' raġel qaddis żgur iġibu ħarsien kbir lill-poplu. Ġara, għalhekk, li nqala' nuqqas ta' ftehim fost in-nies. Xi wħud bdew iżommu mas-Sorijiet Foqra li riedu li l-ġisem jindifen fil-knisja tagħhom. Iżda oħrajn kienu tal-fehma li l-ġisem kellu jinġarr għad-difna fil-knisja ta' l-Imqaddsa Omm Alla, jiġifieri fil-post tal-patrijiet Minuri, in-naħa ta' isfel tal-belt. 5 Tabilħaqq, meta kien għadu ħaj, il-qaddis dan il-post kien għażel bi preferenza għal kull post ieħor biex jgħammar fih. U meta ħassu qrib il-mewt wera biċ-ċar ix-xewqa tiegħu li jindifen hemm[72].

[549] 6 Il-ġlieda qalila bejn iż-żewġ naħat ma kienetx bil-kliem biss. Minn hawn u minn hemm bdew ġejjin gruppi ta' nies armati kontra xulxin, kollha ta' ras iebsa li b'xejn ma tisma'. 7 B'danakollu, bis-saħħa ta' Dak *li hu l-paċi tagħna* (cfr. Ef 2,15; 4,3), minn dan in-nuqqas ta' qbil serju ħareġ il-ġid. Xi wħud minn dawk li kienu jikkawżaw it-taħwid u li ngħaqdu ma' naħa kontra l-oħra, qabel kienu jobogħdu lil xulxin għall-mewt minħabba l-gwerra ċivili. Iżda fl-okkażjoni ta' dan in-nuqqas ta'

---

72 L-awtur iħalli barra d-dettall li, qabel ma miet, Antnin kien wera din ix-xewqa tiegħu lis-*socius*, lil wieħed mill-patrijiet li kienu jassistuh: *fratri qui sibi assistebat* (*Assidua* 20,2b).

ftehim ta' tjieba u għaqda kontra l-avversarji, sfaw maqtugħin b'rabta ta' ħbiberija u sliem. Hekk, bħallikieku kienu *twavel tat-Tabernaklu, ingħaqdu sew flimkien, donnhom minċott imwaħħal min-naħat opposti għal xulxin* (cfr. Eż 26,17).

[550] 8 F'dak l-istess lejl ġara fatt ieħor, fatt tassew ta' l-għaġeb biex tirrakkontah. Kif kienu soltu jagħmlu dejjem, ma' nżul ix-xemx il-patrijiet ingħalqu d-dar u poġġew l-istaneg mal-bibien. Imma fid-daqqa u l-ħin il-folla, b'deni ta' entużjażmu li qajla tista' tikkontrollah, kissru l-katnazzi għal tliet darbiet u ntefgħu b'saħħa fuq il-bibien. Kienu ħerqanin li jaraw u jmissu l-ġisem qaddis. 9 B'danakollu, għax hekk ried il-Mulej – dan stqarruh pubblikament dawk in-nies stess – għad li l-bibien infetħu beraħ bi vjolenza, dawk li kienu qed jassaltaw biex jidħlu, baqgħu barra storduti. Minkejja li l-post kien imdawwal sewwa u kellhom għajnejhom miftuħa, ma rnexxielhomx jaraw l-intrata.

[551] 10 Mas-sebħ qamet rewwixta impressjonanti; il-belt kollha kienet imħawda waħda sew. 11 Dawk li kienu qed iżommu mal-Klarissi kissru l-pont u qerdu d-dgħajjes li bihom il-fdalijiet tal-qaddis kienu se jiġu trasportati[73]. In-naħa l-oħra wkoll kienet qed thedded u tipprepara għall-ġlied u l-qerda bil-ħsieb li hi tieħu l-ġisem tal-qaddis. 12 Iżda wara li l-patrijiet għollew talb imħeġġeġ lejn l-altar tas-sema, Alla nqeda bil-*Podestà* biex itemm in-nuqqas ta' ftehim serju li nqala' fil-belt.

[552] 13 Bħala konklużjoni ntlaħaq ftehim li l-ġisem jiġi trasferit għall-knisja tal-Verġni glorjuża, li diġà semmejna. F'Arcella wasal l-isqof, flimkien mal-kleru u ġmiegħi bla għadd ta' fidili devoti. 14 Il-ġisem inġarr b'solennità, imdawwal b'kotra ta' xemgħat; mexa kollox b'ordni ta' l-għaġeb. Hemm saret id-difna bl-unuri kollha. Dan seħħ fil-ħames jum wara mewtu.

[553] 15 F'dik il-knisja l-ġisem dam jistrieħ għal madwar ħmistax-il sena[74]. Infetaħ fl-okkażjoni tat-trasferiment mill-wisq meqjum fra

73 Fir-rakkont tar-*Raymundina* hemm qabża ta' jumejn li dwarhom l-awtur ma jgħid xejn. Lanqas ma jsemmi xejn dwar il-miġja tal-ministru provinċjal u d-deċiżjonijiet tiegħu dwar x'għandu jsir bil-ġisem ta' Sant'Antnin. Skond hu, il-korteo kellu jaqsam ix-xmara fuq ħafna dgħajjes, mentri nafu li d-dgħajjes kienu biss pont biex jgħaddi l-korteo minn fuqu.

74 Fil-fatt, in-numru eżatt ta' snin bejn id-difna ta' Sant'Antnin (17 ta' Ġunju 1231) u r-rikonjizzjoni tar-relikwi magħmula minn San Bonaventura (8 ta' April 1263) hu ta' 31 sena u 10 xhur.

Bonaventura, ministru ġeneral u wara isqof ta' Albano. 16 Waqt li l-laħam sar trab qisu ramel, ilsien il-qaddis – li kien it-tromba ta' Kristu, l-orgni ta' l-Ispirtu s-Santu u *l-ganċ tal-bronz tat-Tabernaklu* (cfr. Eż 38,20) – instab sħiħ u donnu jaqbeż. Deher bħallikieku lsien ta' raġel ħaj.

[554] 17 Ħa tifraħ il-Knisja omm qaddisa, imfarrġa bit-tagħlim u l-merti ta' difensur hekk kbir!

18 Jifraħ l-Ordni fqajjar, *imħabbat mill-qilla tat-tempesta* (cfr. Iż 54,11), imsaħħaħ għax għandu bħala membru missier hekk kbir.

19 Jithenna l-istudju tad-dutturi, u l-aktar tal-foqra ta' Kristu, li fih kellhom lilu bħala l-ewwel għalliem.

20 Jikber bil-ferħ iż-żelu tal-predikaturi, li jagħmlu ħilithom biex jimitaw il-ħajja u d-duttrina ta' dan ir-raġel qaddis!

21 Tgawdi l-belt kattolika ta' Padova mdawwla minnu, fil-ħajja u fil-mewt b'tant benefiċċji[75].

[555] 22 Din il-belt, wara ħafna snin, maħqura kif kienet minn Ezzelino, tirann mill-aktar ħorox, fl-ottava tal-festa ta' l-imqaddes Antnin, u żgur bl-interċessjoni tiegħu, irċeviet il-grazzja tal-ħelsien mill-qilla ta' dak il-ħakkiem mill-agħar. Dan seħħ nharf l-20 ta' Ġunju tas-sena 1256. 23 U sallum l-istess belt għadha tirċċelebra kull sena t-tifkira ta' din il-ġrajja b'ferħ li ma jitfissirx bil-kliem.

## 15 DWAR IL-KANONIZZAZZJONI TA' L-GĦAĠEB TA' L-IMQADDES ANTNIN

[556] 1 Kbir kien il-għadd tal-mirakli li bdew isiru bl-interċessjoni tal-qaddej ta' Alla Antnin. Dan ġiegħel il-kleru u l-poplu jinsistu b'leħen wieħed u qawwi biex, b'għaġġla xierqa, jsir ir-rikors fil-kurja tal-Papa għall-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, konfessur. 2 Iddiskutew din l-affari l-isqof flimkien mal-kleru, u l-*Podestà* flimkien maċ-ċittadini, għad li bilkemm kien għadu għadda xahar mill-mewt tal-qaddis. Ftiehmu li jibgħatu l-kurja rappreżentanti magħrufa biex jippromwovu

75 Dan hu innu fuq stil ta' l-*Exultet*, ta' natura liturġika, f'ħames strofi, li fih jiġu mħeġġin biex ifaħħru lil Sant'Antnin il-Knisja kristjana, il-familja minoritika, il-belt ta' Padova, u biex iroddu ħajr lil Alla għad-don li rċevew fil-persuna ta' Antnin.

l-proċedura. 3 Is-Sinjur Papa Girgor IX laqagħhom bl-unuri kollha[76]. Fuq parir ta' ħutu l-kardinali[77] ta l-inkarigu biex jeżaminaw il-mirakli lill-isqof ta' Padova, flimkien mal-Prijuri Benedittini u patrijiet mill-Ordni tal-Predikaturi.

[557] 4 Meta r-realtà tal-mirakli kienet approvata b'mod li jeskludi kull dubju, l-aħbar twasslet fil-kurja Rumana. Issa, xi kardinali ta' ħajja qaddisa, animati mill-virtù tal-prudenza, opponew. Dehrilhom li ħaġa hekk importanti bħal din ma kellhiex tiġi trattata b'daqshekk ħeffa. Tabilħaqq, kienet għadha lanqas għaddiet sena mill-mewt tar-raġel qaddis. 5 Iżda Dak li jmexxi kollox u jkabbar il-glorja u l-ġieħ tal-qaddisin tiegħu, b'sinjal mis-sema neħħa malajr dak it-tfixkil.

[558] 6 Wieħed minn dawk il-kardinali kellu ħolma. Deherlu li qed jara lis-Sinjur Papa, liebes l-ilbies pontifikali, iħejji biex jikkonsagra knisja, megħjun mill-kulleġġ tal-kardinali. 7 X'ħin waslet is-siegħa tal-konsagrazzjoni, il-*qaddis qassis il-kbir* (cfr. Lhud 7,26) talab li jġibulu r-reliwki li, skond ir-rit, għandhom jitqiegħdu fl-altar. 8 Dawk li kienu qed jassistuh skużaw ruħhom la ma kellhomx relikwi. Fid-daqqa u l-ħin, iżda, xi ħadd innota li kien hemm ġisem ta' mejjet imkebbeb fil-faxex.

[559] 9 Meta rah, il-Papa qal: "Ġibu hawn dawn ir-relikwi l-ġodda biex inqiegħdhom fl-altar". 10 Imma dawk li kienu jassistu qalu li dan kien sempliċi ġisem ta' mejjet, u mhux diġà relikwa. "Tajjeb", qal il-Papa, "neħħu l-velu li qed jostru u naraw x'hemm moħbi". 11 Dawk, iddisgustati u kontra qalbhom, obdew l-ordni u raw biċ-ċar li l-ġisem ma kellu l-ebda sinjal ta' taħsir. Ferħanin li sabu xi relikwi, arahom bil-gara bejniethom min jieħu minnhom l-ewwel.

[560] 12 Meta qam, dan id-dinjitarju li kien iffavorit b'din ir-rivelazzjoni, lill-kjeriċi li jassistuh qalilhom li dan kien sinjal li jħabbar li dik il-kanonizzazzjoni ta' Antnin kienet fil-qrib ħafna. 13 Għalhekk

[76] L-ambaxxata Padovana tiġi milqugħa *venerabiliter* fil-kurja Rumana, għax iġġib aħbarijiet sbieħ ta' ħafna għeġubijiet li bihom Alla wera li ried jagħti glorja lil Antnin permezz ta' kult liturġiku.

[77] Dawn il-kardinali li kienu madwar il-Papa kienu membri tal-kulleġġ kardinalizju, li dawk iż-żmien kienu jiffurmaw il-kunsill biex jagħti parir (*consilium*) fi kwestjonijiet ta' importanza żgħira, jew inkella kunsens, fi kwestjonijiet ta' importanza kbira, biex hekk il-Papa jkun jista' jipproċedi għall-ġid komuni tal-Knisja.

hu, imħeġġeġ mill-grazzja ta' din il-viżjoni, sa minn dak il-ħin sar il-promutur tal-prattika. Qal li l-glorja ta' Alla u l-ġieħ lill-qaddis għandhom jiġu qabel kull drawwa.

[561] 14 Ġie iffissat il-jum għal dan ir-rit solenni. Il-Papa, bil-kunsens tal-kardinali u tal-prelati kollha tal-Knisja[78], li dik il-ħabta kienu preżenti fil-kurja, kiteb lil Antnin fil-lista tal-qaddisin. Ordna li l-festa tiġi iċċelebrata f'jum mewtu. 15 Iċ-ċerimonja saret fil-belt ta' Spoleto fis-sena tal-Mulej 1232, nhar il-jum qaddis ta' Għid il-Ħamsin[79].

[562] 16 Id-delegati Padovani marru lura ferħanin se jtiru, inqas minn sena mill-mewt ta' Sant'Antnin. U fil-jum meta ħabat l-anniversarju iċċelebraw il-festa bl-akbar solennità.

# DWAR XI MIRAKLI LI SARU GĦALL-MERTI TA' SANT'ANTNIN

## 16 PROLOGU

[563] 1 Il-glorja mgħaġġla tal-mirakli li seħħew kienet il-kawża li ngħata bidu bikri għall-proċeduta tal-kanonizzazzjoni. Tabilħaqq, il-mirakli bdew jilmaw sa mill-ewwel jum tad-difna u komplew joktru mal-medda tas-sena. Il-Knisja ta' Ruma approvathom bil-ġudizzju tagħha. 2 Għall-ġieħ tal-qaddis, ir-rieda divina riedet li dsatax-il persuna li kellhom xi membru jew ieħor ta' ġisimhom miġbud, fiequ. Ħamsa li kienu mifluġin kisbu saħħithom mill-ġdid, u ħames magħtubin ukoll ġew ikkurati. Reġgħu ħadu d-dawl sitt għomja u tliet torox bdew jisimgħu. L-istess għadd ta' persuni muti rċevew il-grazzja li jitkellmu. Tnejn inħelsu mill-marda ta' l-epilessija, tnejn mid-deni qawwi, u

78 Ftit qabel l-aġjografu kien semma l-*comune consilium* tal-kulleġġ kardinalizju. Hawnhekk jinsisti dwar il-*consensus unanimis*, li bih Girgor IX jipproċedi għall-kanonizzazzjoni ta' Antnin. Għal din il-*collatio* solenni ġew mistiedna wkoll il-prelati (isqfijiet, abbati ta' monasteri) li kienu preżenti fil-kurja pontifiċja f'dawk il-ġranet. Kien avveniment li kellu jirrigwarda l-Knisja kollha kemm hi, u għaldaqstant kien xieraq li d-dinjitarji kollha preżenti jiġu responsabilizzati u jieħdu sehem fid-deċiżjoni.

79 L-aġjografu ma jispeċifikax il-jum eżatt: kien it-30 ta' Mejju 1232.

b'mod ta' l-għaġeb tnejn oħra ssejħu mill-mewt għall-ħajja. 3 F'din il-ġabra qasira nħalli barra għadd ta' ġrajjiet mirakolużi oħra. Xi wħud minnhom seħħew qabel il-kanonizzazzjoni u oħrajn wara. Dawn issa se nirrakkontahom hawn b'aktar dettalji[80].

4 Issa, billi jgħin ħafna għat-tqanqil tad-devozzjoni, li nirrakkontaw b'dettalji aktar partikulari l-għeġubijiet li tajna biss ħjiel tagħhom fil-ġabra l-qasira, dawn ukoll – kif jixraq għall-verità tal-fatti – se jiżdiedu fil-qosor. 5 Kif tixhed l-Iskrittura, hu ġieħ kbir tirrivela u tiċċelebra l-opri divini. Iva, Alla għandu jiġi mfaħħar b'ħeġġa kbira, u dan l-aktar *fil-qaddisin li Hu stess jagħtihom ġieħ kbir* (cfr. S 4,4). 6 Għal dan il-għan, deherli li jkun xieraq li ma nostorhomx b'silenzju sterili, imma biex inċaqlaq il-qlub imħeddla, bi ftit kliem nirrakkonta ftit mill-ħafna mirakli – xi wħud minnhom ġraw fis-sena tal-Mulej 1293. Dawn stajna narawhom b'għajnejna u mmissuhom b'idejna stess. Seħħew għall-merti tal-glorjuż konfessur ta' Kristu, l-imqaddes Antnin, li l-ġisem tiegħu hu mħares b'unuri kbar mill-belt ta' Padova, belt magħrufa u ta' ġieħ kbir.

## 17 FEJQAN TA' SORU PARALITIKA

[564] 1 Fil-monasteru ta' San Vito[81], fl-inħawi ta' Padova, kienet tgħix waħda soru jisima Sofia. Il-paralisi laqtitha fuq ġenbha tal-lemin, u kienet ħażin ħafna. Meta tiċċaqlaq, il-membri ta' dik in-naħa kien jirtogħdu l-ħin kollu. Qajla kienet jirnexxilha żżomm rasha dritta jew tiekol b'idejha. Biex timxi, mgħawġa kif kienet, lanqas setgħet titfa' saqajha ma' l-art. 2 Għamlet wegħda ma' Sant'Antnin, u talbitu fuq li talbitu biex jagħtiha l-fejqan. Darba minnhom, jumejn qabel il-vġili tat-tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija, mixħuta kif kienet, muġugħa u

80 L-awtur jiġbor fil-qosor ir-rakkont ta' 7 mirakli li diġà jinsabu fir-redazzjoni aktar dettaljata ta' l-*Assidua* capp. 40-46, u fir-redazzjoni qasira tal-*Vita Secunda* 14,4-11). Magħhom tiżdied in-narrazzjoni ta' numru mhux speċifikat ta' għeġubijiet oħrajn, li seħħew wara l-kanonizzazzjoni. Il-*Vita Secunda* 15,2-8 għandha r-rakkonti ta' tnejn, u l-istess id-*Dialogus* 16,13-20 u 21,10-12.

81 Il-monasteru femminili ta' San Vito, fi Piove di Sacco, li ġie soppress minn Napuljun fl-1810.

mbikkija quddiem xbieha ta' Sant'Antnin, dehrilha l-missier qaddis, u ħabbrilha li l-fejqan mixtieq kien se jseħħ qabel l-ottava tal-festa li għadna kemm semmejna.

3 Wara tlitt ijiem, skond kif kien wegħedha l-missier qaddis, Sofia qamet għax kisbet lura b'mod sħiħ is-saħħa li darba kienet tgawdi. Il-marda li ħakmitha għabet għal kollox. 4 Kmieni mas-sebħ il-jum ta' wara, flimkien ma' xi sorijiet ħbieb tagħha, erħitilha bil-mixi, b'passi mgħaġġlin, lejn il-knisja ta' Sant'Antnin. Hemm, preżenti ħafna patrijiet ta' dak il-kunvent, kollha ferħana u rikonoxxenti, irrakkontat kollox bl-ordni, u tkellmet dwar il-favur kbir li Alla għoġbu jagħtiha għall-interċessjoni tal-qaddej tiegħu Antnin. 5 Kienu ħafna r-reliġjużi ta' min joqgħod fuqhom li xehdu din il-ġrajja. Dawn kollha, b'fidi mdawwla, ikkonfermaw l-għeġubijiet li wettaq il-Mulej permezz tal-qaddej tiegħu Antnin. Kollha għannew b'tifħir il-merti glorjużi tiegħu.

## 18 DWAR ŻGĦAŻAGĦ SALVATI MILL-PERIKLU TAL-MEWT

[565] 1 Fil-belt ta' Monopoli[82], fl-inħawi tal-kunvent tal-Franġiskani, wieħed żagħżugħ kien qed iħaffer fil-fond fl-art meta, fid-daqqa u l-ħin, sab ruħu mkaxkar minn massa ta' materjal li nqata' u difnu taħtu. 2 Sadanittant, ommu kienet qed tistennih lura d-dar, inkwetata. Imma billi s-siegħa li fiha soltu jiġi kienet għaddiet sew, wara li stenniet ħafna, ħarġet tfittxu.

3 Hemm ħdejn ix-xatt, fejn kien qed iħaffer binha, lemħet tifel. Kollha nkwetata staqsiet x'kien ġara minn binha. It-tifel wieġeb: "Jinsab mirdum taħt il-ħamrija". 4 Għal din l-aħbar, erħilha tagħti fuq wiċċha u tqatta' xagħarha. Ġriet lejn il-kunvent tgħajjat: "Iġru, l-aħwa, għax il-ħamrija difnitli lil ibni".

5 Meta semgħu dik il-karba, l-patrijiet qabdu l-imgħażaq u għodda oħra, u bdew jiskavaw fil-post fejn iżżerżqet il-ħamrija. Sadanittant, l-omm ma waqfitx ittenni: "Sant'Antnin, agħtini lil ibni lura!". 6 Il-patrijiet komplew ineħħu l-ħamrija u l-ewwel ma dehru kienu saqajn iż-żagħżugħ, imbenġlin taħt it-toqol tal-ħamrija; imbagħad raw il-warrani

82 Belt port fil-Puglia, fil-provinċja ta' Bari. Il-kunvent Franġiskan tal-belt imur lura almenu għal nofs is-seklu 13, kif jgħidilna d-*Dialogus*, li hu l-ewwel fonti li tirrakkonta dan il-miraklu.

miġruħ sewwa. Oħrajn, huma u jħaffru, għamlu tliet toqbidet fil-kappell li kien liebes iż-żagħżugħ, iżda bla ma messewlu rasu. 7 Meta ġibduh ’il barra, għad li ma kienx f’sikktu, iż-żagħżugħ kien għadu ħaj.

8 Il-patrijiet bdew jistaqsuh kif irnexxielu jibqa’ ħaj, midfun kif kien. Hu wieġeb: “L-imqaddes Antnin żamm idu fuq ħalqi”. 9 Meta semgħu dan, l-irġiel li kienu hemm taw ringrazzjament xieraq lil Alla u lill-imqaddes Antnin.

## 19 IL-FEJQAN TA’ PIETRU, TRUX U MUTU

[566] 1 Wieħed konvers, ta’ xi ħamsa u għoxrin sena, kien jaqdi f’ċerti monasteri tas-sorijiet fil-belt ta’ Padova[83]. Kien magħruf f’ħafna monasteri oħra, l-aktar ta’ dak l-Ordni, u fil-parti l-kbira tal-belt u fid-djoċesi. Kien trux u mutu mit-twelid.

2 Dawn iż-żewġ tipi ta’ diżabilità kulħadd kien jaf bihom, għax kienu jidhru u juru ruħhom sewwa. Għalhekk kien impossibbli li jkun hemm xi qerq jew li l-ħaġa kienet biss taparsi. 3 Tabilħaqq, ilsienu kien qasir ħafna, bilkemm seta’ joħorġu mill-gerżuma. Mhux biss talli kien qasir, imma kien paralizzat ukoll, u mgħawweġ qisu vit. Min kien josservah mill-viċin, kien jinduna wkoll li kien niexef u mkemmex. Dan osservawh u xehdu għalih ħafna nisa nobbli u ta’ min jemminhom li kellhom provi ċari ta’ dan kollu.

4 Barra dan, provi li kien ukoll trux kien hemm biżżejjed. Il-ħbieb li kienu josservawh ma kellhomx l-iċken dubju dwar dan. Bla ma ħallewh jarahom, daqqewlu wara widnejh qniepen mhux żgħar, imma lanqas ma ta l-iċken ħjiel li semagħhom. La ċaqlaq rasu u lanqas għamel xi reazzjoni oħra.

5 Dan kollu l-ħbieb stqarrewh fil-preżenza tas-sinjur isqof ta’ Padova[84]. Kont xhud jien ukoll u miegħi ħafna oħrajn. Biex inkun fiż-

---

83 Il-*Chronicon de Lanercost*, 148, jispeċifika li dan kien il-*monasterii ordinis s. Bernardi monialium*, tas-Sorijiet Ċisterċensi. Dan il-monasteru ta’ San Bernard kien inbena fl-ewwel snin tas-seklu 13, u kien jisab lejn il-lvant ta’ Codalunga, qrib il-kanal lejn Ognissanti, f’dik li llum hi Via Trieste. Dam jeżisti sa nofs is-seklu 15, u għexu fih sorijiet Benedittini u anke monaċi Ċertosini. Fil-fatt, dan il-post hu indikat bħala ċ-Certosa antika ta’ Padova.

84 L-isqof ta’ Padova kien Franċiż, Bernardo di Platone da Agde, li dam isqof

żgur, kollha ħalfu l-verità tal-fatti li irrakkontaw billi poġġew idejhom fuq l-Evanġelju mqaddes.

6 Dan iż-żagħżugħ għadda lejl fit-talb ħdejn l-Arka ta' l-imqaddes Antnin; baqa' jitlob hemm sad-disgħa ta' filgħodu. Ma kienx jehda jitlob li jaqla' l-grazzja tal-fejqan. F'daqqa waħda ħassu bħallikieku kien imħaddan minn qawwa divina, ħass rogħda ma' ġismu kollu, minn rasu sa saqajh; hekk kiseb mill-ġdid il-ħila li jitkellem u jisma'. 7 Iżda biex il-miraklu jkun aktar ċert, il-ġuvni beda jitkellem b'lingwa ġdida, tiftiehem, iva, imma li ma kellha x'taqsam xejn mal-lingwi komuni. Hu ma kienx jaf għajr ftit kliem li kien assolutament meħtieġ għalih biex jirnexxilu jikkomunika ma' l-oħrajn. Dawn kienu mnebbħin lilu minn fuq.

8 Quddiem miraklu hekk kbir u ċar, qlub il-patrijiet faru b'ferħ il-Mulej u l-belt kollha kienet tgħum fil-hena għal din il-ġrajja mirakoluża mhux mistennija. 9 Il-popolazzjoni ġriet fi qtajjiet kbar flimkien mar-retturi tal-knejjes, l-imħallfin, il-kavallieri u d-dutturi[85]. U biex bħallikieku jħallu sinjal li jidher ta' miraklu hekk kbir li seħħ b'ħafna provi f'raġel magħruf minn kulħadd, bħala att ta' tifħir lill-kobor ta' Alla u l-merti ta' l-imqaddes Antnin, lil dan iż-żagħżugħ li qabel kien jismu Pietro, semmewh Antnin.

## 20 FEJQAN MILL-MARD TAL-GRIEŻEM TA' FRA BERNARDINO

[567] 1 Patri ta' l-Ordni tal-Minuri, Bernardino minn Padova, kien ilu xahrejn mutu, u lanqas kien jirnexxilu jlissen kelma waħda. 2 Ilsienu u l-organi l-oħra meħtieġa għall-vuċi kienu hekk marbutin u mħarbtin, li b'ebda mod ma seta' jitkellem. U lanqas biss seta' joħroġ riq minn ħalqu jew jonfoħ imnieħru. Nifs ma kellux, lanqas biżżejjed biex jitfi xema' żgħira mressqa qrib ħalqu.

---

mill-1287 sa l-1295. Ċertu *frater Iacobus Platonis*, mela ħu l-isqof, kien diġà preżenti fil-kunvent ta' Sant'Antnin f'Padova, fiż-żmien li fih kien isqof Bernardo.

85 Wieħed jinnota kif jiġu speċifikati d-diversi komponenti tal-belt ta' Padova (*tota civitas*). Barra mill-Franġiskani (*fratres*) jissemmew membri awtorevoli tal-kleru (*rectores ecclesiarum*) u tal-komunità (*iudices*), in-nobbli (*milites*), l-universitarji (*doctores*), flimkien mal-poplu (*populi*).

3 L-aqwa tobba tal-Lombardia tgħidx x'ma għamlux biex jikkurawh. Fost ħwejjeġ oħra – u din tal-biża' mqar biss li tismagħha – ikkawterizzawlu l-gerżuma għal disa' darbiet b'ħadid jikwi. Fl-aħħar għamlu wkoll ħruq fir-ras, hekk li fil-ħin li ġie mfejjaq rasu kienet għadha nfaxxata. 4 Il-marda tiegħu taħt idejn it-tobba marret għall-agħar, ġurnata agħar minn oħra. Il-gerżuma, ħtija tat-terapija u tal-ħruq li għamlulu, kienet qed issofri minn ġewwa u ntefħet sew. Dan kien ifisser li dan il-patri l-ħin kollu kien f'periklu li jisfa' fgat. Dan l-imbierek fl-aħħar ftakar fil-glorjuż konfessur ta' Kristu, Antnin, li l-festa tiegħu kienet fil-qrib.

5 Ġie Padova u b'devozzjoni mħeġġa, għal darba darbtejn resaq lejn l-Arka ta' l-imqaddes Antnin. Għad li baqa' ma tkellimx, għall-ewwel beda jieħu n-nifs u jtella' r-riq. 6 Aktar ma beda jsir devot u tikber fih il-fiduċja, wara li kiseb dawn il-benefiċċji bl-interċessjoni tal-qaddis, għadda ħafna ħin fit-talb imħeġġeġ flimkien ma' xi patrijiet li kienu jgħinuh bit-talb tagħhom[86]. Kemm minħabba l-kotra kbira ta' nies li ġew, kif ukoll minħabba l-festa u l-ħafna mirakli ta' l-għaġeb li kienu qed isiru, Fra Bernardino, wara li b'uġigħ kbir neħħa minn ħalqu kwantità ta' materja, kiseb mill-ġdid is-saħħa perfettament. Beda, għalhekk, jgħanni t-tifħir lil Alla u lill-qaddis, u b'vuċi għolja intona l-antifona tal-Verġni glorjuża: *Sliem għalik, sultana tal-ħniena*[87]. 7 U aħna, li sirna nafu b'dan il-miraklu ta' l-għaġeb, ilkoll mimlijin stagħġib u ferħ, ġrejna flimkien mal-ministru provinċjal, li f'dawk il-jiem inzerta kien magħna d-dar[88]. Flimkien mal-patrijiet komplejna nkantaw l-antifona sa l-aħħar.

---

86 Skond il-*Chronicon de Lanercost,* 147, nafu li dan fra Bernardino kien qala' mill-ministru provinċjal tiegħu l-permess li jmur Padova akkumpanjat mill-patrijiet ħutu tal-provinċja reliġjuża tiegħu.

87 Antifona marjana magħrufa, miktuba fi proża ritmika, u attribwita lil raħeb minn Reichenau, Ermanno Contractus (†1054). L-aġġettiv *mater* (omm) qabel *misericordiae* żdied mis-seklu 13 'il quddiem. Cfr. I. CECCHETTI, *Salve Regina*, in *Enciclopedia Cattolica,* X,1719-1721.

88 Il-*nos* (aħna) jindika li min qed jikteb kien parti mill-fraternità tal-kunvent ta' Sant'Antnin f'Padova. Il-ministru provinċjal kien Bartolomeo Mascara minn Padova, *magister* tat-teoloġija u inkwiżitur, fis-snin 1289-1299.

## 21 FRA CAMBIO MFEJJAQ B'MIRAKLU

[568] 1 Cambio[89], patri tal-provinċja tar-Romania[90], mar Bologna għand tabib magħruf ħafna, bit-tama li jitfejjaq minn ernja gravi li kienet ilha titturmentah snin. 2 Il-fetqa kienet perikoluża għall-aħħar. Minkejja li l-marid, għal seba' snin jew aktar, kien jilbes ċintorin tal-ħadid biex l-imsaren ma joħorġux barra, b'danakollu kienu jinżlulu bi kwantità. Kien hemm il-biża' li, bil-piż tagħhom, jiġbdulu l-oħrajn ukoll. Li kellu jiġri hekk, ma kienx ikun aktar possibbli, bir-riżorsi tal-mediċina, li jqegħduhomlu f'posthom.

3 Ġara, iżda, li dan il-patri kien qed jieħu sehem fil-festi solenni li matulhom seħħew il-mirakli li għadna kemm irrakkontajna u ħafna oħrajn ukoll. 4 Meta ra taħdem hekk il-qawwa divina, mimli fiduċja u devozzjoni, resaq lejn l-Arka ta' l-imqaddes Antnin. Ma setax jidħol taħt l-Arka, bejn il-kolonni li jsostnuha, kemm minħabba l-kotra ta' morda kif ukoll minħabba l-folol tan-nies. Seta' biss, b'ansjetà kbira, itawwal idu l-leminija u jmiss l-Arka. 5 Ħaġa ta' l-għaġeb! Kif appena ġibed idu lura wara li mess l-Arka qaddisa u xeħetha fuq dawk il-boroż jiddendlu b'mod li jbeżżgħek, kif dik l-id imlibbsa minn qawwa divina messithom, l-imsaren mall-ewwel bdew jiċċaqilqu u jieħdu posthom. 6 Meta ra dan, il-patri ma waqafx, anzi kompla jagħfas b'saħħa u jgħollihom bil-mod il-mod, sakemm fl-aħħar kollox ġie għan-normal.

7 Hu kompla jagħfas iż-żona fejn kien hemm il-fetqa, u wara ftit saret reżistenti għall-aħħar b'saħħa misterjuża. Skond kif qalli l-istess patri, ġbinu ma kienx aktar solidu minn dik il-parti. 8 Dan il-fejqan kabbar ħafna fih id-devozzjoni lejn il-qaddis. Bil-ħsieb li jkun jista' jaqdih b'żelu akbar, wara ħafna talbiet qala' l-permess li jissieħeb fil-provinċja reliġjuża ta' Padova.

---

89 Fl-edizzjoni latina nsibu d-data MCCXCIII (1293). Ir-*Rigaldina* tikkonferma li dan il-fatt seħħ f'din is-sena.

90 Ir-*Rigaldina* 11,6 tgħid: *de provincia Romanie*. Il-*Chronicon de Lanercost*, 149, jgħid: *frater quidam iuvenis, de provincia Romanie, origine tamen Bononiensis*. Bil-provinċja tar-Romania hawnhekk wieħed jifhem il-provinċja reliġjuża minoritika fl-imperu ruman tal-lvant, li fil-kapitlu ġenerali ta' l-1263 kienet ġiet mifruda mill-*administratio* ta' l-Art Imqaddsa. Dan fra Cambio, mela, kien x'aktarx ġej mill-Greċja.

## 22 FIS-SENA 1278 MARTINO ĠIE MEĦLUS MINN ĦAKMA DJABOLIKA

[569] 1 Il-ġrajja li se nsemmu seħħet fix-xahar ta' Frar tas-sena tal-Mulej 1278 fid-djoċesi ta' Vicenza, f'pajjiż imsejjaħ Castegnero. Żewġ nekromanti kienu qed ifittxu teżor, daħlu fid-dar tas-sinjur Giovanni dal Pozzo u għamlulu magħmul. 2 Meta lestew, wieħed qaddej ta' l-imsemmi sinjur Giovanni, li kien jismu Martino, wara li ħarġu mid-dar in-nekromanti, daħal u ra li d-dar kienet invażata b'kotra ta' annimali u tjur. 3 Fost l-annimali li kien hemm, spikkaw tliet żwiemel bil-qrun qishom bdabat; dawn kienu jarmu n-nar minn ħalqhom u minn wara. Riekbin fuqhom kien hemm tliet irġiel ta' dehra li tkexkxek. F'idejhom kellhom lembuba kbira u wiċċhom imdawwar lejn denb iż-żiemel.

4 Quddiem din id-dehra, Martino nħakem sewwa mill-biża'. Xtaq kieku jimmarka ġbinu bis-sinjal tas-salib, imma ma rnexxilux. Dan għax xi wħud minn dawk l-annimali bdew jagħfsulu idejh hekk li lanqas biss seta' jtellagħhom lejn wiċċu biex irodd is-salib. 5 Beda, għalhekk, jitlob u jirrikmanda ruħu lil Alla, lill-Verġni mbierka u lill-imqaddes Antnin biex ma jħalluhx imut mgħaffeġ. Ħareġ mid-dar u erħielha lejn il-pjazza ewlenija. 6 Iżda ħafna minn dawk l-annimali u tjur marru warajh. Hemm fil-pjazza sawtuh, irwewlu lsienu hekk li lanqas biss seta' jlissen kelma. Wara ftit tilef ukoll id-dawl ta' għajnejh.

7 Meta, hekk kif kien, ħaduh lura d-dar tas-sinjur tiegħu, Martino la seta' jitkellem u lanqas jara. Baqa' f'dik il-qagħda ta' niket sa l-Erbgħa qabel Ħamis ix-Xirka[91]. 8 Deherlu l-imqaddes Antnin li f'idejh kellu salib ta' dija u sbuħija meraviljuża[92]. Il-qaddis farrġu u ħeġġu jkompli jittama f'Alla, għax il-Mulej, li lilu kien irrikmanda ruħu, żgur kien se jfejqu mill-mard tiegħu. 9 Imbagħad, bil-ġesti li għamel wera li xtaq li joħduh ħdejn l-Arka ta' l-imqaddes Antnin. Lil dan l-iżventurat ħaduh riekeb fuq ħmar u wasal Padova lejlet Ħamis ix-Xirka.

10 Ixteħet taħt l-Arka jitlob l-għajnuna ta' l-imqaddes Antnin. Għall-ħin tal-Kumpieta reġa' beda jitkellem. L-għada, jum l-aħħar

91 Fl-1278 Ħamis ix-Xirka ħabtet fl-14 ta' April.

92 Dan hu dettall ikonografiku oriġinali, li ma tantx ġie applikat fl-arti figurattiva ta' Sant'Antnin. Imma jeżisti dan id-dettall fl-arazz tas-seklu 15 imħares fis-Sacro Convento ta' Sant'Antnin f'Padova, don tal-Papa Franġiskan Sistu IV.

ċena tal-Mulej, waqt il-kant tal-quddiesa tal-komunità, ħa lura d-dawl ta' għajnejh. Lura d-dar mar qawwi u sħiħ kif kien qabel. 11 Nhar il-festa ta' San Ġorġ[93], waqt li l-patrijiet minuri kienu qed jippriedkaw fil-pajjiż li diġà semmejna, taw ix-xhieda tagħhom il-membri tal-kleru u l-fidili. Kollha kienu rawh qabel, meta kien f'saħħtu, rawh ukoll meta safa agħma u mutu, u fl-aħħarnett meta b'mod perfett ħa lura saħħtu mill-ġdid[94].

93 Dik is-sena jum San Ġorġ (23 ta' April) inzerta kien is-Sibt ta' l-Ottava ta' l-Għid il-Kbir.

94 Il-miraklu tar-raġel sfigurat mid-demonji hu rakkontat ukoll fir-*Rigaldina* 11,51-61, u b'mod imqassar fil-*Liber miraculorum* 57.

# IL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN TA' PADOVA
## jew
# «LEGENDA RIGALDINA»
## miktuba minn Franġiskan Giovanni Rigaldi
## (tmiem is-seklu XIII – bidu tas-seklu XIV)

## INTRODUZZJONI

L-awtur tal-*Legenda Rigaldina* hu Giovanni Rigaldi, mid-djoċesi ta' Limoges fi Franza. Skond xhieda ta' kontemporanju, id-Dumnikan Bernard de Guy, fl-opra tiegħu *Speculum sanctorale:* "Din il-kitba li ġejja dwar Sant'Antnin aħna ġbarniha f'kompendju minn leġġenda li kitibha r-reliġjuż fra Giovanni Rigaldi, mid-djoċesi ta' Limoges, u li wara sar isqof ta' Tréguier". Nafu li dan Giovanni Rigaldi miet fl-1323, imma ma nafux id-data tat-twelid tiegħu. Fil-leġġenda tiegħu hu jgħid li meta daħal fl-Ordni kienu għadhom ħajjin bosta patrijiet li kienu ltaqgħu ma' Sant'Antnin meta dan kien kustodju ta' Limoges. Issa Sant'Antnin kien f'Limoges fl-1226, meta kellu 31 sena. Jekk il-patrijiet li kienu jafuh kienu għadhom żgħażagħ, nistgħu nikkonkludu li Rigaldi twieled qrib is-sena 1250 u daħal fl-Ordni qrib l-1268, meta kellu 18-il sena. Dan għaliex il-Kostituzzjonijiet ta' Narbonne ta' l-1260 kienu jipprojbixxu d-dħul ta' novizzi fl-Ordni qabel ma jkollhom din l-età.

Rigaldi sar saċerdot u konfessur. Studja t-teoloġija, forsi wkoll f'Pariġi, u laħaq il-grad ta' duttur u *magister* fit-teoloġija. Kien lejn tmiem is-seklu 13 li Rigaldi iddeċieda li jikteb kompendju tat-tifkiriet ta' Sant'Antnin fir-reġjun ta' Limoges. Hu kellu f'idejh l-opra ta' Pietro Raymundi, li kien miet fl-1297. Fuq kollox, kien midħla sewwa tal-*Vita Secunda* ta' Julian minn Speyer, li kienet it-*textus receptus* fl-ambjent liturġiku-devozzjonali.

Fl-1301 Rigaldi mar Assisi biex iqim il-qabar ta' San Franġisk. Fil-*Compendium theologie pauperis fratis Minoris* jikteb: "Jiena smajt

bosta jitkellmu dwar dan li se nikteb dwaru meta kont fil-kunvent tal-Porziuncola, qrib Assisi, fejn l-imqaddes Franġisku kien ta bidu għall-Ordni tal-patrijiet Minuri, u fejn kien telaq minn din id-dinja għand il-Missier. Jiena, għaldaqstant, imqanqal mid-devozzjoni, mort inżur dan il-post fis-sena tal-Mulej 1301". Imbagħad jirrakkonta miraklu li kien sar jaf bih u li kien marbut ma' l-indulġenza tal-Porziuncola.

Nafu wkoll li Giovanni Rigaldi kien sar penitenzier papali. Mhux biss, imma fil-21 ta' Frar 1317, il-Papa Ġwanni XXII (1316-1334) innomina lil Rigaldi bħala isqof ta' Tréguier fi Bretagne, fil-provinċja ekkleżjastika ta' Tours. Wara biss sitt snin, fl-1323 Rigaldi miet meta kien jinsab fil-kurja papali f'Avignon, u ġie midfun fil-knisja tal-Franġiskani ta' Avignon.

Iż-żmien ta' Rigaldi kien wieħed mimli tensjoni fl-Ordni u fil-Knisja. L-Ordni Franġiskan kien għaddej mill-kriżi tal-firda bejn il-*Communitas Ordinis* u li *Spiritwali*. Fl-istess żmien faqqgħet ukoll il-kriżi dwar il-faqar ta' Kristu u l-appostli bejn il-ministru ġeneral Michele Fuschi da Cesena u l-istess Papa Ġwanni XXII.

Il-personalitajiet li spikkaw bħala mexxejja ta' li *Spiritwali* fil-Marche u fi Provence kienu Ugo di Digne († c.1255), Pier di Giovanni Olivi († 1298), Ubertino da Casale († c.1329), u Angelo Clareno († 1337). It-teoriji eskatoloġiċi tagħhom kienu jirriflettu l-kitbiet ta' l-abbati Gioacchino da Fiore († 1202). Il-Papa Ġwanni XXII ikkundanna formalment li *Spiritwali* fil-bolla *Gloriosam Ecclesiam* tat-23 ta' Jannar 1318.

Fil-kapitlu ġenerali ta' Perugia ta' l-1322, Michele da Cesena u l-patrijiet kapitulari iddeċidew li jqisuha bħala artiklu ta' fidi d-duttrina tal-faqar assolut ta' Kristu u l-appostli, li ma kellhomx proprjetà. B'hekk l-għażla tal-patrijiet Minuri li riedu jgħixu l-faqar b'dan il-mod kienet tidher taqbel perfettament ma' dik ta' Kristu. Imma l-Papa Ġwanni XXII kien jaħsibha mod ieħor, u ma setax iniżżel kif il-patrijiet Minuri, li kienu jgħidu li kienu foqra u bla proprjetà, setgħu ikollhom knejjes, kunventi u bibljoteki fl-universitajiet, billi jappellaw għas-Sede Apostolika bħala dik li żżomm il-proprjetà tagħhom, filwaqt li huma jagħmlu biss użu fqir (*usus pauper*) minn dawn il-mezzi. Dan l-isfond storiku hu importanti nkunu nafuh biex nifhmu wkoll l-ambjent li fih Giovanni Rigaldi kiteb il-*Legenda Rigaldina*.

Dwar il-personalità ta' Rigaldi nistgħu ngħidu li kien patri ta'

ħajja spiritwali intensa u bniedem ta' prudenza kbira. Wieħed japprezza l-użu abbundanti li jagħmel ta' vrus mill-Iskrittura fil-leġġenda tiegħu. Rigaldi jagħti lil Sant'Antnin bixra Franġiskana b'mod markat, ħafna aktar mill-*Vita Secunda*, li minnha jiddependi ħafna. Bniedem li kien jaf iħaddem il-pinna, u forsi wkoll għaref fil-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, li mhux l-ewwel darba jikkwotahom fil-leġġenda ta' Sant'Antnin. Biżżejjed ngħidu li, fil-perjodu 1300-1315, Rigaldi kiteb almenu ħames opri differenti. Dawn huma il-*Vita beati Antonii (Legenda Rigaldina)*, il-*Formula confessionum*, il-*Compendium theologie pauperis fratris Minoris*, bħala riżultat tal-pellegrinaġġ li għamel fil-Porziuncola fl-1301, it-trattat *De expositione Misse*, u diversi *Sermones*.

Il-*Legenda Rigaldina* għandha diversi fonti li tiddependi minnhom. L-aktar waħda importanti hi l-*Vita Secunda* ta' Julian minn Speyer. Fuq 11.173 kliem fil-leġġenda, 1.577 huma meħudin direttament mill-*Vita Secunda*. Rigaldi jiddependi wkoll mil-*Legenda Maior* ta' San Bonaventura. Dan jidher b'mod partikulari fit-trattat dwar il-virtujiet li nsibuh fil-kapitli 9-12 tar-*Rigaldina*, u li jixbaħ il-mod kif Bonaventura jitkellem dwar il-virtujiet ta' San Franġisk. Mil-*Legenda Raymundina* r-Rigaldi wkoll jieħu diversi elementi, l-aktar fatti mirakolużi, u l-istudjużi ħolqu wkoll *sinossi* bejn iż-żewġ leġġendi li inkitbu kważi fl-istess perjodu ta' żmien.

Mhux ta' min jinsa' li r-*Rigaldina* inkitbet preċiżament għall-pubbliku tar-reġjun ta' Limoges fi Franza. L-awtur hu interessat fil-Franġiskaneżimu ta' dawn l-inħawi ta' Franza, li kellu x-xorti jara fih, x'aktarx għal sentejn (1226-1227) il-preżenza u l-mirakli ta' Sant'Antnin, li kien kustodju ta' Limoges. Fl-istess ħin, minn persunaġġ Franġiskan li Rigaldi jsejjaħlu "kustodju ta' San Ġakbu", hu ħa diversi tifkiriet ta' Sant'Antnin meta kien għadu jgħix fil-Portugal bħala kanonku regolari ta' Santu Wistin. Insibu informazzjonijiet oriġinali dwar fatti marbutin ma' Antnin u mirakli magħmulin mar-reġina Orraca tal-Portugal.

Mill-*Officium Rhythmicum* li Julian minn Speyer kiteb kemm għal San Franġisk kif ukoll għal Sant'Antnin, Rigaldi jieħu diversi espressjonijiet liturġiċi biex japplikahom fil-leġġenda tiegħu, l-aktar fil-kapitli 10 u 11. Fil-kapitlu 12, iddedikat għall-mirakli li jseħħu bl-interċessjoni ta' Sant'Antnin, Rigaldi jikkwota, kelma b'kelma, strofi mill-innu tal-Lawdi fl-*Officium Rhythmicum* ta' Sant'Antnin. Ma nafux jekk Rigaldi kienx jaf bil-*Legenda Assidua*, għalkemm hemm xi

espressjonijiet li jixbħuha, imma li x'aktarx li Rigaldi ġabarhom aktar mill-*Vita Secunda*.

Interessanti l-użu li hu jagħmel mill-Bulla ta' Kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, *Cum dicat Dominus* tal-Papa Girgor IX (*Bullarium Franciscanum* I,79b-81b). X'aktarx li hu seta' jikkonsultaha fl-arkivju-bibljoteka tal-Minuri ta' Toulouse jew ta' Limoges. Riferiment espliċitu għal din il-bulla nsibuh fir-*Rigaldina* 10,65, fejn tissemma indulġenza ta' sena mogħtija lid-devoti li jżuru l-qabar ta' Sant'Antnin fit-13 ta' Ġunju u fl-ottava tiegħu. Rigaldi jikkwota wkoll silta mis-*Sermones Dominicales* ta' Sant'Antnin fir-*Rigaldina* 7,3b-4, u jidher li kien midħla ta' xi manuskritt li kien iġib dawn il-priedki. Fl-aħħarnett hemm diversi riferimenti għal fonti liturġiċi u patristiċi.

Qabel nikkonkludu, nieqfu fuq l-immaġini ta' Sant'Antnin li nsibu fir-*Rigaldina*. Qabel xejn l-awtur jagħmel diversi interpretazzjonijiet fuq l-isem *Antonius*. Isejjaħ lil Antnin "imbierek", "qaddis", "bniedem umli", "bniedem sempliċi u mill-aktar umli", "bniedem li jixraqlu kull ġieħ, imbierek b'kull virtù u grazzja". Interessanti l-aġġettiv *felix,* "hieni", li jiġi applikat għal Sant'Antnin: *felix Fernandus; felix magistrum; felix filius; felix predicator; felix et devotus familiaris Virginis; felix Christi famulus*./ Antnin jiġi muri bħala imitatur perfett tas-salib ta' Kristu u martri tax-xewqa (*O martyr desiderio*). L-aġġettivi li jintużaw biex jiddiskrivu lil Antnin huma tassew abbundanti: *amator* (maħbub), *benedictus* (imbierek), *confessor* (konfessur), *custos* (kustodju), *dilector* (maħbub), *discipulus* (dixxiplu), *examplar* (eżempju), *familiaris Virginis* (ħabib tal-Verġni [Marija]), *famulus* (qaddej), *fidelis* (mimli fidi), *filius* (iben), *frater* (fra), *miles Christi* (kavallier [suldat] ta' Kristu), *nuntius* (ħabbâr), *pater* (missier), *preco* (xandâr), *predicator* (predikatur), *sacerdos* (saċerdot), *servus Dei* (qaddej ta' Alla), *sonus* (ħoss ta' ragħda), *speculum* (mera), *Spirito Sancto plenus* (mimli bl-Ispirtu s-Santu), *tuba* (tromba), *viator sacer* (vjaġġatur imqaddes), *vox* (leħen), *zelator* (imħeġġeġ).

Antnin hu tawmaturgu li jagħmel għeġubijiet diġà f'ħajtu, u aktar u aktrar wara mewtu. Rigaldi jirrakkonta 24 episodji mirakolużi attribwiti lill-interċessjoni ta' Sant'Antnin, li 14 minnhom seħħew meta l-qaddis kien għadu ħaj. Interessanti r-rakkont tal-miraklu tal-bilokazzjoni f'Limoges (6,24-30), l-ewwel darba li jissemma dan id-don straordinarju fil-Fonti aġjografiċi Antonjani. Antnin hu l-ħaddiem li ma

jehda qatt fl-impenn tiegħu ta' evanġelizzatur li jikkonverti saħansitra l-eretiċi.

L-eqdem manuskritt tar-*Rigaldina* hu l-Ms. 270 ta' Bordeaux, tas-seklu 14. L-ewwel edizzjoni tar-*Rigaldina* fi żminijiet moderni kienet dik ta' Ferdinand Delorme fl-1899 (*La vie de Sainte Antoine de Padoue per Jean Rigauld frère mineur, évêque de Tréguier, publiée pour la première fois (texte latin et traduction) par le P. Ferdinand-Marie d'Araules, d'après un manuscrit de la bibliothèque de Bordeaux,* Bordeaux et Brive 1899). Edizzjoni aktar reċenti hi dik ta' Giuseppe Abate (*Le fonti biografiche di Sant'Antonio. VI. La «Vita beati Antonii de ordine fratrum Minorum» di fra Giovanni Rigaldi (inizi sec. XIV),* in *Il Santo* 10 (1970) 35-38 [Introduzione], 38-77 [Testo critico]).

Rigaldi jibqa' prezzjuż għal kliem ta' tifħir li jinseġ lil Sant'Antnin, taħt forma ta' stil ta' paneġierku: "Ifraħ, mela, o Padova hienja, għax int għandek teżor ... Ifraħ int ukoll, hieni Antnin, li bl-akbar sinċerità maqdart id-dinja, u mxejt it-triq tal-perfezzjoni taħt it-tmexxija tar-regola ta' l-imqaddes Wistin; u mbagħad, bil-ħsieb li tasal għall-palma tal-martirju, ridt tilbes it-tonka u tħażżem ġenbejk bil-kurdun tal-fqajjar Franġisku" (*Rigaldina* 10,67-68).

# IL-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN TA' PADOVA
jew
# «LEGENDA RIGALDINA»
miktuba minn Franġiskan Giovanni Rigaldi
(tmiem is-seklu XIII – bidu tas-seklu XIV)

TIBDA L-ĦAJJA TA' SANT'ANTNIN
TA' L-ORDNI TAL-MINURI
MIKTUBA MINN FRA GIOVANNI RIGALDI
TA' L-ISTESS ORDNI

## 1 PROLOGU

[570] 1 Fil-jiem li fihom Alla beda jdawwal id-dinja bit-tagħlim u l-eżempju ta' Franġisku, li kien iġorr is-sinjal ta' Kristu[1], kien hemm raġel ta' ħila li jistħoqqilha kull ġieħ, mogħni b'kotra ta' virtujiet u bil-grazzja divina. Fiż-żmien meta kien jgħix taħt ir-regola tal-kanoniċi regolari kien magħruf bl-isem ta' Fernando. Dan kien l-isem li tawh il-ġenituri meta ħasluh fil-fonti mqaddes tal-magħmudija. Meta 'l quddiem ħaddan ir-regola tal-patrijiet Minuri beda jissejjaħ Antnin. F'dawn iż-żewġ stati hu rċieva bil-kotra n-nida tal-grazzja divina. Dan jidher b'mod aktar ċar waqt il-qari tar-rakkont ta' ħajtu.
[571] 2 Sant'Antnin għex għal xi żmien fil-kustodja ta' Limoges, jaqdi l-uffiċċju ta' kustodju[2]. F'dak iż-żmien Alla nqeda bih biex jagħmel xi mirakli. Sa mill-bidunett tad-dħul tiegħu fl-Ordni, jien sirt naf b'dawn il-mirakli mix-xhieda ta' patrijiet magħrufa għall-qdusija tagħhom.

---

1 Rigaldi juri viżjoni universali tal-Kattoliċità, imma mall-ewwel jispeċifika l-iskop ta' l-opra tiegħu. Fi qbil mar-*Raymundina*, Rigaldi jieħu ħsieb li jitkellem dwar ir-rabta ta' Antnin ma' San Franġisk u l-esperjenza evanġelika tiegħu.

2 Sant'Antnin kien kustodju f'Limoges madwar is-sena 1226. Ma nafux kif hu kien ġie magħżul għal dan l-inkarigu, u lanqas għaliex ħallih biex reġa' lura fl-Italja.

3 Dawn jien ma sibthomx imdaħħlin fil-Ħajja tiegħu[3], fil-lista tal-mirakli li Antnin għamel f'ħajtu. Għalhekk ridt niġborhom bil-miktub, u dan m'għamiltux misjuq minn preżunzjoni. Ħassejtni mbuttat mid-devozzjoni lejn il-qaddis, għax ma xtaqtx li, bil-mod il-mod, it-tifkira tagħhom tintilef mill-memorja tal-patrijiet. Barra dan, ridt inħeġġeġ għall-qima aktar ħajja lejn il-qaddis l-intelliġenza ta' dawk li jisimgħu.

[572] 4 Bil-ħsieb li aktar faċilment min jaqra jkun jista' jsib l-argumenti li se nesponi bl-ordni li jixraq, qassamt din il-Ħajja f'għaxar taqsimiet, jew kapitli żgħar.

5 Fl-ewwel kapitlu nikteb dwar l-imġieba tiegħu meta kien għadu jgħix fid-dinja.

6 Fit-tieni, dwar il-ħajja reliġjuża li għex mal-kanoniċi regolari.

7 Fit-tielet, dwar il-kawżi u l-motiv li ġiegħluh jidħol fl-Ordni tal-patrijiet Minuri.

8 Fir-raba', dwar kif bidel ismu u mar fl-art tal-pagani infidili.

9 Fil-ħames, dwar l-umiltà ta' l-għaġeb tiegħu, u kif Alla kien jaqtagħlu xewqatu.

10 Fis-sitta, dwar il-faqar kbir li kien jgħix u kif Alla, b'mod ta' l-għaġeb, kien jagħmel tajjeb għal kull bżonn tiegħu.

11 Fis-seba', dwar it-talb imħeġġeġ tiegħu, u kif kienu jiġu mismugħa l-aspirazzjonijiet tiegħu.

12 Fit-tmienja, dwar il-predikazzjoni famuża tiegħu u d-don li jagħmel il-mirakli.

13 Fid-disa', dwar il-mewt u l-kanonizzazzjoni, jew kif ismu tniżżel fil-lista tal-qaddisin.

14 Fl-għaxar kapitlu, dwar il-mirakli li saru wara l-mogħdija glorjuża tiegħu.

---

[3] Dan hu riferiment għall-*Vita Secunda* ta' Julian minn Speyer, li fl-Ordni tal-Minuri kienet magħrufa bħala leġġenda liturġika.

## 2 DWAR L-IMĠIEBA TIEGĦU MATUL IS-SNIN LI GĦADDA FID-DINJA

L-ewwel kapitlu

[573] 1 *Bħall-kewkba ta' filgħodu tiddi qalb is-sħab* (Sir 50,6), hekk Antnin deher jiddi fid-dinja. 2 *Is-siġra tingħaraf mill-frott tagħha* (cfr. Mt 12,33), u l-pjanta minn għeruqha. Bħal dawk ta' San Ġwann il-Battista, il-ġenituri ta' Antnin *kienu nies ġusti quddiem Alla* (Lq 1,6). Dejjem imxew fit-triq tal-preċetti tal-Mulej bla ma qatt ħarġu minnha. Kienu fl-aħjar ta' żogħżithom, u tfal ma kellhomx, meta mbagħad taw id-dawl lil dan l-iben li fetaħ qisu fjura mill-isbaħ[4].
[574] 3 Il-postijiet fejn it-tifel twieled, kiber u kiseb l-ewwel tagħlim meħtieġ, kienu għal Fernando bħallikieku tħabbira minn qabel tat-tjubija ta' l-għaġeb tiegħu. 4 Twieled f'reġjun li jġib l-isem ta' Portugal, bħallikieku 'dik li ġġorr u toffri s-serduq', il-Ħabbar futur tal-verità evanġelika.
[575] 5 Il-belt fejn ra l-ewwel dawl, trabba u ġie mgħallem, tissejjaħ Ulisbona, għax kellha tagħti lid-dinja Ulisse ġdid, raġel ta' dehen u għaqal mill-aktar fini. Żid ma' dan kollu t-tjubija kbira tiegħu u għalhekk kellu jkun mudell u mera ta' kull tjubija[5].
[576] 6 Fernando rċieva t-tagħlim nisrani fil-knisja tal-Verġni Mbierka, fl-istess belt, mhux bogħod wisq mid-dar fejn trabba. Hekk it-tfajjel Fernando, sa mill-ewwel snin ta' ħajtu, kellu bħala l-aqwa għalliema lil Omm Alla. Kif għad naraw aktar 'il quddiem, hi kienet għalih protettriċi setgħana matul ħajtu, u xejn anqas fi tmiemha.
[577] 7 Id-dinja qarrieqa u li malajr tgħaddi ippruvat taqbdu fix-xibka tal-pjaċiri tagħha. Imma Fernando qatt ma reħa r-riedni li jgħakksu l-konkupixxenza. Kien jgħix ħajja nadifa, u ħsiebu kien biss kif jogħġob lil Alla waħdu. Għamel ħiltu biex iwettaq il-ħin kollu matul ħajtu kliem

---

4 Rigaldi jafferma espliċitament li Fernando kien l-ewwel iben ta' ġenituri li nafu isimhom: *Martinus Alfonsus* u *Maria* mill-*Benignitas* 2,1.

5 L-isem latin *Ulixbona*, jiġi interpretat fil-kuntest ta' l-*Odissea.* Fernando l-Portugiż minn Lisbona jsir bħal Ulisse, u hekk iżomm qawwija t-tradizzjoni ta' ġensu li dejjem kien famuż għall-vjaġġaturi u esploraturi li jbaħħru fuq l-iġfna.

il-Għaref: *Jien kont tifel xortija tajba, u lili messet ruħ mill-isbaħ; jew aħjar, billi kont tajjeb, jien dħalt f'ġisem bla tebgħa* (Għerf 8,19-20).

## 3 DWAR ĦAJTU U L-MIXI 'L QUDDIEM FIX-XJENZA FIŻ-ŻMIEN LI KIEN KANONKU REGOLARI

It-tieni kapitlu

[578] 1 Kien josserva kemm huma kotrana fid-dinja dawk li jimxu fit-toroq qarrieqa tal-vizzji. Kien jagħraf ukoll li *kull ma fiha d-dinja* hu *l-ġibda tal-ġisem u l-ġibda ta' l-għajnejn u l-kburija tal-ħajja*, u li *d-dinja bil-ġibdiet tagħha tgħaddi* (1Ġw 2,16-17) malajr. U bħall-patrijarka Ġakobb għadda fis-serenità snin tfulitu f'dar il-ġenituri tiegħu. Imbagħad, bla ma qatt qies ta' siwi n-nixfa jew il-fjuri tad-dinja, qatagħha li jgħix stil ta' ħajja wisq aħjar.
[579] 2 Kien konvint li, skond l-Evanġelju, kull min irid isir kavallier perfett ta' Kristu għandu *jobgħod lil missieru u lil ommu* (Lq 14,26). Ħalla, għalhekk, il-ġenituri tiegħu u ċaħad kull dritt għall-wirt[6]; imbagħad irtira f'monasteru tal-kanoniċi regolari qrib Lisbona. Hemm libes l-ilbies reliġjuż, u impenja ruħu jgħix ħajja tal-ħarsien tar-regola ta' Santu Wistin. 3 Ix-xewqa ħerqana tiegħu kienet li jitla' l-ogħla qċaċet ta' l-għerf perfett. Għalhekk kien xieraq li jkompli l-istudji tiegħu fl-iskola ta' l-imqaddes duttur Wistin u taħt it-tmexxija tiegħu jibda *jduq kemm hu tajjeb il-Mulej* (S 33,9). Hekk fl-istess ħin, l-għaref missier Wistin ikollu l-ferħ li jgħodd fost uliedu iben għaref bħal Antnin[7].
[580] 4 B'danakollu, il-ħafna ġej u sejjer tal-ħbieb mogħtija għad-dinja ma kienx jippermettilu jgħix fis-serenità interjuri li tant kien

---

6 Id-dettall li Fernando ċaħad għall-wirt tal-familja hu element ġdid mogħti biss minn Rigaldi. L-awtur kien irċieva xi informazzjoni mill-kustodju Franġiskan ta' San Giacomo, u forsi kien jaf mingħandu dan id-dettall li juri li l-familja ta' Fernando kienet sinjura u nobbli.

7 It-tema tal-*paternitas* ta' Santu Wistin fil-ħajja ta' Sant'Antnin tidher għall-ewwel darba fl-*Ufficium Rhythmicum* u l-*Vita Secunda,* 16,3-4 ta' Julian minn Speyer. Il-*Benignitas,* 19,2, titkellem mill-ħbiberija li Antnin kellu mat-teologu Agostinjan Tommaso di Vercelli. Ir-*Rigaldina* turi wkoll l-influssi Agostinjani fuq l-ispiritwalità u d-duttrina ta' Antnin, cfr. 10,68: *te primo informaveras sub Regula beati Augustini*.

imxennaq għaliha. Għamel bħal *Abraham, ħalla artu u l-familja tiegħu* (cfr. Ġen 12,1). 5 Wara li, b'ħafna taqtigħ il-qalb, qala' l-permess tas-superjur tiegħu – għax tabilħaqq kollha kienu jħobbuh għall-qdusija u t-tjubija kbira tiegħu – mar jgħix f'monasteru ieħor ta' l-istess Ordni: il-monasteru tas-Salib Imqaddes f'Coimbra. B'hekk wera mħabbtu għall-paċi tal-qalb u l-perfezzjoni reliġjuża u ż-żelu ta' mħabba għas-salib. 6 Billi kien iħobb il-Kurċifiss u s-sinjali tas-salib, Antnin għaġġel, dejjem fi qbil mad-disposizzjonijiet ta' l-ogħla għerf, li jidħol fil-misteri tas-salib u f'għamara ikkonsagrata lis-salib[8].

[581] 7 F'dak l-ambjent ġdida, mexa 'l quddiem f'kull qasam tal-perfezzjoni u tal-pjetà. Taħt l-ispirazzjoni ta' Dak li ma jeħtieġx żmien twil biex jgħallem, kiseb l-armi li ma jiġux megħluba, tad-dutturi u ta' Missirijiet il-Knisja. Hekk hu seta' jesponi u jiddefendi l-verità ċerta tal-fidi kontra l-eretiċi. 8 U ġara li l-qaddis, magħżul minn Alla u li għall-imħabba tiegħu telaq kollox, irċieva mingħandu kotra ta' doni ta' dawl; il-memorja kienet isservih bħallikieku bibljoteka. Fi żmien qasir *imtela sax-xifer bl-ispirtu ta' l-għerf* (cfr. Sir 15,4-5)[9].

## 4 DWAR IL-KAWŻA U L-ISKOP LI ĠIEGĦLUH JIDĦOL FL-ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI

### It-tielet kapitlu

[582] 1 Kienu dawk is-snin li matulhom l-imqaddes Franġisku, bil-ħajja u t-tagħlim tiegħu, kien qed idawwal id-dinja, bħalma ddawwalha

---

8 L-aġjografu jidher li għandu mħabba speċjali lejn it-tema ta' l-imħabba u l-imitazzjoni ta' Kristu msallab, fl-ispiritwalità ta' San Franġisk u d-dixxipli tiegħu. Dawn l-espressjonijiet jidwu bil-kliem ta' l-innu liturġiku ta' Venenzius Fortunatus: *Vexilla regis prodeunt / Fulget crucis mysterium*.

9 Espressjoni meħuda mill-antifona ta' l-introjtu tal-Quddiesa tal-komun tad-Dutturi fil-Missal Ruman: *et implevit eum Dominus spiritus sapientiae*. Dawn l-espressjonijiet isegwu dak li diġà kien kiteb l-awtur ta' l-*Assidua* 4,6, li ried juri l-kapaċità straordinarja tal-memorja ta' Antnin. L-istess ħaġa kien kiteb Sant'Atanasju fil-*Vita Antonii,* cap. I,3: PG 26,846: *ita attentus erat lectioni, ut nihil sibi scriptorum exciderat, sed retineret omnia; ita ut ipsi deinde memoria librorum loco esset*.

x-xemx[10]. L-Ordni ġdid tiegħu, waqt li ħalla *l-mod qadim* tal-ħajja, għarraf lid-dinja ideal *tal-bniedem il-ġdid* (cfr. Ef 4,22-23; Kol 3,9-10), billi xerred ma' kullimkien il-fwieħa ta' l-eżempji t-tajba. Kotra ta' patrijiet Minuri, kollhom xewqa ħerqana għall-martirju, marru fl-artijiet ta' l-infidili. Il-ħsieb tagħhom kien jew li jrattbu l-ebusija tagħhom u jaċċettaw il-madmad tal-fidi nisranija; jew jiksbu l-palma tant mixtieqa tal-martirju għal Kristu. 2 Xi wħud minnhom ġew il-Marokk u hemm xandru pubblikament, bħala atleti ta' qawwa kbira, il-fidi ta' Kristu. Iżda maħsudin mix-ximitarra tal-pagani, glorjożament xerrdu demmhom għal Kristu[11].

[583] 3 Pedro *Infante*, persunaġġ ta' setgħa u li jixraqlu kull ġieħ, xerred ma' Spanja kollha l-aħbar tal-mirakli kbar u ta' l-għaġeb ta' dawn il-qaddisin, għeġubijiet li wettaq ir-Re glorjuż tal-martri fit-trijonf glorjuż tagħhom[12]. Il-Prinċep ġarr miegħu l-fdalijiet glorjużi tagħhom, u ma kienx jgħejja jtenni li, grazzi għall-merti ta' dawn il-qaddisin, irnexxielu jeħles minn perikli kbar u kollha qerq.

[584] 4 Il-mewt u r-rebħa qaddisa ta' dawn il-martri, u l-mirakli li saru bl-interċessjoni tagħhom, qajmu emozzjoni straordinarja u l-fama ġriet ma' kullimkien. Waslet b'mod speċjali f'widnejn Fernando, li wera ruħu donnu *żiemel kollu ħeġġa, lest għal nhar it-taqbida* (cfr. Prov 21,31), *iljunfant imqanqal quddiem l-għasir ta' l-għeneb, lest għall-ġlied* (cfr. 1Mak 6,34). 5 Bla telf ta' żmien fassal il-pjan tiegħu u qatagħha li jilbes l-ilbies fqajjar Franġiskan. Ix-xewqa tiegħu kienet li jkun jista' jgħix

10 Mill-Prologu (1,1: *Deus illustrare inchoaverat mundum signiferi Christi, Francisci, monitis et exemplis*) sa l-Epilogu (12,2) fejn jidher San Franġisk fit-talba magħmula lil Sant'Antnin: *ad tuum et pii patris Francisci consortium veniamus*, tidher ċara l-insistenza ta' l-aġjografu fuq il-karattru Franġiskan tas-sejħa u l-ħajja ta' Sant'Antnin.

11 Nistagħġbu kif la Bonaventura, fil-*Legenda Maior*, u lanqas Tommaso da Celano, fit-triloġija tiegħu, ma jagħmlu l-iċken aċċenn għall-Protomartri Franġiskani. Imma nafu kemm dawn il-qaddisin kellhom importanza fl-għeruq tal-vokazzjoni Franġiskana ta' Sant'Antnin: il-martirju tagħhom jikkostitwixxi l-kawża diretta tad-deċiżjoni tiegħu li jsir patri Minuri. Hekk dan il-fatt jissemma b'mod distint fil-leġġendi kollha Antonjani, ibda mill-*Assidua* 5,1; *Iuliana* 1,9-11; *Ufficum Rhythmicum* 11,1-2 Responsorji; *Dialogus* 3,11; *Benignitas* 3 u 4,1; *Raymundina* 2,1-7 u 4,1, u *Rigaldina*.

12 Cfr. innu ta' Rabano Mauro, *Sanctorum meritis inclita gaudia*, u innu ta' l-Anonimu, *Rex gloriose martyrum.*

l-istess ħajja ta' dawn il-martri. Il-ħsieb tiegħu kien ukoll li bħalhom jikseb il-palma tal-martirju. 6 Kien jgħid: *Se nbiddel ħwejġi qabel ma niġi għall-battalja* (2Kron 18,29).
[585] 7 O martri tax-xewqa, Antnin, li ridt timita l-mewt ta' dawn il-martri! 8 Għad li s-sejf tal-persekutur ma neħħilekx ħajtek, ir-ruħ glorjuża tiegħek ma tilfitx il-palma tal-martirju. 9 Kavallier nobbli ta' Kristu, xejn ma beżżgħek is-sejf tal-qattiel, anzi aktar ħeġġek u għamlek qalbieni biex tixxennaq għall-palma tal-martirju[13].
[586] 10 Kien ilu żmien jaħseb kif seta' jwettaq il-pjan tiegħu. Issa, fl-inħawi ta' Coimbra kienu jgħixu xi patrijiet Minuri li, għall-imħabba ta' Kristu, għażlu li jgħixu ħajja fqajra[14]. Darba minnhom dawn ġew jittallbu l-karità fil-monasteru tas-Salib Imqaddes. 11 Kif appena lemaħhom, il-bniedem ta' Alla ma setax iżomm iżjed. Twarrab magħhom għal xi ftit u fetaħ qalbu magħhom dwar l-ideal tiegħu. Bl-umiltà kollha talabhom jilqgħuh bħala ħuhom fl-Ordni tagħhom. 12 Biex Franġisku ma jibqax jiġri waħdu, *fit-tiġrija tal-predikazzjoni* (cfr. 1Kor 9,24), Antnin libes il-libsa Franġiskana. Wettaq kliem il-profeta Iżaija: *Inlibbsu l-libsa tiegħek u nħażżmu bit-terħa tiegħek* (Iż 22,21).
[587] 13 Meta saru jafu b'dan, dawk l-aħwa sempliċi mtlew b'ferħ li ma jitfissirx bil-kliem. Raw li l-merħla tagħhom kienet se tikber bil-preżenza ta' ħarufa għammiela. Għall-merti ta' Franġisku l-Knisja kienet se twelled wild ġdid[15]. 14 Wara li b'ħafna tiġbid kiseb il-permess

---

13 Cfr. IULIANUS, *Officium Rhythmicum S. Francisci*, ant. ad Benedictus, 1-3: *O martyr desiderio, / Francisce, quanto studio / compatiens hunc sequeris* (AF X,385); GREGORIUS MAGNUS, *Liber respnsalis sive Antiphonarius,* In festo sancti Martini: *O Sancte Martine! Quam si gladius persecutoris non abstulit, tamen palmam martirii non amisit* (PL 78,813); *Assidua* 17,17b.

14 Fi żmien Sant'Antnin, skond id-dokumentazzjoni li għandna, kien hemm erba' kunventi tal-patrijiet Minuri fil-Portugal: Lisbona, Alenquer, Guimarães (1217) u S. Antão dos Olivais (1220). Kien il-kapitlu ġenerali ta' Mantova (1418) jew dak ta' Forlì (1421) li ħareġ digriet biex tinqasam il-Provinċja ta' San Ġakbu, li baqgħet iżżomm il-kunventi ta' Galicia u León, u minnha ħarġet il-Provinċja tal-Portugal. Cfr. F. LOPES, *Franciscanos de Portugal antes de formarem província independente. Ministros provinciais a que obedecían,* in *Archivo Ibero-Americano* 45 (1985) 447. 395.

15 Cfr. *Iuliana* 2,2a; Talba liturġika tas-solennità ta' San Franġisk: *Deus, qui Ecclesiam tuam, beati Francisci meritis, foetu novae prolis amplificas* (AF X,377).

tas-superjur tiegħu, fil-jum miftiehem dawk il-patrijiet, kollhom ferħana, marru fil-monasteru u hemm libbsu bil-libsa ta' l-Ordni tagħhom lill-qaddej ta' Alla.

[588] 15 Libes libsa mfassla għamla ta' salib dawk li kien kollu ħeġġa li jissallab għall-imħabba ta' Kristu. Tħażżem b'kurdun, hu li dejjem xtaq ikun imħażżem sewwa biċ-ċinturin ta' l-ubbidjenza għall-imħabba ta' Kristu. 16 O kavallier qalbieni, Antnin: ilqa' l-armi tas-Sultan mhux mirbuħ, Kristu! Ġorr is-salib tal-libsa tiegħek, li biha tħarrab il-qawwiet kuntrarji tad-dinja! Flok ċintura, ilbes ħabel. Marbut sewwa bih int tkun marbut mal-madmad ta' l-ubbidjenza flimkien ma' Kristu!

[589] 17 Antnin, *il-kavallier ta' Kristu* (cfr. 2Tim 2,3), libes l-armi ta' l-armata tas-sema u kien qed iħejji biex, flimkien mal-ħbieb ta' l-armi, jidħol fil-kamp tal-faqar iebes. Fid-daqqa u l-ħin, wieħed kanonku li kien il-ħabib tal-qalb tiegħu, qallu b'qalb muġugħa: "Mur, mur, għax għandek mnejn għad issir qaddis". 18 Il-bniedem ta' Alla *bis-sempliċità ta' ħamiema* (cfr. Mt 10,16), u mimli bi spirtu profetiku, wieġbu: "Meta ssir taf li jiena sirt qaddis, int tagħti tifħir lil Alla".

[590] 19 Mingħand il-kustodju ta' San Giacomo[16] sirt naf li, fil-monasteru tas-Salib, f'Coimbra, is-sodda li fuqha kien jistrieħ il-qaddis hi miżmuma bħala oġġett ta' qima. Id-devoti li jidħlu jitolbu, jirċievu ħafna grazzji.

[591] 20 Wara l-mewt qaddisa ta' Antnin u l-kanonizzazzjoni tiegħu, ir-reġina tal-Portugal mietet f'post imbiegħed tas-saltna tagħha. Il-qaddis deher lil wieħed kanonku twajjeb ta' dak il-monasteru, kellmu b'ħafna ħlewwa, u ħabbarlu l-mewt tar-reġina, kważi f'dak l-istess ħin li kienet qed tħalli din id-dinja. 21 L-informazzjoni tat riżultat tajjeb lil dak il-monasteru u hekk inħeles minn ħafna inkwiet żejjed[17].

16 Dan hu dettall li jurina li Rigaldi ma waqafx biex ikkompona l-leġġenda tiegħu minn dawk li diġà kienu kitbu leġġendi qablu, imma għamel ukoll tiftix personali. L-aħbar tal-venerazzjoni li kellu Sant'Antnin fil-*canonìa* ta' Santa Cruz wara li ġie kanonizzat ġejja minn dan il-*custos* (jew forsi kien il-ministru provinċjal) tal-Provinċja ta' Santiago de Compostella, li hu xhud ta' tradizzjoni orali dwar fatti mirakolużi marbutin ma' Sant'Antnin fl-ambjent Portugiż li, ġustament, iqisu bħala tiegħu.

17 Fil-*Passio sanctorum Martyrum in Marochio,* miktuba minn awtur Portugiż, jingħad li r-reġina Orraca kienet talbet b'insistenza lill-5 patrijiet Minuri li mbagħad mietu martri biex jitolbu lil Alla jirrivelalha kif kienet se ttemm jiemha fid-dinja. Huma qalulha li l-mewt tagħha kellha sseħħ wara s-sinjal

[592] 22 Kien f'dak il-monasteru li, l-ixxurtjat Fernando, libes il-libsa Franġiskana. Ħalla l-kanoniċi u ngħaqad mal-fraternità tal-patrijiet foqra.

## 5 KIF BIDEL L-ISEM U MAR FL-ARTIJIET TAL-PAGANI[18]

Ir-raba' kapitlu

[593] 1 Il-post fejn kienet tgħix komunità numeruża ta' aħwa[19] umli kien iddedikat lil Sant'Anton abbati. 2 Xtaq għalhekk, u talab li jinbidillu ismu. Fernando jinbidel, u jibda jissejjaħ Antnin.
[594] 3 Bil-ħaqq kollu li għall-ewwel kien iġib l-isem ta' Fernando, għax Fernando hu l-istess bħal "nard li jfewwaħ" ħafna. Iva, għax hu kien kollu ħeġġa bl-imħabba għall-martirju. Kien jixbaħ il-fwieħa ta' l-ispika li xxerred il-fwieħa ta' l-eżempji t-tajba. 4 Jew ukoll Fernando tista' tfisser dak li bil-ħabel irażżan il-ġenbejn; iħobb 'il dawk li huma għerja, u jmexxihom lejn il-verità sħiħa. Bil-ħabel, irażżan il-ġenbejn: din hi riferenza għall-ħajja pura u safja tiegħu. Iħobb lil dawk li huma

li jagħti Alla permezz tal-martirju tagħhom u d-difna f'Coimbra. Fil-fatt, wara ftit taż-żmien (*post modicum tempus*) ir-reġina mietet, skond kif kienu ħabbru l-martri. Il-konfessur tagħha, Pedro Nunhes, li kien sagristan f'Santa Cruz, kellu viżjoni bil-lejl li fiha ġie konfermat li r-reġina mietet skond it-tħabbira tal-5 patrijiet Minuri martri (cfr. AF III,583-584).

18 Ta' min jaċċetta d-diċitura medjevali li kienet tqis lill-Musulmani bħala "infidili", fis-sens li huma ma jaċċettawx il-fidi kristjana. Mill-banda l-oħra, mhux ta' min jinsa li, fl-istess żmien, il-Musulmani kienu jsejħu lill-kristjani "infidili", għax ma jaċċettawx ir-reliġjon tagħhom. Jidher stramb il-fatt li Rigaldi hawnhekk isejjaħ lill-Musulmani bl-isem ta' "pagani", jiġifieri politeisti, meta nafu li l-Islam hi reliġjon li żżomm iebes il-prinċipji tal-monoteismu. Forsi dan hu *lapsus* jew nuqqas ta' għarfien ta' Rigaldi. Rigward ir-relazzjoni bejn Kristjani u Musulmani fil-Medjuevu, cfr. G. BASSETTI-SANI, *Saraceni,* in *Dizionario francescano. Spiritualità,* Edizioni Messaggero Padova 1984, 1647-1672.

19 Ma tantx hu possibbli li l-fraternità tal-Minuri ta' Olivais kienet *multitudo*. Skond ir-*Regola pro eremitoriis* ta' San Franġisk, fl-eremitaġġ setgħu jgħixu minn 3 sa 4 patrijiet: *Illi, qui volunt religiose stare in heremis, sint tres fratres vel quattuor ad plus*.

għerja, jiġifieri li jħaddnu ċ-ċaħda u jgħixu l-faqar. Imexxi lejn il-verità, bis-saħħa tal-verità ċerta li kien ixandar.

[595] 5 Jidher ċar li l-ewwel isem li kellu kien jesprimi l-personalità tiegħu. 6 Mhux b'kumbinazzjoni li mbagħad beda jissejjaħ Antnin[20]. Tabilħaqq, bejn wieħed u ieħor Antnin donnu mnissel minn *ante tonus,* 'qabel ir-ragħda'[21], għax hu kien, qabel il-patrijiet ta' żmienu u ta' l-Ordni tiegħu li ħabbar b'leħen ta' ragħda l-ogħla veritajiet. 7 Jew, iżjed, Antnin ifissier: 'jissapporti d-djuq' u 'jinqeda b'argumentazzjonijiet nodfa'[22]. Jissapporti d-djuq biċ-ċaħdiet tal-ġisem. Jinqeda b'argumentazzjonijiet nodfa fil-predikazzjoni.

[596] 8 Jew, anke, Antnin hu l-ekwivalenti ta' 'negozjatur ta' ħila', 'xhud li jaġixxi', 'xi ħadd li jitlob bla ma jgħejja', 'xi ħadd li jsegwi b'utilità kbira'[23]. Negozjatur ta' ħila, fid-disprezz li juri għad-dinja. Xhud li jaġixxi, jiġifieri li jgħix dak li jippriedka. Jitlob bla ma jgħejja, fil-mod kif jinġabar fit-talb devot tiegħu. Xi ħadd li jsegwi b'utilità filli jimita lil Franġisku.

[597] 9 Dan ir-raġel ta' sempliċità li tgħaġġbek u ta' umiltà profonda, ried ibiddel ismu bil-ħsieb li jitwarrab minn dawk li kienu jfittxuh u jdejquh, u jkun jista' jinħeba. Terġa', meta warrab l-isem ta' Fernando, isem li f'dawk l-inħawi, bħala regola, kienu jġibuh is-slaten u n-nobbli[24], bl-isem il-ġdid ried jagħti eżempju kbir ta' umiltà.

[598] 10 Imitatur hieni ta' l-Għalliem hieni tiegħu li, waqt li l-oħrajn isejħulu *Kristu, Iben Alla l-ħaj* (Mt 16,13), hu, min-naħa tiegħu, kien jippreżenta ruħu bħala *Bin il-bniedem* (Mt 8,20; 9,6; 10,23). Kien jimita wkoll lil Franġisku, li quddiem kulħadd iddikjara li kien iben

---

20 L-isem antik *Antonius* għandu oriġini probabilment Etrusca, imma ma nafux minn liema għerq ħiereġ. Hemm min jgħid li ġej mill-Grieg: *ánthos* (warda) *néos* (ġdida), li minnha tnisslet il-kelma *Anthonius*, bl-ingliż *Anthony*.

21 L-*Assidua* 5,14a tgħid: *Antonius enim quasi 'Alte tonans' dicitur*. Ir-*Rigaldina* biddlet l-avverbju *alte* (għoli) f'*ante* (qabel).

22 It-traduzzjoni bil-Malti ma tistax trendi s-sens oriġinali tal-Latin: *ANgusta TOlerans, NItidis UenS.*

23 Anke dawn l-espressjonijiet bil-Malti huma biss interpretazzjoni tal-Latin oriġinali: *Aptus Negociator, Testis Operator, Nimius Implorator, Utilis Sectator*.

24 Ta' min ifakkar li, fil-Portugal, fost ir-reali li kienu jġibu dan l-isem insibu lil-*infante* Fernando konti ta' Fiandra, it-tielet iben ta' Sancho I. Kien hemm ukoll Fernando I, re tal-Portugal (1367-1383).

Pietro Bernardone[25], filwaqt li l-poplu kien iħobbu u jfaħħar l-għemejjel meraviljużi li kien iwettaq.

[599] 11 Għadda xi żmien f'dak il-post flimkien ma' l-aħwa, bil-ħsieb li jifforma ruħu ħalli jgħix l-idejali tal-faqar, kastità, u ubbidjenza fi qbil mar-regola tal-patrijiet Minuri[26]. Kien jgħożż u jħares sewwa b'diliġenza kbira, kull ma kien jitgħallem, fil-ħażna ta' moħħu. Bħallikieku kien važun ta' tafal frisk, kien jixrob minn dak it-tagħlim sublimi li mbagħad, meta jkun il-waqt, kien jisqi u jagħti l-ħajja lill-erwieħ għatxana.

[600] 12 Wara żmien qasir, il-qaddis tagħna, bil-ħsieb li jimxi fuq dak li kien ippjanat meta iddeċieda li jidħol fl-Ordni, kiseb il-permess li jittrasferixxi ruħu fl-artijiet tas-Saraċini. Ix-xewqa tiegħu kienet li jxandar pubblikament lil Kristu lil dawk li kienu għadhom ma jemmnux fih. Ried ukoll li fosthom joffri ruħu bħala vittma billi jisħaq fuq il-veritajiet tal-fidi tagħna. Dan, għall-imħabba ta' Kristu, li offra b'sagrifiċċju lilu nnifsu fuq l-altar tas-salib[27].

[601] 13 Iżda Kristu, l-għerf etern, *li jinfirex minn tarf sa tarf ta' l-art bil-qawwa u li jmexxi kollox bil-ħlewwa* (Għerf 8,1)[28] iddeċieda mod ieħor. Lil Antnin kien qed jibża' għalih, u jippreparah għal missjoni akbar.

[602] 14 Matul iż-żmien li għex qalb is-Saraċini, għad li min-naħa tiegħu għamel kull ma seta' biex jikseb il-palma tal-martirju li tant kien imxennaq għaliha, qatt ma qata' din ix-xewqa. Iva, għax ma kienetx din ir-rieda ta' Alla għalih. 15 Ġara, infatti, li ħakmitu marda serja li ġiegħlitu jifhem li hu ma seta' jagħmel xejn skond ir-rieda tiegħu.

---

25 *Legenda Maior* 6,1: *talia filium Petri Bernardonis decet audire*.

26 Fil-fatt, Sant'Antnin kien diġà jgħix il-kunsilli evanġeliċi fil-ħajja reliġjuża ta' kanonku regolari ta' Santu Wistin fil-*canonìa* ta' Coimbra.

27 It-tema ta' Sant'Antnin li jmur missjunarju biex imut martri tagħmel parti minn tradizzjoni kontinwa li fil-Knisja baqgħet għaddejja sa minn żmien is-Santi Padri. San Bonaventura, fl-*Apologia Pauperum* 4,3 jikteb: *Mortem pro Christo desiderare, morti se pro Christo exponere et in mortis agone gaudere, actus est caritatis perfecte* (S. BONAVENTURA, *Opera Omnia*, VIII, Quaracchi 1898, 253). L-istess jgħid Celano dwar San Franġisk: *Summam vero (obedientiam) et in qua nihili haberet caro et sanguis, illam esse credebat, qua divina inspiratione inter infideles itur, sive ob proximorum lucrum, sive ob martyrii desiderium* (*2C* 152, AF X,219).

28 Rigaldi x'aktarx ħa dawn il-kelmiet ta' l-Iskrittura mill-Antifona Maġġuri *O Sapientia* tas-17 ta' Diċembru.

Hekk ħassu mġiegħel imur lura fl-artijiet ta' l-insara. 16 Bil-ħajja ta' penitenza li kien jgħix, *kien imsallab ma' Kristu, jgħix għalih u jmut għad-dinja* (cfr. Gal 2,19-20; Fil 1,21); ħajtu kienet martirju bla jaqta'[29]. 17 Għaldaqstant, meta ra li ma seħħx il-pjan tiegħu, qatagħha li jmur Spanja, iżda rwiefen kuntrarji waddbuh fuq ix-xtut ta' Sqallija. 18 Issa dik il-ħabta kienu qed isiru tħejjijiet biex jiġi iċċelebrat f'Assisi l-kapitlu ġenerali. 19 Meta Antnin sar jaf b'dan, għad li marid u dgħajjef minn saħħtu, ra kif għamel u sab ruħu hemm.

[603] 20 Meta spiċċa l-kapitlu, il-patrijiet bdew jaqbdu triqthom u jmorru fil-postijiet li ġew iddestinati lilhom. L-imbierek Antnin resaq b'umiltà u devozzjoni kbira lejn Graziano, is-superjur tal-patrijiet tar-Romagna, u talbu bil-ħniena jieħdu miegħu, bil-permess tal-ministru ġeneral. Xtaqu jagħtih informazzjoni dwar kif għandu jgħix il-ħajja reliġjuża. 21 Lilu, tant xewqan li jkun imfawwar *bid-doni tal-grazzja* (cfr. Ef 3,7), kien jixraqlu jieħu t-tagħlim ta' Graziano. 22 Antnin talbu jibgħatu f'post imwarrab fejn seta' jgħix fis-solitudni u s-skiet, ħalli hemm ikun jista' jogħla 'l fuq minnu nnifsu. Graziano bagħatu fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo.

[604] 22 Taħt it-tmexxija ta' l-Għerf divin, kien wisq xieraq li Antnin jitla' fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo. Hemm seta' jgħix ħajja ta' eremita, jitgħallem l-umiltà u jiġbor fit-talb u d-devozzjoni u l-istudju żerriegħat magħżula. Dan bil-ħsieb li, meta jkun il-waqt, ixerridhom fil-predikazzjoni tiegħu. 24 Hemm fuq, f'ċella mwarrba kemm jista' jkun, kien jaqdi b'fedeltà lill-Mulej. B'ħajja ħarxa u awstera u talb mill-aktar għoli, Antnin issaħħaħ kontra t-tentazzjonijiet u fl-ispirtu tiegħu tqawwa bis-sħiħ fl-imħabba divina.

29 Dan ukoll kien kunċett komuni fl-ispiritwalità tal-Medjuevu. Jeżisti martirju doppju, dak tad-demm imxerred u dak tal-mortifikazzjoni fil-ħajja reliġjuża, biex wieħed jilħaq il-perfezzjoni evanġelika. Sant'Antnin kien ċertament midħla tal-kliem ta' S. Ġilormu: *Non solum effusio sanguinis in confessione reputatur (martyrium), sed devotae quoque mentis servitus immaculata quotidianum martyrium est* (*Epist. 108 ad Eustochium,* PL 22,905).

## 6 DWAR L-UMILTÀ TA' L-GĦAĠEB TIEGĦU U KIF IL-MULEJ KIEN JAQTAGĦLU XEWQATU

Il-ħames kapitlu

[605] 1 L-umiltà hi l-ħarsien u t-tiżjin tal-virtujiet kollha[30], u l-bniedem ta' Alla kien mimli u mfawwar bihom. Huwa u jgħix mal-patrijiet Minuri ried ikun fosthom l-aktar wieħed li ma jkollu importanza ta' xejn, anzi li jkun immaqdar u żgħir fost l-aħwa. 2 Kien jaf tajjeb li min iġorr teżor huwa u miexi fit-triq quddiem kulħadd, ikun jistieden li jisirquh. Min-naħa tiegħu hu, bl-akbar diliġenza possibbli, kien iżomm moħbija l-virtujiet u d-doni li rċieva mingħand Alla.
[606] 3 Għad li mimli bl-ispirtu ta' l-għerf, għaraf jaħbi b'ħila kbira l-kultura tiegħu. Fost l-aħwa ma kien jagħti l-ebda ħjiel ta' dak li kien jaf ħlief li, xi minn daqqiet, kien jgħid xi kliem bil-latin. 4 Billi *x-xjenza tonfoħ* (cfr. 1Kor 8,1), kien jippreferi jidher bħala wieħed injurant u bla kultura fost il-bnedmin, aktar milli jirriskja li jagħmel trijonf bix-xjenza tiegħu jew li jiġi mgħolli 'l fuq bir-riħ tal-vanaglorja.
[607] 5 L-umiltà turi ruħha b'mod speċjali fl-aċċettazzjoni ta' xi ħidmiet. Min dejjem jara kif jaħrab mill-ħidmiet umli, b'ebda mod ma jista' jgħodd ruħu umli[31]. Antnin, raġel profondament umli, ried ikun imqabbad jagħmel l-aktar xogħolijiet umli u modesti tad-dar. 6 Hu qagħad jaħseb fuq kif Kristu baxxa lilu nnifsu u *niżel jaħsel riġlejn id-dixxipli tiegħu* (cfr. Ġw 13,4). Xtaq ħafna, għalhekk, li jingħata l-inkarigu li jaħsel il-platti u l-borom fil-kċina. Kien ukoll jaħsel riġlejn l-aħwa u jbushomlhom bil-qima.
[608] 7 Kull meta kien ikun fil-vjaġġ ma' xi ħadd minn sħabu, sakemm kien ikun possibbli u jippermettu d-drawwiet xierqa, arah jagħmel lilu nnifsu l-iċken wieħed. Kien konvint li *aktar ma wieħed jumilja ruħu f'kollox, aktar kien jiġma' kotra ta' doni u grazzji quddiem Alla* (cfr. Sir 3,20). 8 Meta ntagħżel superjur, aktar kien jagħti bixra ta' wieħed mill-

---

30 Cfr. *LM* 1,3-4; *1C* 99,16; *2C* 140; JULIAN MINN SPEYER, *Officium Rhythmicum S. Francisci*, Resp. Ixa: *Franciscus inter minores minimus.*

31 Ninsabu quddiem konferenza spiritwali dwar il-*minoritas* ta' Sant'Antnin. Din hi premessa li tikkonsisti fi kliem ta' tifħir lill-virtù ta' l-umiltà tal-qaddis, li Rigaldi mbagħad jiżviluppa fil-kumplament tal-kapitlu.

aħwa milli ta' prelat[32]. Meta kien jiġi mgħolli għal xi kariga, *b'xejn ma kien jintefaħ*, imma dejjem xtaq li *jkun meqjus wieħed mill-aħwa* (cfr. Sir 32,1), anzi l-inqas wieħed fosthom.

[609] 9 Issa, imbagħad, billi *kull min jitkabbar jiċċekken* (Lq 14,11), u l-kburi tiġi warajh l-umiljazzjoni, hekk ukoll il-glorja timxi wara min hu umli. Lil Antnin Alla għollih b'mod ċar b'ħafna favuri, għax kien iżomm li hu, quddiem il-bnedmin kien raġel li ma jiswa għal xejn. 10 Il-qaddis għaraf jesprimi l-umiltà tiegħu b'erba' modi, jiġifieri:
jaħbi x-xjenza li kien mogħni biha; jimpenja ruħu bla waqfien f'ħidmiet l-aktar umli; waqt il-vjaġġ iġib ruħu inferjuri għal sieħbu li jkun miegħu; u fil-qadi ta' l-uffiċċju ta' superjur jumilja ruħu f'kollox. Il-qawwa divina riedet tagħnih bil-glorja f'kull waħda minn dawn l-erba' espressjonijiet, kif se naraw aktar 'il quddiem fir-rakkont tagħna.

[610] 11 (I) Għal raġunijiet ta' umiltà, Antnin żamm *moħbija taħt il-modd* (cfr. Mt 5,15) ix-xjenza tiegħu. Iżda Alla ma ippermettiex li dawl hekk qawwi ta' għerf jibqa' moħbi għal żmien twil *taħt il-modd*, imma ried li jkun imqiegħed *fuq il-kandelabru* (cfr. Mt 5,15) fejn jidher. 12 Ġara, għalhekk, li Antnin u għadd ġmielu ta' aħwa ġew mistiedna mis-superjuri jmorru l-belt ta' Forlì biex jirċievu l-Ordni sagri. 13 X'ħin wasal il-ħin tal-konferenza spiritwali[33], l-ministru ta' dak il-kunvent ħeġġeġ lil xi patrijiet mill-Ordni tal-Predikaturi preżenti, u wkoll lil xi patrijiet Minuri, biex xi ħadd minnhom jindirizza kliem ta' eżortazzjoni lill-aħwa miġbura hemmhekk. Iżda ġara, għax hekk ried Alla, li ħadd ma aċċetta; kollha qalu li ma kienux ippreparati. Għaldaqstant, imnebbaħ mill-Ispirtu, il-ministru dar fuq Antnin, għad li ma kien jagħti ebda ħjiel li kellu xi għerf. Għall-ewwel, il-ministru beda jinsisti miegħu, u mbagħad b'saħħa ikkmandah li jgħid lill-aħwa dak kollu li jissuġġerilu l-Ispirtu.

---

32 Espressjoni li tfakkar fil-kliem ta' Bin Sirak 32,1: "Qegħduk f'ras il-mejda? Tintefaħx. Kun magħhom bħallikieku wieħed minnhom", li bil-Latin iddoqq: *Rectorem te posuerunt? Noli extolli; esto in illis quasi unus ex ipsis*.

33 It-traduzzjoni ta' l-espressjoni *hora collationis* fl-*Assidua* 8,3, *Vita Secunda* 4,2, *Raymundina* 7,4, ġie li tiġi tradotta bħala *l-ħin ta' l-Ordinazzjonijiet imqaddsa*. Imma x'aktarx li aktar għandha sens it-tradujzzjoni tal-*ħin tal-konferenza spiritwali*, skond it-tradizzjoni monastika tal-*collatio*. L-intervent tal-*minister loci*, jew gwardjan li jieħu l-inizjattiva li jikkmanda lil Antnin biex jippriedka, turi li x'aktarx din ix-xena ma ġratx fuq il-pulptu tal-kattidral waqt ir-rit imqaddes ta' l-Ordinazzjoni, imma fil-kunvent tal-patrijiet Minuri fil-belt ta' Forlì, forsi qabel ma l-aħwa marru għall-Ordinazzjoni.

[611] 14 Antnin, li kien iħobb l-umiltà bis-sinċerità kollha ta' qalbu, u li aktar kien jippreferi jkun dixxiplu milli għalliem, stqarr li la għandu ħila u lanqas preparazzjoni biex jagħmel dan. Għamel minn kollox biex iwarrab minnu dak li għalih deherlu li hu unur. Iżda ma setax jibqa' jopponi l-ordni li rċieva. 15 Ħaġa li qajla ssib spjegazzjoni għaliha: li ssir insistenza qawwija ma' xi patri li ma kien jafu ħadd, u li ma kien jagħti l-ebda ħjiel ta' l-għerf li kien mogħni bih biex jippriedka. L-inizjattiva għal dan *ma kienetx ġejja mill-bnedmin, imma minn Alla* (cfr. Gal 1,1; Lhud 8,2).

[612] 16 Beda d-diskors tiegħu billi, fil-biża' ta' Alla, għamel riflessjonijiet sempliċi ħafna[34]. B'danakollu, billi l-intelliġenza tiegħu kienet imdawwla mill-grazzja divina u l-memorja tiegħu kienet isservih flok il-kotba, kompla d-diskors tiegħu. U kliemu beda, kull ma jmur, isir aktar ċar u magħżul. B'mod profond espona b'għaqal il-misteri ta' l-Iskrittura. L-elokwenza tiegħu kienet hekk abbundanti u konvinċenti li kulħadd seta' jara kemm hu veru li *l-ilsien li jitkellem tajjeb ikollu ħafna min jirrispettah* (Sir 6,5). 17 Meta semgħu dik il-priedka, dawk kollha li kienu hemm preżenti, ħassewhom bħallikieku maħtufa u msaħħra. Mistagħġbin għall-aħħar ma waqfux itennu: *Qatt ħadd ma tkellem bħalu dan il-bniedem* (Ġw 7,46). Ilkoll stqarrew li qatt ma semgħu diskorsi bħal tiegħu.

[613] 18 Għax hu ħejja qalbu biex jilqa' x-xjenza, *il-Mulej mexxielu lsienu* (cfr. Prov 16,1)[35]. Hu li kiseb ix-xjenza bla interess għalih personali, issa beda jqassamha bl-akbar ġenerożità. 19 *Xtaq l-intelliġenza u ngħatatlu; talab u l-Ispirtu ta' l-għerf niżel fuqu* (cfr. Għerf 7,7)[36]. U issa, fommu jxandar l-għaqal u lsienu jitkellem is-sewwa.

---

34 F'*2C* 191 (AF X, 240) insibu eżempju ta' predikazzjoni ħierġa mis-*simplicitas* li Franġisku ried li jkollhom il-patrijiet tiegħu: *Magna promisimus, maiora promissa sunt nobis: servemus haec, suspiremus ad illa. Voluptas brevis, pena perpetua; modica passio, gloria infinita. Multorum vocatio, paucorum electio, omnium retributio.*

35 Prov 16,1: "Il-bniedem jista' jfassal ħsibjietu, imma l-Mulej iqegħedlu l-kliem fuq ilsienu".

36 Għerf 7,7: "Għalhekk jien tlabt u qlajt il-għaqal; sejjaħt, u ġie fuqi l-ispirtu ta' l-għerf".

[614] 20 F'qasir żmien il-ministru ġeneral ta' l-Ordni[37] sar jaf b'dak kollu li ġara. Lill-qaddis, għalhekk, obbligah ifittex joħroġ fil-beraħ, u afdalu l-ministeru tal-predikazzjoni. 21 Hieni, għax la kien minn rajh li jimpenja ruħu fil-ħidma apostolika u *lanqas ma ħa b'idejh dinjità bħal din* (cfr. Lhud 5,4). Bħallikieku Aaron ġdid, kien Alla li sejjaħlu. 22 Kemm kien mogħni bi grazzja fil-predikazzjoni se narawh aktar 'il quddiem meta nitkellmu dwar il-ħidma tiegħu bħala xandâr ta' l-Evanġelju.

[615] 23 (II) Barra dan, billi Antnin kien impenjat ukoll f'okkupazzjonijiet l-aktar umli, biex ipattilu l-Mulej *kien jagħmel għeġubijiet* (cfr. Eż 15,11) favur tiegħu.

[616] 24 Kif ġie li semmejna, Antnin kien il-kustodja ta' l-aħwa fil-kustodja ta' Limoges. Ġara darba minnhom, nhar il-Ħamis tal-Ġimgħa mqaddsa, li qrib nofs il-lejl sab ruħu fil-knisja ta' San Pietru, imsejħa *de Quadruvio*, f'Limoges[38]. Meta ntemmet l-uffiċċjatura tal-Matutin, li jiġi iċċelebrat qrib nofs il-lejl, il-qaddis beda jxerred iż-żerriegħa tal-kelma tal-ħajja lill-poplu li kien miġbur fil-knisja. 25 Fl-istess ħin, fil-post tagħhom il-patrijiet Minuri kienu qegħdin ikantaw it-tifħir lill-Mulej. Il-kustodju Antnin kien imissu jkanta lezzjoni f'dik l-uffiċċjatura tal-

---

37 Hawhekk Rigaldi jikkopja letteralment mill-*Vita Secunda* 4,9. Fil-fatt, din il-fakultà ta' l-approvazzjoni tal-predikaturi ġiet mogħtija lill-ministru ġeneral ta' l-Ordni fir-Regola ta' l-1223. Fiż-żmien li fih kienu qed iseħħu dawn il-fatti, l-inkarigu tal-mandat tal-predikazzjoni kien fdat f'idejn il-ministri provinċjali, biex jagħtuh lill-patrijiet imħollijin taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

38 Rigaldi hu l-ewwel wieħed, fost il-bijografi ta' Sant'Antnin, li jagħtina dan l-episodju famuż tad-don tal-bilokazzjoni tal-qaddis, mingħajr ma jispeċifika s-sena li fih seħħ. Il-kronista Benedittin Pietro Coral, li kien Abati ta' San Marziale f'Limoges fl-1247, jixhed li Antnin kien jinsab fl-inħawi ta' Limoges fl-1226. Id-Dumnikan Bernard de Guy, li għex fl-istess żmien ta' Rigaldi, fin-nota ta' l-istorja tiegħu kiteb: "Qrajt x'imkien li l-patrijiet Minuri waslu għall-ewwel darba f'Limoges fl-1224". Għaldaqstant dan l-episodju tal-miraklu tal-bilokazzjoni rridu nqiegħduh fil-perjodu 1226-27. Il-knisja ta' San Pietru *de Quadruvio,* bil-Franċiż tissejjaħ Saint Pierre du Queyroux. Il-*locus* Franġiskan ta' Limoges kien twaqqaf fl-1223. Cfr. Th. DESBONNETS, *Lo sviluppo degli insediamenti francescani in Francia (1219-1517),* in AA.VV., *Francesco, il francescanesimo e la cultura della nuova Europa,* Roma 1986, 71. L-episodju tal-bilokazzjoni ta' Sant'Antnin jinsab ukoll fil-*Liber Miraculorum*, 5.

Matutin. 26 Iżda f'dak il-ħin il-bniedem ta' Alla kien mehdi jxandar il-kelma fil-knisja ta' San Pietru, bogħod mhux ftit minn fejn jgħixu l-patrijiet. 27 Dawn komplew il-kant ta' l-Uffiċċju, u x'ħin waslu għall-kant tal-lezzjoni li kienet tmiss lil Antnin, fid-daqqa u l-ħin arah jidher f'nofs il-kor. Beda jkanta u kompla sa l-aħħar.

[617] 28 Il-patrijiet li kienu hemm preżenti, kollha baqgħu skantati u mistagħġba għall-aħħar, għax huma kienu jafu li Antnin kien qed jippriedka f'dik il-belt. 29 Alla, fis-setgħu tiegħu, iddispona li f'ħin wieħed Antnin ikun ma' ħutu l-patrijiet, biex ikanta l-lezzjoni, u fil-knisja jxandar lill-poplu l-kelma tal-ħajja. 30 Iżda waqt li kien qed ikanta l-lezzjoni fil-kor, baqa' sieket quddiem in-nies li kienu qed jisimgħuh fil-knisja ta' San Pietru. 31 Dak li ried li, waqt il-funeral ta' San Martin ta' Tours, jidher Sant'Ambroġ li dik il-ħabta kien jgħix f'Milan, ried ukoll li l-imqaddes Antnin ikun preżenti fl-istess ħin f'żewġ postijiet[39]. Hekk in-nuqqas ta' preżenza tiegħu xejn ma ħawwad iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Uffiċċju divin.

[618] 32 Għax Antnin ma raha xejn bi kbira li jaqdi l-aktar uffiċċji umli, immerita li Alla jgħollih fl-uffiċċji divini.

[619] 33 (III) Miexi fit-triq jew le, Antnin dejjem ried juri ruħu inferjuri għal sieħbu. Dejjem żamm quddiem għajnejh kliem il-profeta: *Mulej, ma tkabbritx qalbi, anqas intrefgħu għajnejja. Jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar, jew wara ħwejjeġ ogħla minni. Imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ* (S 130,1-3). Kristu, li hu l-għalliem ta' l-umiltà, fl-Evanġelju jxandar u jgħid: *Tgħallmu minni, għax jien ta' qalb ħelwa u umli* (Mt 11,19). Kien hu li ħeles lil Antnin u lil sħabu minn umiljazzjonijiet, insulti u skandli.

[620] 34 Fiż-żmien meta kien kustodju f'Limoges, darba minnhom ħalla dan ir-reġjun biex imur l-Italja. Ġara li kellu jgħaddi mill-provinċja ta' Provence[40]. 35 Wasal f'raħal ċkejken meta kien għadda l-ħin ta' l-

---

39 Dan il-fatt jiġi rakkontat minn S. Gregorju ta' Tours, *De miraculis Sancti Martini*, I,5, PL 71,918-919. Minkejja dan, ma jaqbilx ma' l-istorja, għax Sant'Ambroġ miet fl-4 ta' April 397 u San Martin fit-8 ta' Novembru ta' l-istess sena. Cfr. *Bibliotheca Sanctorum,* Vol. I, 961 u Vol. VIII, 1270.

40 Th. DESBONNETS, *Lo sviluppo degli insediamenti francescani in Francia*, 72, jgħid li fl-1217, fl-okkażjoni tal-kapitlu li fih l-Ordni ġie maqsum fi Provinċji, it-territorju ta' Franza kien ġie diviż fil-provinċji ta' Franza u ta' Provence, li sa l-1240 baqgħu l-uniċi, u li kienu jikkorrispondu għal Franza

ikel ta' nofsinhar. Waħda mara twajba, fqira, saret taf li Antnin u sieħbu, t-tnejn kienu sajmin. Daħħlithom id-dar, u offritilhom x'jieklu. 36 Bil-ħsieb li timita lil *Marta fis-servizz li xtaqet tagħtihom* (cfr. Lq 10,40-41), il-mara poġġiet fuq il-mejda ħobż u nbid, u marret tissellef tazza tal-ħġieġ mingħand il-ġara tagħha.

[621] 37 Iżda Alla, li *mat-tiġrib jagħti l-qawwa u l-għajnuna* (1Kor 10,13b), ippermetta li l-mara, wara li mliet it-tazza bl-inbid mill-bittija, ħalliet il-vit miftuħ, u l-parti kbira ta' l-inbid ixxerred ma' l-art fil-kantina. 38 Min-naħa tiegħu, sieħeb Antnin qabad ħażin it-tazza u ħabbatha mal-mejda; il-parti ta' fuq baqgħet sħiħa fuq in-naħa tal-mejda u s-sieq marret in-naħa l-oħra.

[622] 39 Meta temmew l-ikla, il-mara li ġentilment offritilhom ospitalità, riedet toffri aktar inbid liż-żewġ patrijiet. Niżlet il-kantina u rat l-inbid imxerred ma' kullimkien fl-art. 40 Telgħet fuq tibki, qalbha sewda, imnikkta u mħawwda għall-aħħar. Stqarret li kien minħabba t-traskuraġni tagħha li ntilef l-inbid. Imqanqal għax-xorti ħażina li messet lil din il-mara, Antnin baxxa rasu bejn idejh fuq il-mejda[41],
u qagħad jaħseb fuq kliem l-appostlu: *Nitlob bl-Ispirtu, imma nitlob b'moħħi wkoll* (1Kor 14,15b).

[623] 41 Il-mara baqgħet tħares lejh, tarah jitlob, u tistenna x'se jiġri. U, ara, fid-daqqa u l-ħin – ħaġa ta' l-għaġeb imqar tirrakkontaha – il-parti tat-tazza tal-ħġieġ li kienet f'tarf il-mejda ngħaqdet mas-sieq li kienet fit-tarf l-ieħor. 42 Meta rat dak li ġara, il-mara li kienet maħtufa mill-għaġeb malajr qabdet it-tazza f'idejha, u bdiet iddawwarha 'l hawn u 'l hinn. Intebħet li kien bil-qawwa ta' dik it-talba li għamel Antnin li t-tazza reġgħet fl-istat perfett ta' qabel.

[624] 43 Kellha fiduċja fil-qawwa tat-talb li, bħalma tazza miksura reġgħet saret sħiħa, setgħet tagħtiha lura wkoll l-inbid imxerred. B'passi mgħaġġlin niżlet fil-kantina u sabet il-bittija li ftit qabel kienet nofsha vojta, issa mtliet sewwa. L-inbid, bħallikieku kien ġdid, beda

tat-tramuntana u Franza tan-nofsinhar. Ma nafux eżattament meta Antnin irritorna fl-Italja. X'aktarx kienet is-sena 1227.

41 Ritratt mill-isbaħ ta' Sant'Antnin, li bl-umiltà kollha jilqa' l-karità tal-mara li toffrilu ħobż u nbid, u joqgħod fuq il-mejda tal-foqra. Mhux biss, imma jpatti t-tjubija tal-mara billi jitlob mingħand Alla, proprju waqt il-ħin ta' l-ikel, il-miraklu li tissewwa t-tazza mkissra u timtela mill-ġdid il-bittija ta' l-inbid.

jiffermenta u joħroġ mill-ġnieb tal-bittija. 44 Tabilħaqq, ġdid kien dak l-inbid li Alla ħalaq mill-ġdid bil-għan li jeħles lil Antnin mill-mistħija u d-dispjaċir. Dan seħħ ukoll biex fil-miraklu hekk straordinarju tidher il-qawwa tat-talb tiegħu.

[625] 45 Iżda kif appena ħass li t-talb tiegħu ġie mismugħ, Antnin tbiegħed minn dawk l-inħawi. Ta' dixxiplu veru ta' l-umiltà li kien, ħarab minn dawk il-postijiet fejn il-poplu seta' jagħtih bil-kotra unuri u tifħir[42].

[626] 46 (IV) Fl-aħħarnett, meta kien jokkupa ministeri ta' tmexxija, qatt ma ried jagħmliha ta' kbir. Dejjem żamm ruħu bħala sempliċi sudditu, imma Alla għażlu ħarries mħeġġeġ tan-ngħaġ tiegħu, ragħaj ta' ħila li ma jħallihomx jingidmu *mill-ilpup jew is-sriep* (cfr. Mt 10,16a).

[627] 47 Darba minnhom, Antnin irċieva fl-Ordni żagħżugħ mill-belt ta' Limoges[43], jismu Pietru, li *mqarraq mit-tentatur* (cfr. Mt 4,3; Lq 4,1) beda jaħseb li jħalli l-ħajja reliġjuża. Mimli bl-Ispirtu s-Santu, Antnin sejjaħlu ħdejh. 48 Meta għaraf x'kienet it-tentazzjoni, Antnin b'idejh fetaħ ħalq iż-żagħżugħ, *nefaħ fih u qallu: Ħu l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Ġw 20,22). 49 Ħaġa ta' l-għaġeb imqar issemmiha: minn dak il-ħin kull tentazzjoni għabet minnu.

[628] 50 Kif stqarr hu stess, minn dak il-mument u mal-medda tas-snin li matulhom għex fl-Ordni, dak il-patri qatt ma ndarab iżjed mill-vleġġa ta' xi tentazzjoni oħra[44]. 51 O bniedem tabilħaqq umli! Għax għaraf jaħbi għerfu, Alla sejjaħlu għall-ministeru tal-predikazzjoni. Hu kien jippreferi l-aktar ħidmiet umli, u Alla għollih fl-uffiċċji divini. 52 Ried

42 Dan l-istess miraklu nsibuh fil-*Liber Miraculorum* 26.

43 Antnin kellu, mela, l-fakultà li jirċievi l-postulanti fl-Ordni. Ir-*Regula non bullata* 2,2 titkellem mill-*minister* li jilqa' l-kandidati, imma mingħajr ma tispeċifika aktar, filwaqt li r-*Regula bullata* 2,1 tgħid li l-fakultà li jdaħħal il-patrijiet hi biss tal-ministru provinċjal. Nistgħu naħsbu li l-ministru ta' Provence kien iddelega lil Antnin, li kien kustodju f'Limoges, biex jilqa' vokazzjonijiet ġodda fiċ-ċirkoskrizzjoni territorjali tal-kustodja li kien imexxi. Hu l-uniku każ li nafu bih li fih Antnin laqa' vokazzjoni ġdida fl-Ordni.

44 Il-*Liber Miraculorum* 7 għandu rakkont simili, imma mimli b'għeġubijiet akbar. Iż-żagħżugħ f'daqqa waħda jaqa' għal tulu fl-art. Imma l-qaddis iqajjmu mall-ewwel u n-novizz jistejqer u jirrakkonta li kien ġie maħtuf fost il-kori ta' l-anġli u li ra l-għeġubijiet ta' Alla. Antnin isikktu u jitolbu biex ma jxerridx dik ir-rivelazzjoni.

ikun l-iżgħar fost sħabu, u bis-saħħa tal-mirakli deher l-ogħla wieħed. Mgħolli għall-uffiċċji tat-tmexxija, ma tkabbarx. U għax dejjem għasses in-ngħaġ afdati lilu, in-ngħaġ kienu dejjem fiż-żgur, ħielsa mill-gdim ta' l-ilpup.

## 7 DWAR IL-FAQAR KBIR TIEGĦU U KIF KIEN DEJJEM IMWIEŻEN FIL-BŻONNIJIET TIEGĦU

Is-sitt kapitlu

[629] 1 Fqir u sa mill-bidunett iffurmat għall-ħajja ta' faqar fl-ispirtu Franġiskan f'komunità ta' foqra, Antnin kompla jikber bla waqfien *fil-għana ta' l-ogħla faqar* (cfr. 2Kor 8,2). 2 Kien jimpenja ruħu b'passjoni biex f'kollox ikun jaqbel mal-faqar. Għalhekk, hu kien joqgħod jaħseb ta' spiss u fit-tul dwar il-faqar ta' Kristu u ta' l-Omm imbierka tiegħu[45].

[630] 3 Kull meta kien jitkellem ma' l-aħwa jew ikellem lill-poplu dwar il-faqar, kien iħobb jisħaq ħafna fuq kliem l-Evanġelju: *Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom, u l-għasafar tas-sema l-bejtiet, iżda Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu* (Mt 8,20). Kellu għal qalbu wkoll kliem l-Ekkleżjastiku, kif naqraw fl-ewwel priedka ta' l-Opra li kiteb għall-Ħdud: *M'hemmx agħar mill-imħabba għall-flus*[46]. 4 U f'dik l-istess priedka jinnota, bil-ħaqq kollu, li s-Salvatur ixebbaħ l-għana max-xewk, għax itellef, iniggeż, u lil min jippossjedih iġegħlu joħroġ id-demm.

[631] 5 Meta kien jivvjaġġa, *ma kien jieħu xejn miegħu* (cfr. Lq 9,3), u l-faqar kien iħobbu bħala l-aqwa teżor tiegħu. Arah iterraq minn art u provinċja għal oħra, fqir għall-aħħar, bħal dak li, għad li kien jgħix fid-dinja, kien iħossu *pellegrin u barrani* (cfr. 1Pt 2,11)[47]. 6 Kien jaf

---

45 L-aġjografu jinsisti dwar l-aspett marjan ta' l-ispiritwalità ta' Sant'Antnin. Wara kollox, it-tema tal-faqar ta' Kristu, magħqud ma' dak ta' Ommu Marija, hu wieħed għażiż għal Franġisku, li jimmeditah fil-kitbiet tiegħu. Cfr. *Regula non bullata* 9,1-5.

46 Il-versett bil-Latin hu meħud minn Eccli 10,10: *Nichil iniquius quam amare pecuniam*. Rigaldi hu l-ewwel u l-uniku fost l-aġjografi antiki li jikkwota silta mill-kitbiet ta' Sant'Antnin, u speċifikament mis-*Sermo in Septuagesima*.

47 Cfr. *Regula bullata* 6,2: *Et tamquam peregrini et advene in hoc seculo, in paupertate et humilitate Domino famulantes.*

ukoll x'inhu l-ġuħ, kif kien jafu wkoll l-Appostlu. Bħalu wkoll kien jaf ikun hieni meta jsib ruħu fil-bżonn, għax kien jaf li *l-Mulej jisma' t-talb u jaqta' x-xewqat tal-foqra* (cfr. S 10,17), jagħmlilhom ġustizzja u jagħtihom bħala sehemhom *is-saltna tas-sema* (cfr. Mt 5,3). 7 Hieni l-iben li, waqt li għaraf jadatta ruħu b'mod sħiħ għall-ideal tal-faqar ta' Franġisku, għallem il-faqar bil-kelma, u ħeġġeġ għalih bil-qawwa ta' l-eżempji ta' ħajja fqira għall-aħħar.

[632] 8 Iżda għax *il-Mulej hu kenn għall-foqra* (cfr. S 9,10), hu jgħinhom fid-dwejjaq tagħhom. Hu li hu l-ogħla Providenza, li *lejh iħarsu l-għajnejn ta' kulħadd u Hu jagħtihom l-ikel f'waqtu* (cfr. S 144,15), b'ġenerożità kbira kien jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet u l-bżonnijiet ta' Antnin. Hekk, la lilu ma kien jonqsu qatt xejn u lanqas lil dawk li kienu jgħixu qrib tiegħu. 9 Aktar minn hekk ukoll, l-imħabba għall-faqar u ż-żelu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ wasslu biex il-velenu li tefgħulu meta bħala tallâb stiednuh għall-ikel, ma għamillux l-iċken ħsara.

[633] 10 (I) Darba minnhom kien qrib Brive[48], fid-djoċesi ta' Limoges; hemm kien irċieva l-ewwel post għall-patrijiet Minuri. Ġara li l-kok ma kien lesta xejn għall-ikel tal-patrijiet. L-imqaddes Antnin mar għand waħda sinjura, devota lejh u tħobb il-patrijiet, u talabha tibgħatlu kurrad u ħxejjex oħra ta' l-ikel mill-ġnien tagħha biex l-aħwa jitrejqu. 11 Issa dakinhar kienet bdiet nieżla xita bil-qliel. 12 Is-sinjura sejħet lill-qaddejja tagħha, kellmitha b'ħafna ħlewwa, u talbitha tħaffef tmur fil-ġnien u ġġib il-meħtieġ kollu għall-kċina tal-patrijiet. 13 Xejn ma għoġbitha din il-proposta lill-qaddejja, l-iżjed minħabba d-dilluvju ta' ilma li kien nieżel.

[634] 14 Mirbuħa mill-insistenza tas-sinjura tagħha, il-qaddejja fl-aħħar irrassenjat ruħha u ħarġet fil-ġnien. Mill-aħjar li setgħet ġabret il-meħtieġ kollu għall-kċina tal-patrijiet u ġarret kollox lejn il-kunvent bogħod ħafna mill-belt. 15 B'danakollu, għad li x-xita ma waqfitx għal mument wieħed biss, dik il-mara li xxarbet hi u lanqas ħwejjiġha.

48 Rigaldi jinfurmana b'mod awtorevoli li Sant'Antin introduċa lill-patrijiet Minuri fi Brive. Illum dan il-post hu ċ-ċentru tal-kult lejn Sant'Antnin fi Franza, bis-santwarju magħruf ta' Grotte. Desbonnets, *Lo sviluppo degli insediamenti francescani in Francia,* 71, jiffissa l-1270 bħala d-data ta' fondazzjoni ta' Brive. Dwar il-ħajja eremitika li Antnin qatta' f'dan il-post għandna ħjiel fil-*Liber Miraculorum* 10,2.

16 Meta marret lura d-dar għand is-sinjura tagħha b'ilbiesha nexfin, irrakkontatilha kif għad li x-xita baqgħet dejjem tfaqqa, ma xxarbet lanqas b'qatra waħda. 17 Pierre ta' Brive kien iben is-sinjura u kanonku ta' Noblac[49]. Kollu ferħan u mqanqal fl-istess ħin, kien il-gost tiegħu, b'tifħir għall-qaddis, joqgħod isemmi dan il-miraklu li ommu kienet tirrakkontalu.

[635] 18 Imma ejjew nemmnu li żgur ġiet mogħtija lilu setgħa li jagħmel kotra ta' għeġubijiet kbar u aktar importanti minn dan, ladarba l-Mulej, b'mod hekk ta' l-għaġeb, waqaf miegħu f'sitwazzjonijiet hekk żgħar. 19 Dawk li jsiru foqra għall-imħabba ta' Kristu jistgħu jibqgħu żguri li l-Mulej ma jippermettix li jbatu l-ġuħ. 20 Dan jidher b'mod ċar lil min irid joqgħod jiftakar fil-miraklu li għadna kif irrakkontajna, dak ta' l-inbid li ħareġ mill-bittija u reġa' lura fiha u t-tazza tal-ħġieġ li tkissret u mill-ġdid waħlet perfettament.

[636] 21 (II) Il-ħniena ta' Alla mhux biss kienet tipprovdi lill-fqajjar Antnin fil-ħtiġijiet kollha tiegħu, imma b'mod ta' l-għaġeb kienet tħarsu wkoll mill-perikli kollha,

[637] 22 Meta kien jgħix l-Italja, xi eretiċi darba minnhom stiednuh għall-ikel[50]. Hu laqa' l-istedina tagħhom bit-tama li jirnexxilu jdawwarhom lura mill-ħażen tagħhom, u jwettaqhom fil-veritajiet tal-fidi, fuq l-eżempju tas-Salvatur li, bl-istess ħsieb, kien jaċċetta li *jiekol mal-pubblikani u l-midinbin* (cfr. Mk 2,16). 23 *Għax il-ħażen, minnu nnifsu beżżiegħi, jixli u jikkundanna lilu nnifsu, u, taħt it-tingiż tal-kuxjenza, ikabbar aktar il-ħsara* (Għerf 17,11). Fil-fatt ġara li dawk l-eretiċi, li hu l-ħin kollu kien iħawwadhom fil-priedki tiegħu u xejn anqas waqt id-diskussjonijiet pubbliċi li kien iżomm[51], ħasbu pjan

49 St. Léonard de Noblac, qrib Limoges. Ir-rakkont insibuh ukoll fil-*Liber Miraculorum*, 10.

50 Dan l-episodju ma nsibuħx fl-ebda waħda mill-bijografiji Antonjani qabel ir-*Rigaldina*. Lanqas ma għandna l-ebda indikazzjoni kronoloġika jew topografika eżatta ħlief biss ir-riferiment ġeneriku *in partibus Ytalie*.

51 Interessanti dan ir-riferiment għal żewġ tipi ta' djalogu-konfront ta' Sant'Antnin ma' l-eretiċi: *predicationes* (espożizzjonijiet kateketiċi u morali) u *disputationes* (dibattiċi pubbliċi). Fl-Italja, Sant'Antnin kellu jeħodha ma' l-eretiċi Katari, li kellhom duttrina dwalista u manikea. Rigaldi jsejħilhom *dyabolum patrem mendacii ymitantes*, lesti li jimitaw lix-xitan, missier il-gideb, u juri kif biss bil-mirakli Sant'Antnin seta' jirbaħhom lura għall-fidi kattolika.

krudili għall-aħħar. Qegħdu quddiem Antnin ikel mimli velenu li jġib il-mewt. Imma l-Ispirtu, li joħroġ għad-dawl il-ħwejjeġ moħbija, urih il-qerq tal-pjan tagħhom.

[638] 24 Għall-ewwel beda jċanfarhom u jħeġġiġhom bi kliem ta' ħlewwa u bil-kalma kollha. Min-naħa tagħhom, l-eretiċi, kollhom gideb u lesti li jimitaw *lix-xitan, missier il-gideb* (cfr. Ġw 8,44), bdew jgħidu li dak li għamlu kellu skop wieħed, li jesperimentaw il-verità tal-kliem ta' l-Evanġelju li jgħid: *Jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt, ma jagħmlilhomx ħsara* (Mk 16,18). 15 Għamlu minn kollox biex jipperswaduh jiekol l-ikel li offrewlu. Riedu jiżgurawh li jekk ma jiġrilu xejn, huma kienu se jibqgħu jżommu sħiħ fil-fidi ta' l-Evanġelju. Iżda jekk hu se jibqa' jirrifjuta, kliem l-Evanġelju huma kienu se jgħodduh falz.

[639] 26 Bla biża' ta' xejn, Antnin għamel is-sinjal tas-salib fuq l-ikel, ħadu b'idejh u qal: "Nagħmel dan mhux bi preżunzjoni, bħallikieku se nittanta lil Alla, imma misjuq minn żelu sod u bla twerwir, għas-salvazzjoni tagħkom u l-fidi evanġelika". 27 Wara li kiel, baqa' jħossu tajjeb bħal qabel; f'ġismu ma ħass ebda ħsara. Meta raw dan l-eretiċi ikkonvertew għall-fidi ta' l-Evanġelju[52].

[640] 28 Ħa tosserva u timmedita r-ruħ twajba kemm kien għażiż għal Alla l-faqar li Antnin kien jgħix. Iva, miel lejh b'ħafna mħabba biex jgħinu f'kull ma kien meħtieġ, u b'mod tassew ta' l-għaġeb dejjem ħelsu minn kull periklu.

## 8 DWAR IT-TALB GĦOLI TIEGĦU U KIF XEWQATU KIENU DEJJEM JIĠU MAQTUGĦA

Is-seba' kapitlu

[641] 1 L-imqaddes Antnin, mill-imgħallem tiegħu Franġisku, tgħallem li l-aktar ħaġa ta' min jixtieqha għall-persuna reliġjuża hi li tkun mehdija fit-talb bla jaqta'. Tabilħaqq, Franġisku kien iħobb itenni li ħadd ma jista' jimxi 'l quddiem fis-servizz ta' Alla jekk ma jagħmilx kull sforz biex jgħolli ħsibijiet lejn is-sema u jitlob b'ħeġġa li ma tafx

52 Dan il-miraklu jiġi inkluż minn Arnald de Sarrant fil-*Liber Miraculorum* 4.

b'għejja. Min-naħa tiegħu, Antnin kien mehdi bla waqfien u b'passjoni fit-talb. Ried ikun jaqbel ma' kliem l-appostlu: *Nitlob bl-ispirtu, imma nitlob b'moħħi wkoll* (1Kor 14,15).

[642] 2 Ġara darba minnhom, dik il-ħabta li kien il-kustodju f'Limoges, li filgħaxija, wara l-kumpieta hu kien miġbur fit-talb bħas-soltu. Xi patrijiet, x'ħin ħarġu mill-oratorju[53], fid-dawl tal-qamar raw għalqa kbira, proprjetà ta' ħabib spiritwali[54] tagħhom, mimlija qamħ li kien għoddu wasal biex jinħasad. Imma raw li l-għalqa kienet invażata b'kotra kbira ta' rġiel, deċiżi li jagħmlu l-ħsara billi jaqilgħu mill-għeruq il-pjanti tal-qamħ.

[643] 3 L-għalqa kienet tmiss mal-post fejn jgħixu l-patrijiet. 4 Dawn, imnikktin għall-aħħar għall-ħsara li kien se jsofri l-ħabib devot tagħhom, b'ġirja waħda marru l-oratorju fejn il-bniedem ta' Alla kien soltu jgħaddi l-lejl jitlob. Imqanqlin u mbikkija qalulu dwar id-diżastru li laqat lill-ħabib ta' l-Ordni.

[644] 5 Il-bniedem ta' Alla tahom din it-tweġiba: "Ħalluhom, l-aħwa, ħalluhom jagħmlu u morru lura itolbu. Għax hu proprju dan li jrid *l-għadu tagħkom* (cfr. 1Pt 5,8): li tgħaddu l-lejl inkwetati u hekk iħawdilkom l-ispirtu tat-talb. 6 Kunu afu li din id-darba żgur li ebda dannu, ebda qerda ma hi se ssir fl-għalqa tal-benefattur tagħna". 7 L-aħwa obdew u qagħdu għall-pariri tal-missier qaddis. Stennew sa ma jisbaħ biex jaraw biex kienet se tispiċċa din il-biċċa.

[645] 8 Malli bexbex, ħarsu lejn l-għalqa minn kull kantuniera, u raw b'għajnejhom li ma kienet ġrat ebda ħsara, u kollox kien f'postu. 9 Dan ġiegħelhom jifhmu li kollox kien ingann tax-xitan, u beda jkollhom aktar qima u devozzjoni għat-talb qaddis li għaraf jikxef il-maskra u juri dak li jrid ix-xitan[55].

---

53 Ninsabu f'Limoges, għalkemm l-awtur ma jsemmix eżattament il-post. Jidher li l-komunità Franġiskana kellha oratorju għall-użu tagħha fejn il-patrijiet kienu jinġabru għat-talb kanoniku. Kienu għadhom kemm spiċċaw jitolbu l-*Completorium*, jew Kumpieta, l-aħħar siegħa ta' l-Uffiċċju divin.

54 L-*amicus spiritualis* (ħabib spiritwali) tal-patrijiet Minuri hu figura importanti sa mir-*Regula bullata* ta' l-1223, fil-kap. 4,2 (FSF 149), imma li mbagħad jiġi muri aħjar ir-rwol tiegħu fil-bulla *Quo elongati* ta' l-1230 (FSF 1719), meta jiġi meqjus bħala aġent li jamministra l-karità li tingħata lill-patrijiet, għall-ġid tagħhom stess, u biex jgħinhom iħarsu l-projbizzjoni tar-Regola li ma jmissux flus b'idejhom.

55 Episodju ta' qerq djaboliku li għadda fil-*Liber Miraculorum* 11.

[646] 10 Barra dan, billi ma jieqaf qatt jitlob min jixtieq jagħmel il-ġid, l-imqaddes Antnin kompla bla waqfien ta' xejn fit-twettieq ta' l-għemejjel tajba. Hekk l-għadu jsib dejjem mehdi filli jagħmel opri ta' ħniena[56].

[647] 11 Dik il-ħabta kien qed jgħaddi x-xitwa fil-belt ta' Padova, impenjat bis-sħiħ filli jikteb is-*Sermones* għall-festi tal-qaddisin. Kien talbu jagħmel dan il-Kardinal ta' Ostia. Imma meta qorob żmien ir-Randan qatagħha li jiddedika dak iż-żmien għall-predikazzjoni u l-amministrazzjoni tas-sagrament tal-qrar.

[648] 12 Iżda l-għadu tal-bnedmin ried ifixkel bis-sħiħ din il-missjoni li żgur kienet se tħalli l-frott. Darba minnhom, bil-lejl, fil-bidu tar-Randan[57], waqt li l-qaddis kien qed jistrieħ mill-għejja li ħakmitu, beda jagħfaslu griżmejh b'tant vjolenza li kienu għoddu fgah. 13 Mall-ewwel Antnin beda jsejjaħ b'leħen qalbu lill-Verġni Mbierka. Iva, hi kienet l-għalliema tiegħu fis-snin bikrija, u fis-snin ta' wara, għajnuna li dejjem ħarsitu. 14 Kif fetaħ għajnejh ra ċ-ċella mimlija dawl leqqien. L-għadu tad-dawl, li ma jiflaħx jissaporti dija bħal dik, ħarab imħawwad.

[649] 15 Hekk hu safa meħlus mis-setgħa tax-xitan minn Dik li, sa minn kmieni, mexxietu fit-triq ta' l-għerf. 16 B'xejn ma nistagħġbu li x-xitan għamel minn kollox biex lil Antnin jifgah. Iva, għax Antnin qatt ma waqaf inaqqi l-ħaxix ħażin permezz tas-sagrament tal-qrar, u bix-xlief tal-predikazzjoni jeħles l-erwieħ li l-ħażin kien kiseb għalih b'kull xorta ta' dnubiet li ġiegħelhom jagħmlu.

[650] 17 Lil Alla *għoġbu ferm it-talb imsieħeb mas-sawm* (cfr. Tob 12,8). Kif is-sawm ifejjaq ċerti disturbi tal-ġisem, hekk it-talb ifejjaq il-mard tar-ruħ. Bil-ħsieb li jgħix fi qdusija spiritwali u fiżika, Antnin kien jitratta lil ġismu bl-aħrax. Bis-sawm ħobż u ilma kien iżomm f'qagħda ta' qaddej, u hekk hu, li kien jippriedka lill-oħrajn, qatt ma safa ikkundannat.

[651] 18 Kien jilbes, fuq il-laħam, katina tal-ħadid. Parti minn din il-

56 Cfr. HIERONYMUS, *Ep. 125 ad Rusticum*, 11, PL 22,1078: *Semper aliquid boni operis facito, ut et diabolus inveniat occupatum*.

57 L-episodju seħħ fil-famuż Randan ta' l-1231 li fih Antnin ippriedka kwareżimal sħiħ f'Padova.

katina hi miżmuma sallum fil-post tal-patrijiet f'Limoges[58] u jgħodduha bħala relikwa kbira u importanti. 19 B'din l-awsterità rnexxielu jġiegħel lil ġismu joqgħod għall-ispirtu, għad li bilkemm kien jiflaħ iżomm fuq saqajh.

[652] 20 Ir-ruħ imbierka ta' Antnin ma kienet megħluba lanqas bl-iċken mod mit-toqol tal-ġisem. Kienet hekk mgħollija 'l fuq li bħal donnu *kien qed jgħix fis-sema* (cfr. Fil 3,20) aktar milli fuq l-art. 21 Għalhekk, Alla li jara mill-għoli u jagħraf ix-xewqat tiegħu, kien jaqtagħhomlu bil-qalb. 22 Ħafna midinbin, maqbuda fix-xibka ta' dnubiet kotrana u ta' kull xorta, kienu jirċievu ispirazzjoni li jmorru jippreżentaw ruħhom lil Antnin biex, bl-interċessjoni u t-talb tiegħu, jaqilgħu l-maħfra.

[653] 23 Ġara darba fost l-oħrajn li marad waqt li kien f'monasteru ta' l-irħieb is-suwed (Benedittini) fid-djoċesi ta' Limoges[59]. 24 Wieħed raħeb ġie mitlub jieħu ħsiebu u jaqdih. 25 Issa dan kien ittentat biex jagħmel dnubiet kontra l-ġisem, u l-ispirtu għarraf b'dan lill-bniedem ta' Alla. 26 Issa, hu xieraq li min jgħix ma' qaddis jimmerita li jsir qaddis u bla ħtija. Meta darba minnhom dan ir-raħeb kien ħdejn il-bniedem ta' Alla, dan ċanfru bil-ħlewwa kollha. Kixiflu t-tentazzjoni li kellu moħbija f'qalbu u l-friegħi kollha tagħha. Bis-saħħa tat-talb kollu mħabba wasslu biex jilbes it-tonka ta' taħt li kien jilbes il-qaddis, li tant kien iħobb is-safa, u li kien għadu kif neħħieha[60].

[654] 27 Ħaġa ta' l-għaġeb imqar tirrakkontaha! Kif appena t-tonka,

---

58 L-espressjoni *in loco fratrum* hi espressjoni ġenerika, li tiġbor fiha l-knisja u l-kunvent fejn kienu jgħixu l-patrijiet. Dwar il-ħajja iebsa ta' penitenza li kien jgħix il-qaddis, għandna prova fl-*Assidua* 7,10-11, fejn l-awtur jitkellem dwar il-penitenzi ta' Antnin fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo. Rigaldi japplika għaż-żmien li fih Antnin għex f'Limoges l-istess prattika ta' penitenzi ħorox li kien għex fir-Romagna.

59 Il-*Liber Miraculorum* 8 jispeċifika li li dan l-episodju seħħ fl-abbazija ta' Solignac, qrib Limoges (*ad abbatiam de Sollempniaco*). L-irħieb suwed huma l-Benedittini li jimxu fuq l-interpretazzjoni tradizzjonali tar-Regola ta' San Benedittu u jilbsu tonka sewda, li tiddistingwihom mill-movimenti ta' riforma Benedittina (Klunjaċensi, Ċisterċensi) li jilbsu tonka bajda.

60 L-espressjoni *amator munditiae* ma tirreferix għall-fatt li Antnin kien iħobb l-iġjene fiżika tal-ġisem, imma pjuttost li kien iħobb is-safa tal-qalb. Ir-*Raymundina* 3,2 tippreżenta lil Sant'Antnin bħala *amator munditie sincerissimus*. L-*interior tunica* kienet speċi ta' libsa tas-suf li kienet tintlibes fuq il-ġilda taħt it-tonka, skond kif tagħti permess ir-*Regula bullata* 2,9.16.

li kienet messet mal-ġisem innoċenti ta' l-imqaddes Antnin, messet mal-ġisem tar-raħeb li kien imħajjar għad-dnub, ix-xewqat u t-tqanqil ħażin għebu għal kollox: it-tonka messet lil ġismu u fejqitlu lil ruħu. 28 Dak ir-raħeb mhux darba jew tnejn irrakkonta lill-patrijiet kif, minn dak il-ħin li libes it-tonka ta' l-imqaddes Antnin ma ġarrab qatt iżjed tentazzjonijiet biex jidneb kontra l-ġisem. 29 Hu li qeda lill-bniedem ta' Alla marid gravement, qala' l-grazzja li jkun meħlus mill-ġrieħi ta' l-ispirtu.

[655] 30 Antnin kellu dejjem moħħu merfugħ 'il fuq fit-talb, u dejjem mehdi *jagħmel opri tajba* (cfr. 1Tim 6,18), u jipprattika s-sawm u l-astinenza. Għalhekk kien kollu ħeġġa fix-xandir tal-Kelma u setgħan fl-għemejjel mirakolużi.

[656] 31 Ġrajja oħra mirakoluża seħħet meta l-qaddis kien fi Spanja[61]. 32 Kien hemm żagħżugħ li bħal donnu nesa għal kollox ir-rispett li, skond il-kmandamenti tal-Mulej, kellu juri lejn ommu. Mhux biss, imma dak il-preċett kien ikasbru u jikkalpestah hekk li, darba minnhom b'rabja fuqu, lil ommu taha daqqa ta' sieq bi vjolenza kbira u xeħetha ma' l-art. 33 Wara li sema' priedka ta' Antnin, ħass *ix-xabla tal-kelma ta' Alla ħierġa minn fommu u tinfidlu qalbu* (cfr. Ef 6,17). Mar iqerr u b'qalbu mnikkta u d-dmugħ nieżel minn għajnejh, stqarr l-għemil ħażin tiegħu. 34 Meta rah li nidem, il-bniedem ta' Alla, fost ħwejjeġ oħra, ordnalu jmur bl-umiltà kollha jitlob maħfra lil ommu.

[657] 35 Dak iż-żagħżugħ ried jagħmel b'ubbidjenza dak li ordnalu l-bniedem ta' Alla, u li ommu talabha bil-ħniena biex taħfirlu. Hi weġbitu: "Jien, li kien għalija naħfirlek bil-qalb, imma nħossni ċerta li Alla mhux se jħalli bla kastig għemil faħxi bħal dan". 36 Dan il-kliem liż-żagħżugħ ħawdu bis-sħiħ fl-ispirtu tiegħu. Kollu avvilit, mar ingħalaq f'kamartu u minnufih, b'daqqa ta' mannara, qata' barra dak ir-riġel li bih kien weġġa' lil ommu. 37 Id-demm beda jgelgel bħal xmara, u ż-żagħżugħ erħilu jitkgħaweġ bl-uġieħ. L-għajjat kiebi tiegħu u ta' ommu, li marret ħdejh, instema' wkoll min-nies tal-qrib li kollha ġew jaraw x'ġara.

[658] 38 Meta kien qed jiġri dan kollu, il-bniedem ta' Alla nzerta kien

61 Ma għandna l-ebda riferiment fil-Fonti Antonjani li Sant'Antnin qatt għex fi Spanja. Jista' jkun li l-kopista ħa żball, u flok *in Italia* kiteb *in Hispania*. Jew inkella, l-isem Spanja jindika l-penisola Iberika kollha kemm hi, inkluż il-Portugal.

għaddej minn hemm. Meta sar jaf il-kawża ta' dak il-biki u x-xegħir, ftakar li xi ħadd fil-qrar kien qal li kasbar lil ommu. Waqaf u daħal id-dar. 39 Malli rah lil dak il-ġuvni, għarfu, u talbu jagħtih ir-riġel li kien qata'. 40 Waqt li żammu f'idejh, kollu fiduċja fis-setgħa ta' Alla li *jfejjaq lil dawk li jkunu niedma f'qalbhom u jorbot il-ġrieħi tagħhom* (cfr. S 146,3), ressaq dak ir-riġel. 41 Dak il-ħin stess ir-riġel reġa' ingħaqad ħaġa waħda, u ż-żagħżugħ inħeles mill-uġiegħ u minn dik id-diżabilità. 42 Fiż-żagħżugħ dan il-miraklu wera biċ-ċar il-valur ta' l-indiema u tas-sagrament tal-qrar. U wera wkoll f'Antnin il-qawwa tat-talb tiegħu[62].

[659] 43 Kemm kien qawwi t-talb tiegħu meta sewwa mill-ġdid it-tazza tal-ħġieġ li nkisret u l-inbid imxerred li reġa' lura lejn il-bittija, jista' jara wkoll min jiftakar tajjeb dak li għidna sa issa dwar l-umiltà tal-qaddis u kif il-Mulej dejjem qatagħlu xewqatu. 44 Raġel tassew ta' l-għaġeb, li għaraf irażżan lil ġismu b'ħafna ċaħdiet, u li l-moħħ tiegħu kien dejjem merfugħ fil-għoli, li t-talb tiegħu kien dejjem mismugħ skond xewqatu, li l-ilbies tiegħu fejjaq ruħ imħawwda u li għat-talb tiegħu riġel maqtugħ ingħaqad mal-ġisem.

## 9 DWAR IL-PREDIKAZZJONI FAMUŻA TIEGĦU U L-GRAZZJA LI KELLU LI JFEJJAQ IL-MORDA

It-tmien kapitlu

[660] 1 Antnin ġie magħżul biex jaqdi l-ministeru tal-predikazzjoni bir-rieda ta' Alla. Min-naħa tiegħu, hu impenja ruħu bis-sħiħ filli jaqdi din il-missjoni. Arah iterraq ma' l-irħula, il-kastelli u l-bliet, ixerred ma' kullimkien iż-żerriegħa tal-Kelma tal-ħajja u *jifrex ix-xibka tat-tagħlim divin* (cfr. Ġw 21,6; Mt 13,47).

[661] 2 Hu kien it-tromba tal-liġi ta' Mosè, l-eku tal-profeti, il-leħen ta' l-appostli, il-ħabbâr ta' l-Evanġelju, il-messaġġier tal-verità li ssalva.

[662] 3 *F'nofs il-ġemgħa fetaħ fommu u Alla mlieh bl-ispirtu ta' l-*

---

62 Dan hu wieħed mill-mirakli l-aktar famużi attribwiti lil Sant'Antnin, li ġie immortalizzat fil-vetrata ta' skola Giottesca fil-bażilika inferjuri ta' San Franġisk f'Assisi. Il-*Benignitas* hi l-ewwel leġġenda li tirrakkonta dan il-miraklu b'mod dettaljat, u tambjentah f'Padova, filwaqt li tagħti wkoll isem liż-żagħżugħ: Leonardo.

*għerf u l-intelliġenza* (cfr. Sir 15,5). 4 Il-predikazzjoni tiegħu saret hekk magħrufa ma' kullimkien, li l-qdusija tiegħu l-Papa kien isejjaħlu b'espressjoni kollha speċjali: *Arka tat-Testment*[63].

[663] 5 In-nies tal-kultura kienu jammiraw il-finezza tal-ġenju, flimkien ma' l-elokwenza mdawwla għall-aħħar, f'raġel li f'kull argument kien jiżen kull kelma fuq il-miżien ta' ekwilibriju rari għall-aħħar. 6 Mimli, anzi imfawwar bit-tagħlim, lil kull wieħed u waħda kien jagħtihom il-qjies li kellhom bżonn. Hekk, kemm meta jkellem lill-kbar jew liż-żgħar, lil kull wieħed kien jolqot bil-vleġġa tal-verità. 7 Kien jaf jadatta ruħu għall-qagħdiet varji u għall-kategoriji tan-nies. Kliemu kien dejjem imħawwar bil-kliem ta' l-għaqal, u fis-sagrifiċċju tal-predikazzjoni tiegħu kien dejjem jixħet dan il-melħ. Ir-riżultat kien li, min jinduna li kien fl-iżball, kien jerġa' jdur lura, il-midneb jikkonverti, it-tajjeb jimpenja ruħu biex isir aħjar. Insomma, ħadd ma kien imur lura d-dar imdejjaq.

[664] 8 F'Rimini rnexxielu jikkonverti għadd ġmielu ta' eretiċi u jreġġagħhom lura għall-integrità tal-fidi nisranija. 9 Fost dawn kien hemm ereżjarka jismu Bononillo, li kien ilu tletin sena agħma minħabba l-iżbalji qarrieqa li kien iħaddan. Il-qaddis reġġgħu lura għad-dawl tal-verità, u għenu jippersevera devotament fl-ubbidjenza tal-preċetti tal-Knisja sal-mewt.

[665] 10 La qed infakkru l-predikazzjoni tiegħu, ma nistgħux nagħalqu ħalqna dwar dak li ġara lill-patrijiet, miġbura biex jiċċelebraw il-kapitlu provinċjali fi Provence, fil-belt ta' Arles. 11 Antnin, bi kliem kollu ħlewwa, kien qed jagħmel priedka fuq il-kliem imwaħħlin mas-salib: *Ġesù Nazzarenu, Sultan tal-Lhud* (cfr. Ġw 19,21). 12 Dik il-ħabta l-imqaddes Franġisku kien għadu ħaj, imma kien jgħix fil-bogħod, fl-Italja. Il-missier qaddis ried jagħti xhieda ta' min joqgħod fuqha għall-predikazzjoni ta' Antnin. Arah, ħin bla waqt, jidher fil-bieb fejn kien qed jiġi iċċelebrat il-kapitlu, merfugħ mill-art, b'idejh mifruxa forma ta' salib, ibierek lill-patrijiet[64].

---

63 Fuq l-eżempju ta' Julian minn Speyer, il-leġġendista jeskludi mir-rakkont kull riferiment għall-vjaġġ ta' Antnin lejn il-kurja Rumana, jew għal xi konferenza li l-qaddis għamel quddiem il-Papa u l-kardinali (cfr. *Assidua* 10,1).

64 Dan ir-rakkont hu deskritt b'mod dettaljat minn San Bonaventura fil-*Legenda Maior* 4,10-12; 11,14-34. Hu wkoll Bonaventura li jagħtina għall-ewwel

[666] 13 Nemmnu bis-sħiħ li Alla li jista' kollox ta lill-isqof qaddis Frontone[65] li jieħu sehem fil-funeral tal-glorjuża Marta, li laqgħet għandha lil Kristu, biex jagħti ġieħ u qima lil din il-mara. Ried ukoll li l-qaddej tiegħu Franġisku jkun preżenti waqt il-predikazzjoni tal-ħabbâr tal-verità, Antnin. Dan biex jagħti l-approvazzjoni għall-kliem tal-verità, l-aktar dwar is-salib ta' Kristu, li tiegħu kien ħabbâr u qaddej.
[667] 14 Kien jaqbel ħafna u wisq xieraq li Franġisku jagħti xhieda bħal din lil Antnin, li b'xewqa ħerqana kien imxennaq iġarrab it-tbatija tas-salib meta daħal fl-Ordni. Iva, din ix-xhieda taha waqt li Antnin kien qed jippriedka u jfisser il-misteri u s-sinjali moħbija tal-passjoni. 15 Din ir-rivelazzjoni saret magħrufa minn Fra Monaldo, raġel ta' qdusija ġenwina. Hu lil Franġisku rah b'għajnejh, u kellu wkoll konferma minn dikjarazzjoni pubblika ta' l-istess Franġisku.
[668] 16 Ta' spiss, meta kien ikun jippriedka lill-poplu, Antnin kien iħabbar minn qabel dak li kellu jiġri waqt li jkun jitkellem. 17 Darba minnhom kien qed jippriedka qrib Saint Junien, fid-djoċesi ta' Limoges[66]. Il-kotra tan-nies li riedu jisimgħuh kienet hekk kbira li ma kien hemm ebda knisja kapaċi tesa' dawk in-nies kollha. Il-bniedem ta' Alla kellu bilfors ifittex pjazza kbira fil-beraħ fejn jippriedka.
[669] 18 B'ħeffa ippreparawlu palk ta' l-injam u l-bniedem ta' Alla tela' fuqu, imma ħabbar minn qabel dak li kien se jiġri b'dan il-kliem: "Intqal li l-għadu se jidħol għal għarrieda u b'saħħa waqt il-priedka. Imma tibżgħu xejn, għax ħadd minnkom ma hu se jsofri l-iċken ħsara". 19 Wara ftit tal-ħin, fost l-emozzjoni ta' kulħadd, il-palk li fuqu kien il-qaddis ċeda, imma la hu u lanqas dawk li kienu mdawrin miegħu

---

darba l-isem ta' fra Monaldo, li ra lil San Franġisk merfugħ ibierek lill-patrijiet. F'Arles il-patrijiet Minuri kellhom l-ewwel kunvent fl-1219.

65 Bonaventura jfakkar fid-dehra ta' Sant'Ambroġ waqt il-funeral ta' San Martin, fatt li Rigaldi diġà jsemmih f'6,31. Biex ma jirrepetix l-istess miraklu, f'dan il-każ tal-bilokazzjoni ta' San Franġisk, Rigaldi jagħmel użu mill-ħajja ta' San Frontone. Dan kien isqof ta' Périgueux, u ħajtu hi mimlija leġġendi. Jingħad li kien preżenti fil-funerali ta' Santa Marta f'Tarascon. Cfr. H. CLAUDE, *Fronton di Périgueux*, in *Bibliotheca Sanctorum,* Vol. V, Roma 1964, 1288-1291; V. SAXER, *Marta di Betania*, in *Bibliotheca Sanctorum,* Vol. VIII, Roma 1966, 1204-1215,

66 Desbonnets, *Lo sviluppo degli insediamenti francescani*, 71, jindika s-sena 1268 għall-fundazzjoni tal-kunvent tal-Minuri f'Saint Junien. Imma hawnhekk ma jissemmiex il-kunvent tal-patrijiet.

ma ġarrbu xi ħsara. 20 Dan il-fatt ħeġġeġ lill-poplu għall-qima akbar lejn il-bniedem ta' Alla, li fih kienu jaraw jiddi *l-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apk 19,10). Il-palk reġgħu waqqfuh, u lil Antnin kulħadd qagħad jisimgħu b'attenzjoni kbira[67].

[670] 21 Mingħand xi patrijiet ta' min joqgħod fuqhom, smajt dan ir-rakkont. Antnin kien qed jippriedka f'Bourges, waqt ċelebrazzjoni ta' sinodu. Lill-arċisqof indirizzah bi kliem iebes u qallu: "Qed inkellem lilek, ja kornut!"[68] 22 U beda jċanfru minħabba ċerti vizzji li kienu qed itebbgħu l-kuxjenza tal-prelat. Antnin tkellem b'ħeġġa kbira u saħħaħ kliemu b'argumenti ċari u sodi meħudin mill-Iskrittura. Malli semgħu, l-arċisqof mall-ewwel ħassu jindem u beda jibki. Minn dakinhar beda jħoss devozzjoni li qatt ma kien ġarrab qabel. 23 Meta ntemmet il-laqgħa sinodali, ħa lill-qaddis fil-ġenb u bl-umiltà kollha urieħ il-pjagi tal-kuxjenza tiegħu. Minn dakinhar, kiber fid-devozzjoni lejn Alla u beda jħobb aktar lill-patrijiet u jimpenja ruħu b'żelu akbar fis-servizz ta' Alla[69].

[671] 24 Jekk xi drabi, xi wħud għad li mogħnija b'intelliġenza, kienu jmaqdru l-predikazzjoni tiegħu, Alla kien jindaħal u juriha denja ta' qima u għeġubijiet permezz ta' annimali bla raġuni. 25 Qrib il-belt ta' Padova, xi eretiċi iddisprezzaw u iddieħku bil-priedki tiegħu. Il-qaddis erħielha lejn xatt ix-xmara, mhux bogħod ħafna, u qal lill-eretiċi dan il-kliem, b'ton li l-folla preżenti semgħetu tajjeb: "La darba qed turu li m'intomx denji tisimgħu l-Kelma ta' Alla, jien *se ndur u mmur inkellem* (cfr. Atti 13,46) lill-ħut. Hekk inħawwad, bil-miftuħ, in-nuqqas ta' twemmin tagħkom".

[672] 26 Kollu ħeġġa ta' l-Ispirtu beda jkellem lill-ħut, isemmilhom id-doni li Alla għanihom bihom: ħalaqhom u ħasbilhom biex jgħixu fl-ilma nadif, tahom ħafna libertà, ħa ħsieb jitmagħhom bla ma jkollhom għalfejn jaħdmu.

[673] 27 Għal dan il-kliem, il-ħut bdew jinġemgħu flimkien u jersqu qrib biex jisimgħuh. Għollew 'il fuq mill-ilma l-parti ta' fuq ta' ġisimhom, fetħu ħalqhom u iffissaw ħarsithom lejh, jisimgħuh b'attenzjoni. Il-qaddis dam jitkellem sakemm għoġbu, u huma baqgħu hemm, jisimgħu

67 Dan l-episodju jinsab ukoll fil-*Liber Miraculorum*, 12.

68 L-immaġini sarkastika tal-qarn tiġi suġġerita forsi mill-forma tal-mitra episkopali, li għandha żewġ ponot mifrudin.

69 L-episodju jinsab ukoll fil-*Liber Miraculorum*, 13. L-arċisqof kien jismu Simon de Sully.

b'dehwa sa l-aħħar. Tħares lejhom kont tistħajjilhom mogħnija bir-raġuni, u marru lura f'posthom x'ħin berikhom. 28 Il-Mulej li ġiegħel lill-għasafar jisimgħu b'ħerqa l-predikazzjoni tal-missier l-aktar qaddis Franġisku, ġabar flimkien il-ħut u għamel li jisimgħu b'attenzjoni l-predikazzjoni ta' ibnu, Antnin[70].

[674] 29 Fil-kitba li ġiet f'idejja sibt dan il-miraklu u għeġubijiet oħra wkoll li għamel il-qaddis, imma sibt ukoll eżempju ieħor tassew ta' l-għaġeb li ma jixraqx li nħalluh barra. 30 Mela kien hemm eretiku inkallit u Antnin b'xejn ma rnexxielu jwasslu jemmen il-verità dwar il-preżenza reali tal-Ġisem ta' Kristu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid fis-sagrament ta' l-altar, minkejja tant priedki li għamillu[71]. 31 Iva, kien nieqes sewwa mill-fidi, għax hu kien joqgħod biss fuq dak li jsir jaf bis-sensi tiegħu. Issa, billi fil-ħobż ma kien jara ebda bidla u lanqas fl-inbid, b'xejn ħadd ma seta' jdawru u jġiegħelu jemmen fil-verità tas-sagrament. B'danakollu, għal kull ruħ li temmen u tkun tabilħaqq devota, *ix-xhieda tal-verità* (cfr. Ġw 1,1-18) għandha tkun biżżejjed. Hi ma tistax tqarraq meta tgħid: *Dan hu ġismi* (cfr. 1Kor 11,24; Mk 14,22; Mt 26,26; Lq 22,19) .

---

70 L-aġjografu jgħid li dan il-fatt tal-miraklu tal-ħut u l-miraklu ta' l-Ewkaristija ħadhom minn kitba li ġiet f'idejh (*scriptum ... repperi*). Dan il-miraklu popolari jinsab rakkontat fl-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius,* 49; *Fioretti,* 40. Dawn iż-żewġ Fonti jambjentawh f'Rimini. L-istess jagħmel il-*Liber Miraculorum,* 2. Bartolomeo da Pisa, fil-*Liber de conformitate vitae*, jagħtina żewġ redazzjonijiet ta' l-istess miraklu, li wieħed minnhom jambjentah f'Rimini (2,2-16), filwaqt li l-ieħor jgħid li seħħ *In Lombardia ... iuxta fluvium* (3,27-29). Ir-*Rigaldina* tgħid li l-miraklu seħħ fi xmara, imma qrib Padova.

71 Il-kurrenti eretikali ta' żmien Sant'Antnin kienu marbutin ma' l-ereżija tal-Katari, li kienu kuntrarji għad-duttrina kattolika tal-*conversio* (bidla sostanzjali) tal-ħobż u l-inbid, ikkonsagrati fil-Quddiesa, fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-Konċilju Lateran IV (1215) fil-*Constitutio* 1, *De fide catholica*, jgħid: *Una vero est fidelium universalis Ecclesia, extra quam nullus omnino salvatur, in qua idem ipse sacerdos et sacrificium Iesus Christus, cuius corpus et sanguis in sacramento altaris sub speciebus panis et vini veraciter continentur, transsubstantiatis pane in corpus et vino in sanguinem, potestate divina, ut ad perficiendum mysterium unitatis accipiamus ipsi de suo, quod accepit ipse de nostro. Et hoc utique sacramentum nemo potest conficere nisi sacerdos...* (Cfr. *Conciliorum oecumenicorum decreta,* Bologna 1973, 230).

[675] 32 It-twajjeb missier, li kien jixtieq b'ħerqa kbira *s-salvazzjoni ta'l-erwieħ* (cfr. 1Pt 1,9), kien jitħassru jarah nieqes hekk mill-fidi. Qallu darba minnhom: "Li kieku ż-żiemel li spiss tirkeb fuqu kellu jadura l-Ġisem ta' Kristu, tabilħaqq preżenti taħt l-ispeċi tal-ħobż, ma temminx fil-verità tas-sagrament tal-Mulej u tal-Knisja?" 33 L-eretiku, jaqbad ħuġġieġa waħda bin-nuqqas ta' fidi u tal-ħażen li kien vittma tagħhom, wieġbu: "Inżomm iż-żiemel tiegħi sajjem għal jumejn, bla ma nagħtih ebda ikel, u fit-tielet jum inġibu fil-pubbliku. Fuq naħa, quddiem il-bhima, inqiegħed l-ikel li s-soltu nagħtih, u fuq l-oħra oqgħod int, b'dak il-ħobż li int tgħid li fih ikun hemm preżenti l-Ġisem ta' Kristu. 34 Jekk iż-żiemel imġewwaħ ma jagħtix kas ta' l-għalf u jinżel għarkobbtejh quddiem il-Ġisem ta' Kristu, nistqarr b'fommi u b'qalbi l-verità tas-sagrament". 35 Il-missier qaddis għoġbitu din il-protesta ta' l-eretiku, u żied jgħidlu: "Jekk fit-tielet jum iż-żiemel ma jagħmel ebda ġest ta' qima lejn il-Ġisem ta' Kristu, dan iseħħ ħtija tad-dnubiet tiegħi, imma ma jnaqqas xejn mill-verità tas-sagrament".
[676] 36 Sar kollox kif kien miftiehem u liż-żiemel ma tah ebda ikel. Fit-tielet jum ġab iż-żiemel fil-pjazza u fuq naħa qegħedlu l-ġwież bħas-soltu. Antnin, li f'idejh kien iżomm bil-qima l-kalċi li fih kien hemm *ir-rahan tas-salvazzjoni tagħna* (cfr. Ef 1,14), jiġifieri l-Ġisem ta' Kristu, qagħad fuq naħa oħra. 37 Inġabret fil-pjazza kotra kbira ta' nies. Iż-żiemel tħalla jmur fejn irid u fejn jogħġbu, imma bħallikieku kien mogħni bir-raġuni, mexa b'pass deċiż lejn fejn kien hemm il-Ġisem tal-Mulej u niżel għarkobbtejh quddiem il-qaddis li kien iżomm f'idejh l-Ewkaristija. 38 Iċċaqlaq minn dik il-qagħda biss meta l-qaddis tah il-permess li jqum.
[677] 39 Meta ra dan il-miraklu, dak l-eretiku nħeles mid-dlam ta' l-iżbalji li kien iħaddan. 40 Ħa jistħi, għalhekk, min ma jemminx f'dan is-sagrament kbir, meta annimal nieqes mir-raġuni wera tant qima u devozzjoni[72].
[678] 41 Antnin, għalhekk, terraq 'l hawn u 'l hinn *ixandar il-Kelma, u l-Mulej kien iwettaq kliemu bil-mirakli li kien jagħmel* (cfr. Mk 16,20). 42 Darba minnhom f'Limoges sejjaħ lill-poplu għall-predikazzjoni

72 Fra Arnald de Sarrant, fil-*Liber Miraculorum,* 3 jittraskura din in-narrazzjoni tar-*Rigaldina*, u jippreferi jġib fil-qosor l-istess episodju mill-*Benignitas*, fejn jingħad li l-miraklu seħħ *In partibus Tholosanis* (Toulouse). Bartolomeo da Pisa (2,17-19) jgħid li l-miraklu seħħ *In dicta civitate Arimini* (Rimini).

solenni. Iżda l-ġemgħa li nġabret kienet hekk kotrana li ebda knisja ma kienet tesagħha. Għalhekk, mexxa lil dawk kollha li ġew lejn post fil-beraħ, miftuħ u wiesgħa, fejn qabel kien hemm il-palazzi ta' nies pagani. Dan il-post jissejjaħ *Cruex des Arènes,* u hemm il-poplu seta' joqgħod bilqiegħda bil-kumdità kollha, jisma' l-Kelma ta' Alla[73]. 43 Meta dik il-folla, impossibbli li tgħoddha, inġabret hemm, il-bniedem ta' Alla *beda jiżra' l-Kelma ta' Alla* (cfr. Lq 8,5.11).

[679] 44 Il-poplu kien qed isegwi d-diskors bl-akbar attenzjoni, imma fid-daqqa u l-ħin beda jinstema' r-ragħad u t-tkarwit u bdew jidhru sajjetti kollha nar; wara ftit bdiet nieżla wkoll ix-xita. 45 Kif jiġri dejjem, meta n-nies raw dik il-maltempata u nfetħu bibien is-sema, bdew jitħawwdu u bdew idabbru rashom. Imma l-bniedem ta' Alla għamlilhom kuraġġ, u b'ton deċiż li jserħilhom qalbhom, qalilhom: "Ibqgħu fejn intom u tibżgħu xejn. Tħallux li moħħkom jixxerred u hekk ma tkomplux tisimgħu l-Kelma ta' Alla. Jien nafda f'Dak li *t-tama fih ma tqarraqx bik* (cfr. Rum 5,5). Niżgurakom li x-xita ma hi se tagħmlilkom ebda ħsara".

[680] 46 Il-kliem ta' Antnin serraħ ras il-poplu. Alla *għalaq l-ilma fis-sħab* (cfr. Ġob 26,8) li kien inġema' fuq il-poplu miġbur. U waqt li fuq il-belt bdiet nieżla xita bil-qliel, fi qbil mal-wegħda tal-qaddis, fuq in-nies ma niżlet lanqas qatra waħda biss, u baqgħu hemm jisimgħu t-tagħlim divin li kien qed jagħtihom. 47 Għax il-kelma divina niżlet fuqhom mis-sema, bħallikieku xita spiritwali, u b'mod ta' l-għaġeb ħelsithom mill-iskomdu ta' tixriba qalila. 48 Alla, li iddispona li l-ġeżża ta' Gidgħon tixxarrab sew bin-nida u x-xita waqt li madwarha kullimkien kien niexef (cfr. Mħ 6,36-38), hekk għat-talb ta' Antnin, il-qaddej fidil tiegħu, għamel li kullimkien bdiet nieżla xita bil-qliel, imma mhux fuq dawk li kienu jisimgħu l-Kelma ta' Alla. B'dan il-mod deher ċar x'qawwa għandha din il-Kelma u fl-istess ħin kemm kienet effikaċi l-qawwa tat-talb ta' Sant'Antnin.

[681] 49 Il-bniedem ta' Alla kompla jippriedka sakemm għoġbu, u l-poplu baqa' jisimgħu b'attenzjoni kbira. 50 Meta ntemm id-diskors,

73 Il-*Creux des Arènes,* bil-Latin *Fovea de arenis*, kien l-antik anfiteatru ruman. Fi żmien Sant'Antnin hemmhekk kien post dejjem maħnuq bin-nies, fejn kien hemm is-suq. Skond l-użanzi ta' dak iż-żmien, kienet ħaġa normali li hemmhekk predikatur magħruf bħal Sant'Antnin jiġbor in-nies għall-priedki.

in-nies raw li mad-dwar kullimkien kien imxarrab sewwa, imma niexef qoxqox fejn kienu huma. Faħħru l-kobor ta' l-għaġeb ta' Alla li juri ruħu setgħan u *jagħti qawwa u ħila* (cfr. S 67,36) lill-qaddis tiegħu[74].
[682] 51 Meta jien dħalt fl-Ordni tal-patrijiet Minuri, kienu għadhom ħajjin għadd ġmielu ta' patrijiet li kienu preżenti għal dik il-priedka u baqgħu jiftakru s-suġġett li fuqu tkellem il-qaddis. Ir-rakkont tagħhom hu ta' min jemmnu bis-sħiħ, għax xehdu fuq *dak li raw b'għajnejhom u semgħu b'widnejhom* (cfr. Eżek 40,4).
[683] 52 Kemm kien kbir il-frott li nkiseb f'ħafna partijiet tad-dinja bil-predikazzjoni tal-qaddis, nistgħu b'xi mod nieħdu idea ċara tiegħu jekk nikkunsidraw ir-riżultat eċċezzjonali li rnexxielu jikseb f'belt waħda u matul iż-żmien ta' sena waħda[75].
[684] 53 Il-Mulej għoġbu wkoll li jtemm il-ħajja tal-qaddej fidil tiegħu. Issa ġara li s-sena qabel mewtu, jiġifieri s-sena tal-Mulej 1230, f'Assisi kien qed jiġi ċelebrat il-kapitlu ġenerali. Kien ukoll f'dik l-okkażjoni li ġew ittrasportati l-fdalijiet ta' l-imqaddes missier Franġisku. Il-bniedem ta' Alla, Antnin, ġie meħlus mill-uffiċċju tat-tmexxija tal-patrijiet u mogħti l-libertà li jmur jippriedka fejn jogħġbu. 54 Dik il-ħabta hu kien impenjat jikkomponi l-priedki għall-festi tal-qaddisin, wara li fis-snin ta' qabel kien lesta wkoll dawk tal-Ħdud ta' matul is-sena. Biex iwassal għat-tmiem din l-opra għażel il-post ta' Padova fejn qabel kien għamel esperjenza tad-devozzjoni tal-poplu ta' din il-belt.
[685] 55 Fiż-żmien li għex f'Padova, hu qatagħha li jiddedika ruħu b'mod sħiħ għall-predikazzjoni[76]. Il-kotra tan-nies tħeġġet sewwa bix-xewqa li tisimgħu. Bdew jiffurmaw gruppi, ġejjin minn kull naħa, hekk li kien meħtieġ li dawn il-laqgħat ta' kuljum fi knejjes differenti jiġu organizzati. 56 Issa dawn il-knejjes ma setgħux jakkomodaw il-ġmiegħi

---

74 Miraklu ieħor tax-xita li ma xxarrabx, u li jixbaħ lil dan, jiġi attribwit mill-awtur tad-*Dialogus* (1256-57) lil fra Graziano tar-Romagna. Skond Bartolomeo da Pisa (2,24-32) l-avveniment seħħ fil-belt ta' Bourges. Il-poplu ma nġabarx fil-*Fovea de Arenis*, imma *ad quoddam pratum latissimum*. L-istess miraklu jidher riprodott f'bassriljiev fuq il-faċċata tal-kattidral ta' Bourges.

75 Hawnhekk Rigaldi mhux qed jirreferi għas-soġġorn ta' Sant'Antnin f'Limoges, imma għall-perjodu ta' tmiem il-ħajja tat-Tawmaturgu f'Padova – mis-sajf ta' l-1230 sat-13 ta' Ġunju 1231.

76 Mill-*Assidua* u l-*Vita Secunda* nafu li din il-predikazzjoni seħħet fil-famuż Randan li l-qaddis għaddieh jippriedka f'Padova, fi Frar-Marzu 1231.

kbar li kienu jikbru kull jum. Għalhekk il-qaddis beda jfittex postijiet fil-miftuħ fil-kampanja. 57 Il-poplu kien jiġi akkumpanjat mill-kleru wkoll. Kienu jiġu mill-bliet u mill-irħula tal-qrib, u lkoll kienu jfittxu l-postijiet ta' quddiem fejn kienet se ssir il-priedka. 58 Il-bejjiegħa kienu jagħlqu l-ħwienet tagħhom, u ħadd ma kien jazzarda jbiegħ xejn qabel tispiċċa l-priedka. 59 X'gost kont tieħu tara nies, għedewwa ta' xulxin u joboghdu lil xulxin għall-mewt, jagħmlu l-paċi. Kont tara ħabsin li kienu ilhom snin magħluqa, jiksbu l-libertà. Ħallelin u użuraj iħallsu d-djun u jagħtu lura r-rahan li jkunu rċevew. Il-prostituti wkoll jiċħdu għall-għemejjel baxxi u mistkerrħa tagħhom[77].

[686] 60 Għall-ħabta tas-sena 1292, raġel anzjan irrakkonta lill-patrijiet Minuri li hu kien ra lill-imqaddes Antnin. 61 Dan it-tali, dik il-ħabta kien ħalliel vjolenti, membru ta' grupp ta' briganti li jgħixu fil-bosk, u erħilhom jaggredixxu u jneżżgħu lil kull min jgħaddi mill-qrib. Ilkoll kienu nies ta' qattagħni, imma meta semgħu bil-fama li kien jikseb Antnin bil-priedki tiegħu, ftiehmu li jmorru jisimgħuh huma wkoll f'jum determinat. Ftiehmu wkoll li jkunu liebsin b'mod li ma jagħtux fil-għajn. 62 B'xejn ma setgħu jemmnu lil dawk li kienu jippretendu li l-kelma tal-qaddis kienet hekk effikaċi, bħallikieku kienet tixbaħ lil torċa taqbad qawwi, għax lil Antnin xebbħuh ma' Elija ieħor.

[687] 63 Wasal il-jum li Antnin kien jippriedka, u kif dawn it-talin semgħu kliemu kollu ħeġġa, ħassew rimors u tingiż fil-kuxjenza, u ġew mġiegħlin jindmu mill-għemejjel ħżiena tagħhom. 64 Meta ntemmet il-priedka, marru jqerru d-dnubiet u d-delitti faħxija tagħhom. It-twajjeb missier qagħad jismagħhom, wieħed wara l-ieħor. Lil kull wieħed tah jagħmel il-penitenza li tgħodd għalih biex jikkonverti. Imbagħad ordnalhom biex qatt aktar ma jmorru lura lejn il-ħajja ta' qabel u jkomplu jagħmlu l-għemejjel ta' dari. Wiegħed il-ħajja ta' dejjem lil min jinqata' minn dik il-għamla ta' ħajja ħażina, u hedded b'kastigi tal-biża' lil dawk li jirritornaw għall-vizzji tagħhom. 65 Dak ix-xiħ kompla jirrakkonta dwar xi wħud mill-grupp li komplew jgħixu kif kienu jgħixu qabel, ta' briganti, u kif dawn spiċċaw ħajjithom bl-aktar mod miżerabbli, kif kien qalilhom il-qaddis. L-oħrajn, iżda, strieħu fis-sliem tal-Mulej.

---

77 Rigaldi ma jsegwix il-*Iuliana* 7,11b, fejn hemm insistenza dwar il-ministeru tal-qrar li wettaq Sant'Antnin. Il-leġġendista hu aktar interessat fil-ministeru tal-predikazzjoni tal-qaddis. Imma s-sagrament tal-qrar jokkupa post ċentrali fil-kitbiet ta' Sant'Antnin u fil-prattika pastorali tiegħu.

[688] 66 Lil dan it-tali, il-qaddis kien ordnalu li jmur iżur għal tnax-il darba bħala pellegrin il-qabar ta' l-Appostli. U proprju meta kien qed jirritorna minn Ruma, matul it-triq beda jirrakkonta, bid-dmugħ f'għajnejh, dawn it-tifkiriet lil wieħed mill-patrijiet. Iżda hu kien qed jistenna, skond il-wegħda tal-qaddis, li se jmur igawdi l-ħajja ta' dejjem, meta jkun temm il-ġirja ta' din il-ħajja miżerabbli[78].

[689] 67 B'dawn il-ġrajjiet u oħrajn bħalhom il-fama tal-predikazzjoni tiegħu xterdet bis-sħiħ u kibret ħafna wkoll id-devozzjoni tal-poplu lejh. Meta kienu jiltaqgħu miegħu, ġej jew sejjer, kulħadd kien jara kif jagħmel biex imissu. Xi drabi kien ikun fil-periklu li jiġi mgħaffeġ mill-folla. Għalhekk, grupp ta' żgħażagħ b'saħħithom kienu jipproteġuh. 68 Il-poplu kellu fiduċja hekk kbira fih li, jekk xi ħadd jirnexxilu jaqta' mqar biċċa mil-libsa tiegħu, kien jifraħ biha u jgħoddha bħallikieku kienet relikwa importanti ħafna. 69 Kienet hekk ħerqana x-xewqa tal-poplu li jisma' *l-kliem ħelu tad-diskorsi* (cfr. Għan 4,3) qaddisa tiegħu li, waqt li l-qaddej ta' Alla kien ikun jitkellem, qajla kont tisma' lil xi ħadd ipespes imqar taħt l-ilsien. Ħaġa ta' l-għaġeb: ġemgħa ta' tletin elf persuna jew aktar ma kienux jagħmlu ħsejjes li jtellfu.

[690] 70 Bl-ilsien tiegħu l-qaddis xerred ma' kullimkien kliem il-verità. Issa, wara mewtu, il-fdalijiet tiegħu ġew trasferiti minn post għal ieħor. Dik il-ħabta kien ministru ġeneral fra Bonaventura u dan it-trasferiment sar fil-preżenza tiegħu. Bonaventura, aktar 'il quddiem, ġie magħżul mill-Papa Girgor X kardinal u isqof ta' Albano. Nerġa' ngħid, dak l-ilsien li xandar il-ġudizzji ta' verità, instab hekk sabiħ, frisk u aħmar, bħallikieku dak il-ġisem kien għadu kemm indifen ftit qabel[79].

---

78 L-episodju tal-briganti konvertiti minn Sant'Antnin jinsab ukoll fil-*Liber Miraculorum* 55.

79 Rigaldi ma jagħtix speċifikazzjonijiet, imma jillimita ruħu għall-espressjoni *de loco ad locum*, u għall-preżenza tal-ministru ġeneral fra Bonaventura minn Bagnoregio, imma jgħid li dan assista għat-trasferiment qabel ma ġie nominat kardinal u isqof ta' Albano. Il-Papa imsemmi kien Tedaldo dei Visconti minn Piacenza. Twieled qrib is-sena 1210 u għażel il-karriera ekkleżjastika. Ġie ordnat djaknu u kien assistent tal-kardinal Giacomo da Pecorara, li kien wera interess kbir fil-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, fiż-żmien li għex f'Padova fl-1231-32 (cfr. *Assidua* 27,15: *dominus Iacobus, electus Palestrensis*). Meta miet Giacomo da Pecorara fl-1244, Visconti ħa sehem fil-Konċilju ekumeniku ta' Lyon I (1245). Ġie elett arċisqof ta' Liege, u fis-snin 1248-1252 għamel studji teoloġiċi fl-università ta' Pariġi. Kellu

71 Meta ra dan, Bonaventura, kollu ferħan, wera l-ilsien lil dawk kollha li kienu preżenti. B'leħen għoli qal li dak il-miraklu kien konferma li l-bniedem ta' Alla xandar il-verità li ma tmut qatt.

[691] 72 O predikatur hieni, li għallem bil-kelma u l-eżempju, bla ebda għażla bejn il-persuni. B'konferma tal-predikazzjoni tiegħu, Franġisku deher preżenti; il-ħlejjaq bla raġuni obdewh; is-sħab, li f'imkejjen oħra niżżel ix-xita, lanqas b'taqtira waħda ma xarrab lil dawk li kienu jisimgħuh; il-qlub iebsa tal-midinbin ħassew it-tingiż tal-kuxjenza u nidmu u lsienu, għad li mejjet, kompla *jixhed il-verità* (cfr. 1Pt 1,17; Ġw 18,37).

## 10 DWAR IL-PASSAĠĠ HIENI TIEGĦU MID-DINJA U L-KITBA TA' ISMU FIL-LISTA TAL-QADDISIN

Id-disa' kapitlu

[692] 1 L-imqaddes Antnin beda jħoss li qed joqrob għalih il-mument *li jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier* (cfr. Ġw 13,1). Hu li dejjem xtaq b'ħerqa li *jinfired mill-ġisem biex jgħix ma' Kristu* (cfr. Fil 1,23), kien jaf minn qabel iż-żmien tat-tluq tiegħu. 2 Minn dak li se nirrakkonta nistgħu nikkonkludu li mhux biss dejjem ħass fih it-tluq tiegħu, imma wkoll il-glorifikazzjoni tiegħu. Darba minnhom, waqt li kien fuq għolja, qagħad iħares u jikkontempla l-belt ta' Padova

bħala għalliema liż-żewġ dutturi kbar tal-Knisja San Tumas t'Aquino u San Bonaventura minn Bagnoregio. Kellu karattru paċifiku u kien simpattizzanti tat-teoloġija Agostinjana. Ħa sehem fl-aħħar kruċjata. F'Saint Jean d'Acre, fejn kien jinsab fil-ħarifa ta' l-1271, irċieva l-aħbar li kien ġie elett Papa, x'aktarx fuq parir ta' San Bonaventura. Ġie inkurunat Papa f'Ruma f'Marzu 1973 wara li ġie ikkonsagrat isqof. Sejjaħ it-II Konċilju ekumeniku ta' Lyon, u kien il-Papa li għolla lil Bonaventura għall-kariga ta' kardinal u isqof ta' Albano, biex iħejji x-xogħol għall-Konċilju, li kellu jġib il-għaqda tal-Knisja Griega Ortodossa ma' dik ta' Ruma. Għall-konċilju kien preżenti l-imperatur biżantin Michele Paleologos. Dan il-pjan falla ukoll għax Bonaventura miet ħesrem fl-14 ta' Lulju 1274, fil-bidu tas-sessjonijiet konċiljari. Girgor X miet fl-10 ta' Jannar 1276, u indifen fil-kattidral ta' Arezzo. Rigward id-data tar-rikonjizzjoni tar-relikwi ta' Sant'Antnin minn Bonaventura, nafu li din seħħet fl-1263, għax Bonaventura ħabbar dan il-miraklu fil-kapitlu ġenerali ta' Pisa li sar dik is-sena. Il-fatt jiġi rakkontat b'aktar dettalji fil-*Benignitas* 21,5-8 u fir-*Raymundina* 14,15-16.

u l-pjanura ta' madwarha. Mimli b'ferħ spiritwali, beda jfaħħarha b'ferħ kbir, waqt li kien fil-kumpanija ta' sieħbu[80]. Fost ħwejjeġ oħra bassar li fi żmien qasir din il-belt kellha tkun mogħnija b'ġieħ kbir. 3 B'dan il-kliem fehem jalludi għall-mewt glorjuża tiegħu. Għax fil-fatt, bħala raġuni ta' rahan hekk nobbli, Padova bdiet tirċievi żjajjar minn kotra ta' pellegrini u ġieħ b'mirakli bla ma jaqtgħu.

[693] 4 Issa, billi kien qorob żmien il-ħsad u l-poplu kien mehdi fuq xogħolu, Antnin deherlu li tkun ħaġa flokha li jwaqqaf għal xi żmien il-predikazzjoni tiegħu. 5 Twarrab għal xi żmien qasir mill-għagħa tal-belt u mar joqgħod f'post magħruf bl-isem ta' Camposampiero, qrib il-belt. Hemm il-patrijiet kellhom kunvent fejn seta' jitħeġġeġ fl-ispirtu u jogħla lejn ir-realtajiet tas-sema. 6 Bir-raġun li għażel dan il-post ta' Camposampiero, għax f'qasir żmien San Pietru, il-purtinar tal-ġenna, kien se jiftaħlu l-bieb biex jidħol jithenna fil-ġenna. 7 Hemm lestewlu ċella fil-għoli biex ikun aktar qrib is-sema dak li f'qasir żmien kien se jkun magħdud fil-għoli fost il-kori ta' l-anġli.

[694] 8 F'dik il-lokalità Antnin kien jgħaddi ħinijiet twal fil-kontemplazzjoni u, b'devozzjoni mentali, kien jintilef f'meditazzjonijiet bla jaqtgħu. B'dan il-mod kien iżur spiritwalment il-ġerarkiji u l-ordnijiet ta' l-anġli billi jerfa' lilu nnifsu 'l fuq fil-għoli[81]. Issa jum fost l-oħrajn ġara li niżel bħas-soltu biex imur jiekol mal-patrijiet, imma fid-daqqa u l-ħin beda jħossu ħażin sewwa. 9 Meta fehem li l-qagħda tiegħu kienet sejra mill-ħażin għall-agħar, talab li joħduh Padova; ma xtaqx ikun ta' piż għall-aħwa f'dak il-post żgħir. 10 Għad li kontra qalbhom, l-aħwa poġġewh fuq karru u, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejhom, lill-missier qaddis ħallewh imur fejn xtaq.

[695] 11 Ma kienx bogħod wisq mill-belt meta ltaqa' miegħu wieħed

80 Dan is-*socius* mhux magħruf seta' kien fra Luca, li kien l-eqreb wieħed għall-qaddis.

81 Biex jesprimi l-kontenuti tal-kontemplazzjoni estrema ta' Antnin, l-awtur jagħmel użu mid-duttrina teoloġika tal-Pseudo-Dionyisus, komuni f'ambjenti ta' l-Iskolastika. *Assiduis meditationibus et sursumactionibus circuiret*. Il-kunċett ta' *sursumactio*, jiġi użat minn San Bonaventura fl-*Itinerarium mentis in Deum*, 1,1 (BONAVENTURA, *Opera Omnia*, V, 297). L-istess lingwaġġ insibuh fil-*Legenda Maior S. Francisci*, Prol 1,20-21 (AF X, 557), fejn San Franġisk jiġi deskritt: *angelico deputatus officio incendioque seraphico totus ignitus et, ut vir hierarchicus, curru igneo sursum vectus*.

patri li kien ġej iżuru[82]. Dan tah il-parir li, minħabba l-konfużjoni tan-nies, ikun aħjar li ma jkomplix triqtu lejn il-belt. Antnin laqa' l-parir ta' ħabibu u minflok, iddeċidew li jmorru lejn Cella tal-patrijiet li kienu jassistu spiritwalment lill-*Povere Dame*, jiġifieri s-sorijiet ta' Santa Klara[83]. 12 Meta wasal hemm, il-bniedem ta' Alla, għajjien għall-aħħar fil-ġisem imma b'saħħtu fl-ispirtu, qagħad jistrieħ. Iżda l-kriżi kompliet tiggrava sewwa u l-qaddis ta sinjali ċari li t-tmiem glorjuż tiegħu kien fil-qrib.

[696] 13 Wara li qerr u rċieva fit-tqarbin il-Ġisem tal-Mulej[84], biex dak il-vjatku jkun it-triq għall-vjaġġatur qaddis Antnin, hu beda jfaħħar lis-Sinjura Mbierka tiegħu bl-innu: *O gloriosa Domina (O glorjuża Sinjura)*, b'devozzjoni kbira u jitlobja tgħinu. Iva, xtaq li hi, id-daħla u l-bieb tal-ġenna, tiftaħlu l-bieb tas-saltna tas-smewwiet.

[697] 14 O ħabib hieni u devot tal-Verġni Mbierka, li rċevejt l-ewwel edukazzjoni fil-knisja iddedikata lilha, ġejt meħlus minn taħt idejn id-demonju bl-interċessjoni tagħha, arak issa dieħel akkumpanjat minnha għall-premju etern fis-sema.

[698] 15 Refa' għajnejh 'il fuq u għadda xi ħin b'ħarstu fissa quddiemu. 16 Meta rawh iħares lejn is-sema b'ħarsa hekk appassjonata, il-patrijiet li kienu madwaru staqsewh x'kien qed jara u jikkontempla, u weġibhom: "Qiegħed nara lill-Mulej tiegħi". 17 O hieni qaddej ta' Alla, li sa minn din id-dinja stess kellek id-don li tara lill-Mulej tiegħek! Bis-saħħa ta' din id-dehra, seta' jgħid: *Issa nħossni hieni, għax stajt nara lil wiċċek* (cfr. Ġen 46,30). 18 *Hu ra l-Mulej wiċċ imb'wiċċ, u ruħu kisbet is-salvazzjoni* (cfr. Ġen 32,31). 19 Seta' jkun ċert mis-saltna tas-sema dak li l-Mulej tas-saltna stiednu għall-ikla rjali.

---

82 Nafu li dan kien frate Vinoto li kien sejjer iżur lir-raġel ta' Alla.

83 Rigaldi jħossu fid-dmir li jispeċifika min huma l-*Pauperibus Dominabus*, jiġifieri s-Sorijiet Klarissi. Fl-1263 Urbanu IV, bil-bolla *Beata Clara,* kien ta Regola ġdida lit-Tieni Ordni u speċifika l-isem uffiċjali tiegħu: *Ordo Sanctae Clarae*.

84 Antnin moribond jirċievi t-tliet sagramenti tal-Vjatku mqaddes: penitenza, ewkaristija u dilka tal-morda. Billi kien saċerdot, Antnin forsi kien diġà iċċelebra l-quddiesa dakinhar filgħodu kmieni, 13 ta' Ġunju, jew inkella assista għall-quddiesa tal-fraternità ta' Camposampiero skond l-indikazzjoni li jagħti San Franġisk fl-*Epistola toti ordini missa* 30-31. Imma billi kien f'xifer il-mewt, kellu l-privileġġ li jerġa' jirċievi l-Ewkaristija għat-tieni darba bħala Vjatku.

[699] 20 Irċieva s-sagrament tad-Dilka tal-morda minn idejn ħutu l-patrijiet, u flimkien kantaw is-salmi penitenzjali. Hu, imbagħad, li kien diġà sieħeb maċ-ċittadini tas-sema, kif temm jgħid dawn it-talbiet, raqad fil-Mulej; kont tistħajlu raġel qed jistrieħ f'serenità kbira. U dik ir-ruħ l-aktar qaddisa, maħlula mill-ġisem, taħt it-tmexxija ta' Ġesù, gwida ta' min jafdah, ġiet milqugħa fil-ferħ ta' Sidha.
[700] 21 Miet il-Ġimgħa biex hu, li bix-xewqa tal-martirju ried jissieħeb fil-passjoni u l-mewt tal-Mulej, isir jixbħu fil-jum ta' dejjem. 22 Għadda minn dan l-eżilju għall-għamara tas-sema fis-sena tal-Mulej 1231.
[701] 23 O kemm tnikktu u bkew il-patrijiet li kienu jassistuh, u kemm għajtu u ilmintaw is-Sorijiet Klarissi meta ħadu l-aħbar tal-mewt tiegħu. 24 Għax jekk tabilħaqq hi ħaġa tajba tithenna għad-dehra ta' Antnin li jidħol fis-saltna tas-smewwiet, hi ħaġa qaddisa wkoll tibki biki ta' qsim il-qalb it-tluq tiegħu li min jaf kemm midinbin sejjaħ lura għat-triq tas-sewwa.
[702] 25 Il-patrijiet kienu qatgħuha li ma jxandrux mall-ewwel il-mewt tal-bniedem qaddis. Kienu jafu ben tajjeb id-devozzjoni tal-poplu lejh. Beżgħu li jinqala' xi inkwiet u anke li jsir tgħaffiġ tan-nies fil-folol. 26 Iżda dak li l-patrijiet xtaqu li jżommu moħbi, Antnin għoġbu jagħmlu magħruf b'mod ta' l-għaġeb. 27 Tabilħaqq, ġara li għad li n-nies kollha, barra dawk li kienu assistewh, ma kienux jafu bil-mewt tal-qaddis, fid-daqqa u l-ħin qtajja ta' tfal żgħar innoċenti bdew jiġġerrew mat-troq u l-isqaqien tal-belt jgħajtu u jkantaw: "Miet il-missier qaddis! Miet Sant'Antnin!". 28 Il-Mulej li, meta qorob biex jidħol f'Ġerusalemm ta' din l-art ried li jkun minn fomm it-tfal żgħar li joħroġ it-tifħir tiegħu (cfr. Mt 21,16), din id-darba wkoll, biex iħabbar id-daħla ta' l-imqaddes Antnin *f'Ġerusalemm tas-sema* (cfr. Gal 4,26; Apk 21,1.10), ried jinqeda b'fomm it-tfal innoċenti.
[703] 29 Meta n-nies semgħu l-għajjat tat-tfal, ilkoll bdew iqumu fuq tagħhom. Folol ta' nies li ma jingħaddux, f'tebqa' ta' għajn, ġrew lejn il-post tal-patrijiet fejn kien qed jistrieħ il-ġisem ta' Antnin. 30 Issa, billi din id-dar kienet qrib il-kwartier ta' Capodiponte, l-abitanti mall-ewwel ġrew lejn il-post; erħilhom jgħassu u jissorveljaw li ma jmurx xi ħadd jaħtaf ġisem il-qaddis biex jieħdu xi mkien ieħor[85]. 31 Iżda l-bniedem

85 Rigaldi jħalli barra l-problema li qajjmu s-Sorijiet Klarissi li riedu jżommu għandhom il-ġisem mejjet ta' Sant'Antnin, u hekk ftehemu flimkien ma' l-abitanti ta' Capodiponte. Cfr. *Juliana,* 10,5-6.

qaddis kien wera x-xewqa tiegħu li jkun midfun ħdejn il-patrijiet li jgħixu fil-knisja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. U għalhekk ġara li n-nies tal-belt ta' Padova, kollha flimkien ħaduha kontra ċ-ċittadini ta' Capodiponte.

[704] 32 Issa għall-ħabta ta' nofs il-lejl ġara fatt li hu diffiċli tispjegah, imma jidhirli li m'għandix niskot dwaru. 33 Fil-qalba tal-lejl, il-poplu nfexx jgħajjat li lkoll riedu jaraw il-ġisem tal-qaddis. Taw is-salt għal tliet darbiet u sfrundaw il-bieb taċ-Cella. 34 Imma bħallikieku paralizzati u midruba mill-għama, lanqas irnexxielhom jidħlu darba waħda biss, għad li l-bibien kienu miftuħin beraħ.

[705] 35 Din l-aġitazzjoni damet sejra erbat ijiem sħaħ u l-ġisem ma ndifinx[86], għad li kien mgħasses sewwa. 36 Fl-aħħar, fir-raba' jum, l-isqof tal-belt iddeċieda li l-fdalijiet tal-qaddis għandhom jingħataw difna dinjituża fejn jgħixu l-patrijiet, fil-knisja tal-Verġni Mqaddsa.

[706] 37 B'danakollu, biex in-nies tal-kwartier ta' Capodiponte ma jazzardawx ifixklu d-deċiżjoni li ttieħdet, il-*Podestà* ordna li jsir pont magħmul minn dgħajjes li jaqsmu x-xmara. Kien hemm il-biża li, kemm il-darba l-ġisem tal-qaddis jgħaddi minn fuq il-pont tal-ġebel[87], dawk il-folol kienu se jħarbtu l-korteo funebri li, kontra qalbhom, kien jgħaddi mit-territorju tagħhom. 38 Imma bilkemm laħqu lestew il-pont tad-dgħajjes li ċ-ċittadini ta' Capodiponte ma ntefgħux fuqu qattgħa bla ħabel biex ikissruh bi vjolenza kbira. Iva, kienu lesti jieħdu kull riskju mhux biss dwar il-proprjetà tagħhom, imma saħansitra dwar il-persuna tagħhom, biex ma jarawx il-ġisem jittieħed band'oħra.

[707] 39 Meta l-patrijiet indunaw li kien ġej gwaj kbir fuq il-belt, beżgħu u bdew jitolbu l-ħniena ta' Alla biex l-inkwiet li nqala' jikkalma. 40 Kien il-Mulej li ippermetta dan l-irvell ad unur tal-qaddis tiegħu. Il-ħsieb kien li minn dak il-kuntrast, tidher aħjar id-devozzjoni tal-poplu, mhux lejn il-ġisem mejjet, imma lejn il-ġawhra prezzjuża. Hekk, meta wasal il-waqt, waqqaf ir-rewwixta u biddel il-fehma ta' dawk iċ-

---

86 Lanqas din l-informazzjoni ma hi eżatta, għax nafu mill-*Assidua* 22,1 li l-ġisem mejjet tal-qaddis indifen proviżorjament f'kaxxa ta' l-injam minħabba s-sħana tas-sajf, bit-tama li mbagħad jinġarr lejn il-knisja ta' *Sancta Maria Mater Domini*, kif fil-fatt, ġara.

87 Hu l-pont ruman Molino, li għandu ħames arkati, twil 50 metri. Reġa' inbena fl-1830.

ċittadini. 41 Mifrudin għalihom fin-naħa l-oħra tal-belt, bi kmand tal-*Podestà*, ma komplewx jagħmlu oppożizzjoni[88].

[708] 42 Wara li ntemmet ir-rewwixta u reġgħet il-kalma fost il-poplu, l-isqof u l-kleru kollu, il-*Podestà* u l-kbarat tal-belt, flimkien ma' ġmiegħi ta' poplu li ma jingħaddux, iffurmaw il-korteo. Bl-għana ta' l-innijiet u t-tifħir ittrasportaw il-ġisem imqaddes, kulħadd bix-xemgħa f'idu. Waslu bil-mod il-mod lejn il-post tal-patrijiet qrib il-knisja ta' Santa Marija Verġni fil-ħames jum mill-mewt tiegħu. 43 Għad li s-sħana tas-sajf kienet bdiet tagħmel tagħha, ebda riħa ma ħarġet mill-ġisem. Għall-kuntrarju, bdiet tinxtamm riħa ħelwa li tgħaxxqek, hekk li l-folol ġre lejn mnejn kienet ħierġa.

[709] 44 Imbagħad, il-ġisem imqaddes tqiegħed fil-qabar b'qima kbira fil-knisja tal-Verġni Mbierka. 45 U kien bix-xieraq li jindifen fil-knisja tal-Verġni Mbierka dak li sa miċ-ċokon kiseb l-ewwel elementi tat-tagħlim fi knisja iddedikata lilha, kien meħlus bl-interċessjoni tagħha mix-xitan li ried jifgah, biex itellfu fil-qadi tal-ministeru tal-predikazzjoni u l-amministrazzjoni tas-sagrament tal-qrar. U fil-punt tal-mewt sejjaħ l-għajnuna tal-Verġni Mbierka biex tkun hi li tiftaħlu l-bieb tas-sema. Iva, kien jistħoqqlu li jistrieħ fil-knisja tal-Verġni dak il-ġisem li l-ispirtu tiegħu kien diġà magħqud magħha fis-sema[89].

[710] 46 F'dak l-istess jum bdew isiru, minn ħin għal ieħor, kotra ta' mirakli. Fil-fatt, nies morda b'kull xorta ta' mard, wara li mqar messew il-qabar tiegħu, kisbu l-fejqan fil-pront. 47 Dawk, imbagħad, li minħabba l-folol, ma kienx jirnexxilhom imissu l-qabar, kienu jieqfu fil-pjazza, hemm quddiem kulħadd. Minn ta' quddiem ġew l-abitanti ta' Capodiponte: kollha ħafjin u jistqarru bl-umiltà ħtijiethom, għarkobbtejhom quddiem kulħadd, biswit il-qabar tal-qaddis. Din l-

88 B'mod kavalleresk Rigaldi ma jagħmel l-ebda aċċenn għar-rwol tal-*Pauperes Domine* fir-rewwixta li nqalgħet rigward il-post fejn kellu jindifen Sant'Antnin. Fl-istess ħin, meta jitkellem dwar it-talb ta' interċessjoni biex jiġi evitat l-inkwiet, ma jgħid xejn dwar il-fatt li l-Klarissi kien iddispjaċihom, u jagħti l-mertu tas-soluzzjoni tal-problema lill-patrijiet Minuri. Lanqas ma jsemmi xejn dwar ir-rwol deċiżiv li kellu l-ministru provinċjal Alberto da Pisa fir-riżoluzzjoni tal-problema, flimkien mal-*podestà* tal-belt.

89 Din hi nisġa għarfa ta' motivi marjani fl-esperjenza spiritwali ta' Sant'Antnin. Ta' min jinnota, iżda, li Rigaldi ma jagħmel l-ebda aċċenn għar-rwol importanti li kellu Sant'Antnin meta afferma d-duttrina dwar l-Assunzjoni tal-Verġni Marija fis-sema.

imġieba tagħhom qajmet kompassjoni fost dawk li osservawhom u lkoll tħeġġu b'devozzjoni profonda.

[711] 49 L-għeġubijiet straordinarji komplew joktru. Għalhekk, fi ġranet stabiliti, bdew jiġu proċessjonalment: l-isqof flimkien mal-kleru, il-komunitajiet reliġjużi, l-għalliema u l-istudenti ta' l-università, u wkoll professjonisti oħra ta' kull xorta ta' arti u speċjalizzazzjoni. Kollha kienu jġorru xemgħat ta' kobor eċċezzjonali. 50 Minħabba d-daqs kbir tagħhom, xi xemgħat ma setgħux jiddaħħlu fil-knisja u għalhekk kienu jħalluhom fil-pjazza.

[712] 51 Il-fama ġriet ma' kullimkien u magħha l-istedina lill-popolazzjoni ta' diversi bliet u reġjuni biex jiġu jżuru l-qabar tal-qaddis. 52 Ilkoll bdew jgħajtu li jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex isseħħ il-kanonizzazzjoni tal-qaddis. Biex dan il-ħsieb jintlaħaq, bagħtu fil-Kurja rġiel magħrufa u importanti f'isem il-komunità. 53 Il-qdusija tiegħu l-Papa laqagħhom b'ħafna mħabba. Mhux biss il-kardinali, imma l-Papa nnifsu wkoll baqgħu mgħaġġbin u meraviljati meta semgħu r-rakkonti ta' tant mirakli.

[713] 54 L-inkarigu li jeżaminaw dawn il-mirakli kif titlob il-liġi kanonika ġie afdat lill-isqof ta' Padova, u miegħu lill-Prijuri ta' San Benedittu u ta' l-Ordni tal-Predikaturi ta' l-istess belt. 55 Wara inkjesta magħmula kif imiss, ir-rappreżentanti tal-belt marru lura l-Kurja, ferħanin se jtiru, jippreżentaw ix-xhieda li nġabret. 56 Dik il-ħabta kien hemm żewġ kardinali fuq missjoni papali f'dawk l-inħawi. Dawn ukoll taw ix-xhieda tagħhom permezz ta' ittra dwar dak li saru jafu b'ċertezza fuq l-imqaddes Antnin.

[714] 57 Għalhekk, ġie deċiż ukoll li jsir it-tieni eżami tal-mirakli u ntemm b'ħeffa bl-aħjar riżultat. Hekk issa, min kien u baqa' kuntrarju għall-mirakli li seħħew quddiem kulħadd, deher li qed jeħodha kontra l-verità. L-aħħar kelma issa kienet tmiss lill-Papa. Imma xi kardinali wkoll ippruvaw joħolqu tfixkil biex ma sseħħx malajr il-kanonizzazzjoni. Dehrilhom li ħaġa hekk importanti bħal din ma kellhiex issir bil-għaġġla. Fosthom kien hemm wieħed li ma kont iddawru b'xejn.

[715] 58 Waqt li dan, iebes għall-aħħar fil-kontestazzjoni tiegħu, tawwal kemm felaħ il-proċedura, dehra mis-sema ġiegħlitu jbiddel kemm fehemtu kif ukoll l-imġieba tiegħu. 59 Kellu ħolma li fiha ra lill-Papa waqt funzjoni ta' konsagrazzjoni ta' knisja. Hu wkoll kien fost il-prelati l-oħrajn li kienu qed jassistu lill-Papa waqt iċ-ċerimonja. 60

Il-Papa kompla jagħmel dak li jitlob ir-rit tal-konsagrazzjoni, u wasal għal dak il-mument meta kien irid ipoġġi fl-altar ir-relikwi tal-qaddisin. Talab li jġibuhomlu, imma lkoll qalulu li ma kienx hemm dak li kien qed jitlob. Imbagħad talabhom iġibulu relikwa mill-katavru ta' xi ħadd li ma kienx ilu wisq li miet, u li kien għadu kif ġabuh hemm.

[716] 61 Meta qalulu li dawk ma kienux relikwi xejn, il-Papa ordnalhom jikxfu l-ġisem mejjet. Hekk għamlu, u r-relikwi li nstabu dehrulhom li kienu għeżież għall-aħħar, u daħlu f'gara bejniethom min minnhom kien se jieħu l-ewwel wieħed. 62 Meta filgħodu l-kardinal qam u kien lest biex joħroġ, sab jistennewh ħdejn il-bieb l-ambaxxaturi ta' Padova. Dan kien ifisser għalih li dik il-viżjoni li s-sema ikkomunikalu kellha x'taqsam mal-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin. Wara dan, hu sar wieħed fost dawk li kienu jaqblu mal-kanonizzazzjoni, anzi sar difensur u promutur ħabrieki tagħha.

[717] 63 Is-Sinjur Papa Girgor IX iffissa l-jum tal-kanonizzazzjoni. Ippresjieda hu ċ-ċerimonja, liebes il-paramenti solenni kif kien jixraq għal ġrajja bħal din. Hu kien imdawwar mill-kulleġġ tal-kardinali u minn kotra oħra ta' prelati li ġew minn kull naħa tad-dinja u dik il-ħabta kienu qed jgħixu jew iżuru l-Kurja. 64 Inqraw il-mirakli u ġew approvati minn dawk kollha preżenti. Imbagħad, il-qdusija tiegħu għolla idejh lejn is-sema u b'devozzjoni ħierġa mill-qalb, sejjaħ l-isem tat-Trinità Qaddisa. Wara dan kiteb lill-imqaddes Antnin fil-lista tal-qaddisin u iddeċieda li l-festa tiegħu tiġi iċċelebrata f'jum il-mewt tiegħu, jiġifieri fit-13 ta' Ġunju.

[718] 65 Ta lil dawk kollha li tabilħaqq ikunu niedma u mqarra, l-maħfra ta' sena tal-penitenza li kellhom jagħmlu. Dan bil-kundizzjoni li jżuru l-qabar tal-qaddis f'jum il-festa tiegħu għal tmint ijiem wara xulxin, kif jingħad fil-Bolla tal-kanonizzazzjoni[90]. 66 Ir-rit solenni sar fi Spoleto, nhar Għid il-Ħamsin, fis-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej 1232, fis-sitt sena tal-pontifikat tas-Sinjur Papa Girgor IX.

90 Rigaldi jidher li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu kopja tal-Bolla pontifiċja ta' kanonizzazzjoni *Cum dicat Dominus* (*Bullarium Franciscanum* I,81b): *omnibus vere penitentibus, si confessis illud (scilicet sepulcrum Beati Antonii) in festivitate ipsius usque ad octavum diem singulis annis cum reverentia debita visitantibus, de omnipotentis Dei misericordia et beatorum Petri et Pauli apostolorum eius auctoritate confisi, annum unum de iniuncta sibi penitentia misericorditer relaxamus*.

[719] 67 Ifraħ, mela, o Padova hienja, għax int għandek teżor; u l-viżjoni uriet li hu kien jistħoqqlu li, bħala qabar tiegħu, ikollu altar! 68 Ifraħ, int ukoll, hieni Antnin, li bl-akbar sinċerità maqdart id-dinja, u mxejt it-triq tal-perfezzjoni taħt it-tmexxija tar-regola ta' l-imqaddes Wistin; u mbagħad, bil-ħsieb li tasal għall-palma tal-martirju, ridt tilbes it-tonka u tħażżem ġenbejk bil-kurdun tal-fqajjar Franġisku!
[720] 69 Int li kont imwassal għall-quċċata ta' mewt qaddisa mill-umiltà u l-faqar, minn talb kollu ħeġġa u mix-xandir tal-verità. Int li, fis-siegħa ta' mewtek, deherlek Kristu, biex ikun Hu li jwasslek fil-palazz tas-sema, fejn issa ssaltan għal dejjem. 70 Lilna wliedek, f'dan l-eżilju, iwassalna hemm fuq Kristu, għat-talb tiegħek, li mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## 11 DWAR IL-MIRAKLI LI ĠRAW WARA L-MEWT TA' L-IMQADDES ANTNIN

L-għaxar kapitlu

[721] 1 Għall-glorja ta' Alla li jista' kollox xtaqt li f'dan il-ktejjeb inżid xi mirakli[91] li ġew approvati u miġbura wara l-mewt ta' Sant'Antnin. Jien ġbarthom taħt titli kif l-aktar jaqbel, ħalli hekk kull min jixtieq, jirnexxilu jsibhom malajr. 2 Dawn il-mirakli li saru wara l-mewt tal-bniedem ta' Alla qassamthom f'erbgħa kapitli b'dan il-mod: fl-ewwel niġbor flimkien il-mirakli dwar dawk il-persuni li kisbu fejqan minn diversi mardiet; fit-tieni, fejqan ta' nies għomja, torox u muti; fit-tielet, persuni meħlusa min-nawfraġju jew periklu ta' għarqa; fir-raba', dwar dawk li ried jiddisprezzaw il-qaddis.

[91] Minn dan il-kapitlu, Rigaldi ma jsegwix aktar il-*Vita Secunda*, ħlief għal erba' mirakli li kienu ġew approvati fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin. Il-materjal li jagħtina hu ġdid, jiġifieri seba' mirakli fuq ħdax, u ħafna minnhom ħadhom mid-dokument mitluf li kien kiteb Pietro Raymundi.

I Persuni mfejqa minn diversi mardiet

[722] 3 Wara l-mewt tal-bniedem ta' Alla bdew iseħħu ħafna għeġubijiet u dawn ridt inżidhom fil-kompendju ta' dan il-ktejjeb. Għandi l-ħsieb ukoll li nsemmi mqar fil-qosor xi mirakli li kisbu l-approvazzjoni tal-qdusija tiegħu l-Papa. 4 F'din l-aħħar serje nsibu dsatax-il persuna li kienu zopop u iddrittaw, ħames paralitiċi li mill-ġdid ħadu lura saħħithom. L-istess għadd ta' ħotbin li ġej imfejqa mill-qagħda skomda tagħhom. Żewġ epilettiċi u żewġ persuni oħrajn li kienu jbatu minn deni qawwi nħelsu mill-mard li kien jifnihom. Tnejn li kienu mietu reġgħu lura għall-ħajja.

[723] 5 Nafu li f'Padova bdew isiru ta' spiss kotra kbira ta' mirakli. Issa minħabba f'hekk il-patrijiet, li kienu jgħixu f'dak il-kunvent, ittraskuraw li jiġbruhom. F'Padova, fis-sena tal-Mulej 1293, kien hemm jgħallem fra Pietro di Raimondo minn San Romano, li aktar tard ġie magħżul ministru provinċjal tal-provinċja ta' Aquitaine. Imqanqal minn devozzjoni lejn il-qaddis, fra Pietro ġabar xi mirakli u ra kif għamel biex b'mod solenni jiġu approvati quddiem l-isqof[92]. Għal dan qagħad fuq ix-xhieda ta' nies li huma ta' min jemminhom. Insemmi hawn xi ftit minn dawn l-għeġubijiet imqassmin skond il-kategorija tagħhom.

[724] 6 Patri mill-provinċja tar-Romagna[93], jismu Cambio, kellu ernja kbira għall-aħħar. B'xejn ma seta' jsib rimedju, la bil-ħila tat-tobba u lanqas biċ-ċinturin tal-ħadid li kienu għamlulu, u li kien imġiegħel jilbes minħabba din il-kundizzjoni. L-imsaren xorta baqgħu joħorġulu barra b'mod li jkexkxek tarah. 7 Iddeċieda, għalhekk, li jmur għand tabib magħruf ta' Bologna, bit-tama li l-ħila tiegħu ssiblu xi rimedju.

[725] 8 Issa ġara li, qrib il-festa ta' l-imqaddes Antnin, dan il-patri kien jinsab Padova. Fuq insistenza ta' ċertu patri Francesco, aċċetta li jqatta' jumejn hemm. 9 Dik il-ħabta, ftit qabel il-festa ta' Sant'Antnin, Cambio kien muġugħ u jħossu umiljat għall-aħħar, minħabba t-toqol

92 Pietro Raymundi minn Saint Romain, awtur tal-*Legenda Raymundina*. L-isqof ta' Padova fl-1293 kien *Bernardus Platonis* minn Agde fi Provence (†1295).

93 Raymundi ma jitkellimx mill-provinċja tar-Romagna (Italja ta' fuq), imma mir-Romania (Greċja u inħawi ta' l-orjent).

ta' l-imsaren li kienu joħorġulu. Mar fil-kunvent ta' Vicenza[94], flimkien ma' patri ieħor li, waqt li kien hemm, marad. Issa, fil-qagħda li kien fiha, Cambio la seta' jagħmillu s-sodda u lanqas idur bih kif xtaq. 10 Il-patrijiet ta' dak il-kunvent ħassewhom iddispjaċuti li, skond ma ħasbu huma, kien ittraskura lil ħuh marid. Cambio għalhekk għolla t-tonka u uriehom il-massa ta' l-imsaren imdendla. Meta raw dan, dawk ir-reliġjużi fehmu għaliex bħal donnu ittraskura lil sieħbu marid.

[726] 11 Meta mar lura Padova, nhar il-festa ta' l-imqaddes Antnin, ra kotra kbira ta' morda jiffullaw madwar il-qabar tiegħu, u rahom kollha jiksbu l-fejqan li xtaqu. Dan qajjem fih devozzjoni lejn il-qaddis u nissel fih it-tama li kien se jfiq. Iżda minħabba l-folla ma rnexxilux jidħol bejn il-kolonni li fuqhom kien mibni l-qabar[95]. Għaldaqstant, b'idu l-leminija rnexxilu jmiss is-sarkofagu u straħ fuqu b'attenzjoni mħeġġa u b'saħħtu kollha. 12 Fid-daqqa u l-ħin, poġġa fuq ġismu l-id li kienet messet il-qabar imqaddes. Misjuq minn fidi qawwija, beda jagħfas kemm jiflaħ fuq l-imsaren maħruġa 'l barra. Minn dak il-ħin bdew deħlin f'posthom. 13 Meta ntebaħ b'dan, u misjuq minn ħeġġa fl-għajnuna li kien se jagħtih l-imqaddes Antnin, kompla jagħfas fuq il-fetqa wiesgħa ta' l-ernja.

[727] 14 Ħaġa ta' l-għaġeb anke biss li ssemmiha! Wara dan, il-fetqa ngħalqet u ssaħħet tant tajjeb li, wara li seħħ il-miraklu, l-istess Cambio stqarr quddiem il-kotra li semgħetu li, barra minn wiċċu, ma kien hemm f'ġismu l-ebda parti aktar b'saħħitha mill-marka tal-ġerħa li minnha, qabel kien jiddendlulu l-intestini. 15 Beda jiżfen u jogħla u jtenni: "Sa ftit tal-ħin ilu ma kellix ħila mqar niċċaqlaq hekk. Iżda issa nista' naqbeż u nogħla u niżfen, u hekk inrodd ħajr lill-imqaddes Antnin". 16 Misjuq minn sens ta' radd il-ħajr, bil-ħsieb li jgħin lill-qaddis b'devozzjoni akbar, xtaq u talab il-permess li jissieħeb f'din il-provinċja reliġjuża.

---

94 L-ewwel *locus* tal-Minuri f'Vicenza kien S. Salvatore, imbagħad S. Francesco, u twaqqaf fl-1216. Il-patrijiet abbandunawh fl-1280 u għaddew f'S. Lorenzo, fejn bnew il-knisja gotika li hemm illum. Skond id-drawwa li ried San Franġisk, fra Cambio imur Vicenza flimkien ma' *socius*, biex hekk il-patrijiet jivvjaġġaw tnejn, tnejn, bħall-appostli.

95 Sal-ġurnata tallum, meta wieħed jidħol fil-Bażilika ta' Sant'Antnin f'Padova, fl-ispazju li hu mdawwar bil-kanċell tal-bronż opra ta' Girolamo Paliari, jista' jara l-erba' kolonni li jwieżnu s-sarkofagu tal-Qaddis. Imma l-aspett tal-qabar-altar illum ma għadux jidher, wara ż-żjidiet arkitettoniċi ta' Tiziano Aspetti (1593-94).

[728] 17 F'dik l-istess sena, fra Pietro li diġà semmejna, ġabar ukoll tagħrif dwar il-miraklu li se nsemmi. Waħda mara nobbli, jisimha Beatrice, mid-djoċesi ta' Forlì, kienet ilha għaxar snin maħkuma minn marda perikoluża għall-aħħar u li tqażżeż: fil-qurriegħa ta' rasha kiber tumur kbir daqs ponn. It-tumur kien niżżel l-għeruq fil-fond tar-ras u ma nstab l-ebda fejqan għalih. 18 Ippruvaw isibu fejqan diversi tobba mill-aktar esperti fil-kura tas-saħħa, iżda kull tentattiv kien jisfa' fix-xejn.
[729] 19 Din il-mara bdiet tisma' bil-mirakli li kien qed jagħmel l-imqaddes Antnin, għax il-fama tiegħu kienet xterrdet ma' l-Italja kollha. Dan kabbar fiha fiduċja kbira fil-għajnuna ta' Sant'Antnin; hekk kibret fiha l-imħabba u l-qima lejh. 20 Misjuqa minn devozzjoni qawwija, għamlet wegħda: jekk l-imqaddes Antnin jagħtiha lura saħħitha, iddawwar il-qabar bi friż tal-fidda.
[730] 21 F'dak l-istess lejl, waqt li kienet f'raqda fonda, fil-ħolm dehrilha l-imqaddes Antnin. Rat il-qaddis jaqsam f'erbgħa t-tumur, u dan mhux biss mingħajr ma ġiegħelha tweġġa', imma kellha esperjenza ħelwa ta' saħħa, u fejjaqha perfettament. Fil-ħin dehrilha wkoll li hi kienet qed tirrakkonta din il-ġrajja lil kulħadd. 22 Meta ntemmet il-viżjoni, ma ntemmux il-qawwa u l-effett mixtieq.
[731] 23 Fil-fatt, wara ftit taż-żmien, kif kienet urietha l-viżjoni, dik in-nefħa tal-biża' nqasmet f'erbgħa partijiet, u minnha ħarġet kwantità kbira ta' materja. Ras il-mara fieqet, u ma kien baqagħlha lanqas l-iċken ponta ta' laħam imqabbeż. Ma kienetx tehda xxandar l-għeġubijiet ta' Sant'Antnin. 24 Ġiet Padova u, kif kienet wegħdet, dawret bi friż tal-fidda s-sarkofagu tal-qaddis.

## II Fejqan ta' għomja, torox u muti

[732] 25 Fost il-mirakli li ġew approvati fil-preżenza tal-Papa nsibu l-fejqan ta' sitt għomja li reġgħu ħadu d-dawl, tliet torox li reġgħu bdew jisimgħu, tliet muti li mill-ġdid bdew jitkellmu. 26 Fil-lista tal-mirakli miġbura mill-imsemmi fra Pietro fiż-żmien li kien jgħallem f'Padova, niltaqgħu ma' każijiet ta' nies torox li reġgħu ħadu s-smigħ u muti li mill-ġdid kisbu l-kelma.
[733] 27 Patri minn Parma, Bernardino, kien ilu xahrejn li waqa' fil-

muta. 28 Il-marda li ħakmitu kienet hekk gravi li ma ħallitlux saħħa li jitfi xema' qrib ħalqu. 29 L-aqwa tobba ta' fama fil-Lombardia ma setgħu jsibu l-ebda rimedju ta' fejqan. Għamlulu l-kawterju ma' griżmejh b'vireg tal-ħadid jikwi, għal disa' darbiet. Darb'oħra għamlulu l-istess operazzjoni ma' rasu. B'danakollu ma ra ebda bidla għall-aħjar minn dawn l-operazzjonijiet. 30 Anzi, aktar ma tkattru l-interventi, il-marda aktar bdiet sejra mill-ħażin għall-agħar. U hekk l-imsemmi patri kien il-ħin kollu fil-periklu li jmut fgat.

[734] 31 Fl-aħħar hu wkoll ftakar fil-mirakli li kien qed jagħmel il-konfessur ta' Kristu, Antnin, li l-festa tiegħu kienet fil-qrib. Billi ma setax jesprimi ruħu bil-kliem, kiteb ittra lill-ministru provinċjal tal-provinċja ta' Sant'Antnin[96] u talbu l-permess jiġi Padova. 32 Il-marda tiegħu kienet magħrufa u għalhekk il-ministru, għad li mħasseb ħafna dwar dan, kellu fiduċja fl-interċessjoni ta' l-imqaddes Antnin, u tah il-permess mitlub.

[735] 33 Meta wasal Padova, resaq qrib l-Arka tal-qaddis. Għad li kien mutu, beda jieħu n-nifs bil-libertà u jneħħi r-riq minn ħalqu. 34 Kompla jitlob bla heda flimkien ma' ħafna aħwa oħra u ma' kotra ta' nies li nġabru hemm, kemm minħabba l-festa kif ukoll minħabba l-fama tal-mirakli. Il-marid, f'ħin minnhom, irremetta materja li tqażżek. Fl-aħħar, imbagħad, beda jitkellem u fieq għal kollox.

[736] 35 B'tifħir lill-qaddis infexx ikanta l-antifona tal-Verġni Mbierka:

*Sliem għalik, sultana tal-ħniena*[97].

Sadanittant il-ministru u l-għalliem, kif saru jafu bil-fejqan mirakoluż, ġrew flimkien ma' ħafna aħwa oħrajn. Huma komplew sat-tmiem il-kant ta' l-antifona b'devozzjoni u ferħ ta' l-ispirtu, bħala ringrazzjament għall-miraklu li raw iseħħ taħt għajnejhom. Fra Bernardino ngħaqad magħhom fil-kor tal-kant, imfejjaq għal kollox, u ħassu se jtir bil-ferħ[98].

[737] 36 Dejjem matul l-istess sena, fiż-żmien li fra Pietro kien jgħallem f'Padova, ġabar ukoll dan il-miraklu li se nirrakkonta. 37

96 Il-ministru provinċjal ta' Padova kien fra Bartolomeo Mascara da S. Andrea. Dan id-dettal tal-permess mogħti mill-ministru hu proprju tar-*Rigaldina*.

97 Cfr. nota 87 fil-*Legenda Raymundina*.

98 Episodju parallel fil-*Legenda Raymundina,* 20. Kronoloġikament dan hu l-ewwel wieħed fost il-mirakli li seħħu fl-1293. Cfr. *Liber Miraculorum,* 58.

Fratell lajk ta' 25 sena kien jaqdi diversi sorijiet klawstrali ta' Padova[99], u kulħadd kien jafu, fil-belt u l-inħawi tagħha, li kien trux u mutu minn twelidu. 38 Il-fatt li kien mutu kien faċli tivverifikah, u lsienu kien hekk qasir li bilkemm jasal sax-xedaq. Barra dan, kien ukoll mgħawweġ qisu vit. Min jaralu lsienu, kien jinduna li kien niexef u mkemmex. Dan il-fatt xehduh ħafna nisa infermieri ta' min jemminhom u li l-każ kienu studjawh sewwa. Xehdu b'mod ċar quddiem l-isqof ta' Padova.

[738] 39 Xejn inqas ċar kien il-fatt li kien trux, għax lanqas kien jisma' l-ħoss qawwi ta' qniepen kbar wara widnejh. Għax ma ndunax, ma ta ebda ħjiel li kien sema' xi ħaġa! Dan il-fatt ikkonfermawh sħabu li xehdu b'ħalfa fuq l-Evanġelju quddiem l-isqof ta' Padova.

[739] 40 Viżjoni spiritwali mbuttatu, għal darba darbtejn, biex jirrikorri għat-talb ta' Sant'Antnin. Kien raġel rozz u ma setax jifhem it-tifsira ta' dik l-istedina. Għalhekk, lil Sant'Antnin l-ewwel mar ifittxu d-dar u mbagħad fil-pjazza tal-belt. 41 Fl-aħħar ċaqilqitu sewwa t-tielet viżjoni, tixbaħ lil ta' qabilha. Din id-darba, iżda, ġie fil-knisja ta' l-imqaddes Antnin u għadda l-lejl hemm, jitlob bid-devozzjoni li kellu ħila juri. Meta għadda l-lejl, baqa' hemm, jitlob il-jum kollu ħdejn l-Arka tal-qaddis. Kemm kien jitlob minn qalbu biex ikollu l-fejqan!

[740] 42 Wara t-tlieta ta' wara nofs in-nhar ħassu mdawwar minn qawwa divina. Ħass ġismu kollu jixxarrab bil-għaraq u beda jirtogħod minn rasu sa saqajh. 43 U x'iżjed? Ilsienu dlonk ħa l-għamla, qjies u kollox. Fid-daqqa u l-ħin irċieva l-grazzja li jitkellem u jisma'. 44 Fommu nfetaħlu immedjatament, u beda jitkellem u jgħid: "Ikun imbierek il-Mulej tagħna Ġesù Kristu u l-imqaddes Antnin".

[741] 45 Biex dan il-miraklu jidher b'ċertezza akbar, beda jitkellem b'ilsien ġdid, imma li kien jinftiehem sewwa, għad li ma kien jaqbel ma' ebda lsien magħruf. 46 Tabilħaqq, hu ma kienx jaf ilissen għajr xi ftit kliem biex ikun jista' jikkomunika ma' l-oħrajn. U kien il-Mulej innifsu li nebbħu jużahom. 47 Kien jgħid kliem li ma tgħallmux mill-bnedmin, u dan għaġġeb lil dawk kollha li kienu jafuh bħala trux u mutu sa minn twelidu.

[742] 48 Is-sorijiet klawstrali li hu kien jaqdi bħala lajk kienu jtennu: "Li kieku l-imqaddes Antnin kellu jaqla' l-grazzja tal-kelma u s-smigħ

99 Il-*Chronicon de Lanercost,* 148-149 jispeċifika li dan kien monasteru ta' sorijiet klawstrali Ċisterċensi: *Sane illucente vigilia festi, conversus quidam monasterii ordinis sancti Bernardi monialium*.

lit-trux u mutu tagħna, imbagħad żgur kien jagħti prova, li ma tħalli ebda dubju, tal-qawwa tawmaturġika tiegħu". Għalhekk, issa li rawh jitkellem u jisma' ma waqfux jgħollu l-kobor ta' l-imqaddes Antnin. 49 Dan il-miraklu tassew ta' l-għaġeb ġiegħel kotra ta' rġiel u nisa jinġemgħu flimkien. Kollhom ferħana qatgħuha li, bħala att ta' qima li tibqa' tfakkar dan il-miraklu straordinarju, lil dan iż-żagħżugħ bidlulu ismu. Ma baqgħux isejħulu aktar Pietro, imma Antonio[100].

[743] 50 Ma ridtx niskot dwar miraklu ieħor li smajt fuqu b'ċertezza mingħand fra Pietro da Pomarada. Min-naħa tiegħu, dan ir-rakkont kien semgħu fil-kunvent ta' Padova minn għalliem li dik il-ħabta kien jgħix hemm. Qal ċar u tond, mingħajr l-iċken ħjiel ta' dubju, li kien ra b'għajnejh dak li rrakkonta.

[744] 51 Fl-inħawi ta' Padova, kien hemm raġel li ried ikun jaf xi sigriet bl-għajnuna tad-demonji[101]. Darba bil-lejl ingħaqad ma' grupp ta' maġija, flimkien ma' membru tal-kleru li kien jaf isejjaħ lid-demonji bl-arti tal-maġija. 52 Kif inġabar il-grupp u l-kjeriku beda jirreċita l-formoli tad-demonji, dawn malajr ġew b'ħafna ħsejjes, jgħajtu qishom iljuni. Iżda dan it-tali tant tħawwad u beża', li beda jirtogħod ma' ġismu kollu; ma għarafx x'seta' jweġibhom lid-demonji. Meta raw hekk, l-ispirti ħżiena ntefgħu għal fuqu, qalgħulu lsienu minn griżmejh u għajnejh minn wiċċu.

[745] 53 Imbagħad, imsawwat kif kien mid-demonji, telaq minn fejn kien flimkien ma' wieħed raġel ieħor. 54 Meta fetaħ ħalqu ra li ma kellu ebda ħjiel ta' lsien. Fejn qabel kienu għajnejh, issa dehru żewġ ħofriet ibeżżgħuk tħares lejhom. 55 Dan l-imsejken, f'dak l-istat hekk tal-biża', kien iġiblek ħniena; kont titħassru tarah jgħix ħajja bħal dik.

[746] 56 Fl-aħħar, qalbu magħfusa bl-inkwiet li ħakmu, kemm għax ma setax iqerr dnubu, kif ukoll għax lanqas ma seta' jsib rimedju li seta' jfejjqu, ftakar fl-għeġubijiet li l-Mulej kien qed jagħmel permezz tal-qaddej tiegħu Antnin. 57 Qalbu mħeġġa u b'devozzjoni sinċiera, dar-raġel beda jitlob l-għajnuna ta' Sant'Antnin. Talab li jieħduh fil-

---

100 L-istess episodju nsibuh fir-*Raymundina,* 19 u *Liber Miraculorum,* 56.

101 L-istess episodju nsibuh fir-*Raymundina,* 22 u *Liber Miraculorum,* 57. Skond ix-xhieda tar-*Raymundina*, kienet is-sena 1278. Il-vittma ta' din il-maġija sewda, skond ir-*Raymundina*, kien jismu Martino. L-episodju seħħ f'Castegnero fid-djoċesi ta' Vicenza. Sant'Antnin iħeġġeġ lil dan l-imsejken biex imur fil-bażilika tiegħu *sub archa*, fejn jerġa' jikseb il-kelma.

knisja tiegħu u hemm għadda ħafna ġranet u anke ljieli, mehdi fit-talb. 58 Darba fost l-oħrajn, meta fil-kor il-patrijiet, b'devozzjoni kbira, bdew ikantaw: *Imbierek dak li ġej f'isem il-Mulej* (S 117,26), waqt li s-saċerdot kien qed jiċċelebra l-quddiesa, hu u jgħolli l-Ġisem ta' Kristu, dan ir-raġel mill-ġdid ħa d-dawl ta' għajnejh. Imbagħad, beda jagħmel ġesti u sinjali biex juri lil kulħadd li issa reġa' beda jara.
[747] 59 Meta l-aħbar ta' dan il-miraklu xterdet bħal leħħa ta' berqa, inġemgħu kotra ta' nies, ilkoll jitolbu bil-ħerqa lil Alla li, kif għall-interċessjoni u l-merti ta' l-imqaddes Antnin ta lura d-dawl lil dan l-imsejken, issa jagħtih ukoll il-kelma. Hekk ikun f'qagħda li liberament ixandar ma' kulħadd l-għeġubijiet li Hu jagħmel permezz ta' Antnin. 60 Waqt li l-kor tal-patrijiet kien qed ikanta l-*Ħaruf ta' Alla*, u jkomplu sal-kliem: *Agħtina l-paċi*, Dak *li jiftaħ għajnejn il-għomja u jrodd lura l-kelma lit-torox* (cfr. Iż 35,5), raddlu lura mill-ġdid, kemm l-ilsien kif ukoll il-kelma. 61 Dlonk infetaħlu fommu u beda jgħajjat: "*Imbierek, il-Mulej, Alla ta' Iżrael* (Lq 1,64.68), li permezz ta' l-imqaddes Antnin mill-ġdid tani d-dawl ta' għajnejja, hekk li nista' nara, u tani wkoll l-ilsien biex inkun nista' nitkellem".

III Salvati min-nawfraġju u mill-periklu ta' l-għarqa

[748] 62 Fir-rakkont tal-mirakli, solennement approvati quddiem il-qdusija tiegħu l-Papa, niltaqgħu ma' nies li ħelsu mill-periklu ta' l-għarqa. 63 Bħala eżempju nsemmi l-każ ta' waħda mara li waqgħet fix-xmara, u bdiet issejjaħ l-għajnuna ta' Sant'Antnin. Issa, dawk li għenuha toħroġ mill-ilma xxarbu għasra, waqt li hi biss baqgħet ġisimha u ħwejjiġha niexfa.
[749] 64 Grupp ta' persuni li kienu jbaħħru sabu ruħhom f'periklu ta' nawfraġju, u dlonk għamlu wegħda lill-imqaddes Antnin wara li qerrew. 65 Dak il-ħin stess, bħal donnhom quddiemhom kien hemm raġġ misterjuż ta' dawl, twasslu bil-ħeffa lejn il-port tas-salvazzjoni. 66 M'għandniex għalfejn nistagħġbu li Antnin wera ruħu f'raġġ ta' dawl, hu li matul ħajtu kien kollu dija.
[750] 67 B'tifħir lilu, waqt li jiġi mfakkar dan il-miraklu, jitkanta dan l-innu:

*Lill-baħħara fit-tempesta*
*bl-għelm tal-fidwa mar isalva,*

*lilhom offra raġġ ta' tama*
*li wassalhom f'port imkennen*[102].

[751] 68 Fl-istess sena li diġà semmejna, fiż-żmien li fra Pietro kien jgħallem Padova, ġabar ukoll informazzjoni dwar miraklu ieħor jixbaħ ħafna lil dan li għadna kemm irrakkontajna. 67 Tomasino, tifel ta' għoxrin xahar, kien iben ġenituri li kellhom darhom qrib il-knisja ta' l-imqaddes Antnin. B'nuqqas kbir ta' ħsieb, ħallewh jilgħab qrib vaska mimlija ilma. 70 Bħat-tfal kollha, beda jilgħab kif jaf. X'aktarx li ra x-xbieha tiegħu riflessa fl-ilma, u ipprova jimxi warajha. Dan wasslu biex jogħdos fl-ilma rasu 'l isfel u saqajh 'il fuq. 71 Billi kien għadu hekk żgħir, ma seta' bl-ebda mod joħroġ minn fejn kien, u mall-ewwel ħabat jifga.

[752] 72 Wara li għadda ftit tal-ħin, u l-omm għamlet il-faċċendi li kellha tagħmel, fid-daqqa u l-ħin, mill-bogħod lemħet saqajn binha iperpru 'l barra mill-vaska. Kif rat hekk, erħilha tgħajjat kemm kellha ħila, u tibki; ġriet lejn fejn kien it-tifel bit-tama li toħorġu mill-ilma. 73 Sabitu iebes u kiesaħ, għax kien laħaq għereq. 74 Meta rat dan, il-biki u l-għajjat tagħha qanqal lin-nies kollha tal-qrib biex jiġu hemm bi ħġarhom.

[753] 75 Fost in-nies li nġabru, kien hemm ukoll xi patrijiet Minuri, flimkien ma' xi ħaddiema li dik il-ħabta kienu qed jagħmlu xi xogħol ta' tiswija fil-knisja ta' l-imqaddes Antnin[103]. 76 Meta raw li t-tarbija kienet żgur mejta, għamlu minn kollox biex isabbru lill-omm fid-dmugħ u n-niket li ħakimha. Kollha marru lura midruba mix-xabla tad-dispjaċir. 77 Min-naħa tagħha l-omm, għad li mifnija bin-niket, bdiet taħseb u tirrifletti fuq kemm mirakli kienu qed isiru bl-interċessjoni ta' Sant'Antnin. Dlonk bdiet titolbu jagħtiha lura lil binha ħaj.

[754] 78 Għamlet ukoll wegħda: li tagħti lill-foqra kwantità ta' qamħ daqskemm kien jiżen it-tifel, kemm il-darba Sant'Antnin jerġa' jqajmu

102 JULIAN MINN SPEYER, *Officium Rhythmicum S. Antonii,* Hymnus ad Laudes II.

103 Dan id-dettall irridu nqisuh b'kawtela, l-aktar għax id-dokumentazzjoni dwar il-bini tal-bażilika ta' Sant'Antnin f'Padova mhijiex abbundanti. Jekk ninsabu fl-1293, il-ħaddiema li kienu preżenti għax-xogħol ta' "tiswija" fit-tempju kienu x'aktarx qed jagħmlu ħidmiet ta' rifinituri lit-tempju majjestuż. *Lanercost* jgħid li missier it-tarbija kien *in edificio nostre ecclesie ... occupatus*. Forsi ninsabu fl-aħħar fażi tal-bini tal-bażilika.

mill-mewt. 79 Minn inżul ix-xemx sa nofs il-lejl, l-omm ma waqfitx titlob lil Sant'Antnin u ttenni l-wegħda li għamlitlu. Imbagħad – din ħaġa ta' l-għaġeb imqar issemmiha – it-tifel li kien mejjet reġa' ħa l-ħajja u saħħtu perfettament, qisu qatt ma ġralu xejn[104].

[755] 80 Fra Pietro di Raimondo aċċertani li waħda mara kienet meħlusa mid-disperazzjoni u l-periklu ta' l-għarqa, wara li talbet lil Sant'Antnin biex jgħinha. 81 Il-fatt li se nsemmu ġara fil-Portugal[105]. Waħda mara, li kienet ta' spiss *maħkuma mid-demonju* (cfr. Mk 5,15), semgħet lil żewġha irrabjat jgħidilha, biex jinsultaha, li kienet ossessjonata. 82 Din l-imsejkna ma felħitx tissapporti dik l-inġurja. Ġiha l-ħsieb li tmur u tinxteħet fix-xmara.

[756] 83 Inzerta kien jum il-festa ta' Sant'Antnin. Hi u sejra tgħaġġel bil-ħsieb li tneħħi ħajjitha u tegħreq fix-xmara, sabet ruħha quddiem il-knisja tal-Franġiskani. Ħasbet li tkun ħaġa sewwa tidħol fil-knisja u qabel tmut tirrikmanda ruħha 'l Alla. 84 Inxteħtet titlob u fl-istess ħin raqdet. Fil-ħolm dehrilha l-imqaddes Antnin li qalilha: "Qum, o mara, u żomm din iċ-ċedola sewwa. Permezz tagħha int se tkun meħlusa mill-vjolenza tad-demonju".

[757] 85 Il-mara stembħet u - ħaġa ta' l-għaġeb – rat li f'idejha kellha ċedola li fuqha kien hemm miktub: *Ara, rebaħ l-iljun tat-tribù ta' Ġuda, ir-rimja ta' David, li għandu s-setgħa jiftaħ il-ktieb u jħoll is-siġilli tiegħu* (cfr. Apk 5,5). 86 Issa, hi kienet taf tajjeb li ma kienet ħadet ebda ċedola magħha. Meta f'idejha rat dik li kien taha Sant'Antnin, kellha fiduċja fil-ħarsien imwiegħed, u marret lura d-dar. Sakemm baqgħet tgħożż dik iċ-ċedola, id-demonju qatt ma żżarda iżjed jitturmentaha.

[758] 87 Żewġha induna b'dan, u staqsiha kif ġiet meħlusa mill-kefrija tad-demonju. 88 Hi tkellmet biċ-ċar. Ir-raġel, min-naħa tiegħu, xtaq ixerred il-ġrajja ta' dan il-miraklu, u mar jirrakkonta kollox lir-re

---

104 Ir-*Raymundina* ma titkellimx dwar dan il-miraklu taċ-ċkejken Tomasino, imma jinsab b'mod imqassar fil-*Liber Miraculorum,* 59.

105 Episodju meħud mit-tradizzjoni orali ta' oriġini Portugiża, u li jinsab fil-*Liber Miraculorum,* 52. Il-lokalità li fiha seħħu l-fatti hi Santarèm, ix-xmara hi t-Tago, u r-re tal-Portugal kien Dinis (1279-1325). Is-silta fuq iċ-ċedola: *Ecce crucem Domini. Fugite, partes adverse. Vicit Leo de tribu Iuda, radix David. Alleluia. Alleluia.* Din kienet l-antifona III tal-Lawdi fil-festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes, ċelebrata fit-3 ta' Mejju fil-Brevjar Ruman l-antik. Illum tikkorrispondi għall-I antifona ta' l-Uffiċċju tal-Qari tal-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib (14 ta' Settembru).

tal-Portugal. Ir-re ippretenda li dik iċ-ċedola jaraha u r-raġel ġabhielu. Iżda, mbagħad, ma riedx jagħtihielu lura. Għalhekk id-demonju, kif kien għamel qabel, reġa' beda jitturmenta lil dik il-mara. 89 Ir-raġel, misjuq minn kompassjoni, ma setax jieħu lura ċ-ċedola, u għalhekk irrikorra għand il-patrijiet Minuri. Dan bil-ħsieb li jakkwistaw kopja taċ-ċedola mingħand ir-re. Din il-kopja kellha fuq il-mara l-istess effett bħall-oriġinal: il-ħelsien tal-mara mit-turmenti qliel tad-demonju.

IV Dawk li maqdru l-qaddis

[759] 90 Wieħed kavallier, eretiku sa minn twelidu, darba minnhom waqt li kien madwar il-mejda, sema' lil dawk li kienu qed jieklu jirrakkontaw il-mirakli tal-qaddis. 91 Biex iwaqqa' kollox għaċ-ċajt, mill-għoli fejn kien waddab lejn l-art it-tazza tal-ħġieġ li kellu f'idejh, u qal: "Jekk Antnin għandu l-ħila jagħmel li din it-tazza tibqa' sħiħa, imbagħad nemmen li hu tabilħaqq qaddis". 92 It-tazza ħabtet ma' blata samma, u b'danakollu baqgħet ma tfarrkitx. Meta l-kavallier ra dan, ċaħad l-erruri li kien iħaddan u, b'fidi perfetta fi Kristu, beda jemmen.
[760] 93 Xejn ma għandna għax nistagħġbu li Antnin, glorjuż fis-sema, żamm sħiħ oġġett tal-ħġieġ. Meta kien għadu ħaj jgħix fuq din l-art, reġa' għaqqad sewwa kalċi li nkiser f'ħafna biċċiet.
[761] 94 Bir-raġun kollu, b'tifħir li jixraqlu, inkantaw l-innu:
*Bid-dawl qawwi ta' twemminu*
*biddel qlub dawk fl-ereżija,*
*b'sinjal tazza tal-ħġieġ sabbat,*
*sħiħa baqgħet bla ma nkisret*[106].

[762] 95 Kien ukoll membru tal-kleru li kien jiddieħaq bl-eżami tal-mirakli li kien qed isir. Dan inħakem minn sofferenzi ħorox. Kiseb il-fejqan wara li għamel wegħda ma' l-imqaddes Antnin, u sar difensur tal-qdusija tiegħu. Issa kien għamel esperjenza personali ta' din il-qdusija. 96 Hu għalhekk li fl-innu jitkanta b'tifħir:
[763] *Kjerku b'dawl il-grazzja daħaq*

106 JULIAN MINN SPEYER, *Officium Rhythmicum S. Antonii*, Hymnus ad Laudes III.

*iżżufjetta bil-mirakli;*
*marad, weghda hu mar jagħmel,*
*sabiex sebħ il-qaddis jixhed*[107].

[764] 97 Ħdejn il-qabar tal-bniedem ta' Alla kienu jsiru kotra kbira ta' mirakli, b'mod abitwali u ripetutament. Bid-dija u l-frekwenza tagħhom, kienu prova aktar ċara mid-dawl tax-xemx, b'liema glorja hu kien mogħni fis-sema dak li, fuq l-art, kien meqjum b'tant għeġubijiet imtennija u jarmu dija tal-qdusija.

## 12 EPILOGU

[765] 1 Ilqa', issa, o missier l-aktar qaddis Antnin, dan ix-xogħol żgħir tal-qaddej fqajjar tiegħek. Int li qed tgħix fil-preżenza tal-Missier ta' kull dawl: offri lilek innifsek bħala difensur ta' ħutek li qed jgħixu fl-eżilju ta' din il-ħajja miżera.

2 U ma' Franġisku, missier il-fqajrin, għinna fil-mixja tagħna biex ngħixu l-weghdiet li għamilna. Hekk nissieħbu fil-kumpanija tiegħek u tat-twajjeb missier tagħna Franġisku[108].

3 Dan jagħtihulna, għall-interċessjoni tagħkom it-tnejn, missier il-foqra, Kristu, Sultan twajjeb li, mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu, jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

TMIEM TAL-ĦAJJA TA' L-IMQADDES ANTNIN.

107 JULIAN MINN SPEYER, *Officium Rhythmicum S. Antonii,* Hymnus ad Laudes IV.

108 Il-*Legenda Rigaldina* tikkonkludi, bil-fedeltà lejn il-mudell liturġiku, b'talba qasira ta' fiduċja lill Qaddis li tiegħu iċċelebrat il-virtujiet u l-mirakli, biex hekk tqanqal lill-qarrejja għall-imitazzjoni u d-devozzjoni. Ta' min jinnota li, fl-ambjent Franġiskan, Antnin jiġi spontanjament magħqud ħaġa waħda mal-figura tal-fundatur San Franġisk, mera ta' impenn evanġeliku u interċessur qawwi quddiem l-Aktar Għoli.

# ARNALD DE SARRANT «LIBER MIRACULORUM» FIL-«CHRONICA XXIV MINISTRORUM GENERALIUM OFM»

(c.1367-1370)

## INTRODUZZJONI

Arnald de Sarrant hu persunaġġ li ftit li xejn nafu dwaru. Hu l-awtur ta' l-opra *Chronica XXIV Generalium Ordinis Minorum*, li hu x'aktarx li kitibha fis-snin 1367-1370, u li fiha hemm *dossier* dwar il-mirakli ta' Sant'Antnin li jġib l-isem ta' *Liber Miraculorum*. Din il-Kronaka hi ġabra ta' l-istorja ta' l-ewwel 24 ministri ġenerali ta' l-Ordni Franġiskan minn San Franġisk sal-ġeneralat ta' Leonardo da Giffoni (1373-1378).

Fil-*De Conformitate vitae beati Francisci* (AF IV, 537), fra Bartolomeo Rinonico da Pisa (†1401), qrib it-tmiem tas-seklu 14 jikteb: "Il-Provinċja ta' Aquitaine kellha għaxar kustodji. Il-Kustodja ta' Toulouse ... tinkludi fiha l-kunvent ta' Sarrant (Sarnano), li bħala mgħallem venerabbli kellha lil fra Arnald de Sarrant, li għal bosta snin kien ministru ta' Aquitaine. Dan kien bniedem ta' ħajja mimlija tifħir u ta' kapaċità kbira, li ġabar flimkien bil-miktub l-informazzjoni kollha li seta' jsib dwar l-imqaddes Franġisku".

Kien Luke Wadding (*Annales Minorum*, ad an. 1376, n. 8) li indika lil Arnald de Sarrant bħala l-awtur tal-*Chronica XXIV Generalium*.

Arnald de Sarrant hu wkoll awtur ta' opra oħra, intitolata *De Cognatione sancti Francisci* (1365), li tfisser "parentela" jew "konformità" ma' Kristu, u tidentifika disa' "konformitajiet" bejn San Franġisk u Ġesù Kristu, u għalhekk twitti t-triq għall-opra monumentali ta' Batolomeo da Pisa, *De Conformitate Vitae*. Il-*De Cognatione* instabet fil-Kodiċi 558 tal-bibljoteka tas-Sacro Convento t'Assisi u fil-Manuskritt Latin 12707 tal-Bibliotheque National de Paris. Dan l-aħħar manuskritt jagħtina din l-informazzjoni dwar Arnald de Sarrant:

"Dawn huma xi siltiet u temi li jixraq li wieħed jinnutahom, u li jiena ġbarthom minn kompilazzjoni li jidhirli li kienet saret minn fra Arnald de Sarrant, li qabel kien ministru provinċjal ta' Aquitaine u mgħallem kbir tat-teoloġija, dwar il-ħajja u l-għemejjel tal-missier imqaddes Franġisk u l-patrijiet sħabu, li mhumiex miġburin fil-Leġġenda tiegħu".

Fil-*De Cognatione,* 60, Arnald de Sarrant jitkellem dwar Sant'Antnin, u jippreżentah bħala predikatur apostoliku kbir bħall-appostlu San Pawl: "Bħalma Pawlu, wara l-mewt tal-Feddej, kien meqjus bħala wieħed mill-appostli, hekk Franġisku laqa' fil-familja tiegħu lill-konfessur imqaddes ta' Kristu, Antnin. It-tnejn li huma jaqblu wkoll fl-isem, għax Pawlu jfisser «fomm ta' tromba» (*os tube*), filwaqt li Antnin ifisser «iriegħed fil-għoli» (*alte tonans*) ... Bħalma Pawlu kien jafferma li jippriedka lil Ġesù Kristu u lil dan imsallab, hekk Antnin kien jippriedka fuq it-titlu tas-salib f'Arles, meta l-imqaddes Franġisku deher u wera kemm kien jixraqlu dan l-uffiċċju ta' predikatur. U kif, imbagħad, Pawlu wassal il-predikazzjoni tiegħu u ferrixha ma' kullimkien, hekk ukoll Sant'Antnin. Fil-fatt, hu dawwal bl-eżempji u t-tagħlim tiegħu, b'diversi modi, ir-reġjuni ta' Oltremare, Bologna, l-Italja, Provence, Borgogne u Aquitaine".

Minn dawn id-dettalji nistgħu nikkonkludu li Arnald kien qeda lill-patrijiet bħala ministru ta' Aquitaine bejn is-snin 1361 u 1383. Din kienet provinċja kbira, li kienet tiġbor fiha 10 kustodji, 61 kunventi, u 'l fuq minn elf patri. Il-provinċja ta' Aquitaine kienet tat lill-Ordni fis-seklu 14 erba' ministri ġenerali u żewġ vigarji: il-kardinal Bertrand de la Turre (1328-1329), Gerard Eudes (1329-1342), Fortanerius Vasalli (1343-1348), William Farinier (1348-1357), u Johannes de Bucho (1357-1358).

Fl-*Annales Minorum,* ad an. 1376, n. 8, Luke Wadding jonnota li l-Papa Girgor XI kien bagħat lil Arnald fi Spanja bejn is-snin 1373-1375: "Il-ħajja reliġjuża qalgħet daqqa ta' ħarta kbira fil-Castiglia, minħabba l-gwerra bejn Pedro, li qabel kien ir-re, u n-nobbli tar-renju; u bejn l-istess Pedro u ħuh Enrique. Il-patrijiet kienu ġew imkeċċijin minn bosta kunventi u kienu jiġġerrew mingħajr residenzi stabbli. Fil-ħajja tal-komunitajiet reliġjużi daħlu bosta drawwiet irregolari u mhux normali, minħabba l-istil ta' ħajja liberali ta' Pedro u bosta min-nobbli u padruni li kienu jistiednu lis-superjuri ta' l-Ordni biex jiġu fit-territorji

tagħhom. Għaldaqstant il-Papa ħaseb li kien dmir tiegħu li jiġġieled kontra dan it-tip ta' ħażen. Minn Franza hu bagħat lil fra Arnald de Serrano, Mastru tat-Teoloġija u Ministru tal-provinċja ta' Aquitaine, flimkien ma' sħabu l-oħrajn minn Spanja, fra Diego da Palencia mill-kunvent ta' Toledo u fra Juan Gonsalvo de Opta da Cuenca, li t-tnejn kienu letturi. Aktar tard bagħat ukoll lil Juan de Ubeda. Il-Papa eżenta lil dawn it-tliet patrijiet minn kull ubbidjenza lejn superjuri reliġjużi ħlief dik lejn Arnald. Il-Papa għamel dan bl-ittra *Cum nos cupientes* li hu bagħat minn Villeneuve fid-djoċesi ta' Avignon fid-29 ta' Awissu 1373".

L-opri ta' Arnald de Sarrant juru l-preokkupazzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni xejn sabiħa li sab ruħu fiha l-Ordni tal-Minuri fis-seklu 14, l-aktar minħabba l-Pesta s-Sewda (1347-1350), il-Papat f'Avignon (1308-1378) u t-tensjoni u firda interna fi ħdan l-Ordni bejn il-familja Konventwali u l-fdalijiet ta' Spiritwali, ikkundannati minn Ġwanni XXII fl-1317, u mbagħad ma' l-ewwel tentattivi ta' riforma ta' l-Osservanza regolari fl-Italja. Rigward din ta' l-aħħar Arnald juri lilu nnifsu deċiżament skjerat mal-familja Konventwali, hekk li jiġġudika r-riforma ta' Gentile di Spoleto lejn l-1350 bħala inizjattiva "kontra l-karità fraterna".

Arnald de Sarrant kien ivvjaġġa ħafna, hekk li nafu li ikkonsulta bibljoteki importanti fil-kunventi ta' Santa Croce ta' Firenze u San Lorenzo f'Napli. X'aktarx li ħa sehem fil-kapitlu ġenerali ta' Lyon ta' l-1351, fejn kienet ittieħdet id-deċiżjoni li tiġi ċelebrata l-festa tat-traslazzjoni tar-relikwi tal-qaddis ta' Padova.

Is-sezzjoni tal-*Chronica XXIV Ministrorum Generalium* li titkellem dwar Sant'Antnin tissejjaħ normalment *Liber Miraculorum*, imma maż-żmien kienet magħrufa b'ismijiet oħrajn: *Incipiunt aliqua de vita et miraculis sancti Antonii de Padua, que in eius maiori Legenda in toto vel in parte non ponuntur* ("Jibda r-rakkont ta' xi fatti tal-ħajja u mirakli ta' Sant'Antnin ta' Padova, li ma ġewx inklużi b'mod sħiħ jew parzjalment fil-Leġġenda kbira tiegħu").

L-awtur juri li l-iskop ta' din l-opra tiegħu ma kienx dak li jissostitwixxi l-leġġendi uffiċjali (*Assidua, Juliana*), li kienu ilhom użati seklu u nofs fil-liturġija tal-qaddis u fi ħdan il-komunità minoritika. Arnald irid iżid magħha *florilegium,* jew bukkett ta' ward, ta' fatti mirakolużi li jitilqu mid-data tal-kanonizzazzjoni tal-Qaddis (30 ta'

Mejju 1232), mill-fatt tal-qniepen ta' Lisbona li jdoqqu waħedhom biex jesprimu l-ferħ ta' l-okkażjoni, sa l-istorja tal-prinċep Edouard ta' Aquitaine, fl-1367, jiġifieri saż-żmien li fih kiteb Arnald.

Il-*Liber Miraculorum* hu ġabra ta' 66 paragrafi u fatti diversi, li huma biss parti ċkejkna mill-*Chronica XXIV Ministrorum Generalium*. Kienu l-Bollandisti li, fl-edizzjoni kritika tagħhom, ġabru l-*Liber Miraculorum* f'7 kapitli, li erba' minnhom jirreferu għal episodji mirakolużi li seħħew meta Antnin kien ħaj, u tlieta dwar mirakli *post mortem* (DANIEL PAPEBROCH, *Acta Sanctorum* Iunii/II, Antverpiae, Thieullier, 1698, 724b-741b). Edizzjoni kritika oħra kienet dik ta' l-*Analecta Franciscana*, Vol. III, Quaracchi, Firenze 1897, pp. 121-158.

L-opra tieħu fatti li diġà kienu dehru fl-*Actus beati Francisci et sociorum eius*, bħalma huma l-miraklu tal-priedka pentekostali ta' Sant'Antnin f'Ruma, u l-priedka tiegħu lill-ħut f'Rimini. Il-miraklu l-ieħor famuż, dak tal-bagħal imġewwaħ li jinżel iqim l-Ewkaristija, u li seħħ fl-inħawi ta' Toulouse, l-awtur jieħdu mill-*Benignitas*. It-tema hi dejjem dik ta' Antnin li jirbaħ il-battalja kontra l-ereżija fi Franza ta' isfel u fl-Italja ta' fuq.

Il-mirakli ta' Sant'Antnin jinkludu *dossier* ta' mirakli li seħħew fil-Portugal u ieħor dwar fatti mirakolużi f'Padova (kapitlu 7). Dawn il-mirakli kienu diġà inġabru minn fra Pietro Raymundi, mill-provinċja ta' Aquitaine, li kien membru tal-komunità konventwali ta' Padova, u li hu l-awtur tal-Leġġenda *Raymundina*.

L-aħħar kelma dwar miraklu uniku li jinsab biss fil-*Liber Miraculorum*, u li immarka b'mod li ma jitħassarx l-ikonografija ta' Sant'Antnin matul is-sekli. Qed nirreferu għad-dehra tal-Bambin Ġesù li kellu Sant'Antnin fil-*Liber Miraculorum,* 22. Għalkemm studjużi innutaw li dan il-miraklu juri xebħ ma' fatti mirakolużi simili, bħalma huma t-trasport mirakoluż ta' Santa Klara fil-bażilika ta' San Franġisk t'Assisi fil-lejl tal-Milied (*Legenda sanctae Clarae virginis*, 29: FSK 630), u l-fatt fl-*Actus B. Francisci,* cap. 48, ta' apparizzjoni tal-Verġni Marija li toffri l-Bambin Ġesù lil frate Corrado d'Offida (1241-1306) (*Fioretti* 42: FSF 1628), dan ma jfissirx li l-fatt dwar Sant'Antnin, li seħħ f'dar ta' "wieħed nobbli" (fid-dar ta' Conte Tiso f'Camposampiero?) hu neċessarjament biss wieħed leġġendarju. Din il-leġġenda wieħed jista' jeħodha bħala rivelazzjoni tal-ħajja reliġjuża profondament affettiva ta' Sant'Antnin, li jiġi mdawwal b'mod ta' l-għaġeb waqt it-talb u jintilef

f'estasi, li fiha hu jħaddan miegħu lil Ġesù Bambin, il-Kelma divina tal-ħajja li hu kien ippriedka matul Randan sħiħ f'Padova. Mhux ta' b'xejn li, fl-ikonografija tal-bidu, l-Qaddis ta' Padova jidher dejjem bil-ktieb ta' l-Evanġelji, li miegħu bikri żdied Ġesù Bambin li jiġi muri fuq il-ktieb, biex hekk tintwera r-rabta intima bejn il-Kelma Inkarnata u l-Kelma tal-Bxara t-tajba li Sant'Antnin amministra bħala teologu mistiku u predikatur.

# ARNALD DE SARRANT «LIBER MIRACULORUM» FIL-«CHRONICA XXIV MINISTRORUM GENERALIUM OFM»
(c.1367-1370)

## [PROLOGU ĠENERALI TAL-«CHRONICA XXIV GENERALIUM»]

[Ir-rakkont tal-ġrajjiet ta' l-imgħoddi jaqbel biex aħna nifhmu aħjar dak li jiġri llum u biex inkunu mħejjija għall-ġejjieni. 2 Għal dan l-iskop, jiena fittixt li niġbor xi fatti importanti, tajbin u inqas tajbin, li ġraw f'diversi żminijiet taħt ministri ġenerali diversi, u li jinsabu miġburin f'diversi kotba ta' edifikazzjoni, u trattati oħrajn, 3 fi proċessi kanoniċi u kronaki li jiena sibthom fl-Ordni mqaddes tal-patrijiet Minuri, kif ukoll fil-ħajjiet ta' dawn il-patrijiet. 3 Dawn il-fatti jiena ġbarthom f'dan il-volum preżenti, wara li ikkontrollajt il-verità tagħhom, sakemm dan kien possibbli għalija].

## BIDU TA' XI FATTI MARBUTIN MAL-ĦAJJA U L-MIRAKLI TA' SANT'ANTNIN TA' PADOVA, LI MA JINSTABUX MIKTUBIN FIL-LEĠĠENDA TIEGĦU[1]

---

1 Il-Bollandisti, *Acta Sanctorum* (13 ta' Ġunju) ippubblikaw għall-ewwel darba din l-opra fl-1698 bl-isem: *"Legenda alia seu liber miraculorum chronicis Ordinis olim insertus et ex msc. (scil. ex illis quae II aut I nominavimus) erutus a R.P. Luca Waddingo et quidem: Caput I. Miraculis confusi et conversi haeretici".* Kienu huma li tawh l-isem *Liber Miraculorum*. Il-Leġġenda ta' S. Antnin li tissemma tista' tkun il-*Vita Prima* jew *Assidua*, miktuba minn awtur Franġiskan anonimu fl-1232, fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni tal-qaddis fi Spoleto (30 ta' Mejju 1232). Il-*Liber Miraculorum* jidher li hu żjieda tardiva għall-*Assidua*, bl-istess mod li t-*Tractatus Miraculorum S. Francisci* ta' fra Tommaso da Celano llum hu meqjus bħala żjieda mal-*Memoriale in Desiderio Animae* (2C) ta' l-istess awtur. Il-*Liber Miraculorum* hu magħmul minn 66 episodji, li minnhom 4 biss huma direttament marbutin

## I – ERETIĊI MĦAWDIN JEW KONVERTITI B'MIRAKLI

### 1 – Diskors ta' l-Imqaddes Antnin quddiem popli ta' lingwi diversi

[766] 1 Il-missier l-aktar glorjuż, Sant'Antnin ta' Padova, kien wieħed mis-sħab u dixxipli magħżulin ta' San Franġisk. Il-Qaddis kien iħobb isejjaħlu *isqof tiegħu*, minħabba l-fama tal-ħajja u l-predikazzjoni tiegħu[2]. 2 Meta l-Papa kien laqqa' konċilju f'Ruma[3], li għalih inġabru folol kbar ta' pellegrini, minħabba l-indulġenzi li dawn setgħu jiksbu, - fil-fatt kien hemm Griegi, Latini, Franċiżi, Ġermaniżi, Slavi, Ingliżi u bosta nies oħrajn ta' diversi ilsna – il-Papa ikkmanda lil Antnin biex jippriedka. 3 L-Ispirtu s-Santu ħadem tant għeġubijiet permezz ta' l-ilsien ta' Sant'Antnin, bħalma kien ħadem permezz ta' l-Appostli qaddisa, li n-nies kollha li semgħuh baqgħu mistagħġbin għaliex huma setgħu jifhmu b'mod ċar kull ma qal. Kull wieħed minnhom seta' jisimgħu bl-ilsien tiegħu. 4 F'dik l-okkażjoni Antnin tkellem dwar ħwejjeġ iebsin b'mod ħelu, b'tali mod li dawk kollha li kienu preżenti

---

ma' avvenimenti fil-ħajja ta' S. Antnin u mal-kanonizzazzjoni tiegħu. Il-kumplament ta' l-episodji huma kollha ġrajjiet ta' mirakli, li minnhom 33 għandhom x'jaqsmu ma' mirakli mwettqin matul il-ħajja tal-qaddis u 31 ma' mirakli *post mortem*. L-għejun tal-*Liber Miraculorum* jinkludu l-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*, il-*Benignitas,* u r-*Rigaldina*. Il-ġrajjiet li seħħew fi Franza, meta S. Antnin kien jinsab hemmhekk (1225-1227) kienu x'aktarx familjari għal Arnald de Sarrant, li kien membru tal-Provinċja ta' Aquitaine.

2 S. Franġisk isejjaħ lil S. Antnin *episcopo meo (isqof tiegħi)* fil-biljett li hu kitiblu fl-1223, li fih awtorizzah biex jgħallem it-teoloġija lill-patrijiet f'Bologna (FSF 33).

3 Skond Luke Wadding (*Annales Minorum,* ad an. 1227, n. 15), dawn il-ġrajjiet seħħew fl-1227, matul il-festi ta' l-Għid, meta ġie magħżul il-Papa Girgor IX (1227-1241). Dan kien beda l-pontifikat tiegħu nhar Ħadd il-Għid, quddiem dawk kollha li kienu ġew Ruma għall-indulġenzi ta' l-Għid. Fl-1228 Girgor IX wkoll kien laqqa' konċilju f'Ruma, kontra l-imperatur Federiku II. L-iskop ta' dan ir-rakkont hu dak li jippreżenta l-predikazzjoni ta' S. Antnin fuq il-mudell tal-miraklu ta' Pentekoste f'Atti 2,4. L-espressjoni magħrufa tal-Papa: "dan ir-raġel hu l-arka tat-Testment u t-teżor ta' l-Iskrittura divina" tidher fil-Bulla ta' Kanonizzazzjoni ta' S. Antnin, *Cum dicat Dominus* (cfr. L. Wadding, *Annales Minorum*, ad an. 1232, 320-322). Dan l-episodju jinsab ukoll fl-ABF 44, u fil-*Fioretti* 39 (FSF 1625).

kienu mistagħġbin u baqgħu miblugħin bl-ammirazzjoni. Għal din ir-raġuni l-Papa sejjaħ lil Antnin bl-isem *Arka tat-Testment*.

2 - Dwar kif ippriedka lill-ħut

[767] 1 Meta Sant'Antnin kien jippriedka f'Rimini[4], dik il-belt kienu joqogħdu fiha kwantità kbira ta' eretiċi. Antnin kien jiddiskuti magħhom u jeħodha kontra l-iżbalji tagħhom biex ireġġagħhom lura lejn id-dawl tal-verità. 2 Imma dawn l-eretiċi kellhom qlubhom taż-żonqor, u mhux biss kienu jiċħdu l-kliem tal-qaddis, imma talli kienu jitrattawh biż-żebliħ kull meta kienu jiġu biex jisimgħuh. 3 Għalhekk Sant'Antnin, imnebbaħ minn Alla, jum minnhom mar lejn il-bokka tax-xmara qrib xatt il-baħar u, filwaqt li qagħad wieqaf fuq ix-xatt fil-post li fih ix-xmara kienet tidħol fil-baħar, hu beda jippriedka lill-ħut u jsejħilhom min-naħa ta' Alla: 4 "Isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom ħut tax-xmara u tal-baħar, ġaladarba l-kotra ta' l-eretiċi għażlu li jqisu din il-kelma biż-żebliħ". 5 Dak il-ħin inġabru qrib Sant'Antnin qtajjiet hekk kbar ta' ħut kbir u żgħir, li ħaġa bħal din qatt ma kienet dehret qabel; u l-ħut kienu kollha jżommu rashom kemm kemm merfugħa mill-ilma. 6 F'dak il-post wieħed seta' jara ħut kbir jgħum maġenb ħut żgħir, u l-ħut żgħir jgħumu fis-sliem qalb il-ħut kbir. 7 Wieħed seta' jara diversi speċi ta' ħut, li kienu lkoll jgħumu bl-istess mod, u huma kienu jidhru qishom pittura ta' għalqa li fiha kotra kbira ta' kuluri u figuri, u kienu lkoll jgħumu b'mod ta' l-għaġeb u f'ordni perfett quddiem il-qaddis. 8 Wieħed seta' jara li l-kotra ta' ħut kbir kienu ordnati qishom armata quddiem kastell, u huma waslu l-ewwel fil-post li fih kien jippriedka l-qaddis. 9 Il-ħut mezzani ħa postu fl-ilma aktar baxx, u kien donnu mgħallem minn Alla biex jibqa' wieqaf bla ma jiċċaqlaq u joqgħod f'postu fis-sliem. 10 Il-qtajjiet ta' ħut żgħir kienu donnhom pellegrini li kienu ġew jiġru biex jaqilgħu xi indulġenza, u kienu jersqu lejn il-missier imqaddes bħallikieku kien l-imgħallem tagħhom. 11 Hekk, matul il-ħin li fih damet din il-priedka tas-sema, il-ħut kollha ġew u qagħdu quddiem Sant'Antnin, u huma

[4] Dan l-episodju famuż fil-ħajja ta' S. Antnin seħħ f'Rimini fl-1222, fil-bokka tax-xmara Marecchia. L-eretiċi li ikkonverta S. Antnin kienu Katari, li kienu numerużi fl-Italja ta' fuq. L-episodju jinsab ukoll fl-ABF 45 u fil-*Fioretti* 40 (FSF 1626). Juri xebħ kbir ma' l-episodju ta' S. Franġisk li ippriedka lill-għasafar (1C 58: FSF 251).

kienu jġibu ruħhom b'ordni perfett, bil-ħut iż-żgħir quddiemnett, il-ħut mezzan fin-nofs, u l-ħut il-kbir waranett, fejn l-ilma kien aktar fond.

12 Meta l-ħut kollu kien miġbur f'ordni kompluta, Sant'Antnin beda jippriedkalhom bis-solennità kollha u qalilhom: "L-aħwa ħut, intom marbutin li tiżżu ħajr bil-kbir lill-Ħallieq skond ma tistgħu, billi Hu takom element nobbli biex fih tgħixu skond ma titlob in-natura tagħkom, jiġifieri l-ilmijiet ħelwin u mielħa. 13 Fihom intom issibu bosta postijiet fejn tistgħu tistkennu, biex tevitaw l-ilmijiet imqallbin mit-tempesti. 14 Hu takom element li hu trasparenti u ċar, offrielkom bosta toroq li minnhom tistgħu tgħaddu meta tgħumu, kif ukoll ikel bil-kotra. 15 Sabiex tkunu tistgħu tgħixu, l-Ħallieq jagħtikom ukoll l-ikel għall-ħtiġijiet tagħkom. 16 Fil-bidu tad-dinja, intom kontu mberkin minn Alla li takom il-kmandament biex toktru. 17 Fid-dilluvju, intom waħedkom ġejtu mħarsin mingħajr ħsara fost l-annimali l-oħrajn li kienu barra mill-arka. 18 Intom imżejnin bil-ġwienaħ u tistgħu tmorru kull fejn jogħġobkom. 19 Intom irċevejtu l-kmand biex tħarsu lil Ġona, il-profeta tal-Mulej, u wara tlitt ijiem reġġajtuh lura fuq l-art niexfa. 20 Kontu intom li ipprovdejtu lill-Mulej Ġesù Kristu bi statér biex ikun jista' jħallas it-taxxa, billi Hu kien fqir u ma kellux flus. 21 Wara l-qawmien mill-imwiet intom ipprovdejtu l-ikel lis-Sultan ta' dejjem. 22 Għaldaqstant, għal dawn il-ħafna grazzji, intom marbutin li tfaħħru u tbierku lill-Mulej, billi intom irċevejtu doni uniċi u tajbin fost l-annimali l-oħrajn kollha".

23 Meta semgħu dawn il-kelmiet u eżortazzjonijiet simili, il-ħut beda jitħarrek. Xi wħud minnhom bdew jiftħu ħalqhom u lkoll kienu donnhom qed ibaxxu rashom kif setgħu, bħallikieku riedu jfaħħru lill-Aktar Għoli. 24 Sant'Antnin kien itir bil-ferħ fl-ispirtu tiegħu meta ra l-qima li l-ħut kienu qed juru, u qal b'leħen għoli u ċar: "Ikun imbierek Alla ta' dejjem, li lilu l-ħut fl-ilmijiet juruh aktar qima mill-eretiċi, u li għall-kliem tiegħu l-ħlejjaq bla raġuni joqogħdu u jobdu aktar minn irġiel bla fidi". 25 U aktar ma Sant'Antnin kien jippriedka, aktar il-ħut beda jiżdied u joktor, u lanqas waħda biss minnhom ma tħarrket minn postha. 26 In-nies tal-belt ġew bi ħġarhom biex jaraw dan il-miraklu. L-eretiċi wkoll ġew biex jaraw dan il-miraklu mhux tas-soltu. Huma baqgħu mistagħġba għal din il-ġrajja, u bi qlub niedma lkoll inxteħtu quddiem riġlejn Sant'Antnin, u mbagħad qagħdu bilqiegħda biex jisimgħuh jippriedka. 27 Hekk Sant'Antnin fetaħ fommu u ippriedka

b'mod hekk imqanqal dwar il-fidi kattolika, li hu ikkonverta l-eretiċi kollha li kienu jinsabu hemmhekk u qawwa l-fidi ta' dawk kollha li emmnu, u li baqgħu hemmhekk mimlijin bil-hena u l-barka. 28 Wara li Sant'Antnin ħalla lill-ħut jitilqu, dawn telqu minn hemm kollhom ferħana u b'ħafna ġesti li bihom kienu donnhom qed ibaxxu rashom u jilgħabu. Imbagħad dawk il-ħut kollha bdew jgħumu lejn inħawi oħrajn tal-baħar. 29 Il-qaddis baqa' f'dak il-post għal bosta jiem jippriedka, u ikkonverta l-eretiċi u ħasad frott kotran bil-predikazzjoni tiegħu.

3 - Dwar kif ikkonverta wieħed raġel eretiku

[768] 1 Meta l-bniedem qaddis kien joqgħod fl-inħawi ta' Toulouse, kien hemm wieħed eretiku li b'ħafna qerq u b'argumenti qawwija kien jeħodha miegħu dwar is-Sagrament ta' salvazzjoni ta' l-Ewkaristija[5]. Wara żmien twil, dan l-eretiku ikkonfrontah b'dawn il-kelmiet: 2 "Ejja nieqfu nargumentaw bil-kliem u niġu għall-fatti. Jekk inti, Antnin, turini permezz ta' miraklu u quddiem in-nies kollha, li jeżisti tabilħaqq il-ġisem ta' Kristu, jiena niċħad l-ereżiji kollha u noqgħod għall-madmad tal-fidi". 3 Il-qaddis wieġbu li hu kien lest li jilqa' l-isfida bil-kuraġġ kollu. Għalhekk l-eretiku żied jgħidlu: "Jiena nagħlaq ġewwa l-bhima tiegħi għal tlitt ijiem u nħalliha bil-ġuħ. Wara tlitt ijiem jiena noħroġha quddiem dawk kollha li jinġabru flimkien, u nuriha l-għalf tagħha, li jiena nkun ħejjejt. Fl-istess ħin inti għandek toqgħod wieqaf quddiemha u żżomm dak li inti tgħid li hu l-ġisem ta' Kristu. 4 Jekk dik il-bhima mġewwħa tħalli l-għalf tagħha u tgħaġġel biex tqim lil dak Alla, li inti tgħid li l-ħlejjaq kollha jqimuh, jiena tassew nibda nemmen fil-fidi tal-Knisja". 5 Il-bniedem qaddis laqa' bil-qalb din l-isfida. Fil-jum iffissat in-nies kollha inġabru fil-pjazza kbira.

6 L-eretiku kien hemmhekk preżenti, imdawwar minn folla ta'

---

5 Il-Bollandisti wkoll isemmu l-belt ta' Toulouse. Wadding (*Annales Minorum,* ad an. 1225, n. 15) jgħid li l-episodju seħħ f'Bourges, u li l-eretiku kien wieħed Lhudi li kien jismu Guyard. Bartolomeo da Pisa jgħid li l-ġrajja seħħet f'Rimini, u li eretiku kien jismu Bononillo (Bonelum). Imma billi l-kwestjoni kienet tirrigwarda d-duttrina dwar l-Ewkaristija, dan l-eretiku seta' biss kien Kataru. Antnin kien qed jippriedka fi Provence fl-1225 u kien kustodju ta' Limoges fl-1226.

nies qarrieqa li kienu ħbieb tiegħu. Hu kien qed iżomm il-bagħal li kien mejjet bil-ġuħ, u kien qed jurih ukoll l-għalf tiegħu. 7 Sant'Antnin iċċelebra l-Quddiesa f'kappella. Wara l-Quddiesa, quddiem in-nies kollha li nġabru hemmhekk hu ħa l-ġisem l-aktar qaddis ta' Kristu u, wara li talab lil dawk preżenti biex jisktu, hu qal lill-bagħal: 8 "Bil-qawwa u fl-isem tal-Ħallieq tiegħek, li jiena tassew qed inżomm f'idejja, għalkemm ma jistħoqqlix, jiena ngħidlek u nikkmandak, ja bhima, biex issa stess inti tmil għarkobbtejk bil-qima, sabiex dawn l-eretiċi qarrieqa jkunu jafu li kull ħlejqa tobdi u tqim lill-Ħallieq tagħha, li d-dinjità tal-ministeru saċerdotali taqdih fuq l-altar".

9 Fl-istess waqt l-eretiku kien qed joffri l-għalf lil dak il-bagħal imġewwaħ. 10 Ġrat ħaġa ta' l-għaġeb! Dik il-bhima li kienet issofri tant mill-ġuħ, malli lemħet quddiemha lil Kristu, u semgħet il-kliem ta' Sant'Antnin, ma tatx kas ta' l-għalf li kellha quddiemha u mall-ewwel baxxiet rasha u niżlet għarkobbtejha quddiem is-Sagrament tal-ħajja. 11 Kbir kien il-ferħ tal-kattoliċi, filwaqt li l-eretiċi tħawwdu. 12 Skond il-wegħda tiegħu, dak ir-raġel eretiku ċaħad l-iżbalji tiegħu kollha, u beda jemmen u jobdi l-preċetti tal-Knisja.

4 - Dwar kif ġie mistieden mill-eretiċi u kiel ikel ivvelenat mingħajr ma għamillu l-ebda ħsara.

[769] 1 Ġara li meta Antnin kien fl-Italja hu ġie mistieden mill-eretiċi biex jiekol magħhom. 2 Il-qaddis laqa' l-istedina, sabiex iġiegħelhom iduru lura mill-iżbalji tagħhom, u hekk jimxi fuq l-eżempju ta' Kristu, li kien jiekol mal-pubblikani u l-midinbin. 3 Billi kuxjenza mħawwda ta' spiss tippjana għemejjel vjolenti, dawn l-eretiċi, li Antnin ta' spiss kien jieqfilhom fil-priedki u l-argumentazzjonijiet tiegħu, bi ħsieb ħażin f'moħħhom, poġġew ikel ivvelenat u li joqtol quddiem l-imqaddes Antnin. 4 Imma l-Ispirtu s-Santu irrivela dan kollu lill-qaddis. 5 Meta hu ċanfarhom, imma bi kliem mimli sliem u tħeġġiġ, dwar il-proġetti qarrieqa tagħhom, l-eretiċi gidbu u imitaw lill-missier il-gideb billi qalu lill-qaddis li huma kienu għamlu dan biex iqiegħdu fi prova l-verità tal-kliem ta' l-Evanġelju, fejn jingħad: *jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma jagħmlilhomx ħsara* (Mk 16,18). 6 Għaldaqstant huma ikkonvinċewh li, jekk hu kien jiekol apposta dak l-ikel u ma kienx jagħmillu ħsara bl-ebda mod, huma kienu lesti li dejjem iħaddnu l-fidi

ta' l-Evanġelju, filwaqt li jekk hu kien juri li jibża' jmiss dak l-ikel, huma kienu jiġġudikaw il-kliem ta' l-Evanġelju bħala falz. 7 Antnin baqa' bla biża' quddiem dak l-ikel. Wara li immarkah bis-sinjal tas-salib hu beda jieħu dak l-ikel f'idejh u jieklu. Imbagħad qal lill-eretiċi: "Jiena qed nagħmel dan mhux biex inġarrab lil Alla, imma minħabba l-fidi tagħkom u biex nimita l-Evanġelju dejjem u mingħajr biża'". 8 Meta hu kien kiel dak l-ikel, il-qaddis deher f'saħħtu bħal qabel, u ma sofra l-ebda ħsara f'ġismu. 9 Meta l-eretiċi raw dan kollu, huma ikkonvertew għall-fidi kattolika.

## II – MIRAKLI TAL-QADDIS META KIEN KUSTODJU F'LIMOGES

5 - Dwar dak li għamel meta kien Kustodju ta' Limoges, u kif deher f'żewġ postijiet fl-istess ħin

[770] 1 Meta Sant'Antnin kien Kustodju ta' Limoges[6], matul il-Ġimgħa Mqaddsa hu kien jinsab fil-belt ta' Limoges. Kien nhar Ħamis ix-Xirka fil-lejl ta' l-aħħar ikla tal-Mulej u Antnin kien qed jiżra' l-kliem tal-ħajja fil-kongregazzjoni li inġabret fis-siegħa tal-matutin fil-knisja ta' San Pietru *de Quadrivio*. 2 Fl-istess siegħa ta' nofs il-lejl il-Patrijiet Minuri ta' dak il-kunvent kienu qed ifaħħru lill-Mulej u jkantaw l-Uffiċċju tal-Matutin. 3 Sant'Antnin, li kien il-Kustodju, kien ingħata l-uffiċċju li jkanta waħda mil-lezzjonijiet matul l-Uffiċċju tal-Matutin. 4 Il-patrijiet komplew jitolbu l-Uffiċċju sa ma waslu għal dak il-qari, meta fid-daqqa u l-ħin hu deher f'nofs il-kor u b'mod solenni kanta dik il-lezzjoni. 5 Il-patrijiet kollha li kienu hemmhekk preżenti baqgħu mistagħġbin, billi kienu jafu li hu kien jinsab fil-belt jippriedka. 6 F'dik l-istess siegħa, fil-fatt, il-qawwa tal-Mulej għamlet li hu jidher ma' l-aħwa fil-kor, fejn hu kanta l-lezzjoni. Wara li spiċċa jkanta hu għab minn quddiemhom, u kompla jxerred iż-żerriegħa tal-kliem tal-ħajja lin-nies fil-knisja ta' San Pietru. 7 Fil-fatt, matul il-ħin li hu kien qed ikanta l-lezzjoni fil-kor, hu kien baqa' sieket quddiem in-nies preżenti f'dik il-knisja.

---

6 F'dan il-punt il-Bollandisti jibdew it-tieni kapitlu, intitolat *Sancti miracula, cum esset Custos Lemovicensis*. Il-Kustodja ta' Limoges kienet parti mill-Provinċja ta' Aquitaine.

## 6 – Bilokazzjoni f'Montpellier

[771] 1 Ġrajja tixbaħ lil din seħħet f'Montpellier, u tinsab f'Leġġenda tal-qaddis[7]. 2 Matul iż-żmien li fih Antnin kien jgħallem f'Montpellier, ġara li darba minnhom kien qed jippriedka matul solennità quddiem il-kleru u l-poplu kollu. 3 Meta beda l-priedka tiegħu, ftakar li kellu jaqdi xi uffiċċju partikulari, imma hu ma riedx jittraskura dan id-dmir bl-ebda mod ukoll jekk kien nesa. 4 Fil-fatt, kienet drawwa li, fl-okkażjoni ta' festi eċċezzjonali tnejn mill-patrijiet mgħallmin kellhom ikantaw l-*Alleluia* matul il-Quddiesa konventwali. Ġara li f'dak il-jum partikulari l-qaddej ta' Alla kellu jaqdi dan l-uffiċċju. 5 Hu ma inkwetax meta għaraf dan, imma deher li qisu ried jorqod, u baxxa rasu fuq il-pulptu, filwaqt li għattiha bil-kapoċċ. F'dik is-siegħa l-bniedem ta' Alla deher fil-knisja tal-patrijiet ikanta l-*Alleluia*, filwaqt li għat-tul kollu tal-ħin li fih kien ikanta ġismu baqa' bla ma jiċċaqlaq fuq il-pulptu quddiem dik il-kotra ta' nies li kienu hemmhekk. 6 Wieħed ma għandux ikollu dubji rigward dan, billi Alla li jista' kollox kien ukoll ġarr lid-Duttur qaddis Sant'Ambroġ għall-funeral ta' San Martin[8], u lill-missier imqaddes Franġisku ħadu fil-kapitlu provinċjali ta' Arles, fejn Antnin kien jippriedka dwar il-kliem li kienu ġew imwaħħla mas-salib[9]. 7 Bl-istess mod Alla ried juri f'dan ir-raġel ta' l-għaġeb li dawn il-qaddisin kienu kollha indaqs fil-merti tagħhom. 8 Meta Antnin wettaq bil-kura kollha l-uffiċċju li kien assenjat lilu, deher li reġa' lura f'sensieh, u kompla b'mod meraviljuż il-priedka li kien beda qabel.

## 7 - Dwar kif nefaħ fil-fomm ta' wieħed novizz u ħelsu minn tentazzjoni kiefra

[772] 1 Meta Antnin kien Kustodju f'Limoges, wieħed novizz jismu

---

7 Sant'Antnin intbagħat bħala *lector* tat-teoloġija fil-belt ta' Montpellier fl-1224. Il-Leġġenda miktuba minn Lorenzo Suriano fl-1572 ukoll issemmi dan il-fatt fil-kapitlu 20.

8 Cfr. Sulpicius Severus, *Vita Sancti Martini,* kapitlu 48 (ed. J. Fontaine, Paris 1967 [*Sources Chrétiennes* 133]); Girgor ta' Tours, *De miraculis sancti Martini Episcopi* 1,5 (*Patrologia Latina* 71,918s).

9 L-episodju jinsab f'1C 48 (FSF 242); LM 4,10 (FSF 1169).

Pierre kellu tentazzjoni kbira biex jitlaq mill-Ordni. 2 Il-bniedem ta' Alla sar jaf b'din it-tentazzjoni permezz ta' rivelazzjoni divina. Hu kien jieħu kura kbira tal-merħla mħollija f'idejh, u kellu kompassjoni mimli ħlewwa lejn in-ngħaġ mitlufin. Għaldaqstant, imħeġġeġ mill-Ispirtu, hu nefaħ fil-fomm ta' dak in-novizz, u fetaħlu ħalqu b'idejh stess, filwaqt li qallu: "Irċievi l-Ispirtu s-Santu". 3 Dak il-ħin ġrat ħaġa ta' l-għaġeb! Fil-ħin u l-waqt li fih dak iż-żagħżugħ ħass fih innifsu l-qawwa ta' l-ispirtu tal-missier imqaddes, hu waqa' għal tulu fl-art u waqaf jieħu n-nifs. 4 Sant'Antnin, iżda, quddiem l-aħwa li kienu weqfin hemmhekk u li kienu ġew jiġru f'dak il-post, b'idejh stess qajjem lin-novizz mill-art. F'dak il-waqt in-novizz reġa' beda jieħu n-nifs u beda jitkellem u jgħid li hu kien intilef f'estasi fil-kumpanija ta' l-anġli, u beda jirrakkonta l-għeġubijiet li Alla kien ħadem fih. 5 Billi l-qaddis ried jattribwixxi l-miraklu lill-qawwa ta' Alla u mhux lill-merti tiegħu, hu ikkmanda lin-novizz biex ma jkomplix jitkellem aktar dwar ir-rivelazzjonijiet li kien irċieva. 6 Minn dak il-ħin dak in-novizz ġie meħlus mit-tentazzjonijiet kollha, u kif kien iħobb jgħid hu nnifsu, għat-tul taż-żmien kollu li dam fl-Ordni, hu ġie meħlus mill-vleġeġ tat-tentazzjoni, 7 u ġie mmexxi mill-għoli biex jgħix ħajja ta' virtù u mexa 'l quddiem f'kull qdusija, hekk li sar eżempju għall-aħwa l-oħrajn.

### 8 - Dwar kif ħeles lil wieħed raħeb li kien imħabbat ħafna bit-tentazzjonijiet tal-ġisem

[773] 1 F'dak l-istess żmien il-misser imqaddes telaq mid-djoċesi ta' Limoges u intbagħat minn Alla fl-abbazija ta' Solignac[10]. Hemmhekk kien hemm raħeb mill-monasteru li għal żmien twil kien vittma ta' tentazzjoni kiefra tal-ġisem. 2 Għalkemm kien jipprova jrażżan ġismu bis-sawm, bis-sahriet u bit-talb, hu ma seta' jsib l-ebda faraġ minn dak l-impuls kattiv li kien iħabbtu. 3 Imma Alla ħa ħsiebu u bagħat lill-imqaddes Antnin biex jgħinu. 4 Meta dak ir-raħeb sema' dwar il-qdusija ta' l-imqaddes Antnin, hu mar għandu u stqarr miegħu d-dnubiet tiegħu kollha u wkoll iddeskriva b'fiduċja t-tentazzjoni tiegħu, u mbagħad

[10] L-abbazija famuża Benedittina ta' Solignac, fuq ix-xmara Sarthe, qrib il-belt ta' Sablé.

bl-umiltà kollha talbu bil-ħniena biex jisma' t-talb tiegħu u jgħinu. 5 Għaldaqstant il-bniedem qaddis ħa lil dak ir-raħeb f'post għalih waħdu, neża t-tonka minn fuqu u taha lil dak ir-raġel li kien fil-periklu biex jilbisha hu. 6 Malli hu xidd it-tonka ta' Antnin, ħass li dik it-tonka u l-kurdun li kien iħażżem dak il-ġisem l-aktar kast, ħarġu minnhom tant safa u ndafa fl-ispirtu li t-toqol ta' dik it-tentazzjoni korporali trażżan għal kollox. Minn dak il-waqt kull tqanqil tal-ġisem ma baqax iżjed iħabbat lil dak ir-raħeb, kif hu aktar tard xehed quddiem bosta persuni.

9 - Dwar kif reġa' radd lura lil waħda mara devota x-xagħar li żewġha kien qattagħlha minn fuq rasha

[774] 1 Fl-istess belt ta' Limoges, kien hemm waħda mara li kienet turi devozzjoni kbira lejn il-patrijiet, u li ta' spiss kienet tixtrilhom dak kollu li kien jeħtiġilhom għall-ħajja. Hi kellha żewġha li kien raġel għajjur, u li ma kienx devot. 2 Lejla minnhom dik il-mara damet barra sa tard filgħaxija biex taqdi lill-aħwa fil-ħtiġijiet tal-ħajja. Meta reġgħet lura d-dar wara li daħal il-lejl, żewġha beda jgħajjat magħha u jgħidilha: "Hekk, fl-aħħar ġejt lura mill-kumpanija tal-maħbubin tiegħek". 3 Hi weġbitu: "Iva, veru dak li qed tgħid. Jiena kont għand il-patrijiet Minuri, li jiena nħobbhom u li għall-imħabba ta' Alla nieħu ħsiebhom". 4 Malli sema' dawn il-kelmiet żewġha telgħalu bl-ikrah. Beda jġebbidha hekk bil-qawwa minn xagħarha li beda jqattagħlha xagħra minn rasha. 5 Meta hi rat in-nokkli ta' xagħarha mqattgħin, hi ġabrithom u, imdawwla bil-fidi, poġġiethom fuq l-imħadda u irranġathom hekk li meddet rasha fuqhom. 6 L-għada filgħodu sejjħet lil Sant'Antnin, u talbitu jiġi malajr, għaliex ma kienetx tħossha tajjeb. 7 Billi r-raġel qaddis ħaseb li kellha bżonn tqerr, hu mar id-dar tagħha malajr kemm seta'. 8 Hi qaltlu: "Fra Antnin, ara x'ġarali talli nieħu ħsieb lill-aħwa tiegħek". Imbagħad irrakkontatlu x'kien ġralha, u mimlija ħeġġa spiritwali qaltlu: "Jekk inti titlob lil Alla għalija, jiena naf li Alla jerġa' jpoġġili xagħari f'postu". 9 Il-qaddis qalilha: "Ja mara, jalla tkun imbierka, imma għalhekk inti tlabtni niġi hawn?" 10 Għalhekk mar lura għand il-patrijiet u sejħilhom, u qalilhom x'kien ġralha dik il-mara. 11 Hu talabhom ukoll biex jitolbu għaliha u qal: "L-aħwa, ejjew nitolbu, u jalla l-Mulej iħares bit-tjieba lejn il-fidi tagħha, kif jiena nittama li jsir". 12 Dak il-ħin stess li fih il-qaddis kien

qed jitlob, ix-xagħar ta' dik il-mara reġa' tqiegħed b'mod ordnat f'rasha fejn kien qabel. 13 Meta żewġha ġie lura d-dar, dik il-mara urietu rasha u qaltlu b'dak li kien ġara. 14 Hu baqa' mistagħġeb u qanqal l-ispirtu ġewwieni tiegħu għall-biża' ta' Alla. Hu neħħa kull suspett u kull għira minnu nnifsu, u beda jirrispetta lill-patrijiet u sar devot ħafna lejhom.

10 - Dwar kif, bil-merti tiegħu, waħda qaddejja li kienet taħdem għall-patrijiet, ma xxarbitx bix-xita

[775] 1 Meta l-bniedem qaddis kien jgħix fi Brives, fid-djoċesi ta' Limoges, hu irċieva l-ewwel kunvent tal-patrijiet Minuri 2 u hemmhekk ħejjewlu ċella fi kripta li kienet tinsab bogħod minn dak il-post. Kien hemm nixxiegħa ta' l-ilma fil-blat, li kien joħroġ iqattar minn blata. Hemmhekk hu għex ħajja solitarja f'ċaħdiet kbar u iddedika ruħu għall-kontemplazzjoni. 3 Billi ma kellux min isajjarlu, u l-patrijiet kienu jsajru l-ikel, il-qaddis talab lil waħda mara devota biex tħawwel ħxejjex fil-ġnien ċkejken, biex tipprovdi għajxien u ikel għall-patrijiet li tagħhom hu kien kustodju. 4 Darba minnhom niżlet xita bil-qliel, u dak il-post kollu kien mgħarraq fl-ilma. 5 Dik il-mara sejħet lill-qaddejja tagħha u bil-ħlewwa kollha talbitha biex tmur tgħaġġel fil-ġnejna u minn hemm iġġib il-ħxejjex li kienu meħtieġa biex issajjar l-ikel lill-patrijiet. 6 Dik il-qaddejja ma kellha l-ebda intenzjoni li tixxarrab għasra fix-xita. 7 Imma, wara li intrebħet bit-talbiet ġentili ta' sidha, fl-aħħar hi marret biex tiġbor il-ħaxix meħtieġ għall-ikel tal-patrijiet, u mbagħad ġarrithom fil-kunvent, li kien jinsab 'il bogħod ħafna mid-dar ta' dik il-mara. 8 Għalkemm ix-xita baqgħet nieżla bil-qawwa u ma waqfitx għal waqt wieħed, la ġisimha u lanqas ħwejjiġha ma xxarrbu. 9 Il-qaddejja marret lura lejn sidha xotta qoxqox u qaltilha li, għalkemm kienet nieżla ħafna xita, din ma xarrbithiex bl-ebda mod. 10 Pierre minn Brives, li kien iben dik is-sinjura u kien kanonku ta' San Leonardu le Noblet[11],

11 Nobiliacum, jew Saint Léonard le Noblet, hi belt fuq ix-xmara Vienne, fejn kien hemm monasteru ta' rħieb. Matul il-ħajja ta' S. Antnin kien hemm kapitlu ta' 10 kanoniċi sekulari u regulari, immexxijin minn prijur. Il-belt hi famuża għal San Leonardu, Abbati, li kien qaddis popolari ħafna fil-Medjuevu. Skond leġġenda antika tas-seklu 11, Leonardu kien ġej minn familja nobbli tal-Franki fi żmien ir-re Clodoveo, u kien dixxiplu ta' San

kien ta' spiss ifaħħar il-qaddis u jitkellem dwar dan il-miraklu li kien sema' minn fomm ommu.

11 - Dwar kif kixef pjan qarrieqi tax-xitan lil uħud mill-aħwa

[776] 1 Meta kien jgħix fl-istess reġjun, lejla minnhom wara l-Kumpieta baqa' bħas-soltu mehdi fit-talb. Xi wħud mill-aħwa, wara li kienu ħarġu mill-Oratorju, kellhom dehra. Fiha raw għalqa kbira li kienet ta' wieħed mill-ħbieb tal-patrijiet. Din l-għalqa kien fiha kotra ta' rġiel li kienu qed jeqirdu l-qamħ kollu li kien fiha mill-għeruq. 2 L-aħwa iddispjaċihom ħafna li jaraw dik il-qerda kollha li ġiet fuq dak ir-raġel li kien ħabib tagħhom, u malajr resqu lejn il-bniedem ta' Alla u b'ħafna ilħna jgħajjtu infurmawh dwar dik il-ħerba li kienet saret lil wieħed mill-ħbieb kbar ta' l-Ordni[12]. 3 Dak ir-raġel ta' Alla weġibhom: "L-aħwa, isktu, ikkalmaw u morru lura itolbu, għaliex din hi l-ħidma ta' l-għadu tagħkom, li ippjana dan il-qerq matul il-lejl biex jiddisturba lil ruħkom fil-ħin tat-talb. 4 Intom għandkom tkunu tafu fiż-żgur li l-għalqa tal-ħabib devot tagħna mhi se ssofri l-ebda deni u l-ebda qerda mhu se jkollha". 5 L-aħwa obdew il-kliem ta' twissija tal-missier imqaddes u stennew sa l-għada filgħodu biex jaraw x'kien se jiġri. 6 Filgħodu huma marru jittawlu lejn dik l-għalqa u sabuha li kienet perfettament intatta u li ma kien fiha l-ebda sinjali ta' ħsara. 7 Minn dan huma intebħu li x-xitan kien ipprova jqarraq bihom, u billi huma kienu issa kixfu l-pjani qarrieqa tiegħu huma kibru fil-qima tagħhom lejn il-qaddis u bdew juruh rispett akbar.

---

Remiġ ta' Rheims. Wara li ikkonvinċa lir-re biex jagħti l-ħelsien lil numru kbir ta' ħabsin u skjavi, daħal fil-ħajja monastika qrib Orleans, ippriedka l-Evanġelju fir-reġjun ta' Aquitaine u, wara li talab għall-ħlas tajjeb għar-reġina mart Clodoveo, waqqaf monasteru fuq proprjetà rjali f'Noblac (Noblet) qrib Limoges. Il-kult tiegħu inxfirex ma' l-Ewropa kollha, l-aktar minn żmien il-Kruċjati, u laħaq anke xtut gżiritna.

12 Il-figura ta' l-*amicus spiritualis* tidher fil-Bulla *Quo elongati* (28 ta' Settembru 1230), li fiha l-Papa Girgor IX interpreta xi punti tar-RegB. Interessanti li, fost il-persuni tad-delegazzjoni li kienet marret għand Girgor IX wara l-kapitlu ġenerali ta' l-1230 kien hemm proprju Antnin, li kien Ministru tar-Romagna. Il-"ħabib spiritwali" kellu l-fakultà li jieħu ħsieb jamministra l-karità li jirċievu l-patrijiet (FSF 1719).

12 - Dwar kif ħabbar minn qabel il-kattiverja li ried iwettaq ix-xitan

[777] 1 Darba minnhom Antnin kien qed jippriedka f'Sainte Junien fid-djoċesi ta' Liege[13]. Kienet inġabret kotra hekk kbira ta' nies biex tisimgħu li l-knisja kbira ma kienetx biżżejjed biex iżżommhom ilkoll ġewwa. Għalhekk il-bniedem ta' Alla kellu joħroġ barra fil-pjazza wiesgħa biex jippriedka quddiem dik il-ġemgħa kbira. 2 Ħejjewlu malajr malajr pulptu ta' l-injam f'post merfugħ, u l-bniedem ta' Alla tela' fuq il-pulptu u qal lin-nies: "Jiena naf li dalwaqt l-għadu tagħna se jinsultana matul din il-priedka, imma intom la tibżgħux, għaliex il-qerq tiegħu mhux se jkun ta' l-ebda ħsara għalikom". 3 Ftit tal-ħin wara l-pulptu li fuqu kien il-qaddis ċeda u tkisser biċċiet fil-preżenza ta' dawk kollha li baqgħu iħarsu miblugħin, imma ma għamel l-ebda ħsara lil Antnin u lil ħadd minnhom. 4 In-nies tħeġġu b'qima akbar lejn il-bniedem ta' Alla, li huma kienu jarawh jiddi bi spirtu ta' profezija. 5 Ħejjewlu post ieħor biex jippriedka fih, u kulħadd qagħad jisma' b'attenzjoni kbira l-priedka tiegħu.

13 - Dwar kif ippriedka bil-qawwa kontra l-vizzju

[778] 1 Darba minnhom Antnin kien qed jippriedka waqt sinodu fi Bourges. B'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu hu dar fuq l-Arċisqof u qallu: "Qed inkellem lilek, raġel bil-qrun"[14]. 2 Imbagħad beda jippriedka dwar il-vizzji kollha li kienu jtebbgħu l-kuxjenza ta' dak l-Arċisqof. Hu ippriedka b'mod hekk ċar u b'ħeġġa hekk kbira u argumenti solidi meħudin mix-xhieda ta' l-Iskrittura li l-Arċisqof mall-ewwel beda jħoss sogħba u ndiema u beda jislet id-dmugħ u jħoss sens ta' devozzjoni li

13 St. Junien kienet belt fortifikata fuq ix-xmara Vienne, lejn il-punent ta' Limoges. Skond Wadding kien hemm kunvent Franġiskan fl-1230 f'din il-belt, fejn kien hemm ukoll abbazija famuża, b'kapitlu ta' kanoniċi u arċipriet.

14 L-arċisqof tal-belt ta' Bruges kien Simon Sully (1218 - 8 ta' Awissu 1232) li kien laqqa' sinodu fl-1228. Dan is-sinodu seta' kien ġie msejjaħ taħt l-awtorità tal-Legat Pontifiċju, u kien sinodu kontra l-Albiġiżi. S. Antnin ippriedka tul dan is-sinodu. Hu ċanfar lil dan l-arċisqof u bil-Latin sejjaħlu *cornute*, kelma li tfisser bhima bil-qrun, forsi minħabba l-fatt li ried jirreferi għalih bħala prelat li kellu l-mitra.

qatt ma kien ħassu sa dak il-jum. 3 Meta s-sinodu intemm, hu mar bl-umiltà kollha f'post imwarrab u fetaħ is-sigrieti tal-kuxjenza tiegħu. Minn dak il-mument 'il quddiem hu sar dejjem aktar devot lejn il-patrijiet u okkupa ruħu b'ħeġġa kbira għas-servizz ta' Alla.

14 - Dwar kif in-nies li kienu jisimgħuh jippriedka ma xxarrbux bix-xita

[779] 1 Darba minnhom Antnin sejjaħ lin-nies ta' Limoges għal priedka. Kien hemm kotra hekk kbira ta' nies li l-ebda knisja ma kienet kbira biżżejjed biex tilqa' fiha ġemgħa hekk kbira. Għaldaqstant in-nies inġabru f'post fil-beraħ, li qabel kien il-*forum* tal-pagani, u li kien magħruf bħala *l-ħofra tar-ramel*. F'dak il-post in-nies setgħu jinġabru bil-kumdità u Antnin seta' jippriedka dwar is-sema bi kliem li kienu jixirqu. 2 Filwaqt li l-qaddis kien qed jippriedka lin-nies b'ħeġġa kbira u bi kliem ħelu daqs il-għasel, u dawk in-nies kollha kienu donnhom imsaħħrin u miġbudin lejn il-ħwejjeġ tas-sema, f'daqqa waħda beda jberraq, bdew ifaqqgħu is-sajjetti u bdiet nieżla xita bil-qliel. 3 Billi dawk in-nies kienu jibżgħu minn dik it-tempesta u mix-xita qawwija, huma bdew jitilqu minn dak il-post u kienu jidhru aġitati, imma l-bniedem ta' Alla farraġhom bil-ħlewwa ta' kliemu u qalilhom: "Tiċċaqilqux minn hawnhekk u la tibżgħux mix-xita, għaliex *it-tama ma tqarraqx* (cfr. Rum 5,5) b'dawk li jafdaw f'Alla, u b'dan il-mod ix-xita ma tagħmlilkom l-ebda ħsara". 4 In-nies qagħdu għall-kliem tal-bniedem ta' Alla, u *dak li jagħlaq l-ilma fis-sħab tiegħu* (Ġob 26,8) żamm ix-xita u ma ħalliehiex taqa' fuqhom, filwaqt li baqgħet nieżla bil-qawwa fil-partijiet l-oħrajn kollha tal-belt. Wara li l-bniedem qaddis temm il-priedka, lanqas qatra waħda xita ma kienet niżlet fuq dawk in-nies, li kienu qed jisimgħu bl-attenzjoni kollha l-kliem tiegħu. 5 Meta fl-aħħar hu temm il-priedka wara żmien twil, dawk in-nies kollha qamu bilwieqfa. Huma lemħu li l-art madwarhom kienet għal kollox mgħarrqa fl-ilma, filwaqt li l-post li fuqu kienu qagħdu kien baqa' xott. Hekk huma faħħru lil Alla li wera l-qawwa ta' l-għaġeb tiegħu f'dan il-qaddis[15].

15 Il-Bollandisti hawnhekk jibdew il-kapitlu 3, intitolat "Mirakli oħrajn li l-qaddis għamel fl-Italja u fil-Gallia, rigward nies li tqajjmu mill-mewt, trabi tat-twelid, u tħabbira ta' martirju".

## III – MIRAKLI OĦRAJN LI SEĦĦU FL-ITALJA U FRANZA: DWAR MEJTIN IMQAJJMIN U DWAR KIF ĦABBAR MARTIRJU

### 15 - Dwar kif hu fejjaq raġel marid b'moħħu bil-kurdun tiegħu

[780] 1 Jum minnhom Sant'Antnin kien qed jippriedka. Minn fost il-folla wieħed raġel marid b'moħħu qam bilwieqfa, u beda jfixkel lil Antnin u lin-nies kollha li kienu jisimgħu l-priedka. 2 Il-qaddis ċanfru bil-ħlewwa u talbu biex jiskot, imma dak ir-raġel qallu li ma kienx se jiskot sakemm Antnin jagħtih il-kurdun tiegħu. 3 Il-qaddis ħall il-kurdun u tah lir-raġel. 4 Imbagħad dak ir-raġel ħaddan miegħu u bies dak il-kurdun u reġa' kiseb is-sensi u l-użu tar-raġuni. 5 Quddiem dawk kollha li kienu jinsabu hemmhekk u niżel għarkobbtejh quddiem il-qaddis, u irringrazzjah talli fejqu, filwaqt li dawk in-nies kollha tqanqlu biex jigglorifikaw lil Alla u lill-qaddej tiegħu.

### 16 - Dwar kif Anġlu ġarr ittra mibgħuta lill-Ministru

[781] 1 Sant'Antnin kien qed jippriedka f'Padova, u għal żmien twil kien ingħata għall-qrar u għad-direzzjoni spiritwali. Hu kien jixtieq ħafna li jkollu paċi spiritwali, u kien ħerqan li jingħata għat-talb u l-kontemplazzjoni. Għaldaqstant hu kiteb ittra lill-Ministru, filwaqt li talbu permess biex jibgħatu f'post ieħor, li jkun tajjeb għall-ħemda u l-kontemplazzjoni[16]. 2 Hu kiteb l-ittra fiċ-ċella li fiha kien jistudja, imbagħad mar għand il-Gwardjan, u bl-umiltà kollha talbu biex isib lil xi ħadd biex jieħu dik l-ittra għand il-Ministru. 3 Wieħed qaddej ta' Alla instab u mar lura fiċ-ċella ta' Antnin biex jieħu dik l-ittra. Imma meta Antnin fittixha bir-reqqa fil-post li fih kien qiegħedha, ma setax isibha bl-ebda mod. 4 Għalhekk hu ħaseb li x'aktarx din it-talba tiegħu ma kienetx togħġob lil Alla, billi meta mar lura f'dak il-post l-ittra ma setax isibha bl-ebda mod. Għalhekk biddel il-pjanijiet tiegħu u qal lill-

16 Dan il-fatt jista' jirreferi għar-Randan ta' l-1231, li Antnin għaddieh jippriedka kuljum f'Padova. Dan il-kwareżimal famuż, li fnieħ f'saħħtu ftit qabel miet, kien ġagħalu jitlob li jinqata' fil-ħemda ta' l-eremitaġġ ta' Camposampiero, wara l-Għid ta' l-1231, fejn dam sat-13 ta' Ġunju, il-jum tal-mewt tiegħu. Kien f'dan il-perjodu li hu kiteb is-*Sermones Festivi*.

Gwardjan li hu ma kienx aktar jimpurtah li jibgħat dik l-ittra. 5 Imma ġrat ħaġa ta' l-għaġeb! Wara li kienu għaddew il-jiem meħieġa għal dak il-qaddej biex imur bl-ittra għand il-Ministru u jerġa' lura bit-tweġiba, l-imqaddes Antnin irċieva tweġiba għat-talba tiegħu mingħand il-Ministru, jiġifieri li seta' jmur f'dak l-eremitaġġ fejn kien talab li jmur għall-faraġ spiritwali tiegħu. 6 Wieħed għandu tassew jemmen li kien Anġlu taħt dehra ta' qaddej li kien ħa dik l-ittra lill-Ministru, hekk li dan seta' jaqta' x-xewqa ta' Antnin, li kienet ġiet milqugħa minn Alla. Dan għandu jitqies bħala miraklu tabilħaqq.

17 - Dwar kif l-abbati ta' Vercelli faħħar lil Sant'Antnin fil-Kummentarju tiegħu dwar il-Ġerarkija Anġelika

[782] 1 Sant'Antnin kien l-ewwel patri li, bil-permess ta' San Franġisk, ingħata l-inkarigu mill-kapitlu ġenerali ta' l-Ordni biex jiddedika ruħu għall-istudju tat-teoloġija, flimkien ma' fra Adam of Marsh[17]. 2 It-tnejn li huma marru għand l-abbati ta' Sant'Andrija ta' Vercelli[18], li kien wieħed mill-aktar teoloġi għorrief. 3 Hu kien qed jittraduċi l-kotba ta' San Dionysius mill-oriġinal Grieg fil-Latin, u kien qed jikteb kummentarju mill-isbaħ. 4 F'dak il-waqt il-kunvent ġenerali ta' l-istudji kien ġie trasferit minn Milan għal Vercelli[19]. 5 L-abbati laqagħhom għandu

17 Din l-informazzjoni dwar Adam of Marsh mhix korretta, għaliex dan qatt ma intbagħat ma' Antnin fli *studium* ta' Vercelli. Antnin kien diġà saċerdot meta hu daħal fl-Ordni, u Adam kien *magister* tat-teoloġija meta daħal fl-Ordni tal-Minuri fl-1226. Mela t-tnejn li huma kienu studjużi u mgħallmin tat-teoloġija, u mhux studenti.

18 Skond il-Bollandisti, dan ma kienx monasteru Benedittin, imma pjuttost komunità ta' kanoniċi regolari, li s-superjur tagħhom hawnhekk jissejjaħ bi żball bl-isem ta' abbati. Din il-komunità ta' Vercelli ġiet istitwita madwar is-sena 1220, u l-ewwel superjur tagħha kien ġej mill-kanoniċi regolari ta' St. Victor f'Pariġi, u kien jismu Tommaso "Gallo". Hu kien duttur famuż tat-teoloġija u studjuż tal-kitbiet mistiċi tal-Pseudo Dionyius l-Areopaġita, u miet fl-1226.

19 Din l-informazzjoni wkoll mhix korretta, għaliex ma kienx hemm l-ebda kunvent ta' studji tat-teoloġija f'Milan. Il-kunventi ta' l-istudji kienu jinsabu f'Bologna u Padova. Li *studium generale* ġie trasferit minn Padova lejn Vercelli wara l-1228. S. Antnin ma qagħadx f'Vercelli għal ħames snin, kif

bil-ħlewwa, u sar konxju minn tant progress fil-fakultajiet intellettwali tagħhom u fl-elevazzjonijiet spiritwali, li l-istess duttur u abbati qal li seta' verament jiddeskrivi l-ġerarkija tas-sema kif raha tiddi f'ruħhom, u kien donnu li bnedmin bla skola kienu tawh it-tagħlim. 6 Tabilħaqq, għal ħames snin huma studjaw miegħu l-kotba ta' San Dionysius, u waslu għal paċi tar-ruħ u għal dawl ta' l-għerf hekk għoljin, li kien donnu li huma mhux biss tgħallmu dawn il-ġerarkiji, imma li għexuhom fl-istess ħajja tagħhom. 7 Għaldaqstant l-istess abbati ta' xhieda għall-qdusija ta' Sant'Antnin, fil-Kummentarju tiegħu, fil-kapitlu tlieta fejn, taħt l-ittra *u,* hu żied din in-nota: "Ta' spiss l-imħabba jirnexxilha tidħol fejn l-għarfien tal-fiżika jibqa' barra. 8 Hu għalhekk li naqraw li l-Isqfijiet qaddisa ma jqisuhiex ħaġa kbira li jitgħallmu x-xjenza tal-fiżika, billi meta huma jkunu soddisfatti bl-estasi tal-fakultajiet intellettwali tagħhom fit-teoloġija mistika, li bihom huma jippenetraw is-smewwiet, kull għarfien tal-fiżika jista' jwassalhom b'mod mill-aktar sottili għat-Trinità l-aktar qaddisa. 9 Jiena nnifsu għamilt esperjenza ta' dan dan f'ħuna l-qaddis Antnin ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, li miegħu kelli familjarità kbira. 10 Hu kien inqas imħarreġ fix-xjenzi sekulari, imma bir-ruħ l-aktar safja tiegħu u bil-ħeġġa tal-fakultajiet spiritwali tiegħu, hu kien jaqbad u donnu mitluf fit-teoloġija mistika u kien jixtieqha bil-ħerqa u kien imxabba' b'mod abbundanti biha, kif jiena nista' nuri b'dak li inkiteb dwar Ġwanni l-Battista: *Hu kien musbieħ jixgħel u jiddi* (Ġw 5,35).
11 Tabilħaqq, hu kien jaqbad minn ġewwa bl-imħabba, u minn barra kien jiddi bl-istess imħabba".

## 18 – Ittra ta' San Franġisk u estasi

[783] 1 L-istess bniedem qaddis Antnin ma kienx jippretendi li jgħallem it-teoloġija, mingħajr ix-xewqa espliċita ta' San Franġisk, ukoll jekk il-patrijiet kienu jinsistu miegħu. 2 Franġisk kiteb ittra qasira li fiha ta din it-tweġiba lil Antnin: 3 "Lil fra Antnin, fra Franġisk jixtieqlek tislijiet fi Kristu. Għandi pjaċir li inti tgħallem it-teoloġija mqaddsa lill-aħwa,

l-awtur hawnhekk isostni, imma pjuttost għal ħames xhur. Dan seta' kien żball ta' kopista. Antnin intbagħad Vercelli fl-1224, u minn hemm għadda fil-kunvent ta' l-istudji ta' Bologna, fejn hu għallem it-teoloġija lill-patrijiet.

imma basta li int, minħabba fl-istudju, ma titfix fik l-ispirtu tat-talb u tad-devozzjoni, kif hemm miktub fir-Regola. Saħħa"[20].

4 Xi ħadd ukoll jgħid li l-istess Sant'Antnin kien darba sieħeb ta' San Duminku, billi t-tnejn li huma kienu kanoniċi regolari[21].

5 Darba minnhom wieħed abbati ta' l-irħieb Benedittini kien qed jippriedka f'Padova, u Antnin semgħu jsemmi lil San Pawl u lil Dionysius. Hu inbidel għal kollox u inħataf f'estasi għal żmien twil fil-kontemplazzjoni tal-ħlewwa tal-kelma ta' Alla[22].

19 - Dwar kif, bil-merti tat-talb ta' Sant'Antnin, wieħed novizz li kien se jħalli l-Ordni ġie mġiegħel biex jirritorna u jġib miegħu salterju li kien seraq

[784] 1 Darba minnhom Antnin kien jgħallem it-teoloġija lill-patrijiet f'Montpellier. Ġara li wieħed novizz ħalla l-Ordni u ħa miegħu matul il-lejl salterju li kien fih kummentarju, u li kellu valur kbir. Fil-fatt, il-qaddej ta' Alla kien jgħallem lill-patrijiet billi juża dan is-salterju, imma n-novizz kien seraqulu. 2 Il-bniedem ta' Alla iddispjaċih ħafna meta sema' dwar dak li kien ġara. Hu mall-ewwel mar jitlob, sabiex bil-qawwa divina x-xitan jingħata l-permess li jmur jiltaqa' ma' dak in-novizz li kien qed jaħrab żgur u kien qed jaqsam pont, u jidhirlu taħt

20 FSF 33. Is-silta tal-*Chronica XXIV Generalium* fiha xi tibdiliet żgħar.

21 Hawnhekk ukoll hemm inkorrettezzi. San Duminku twieled fl-1170 f'Caleruega, fi Spanja, waqqaf l-Ordni tal-Predikaturi fl-1216 u miet f'Bologna fl-1221, meta S. Antnin wasal l-Italja bħala patri Minuri. Hu kien kanonku fil-kattidral ta' Osma, imma ma kienx kanonku regolari kif kien S. Antnin f'Lisbona u Coimbra. Meta hu beda jippriedka fl-1206, S. Antnin kien għadu fil-formazzjoni teoloġika tiegħu. Ma hemm l-ebda prova li ż-żewġ qaddisin qatt iltaqgħu.

22 Ma nafux għal liema silta mill-Iskrittura l-awtur jirreferi hawnhekk. Forsi tista' tkun Atti 17,34, fejn jingħad li S. Pawl ikkonverta lil ċertu Dijonisju fl-Areopagu ta' Ateni. Dan Dijonisju ġie mbagħad meqjus bħala l-ewwel isqof ta' Ateni. It-tradizzjoni ħalltitu mal-Pseudo-Dionysius l-Areopaġita, kittieb mistiku orjentali, u awtur ta' *De divinis nominibus, De caelesti hierarchia, De ecclesiastica hierarchia,* u *De mystica theologica*. Mhux biss, imma talli dan Dionysius ġie mħallat ma' S. Dijonisju, isqof ta' Pariġi u martri fis-seklu 3 (festa fid-9 ta' Ottubru).

aspett terribbli u jgħidlu: 3 “Mur lura għand il-qaddej ta’ Alla Antnin u lejn l-Ordni tiegħek, u ħu miegħek lura s-salterju. Inkella, taħt il-kmand ta’ Alla, jiena noqtlok u nixħtek fix-xmara”. 4 Dak in-novizz twerwer u baqa’ miblugħ, imma xorta waħda ipprova jirreżisti għal ftit tal-ħin. Imma x-xitan beda jikber fid-daqs u ġie hekk qrib dak in-novizz li deher li kien mhux biss tal-biża’ u jwerwrek imma wkoll li kellu intenzjoni li joqtol lin-novizz. Għalhekk in-novizz inħakem mall-ewwel bil-biża’ divin, mar lura għand il-bniedem ta’ Alla, tah lura s-salterju, u għaraf il-ħtija tiegħu. Fl-aħħarnett, b’ħafna dmugħ, hu talab biex jerġa’ jiddaħħal fl-Ordni.

20 - Dwar kif salva l-ħajja ta’ tifel ċkejken li baqa’ f’kaldarun ta’ ilma jagħli

[785] 1 Jum minnhom Sant’Antnin ġie f’ċertu raħal biex jippriedka. Waħda mara kienet qed iżżomm lil binha maġenb kaldarun li qegħiditu fuq in-nar, biex issaħħan l-ilma u tagħti banju lit-tifel. 2 Hi semgħet li kien ġie Sant’Antnin biex jippriedka. Bil-ħeġġa li kellha biex tisimgħu aljenat rasha, u filwaqt li ħasbet li kienet qed tpoġġi lit-tifel fil-benniena, hi niżżlitu fil-kaldarun, u insietu għal kollox, għax mall-ewwel ħarġet tiġri ’l barra biex tisma’ l-priedka, u ħalliet lit-tifel waħdu. 3 Wara li semgħet il-priedka reġgħet lura d-dar. Il-ġirien tagħha staqsewha fejn kien it-tifel tagħha, u hi ftakret li kienet ħallietu maġenb in-nar. Billi immaġinat li dak il-ħin it-tifel kien qabad, hi bdiet tqatta’ xagħra u tigref wiċċha bid-disperazzjoni, u twerżaq u tibki fil-miżerja tagħha. 4 B’ġirja waħda daħlet id-dar flimkien mal-ġirien tagħha, imma hi sabet lit-tifel fil-kaldarun, jilgħab fl-ilma jagħli. 5 Dawk kollha li kienu preżenti baqgħu miblugħin, għaliex dak it-tifel ma kellu l-ebda sinjali li instamat, u bdew jgħollu leħinhom biex iroddu ħajr lil Alla u lill-qaddis.

21 - Dwar tifel mejjet li l-qaddis qajmu mill-mewt

[786] 1 Jum fost l-oħrajn Sant’Antnin daħal f’kastell biex jippriedka. Waħda ara kienet ġiet biex tisma’ l-priedka tiegħu, u kienet ħalliet it-tarbija tagħha fil-benniena. 2 Wara li reġgħet lura d-dar mill-priedka, hi sabet lil binha li kien dar wiċċu ’l isfel u miet. 3 Għalhekk marret

lura għand Sant'Antnin, b'qalbha maqsuma bin-niket għaliex it-tarbija tagħha kienet mietet, u b'ħafna dmugħ hi bdiet titolbu biex iqajjimulha. 4 Hu ġietu ħniena minnha, u b'kunfidenza kbira qalilha għat-tieni u t-tielet darba: "Mur id-dar, għax Alla għamel ħaġa sabiħa miegħek". 5 Hi emmnet fil-kliem tal-qaddis u marret lura d-dar. Sabet lit-tarbija tagħha ħajja, hi li kienet ħallietha mejta, u t-tifel kien qed jilgħab b'żibeġ żgħar imdammin flimkien. Hu qatt ma kellu dan il-ġugarell qabel.

22 - Dwar kif Antnin deher waqt it-talb iħaddan miegħu lit-Tarbija Sidna Ġesù Kristu

[787] 1 Darba minnhom Antnin kien qed jippriedka f'belt. 2 Wieħed raġel nobbli offrielu ospitalità, u tah kamra separata, li fiha seta' jiddedika ruħu għall-istudju u l-kontemplazzjoni. 3 Sant'Antnin kien għaldaqstant jitlob waħdu f'dik il-kamra, filwaqt li dak ir-raġel nobbli kien idur mad-dar. 4 Hu ħares bil-ħeġġa u d-devozzjoni lejn il-post li fih Antnin kien qed jitlob waħdu. Permezz ta' fetħa ċkejkna hu ra b'mod sigriet lil Sant'Antnin li kien qed iżomm tifel ċkejken f'dirgħajh u jgħannqu miegħu. Kien tfajjel mill-isbaħ u mill-aktar ħelu, u l-qaddis kien jgħannqu u jbusu, u jikkontempla lil wiċċu b'ħarstu iċċassata fuqu. 5 Dak ir-raġel nobbli baqa' mistagħġeb u waqaf iħares b'ferħ intens lejn is-sbuħija ta' dak it-tifel, u beda jipprova jimmaġina tfajjel hekk sabiħ minn fejn kien seta' ġie. 6 Sant'Antnin imbagħad irrivela lil dan ir-raġel nobbli li t-tfajjel li hu kien ra kien il-Mulej Ġesù. 7 Sadanittant Sant'Antnin kien ġie lura mit-talb fejn kien dam għal żmien twil, u ipprojbixxa lil dak in-nobbli li jirrivela dak li kien ra sakemm hu, Antnin, kellu jdum ħaj. 8 Għaldaqstant, wara l-mewt tal-missier imqaddes dak ir-raġel nobbli, bid-dmugħ f'għajnejh, ta xhieda billi mess il-ktieb ta' l-Evanġelji mqaddsa, u irrivela dik il-viżjoni li kien ra[23].

---

23 Din il-viżjoni x'aktarx tirreferi għall-fatt li seħħ f'Camposampiero, meta Sant'Antnin mar bħala mistieden tal-Konti Tiso, ftit ġimgħat qabel ma miet fl-1231. Kien fid-dar tal-konti li seħħet il-viżjoni popolari ta' Ġesù Bambin li deher lil Sant'Antnin, li ħaddnu miegħu. Din il-ġrajja baqgħet immarkata fl-ikonografija tal-qaddis, li ta' spiss jidher bil-ktieb ta' l-Evanġelji u jħaddan miegħu lit-Tarbija Ġesù. Bħala ġrajja din hi kronoloġikament l-ewwel darba li tiġi rakkontata fil-Fonti Aġjografiċi Antonjani. Fl-*Actus B. Francisci,* cap.

23 - Dwar kif id-dnubiet li inkitbu fuq ċedola tħassru bil-merti tal-Qaddis

[788] 1 Matul il-vjaġġi tal-predikazzjoni tiegħu, Sant'Antnin iltaqa' ma' wieħed raġel li kien jisgħob bih talli kien għamel xi dnubiet, imma li ma setax iqerrhom bl-ebda mod minħabba li beda jolfoq u jibki. 2 Il-qaddis qallu: "Mur u ikteb fuq ċedola d-dnubiet kollha tiegħek li tiftakar li għamilt, u mbagħad ġibhieli mall-ewwel". 3 Meta dak ir-raġel kiteb dnubietu, dawn mall-ewwel tħassru miċ-ċedola dak il-ħin stess.

24 - Dwar kif hu għaraf lix-xitan li deher taħt xbieha ta' messaġġier, u li daħal fil-knisja biex jiżra' t-taħwid

[789] 1 Matul festa solenni Sant'Antnin mar jippriedka fi knisja. L-għadu tal-qedem daħal fil-knisja taħt xbieha ta' messaġġier u ġab ittra lil waħda mara nobbli, li x-xitan kien jobgħod lil binha b'mod speċjali. 2 F'dik l-ittra kien hemm miktub li binha kien ġie maqtul mill-għedewwa tiegħu f'dak il-post bi ħruxija kbira. 3 Sant'Antnin, għalkemm b'widnejh ma kien sema' xejn rigward x'kien fiha dik l-ittra, mall-ewwel qal lil dik il-mara: "La tibżax, mara, għaliex ibnek jinsab qawwi u sħiħ u ġej lura għandek. 4 Dan il-messaġġier li ġie għandek hu x-xitan, li għamel dan l-għemil ħażin biex ifixklek waqt li inti qegħda tismagħni nippriedka". 5 Malli dak il-messaġġier sema' dawn il-kliem, hu sparixxa bħad-duħħan.

25 - Dwar kif ħabbar lil waħda mara tqila, li binha li kienet qed iġġorr fil-ġuf kellu jkun martri fil-ġejjieni

[790] 1 Jum minnhom waħda mara tqila minn Le Puy ġiet iżżur lil Sant'Antnin[24], u irrikmandatlu t-tarbija li kienet qed iġġorr fil-ġuf.

48, hemm fatt simili ta' apparizzjoni tal-Verġni Marija li toffri l-Bambin Ġesù lil frate Corrado d'Offida (1241-1306); cfr. *Fioretti* 42 [FSF 1628].

24 Il-verżjoni Latina ssemmi l-post bħala *Anisio*, jew *Anicio*. L-isem tal-belt kien *Anitio seu de Podio*, bil-Franċiż, Le Puy, fejn Sant'Antnin kien Gwardjan.

Wara li talab Antnin dar lejha u qalilha: 2 "Jalla tkun mimlija tjieba, hena u fiduċja; għaliex il-Mulej se jagħtik iben, li se jkun kbir fil-Knisja ta' Alla għaliex hu għad isir patri Minuri u jmut martri, u jwassal bosta għall-palma tal-martirju bil-predikazzjoni tiegħu". 3 Dik il-mara welldet tifel, li semmietu Filippu. Hu daħal fl-Ordni tal-patrijiet Minuri u wara li għamel bosta vjaġġi fuq din in-naħa tal-baħar, bl-għajnuna ta' l-ispirazzjoni divina u bid-devozzjoni qasam 'il hemm mill-baħar. 4 Meta kien jinsab fil-kastell ta' Ashdod[25], hu inqabad mis-Saraċini, u flimkien miegħu l-Insara l-oħrajn, li kienu madwar elfejn, u spiċċa f'idejn dawk in-nies barbari. Huma ġew kollha ikkundannati għall-mewt. 5 Fosthom ilkoll fra Filippu akkwista l-permess li rasu jaqtgħuhielu l-aħħar wieħed, biex hekk ifarraġ lill-oħrajn kollha u jirrikmandahom lill-Mulej. 6 Dawk l-Insara kollha kienu mfarrġin bil-kliem tiegħu, u meta interrogawhom dwar jekk riedux jiċħdu l-fidi tagħhom u hekk jevitaw il-mewt, jew inkella jekk riedux jibqgħu sħaħ fil-fidi u hekk jiġu maqtulin, huma lkoll flimkien wieġbu li riedu jimxu fit-triq li kien għażel fra Filippu.

7 F'dak il-waqt, quddiem l-Insara kollha miġburin f'dak il-post, fra Filippu beda jippriedka b'mod konvinċenti u b'ħafna kliem ta' faraġ fil-fidi, u qal: "Ħuti l-aktar għeżież, kunu qawwijin fil-fehma, għaliex dan il-lejl il-Mulej irrivelali li jiena se nidħol fil-glorja tas-sema flimkien ma' elf ruħ, billi ngħaddu mit-triq tal-martirju". 8 B'dan il-mod hu farraġhom, sema' l-qrar tagħhom, u huma lkoll wieġbu li huma għażlu li jmutu għall-fidi tagħhom fi Kristu. 9 B'hekk dawk in-nies qaddisin kollha qatgħulhom rashom talli stqarrew il-fidi, filwaqt li fra Filippu kompla jippriedkalhom biex iqawwihom fil-fidi. Is-Sultan telgħulu bl-ikraħ u ikkmanda li jixħtuh fl-art u jiksrulu idu. 10 Imma Filippu ma waqafx jippriedka, u għalhekk is-Sultan ikkmanda li jqaxxrulu l-ġilda ta' ġismu sa żokortu; imma anke din id-darba ma setax iwaqqfu milli jkompli jippriedka lill-Insara. Għalhekk ikkmanda li jaqtgħulu lsienu

25 Ashdod hi belt qrib ta' Askelon, fl-istat ta' Iżrael. Fil-medjuevu kienet magħrufa bħala Azoto. Ir-riferiment għar-reġjun 'il hemm mill-baħar hu indikazzjoni ċara għall-Art Imqaddsa, jew *Outremer*, kif kien magħruf il-Lvant Nofsani fi żmien il-Kruċjati. Il-Martiroloġju Franġiskan isemmi l-martirju ta' fra Filippu minn Le Puy, u sħabu, nhar is-7 ta' Marzu 1288, imma bi żball jgħid li Ashdod tinsab fl-Idumija (*Azoti in Idumaea*). L-isem tas-Sultan li qatel lil fra Filippu kien Melek-Messor.

barra. 11 Imma l-fra kompla jippriedka b'ħeġġa li ma setgħetx tintefa ukoll mingħajr ilsienu, sakemm sħabu kollha ġew maqtulin bix-xabla. 12 Fl-aħħarnett hu neħħa l-kapoċċ u b'devozzjoni kbira ħallihom jaqtgħulu rasu u hekk kiseb il-palma glorjuża tal-martirju. 13 L-iġsma tal-qaddisin baqgħu bla difna għal erbat ijiem. Is-Sultan ġie f'dak il-post, u baqa' mistagħġeb kif hu sab l-iġsma inkorrotti u bla ebda riħa ta' mewt fuqhom. 14 Minn dak il-fatt kien ċar li l-profezija ta' Sant'Antnin ġiet imwettqa tassew u b'mod sħiħ.

## IV – GĦEMEJJEL LI SEĦĦU WARA LI ANTNIN ĠIE LURA MINN FRANZA U SAL-JUM TAL-MEWT TAL-QADDIS

### 26 - Dwar kif sewwa tazza tal-ħġieġ li tkissret u mirakolożament mela ġarra vojta bl-inbid

[791] 1 Meta temm l-uffiċċju tiegħu bħala Kustodju ta' Limoges u kien sejjer lura l-Italja ma' wieħed minn sħabu l-patrijiet, Antnin għadda mill-provinċja ta' Provence. Waħda mara li kienet tgħix f'raħal ċkejken ġietha ħniena minnhom għaliex kienu bil-ġuħ, u għall-imħabba ta' Alla laqgħethom f'darha. 2 Kienet qisha Marta oħra u b'ħafna kura ħejjiet għalihom il-ħobż u l-inbid fuq il-mejda. Marret tissellef tazza tal-ħġieġ mingħand il-ġara. 3 Imma Alla ried iqiegħed fi prova s-suċċess tagħha permezz tat-tentazzjoni. Dik il-mara ferrgħet l-inbid għall-patrijiet f'dik it-tazza, imma billi ma kienetx għaqlija meta ferrgħet mill-ġarra, hi xerrdet l-inbid kollu ma' l-art. 4 Is-sieħeb ta' Sant'Antnin ipprova jżomm it-tazza, imma spiċċa billi kissitha mal-mejda, hekk li s-sieq tat-tazza waqgħet u inqalgħet minnha, filwaqt li l-parti ta' fuqu tat-tazza baqgħet sħiħa imma maqtugħa għaliha.

5 Meta kienu qed joqorbu lejn it-tmiem ta' l-ikla tagħhom, dik il-mara riedet toffrilhom inbid ġdid x'jixorbu, imma meta daħlet fil-kantina hi sabet l-inbid kollu mxerred ma' l-art. 6 Għalhekk marret lura għand il-patrijiet u bdiet tibki bl-imrar u titnikket għaliex kienet tilfet dak l-inbid kollu. 7 Meta Sant'Antnin intebaħ x'kien qed jiġri, ġietu ħniena minn dik il-mara, u baxxa rasu fuq il-mejda u qiegħedha bejn idejh, u beda jitlob lill-Mulej bil-ħerqa. 8 Waqt li dik il-mara kienet qed tħares lejh jitlob ġrat ħaġa ta' l-għaġeb. Dik it-tazza tal-ħġieġ, li kien fuq parti mill-mejda, reġa' ingħaqad flimkien bil-qawwa tiegħu

stess mas-sieq tiegħu, li kienet fil-parti l-oħra, u bil-qawwa divina saru ħaġa waħda. 9 Meta dik il-mara rat dan hi baqgħet miblugħa u ħadet dik it-tazza f'idejha u bdiet iċċaqlaqha bil-qawwa kollha, u għarfet li kienet ingħaqdet flimkien bil-qawwa tat-talb. 10 Dik il-mara emmnet li l-istess qawwa li għaqqdet flimkien dik it-tazza, setgħet ukoll troddilha lura l-inbid li kien xtered. Għalhekk hi niżlet tiġri fil-kantina u sabet il-bittija, li sa ftit mumenti qabel kienet biss mimlija sa nofsha bl-inbid, issa mimlija sax-xifer, hekk li l-inbid kien kważi se jfur u kien ibaqbaq bħallikieku kien inbid ġdid. 11 Dik il-mara kienet mimlija bil-ferħ u stagħġbet għal dan kollu. 12 Imma meta Sant'Antnin ħass li t-talb tiegħu kien ġie mismugħ, bħal dixxiplu tassew umli ta' Kristu, hu telaq mall-ewwel minn dak il-post, biex in-nies ma jagħtuh l-ebda ġieħ.

## 27 - Dwar il-mirakli li seħħu fl-Italja, u qabel xejn dwar kif ġie mfejjaq tifel li kellu diżabilità

[792] 1 Meta Antnin kien fl-Italja, kien jiddedika ruħu l-ħin kollu għall-predikazzjoni u għall-qrar. Jum minnhom kien ġej lura minn vjaġġ ta' predikazzjoni u kien miexi f'toroq imwarrbin, sabiex jevita t-tifħir tal-folol hu u rieġa lura. 2 Waħda mara kienet ukoll miexja fl-istess triq, biex tqassar. Hi kienet qed tipprova tagħmel kif tista' u tieħu dik it-triq biex tmur tiltaqa' mal-qaddis, billi kienet qed iġġorr fuq dirgħajha lil binha li kellu d-dirgħajn u r-riġlejn b'diżabilità mit-twelid. Meta waslet quddiem il-qaddis hi nxteħtet ma' l-art f'riġlejh u b'ħafna dmugħ u lfiq bdiet titolbu biex juri ħniena magħha, li kienet omm imnikkta, u biex ibierek lil binha u jimmarkah bis-sinjal tas-salib. 3 Fil-fatt, hi kienet qed tittama li bil-qawwa ta' dan is-sinjal, binha seta' jkun jistħoqqlu li jakkwista saħħa perfetta. 4 Il-qaddej ta' Kristu għall-ewwel ma riedx jagħmel dan, minħabba l-umiltà profonda tiegħu, imma dik il-mara kompliet iżżid il-biki u d-dmugħ tagħha, u tinsisti miegħu billi tgħidlu: "Sinjur, ikollok ħniena minni". 5 Antnin tqanqal bil-ħniena lejn dik l-omm imnikkta u lejn binha marid. Sieħbu, li kien raġel magħruf għat-tjubija tiegħu, ukoll beda jħeġġu bl-istess mod. Għaldaqstant, bil-qawwa u fl-isem ta' Kristu, hu bierek lil dak it-tifel li kellu diżabilità, u immarkah bis-sinjal tas-salib. 6 Ħaġa ta' l-għaġeb seħħet! Dak it-tifel fieq dak il-ħin stess. Dik l-omm, li kienet ġiet mimlija niket u ġġorr

it-tifel tagħha li kellu diżabilità, ħaditu lura d-dar mimlija ferħ, għaliex issa seta' jimxi b'saqajh stess. 7 Ir-raġel qaddis talab lil dik il-mara biex ma tattribwix dak il-miraklu għall-merti tiegħu, imma għall-fidi tagħha, u wissieha biex ma xxerridx dak il-miraklu għal kemm iddum ħajja.

28 - Dwar tifla li kellha diżabilità u li ġiet imfejjqa għal kollox mill-qaddis

[793] 1 Waħda tifla li kien jisimha Padovana kienet tilfet l-użu ta' riġlejha meta kien għad kellha biss erba' snin. Kienet titkaxkar ma' l-art fuq żaqqha qisha serp. Mhux biss, imma kienet issofri wkoll bl-epilepsija, u ta' spiss kienet taqa' ma' l-art b'mod li jqanqal il-ħniena, u tinqaleb fuqha nnifisha, bir-ragħwa f'ħalqha. 2 Missierha Pietro iddeċieda li jġorrha fuq dirgħajh u jmur għal għarrieda biex jiltaqa' ma' Sant'Antnin, billi hu kien ġej lura minn priedka li kien għamel. 3 Meta hu ltaqa' miegħu, dak il-missier talbu bid-devozzjoni u l-fiduċja biex jimmarka lil bintu bis-sinjal tas-salib. 4 Meta l-missier imqaddes intebaħ bil-fidi sinċiera tiegħu, immarka lil dik it-tifla minn rasha sa saqajha fl-isem tat-Trinità. 5 Malli għamel hekk, l-għeġubijiet tal-qawwa ta' Alla deheru f'dak l-istess post, billi dik it-tifla li ma kienetx tista' timxi, f'daqqa waħda bdiet tiċċaqlaq u timxi mingħajr ma kellha bżonn ta' ħadd biex titwieżen fuqu, u riġlejha ssaħħu u tqawwew. 6 Hi ġiet ukoll imfejjqa dak il-ħin stess mill-epilepsija u ma baqgħetx taqa' ma' l-art aktar.

29 - Dwar kif salva l-ħwejjeġ ta' waħda mara nobbli milli jitħammġu mit-tajn

[794] 1 Fil-belt ta' Padova kienet tgħix waħda mara nobbli. Meta semgħet li Sant'Antnin kien fil-belt, flimkien ma' kotra kbira ta' nies hi marret fl-għelieqi fil-beraħ biex tisma' l-priedka tiegħu, imma billi l-folla kienet qed timbotta fuqha minn kullimkien, hi waqgħet fit-tajn. 2 Intebħet li l-ħwejjeġ prezzjużi u ġodda li kienet qed tilbes kienu irvinati. Għalhekk bl-umiltà kollha irrikmandat ruħha lil Alla u lil Antnin, il-qaddej tiegħu, biex jeħilsuha mill-periklu imminenti li kienet fih. 3

Fil-fatt hi kienet imwerwra minn żewġha, li kien jitlagħlu bl-ikraħ kieku kellu jaraha ġejja lura d-dar bi ħwejjiġha mċappsin kollha bit-tajn. 4 Dik il-mara dak il-ħin stess irrikmandat ruħha fit-talb għall-patroċinju ta' Sant'Antnin. Dak il-ħin ġrat ħaġa ta' l-għaġeb! 5 Hi waħedha, fost dawk in-nies kollha li kienu madwarha, setgħet tkompli miexja bi ħwejjiġha mhux imċappsin bit-tajn. Dawk kollha li raw dan il-fatt bdew ifaħħru lil Alla u lill-qaddis, u dik il-mara waslet bil-ferħ fil-post li fih Antnin kien sejjer jippriedka.

30 - Dwar kif waħda mara b'miraklu, minn darha semgħet lil Antnin jippriedka, għalkemm hi kienet tinsab bogħod minn fejn kien qiegħed hu

[795] 1 Waħda mara oħra twajba kellha xewqa kbira li toħroġ u tmur wara l-bniedem ta' Alla, li kien qiegħed jiżra' l-kelma tal-ħajja. Imma żewġha ma ħallihiex tagħmel dan, u għalhekk kellha tibqa' magħluqa ġewwa u tinfena fid-dwejjaq tagħha. 2 Waqt li kienet qed tippassiġġa fil-gallerija ta' darha, hi ħarset mit-tieqa, li kienet tagħti fid-direzzjoni li fiha kien qiegħed jippriedka l-qaddis. Hi bdiet tiffissa ħarsitha bid-devozzjoni lejn din id-direzzjoni, għaliex dak il-ħin Sant'Antnin kellu jippriedka, biex almenu jkollha l-ferħ li tara dak il-post billi hi ma setgħetx tkun preżenti. 3 Dak il-ħin ġrat ħaġa ta' l-għaġeb! Filwaqt li dik il-mara kienet qed tħares mimlija ferħ spiritwali, f'daqqa waħda, bil-qawwa ta' Dak li soltu japprova x-xewqat ġusti tar-ruħ, hi bdiet tisma' jidwi l-leħen tal-qaddis f'widnejha. 4 Hi baqgħet hemm iċċassata u mitlufa fil-ħlewwa ta' dak il-leħen, u għat-tul tal-ħin li fih damet fit-tieqa, hi setgħet tisma' d-diwi ta' dak il-leħen u bdiet tgħid: "Qiegħda nisma' lil fra Antnin jippriedka".

5 Dik il-mara għarfet li dak kien l-istess leħen li hi xtaqet tisma'. Issa hi kienet tinsab żewġ mili bogħod mill-post li fih Antnin kien qed jippriedka, u ċertament ma setgħetx tisma' l-leħen ta' persuna minn dak il-bogħod kollu. Minkejja dan dik il-mara kompliet tinsisti biċ-ċertezza li kienet tassew qed tisma' l-leħen tiegħu. 6 Żewġha wkoll tela' magħha fit-tieqa, u għamel l-esperjenza ta' l-istess ħaġa li kienet qed tafferma martu. Il-grazzja ta' Alla u l-merti tal-qaddej tiegħu Antnin għamlu li dik il-mara mimlija fidi setgħet tisma' b'mod ċar il-leħen tal-qaddis minn dik it-tieqa. 7 Minn dak il-waqt, hi ingħaqdet mal-qaddej ta'

Alla bi ħbiberija speċjali, u żewġha ma ipprojbilhiex iżjed milli jkollha devozzjoni hekk qaddisa.

31 - Dwar il-frott tal-predikazzjoni tiegħu u kif għaqqad flimkien ir-riġel ta' raġel li qatagħha barra minn ma siequ

[796] 1 Ta' spiss kien jiġri li l-qaddej ta' Alla Antnin kien jixtieq ħafna li jipprovdi rimedji għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, u kien jipprova li jqarreb lejn Alla lil dawk il-midinbin li kienu bogħod minnu minħabba dnubiethom. 2 Dak li jgħaġġibna aktar, iżda, skond dak li jirrakkontaw il-patrijiet, hu li kien jidher lil bosta persuni li jkunu reqdin bil-lejl, u jsejħilhom b'isimhom filwaqt li jgħidilhom: 3 "Qum minn hemm u mur għand dak il-patri jew għand dak is-saċerdot u qerr dak id-dnub li inti żammejtu moħbi ġewwa fik għal tant snin". Issa ħadd ma kien ikun jaf dwar dawn id-dnubiet, ħlief Alla waħdu. 4 B'dan il-mod, bosta persuni li ma kellhomx kuraġġ li jqerru dnubiethom, minħabba l-mistħija, marru għas-sagrament tal-qrar u ġew maħfura.

32 – Dwar kif reġa' għaqqad flimkien sieq maqtugħa barra

[797] 1 Ġara li wieħed raġel minn Padova jismu Leonardo ġie għand il-bniedem ta' Alla. Fost dnubiet oħrajn li qerr, qallu li darba hu kien ta daqqa ta' sieq lil ommu, hekk li waqqagħha b'tisbita ma' l-art. 2 Il-bniedem ta' Alla kien ixxukkjat meta' sema' dan, u bil-ħeġġa ta' l-ispirtu hu ċanfar lil dak ir-raġel b'ħafna kliem iebes. Fost il-kliem ta' ċanfira li qallu, żied jgħidlu: 3 "Dak ir-riġel li jolqot lill-missier jew lill-omm irid mall-ewwel jinqata' barra". Dak ir-raġel sempliċi ma fehemx il-kliem tal-qaddis b'mod intelliġenti, u kien hekk konfuż u mnikket minħabba l-ħtija tiegħu li, meta reġa' lura d-dar hu mall-ewwel qata' siequ barra. 4 L-aħbar ta' dan il-kastig li spiċċa fi traġedja ġriet bħal leħħa ta' berqa mal-belt kollha u waslet ukoll f'widnejn l-omm ta' Leonardo. Hi marret lura d-dar bil-ġirja, u rat lil binha b'siequ maqtugħa. 5 Meta saret taf x'kienet ir-raġuni għaliex għamel hekk, hi marret fil-kunvent tal-patrijiet u b'ħafna għajjat bdiet titlob li tara lil fra Antnin, għax bdiet tgħid li hu ried joqtol lil binha meta ikkonvinċieħ biex jagħmel dak li għamel.

6 Il-qaddis farraġha u ipprova jispjegalha dak li hu ried jgħid lil binha. 7 Fl-istess waqt hu mar magħha. Hemmhekk hu inxteħet jitlob bil-ħerqa u d-devozzjoni, u mbagħad għaqqad flimkien is-sieq ta' dak ir-raġel mal-koxxa tiegħu, filwaqt li immarkaha bis-sinjal tas-salib. Għal ftit tal-ħin hu qiegħed idejh fuq dik is-sieq. Dak l-istess waqt dik is-sieq reġgħet saret sħiħa u ingħaqdet mal-koxxa, b'tali mod li dak ir-raġel qam jiġri bil-wieqfa qisu qatt ma ġralu xejn, u beda jaqbeż bil-ferħ u jfaħħar lil Alla[26].

33 - Dwar kif waqaf bil-kuraġġ kollu quddiem tirann għatxan għad-demm

[798] 1 Kien hemm wieħed raġel qawwi li kien tirann mill-aktar kiefer, u kien jismu Ezzelino de Romano, li kien iwerwer il-belt ta' Padova u d-distrett tagħha[27]. 2 Kien beda bħala tirann f'Verona, fejn kien qatel bosta nies. Patri Antnin sema' dwaru u mar bil-kuraġġ kollu biex jiltaqa' miegħu personalment. 3 Meta daħal fil-preżenza tiegħu qallu: "Ja għadu ta' Alla, inti tirann mill-aktar feroċi u kelb irrabjat, għaliex ma tridx tieqaf ixxerred id-demm ta' Insara innoċenti? 4 Ara, s-sentenza tal-ġudizzju ta' Alla għad tilħqek b'mod mill-aktar iebes u tal-biża'". Żied ukoll jgħidlu bosta kliem ieħor iebes ta' twissija. 5 Is-suldati li kien hemm madwar it-tirann stennewh li, bħas-soltu, jikkmandahom li joqtlu lil Antnin bil-ħruxija kollha. Imma Alla fetaħ il-qalb tat-tirann biex jisma' l-kliem ta' Antnin. 6 Dak it-tirann deher li kien sogħob bih u ried jeħles minn kull sentiment ta' ħruxija f'ruħu, hekk li kien donnu sar manswet bħal ħaruf. Hu dawwar ħabel ma' għonqu u inxteħet quddiem

26 Dan l-istess miraklu hu attribwit ukoll lil S. Pietru minn Verona, Martri Dumnikan (†1252) li l-festa tiegħu hi ċelebrata fid-29 ta' April (cfr. *Acta Sanctorum*, Aprilis III,700). Insibu riferiment għall-miraklu f'paneġierku li għamel fra Albertino da Verona fit-tmiem tas-seklu 13: *Et hic dic miraculum ipsius, qui percussit matrem cum pede*. Il-miraklu hu raffigurat fil-vetrata fil-kappella ta' S. Antnin fil-Basilica Inferiore ta' S. Franġisk f'Assisi, opra ta' l-artist giottesco Giovanni Bonino, 1317.

27 Ezzelino de Romano kien tirann li kien iwerwer Verona u Padova fil-bidu tas-seklu 13. Il-Bollandisti jsemmu kunjomu, *de Romano*. Twieled fi Treviso u miet waqt il-battalja ta' Milan fl-10 ta' Ottubru 1259. Jissemma wkoll fil-*Cronaca* ta' Salimbene de Adam minn Parma.

il-bniedem ta' Alla, mhux mingħajr l-istagħġib ta' dawk kollha li kienu preżenti, u bl-umiltà kollha stqarr ħtijietu u wiegħed li jbiddel ħajtu u jobdi t-twissijiet ta' Antnin b'rieda tajba u li togħġob. 7 Imbagħad kellem lil sħabu li kienu kollha mistagħġbin, u qalilhom: "Sħabi fl-armi, la tistagħġbux bl-atteġġjament tiegħi. 8 Tassew ngħidilkom li jiena rajt dija tleqq u divina ħierġa mill-wiċċ ta' dan il-patri, u jiena twerwirt li nħares lejh, u meta kont quddiemu qist lili nnifsi bħallikieku kont fix-xifer ta' rdum u se naqa' fl-abbiss ta' l-infern".

9 Għaldaqstant Ezzelino beda juri devozzjoni kbira lejn Antnin, u għal kemm il-qaddis dam jgħix, hu waqaf milli jwettaq azzjonijiet ħżiena u kiefra, kif hu nnifsu stqarr aktar tard.

## 34 – Dwar kif ma aċċettax ir-rigali li bagħatlu

[799] 1 Billi l-bniedem qaddis ta' spiss kien jippriedka bil-kuraġġ kontra dak it-tirann krudil, hu ried iqiegħed fi prova u b'mod qarrieq il-ħajja retta u ġusta tal-bniedem ta' Alla. Għaldaqstant bagħat il-qaddejja biex jagħtu lil Antnin rigal prezzjuż ħafna, u qalilhom: 2 "Morru u ippreżentaw dan ir-rigal lil fra Antnin f'ismi, u dan għamluh bl-umiltà u d-devozzjoni kif tistgħu. 3 Jekk hu jirċevih, oqtluh dak il-ħin stess. Imma jekk, mill-banda l-oħra, hu jiċħdu b'rabja fuqu, ilqgħu kollox bis-sabar u ejjew lura, u la tagħmlulu l-ebda ħsara". 4 Hekk dawk il-qaddejja qarrieqa marru quddiem Antnin u ippreżentaw ruħhom quddiemu bil-qima kollha u qalulu: "Ibnek Ezzelino de Romano jirrikmanda ruħu għat-talb tiegħek u bl-umiltà kollha jitolbok biex tilqa' dan ir-rigal ċkejken li hu qiegħed jibgħatlek bid-devozzjoni kollha, u biex titlob lil Alla għas-salvazzjoni ta' ruħu. 5 Sant'Antnin ċaħad li jirċievi dak ir-rigal, u beda jċanfarhom b'rabja kbira u b'ħafna kliem iebes, u qalilhom li hu qatt ma kien se jaċċetta rigal li kien riżultat ta' serq minn ħaddieħor. Fl-aħħarnett qalilhom li huma lkoll kienu mexjin lejn it-telfien ta' dejjem, u li kellhom imorru lura minn fejn ġew u ma jkomplux iniġġsu l-kunvent tal-patrijiet bil-preżenza tagħhom. 6 Huma mall-ewwel marru lura għand it-tirann b'ħafna konfużjoni, u qalulu dak li kien ġara. 7 It-tirann weġibhom: "Dan hu bniedem ta' Alla, ħalluh kwiet, u itilquh jgħid dwari dak li jrid hu".

35 - Dwar il-ħajja mill-aktar iebsa tiegħu, dwar il-mard tal-ġisem u l-mewt l-aktar qaddisa tiegħu

[800] 1 Antnin kien jitma lin-nies ta' Padova bl-ikel tal-kelma ta' Alla għal tul ta' Randan sħiħ. Wara dan il-perjodu u sal-festa ta' Għid il-Ħamsin, li kien żmien il-ħsad, biex jiddedika ruħu b'mod aktar xieraq għat-talb u l-istudju ta' l-Iskrittura Mqaddsa, hu mar jgħix f'post imwarrab, li jismu Camposampiero[28]. 2 Is-sid ta' dan il-post kien jismu Tiso[29]. Dan kien ħabib kbir tal-patrijiet Minuri, u kien jgħinhom fi ħtiġijiethom minn ġidu stess. Tiso kien iqis lil Antnin bħal anġlu mibgħut lilu minn Alla u għaldaqstant hu laqgħu b'devozzjoni kbira. 3 Hu ikkmanda li jinbnew tliet ċelel miz-zkuk fuq il-friegħi ta' siġra kbira tal-ġewż, li kellha ħafna weraq. F'dawn iċ-ċelel Antnin, flimkien ma' tnejn mill-aktar perfetti fost sħabu, jiġifieri fra Luca[30] u fra Ruggero, iddedika ħinu kollu għat-talb u l-kontemplazzjoni.

4 Wara ftit taż-żmien[31] Antnin beda jħoss li s-saħħa fiżika tiegħu

---

28 L-isem ta' Camposampiero jidher għall-ewwel darba fl-1025, f'dokumenti li jsemmu familja ta' fewdatarji proprjetarji ta' dan il-post. Kien raħal ruman fuq il-via Aurelia. Fl-1013 l-imperatur Enrico II kien offra din il-proprjetà lill-konti Tiso. Il-kastell tal-konti sar iċ-ċentru ta' dan ir-raħal abitat, u l-familja nobbli tiegħu kienet taqdi lill-patrijarka ta' Aquileia u saret waħda mill-aktar familji famużi tal-Marca Trevigiana. Il-ħabib ta' S. Antnin kien il-konti Tiso VI.

29 Il-konti Tiso laqa' lil Antnin f'Camposampiero u ipprovdielu eremitaġġ ċkejken fil-friegħi ta' siġra kbira tal-ġewż. Kien il-konti Tisio li kien ra lil Antnin iħaddan miegħu lit-Tarbija Ġesù waqt mument intens ta' estasi. Cfr. nota 23.

30 Fra Luca Belludi, skond Bartolomeo da Pisa, *Liber de Conformitate*, ġie midfun fil-kunvent ta' Padova, billi hu kien sieħeb Sant'Antnin, u kien magħruf għall-ħajja qaddisa, għall-għerf u għall-predikazzjoni tiegħu. Hu wkoll ikkompona *Sermones dominicales*. Luke Wadding (*Annales Minorum*, ad. an. 1249, n. 9) jgħid li Luca kien membru tal-familja nobbli ta' Belludi minn Belluno, kien sieħeb Sant'Antnin, u kien famuż għall-ħajja, għad-duttrina u għall-ħerqa tiegħu għall-faqar. L-informazzjoni dwar fra Ruggero hi skarsa.

31 Hawnhekk Arnald de Sarrant jagħmel qabża fir-rakkont. X'aktarx li ntilfet il-paġna li kienet tirrakkonta kif, fit-13 ta' Ġunju, għad-daqq tal-qanpiena l-Qaddis kien niżel mis-siġra tal-ġewż biex imur jiekol mal-patrijiet, qabel ma tah il-ħass ħażin li wasslu għall-mewt.

bdiet tħallih dejjem iżjed. Għaldaqstant ikkmanda lill-patrijiet biex iġorruh lejn il-kunvent ta' Padova. 5 Billi bosta nies kienu jixtiequ joħorġu biex jarawh, dak ir-raġel umli, li kien jaħrab mill-unuri u ċ-ċapċip, ġie meħud fil-post li fih kienu jgħixu l-patrijiet maġenb il-monasteru tas-Sorijiet Foqra barra Padova[32]. 6 Billi l-marda tiegħu bdiet tiggrava ħafna, wara li qal xi kliem ta' edifikazzjoni u wera sinjali ta' devozzjoni, ir-ruħ l-aktar qaddisa tiegħu għaddiet minn din id-dinja għal għand il-Missier. 7 Is-snin tal-ħajja ta' Sant'Antnin kienu sitta u tletin. 8 Hu għex għal ħmistax-il sena fid-dar tal-familja tiegħu, għal sentejn fil-monasteru ta' Sao Vincente, għal disa' snin fil-monasteru ta' Santa Cruz f'Coimbra, u fl-aħħarnett għal għaxar snin fl-Ordni ta' San Franġisk, fejn hu kien jiddi bil-ferħ ta' sinjali ċari ta' qdusija u mirakli.

## V – DIVERSI MIRAKLI SARU F'ĦAFNA POSTIJIET BL-INTERĊESSJONI TAL-QADDIS WARA LI MIET

### 36 - Dwar kif wara mewtu deher lill-abbati ta' Vercelli u fejqu

[801] 1 Fl-istess jum li fih Sant'Antnin għadda minn din il-ħajja, l-abbati ta' Vercelli, li kien famuż għall-għarfien profond li kellu ta' l-Iskrittura Mqaddsa, kien waħdu f'kamartu, mehdi fl-istudju tal-veritajiet divini. 2 Hu kien wera mħabba speċjali lejn ir-raġel qaddis meta dan kien għadu ħaj, u kien iltaqa' miegħu wiċċ imb'wiċċ, u t-tnejn li huma kienu ta' spiss jitimgħu lil xulxin spiritwalment bid-diskussjonijiet tagħhom dwar l-Iskrittura. 3 F'wieħed mill-Kummentarji tiegħu dan l-istess abbati kien kiteb dawn il-kelmiet rigward Sant'Antnin: "Fra Antnin ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri kien jiddi bil-grazzja ta' Alla billi hu kien jixrob b'mod sħiħ mill-abbundanza tat-teoloġija mistika"[33].

4 Dak l-abbati, għaldaqstant, kien jinsab waħdu fl-istess siegħa li fiha miet il-qaddej ta' Alla. Sant'Antnin deherlu u daħal f'kamartu,

---

32 Il-monasteru tas-Sorijiet Foqra ta' l-Arcella, barra l-ħitan ta' Padova. Cfr. *Asd* 17.

33 Cfr. nota 18.

u wara li huma sellmu lil xulxin bi ħlewwa kbira, ir-raġel qaddis qallu: "Sinjur abbati, jiena se nħalli lil ħija l-ħmar f'Padova, u qiegħed niġri biex immur f'art twelidi". 5 Dak l-istess ħin Antnin mess il-gerżuma ta' dak l-abbati bi ħlewwa kbira, u fejqu minn marda serja li kienet ħakmitu f'gerżumtu. Imbagħad Antnin ħareġ barra u għab minn quddiemu.

6 Dak l-abbati ħaseb li Antnin kien sejjer f'art twelidu, jiġifieri fi Spanja, billi hu ma kienx għadu ntebaħ bil-fatt li kien miet. Hu xtaq li almenu jarah għal ftit tal-ħin iżjed, u għalhekk qam minn fejn kien u ħareġ barra, imma ma sabux, u beda jistaqsi bil-ħerqa lill-qaddejja tal-monasteru li ltaqa' magħhom jekk huma kienux raw lil fra Antnin. 7 Il-qaddejja weġbuh li hu ma kienx ġie hemmhekk. Imma l-abbati kompla jinsisti li kien għadu kif rah u li l-qaddis kien tkellem miegħu, u li mbagħad kien fejqu b'mod mirakoluż u telaq dak il-ħin stess minn kamartu.

8 L-abbati dak il-ħin stess mar fil-kunvent tal-patrijiet li kien hemm f'dik il-belt, biex jara jekk kienx jista' jsibu. 9 Imma billi ma sabu mkien, l-abbati mar lura u fehem b'mod mill-aktar ċar li l-missier imqaddes kien miet u li kien telaq b'ferħ kbir biex imur f'art twelidu fis-sema. 10 Wara li staqsa bir-reqqa, l-abbati sar jaf b'mod mill-aktar ċar li Sant'Antnin kien miet fl-istess siegħa li fiha kien deherlu.

37 - Dwar is-solennità tal-kanonizzazzjoni tiegħu u dwar il-mirakli li wettaq

[802] 1 Mill-istess jum tal-mewt ta' Antnin, Alla wera l-wiċċ divin tiegħu mimli dija u beda jwettaq mirakli straordinarji, għeġubijiet u sinjali ta' l-għaġeb. 2 L-aħbar ta' dawn il-mirakli kollha waslet f'widnejn is-sinjur Papa Girgor IX permezz ta' l-ambaxxaturi li ġew għandu minn Padova. Wara li hu qabel xejn eżamina l-mirakli b'deliberazzjoni matura, l-istess Papa, nhar Għid il-Ħamsin u b'solennità li ma titfissirx bil-kliem, qara r-rakkont tal-mirakli quddiem il-prelati u folla immensa, u approvahom ilkoll. Wara li stqarr l-isem tat-Trinità u immarka lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, il-Papa kiteb lill-missier imqaddes Antnin fil-katalogu tal-qaddisin. Dawn il-ħwejjeġ kollha ġraw fil-ħdax-il xahar wara l-mewt ta' Sant'Antnin. 3 Wara li tkanta solennement it-*Te Deum laudamus*, il-Papa intona b'leħen qawwi l-antifona tad-Dutturi, *O Doctor optime, Ecclesiae sanctae lumen*. 4 Wara li l-kleru kollu hemm

preżenti kien kanta din l-antifona flimkien mal-versett u r-responsorju, il-Papa kanta t-Talba b'devozzjoni kbira u hekk ikkonkluda din iċ-ċelebrazzjoni[34].

38 – Dwar il-ferħ ta' l-għaġeb li ħassew in-nies ta' Lisbona

[803] 1 F'dak l-istess jum in-nies kollha ta' Lisbona, il-belt li fiha kien twieled il-qaddis, iċċelebraw dik is-solennità b'ferħ kbir. Imma ġara li dawk in-nies lanqas kienu jafu għalfejn kienu qed jiċċelebraw b'dak il-ferħ kollu, billi dakinhar ħadd f'Lisbona ma kien jaf li Antnin kien qed jiġi kanonizzat. 2 Imma ġrat ħaġa ta' l-għaġeb. Il-qniepen kollha tal-belt bdew idoqqu waħedhom, mingħajr ma ħadd ma kien iċaqlaqhom, u b'hekk huma ħabbru l-glorja ta' missier hekk kbir bid-daqq tagħhom[35]. 3 Aktar tard dawk in-nies saru jafu li l-qniepen kienu bdew idoqqu ftit tal-ħin wara li Sant'Antnin kien ġie glorifikat bil-grazzja tal-kanonizzazzjoni fl-istess ġurnata. 4 Dik il-belt imbagħad ġiet imdawwla bl-għeġubijiet ta' tant mirakli, li l-altar maġġur tal-knisja kattidrali ġie iddedikat ad unur ta' Sant'Antnin, 5 u l-jum tal-festa tiegħu beda jkun ċelebrat ta' kull sena bis-solennità kollha fis-snin li ġew wara.

39 - Dwar tifel li kien għereq u kif ġie meħlus mill-mewt

[804] 1 Fl-istess belt ta' Lisbona kien hemm tifel jismu Parisio, li kien neputi ta' Sant'Antnin. Hu kien mar jippassiġġa flimkien ma' ħbiebu fuq

---

34 Girgor IX iddikjara li Sant'Antnin qaddis nhar Għid il-Ħamsin, 30 ta' Mejju 1232, fil-kattidral ta' Spoleto, inqas minn sena mid-data tal-mewt tal-qaddis fit-13 ta' Ġunju 1231.

35 Fis-16 ta' Settembru 1232 kienu ġew martirizzati f'Marrakesh, fil-Marokk, fra Leone, Ugo, Domenico, Giovanni u Eletto, "flimkien ma' kotra mill-aktar kbira ta' Kristjani irġiel u nisa, u ġew maqtulin mis-Saraċini u mżejjnin bil-martirju mqaddes". F'dik il-belt lanqas kien fadal nisrani wieħed. Wara din it-traġedja, is-Saraċini raw li l-knisja ta' S. Marija, fejn kienu jinsabu l-iġsma mejtin tal-martri, imdawwla b'dija tas-sema u "semgħu l-qniepen li bdew idoqqu waħedhom u l-ilħna ta' l-Anġli li kienu jfaħħru lil Alla u lill-qaddisin b'kant qaddis u mill-aktar ħlejju" (cfr. *Chronica XXIV Generalium,* AF III,33).

xatt il-baħar, u mbagħad ħareġ magħhom fuq dgħajsa żgħira. 2 Imma qamet maltempata kbira, u l-mewġ kbir kaxkar dik id-dgħajsa taħtu u għarraqha. 3 It-tfal l-oħrajn kienu akbar minnu fl-età, u billi kienu jafu jgħumu, ħelsu mill-mewt. Imma Parisio waħdu għereq bħal ġebla tqila f'dak l-ilma mqalleb u fi ftit ħin faga u miet. 4 Meta ommu semgħet dak li ġralu, bdiet twerżaq u tixher u marret tiġri fuq xatt il-baħar, u b'ħafna dmugħ bdiet titlob lis-sajjieda biex jixħtu x-xbieki tagħhom u jtellgħulha lura lil binha, biex almenu tkun tista' tarah mejjet.

5 Is-sajjieda niżżlu x-xbieki bħallikieku marru jistadu, u ġabru minn qiegħ il-baħar lil dak it-tifel u raddewh lura lil ommu li kellha qalbha maqsuma. 6 Sadanittant il-qraba u l-ħbieb kollha kienu ġew f'dak il-post u bid-dmugħ u ħafna lfiq ġarrew lil dak it-tifel lura d-dar. 7 Hemmhekk huma ippruvaw iġagħluh jaqla' l-ilma li kien bala', u bdew jgħollulu riġlejh lejn rasu, imma t-tifel ma ta l-ebda sinjal la ta' leħen u lanqas ta' l-ebda ħajja. 8 Għalhekk iddeċidew li l-għada jidfnuh. Imma ommu kienet mimlija fiduċja fil-Mulej u fil-qaddej tiegħu Sant'Antnin, u ma ħalliethomx jidfnuh, iżda b'leħen għoli bdiet titlob lill-qaddis b'devozzjoni kbira u għamlet miegħu wegħda li, jekk binha jerġa' jgħix, hi kienet lesta li toffrih lill-Ordni.

9 Fit-tielet jum, quddiem in-nies kollha preżenti, dak it-tifel li kien mejjet reġa' qam u beda jgħix mill-ġdid. 10 Dawk in-nies riedu jtiru bil-ferħ u bdew ifaħħru lil Alla u lil Sant'Antnin b'devozzjoni kbira. 11 L-omm ma nsietx il-wegħda li kienet għamlet, u meta dak it-tifel kiber, hi offrietu bil-libertà kollha lill-Ordni. 12 Hu għex ħajja mill-aktar qaddis fost il-patrijiet, u kien jirrakkontalhom il-miraklu ta' l-għaġeb li Alla kien għamel miegħu bil-merti ta' Sant'Antnin.

40 - Dwar kif fergħa tad-dielja niexfa warrdet f'daqqa waħda u għamlet l-għeneb u l-inbid

[805] 1 Darba minnhom xi nies kienu qegħdin jitkellmu bejniethom dwar il-mirakli tal-qaddisin. Wieħed minnhom beda jfaħħar il-mirakli li wettaq Sant'Antnin, u beda jitkellem dwar il-miraklu tat-tazza tal-ħġieġ, li wieħed raġel ma jemminx kien sabbatha ma' l-art u li ma nkisritx. 2 Kien hemm xi ħadd ieħor li sema' din l-istorja u ried iwaqqa'

għaż-żufjett dawk il-mirakli. Għalhekk ħa f'idejh tazza vojta u fergħa niexfa tad-dielja u qal: 3 "Jekk Sant'Antnin jagħmel li jinbet l-għeneb minn din il-fergħa, hekk li jiena nkun nista' nimla' din it-tazza b'għasir il-għeneb, allura nkun tassew nista' nqis li dan ikun miraklu. Imbagħad biss nemmen il-miraklu l-ieħor tat-tazza mkissra li inti għadek kif semmejt". 4 Dak il-ħin stess ġrat ħaġa ta' l-għaġeb! Dik il-fergħa tad-dielja mall-ewwel warrdet bil-weraq; imbagħad spunta għanqud għeneb, kiber u sar, hekk li dak l-għeneb seta' jingħasar u mlew dik it-tazza kollha sax-xfar b'għasir il-għeneb. 5 Meta dawk li kienu preżenti raw dan il-miraklu ma baqgħux iwaqqgħu għaż-żufjett il-mirakli ta' Sant'Antnin u bdew ifaħħruh.

41 - Dwar kif qajjem lill-bint tar-re ta' León mill-mewt

[806] 1 Ir-reġina ta' León[36] kellha fiduċja kbira f'Sant'Antnin. Meta bintha ta' ħdax-il sena mietet, hi żammitha bla difna għal tlitt ijiem, kontra r-rieda tar-re u tal-barunijiet, u kompliet titlob u tgħid: "Sant'Antnin, jiena ġejja minn art twelidek, agħtini lura lil binti". 2 Bħala riżultat tad-devozzjoni kbira tagħha, bintha qamet mill-mewt u qalet lil ommha: "Alla jaħfirlek omm. 3 Meta jiena kont fil-glorja tal-ġenna fost il-verġni, Sant'Antnin beda jitlob lill-Mulej biex jisma' t-talb tiegħek, u hekk jiena ġejt imqajjma mill-mewt u mibgħuta lura għandek. 4 Imma għandek tkun taf ħaġa waħda, jiġifieri, li l-Mulej wegħedni li se jħallini miegħek għal mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata".

42 - Dwar kif wieħed eretiku ippretenda li kien għama, u ċaħad il-mirakli tal-qaddis, u mbagħad sar għama tassew; imma wara li ikkonverta, b'miraklu reġa' beda jara mill-ġdid.

[807] 1 Filwaqt li Sant'Antnin kien jiddi f'Padova bil-ħafna mirakli

---

36 Ir-reġina kienet Teresa, it-tielet mara ta' Alfonso IX, re ta' León. Hi kienet omm il-Beata Sancia u mietet f'Toledo fil-25 ta' Lulju 1270. Billi dan il-miraklu isemmi lir-re, u Alfonso IX miet fit-13 ta' April 1231, seta' ġara biss meta Sant'Antnin kien għadu ħaj.

li kien iwettaq, xi eretiċi kienu jwaqqgħu għaż-żufjett l-għeġubijiet tiegħu, u riedu jxandru pubblikament li dawk il-mirakli kienu foloz. 2 Għaldaqstant huma ġew Padova u għammdu lil wieħed minnhom b'għamad li ċappsuh bid-demm. Quddiem dik il-folla kollha bdew jgħajjtu b'leħen qawwi u jgħidu li dak ir-raġel kien ġie ferut inġustament hekk li għama, u bdew iħeġġu lin-nies biex jitolbu lil Sant'Antnin ħalli jreġġagħlu lura d-dawl ta' għajnejh. 3 Damu hemmhekk għal siegħa sħiħa, u mbagħad dak li kien qed jippretendi li kien għama beda jgħajjat b'leħen qawwi: "Ara, Sant'Antnin tani lura d-dawl ta' għajnejja". 4 Sħabu kollha marru jiġru lejh u neħħewlu l-għamad, biex hekk jibdew jiżżuffjettaw dwar dan il-miraklu falz li suppost li wettaq Sant'Antnin. Imma meta neħħew il-faxxa sabu fiha ż-żewġ għajnejn ta' dak ir-raġel. B'hekk dawk li riedu jħawwdu l-verità waslu għal delużjoni kerha. 5 Huma twerwru u mall-ewwel sogħob bihom għal dak li għamlu. Stqarrew quddiem kulħadd il-qerq tagħhom, u wara ħafna talb devot u għall-merti ta' Sant'Antnin, dak ir-raġel reġa' kiseb lura d-dawl ta' għajnejh, u dawk l-eretiċi kollha kisbu mill-ġdid id-dawl tal-fidi.

43 - Dwar kif wieħed raġel eretiku li kien jiċħad il-mirakli tal-qaddis sar lebbruż, imma meta ikkonverta ġie mfejjaq mil-lebbra

[808] 1 Wieħed raġel lebbruż kien sama' bil-fama tal-mirakli ta' Sant'Antnin, u mar Padova. Hu u sejjer iltaqa' ma' wieħed kavallier li kien eretiku, u li kien jiċħad il-verità dwar il-mirakli ta' Sant'Antnin. 2 Il-kavallier qal lil-lebbruż: "Fejn inti sejjer, ja raġel imsejken? Il-ġdiem li għandek fuqek jiġi fuqi kemm il-darba Antnin ikun kapaċi jeħilsek minnu". 3 Il-lebbruż kien mimli fiduċja u mar jitlob bid-devozzjoni taħt l-arka ta' Sant'Antnin u talab l-interċessjoni tiegħu. 4 Waqt li kien rieqed hemmhekk Sant'Antnin deherlu u qallu: "Qum malajr, għaliex inti ġejt imfejjaq mil-lebbra tiegħek, u mur għand dak il-kavallier li jwaqqa' għaż-żufjett il-mirakli tiegħi u agħtih il-krozzi[37] tiegħek, għaliex hu issa sar lebbruż bil-ġdiem tiegħek". 5 Dak ir-raġel fqajjar qam u mar għand il-kavallier. Hu ma setax jemmen lil għajnejh meta rah miksi bil-

37 Proprjament mhux krozzi, imma *tavellas* jew *tabellas*, li kienu speċi ta' ċuqlajta li biha l-lebbruż kien iħabbar li riesaq biex in-nies iwarrbu minn fejn ikun għaddej.

ġdiem, u qallu: "Sant'Antnin ikkmandani biex inġiblek dawn il-krozzi, li jiena kont nuża meta kont lebbruż". 6 Dak il-kavallier sogħob bih għal dnubu, u wara li għamel wegħda ma' Sant'Antnin li qatt aktar ma jiċħad il-mirakli tiegħu fil-ġejjieni, ġie mall-ewwel imfejjaq mil-lebbra.

44 - Dwar kif deher lil xi rġiel minn Padova li riedu joqtlu qassis u ikkonvinċiehom jerġgħu lura mill-intenzjoni tagħhom

[809] 1 Darba minnhom kien hemm grupp ta' rġiel minn Padova li kienu qed jistennew fit-triq biex jonsbu lil wieħed qassis u joqtluh. 2 Imma deherilhom Sant'Antnin quddiem għajnejhom u qalilhom: "X'intom tagħmlu hawnhekk? Morru lura issa stess minn fejn ġejtu". 3 Imma huma weġbuh: "Għall-kuntrarju, ja patri twajjeb, inti mur fuq triqtek, għaliex aħna ma għandna l-ebda intenzjoni li niċċaqilqu minn hawnhekk". 4 Il-qaddis imbagħad qalilhom: "U lanqas jien ma jien se niċċaqlaq minn hawn". Huma staqsewh: "Min int, li għandek dan l-ardir li tikkmandana b'dan il-mod?" U hu qalilhom: "Jiena Sant'Antnin". 5 Malli semgħu dan huma mall-ewwel twerwru u waqgħu ma' l-art quddiemu, u l-qaddis għab minn hemm. 6 Imbagħad marru jiltaqgħu ma' l-għadu tagħhom u bi ħlewwa kbira u wara li għamlu paċi miegħu irrakkontawlu l-viżjoni li kellhom. 7 Imbagħad huma pubblikament xerrdu ma' kullimkien fil-belt dik il-ġrajja.

45 - Dwar kif Sant'Antnin fejjaq lil wieħed kavallier minn ġerħa li kellu fi driegħu, imma dak il-kavallier ried jivvendika ruħu u reġa' marad b'dik il-ġerħa għal darb'oħra

[810] 1 Kien hemm wieħed kavallier li kien irċieva ġerħa kerha fi driegħu waqt battalja. It-tobba ma setgħux ifejquh minnha bl-ebda rimedju. Għalhekk hu għamel wegħda ma' Sant'Antnin, u reġa' kiseb saħħtu bħal qabel. 2 Imma meta ra li kien ġie mfejjaq dak il-kavallier kien ingrat għall-grazzja li kien irċieva, billi hu ried jagħmel vendetta għal dik il-ġerħa li minnha kien tfejjaq. 3 Il-lejl ta' wara, iżda, Sant'Antnin reġa' raddlu lura dik il-ġerħa. 4 B'dan il-mod hu ġie ikkastigat għall-ingratitudni tiegħu.

46 - Dwar tifel li ġie mfejjaq minn gerżuma minfuħa bl-interċessjoni tal-qaddis, imma li ommu ittraskurat il-wegħda tagħha u binha reġa' marad, sakemm tfejjaq għal kollox

[811] 1 Wieħed tifel minn Padova, li kien jismu Enrico, kien isofri minn għonq mgħawweġ u gerżuma li kienet minfuħa b'mod ikrah. Ommu għamlet wegħda li kellha tieħu figura tax-xemgħa ta' għonqu fil-qabar tal-qaddis, u binha ġie mfejjaq dak il-ħin stess. 2 Dik il-mara, iżda, ittraskurat milli twettaq il-wegħda li kienet għamlet, u l-għonq tat-tifel u l-gerżuma reġgħu intefħu għal darb'oħra u t-tifel kien isofri minn uġigħ kiefer. 3 Ommu intebħet li kienet ittraskurat il-wegħda tagħha, sogħob biha u marret tieħu dik il-figura tax-xemgħa ta' għonq binha lill-qaddis. Dak il-ħin stess binha ġie mfejjaq għal kollox.

47 - Dwar abbati li kien tilef is-smiegħ u li ġie mfejjaq

[812] 1 Wieħed abbati twajjeb, li għal ħamsa u tletin sena ma setax jisma' jew jitkellem, talab u għamel wegħda ma' Sant'Antnin, sabiex hu jkollu ħniena minnu u jfejqu. Hu offra ruħu biex jieħu ħsieb ta' l-altar tal-qaddis għal kemm idum ħaj. 2 Meta hu mar fuq il-qabar tal-qaddis hu mall-ewwel ġie mfejjaq u kellu saħħa perfetta, 3 u minn dak il-waqt hu baqa' hemmhekk biex jieħu ħsieb ta' dik il-knisja.

48 - Dwar kif in-neputi ta' Sant'Antnin għereq u wara li ommu għamlet wegħda ġie mqajjem mill-mewt[38]

[813] 1 Fil-belt ta' Lisbona l-iben ta' oħt Antnin, li kellu ħames snin, kien qed jilgħab ma' subien oħrajn f'dgħajsa żgħira, li inqalbet bihom. Is-subien l-oħrajn kienu jafu jgħumu, imma hu għereq. 2 Wara tlitt siegħat ommu irċeviet lil binha mejjet li tawhulha s-sajjieda li kienu gabruh mill-ilma. 3 Missier it-tifel ried jidfnu. Imma ommu bdiet tgħajjat: "Jew tħallih miegħi, inkella jkollok tidfinni miegħu". 4 Imbagħad daret lejn Sant'Antnin u bdiet titolbu b'ħafna biki: "Ħija, inti

[38] Dan il-fatt hu rakkont doppju ma' dak tal-kapitlu 39.

dejjem kont twajjeb u ta' l-għaġeb mal-barranin, issa se tkun kattiv ma' oħtok? Nitolbok għaldaqstant li tiġi biex tgħinni u tagħtini lura lil ibni. 5 Inwiegħdek li jiena noffrih għas-servizz ta' Alla fl-Ordni tiegħek". 6 Dak il-ħin stess it-tifel qam bħallikieku qatt ma kellu xejn, u ommu offrietu lil Alla kif kienet wiegħdet, u hu għex ħajja qaddisa fl-Ordni.

49 – Dwar kif fejjaq lil bint ir-reġina tal-Portugal li kienet qed tmut

[814] 1 Bl-istess mod, Aldonsia, bint Teresia, reġina tal-Portugal[39], kienet mardet hekk gravi, li t-tobba kienu qatgħu qalbhom li jżommuha ħajja bil-mediċini. Ommha r-reġina kienet iddisprata għaliex rat li l-mewt ta' bintha kienet żgura. 2 Għaldaqstant daret lejn Sant'Antnin b'ħafna dmugħ, u bdiet titolbu bid-devozzjoni biex jgħinha u tgħidlu: "Missier l-aktar qaddis, ejja għinna, għaliex inti twelidt f'din is-saltna. Itlob issa għalija lill-Mulej, sabiex jerġa' jrodd lura s-saħħa lil binti". 3 Dak il-lejl it-tifla Aldonsia kienet għadha kemm raqdet, meta rat lil Sant'Antnin li staqsieha: "Inti lili tafni?" 4 Weġbitu li hi ma kienetx tafu, u hu qalilha: "Jiena Sant'Antnin, u jiena ġejt għandek għaliex ommok talbet l-għajnuna tiegħi fit-talb tagħha. 5 Issa inti trid tagħżel waħda minn dawn iż-żewġ ħwejjeġ: jew taċċetta li tmut, u l-Mulej jaħfirlek dnubietek kollha u l-pwieni tagħhom, hekk li llum stess inti tkun miegħi fil-ġenna; inkella tista' tibqa' f'din id-dinja ma' ommok, u jiena nerġa' nroddlok lura saħħtek issa stess". 6 Hi għażlet li jkollha saħħitha lura u ġiet imfejqa f'dak l-istess waqt. 7 Matul dik id-dehra hi laqgħet il-kurdun li bih kien imħażżem il-qaddis, u bdiet tgħajjat u ssejjaħ lil ommha u tgħidilha: "Sinjura, Sant'Antnin qiegħed hawn u hu tani lura saħħti". 8 Ir-reġina u l-qaddejja kollha ġew jiġru dak il-ħin stess, u sabuha f'saħħitha, u lkoll raddew ħajr lil Alla u lil Sant'Antnin.

---

39 Il-Bollandisti jinnutaw li ma kien hemm l-ebda Teresia, reġina tal-Portugal, wara l-mewt ta' Sant'Antnin. Fil-fatt, Teresia li kienet mart Enriku ta' Burgundy, u li żewġha kien żied id-dota tagħha mas-saltna ta' León, għexet xi mitejn sena qabel ma twieled Sant'Antnin. Teresia li tissemma hawnhekk kienet it-tielet mara ta' Alfonso IX, re tal-Portugal, u omm Aldonsia. Imma ma kienetx reġina. Fil-lista ġenealoġika tal-familja rjali Aldonsia tissemma bħala mart il-kavallier jismu Pedro, li minnhom tnisslet il-familja nobbli ta' Ponce de León. Mill-ġdid, dan il-fatt hu doppju ma' dak rakkontat fil-kapitlu 41.

50 - Dwar kif qajjem mill-mewt għaxar subien li kienu għerqu

[815] 1 Kien hemm wieħed raġel nobbli, li kien sema' bil-mirakli ta' Sant'Antnin. Billi hu ma setax ikollu tfal mar fuq il-qabar tal-qaddis, u hemmhekk talbu biex jitlob lil Alla għalih, sabiex ikun jista' jsir missier, u wegħedu li jżur il-qabar ta' kull sena u jġib miegħu lil ibnu. 2 Meta mar lura d-dar, martu nisslet u welldet iben b'saħħtu. Meta ibnu kellu seba' snin, darba minnhom marad. 3 Missieru ħallieh id-dar u mar iżur il-qabar ta' Sant'Antnin biex iwettaq il-wegħda li kien għamel. 4 Fiż-żmien li missieru mar mid-dar, it-tifel reġa' ħa saħħtu. 5 Hu mar jilgħab ma' disa' subien oħrajn fil-wied tax-xmara, xi ftit bogħod minn diga li kienet iżżomm l-ilma li kien jintuża għas-saqwi ta' l-għelieqi. F'daqqa waħda infetħu l-bibien tad-diga u l-ilma niżel b'qawwa hekk kbira li dawk is-subien kollha inġarru mill-kurrent u għerqu. Tnejn minnhom biss instabu u indifnu. 6 Imma ħadd ma seta' jsib lil iben dak ir-raġel u lanqas is-seba' subien l-oħrajn.

7 Il-missier ġie lura minn Padova u hemmhekk iltaqa' ma' ħuħ u ma' xi irġiel nobbli u ħbieb oħrajn. 8 Hu mall-ewwel staqsa dwar ibnu, imma dawk preżenti weġbuh li ibnu kien qed jilgħab ma' tfal oħrajn, billi ma riedux inikktuh. 9 Imma l-missier mar id-dar u beda jinsisti li ried jara lil ibnu. Meta dawk li kienu preżenti baqgħu siekta, hu qalilhom: "Illum la se niekol u lanqas nixrob, sakemm ma narax lil ibni". 10 Għalhekk huma kellhom jgħidulu l-verità dwar dak li kien ġara. 11 Il-missier kien maħkum minn niket kbir u beda jaħlef li mhux se jmiss l-ebda ikel jew xorb sakemm Sant'Antnin jerġa' jagħtih lura lil ibnu. 12 Il-kliem tiegħu twettaq tassew malli lissinhom, għaliex ibnu ġie lura flimkien mad-disa' subien l-oħrajn. Huma kienu lkoll tqajjmu mill-mewt bit-talb ta' Sant'Antnin wara li kienu għerqu. 13 Kbir kien il-ferħ ta' dawk kollha li kienu preżenti, u n-nies kollha raddew ħajr b'leħen qawwi lil Sant'Antnin.

## VI – DWAR KIF ANTNIN DEHER FLIMKIEN MA' SAN FRANĠISK U RADD IS-SALVAZZJONI ETERNA LILL-PERSUNI MAĦKUMIN MID-DISPERAZZJONI

51 - Dwar kif waħda mara li kienet maħkuma minn xitan, qabel mietet fid-disperazzjoni, deherilha Antnin u hi qerret dnubietha u marret fil-glorja tal-ġenna

[816] 1 Fis-saltna tal-Portugal, fil-kastell ta' Linhares[40], kien hemm waħda mara jisimha Lupa, li kellha qawwa kbira. Hi kienet maħkuma minn demonju, li kien jidher bħala mara li kienet taqdiha. 2 Id-demonju kien dejjem iħajjarha biex tkun kiefra ħafna u kien waqqagħha fin-nasba ta' bosta għemejjel ħżiena. X'nistgħu nsibu agħar minn hekk? 3 Dik il-mara, iżda, kellha devozzjoni speċjali lejn San Franġisk u Sant'Antnin. Meta mardet serjament minħabba l-ħafna dnubiet tagħha, hi ma riedetx tagħti kas tas-salvazzjoni ta' ruħha u ma riedetx bl-ebda mod tqerr dnubietha. 4 Għalhekk, waqt li kienet mixħuta fil-marda tagħha u kienet imnikkta bid-disperazzjoni, żewġ patrijiet Minuri daħlu fid-dar tagħha biex ifarrġuha u jikkonvinċuha biex tqerr dnubietha. 5 Hi bdiet tgħidilhom li kienet għamlet tant dnubiet, li l-ebda penitenza li setgħet tagħmel għalihom ma kienet qatt se jirnexxielha li biha Alla jmil lejha u jkollu ħniena minnha. 6 Wieħed miż-żewġ patrijiet, li kien l-aktar anzjan, qalilha: "Jekk inti tqerr dnubietek u tagħmel penitenza għalihom, jiena neħodhom kollha fuqi u nagħmel li inti tieħu sehem fil-virtujiet qaddisa tiegħi, u nwiegħdek il-ħajja ta' dejjem bil-qawwa tal-Passjoni tal-Mulej".

7 Meta semgħet dawn il-kliem dik il-mara inbidlet għall-aħjar u għamlet il-kuraġġ biex tagħmel penitenza. Hi inbidlet minn lupa[41] għal ħarufa. Qerret dnubietha kollha b'ħafna dmugħ u uriet indiema profonda għalihom. 8 Wara dan hi talbet li tiġi mlibbsa bit-tonka tal-patrijiet Minuri, li hi rċevietha minn idejn dak il-patri, u hekk hi mietet ferħana fil-Mulej[42]. 9 Dawk iż-żewġ patrijiet imbagħad għabu dak il-

---

40 Belt bejn Guarda u Viseu, fil-Portugal.

41 Fil-Latin il-kelma *lupa* hi l-istess waħda ta' l-isem tal-mara: *Lupa*.

42 Il-fatt li din il-mara tiġi mlibbsa bit-tonka Franġiskana ifisser sempliċement li hi daħlet fl-Ordni tal-Penitenti Franġiskani (Tielet Ordni Franġiskan).

ħin stess. 10 Dawk kollha li kienu preżenti għarfu, mingħajr l-ebda dell ta' dubju, li huma kienu San Franġisk u Sant'Antnin, billi dik il-mara kienet devota ħafna lejhom u kienet dejjem titlob l-għajnuna tagħhom. 11 Il-mara mbagħad ġiet midfuna fil-kunvent ta' Guarda[43].

12 Ftit taż-żmien wara wieħed suldat ġie fil-kastell ta' Linhares, fejn din il-mara jisimha Lupa kienet midfuna. Lejl minnhom hu sema' l-leħen ta' waħda mara li kienet qed tibki u tgħid: "Imsejkna jien! Jiena qdejt b'mod mill-agħar għal erbatax-il sena u kien kollu ta' xejn!" 13 Dak is-suldat tkexkex u ġie f'sensieh. Għalhekk arma lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib tal-Mulej, u hekk imfarraġ qal: "Nikkmandak, f'isem Ġesù Kristu, li inti tgħidli min int u għaliex inti qiegħda tingħi b'dan il-mod". 14 Imbagħad wieġbet: "Jiena x-xitan, li għal erbatax-il sena żammejt imjassra lis-sinjura Lupa li issa mietet, u ġiegħeltha taqdini b'ħafna għemejjel ħżiena, sabiex wara mewtha nkun nista' nkaxkarha miegħi fil-qiegħ ta' l-infern. 15 Imma qabel ma mietet, żewġ patrijiet Minuri minn dawk li għandhom il-kapoċċ f'rashom ġew iżuruha, billi hi kienet devota ħafna tagħhom, u ikkonvinċewha biex tagħmel penitenza, u hekk ħatfu lil ruħha minn taħt il-ħakma tiegħi u ħaduha fil-hena tas-sema. 16 U dan għalik għandu jkun sinjal li dak li qed ngħid hu minnu. Meta inti tmur Linhares, fejn hi mietet, inti se tisma' x-xniegħa min-nies, jiġifieri li wieħed mastrudaxxa qatel lil martu, u li inqabad u dendluh mal-forka talli qatel lil martu. 17 Jiena kont il-kawża ta' dak id-delitt, u issa jiena se nġorr miegħi fl-infern kemm lill-mastrudaxxa kif ukoll lil martu. B'dan il-mod nivvendika ruħi billi nieħu żewġ erwieħ flok ir-ruħ li jiena tlift".

18 Meta sema' dawn il-kliem, dak ir-raġel mar Linhares. Waqt li kien jinsab fil-kastell, hu sar jaf li wieħed mastrudaxxa kien tassew ġie mogħti l-forka għax kien qatel lil martu. 19 Għalhekk dak li kien sema' dwar x'kien sejjer jiġri irrivela l-verità ta' din l-istorja, u kulħadd baqa' mistagħġeb.

---

43 Il-kastell ta' Guarda fil-Portugal kellu kunvent Franġiskan, li kien twaqqaf qabel l-1268, għax dik is-sena l-Papa Klement IV kien indirizza bulla lill-gwardjan tal-kunvent. Il-kastell ta' Linhares kien ukoll fid-djoċesi ta' Guarda.

52 - Dwar kif ħeles lil waħda mara li kienet maħkuma mix-xitan u li kienet f'tarf id-disperazzjoni, billi taha parċmina miktuba

[817] 1 Fl-istess saltna tal-Portugal, fil-belt ta' Santarem[44], fi żmien ir-re Dionysius[45], kien hemm waħda mara li kienet midinba, imma li kellha devozzjoni kbira lejn Sant'Antnin. 2 Hi kienet maħkuma mix-xitan hekk li hu ried iġarrabha ħalli tmur toqtol ruħha b'idejha. 3 Għax hi kienet bħal tħoss li kien Kristu li kien qiegħed ikellimha f'qalbha u jispiraha b'dawn il-kelmiet: "Ja mara msejkna, inti tant għamilt għemejjel ħżiena kontrija, li issa ma tistax issalva ruħek ħlief jekk tmur u toqtol lilek innifsek". 4 Meta kienet qed tikkonvinċi ruħha internament bi ħsibijiet bħal dawn u kienet imħawwda ħafna, ix-xitan ried jattakkaha wkoll minn barra, u hekk hu deherilha taħt forma umana u qalilha: "Jiena dak li inti offendejtu ħafna; għaldaqstant issa mur lejn ix-xmara li tissejjaħ Tagus, u hemmhekk għarraq lilek innifsek biex tagħtini tpattija għal dnubietek kollha, u mbagħad jiena naħfirlek dnubietek u nagħtik il-glorja ta' dejjem".

5 B'dan il-mod ix-xitan kien jidhrilha ta' spiss u jgħidilha dawn il-kelmiet. Darba minnhom żewġha stess sejħilha indemonjata. Dik il-mara iddisprat u fid-disgħa ta' filgħodu ta' dak l-istess jum marret lejn ix-xmara Tagus, biex hemmhekk toqtol ruħha b'idejha billi tegħreq fl-ilma, kif kien issuġġerielha x-xitan. 6 Imma meta kienet sejra hemmhekk għaddiet minn quddiem il-knisja tal-patrijiet Minuri, u riedet tidħol ġewwa, sabiex tirrikmanda lilha nnifisha lil Sant'Antnin, billi dakinhar kien jum il-festa tiegħu. 7 Għaldaqstant hi daħlet fil-knisja u inxteħtet għal tulha fl-art quddiem l-altar tal-kappella ta' Sant'Antnin, u b'ħafna dmugħ bdiet titlob u tgħid: 8 "Sant'Antnin, jiena dejjem kelli fiduċja fik, kun twajjeb u weġibni għat-talb tiegħi, u urini jekk hix ir-rieda ta' Alla li jiena mmur u negħreq, inkella jekk għandix nichad għal kollox din il-ġennata".

9 Waqt li kienet qed titlob b'dan il-mod, hi tħeddlet f'raqda mill-aktar ħelwa. 10 Sant'Antnin deherilha u qalilha: "Mara, qum u

---

44 Santarém fl-Estremadura, fuq xatt ix-xmara Tagus.

45 Ir-re Dionysius, jew Dinis, kien miżżewweġ ma' Santa Eliżabetta tal-Portugal, li kienet membru ta' l-Ordni tal-Penitenza Franġiskan (il-festa tagħha hi fl-4 ta' Lulju). Hu saltan bejn l-1279 u l-1325, u hu l-fundatur ta' l-università ta' Lisbona (1290).

ħa din il-parċmina li teħilsek mill-ħbit kollu tax-xitan". 11 Hi qamet mir-raqda tagħha, u sabet parċmina mdendla ma' għonqha, li fiha kien hemm miktubin dawn il-kelmiet: *Araw is-salib tal-Mulej, jaħarbu l-għedewwa tiegħu; l-iljun ta' Ġuda u l-għerq ta' David ħareġ rebbieħ, halleluja, halleluja!*[46] 13 Minn dak il-ħin stess it-tentazzjonijiet kollha għabu; u għaż-żmien kollu li hi żammet dik il-parċmina, ix-xitan ma ħabbathiex iżjed.

14 Imma meta r-re Dionysius sama' b'din l-istorja mir-raġel ta' dik il-mara, hu talab biex jagħtuh dik il-parċmina, u x-xitan reġa' daħal u ħakem lil dik il-mara għal darb'oħra. 15 Żewġha ġietu ħniena minnha, u billi ma setax jakkwista dik il-parċmina lura, fl-aħħarnett, bil-medjazzjoni tal-patrijiet Minuri li marru għand ir-re, hu reġa' rċieva l-parċmina u taha lil martu, sabiex hi tiġi meħlusa mix-xitan kif kienet ġiet meħlusa l-ewwel darba. 16 Hi qerret dnubietha bid-devozzjoni u b'ħafna dmugħ u ikkonvertiet għal kollox lejn Alla, u għal għoxrin sena għexet ħajja qaddisa u temmet jiemha fis-sliem. 17 Ir-re Dionysius qiegħed dik il-parċmina fost ir-relikwi tiegħu, u bosta mirakli seħħew ma' dawk kollha li kienu jitolbu lil Sant'Antnin permezz ta' din ir-relikwa.

53 - Dwar kif hu ħeles lil waħda mara li fid-disperazzjoni riedet titgħallaq minħabba li kellha żewġha kiefer u mimli vizzji

[818] 1 Fis-saltna tal-Portugal, f'kastell jismu Serpa[47], kien hemm waħda mara jisimha Serra, li kellha devozzjoni unika lejn San Franġisk u Sant'Antnin. 2 Żewġha kien raġel kiefer u ħażin, li kien telaq lil martu u kien jgħix ma' nisa konkubini. Mhux biss kien jgħix ħajja ħażina, imma talli kien jabbuża lil martu billi jkissrilha għadamha bis-swat li kien jagħtiha u b'kull xorta ta' għemejjel kiefra. 3 Dik il-mara tant tnikktet li fl-aħħar iddisprat u, biex teħles minn dawk id-dwejjaq, iddeċidiet li titgħallaq u hekk ittemm il-ħajja miżerabbli tagħha. 4

---

46 Din hi t-tielet antifona tal-Lawdi tal-Festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes (3 ta' Mejju): *Ecce crucem Domini, fugite partes adversae; vicit Leo de tribu Iuda, radix David, alleluia, alleluia!*

47 Serpa kien raħal fil-provinċja Portugiża ta' Alemtejo, fuq xatt ix-xmara Guadiana.

Lejl minnhom, meta żewġha kien bogħod mid-dar u l-membri l-oħrajn tal-familja kienu reqdin, hi ħejjiet ħabel f'kamritha u kienet lesta biex iddaħħal għonqa fil-għoqda tal-ħabel billi x-xitan kien webbilha biex titgħallaq, meta xi ħadd beda jħabbat bil-qawwi fuq il-bieb ta' darha.

5 Dik il-mara għalhekk ħbiet il-ħabel u marret tara min kien qed iħabbat. 6 Meta fetħet il-bieb rat żewġ patrijiet Minuri, li bl-umiltà kollha talbuha għall-imħabba ta' Alla biex tilqagħhom f'darha. 7 Dik il-mara staqsiethom x'jisimhom u riedet tkun taf minn fejn kienu ġew. 8 Huma għalhekk weġbuha li huma kienu ġew minn post fil-bogħod ħafna, u li wieħed minnhom kien jismu Franġisk u l-ieħor Antnin. Għalhekk qaltilhom: "Idħlu ġewwa, għall-imħabba ta' San Franġisk u Sant'Antnin, li lejhom jiena dejjem kont devota". 9 Hi ħejjitilhom l-ikel fuq il-mejda, u waqt li kienu jieklu huma qalulha ħafna kliem tajjeb u qaddis lil dik il-mara. 10 B'dan il-mod hi ħassitha għal kollox mibdula għall-aħjar, u iddeċidiet li, minħabba l-qima lejn dawn l-aħwa, hi ma titgħallaqx dak il-lejl, kif kien issuġġerielha tagħmel l-għadu tar-razza kollha tal-bnedmin.

11 Iż-żewġ aħwa daħlu fil-kamra li hi offritilhom, u dik il-mara marret fis-sodda. 12 Dak l-istess lejl l-aħwa deheru lil żewġha fil-ħolm u qalulu: "Aħna San Franġisk u Sant'Antnin, u lilna bagħatna Alla għandek, biex inwissuk u ngħidulek li, jekk inti ma tikkonvertix mill-ħażen tiegħek u mit-toroq mgħawwġa tiegħek, u tibgħat lill-konkubini tiegħek, u tgħix fil-fedeltà lejn martek, fi żmien tlitt ijiem inti tmut u ttemm ħajtek fl-aktar dagħbien fond ta' l-infern. 13 Kun af li dan il-lejl martek, li tinsab imħabbta ħafna mill-mod kif inti tabbuża minnha, kienet se titgħallaq b'ħabel, imma aħna morna fid-dar tagħha. 14 Għaldaqstant issa inti mur għandha, u bħala sinjal tal-verità li urejnik, itlobha tagħtik il-ħabel li bih hi riedet titgħallaq". 15 Dak ir-raġel twerwer u minn dak il-ħin ħass sogħba għal dnubietu. L-għada filgħodu hu qam u mar id-dar. 16 Martu wkoll qamet, u ma sabitx il-patrijiet, imma biss is-sodda għadha mifruxa, bħallikieku ħadd ma kien daħal jorqod fiha. Għalhekk hi baqgħet mistagħġba, u ma setgħetx tifhem kif huma kienu rnexxielhom joħorġu mid-dar, billi l-bibien kollha kienu msakkrin.

17 Żewġha mbagħad daħal u sellem lil martu bil-ħlewwa u qalilha: "Għażiża, fejn hu l-ħabel li bih inti ridt titgħallaq il-lejl li għadda?" 18 Martu ħarset lejh miblugħa, imma hu qalilha: "Jiena naf tajjeb liema grazzja inti rċevejt dan il-lejl, għaliex inti lqajt fid-dar

lil San Franġisk u Sant'Antnin li ħelsuk". 19 Għalhekk dik il-mara stqarret il-verità sħiħa, filwaqt li żewġha qalilha li hu kellu viżjoni fil-ħolm, u talab bl-umiltà lil martu biex taħfirlu. 20 Hekk it-tnejn li huma għexu fl-imħabba lejn xulxin u kienu mimlijin għemejjel ta' virtù għal tul ħajjithom kollha. B'dan il-mod huma t-tnejn faħħru lil San Franġisk u lil Sant'Antnin.

54 - Dwar kif deher fil-glorja tiegħu lil waħda mara f'jum il-festa tiegħu

[819] 1 Kien hemm waħda mara miżżewġa, li kienet tgħix qrib kastell jismu Torres Novas, f'raħal jismu Elbron, fis-saltna tal-Portugal[48]. 2 Nhar jum il-festa ta' Sant'Antnin hi kienet sejra tgħaġġel flimkien ma' waħda tifla minn dak ir-raħal ta' Elbron lejn il-kastell ta' Torres Novas biex titħan il-qamħ. F'daqqa waħda beda jonfoħ riefnu qawwi minn quddiemha, u waqqa' l-ixkora tal-qamħ li kienet qed iġġorr fuq rasha, hekk li din spiċċat fl-art. Dik il-mara wkoll waqgħet lura u stabtet donnha mejta fil-post. 3 Dak il-ħin deherilha raġel żagħżugħ sabiħ fil-bixra ta' wiċċu, li ħa miegħu lil ruħha u beda jmexxiha miegħu fejn hu kien sejjer. 4 Hu l-ewwel ħadha f'għalqa kbira ħafna, sakemm waslu f'bir tal-biża' u mimli dlam li minnu kienu ħerġin ilsna tan-nar li jbeżżgħuk, u li kienu jogħlew sas-smewwiet. 5 Id-duħħan li ħareġ minn dak il-bir kien magħqud, iswed u mimli ntejjen, u fil-bir wieħed kien jista' jisma' d-diwi ta' twerżieq u għajjat iddisprat, flimkien mal-biki, tnehid u tinwiħ ta' dawk kollha li kienu msakkrin f'dak il-ħabs ta' dak id-dagħbien fond.

6 Dik il-mara ħarset bil-biża' f'dak il-bir u rat li kien hemm ħafna bnedmin li f'ħajjithom kienu ħżiena u krudili f'bosta dmirijiet u uffiċċji li huma kienu jokkupaw fil-ħajja, u li kienu qegħdin jiġu maħqurin b'modi differenti mix-xjaten. 7 Kien hemm in-negozjanti li kienu jqarrqu bin-nies. Dawn kienu qed iġorru xkejjer jaqbdu bin-nar u mimlijin flus, imdendlin minn għonqhom. Kien hemm dawk li kienu jsellfu l-flus b'imgħaxijiet għoljin, u li kienu qed jiekluhom ix-xjaten flimkien ma' muniti ta' flus jikwu. Kien hemm il-ħallelin, l-adulteri,

48 Torres Novas, raħal fil-provinċja ta' Estremadura, fuq xatt ix-xmara Tagus.

il-qattiela, ix-xhieda foloz, flimkien ma' l-imħallfin u midinbin oħrajn, li kienu qed jiġu torturati fin-nar b'kastigi skond kif kien jistħoqq l-għemil ħażin tagħhom. 8 Dik il-mara staqsiet lil dak iż-żagħżugħ, li kien qed jakkumpanjaha, x'kien dak il-post. Hu weġibha li dak kien il-bir ta' l-infern. 9 Dak li kien l-aktar ta' l-għaġeb, iżda, kien li bosta min-nies li hi rat kienu għadhom ħajjin, u kienu diġà ġew assenjati f'dak il-post biex jagħmlu kumpanija lix-xjaten. Huma kienu mill-belt ta' Lisbona u minn Santarem, u ismijiethom fl-infern kienu għadhom mhumiex magħrufin, għalkemm intqal li huma lkoll kellhom jispiċċaw f'dak il-post. 10 Wieħed kellu bilfors jemmen dan kollu, għaliex f'din id-dehra Alla ried jirrivela l-ġejjieni bħallikieku kien preżenti.

11 Imbagħad iż-żagħżugħ ħa lil dik il-mara f'post mill-aktar ħawli u li jpaxxi lill-għajnejh, li kien imżejjen b'ħafna ħxejjex ta' diversi speċi, u bi fjuri u frott ta' kull tip. 12 Fin-nofs ta' dak il-post dik il-mara lemħet tinda kbira, li kienet bajda daqs is-silġ, u sabiħa ħafna. Minn dik it-tinda rat ħierġa purċissjoni ta' nies li kienu lebsin ilbies mill-isbaħ ta' bosta lwien, u li kellhom kuruni fuq rashom. Huma kienu mexjin tnejn, tnejn barra minn dik it-tinda. 13 Fi tmiem dik il-purċissjoni kien hemm raġel li kien imżejjen b'mod mill-isbaħ u kien donnu għarus. Kien evidenti li dik il-purċissjoni kienet qed issir ad unur tiegħu. 14 Dik il-mara staqsiet lil dak iż-żagħżugħ dak il-post x'kien, u min kienu dawk in-nies li hi rat lebsin hekk sabiħ u mexjin b'ordni hekk perfett. Iż-żagħżugħ weġibha li dak kien il-post fejn l-erwieħ imorru biex jistrieħu, u li dawk il-persuni kollha li kienu fil-purċissjoni kienu l-erwieħ ta' dawk li ġew salvati. Fosthom, l-aħħar wieħed li kien miexi b'dik is-solennità kollha kien Sant'Antnin, billi dak il-jum kulħadd kien qiegħed jiċċelebra l-festa tiegħu, kemm fis-sema kif ukoll fuq l-art, billi hu kien jiddi b'mod speċjali fost il-qaddisin. 15 Iż-żagħżugħ qalilha wkoll li l-festi tal-qaddisin l-oħrajn ukoll kienu jiġu iċċelebrati b'din is-solennità kbira. 16 Imbagħad qalilha: "Jiena ġibtek hawnhekk sabiex inti tara kif, fil-jiem tal-festi tal-qaddisin, inti għandek tiċċaħħad minn kull xogħol iebes u għandek turi qima lejn il-qaddisin, speċjalment billi ma tingħatax għal ebda ħidma mhix xierqa".

17 Filwaqt li r-ruħ ta' dik il-mara kienet qed tittieħed minn post għal ieħor b'dan il-mod, in-nies tar-raħal kienu qegħdin iġorru lil ġisimha għad-difna, billi kulħadd kien emmen li kienet mietet. 18 Filwaqt li kienu qed ihejju l-qabar li fih kellhom iniżżluha, quddiem dawk kollha li kienu jħarsu lejha mwerwrin u miblugħin, dik il-mara

qamet u bdiet tirrakkonta d-dehra li kellha lil dawk in-nies kollha. Irrakkontatha wkoll lil bosta nies oħrajn, u fl-aħħarnett tennietha lili, li qed nikteb din il-ġrajja.

## 55 - Dwar kif ikkonverta l-ħallelin bil-qawwa tal-kliem tiegħu

[820] 1 Madwar is-sena tal-Mulej 1292, wieħed raġel anzjan ħafna irrakkonta lil wieħed patri Minuri li hu kien ra lil Sant'Antnin. 2 Dak ir-raġel qal li hu kien ħalliel u kien jaħtaf in-nies, u kien membru ta' ċorma ta' tnax-il ħallelin li kienu jgħixu fl-imsaġar u kienu jassaltaw u jisirqu lil min kien jgħaddi minn dawk il-postijiet. Dawk it-tnax-il ħallelin, meta semgħu dwar il-fama tal-predikazzjoni ta' Sant'Antnin, ftehemu bejniethom li jum minnhom kellhom imorru jisimgħu l-priedka tiegħu lebsin b'mod li ma jagħarfuhomx. 3 Għax tabilħaqq huma ma setgħux jemmnu dak li kienu jisimgħu, jiġifieri li l-kliem ta' Sant'Antnin kien hekk qawwi li hu kien donnu forn jaqbad, bħal Elija ieħor.

4 Għaldaqstant, fil-jum miftiehem, huma marru biex jisimgħu l-predikazzjoni tal-qaddis. Meta kienu qed jisimgħu l-kliem imħeġġeġ tiegħu, huma bdew iħossu niket u sogħba għal dnubiethom. 5 Wara li l-priedka intemmet, huma kienu nidmu mid-dnubiet u l-għemejjel ħżiena tagħhom. 6 Il-missier qaddis imbagħad sema' l-qrar tagħhom wieħed wara l-ieħor u ħeġġiġhom biex isalvaw ruħhom billi jagħmlu penitenza. Imbagħad wissiehom severament biex ma jerġgħux lura għall-ħajja ħażina ta' qabel, u wegħedhom il-ferħ ta' dejjem jekk jibqgħu sħaħ fil-fehma, imma wkoll kastigi li qatt ma semgħu bihom jekk jerġgħu lura għall-għemejjel ħżiena tagħhom.

7 L-istess raġel anzjan qal li xi wħud minn dawk il-ħallelin reġgħu lura għall-ħajja diżonesta tagħhom, u kif kien ħabbrilhom minn qabel il-qaddis, spiċċaw malajr fl-aktar tbatijiet u kastigi tal-biża'. L-oħrajn li baqgħu sħaħ fil-penitenza għexu fil-paċi u l-ħemda tal-Mulej. 8 Il-qaddis kien ordna lil dan ir-raġel anzjan biex imur iżur l-oqbra ta' l-Appostli għal tnax-il darba. 9 Meta hu kien rieġa' lura minn Ruma wara li kien mar hemmhekk għat-tnax-il darba, dan ir-raġel irrakkonta lill-patri din l-istorja b'ħafna dmugħ, u qal li issa kien qiegħed jistenna biex jirċievi mingħand il-qaddis il-grazzja li jasal għall-hena tal-ħajja ta' dejjem wara dan il-vjaġġ miżerabbli f'din id-dinja, eżattament kif kien wiegħdu Sant'Antnin.

## IX - ISEGWU ISSA L-MIRAKLI LI ĠEW IKKONFERMATI MIX-XHIEDA QUDDIEM L-ISQOF TA' PADOVA

56 – Dawn il-mirakli kienu ikkonfermati minn xhieda quddiem l-isqof ta' Padova. L-ewwel wieħed hu l-fejqan ta' raġel qaddej ta' monasteru li kien trux u mutu

[821] 1 Kien hemm wieħed raġel li kien jaqdi lis-sorijiet f'Padova. Dan kellu ħamsa u għoxrin sena, imma kien trux u mutu. Ilsienu bilkemm kien joħroġ mill-gerżuma, u kien qasir u milwi lura fuqu nnifsu. Dawk kollha li kienu jarawh kien jidhrilhom donnu niexef u iebes daqs injama. 2 Dan ir-raġel darba kellu dehra, li mbagħad ġiet imtennija, li fiha ħass li kellu jitlob b'qalbu kollha l-għajnuna ta' Sant'Antnin. 3 Billi hu kien bla skola u rozz fil-manjieri tiegħu, hu ma fehemx x'kienet tfisser dik id-dehra. Għalhekk beda jmur minn dar għal dar, u fil-pjazez pubbliċi, jistaqsi għal Sant'Antnin. Imbagħad kellu l-viżjoni għat-tielet darba. 4 Din id-darba hu ġie mwissi fid-dehra biex imur bid-devozzjoni fil-knisja ta' Sant'Antnin, u jekk jista' jkun iqatta' hemmhekk il-lejl u jitlob lill-qaddis bil-ħerqa. 5 Wara t-tlieta ta' wara nofsinhar hu ħass lilu nnifsu mdawwar minn dawl divin u ġismu kollu beda jogħroq ħafna, u beda jirtogħod f'rasu u fil-membri l-oħrajn ta' ġismu. 6 X'nistgħu ngħidu aktar? Dak l-istess ħin ilsienu twal għad-daqs normali tiegħu, u irċieva d-don li jitkellem u li jisma'. 7 F'dak l-istess post hu fetaħ fommu, u beda jbierek lil Sant'Antnin għall-grazzja kbira li kien irċieva.

8 Dak li l-aktar jgħaġġibna hu li hu beda jlissen kliem ġodda, imma li kienu jinftiehmu, u beda jlissen espressjonijiet li qatt ma kien fehemhom qabel. 9 Fil-fatt, hu ma kienx jaf ħlief ftit kliem, li kienu l-aktar meħtieġa għall-bżonnijiet ta' kuljum, skond kif kien jiġi ispirat minn Alla biex ilissen. 10 Billi hu qatt ma kien tgħallem jitkellem bl-għajnuna ta' ħadd, dawk li kienu preżenti baqgħu mistagħġba, billi kienu jafu sewwa li qabel hu kien trux u mutu. 11 Ġew jiġru mela irġiel u nisa biex jixhdu għal dan il-miraklu. Dan ir-raġel żagħżugħ, li qabel kien jismu Pietro, minħabba l-evidenza ta' dan il-miraklu bidlulu ismu u semmewh Antnin.

57 - Dwar kif fejjaq wieħed raġel li kien sejjaħ il-mejtin u ġie mweġġa' fiżikament mid-demonji

[822] 1 Wieħed raġel li kien jgħix qrib Padova ried jikxef fatti okkulti bl-għajnuna tad-demonji. Lejl minnhom hu mar ma' ċertu kjeriku u ħa sehem f'laqgħa ta' l-okkult. Dak il-kjeriku kien jaf kif isejjaħ lid-demonji bl-arti tal-maġija. 2 Waqt li dak ir-raġel kien fost dawk li kienu preżenti għal dik il-laqgħa, u l-kjeriku kien qiegħed isejjaħ lid-demonji, dawn ġew b'ħafna ħsejjes li jtarrxu u li jbeżżgħu. 3 Dak ir-raġel kien hekk imwerwer li ma setax iwieġeb lid-demonji bl-ebda mod. F'daqqa waħda lsienu inqatagħlu barra u għajnejh inqalgħulu minn ġo rasu. 4 Meta fetaħ fommu ma kien hemm l-ebda sinjal ta' lsienu. Fil-post li fih qabel kien hemm għajnejh, kien hemm ħofra kbira u fonda. 5 Dak ir-raġel kellu jsofri ħafna f'qalbu minħabba l-ħtija tiegħu. Hi kien imħawwad ħafna bil-penitenza li kellu jagħmel, l-aktar għaliex issa ma setax iqerr dnubu. Għaldaqstant hu dar lejn Sant'Antnin u talbu l-għajnuna tiegħu bil-ħila kollha li kellu. 6 Hu baqa' fil-kunvent jitlob għal bosta ġranet u ljieli. Darba minnhom il-patrijiet kienu qiegħdin ikantaw il-kelmiet *Imbierek min ġej f'isem il-Mulej* waqt il-quddiesa. Meta s-saċerdot eleva l-Ġisem tal-Mulej, dak ir-raġel reġa' kiseb għajnejh it-tnejn f'rasu.

7 Meta raw dan il-miraklu ħafna min-nies li kienu miġburin hemmhekk komplew jitolbu miegħu lil Alla, sabiex bil-merti ta' Sant'Antnin li tah lura għajnejh it-tnejn, issa jikseb ukoll lura lsienu. 8 Meta l-kor kien qed itemm il-kant tal-*Ħaruf ta' Alla, agħtina l-paċi*, Alla raddlu lura lsienu lil dak ir-raġel, u hu seta' jitkellem minn dak il-mument u beda jfaħħar u jigglorifika l-għemejjel ta' l-għaġeb ta' Sant'Antnin.

58 - Dwar wieħed patri mutu li ġie mfejjaq minn marda li twassal għall-mewt

[823] 1 Wieħed patri jismu Bernardino, li kien minn Parma, kien ilu marid gravement għal xahrejn u ma setax jitkellem. Hu kien sar hekk dgħajjef, li lanqas biss seta' jitfi xema' bin-nifs tiegħu. 2 Għalkemm it-tobba esperti mil-Lombardia kienu applikaw ħadid jikwi lil gerżumtu għal bosta drabi, u l-istess kura ippruvaw japplikawha għal rasu, ma kien

hemm l-ebda rimedju għal dik il-marda, imma marret għall-agħar. 3 Hu kien wasal fil-periklu li jifga. Għaldaqstant talab li jġorruh quddiem l-arka li fiha kien miqjum Sant'Antnin ta' Padova, u hemmhekk inxteħet jitlob bid-devozzjoni kollha biex il-qaddis jidħol għalih. 4 F'dak il-post hu għall-ewwel beda jisgħol u jieħu n-nifs bil-qawwi mingħajr ma seta' jitkellem. Imma xorta waħda kompla jitlob fil-kumpanija tal-patrijiet u persuni oħrajn li kienu ġew hemmhekk numerużi biex jassistu għall-miraklu. F'daqqa waħda hu beda' jirremetti d-demm u kiseb lura l-użu ta' lsienu u reġa' kiseb lura saħħtu b'mod perfett. 5 Hu beda jfaħħar il-qaddis billi jkanta l-antifona *Salve Regina*, flimkien ma' ministru u lettur li kienu preżenti għal dan il-miraklu kbir, u li akkumpanjaw il-kant tiegħu b'ilħna ferrieħa.

## 59 - Dwar wieħed tifel li għereq f'vaska u ġie mqajjem mill-mewt

[824] 1 Wieħed tifel li kien jismu Tommasino kellu għoxrin xahar. Il-ġenituri tiegħu kienu joqogħdu maġenb il-knisja ta' Sant'Antnin. Jum minnhom huma ħallewh waħdu ħdejn vaska mimlija bl-ilma. 2 Meta ommu ġiet lura d-dar, hi ra ir-riġlejn tat-tifel ħerġin mill-ilma. Resqet qrib u fehmet li binha kien għereq fil-vaska għax waqa' fiha rasu 'l isfel, u hekk riġlejh spiċċaw barra mill-ilma. B'ħafna għajjat ta' disperazzjoni hi ħarġet lil binha mill-vaska iebes u mejjet. 3 Kienet tibki u tixher hekk li l-ġirien kollha inġabru f'darha. 4 Bosta nies kienu ġew hemmhekk, flimkien ma' xi ftit patrijiet u ħaddiema li kienu qegħdin isewwu l-knisja ta' Sant'Antnin. Meta huma raw it-tifel mejjet, ħassew ħniena lejn l-omm imnikkta u mbikkija tiegħu. 5 Dik l-omm daret b'qalba kollha lejn Sant'Antnin, u bdiet titolbu bid-dmugħ u għamlet wegħda li tagħti l-qamħ lill-foqra billi tiżnu skond l-istess piż ta' binha, jekk Sant'Antnin kien jerġa' jroddlu lura l-ħajja. 6 Wara ftit tal-ħin dak it-tifel qam, u reġa' ingħata lura ħaj lil ommu[49].

---

[49] L-espressjoni *pondus pueri de tritico* (qamħ li jiżen daqs it-tifel) kienet l-ispirazzjoni tal-"ħobż tal-foqra" ta' S. Antnin, drawwa li bdiet fi tmiem is-seklu 19 (f'Padova bdiet mill-1887 bil-ħidma tal-qassis Antonio Locatelli, u f'Toulon fl-1890, b'inizjattiva ta' Louise Bouffier), u li malajr xterrdet mad-dinja kattolika kollha.

60 - Dwar kif waħda mara ġiet meħlusa minn ulċera serja

[825] 1 Waħda mara mid-djoċesi ta' Forlì, li kien jisimha Beatrice, kienet ilha marida gravement għal għaxar snin b'tumur fil-qorriegħa ta' rasha imsejjaħ *steatoma,* u li kien kbir daqs ponn ta' id. 2 Billi ma setgħetx issib rimedju bl-għajnuna ta' ħafna tobba esperti, hi bdiet titlob b'devozzjoni kbira l-għajnuna ta' Sant'Antnin. Hi għamlet wegħda li, jekk terġa' tikseb lura saħħitha, hi kellha żżejjen l-altar tiegħu maddawra kollha b'gallun tal-fidda. 3 Meta kienet rieqda dak l-istess lejl, Sant'Antnin deherilha. Hu kien donnu qiegħed jaqsam f'erba' biċċiet dak il-parti ta' ġisimha li kienet intefħet bit-tumur. Dan kien qed jagħmlu b'sabar u ħlewwa kbira. B'dan il-mod hu reġa' raddilha lura saħħitha. 4 Meta dik id-dehra għabet, dik in-nefħa fejn kien hemm it-tumur inqasmet f'erba' biċċiet, u ħarġet minnha kwantità kbira ta' materja. 5 Dik il-mara issa ħasset li rasha kienet f'saħħitha u ħielsa mill-uġiegħ, kif Sant'Antnin kien urieha minn qabel permezz tal-miraklu. 6 Dik il-mara ġiet fil-belt ta' Padova u, skond ma kienet wegħedet, dik il-mara żejjnet il-qabar tal-qaddis dawramejt bil-gallun tal-fidda.

61 - Dwar wieħed patri li ġie mfejjaq mill-ernia

[826] 1 Ċertu fra Cambio mill-provinċja ta' Ruma kellu ernia tal-biża' fin-naħa ta' isfel ta' l-imsaren, u ma setax iżommhom f'posthom, għalkemm hu kien applika ċinturin tal-ħadid madwar żaqqu. Hu kien isofri mingħajr l-ebda tama ta' fejqan. Jum minnhom hu ġie fuq il-qabar ta' Sant'Antnin f'Padova u talab l-għajnuna tiegħu. 2 Billi kien hemm kotra ta' nies morda li kienu jiffullaw f'dak il-post u jfittxu fejqan mill-mard tagħhom, hu ma setax jiddeffes bejn il-kolonni li kienu jdawwru l-qabar. Għaldaqstant hu tawwal idu u mess il-qabar tal-qaddis, u mbagħad b'idu mess imsarnu b'fiduċja kbira fl-interċessjoni tal-qaddis. 3 Ġara miraklu tassew ta' l-għaġeb! Imsarnu reġgħu daħlu f'posthom, u l-fetqa li kellu f'żaqqu għabet u ingħalqet b'mod hekk tajjeb li, kif l-istess fra Cambio kien jgħid, lanqas ġbinu ma kien hekk iebes u solidu daqs dik il-parti ta' ġismu li kienet ġiet imfejjqa. 4 Wara dan il-miraklu dak il-fra beda jaqbeż bil-ferħ u jfaħħar lill-qaddis u jgħid: "Sa ftit tal-ħin ilu ma stajtx naqbeż b'dan il-mod".

## 62 - Dwar viżjoni ta' l-għaġeb

[827] 1 Fis-sena tal-Mulej 1367[50], Edward, prinċep ta' Aquitaine[51], ġabar armata famuża u kbira ta' kavallieri, biex jgħin lil Pedro, is-sultan ta' Castiglia[52], billi dan kien ġie mkeċċi u kellu jaħrab mis-saltna tiegħu minħabba ħuħ illeġittimu Enrico. 2 Dan is-sinjur prinċep ikkmanda lil ċertu tabib li kien kirurgu, li kien jismu Pedro, u li kien jgħix fil-belt ta' Bordeaux, biex jakkumpanja l-armata tiegħu biex idewwi lill-kavallieri li jkunu indarbu fil-battalja. 3 Dan il-kirurgu Pedro kien imħawwad ħafna u mnikket, minħabba dan l-ordni li kien irċieva. 4 Hu kien qed jara li r-rieda tal-prinċep kienet iebsa, u li ma kienx jażżarda li jieqaflu. Billi hu kien jgħożż b'devozzjoni speċjali lil Sant'Antnin, hu mar mimli fiduċja fil-kunvent tal-patrijiet Minuri ta' Bordeaux. Imbagħad hu talab lil wieħed mill-patrijiet biex iqaddislu quddiesa f'kappella fejn kien hemm skultura ta' l-injam bix-xbieha ta' Sant'Antnin. 5 Meta l-istess Pedro kien qed jisma' l-quddiesa bid-devozzjoni, hu kien iħares ċass lejn din ix-xbieha tal-qaddis u kien jitlob b'ħerqa kbira sabiex, jekk ma jkunx meħtieġ għas-salvazzjoni ta' ruħu, Sant'Antnin fil-ħniena tiegħu ma jħallihx iwettaq dik il-ħidma; u biex, jekk dan kien meħtieġ li jagħmlu, l-qaddis irattab ir-rieda tiegħu biex bil-qalb kollha jwettaq dan id-dmir.

6 Ġrat ħaġa ta' l-għaġeb! Waqt li hu kien jitlob b'dawn il-kelmiet u jħares fiss lejn ix-xbieha, hu beda jaraha tiċċaqlaq u kienet

50 Din il-ġrajja hi marbuta mal-Gwerra tal-Mitt Sena bejn Franza u l-Ingilterra.

51 Dan hu Edward "the Black Prince", li twieled fl-1330 u miet fl-1376, u li kien l-iben il-kbir ta' Re Edward III ta' l-Ingilterra (1312-1377). Ninsabu fl-ewwel fażi tal-Gwerra tal-Mitt Sena. Il-"Black Prince" kien suldat famuż, li wettaq ir-rebħa kbira ta' Crécy fl-1356 kontra l-Franċiżi. L-ispedizzjoni f'Castiglia, li minnha jtkellem dan ir-rakkont, wara bidu favorevoli spiċċat f'diżastru. Wara ġlieda ma' Charles V ta' Franza, il-"Black Prince" reġa' lura l-Ingilterra u ċaħad għall-gvern ta' Aquitaine. Imma hu miet qabel missieru. Kien ibnu, Richard II li sar Re ta' l-Ingilterra.

52 Pedro, magħruf bħala "krudil" (1333 – 23 ta' Marzu 1369), kien l-iben illeġittimu ta' Alphonso XI (30 ta' Awissu 1311 – 26 ta' Marzu 1350). Hu qatel lil ħuh Federico, lil martu Blanche ta' Bourbone, u lill-mara li kienet tgħix ma' missieru Eleonora de Guzmán. Kien dejjem fi gwerra kontra r-Re ta' Aragona. Bl-għajnuna tal-"Black Prince" hu rebaħ lil ħuh f'Najera (1367), imma mbagħad sofra telfa definittiva f'Montiel, fejn ġie maqtul.

qed ixxejjer rasha b'mod negattiv, bħallikieku bniedem li ried jgħidlu le. 7 Pedro baqa' mistagħġeb ħafna, u beda jaħseb li dak li kien ra kien frott ta' immaġinazzjoni qawwija. Hu kien qed jibża' li l-viżjoni kienet l-effett ta' alluċinazzjoni u mhux ta' raġunament ta' moħħ f'sikktu. Għaldaqstant hu mill-ġdid ġabar il-forzi interjuri kollha tiegħu, u baqa' jiffissa ħarstu bl-attenzjoni fuq ix-xbieha u issokta jitlob. 8 Mill-ġdid hu b'mod ċar intebaħ li dik l-istess xbieha fl-injam kienet qed tagħmillu sinjal negattiv b'tali mod li l-qaddis kien donnu qed ixejjer rasu. 9 Wara l-quddiesa Pedro mar lura mistagħġeb, billi ma setax jifhem jekk dak il-miraklu kienx ifisser li Sant'Antnin ried jgħidlu le permezz ta' dak is-sinjal, jiġifieri li Pedro ma kellux imur ma' l-armata, jew inkella jekk dak is-sinjal kienx ifisser li l-azzjoni militari tiegħu kellha tkun meħtieġa għas-salvazzjoni ta' ruħu. 10 Għalhekk baqa' mistagħġeb, u mimli dubji mar lura lejn id-dar.

11 Wara ftit tal-ħin ġie għandu ambaxxatur mis-sinjur prinċep, u talbu li jmur quddiem il-prinċep bla dewmien. 12 Għaldaqstant hu mar mall-ewwel lejn id-dar tal-prinċep Pedro. 13 Meta ltaqa' miegħu s-seneskal, qallu: "Inti lest li tmur Spanja flimkien mas-sinjur prinċep, kif hu ikkmandak li tagħmel?" 14 Pedro beda jibża', u għalhekk wieġeb: "Sinjur, jiena lest li nagħmel dak kollu li jogħġob lir-rieda tas-sinjur prinċep". 15 Is-seneskal tbissem u b'ħarsa ferrieħa fuq wiċċu qallu: "Inti qed titkellem sewwa bħal raġel twajjeb u fidil, u s-sinjur prinċep jikkonċedilek li, għall-faraġ tiegħek, inti tibqa' hawnhekk sakemm ma tirċevix ordni differenti". 16 Għalhekk mimli ferħ mar fil-knisja tal-patrijiet Minuri u beda jrodd ħajr lil Sant'Antnin. Quddiem il-patrijiet kollha hu irrakkonta l-ġrajja sħiħa, u ħa ġurament billi mess il-Kotba mqaddsa, biex jipprova li l-viżjoni li kellu kienet vera.

63 – Iħabbar li dalwaqt kellu jseħħ il-ħelsien ta' Padova

[828] 1 Matul iż-żmien li fih il-belt ta' Padova kienet ġiet meħlusa minn taħt l-idejn tat-tirann kiefer Ezzelino de Romano[53], billi l-id tal-Mulej waqgħet tqila fuqu biex itemm il-ħakma ta' terrur tiegħu, il-

53 Id-data ta' din il-ġrajja hi d-19 ta' Ġunju 1256. Il-Legat Apostoliku kien Filippo Fontana, arċisqof ta' Ravenna (1251-1274). Cfr. Salimbene, ad. An. 1250; Wadding, ad an. 1263, n. 8.

Legat tal-Knisja kien qiegħed jassedja l-belt minn kull naħa bl-armata tiegħu. 2 Fil-lejl tal-festa ta' Sant'Antnin, meta l-Gwardjan tal-patrijiet Minuri ta' Padova, fra Bartolomeo de Corradino, kien qiegħed jishar fuq il-qabar ta' l-istess qaddis u jxerred id-dmugħ, filwaqt li kien jitlob għall-ħelsien ta' l-istess belt tal-qaddis, hu sema' b'mod ċar jidwi leħen li kien ħiereġ mill-qabar, u li kien qed jgħidlu: 3 "Fra Bartolomeo, la tibżax u la titħawwadx, imma għandek timtela' bil-faraġ u bil-ferħ. Inti għandek tkun taf b'ċertezza li l-Mulej fil-ħniena tiegħu ikkonċedieli li l-belt ta' Padova għandha tinħeles fl-Ottava tas-solennità tiegħi, u tikseb il-ħelsien u l-immunità għall-ġejjieni". 4 Dan hu fil-fatt dak li ġara, skond kif kien fassal il-Mulej. 5 Bosta mill-patrijiet li kienu preżenti u kienu qegħdin jishru fil-knisja semgħu verament dak il-leħen. 6 Wara dan huma xerrdu l-aħbar ta' dak li kienu semgħu liċ-ċittadini ta' Padova. Huma wkoll iddekretaw li għandhom jiċċelebraw ta' kull sena l-jum ta' l-Ottava ta' Sant'Antnin bis-solennità li jixirqilha u b'ferħ kbir, bħallikieku kienet jum il-festa tiegħu. 7 Għall-grazzja ta' Alla huma baqgħu jħarsu dan l-istatut sal-ġurnata tallum.

64 - Dwar it-traslazzjoni tar-relikwi tiegħu, u dwar kif ilsienu instab reċentement inkorrott

[829] 1 Fis-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej 1263, wara li l-Mulej ried li, għall-merti ta' Sant'Antnin, il-belt ta' Padova tiġi meħlusa mill-madmad tat-tirann Ezzelino, li minħabba fih l-istess belt kienet għoddha sfat bla nies, iċ-ċittadini kabbru l-ħeġġa tagħhom ta' devozzjoni lejn il-qaddis u bnew knisja akbar u aktar solenni ad unur tiegħu. 2 Huma iddeċidew li jittrasferixxu l-ġisem tal-qaddis fil-jum ta' l-Ottava tal-qawmien mill-imwiet tal-Mulej[54]. Għalkemm il-ġisem kien ilu midfun taħt l-art għal żmien twil, meta huma fetħu l-qabar huma sabu li lsienu kien baqa' inkorrott, u kien għadu jżomm lewn ħamrani sabiħ. Fil-fatt, hu kien ilu midfun taħt l-art għal aktar minn 27 sena[55]. 3 Il-venerabbli patri Bonaventura, li kien Ministru Ġeneral, u li mbagħad sar Kardinal

54 Fl-1263 Ħadd il-Għid il-Kbir kien fl-1 ta' April. L-Ottava ta' l-Għid, jew *Dominica in Albis,* kienet fit-8 ta' April.

55 Il-ġisem ta' Sant'Antnin kien ilu midfun għal 32 sena, 3 xhur u 10 ijiem, jiġifieri mis-17 ta' Ġunju 1231.

u isqof ta' Albano, kien preżenti għal din it-traslazzjoni mill-aktar ferrieħa tar-relikwi[56]. Hu laqa' f'idejh l-ilsien tal-qaddis b'qima kbira, u xerred ħafna dmugħ, u beda jfaħħru bl-aktar kliem devot quddiem dawk kollha li kienu preżenti: 4 "O ilsien imqaddes, inti dejjem kont tbierek lill-Mulej u titolbu biex ibierek lill-oħrajn. Issa jidher b'mod ċar li inti tħaddem merti kbar quddiem Alla!" 5 Hu qiegħed l-ilsien qaddis f'relikwarju issiġillat, u beda jbusu bil-ħlewwa kollha, u ikkmanda li għandu jitqiegħed f'post ta' ġieħ.

## 65 - Dwar dawk li riedu jeqirdu x-xbieha tiegħu fil-Lateran, u kif mietu zoptu

[830] 1 Matul iż-żmien tas-sinjur Papa Bonifazju VIII l-abside tal-bażilika tas-Salvatur fil-Lateran ta' Ruma ġiet restawrata[57]. Din is-sezzjoni tal-bażilika tissejjaħ *episcopium*, jiġifieri l-post ta' l-isqof[58]. 2 Għat-tqegħid tal-mużajċi ta' l-abside, ġew kummissjonati żewġ patrijiet Minuri esperti[59]. 3 Meta huma poġġew ix-xbihat li l-istess Papa kien ordnalhom biex iqiegħdu fil-mużajk, dawn il-patrijiet raw li kien għad fadal xi spazji vojta, li fihom huma setgħu jqiegħdu figuri oħrajn. Imqanqlin minn istint divin huma daħħlu fil-mużajk il-figuri ta' San Franġisk u Sant'Antnin. 4 Is-sinjur Papa sar jaf dak li għamlu dawn iż-żewġ artisti, u hu ma ħax pjaċir u bagħat xi kjeriċi, filwaqt li qalilhom: "Billi x-xbieha ta' San Franġisk diġà qiegħda f'postha, aħna nħossu li din issa għandha titħalla fil-mużajk, imma rigward Sant'Antnin ta'

56 San Bonaventura kien Ministru Ġeneral mill-1257 sa l-1274, u sar Kardinal u Isqof ta' Albano fl-1273.

57 Papa Bonifazju VIII (1294-1304). Din il-ġrajja seħħet fl-1296. In-nobbli Ruman Benedetto Caetani sar Papa fl-1294, wara li l-Papa Celestino V kien irreżenja, u dam Papa sa l-1303. Ir-restawr tal-mużajċi ta' l-abside tal-Lateran (1288-1292) kien, fil-fatt, inizjattiva tal-Papa Franġiskan Nicolò IV.

58 L-isem jirreferi għall-fatt li l-Bażilika tal-Lateran hi s-sede episkopali tal-Papa, li hu l-isqof ta' Ruma, u l-Bażilika hi meqjusa bħala l-omm u r-ras tal-knejjes kollha tal-belt u tad-dinja.

59 Kien il-Papa Niccolò IV (1288-1292) li, fl-1291, ikkummissjoni lil żewġ patrijiet Giacomo (Minus) Torriti, jew de Torrita, u Giacomo da Camerino biex jagħmlu l-mużajk kbir li hemm fl-abside tal-Lateran. Wadding jiddubita jekk l-ewwel wieħed kienx patri jew inkella sekular.

Padova, x'inhi l-importanza tiegħu għalina? 5 Għaldaqstant morru u eqirdu x-xbieha tiegħu, u flokha ikkmandaw lill-artisti biex idaħħlu x-xbieha ta' San Girgor".

6 Dawk il-kjeriċi marru fl-abside. Wieħed wara l-ieħor huma stqarrew li raw persuna tal-biża' li dehritilhom b'mod ċar u heddet li tixħethom għal isfel minn dak il-post hekk għoli. Hekk huma ma tħallewx li jwettqu l-pjanijiet tagħhom, minħabba dik il-viżjoni ta' korla. 7 Kif stqarrew iż-żewġ patrijiet, xi wħud minn dawk il-kjeriċi mietu zoptu f'dak il-post, filwaqt li oħrajn mietu wara ftit taż-żmien. 8 Meta l-Papa sema' b'dak li kien ġara, hu irrefera din it-tweġiba: "Ejjew nieqfu mill-pjanijiet tagħna u nħallu lill-qaddis joqgħod fejn hu, kif irid hu stess, billi issa rajna b'mod ċar li, jekk ma nqimuhx, aħna jkollna biss x'nitilfu u ma niksbu xejn".

## 66 - Dwar kif Sant'Antnin deher flimkien ma' San Franġisk lil wieħed raġel marid, u fejqu b'mod mirakoluż

[831] 1 Fil-kastell ta' Beja[60], fis-saltna tal-Portugal, kien hemm raġel jismu Pedro Petri, li kien raġel b'saħħtu u sinjur, u li kien devot ħafna ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri. Hu kien għaddielhom biċċa art biex fuqha jibnu kunvent, u hu nnifsu kien ta bosta rigali oħrajn lill-kunvent. 2 Dan ir-raġel marad gravement, u lejl minnhom kien hemm erba' patrijiet flimkien ma' bosta nies oħrajn li kienu qed jishru fil-kamra tiegħu u jistennew il-mument tal-mewt tiegħu. 3 Dan ir-raġel Pedro kien iżomm tonka tal-patrijiet bid-devozzjoni kollha, billi hu ried jindifen fiha. 4 Kien f'dak il-waqt li deherulu żewġ patrijiet Minuri, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug. 5 Wieħed minnhom staqsieh: "Pedro, inti mintix tagħrafna?" Hu wieġeb: "Iva, jiena nagħarfkom, għaliex intom żewġ patrijiet Minuri, imma ma nafx x'jisimkom". 6 Dak il-patri mbagħad qallu: "Jiena San Franġisk, u dan il-patri l-ieħor hu Sant'Antnin. Billi inti dejjem urejt devozzjoni kbira lejna, u inti għamilt bosta favuri mal-patrijiet li jgħixu f'dan il-kunvent, aħna ġejna mibgħutin biex infarrġuk u biex infejquk mill-marda tiegħek". 7 F'dak il-ħin stess Pedro, f'atteġġjament ta' adorazzjoni, talab lil San Franġisk

60 Beja, belt fortifikata fil-provinċja ta' Alemtejo.

biex ibierek it-tonka li hu, li kien għoddu qiegħed imut, kien liebes. 8 Malli San Franġisk bierek it-tonka, iż-żewġ qaddisin għabu minn quddiemu. 9 Dak ir-raġel imbagħad fieq malajr, hekk li kulħadd f'dik il-kamra baqa' mistagħġeb. 10 U minn dak il-jum hu għex għal tnax-il sena oħra u qatt ma ried iżomm iċ-ċwievet ta' l-ebda teżor ieħor, ħlief tal-kaxxa li fiha kien jerfa' t-tonka li kienet ġiet imbierka, u li fiha hu miet u ġie midfun.

# BARTOLOMEO DA PISA
# «DE SANCTO ANTONIO DE PADUA»
# FL-OPRA
# «DE CONFORMITATE VITAE»

(1385-1399)

## INTRODUZZJONI

Bartolomeo twieled f'Pisa mill-familja nobbli ta' Rinonico. Ma nafu xejn la dwar id-data ta' twelidu u lanqas dwar it-tfulija tiegħu. L-ewwel informazzjoni li għandna dwaru hi li kien fil-kunvent ta' Pisa jistudja fil-15 ta' Ottubru 1352. Fl-1368 dokument jitkellem li f'Pisa kien jeżisti "frater Bartholomeus de Rinonichis". Kuntratti notarili fl-1397 jgħidu li hu kien *magister* tat-teoloġija. Nafu li għadda fli *Studium* ta' Bologna u sar *lector* (lettur, jew għalliem tat-teoloġija) tal-patrijiet. Fil-*Cronaca* tiegħu, Marco da Lisbona jgħid li Bartolomeo kien jgħallem it-teoloġija f'Bologna, Pisa, Siena u Firenze, u jgħid ukoll li ippriedka f'bosta bliet fl-Italja. Bartolomeo nnifsu jikteb li kien studja f'Bologna u kien lettur f'Padova (AF IV, 273 u 499).

Għandha informazzjoni minn Mariano da Firenze, li jsejjaħlu "predikatur kbir" (AF V, XXIV), dwar id-data tal-mewt ta' fra Bartolomeo, li miet f'Pisa qrib is-sena 1401. Meta miet kellu madwar 70 sena. Wara mewtu ingħatalu kult ta' Beatu, imma dan għax ħalltuh ma' fra Bartolomeo Albisi (†1351), li kien ukoll minn Pisa.

Bartolomeo da Pisa baqa' magħruf għall-opra voluminuża tiegħu *Liber de Conformitate Vitae Beati Francisci ad Vitam Domini Iesu*, li hu ikkomponiha bejn l-1385 u l-1390. Din l-opra ġiet approvata fil-kapitlu ġenerali ta' Assisi fit-2 ta' Awissu 1399. Jingħad li Bartolomeo da Pisa miet fl-1401. Fil-Martiroloġju Franġiskan hu mfakkar fl-4 ta' Novembru.

Dwar Bartolomeo, l-istoriku Mariano da Firenze jgħid: "Is-sittax-il kapitlu ġenerali ġie iċċelebrat f'Assisi fis-sena tal-Mulej 1390

(id-data żbaljata għax kien l-1399) mill-Ġeneral fra Enrico. F'dak il-kapitlu Bartolomeo da Pisa ippreżenta ktieb dwar il-konformità ta' l-imqaddes Franġisk li hu kien għadu kif temm jikteb. Dan fra Bartolomeo kien għalliem tat-teoloġija mqaddsa, raġel devot f'kull sens, bniedem imħeġġeġ u eżemplari fil-perfezzjoni u l-professjoni tiegħu, li kien ħeles bosta nies li kienu maħkuma mix-xitan u kien wettaq bosta mirakli oħra" (MARIANO DA FIRENZE, *Compendium Chronicarum Ordinis Fratrum Minorum*, Ad Claras Aquas, Quaracchi, Collegium S. Bonaventurae 1911).

Fil-*De Conformitate* Bartolomeo jesponi 40 elementi ta' xebħ (konformità) bejn Kristu u San Franġisk. Mill-*De Conformitate Vitae* hawnhekk ġbarna 10 paġni meħudin mill-Volum IV ta' l-*Analecta Franciscana* (Quaracchi 1906, 264-273), li fihom Bartolomeo da Pisa jitkellem dwar Sant'Antnin ta' Padova. L-informazzjoni li jagħti hi kollha meħuda mill-Fonti Aġjografiċi Antonjani li diġà rajna, partikularment mil-*Liber Miraculorum*, u ma jżid xejn sostanzjalment ġdid ma' fatti u ġrajjiet li diġà ltqajna magħhom. Imma l-valur tal-*De Conformitate* jinsab fil-fatt li llum qiegħed jiġi apprezzat aktar bħala sforz ġenwin, għalkemm kritikat ħafna fl-imgħoddi (speċjalment f'ambjenti tar-Riforma Luterana), biex jiġi muri San Franġisk bħala ikona li tixbaħ ħafna lil Ġesù Kristu fl-umanità tiegħu. F'dan il-kuntest il-figura ta' Sant'Antnin bħala dixxiplu fidil ta' San Franġisk ukoll takkwista valur, ukoll jekk ta' natura prevalentement devozzjonali.

Studji dwar il-*De Conformitate*, jinkludu: M. FALOCI PULIGNANI, "Il «Liber Conformitatum» del p. Bartolomeo da Pisa", *Miscellanea Franciscana* 8 (1901), 137-148; R. MANSELLI, "Bartolomeo da Pisa (da Rinonico, de Rinonichi)", *Dizionario Biografico degli Italiani*, VI, Roma 1964, 756-758; C. ERIKSON, "Francis exalted: Bartholomew of Pisa «De Conformitate»", *Medieval Studies* 34 (1972), 253-274.

# BARTOLOMEO DA PISA «DE SANCTO ANTONIO DE PADUA»[1] FL-OPRA «DE CONFORMITATE VITAE»

## (1385-1399)

### DWAR SANT'ANTNIN TA' PADOVA

### 1 – ĦAJJA TAL-QADDIS SA MA BEDA L-PREDIKAZZJONI TIEGĦU

[832] 1 F'Padova hemm midfun il-wisq qaddis Fra Antnin, li l-Papa Girgor IX, fl-istess sena li fiha miet, jiġifieri fis-sena tal-Mulej 1233[2], nhar it-13 ta' Ġunju, kiteb ismu fil-katalogu tal-qaddisin. 2 Sejrin inġibu fil-qosor il-ħajja ta' dan ir-raġel qaddis, biex nevitaw it-tul żejjed.
[833] 3 Dan twieled fi Spanja, fir-renju tal-Portugal, fil-belt ta' Lisbona, minn ġenituri nobbli. 4 Tgħallem jaqra u jikteb fil-knisja ta' Santa Marija. 5 Meta tfarfar u sar ġuvni, u beda jħoss bħas-soltu t-tqanqil mhux xieraq tal-ġisem, ħalla l-istudji, il-pjaċiri tal-ġisem u l-qraba, u mar jidħol f'monasteru ta' l-Ordni ta' Santu Wistin bħala kanonku regulari. 6 Billi għalih kien ta' tfixkil il-fatt li qrabatu kienu jiġu jżuruh ta' spiss, hu fittex li minħabba din ir-raġuni jitlaq minn hemm, u mar f'monasteru ieħor ta' l-istess Ordni, dak tas-Salib Imqaddes ta' Coimbra. 7 Hemmhekk hu l-ewwel kiber fil-virtù, u mbagħad għażel li jingħata għall-istudju ta' l-Iskrittura Mqaddsa.
[834] 8 Waqt li l-bniedem ta' Alla kien jgħix f'dak il-post, ħames patrijiet Minuri, li San Franġisk kien bagħathom fil-Marokk biex

---

1 BARTOLOMEO RINONICO DA PISA, «De Sancto Antonio de Padua», *De Conformitate Vitae Beati Francisci ad Vitam Domini Iesu,* Liber I (Fructus I-XII), in *Analecta Franciscana* IV, Quaracchi 1906, 264-274.

2 Is-sena tal-mewt ta' Sant'Antnin hi l-1231.

jippriedkaw il-fidi, ġew inkurunati bil-martirju glorjuż mis-sultan tal-Marokk. 9 Ir-relikwi miqjumin tagħhom twasslu fi Spanja mis-sinjur Pedro *Infante*, li kien ħu r-re tal-Portugal, li beda jsostni li bil-merti ta' dawn il-patrjiet kien ġie meħlus mis-sultan tal-Marokk, li kien dam għandu minħabba li kien jibża' mir-re ħuh, u beda jxandar il-passjoni glorjuża tagħhom[3]. 10 Dan kollu wasal f'widnejn l-imqaddes Antnin. Dan imtela' bil-ħeġġa għall-fidi u l-martirju u ried li jmur missjunarju f'dawk l-inħawi ħalli jissieħeb hu wkoll fil-glorja tal-martirju ta' dawn il-patrijiet. 11 Jum minnhom il-patrijiet Minuri ġew fil-monasteru tiegħu, u hu fetaħ qalbu magħhom, u talabhom biex jgħinuh ħalli jasal fl-artijiet tas-Saraċini. Wara li talab il-permess tal-prijur tiegħu, libes it-tonka tal-patrijiet Minuri, u hekk daħal biex ikun patri Minuri. 12 Skond il-wegħda bagħatuh fl-artijiet ta' l-infidili, imma malajr inħakem minn marda twila, u kellu jmur lura fl-artijiet insara biex jerġa' jieħu saħħtu. 13 Imma waqt li l-ġifen kien fi triqtu lura lejn Spanja, qam riefnu li ġarru fuq ix-xtut ta' Sqallija. 14 Billi dak iż-żmien kien se jiġi iċċelebrat kapitlu ġenerali f'Assisi, l-imqaddes Antnin, għalkemm dgħajjef u marid, wasal hemmhekk. 15 Il-ministru ġeneral bagħatu fil-provinċja tar-Romagna, u fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo beda jgħix ħajja solitarja għal xi żmien f'ċaħda kbira. Beda jokkupa ruħu fl-uffiċċji l-aktar umli, jiġifieri billi jaqdi lil ħutu l-patrijiet billi jaħsel il-platti u l-borom fil-kċina. 16 Hekk dan il-qaddis qeda dawn l-uffiċċji bl-akbar umiltà, u ma riedx juri lill-patrijiet bil-għerf tiegħu, ħlief li xi mindaqqiet kien ilissen ftit kliem għall-bżonn, u hu waqaf għal kollox mill-istudju. Imma għoġob lil Alla li l-għerf tiegħu joħroġ quddiem kulħadd b'mod ieħor. 17 Meta darba minnhom mar flimkien mal-patrijiet fil-belt ta' Forlì għal ċelebrazzjoni ta' ordinazzjoni, skond id-drawwa, kienet issir konferenza fuq il-kelma ta' Alla lil dawk li jkunu se jirċievu l-ordinazzjoni. Dan id-dmir waqa' fuq il-membri ta' l-Ordni tal-Predikaturi, imma kollha kemm huma dawn il-patrijiet bdew jiskużaw ruħhom għax qalu li ma kienux ippreparati. Għaldaqstant fl-aħħar talbu lil Antnin, u għalkemm kien iqis lilu nnifsu l-aħħar wieħed, qagħad għall-ubbidjenza u aċċetta. 18 Beda jesponi l-kelma ta' Alla b'tant

3 L-eżilju volontarju ta' Pedro għand is-sultan tal-Marokk, minħabba l-ġlied li kellu ma' ħuh ir-re Alfonso II, ma nsibux ħjiel tiegħu fil-Fonti Aġjografiċi Antonjani l-oħrajn. Bartolomeo da Pisa seta' ħa din l-informazzjoni mill-*Passio sanctorum martyrum in Marrochio*, AF III,585.

maturità u jippriedka bi profondità ta' xjenza, li dawk kollha li semgħuh baqgħu miblugħin. 19 Meta l-patrijiet raw kemm kien kapaċi, tawh l-inkarigu ta' l-uffiċċju tal-predikazzjoni. 20 Minn dak il-ħin ingħata kollu kemm hu biex jitħarreġ fil-ħidma ta' predikazzjoni. 21 Beda jdur mal-bliet u l-kastelli u jipproponi bil-kuraġġ kollu l-kelma ta' Alla. 22 Il-kelma tiegħu kienet qisha mmellħa bil-għerf divin u mogħtija togħma bil-prudenza, filwaqt li kien bil-qawwa kollha jikkundanna l-vizzji, mingħajr ma jżiegħel b'ħadd u mingħajr ma jibża' minn ħadd.

## 2 – JIPPRIEDKA F'RIMINI, RUMA U BOURGES

[835] 1 Issa se ngħid xi ħaġa dwar il-frott tal-predikazzjoni ta' Sant'Antnin, l-aktar dwar fatti li smajt minn bosta nies.

2 Il-qaddis kien darba jinsab fil-belt ta' Rimini, fejn kien hemm ċorma kbira ta' eretiċi. Bil-predikazzjoni tiegħu u bix-xhieda ta' l-Iskrittura mqaddsa hu ipprova biex ireġġagħhom lura għall-fidi vera, imma dawn kellhom qlubhom iebsa daqs il-ġebel, u ma riedux jilqgħu l-kelma tiegħu, u lanqas ma riedu jisimgħu jippriedka. 3 Meta ra hekk, il-bniedem ta' Alla Antnin mar fil-bokka tax-xmara fejn din toħroġ fil-baħar. L-eretiċi, wara li ċaħduh, issa marru biex jaraw x'kien sejjer jagħmel. 4 Waqt li Sant'Antnin kien qiegħed wieqaf fuq ix-xatt, qrib il-baħar, beda jsejjaħ għandu l-ħut f'isem il-Mulej, sabiex jiġi jisimgħuh jippriedka, mhux bħall-eretiċi li kienu ċaħdu l-predikazzjoni tiegħu. 5 U ara li dak il-ħin stess quddiem Sant'Antnin bdiet riesqa kwantità ta' ħut kbir u żgħir, hekk li qatt ma kienet dehret kwantità bħalha f'dawk l-inħawi. 6 Il-ħut kienu kollha jżommhom rashom kemm kemm merfugħa 'l fuq mill-ilma. 7 Il-ħut il-kbir beda jidher flimkien mal-ħut iż-żgħir u joqogħdu flimkien fil-paċi, distinti skond id-diversi speċi u varjetà ta' kuluri, u kollha baqgħu weqfin f'posthom. 8 Il-ħut il-kbir kien qiegħed fejn l-ilma kien aktar fond, il-ħut il-mezzan kien qiegħed fejn l-ilma ma kienx daqshekk fond, filwaqt li l-ħut iż-żgħir kien qiegħed maġenb ix-xatt ħdejn l-imqaddes Antnin. 9 Meta huma nġabru f'dan l-ordni, Sant'Antnin beda jippriedkalhom u jgħidilhom li kellhom juru radd ta' ħajr kbir lill-Ħallieq, għaliex Hu ħalaqhom biex jgħixu f'post hekk ċar u trasparenti. Hu berikhom fil-ħolqien u ħarishom mill-qerda fid-dilluvju, tahom libertà biex jgħumu fejn iridu. 10 Hu ried li Ġona jiġi

mħares mill-mewt minn ħuta, ried li l-Mulej iħallas it-tribut billi jsib statér fil-ħalq ta' ħuta, u li wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet ikun jista' jsib il-ħut għall-ikel. 11 Filwaqt li l-imqaddes Antnin beda jgħidilhom dawn il-kelmiet, xi ħut bdew donnhom jitkellmu billi bdew jiftħu ħalqhom u jxenglu rashom, hekk li kienu qegħdin ifaħħru lill-Ħallieq kif setgħu huma. 12 Aktar ma l-imqaddes Antnin kien jippriedka, aktar bdew jersqu lejh kwantitajiet dejjem akbar ta' ħut. 13 Meta ra dan kollu Sant'Antni beda jgħid b'leħen qawwi: "Imbierek Alla ta' dejjem, li aktar juruh ġieħ il-ħut tal-baħar milli l-bnedmin eretiċi". 14 Għal din id-dehra n-nies kollha tal-belt ġew jiġru bi ħġarhom, u l-istess eretiċi, meta raw dak il-miraklu, ħallew warajhom in-nuqqas ta' fidi u nxteħtu f'riġlejn il-qaddis. 15 Dan beda jippriedkalhom b'mod hekk kattoliku, li kollha kemm huma ikkonverithom għall-fidi. 16 Sadanittant l-imqaddes Antnin ta permess lill-ħut biex dawn imorru lura ferħanin u b'ħafna logħob fl-ilma li għaġġeb lil kulħadd.

[836] 17 Fl-istess belt ta' Rimini kien hemm wieħed eretiku, jismu Bonellus, li kien jgħid li l-ostja ikkonsagrata mhux veru li kienet il-ġisem tal-Mulej, u li hu kien kapaċi li l-ħmara tiegħu jġiegħelha tiekol l-ostja. 18 Meta Sant'Antnin semgħu jgħid dan mar jiċċelebra l-quddiesa, u mbagħad ħa l-ostja ikkonsagrata u mar juriha lill-ħmara. Dak il-ħin stess il-ħmara niżlet għarkobbtejha u mejlet rasha biex turi qima. 19 Meta l-eretiku msemmi ra dan kollu, neħħa n-nuqqas ta' fidi u sar kattoliku veru.

[837] 20 Meta darba minnhom Sant'Antnin kien fil-konċistorju biex jippriedka quddiem il-Papa u l-kardinali, li kienu griegi u latini, franċiżi u ġermaniżi, slavi, ingliżi u minn bosta ilsna oħrajn diversi, 21 kien imħeġġeġ mill-Ispirtu s-Santu u beda jippriedka bi kliem ħelu daqs il-għasel il-kelma ta' Alla, hekk li dawk kollha li kienu fil-konċistorju, għalkemm hu kien qiegħed jitkellem bil-lingwa spanjola tiegħu[4], bdew jifhmuh, u bdew juru l-istagħġib tagħhom u jgħidu: 22 "Imma dan li qed jitkellem mhux minn Spanja? U dan kif inhu li kull wieħed minna qiegħed jisimgħu jitkellem bl-ilsien tiegħu, li fih aħna twelidna?" 23 L-istess Papa baqa' mistagħġeb bil-profondità ta' l-argumenti tiegħu mill-Iskrittura, u beda jgħid hekk dwar Sant'Antnin: "Tabilħaqq, dan hu l-Arka tat-Testment u t-teżor tal-kelma divina".

---

4 Bil-Portugiż.

[838] 24 Meta Sant'Antnin kien qiegħed idur ma' kullimkien jippriedka, sar kustodju ta' Limoges, u wasal fil-belt ta' Bourges. Jum minnhom beda jippriedka lill-poplu, u dan inġabar f'kotra hekk kbira, li f'dik il-belt ma kien hemm l-ebda post li fih setgħet toqgħod dik il-kwantità kbira ta' nies. 25 Il-kanoniċi tal-belt ħarġu purċissjoni mill-belt flimkien mal-poplu u waslu f'għalqa mill-aktar kbira, fejn Sant'Antnin beda jippriedka. 26 Dak iż-żmien kien is-sajf. 27 Waqt li hu kien qiegħed jippriedka, billi Alla ried juri l-qdusija ta' Sant'Antnin, f'daqqa waħda qam riħ qawwi u bdiet riesqa maltempata, hekk li dawk in-nies kollha beżgħu minn xita qawwija li kienet riesqa, billi beda jinstema' t-tfaqqigħ u d-diwi tar-ragħad, u bdew iqumu minn dak il-post biex ifittxu jitilqu. 28 Meta l-imqaddes Antnin ra dan kollu qalilhom: "Min-naħa tal-Mulej Ġesù Kristu ngħidilkom, li ma hi se tiġrilkom l-ebda ħsara, u lanqas ma hi se taqa' qatra waħda ilma fuq raskom; ibqgħu hawn u la tibżgħux". 29 Dawk emmnu kliemu u baqgħu weqfin hemmhekk. 30 Sadanittant ix-xita bdiet nieżla bil-qliel flimkien ma' silġ oħxon fuq l-inħawi kollha ta' madwarhom, imma f'dak il-post li fih huma kienu jisimgħu lill-qaddis jippriedka ma niżel la silġ u lanqas xita, għalkemm dak is-silġ u x-xita kienu qishom ħajt kbir nieżel mill-għoli tas-sema u kienu qed ixarrbu kullimkien qishom dilluvju. 31 Meta raw dak il-miraklu, dawk in-nies bdew iroddu ħajr lil Alla, u bdew juru qima kbira lejn Sant'Antnin. 32 Dan il-miraklu, skond kif smajt mingħand patri li kien ra dan il-miraklu u li irrakkontahuli, tnaqqxet il-ġrajja tiegħu fil-frontispizju tal-knisja l-kbira ta' Bourges.

## 3 – MIRAKLI OĦRAJN LI SARU FI FRANZA U FL-ITALJA

[839] 1 Fil-belt ta' Le Puy fir-renju ta' Franza, minħabba l-bosta mirakli li seħħu fiha permezz ta' Sant'Antnin, in-nies tagħha kienu juru lejh devozzjoni speċjali. Meta Sant'Antnin kien gwardjan f'dan il-post u kien jippriedka, kien jirnexxilu jiġbed lil kulħadd għall-predikazzjoni tiegħu. 2 Waħda mara kienet marret biex tisimgħu jippriedka u ma kienetx għamlet il-faċċendi tad-dar. 3 Żewġha għalhekk ċanfarha bil-kbir u ma ħallihiex tmur aktar biex tisma' l-priedki. 4 Jum minnhom, meta Antnin kien sejjer jippriedka, dik is-sinjura talbet lil żewġha biex iħalliha tmur tisimgħu jippriedka, imma hu ma riedx. Għalhekk hi

telgħet fuq il-bejt tad-dar, u bil-qawwa divina bdiet tisma' lil Sant'Antnin jippriedka, bħallikieku kien preżenti ħdejha. 5 Meta żewġha beda jistaqsiha x'kienet qegħdha tagħmel, weġbitu: "Jiena qiegħda nisma' lil Sant'Antnin jippriedka, bħallikieku jinsab maġenbi". 6 Dak beda jgħajjar lil martu miġnuna, imma wara li hi talbitu tela' ħdejha u hu wkoll beda jisma' lill-qaddis jippriedka, bħallikieku kien hemm preżenti. 7 Meta ra dak il-miraklu, hu wkoll sar devot kbir ta' Sant'Antnin u qatt aktar ma ipprojbixxa lil martu li tmur jisimgħu jippriedka.

[840] 8 Meta Sant'Antnin kien jinsab xi sitt mili barra minn Le Puy mar xi mkien biex jippriedka. Wara li temm il-predikazzjoni n-nies tawh xi inbid u affarijiet oħrajn. 9 Waħda mara, meta daqet dak l-inbid li taw lil Sant'Antnin, deherilha li ma kienx tajjeb. Għalhekk marret tħaffef lejn darha biex iġġiblu mill-inbid tagħha li kien itjeb. Imma tant bdiet tgħaġġel biex tfittex tferragħ l-inbid u tieħdu, li nsiet tagħlaq il-bittija, u marret għand Sant'Antnin bit-tapp tal-bittija f'idha. 10 Waslet għand Sant'Antnin u offrietlu l-inbid, 11 imma meta rat it-tapp f'idejha ftakret li kienet insiet tagħlaq il-bittija. 12 Marret tiġri dak il-ħin stess id-dar u sabet il-kantina kollha mgħarrqa fl-inbid li kien xtered mill-bittija. Imma hi kellha fiduċja fil-merti ta' Sant'Antnin, u poġġiet it-tapp f'postu. Il-bittija mall-ewwel reġgħet imtliet hekk li l-inbid kien għoddu qed ifur minnha. 13 Dan il-miraklu hi ma kellhiex dubju li seħħ għall-merti ta' Sant'Antnin, li hi kienet marret tagħtih l-inbid.

[841] 14 Fil-belt ta' Limoges, fejn kien kustodju Sant'Antnin, fil-lejl tal-Milied tal-Mujlej hu kellu jippriedka fil-knisja kattidrali fil-bidu ta' l-ewwel quddiesa. 15 Imma ftakar li, fil-kunvent tal-patrijiet, kien imiss lilu li jaqra d-disa' lezzjoni, fl-istess ħin li fih kellu jippriedka. Għalhekk talab lill-Mulej, biex jidħol Hu għalih bil-qawwa tiegħu, għaliex hu bħala bniedem ma seta' jagħmel xejn. 16 Għalhekk hu ħareġ bil-lampa f'idu, u mingħajr ma qal xejn, mar lejn il-knisja kattidrali u tela' fuq il-pulptu u beda jippriedka.

[842] 17 Bl-istess mod Sant'Antnin kellu jippriedka fi knisja f'ċerta solennità. Hemmhekk kien hemm waħda mara nobbli minn dawk l-inħawi. Ix-xitan ried ifixkel lil Sant'Antnin waqt il-predikazzjoni tiegħu. Deher lil dik il-mara taħt forma ta' ħabbâr u taha ittra u qalilha li fiha kien hemm miktub li binha kienu ħatfuh u qaltuh. 18 Dak il-ħin stess Sant'Antnin, għalkemm ma sema' xejn bil-widnejn tal-ġisem, imma qal quddiem kulħadd: "La tibżax, għax ibnek jinsab f'saħħtu u

qed jgħix, u dan il-ħabbâr hu x-xitan". 19 Dak il-ħin stess ix-xitan għab quddiem kulħadd bħallikieku kien duħħan.

[843] 20 Waqt il-funeral ta' wieħed raġel li kien jislef il-flus b'imgħax għoli, Sant'Antnin ippropona bħala tema: *Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll* (Mt 6,21). 21 Hu qal: "Dan ir-raġel għani miet, u issa jinsab midfun fl-infern". 22 Lil qrabatu, wara li difnuh, żied jgħidilhom: "Morru fittxu fit-teżori tiegħu, u f'nofshom għandkom issibu lil qalbu, għaliex din lanqas baqgħet f'ġismu". 23 Hekk għamlu, u sabu lil qalbu għadha sħuna f'nofs dawk il-flus.

[844] 24 Waqt il-predikazzjoni tiegħu, Sant'Antnin iltaqa' ma' wieħed li tant kellu ndiema għal dnubietu, li meta ried jiġi jqerr għandu ma setax jesprimi ruħu bl-ebda kelma minħabba li beda jolfoq kemm jiflaħ. 25 Għalhekk Sant'Antnin talbu biex jikteb dak li ried jgħidlu u jagħtihulu. Dak hekk għamel. 26 Malli ta dik il-kitba lil Sant'Antnin, bil-merti tal-qaddis u l-indiema sinċiera tal-qalb tiegħu, dak kollu li kiteb tħassar, u l-karta dehret li donnha ħadd qatt ma kien kiteb xejn fuqha.

[845] 27 Sant'Antnin kien darba jippriedka ħdejn xmara fil-Lombardia. L-eretiċi ma riedux jisimgħu l-predikazzjoni tiegħu, u għalhekk ikkmanda lill-ħut tax-xmara, li ġew jisimgħuh billi ħarġu rashom mill-ilma u baqgħu weqfin jisimgħuh jippriedka. 28 Dawk hekk għamlu. 29 Minħabba dan il-miraklu kienu ħafna dawk li ikkonvertew għall-fidi.

[846] 30 Wara li l-imqaddes fra Antnin dawwal lil ħafna provinċji bil-predikazzjoni tiegħu, ġara li waqt il-kapitlu ġenerali f'Assisi, li fih saret it-translazzjoni tar-relikwi ta' San Franġisk, il-ministru ġeneral ħatar lil Antnin bħala predikatur u lettur ġenerali. 31 Hu għallem bħala lettur f'Toulouse, Bologna u Padova[5].

[847] 32 B'hekk, bir-rieda ta' Alla li mexxietu, Antnin mar Padova.

5 Element ġdid dan ir-riferiment għall-fatt li Antnin kien *lector generalis* barra milli kien ukoll *predicator generalis*. Nafu li kien San Franġisk innifsu li ta permess lil Antnin biex jgħallem it-teoloġija lill-patrijiet. L-ittra famuża li kitiblu rridu niddatawha għal wara d-29 ta' Novembru 1223, meta Onorju III ikkonferma r-Regola bullata tal-patrijiet Minuri. L-*Assidua* 11,7 tinnota li l-Qaddis eżerċita dan il-ministeru speċifiku f'Padova, bħala mgħallem tax-xjenzi sagri: *docendo*. Ma hemmx dubju, mela, li f'Padova Antnin kien *lector*. Rigward Bologna nsibu informazzjoni fil-*Benignitas* 13,2, u rigward Toulouse għandha xhieda tardiva; cfr. G. ABATE, "S. Antonio maestro in sacra teologia", *Atti delle settimane antoniane,* Città del Vaticano 1947, 275-276.

33 Hemmhekk b'ħeġġa kbira beda jippriedka. Bil-qawwa tal-grazzja divina, tant bdew jiġru lejh in-nies tal-belt u nies oħrajn minn bliet diversi fil-qrib, mill-kastelli u mill-irħula, li l-ebda knisja ma setgħet tesagħhom iżjed. 34 Hekk kienu jmorru fl-għelieqi wesgħin u hemmhekk Sant'Antnin kien imur jippriedka. 35 L-irġiel u n-nisa kienu jisimgħuh bil-qalb, u meta kien ikun għadu l-lejl kienu jqumu u jbakkru biex jibdew mexjin lejn il-post miftiehem li fih kellu jippriedka, u kienu kważi jridu jagħmlu gara bejniethom min jasal l-ewwel. 36 B'hekk bil-predikazzjoni tiegħu, dawk li kienu mifrudin bejniethom treġġgħu lura għall-paċi, il-ħabsin ingħataw il-ħelsien, l-usurai raddew lura l-qligħ diżonest tagħhom, in-nisa tat-triq reġgħu ikkonvertew lejn Alla. Kulħadd kien jolfoq u jibki dnubietu u kien jasal biex jagħmel penitenza. 37 La l-istess qaddis, la l-patrijiet Minuri u lanqas is-saċerdoti sekulari li kienu jiltaqgħu flimkien, biex jisimgħu l-qrar ta' dawk il-folol tan-nies, ma kienu jkunu biżżejjed biex ilaħħqu ma' dik il-folla. 38 Kien bosta li kienu jgħidu li tqanqlu minn Alla, biex jifhmu tajjeb il-kliem ta' Sant'Antnin.

[848] 39 L-aħħar Randan il-qaddis għaddieh kollu kemm hu jippriedka u jisma' l-qrar sa filgħaxija. Għalkemm kien imtaqqal bil-marda gravi ta' ġismu li kien jintefaħ bl-ilma u kien jitlagħlu d-deni, hu qatt ma naqas mill-ħeġġa għall-erwieħ u mill-predikazzjoni, u lanqas milli jisma' l-qrar. 40 Fil-bidu ta' dak ir-Randan l-għadu tiegħu x-xitan ried ifixkel il-frott li seta' jwettaq fost l-erwieħ, u waqt li l-qaddis kien qiegħed jistrieħ, ħataflu griżmejh u beda jagħfashomlu hekk li ried jifggħu. 41 Imma l-qaddis bid-devozzjoni kollha sejjaħ l-isem tal-Verġni Marija u immarka lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, u waqt li x-xitan kien qed ifixklu, iċ-ċella tiegħu imtliet bid-dawl qawwa u divina. 42 Meta ra dan id-dawl ix-xitan ħarab dak il-ħin stess. 43 Mhux biss Antnin kien jokkupa ruħu fil-predikazzjoni, imma kien ukoll jingħata biex jikteb il-priedki tiegħu. 44 Hekk hu sawwar priedki mill-isbaħ u mill-aktar profondi għall-Ħdud. Kiteb ukoll priedki għar-Randan u għall-Festi. Wara l-mewt tiegħu l-priedki tiegħu nisslu kotra ta' frott fost il-poplu, aktar milli kien irnexxielu jressaq nies lejn Alla meta kien għadu ħaj.

## 4 – SPIRTU PROFETIKU TA' L-IMQADDES ANTNIN

[849] 1 Sant'Antnin kien iħabbar il-ġejjieni, u dak li kien jiġri fil-bogħod hu kien ikun jafu bir-rivelazzjoni divina li kienet turihulu. 2 Dwar kif kien iħabbar il-ġejjieni rajnieh aktar 'il fuq, meta għidna kif ħabbar lill-poplu fil-belt ta' Brives biex ma jibżax mix-xita li kienet se tinżel; lill-mara li x-xitan qalilha li binha kien mejjet, qawwielha qalbha biex ma temmnux; u ħabbar li l-qalb tar-raġel li kien jislef flus bl-imgħax kienet tinsab fit-teżori tiegħu. 3 Issa se nżid xi ħaġa oħra, li sirt nafha minn patri ta' min jafda fuqu. 4 Fil-belt ta' Le Puy, li diġà fakkartha aktar 'il fuq, Sant'Antnin kien jeżerċita l-uffiċċju ta' gwardjan. Fil-belt kien hemm nutar li kien mimli kilba għall-flus u karnali u moħħu fil-ħwejjeġ tad-dinja. 5 Kull meta Sant'Antnin kien jarah riesaq lejh, kien imur dejjem quddiemu, ineħħi minn rasu l-kapoċċ u jinżel għarkobbtejh. 6 Dak ir-raġel kien jara dan, u kien jaħseb li Sant'Antnin kien irid jgħaddih biż-żmien. Hekk tħawwad, u beda jara kif jagħmel biex jevita lill-imqaddes Antnin. 7 Imma jum minnhom, meta Sant'Antnin kien iltaqa' miegħu u ġab ruħu b'dan il-mod, dak ir-raġel skandalizza ruħu u qallu: "Kieku mhux li għandi qima lejn Alla, kieku nolqtok bix-xabla, għaliex inti qiegħed tgħaddini biż-żmien; għaliex qiegħed tinżel għarkobbtejk quddiemi?" 8 Sant'Antnin wieġbu mimli ħeġġa bi spirtu profetiku: "Jiena rrid noffri lili nnifsi bħala martri lil Alla tiegħi, u nġiegħel lili nnifsi biex nagħmel dan, imma jidher li dan ma jogħġbux; 9 inti, iżda, kif urieni l-Mulej, għad tkun martri glorjuż tiegħu; 10 għaldaqstant nitolbok li, meta inti tkun fit-tbatija tal-martirju, tiftakar fija". 11 Dak meta sema' dawk il-kelmiet beda jiddieħaq b'Sant'Antnin. 12 Xi ngħidu aktar? L-isqof ta' Le Puy flimkien ma' bosta nies oħrajn marru jippriedkaw lis-Saraċini fil-belt ta' Ġerusalemm, u dan in-nutar, ispirat minn Alla, biegħ kull ma kellu u mar magħhom. 13 U waqt li l-isqof kien jipprova jippriedka lis-Saraċini, ma kienx ikun imħeġġeġ biex ikellimhom dwar il-fidi. Għal tliet darbiet dan in-nutar ipprova jwieżnu u jagħmillu kuraġġ. Fl-aħħar beda jċanfar lill-isqof, għaliex ma kienx kapaċi jippriedka u jiddefendi l-fidi b'mod imqanqal, u bil-ħeġġa kollha dan in-nutar beda jkellem lis-Saraċini dwar li Kristu hu Alla, u dwar li Mawmettu kien iben ix-xitan u t-telfien[6]. 14 Waqt li

6 Din l-espressjoni hi sempliċement it-traduzzjoni tar-rakkont tal-*De*

hu kien jippriedka b'mod kostanti u jiddefendi l-fidi, is-Saraċini qabduh u ħaqruh għal tlitt ijiem. 15 Wara li għaddew dawk it-tlitt ijiem, ħaduh għall-mewt, u hu kixef quddiem kulħadd li Sant'Antnin kien ħabbar minn qabel li hu kellu jsofri l-martirju u jsir bniedem mill-aktar qaddis. 16 Hekk hu temm il-martirju tiegħu, u meta sħabu ġew lura qalu lill-poplu dak kollu li kien ġara. 17 B'dan il-mod Sant'Antnin kien meqjus b'devozzjoni kbira.

[850] 18 Waqt li Sant'Antnin kien f'Padova, ġara każ li jiena sejjer nirrakkontah għax qaluli patri ieħor. 19 Fil-belt ta' Lisbona, li minnha kien ġej Sant'Antnin, kienu għadhom jgħixu xi qraba tiegħu, jiġifieri missieru, ommu u ħutu, kif ukoll żewġ ċittadini oħrajn li kienu għedewwa mill-agħar ta' xulxin. Ġara li, it-tifel ta' wieħed minnhom kien lejla waħda jinsab għand l-ieħor, għax dan kien joqgħod għand il-qraba ta' Sant'Antnin. 20 Dak ir-raġel krudil mar fid-dar u dak il-ħin stess qatel it-tifel u fid-dalma profonda tal-lejl daħal fid-dar tal-qraba ta' Sant'Antnin, u wara li ħaffer ħofra, difen u ħeba fiha l-mejjet. 21 Billi dak it-tifel kien persuna nobbli, saret inkjesta, u instab li dak it-tifel kien mar fl-inħawi li fihom kien joqgħod dak l-għadu. 22 Meta fittxew id-dar ta' l-għadu u l-ġnien tiegħu, ma sabu xejn. 23 Imma meta marru jfittxu fid-dar u fil-ġnien tal-qraba ta' Sant'Antnin, sabu lil dak it-tifel midfun fil-ġnien. 24 B'hekk l-imħallef tar-re arresta lill-missier flimkien mal-familja tad-dar tiegħu kollha, u xliehom li huma kienu qatlu lit-tifel. 25 Issa Sant'Antnin, li dak iż-żmien kien Padova, sar jaf fl-ispirtu b'dak li kien ġara, u talab lill-gwardjan tiegħu l-permess biex dik il-lejla joħroġ mill-kunvent. 26 Malli ħareġ minn hemm, b'miraklu divin ittieħed fil-belt ta' Lisbona. 27 Filgħodu daħal fil-belt u mar għand l-imħallef u beda jitolbu biex jassolvi u jaħfer lil dawk in-nies innoċenti mid-delitt li kien xlihom bih. 28 Imma dak bl-ebda raġuni ma ried jisma. 29 Sant'Antnin għalhekk mar fejn kienu difnu lil dak it-tifel mejjet. 30 Meta wasal ħdejh Sant'Antnin ikkmandah iqum mill-mewt u dan qam u beda jgħid li l-qraba ta' Sant'Antnin kienu bla ħtija u li ma kienux huma li qatluh. 31 Għal din ir-raġuni huma ġew assolti u mogħtijin il-libertà. 32 Sant'Antnin dam magħhom għal dak il-jum kollu, u mbagħad filgħaxija telaq minn Lisbona u l-għada filgħodu reġa' nstab f'Padova.

---

*Conformitatae*, u tirrifletti l-mentalità tipika tal-medjuevu rigward l-Islam. Ma għandha l-ebda skop li tgħid xi ħaġa attwali dwar ir-relazzjoni bejn Kristjaneżimu u Islam.

[851] 33 Alla għoġbu jagħmel sinjali u għeġubijiet kotrana permezz ta' Sant'Antnin. 34 Meta darba hu kien qiegħed jisma' l-qrar ta' wieħed ġuvni li kien sawwat lil ommu billi taha daqqa ta' sieq, Sant'Antnin tqanqal u qallu l-kliem ta' l-Evanġelju: *Jekk sieqek hi għalik okkażjoni ta'dnub, aqtagħha barra u armiha 'l bogħod minnek* (cfr. Mt 18,6). 35 Imma dak ma fehemx sewwa dawk il-kelmiet, u meta reġa' lura d-dar, qabad xabla u qata' siequ barra. 36 Billi tilef ħafna demm u minħabba l-uġiegħ kien fil-pont tal-mewt, sejjħu lil Sant'Antnin li ġie jiġri, u filwaqt li ħa s-sieq maqtugħa, immarkaha bis-sinjal tas-salib, u mbagħad reġa' għaqqadha mal-ġisem taż-żagħżugħ u dan reġa' kiseb saħħtu. 37 Darba oħra l-eretiċi stiednuh u hu mar għandhom għax kien jemmen li kien kapaċi jreġġagħhom lura għat-triq tal-verità. 38 L-eretiċi qalulu: "L-Evanġelju jgħid, li inti tista' tiekol minn dak kollu li jqiegħdulek quddiemek". U dak il-ħin stess poġġewlu quddiemu żrinġ ikraħ u kbir. 39 Meta ra dan, Sant'Antnin l-ewwel refa' għajnejh lejn is-sema, imbagħad immarkah bis-sinjal tas-salib, u dak il-ħin stess deher fil-platt il-laħam ta' kappun sħun u jfuħ. 40 Dawk li kienu hemmhekk bdew jemmnu u kollha kielu minn dak il-kappun.

[852] 41 San Franġisk kien iħobb ħafna lil Sant'Antnin. Hekk hu kien isejjaħlu 'isqof tiegħu' minħabba l-qima kbira li kien juri lejh. 42 Sant'Antnin, wara l-mewt ta' San Franġisk, wera oppożizzjoni qawwija kontra frate Elia u d-dixxipli tiegħu, u kien jiddefendi r-regola flimkien ma' sħab San Franġisk u Santa Klara, li qatt ma riedu jbiddlu xejn fiha. 43 Billi Sant'Antnin kien jiġi miqjum ħafna mill-Papa Girgor IX, waqt li hu kien jinsab quddiem il-Papa Girgor flimkien ma' frate Elia, Sant'Antnin qal lil Elia: "Inti qiegħed tigdeb". U s-sinjur Papa neħħa lil frate Elia mill-uffiċċju ta' ministru ġeneral[7].

---

7 Hawnhekk Bartolomeo da Pisa qiegħed iħawwad il-ġrajjiet li ġraw fl-1230, meta Sant'Antnin kien għadu ħaj, ma' ġrajjiet li ġraw fl-1239, meta kien ilu mejjet 8 snin. Sant'Antnin kien ħa sehem fil-kapitlu ġenerali ta' Assisi fl-1230, u mar għand il-Papa Girgor IX fuq il-kwestjoni ta' l-interpretazzjoni tar-Regola u t-Testment ta' San Franġisk. Kien f'din l-okkażjoni li Girgor IX ħareġ il-Bulla *Quo elongati* (28 ta' Settembru 1230). Il-fatt stess li Antnin kien magħżul bħala parti mid-delegazzjoni ta' patrijiet *litterati* (għorrief) li marru jikkonsultaw lil Girgor IX juri li mhux veru li hu kien simpatizzanti ma' sħab San Franġisk fis-sens li riedu juruh li *Spiritwali*, li minnhom jidher jiddependi Bartolomeo f'dan ir-rakkont li jagħti. Id-depożizzjoni ta' frate Elia minn ministru ġeneral, mill-Papa Girgor IX, seħħet fl-1239. Sant'Antnin

## 5 – MEWT U KANONIZZAZZJONI TAL-QADDIS

[853] 1 Billi ma rridx intawwal iżżejjed dwar dak li Sant'Antnin wettaq meta kien għadu ħaj, billi nirrakkonta kollox ħaġa, ħaġa, issa se ngħaddi biex ngħid kif għadda għall-premju tal-glorja.
[854] 2 Sant'Antnin kien jaf bil-jum tal-mewt tiegħu minn qabel. 3 Għal ħmistax-il jum qabel hu mar ma' sieħbu barra Padova fuq għolja, minn fejn seta' jħares lejn il-wita fertili ta' Padova. Minn hemm fuq hu kellem lil sieħbu dwar kemm kienet se tkun imbierka l-belt ta' Padova, għaliex hi kellha tiġi mżejna b'ġieħ kbir fi żmien qasir. 4 Dan il-ġieħ ingħatalha meta hi laqgħet li fiha jindifen il-ġisem tal-qaddis, wara li hu radd ruħu lil Alla. 5 Fis-sena ta' l-inkarnazzjoni tal-Mulej 1231, fit-13 ta' Ġunju, mikul mid-deni, fil-post ta' Arcella, subborg qrib il-ħitan tal-belt ta' Padova, wara li qerr u rċieva l-assoluzzjoni, beda jkanta bl-akbar devozzjoni l-innu ta' l-Imqaddsa Marija: *O gloriosa Domina*. 6 Filwaqt li kien iħares ċass lejn il-kwiekeb fis-sema, hu beda jara fil-għoli l-glorja tal-ġenna. 7 Meta l-patrijiet qrib tiegħu staqsewh x'kien qiegħed jara, hu weġibhom: "Lill-Mulej tiegħi Ġesù Kristu". 8 Wara li rċieva d-dilka mqaddsa u kanta mal-patrijiet is-seba' salmi penitenzjali, wara nofs siegħa radd l-aħħar nifs tiegħu, u ruħu ħarġet minn ġismu u intilfet fl-abbiss tal-glorja divina. 9 Ġismu beda jidher bħallikieku kien ta' wieħed rieqed, u l-membri ta' ġismu li qabel kienu sfaru bl-isfura tal-mewt, issa wara t-transitu tiegħu bdew jidhru bajdana u jħabbru l-glorja futura tal-qawmien mill-imwiet. 10 Wara l-mewt tiegħu r-raġel qaddis mall-ewwel beda jiddi għas-sinjali u l-mirakli li seħħu. 11 Għaliex, malli miet, il-patrijiet għall-ewwel riedu jaħbu l-aħbar tal-mewt tiegħu min-nies, sakemm ikunu jistgħu jidfnuh, imma t-tfal ħarġu mal-belt kollha ta' Padova u bdew jgħajjtu u jgħidu: "F'Arcella miet il-bniedem qaddis fra Antnin, miet il-qaddis fra Antnin". 12 Malli semgħu dawk l-ilħna,

---

kien ilu mejjet u kien diġà sar qaddis. L-inizjattiva biex jitneħħa Elia (1232-1239) ġiet minn Haymo of Faversham, ministru ta' l-Ingilterra, u grupp ta' patrijiet *litterati*, li ma riedux li l-Ordni jibqa' mmexxi minn lajċi, issa li kien klerikalizza ruħu. Bartolomeo qiegħed iħallat lil Haymo of Faversham ma' Sant'Antnin f'dan ir-rakkont. Minkejja kollox, iżda, dan ir-rakkont jinsab fil-*Chronica XXIV Generalium* (AF III,229-232). Cfr. G. ODOARDI, "S. Antonio e frate Elia. Un ricordo nelle ricorrenti commemorazioni antoniane", MF 96 (1996), 266-282.

ċ-ċittadini ta' Padova, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa, marru jiġru f'dan il-post li semmejna, sabiex kif kellhom lil Antnin bħala missier u duttur meta kien ħaj, issa wara l-mewt tiegħu jkun jiswa lilhom il-patroċinju tiegħu. 13 Imma nqalgħet kontroversja dwar fejn kellhom jidfnu lil ġismu, sakemm il-ministru ddikjara li hu kellu jindifen fil-kunvent tal-patrijiet. Hekk bl-akbar ġieħ u qima l-ġisem tiegħu ġie meħud fil-knisja tal-patrijiet, li tissejjaħ Santa Maria, u hemmhekk difnuh f'qabar li sabuh b'intervent divin[8].

[855] 14 Mall-ewwel dak il-post beda jiddi b'ħafna mirakli kbar. Hekk il-Papa Girgor qabbad lill-isqof ta' Padova, lill-prijur tal-patrijiet Predikaturi u lill-prijur ta' San Benedetto, biex jeżaminaw il-mirakli tiegħu. 15 Dawn għamlu kollox bir-reqqa kollha, u ttrażmettew lis-sinjur Papa l-fatti dwar is-sinjali u l-mirakli. 16 Hekk is-sinjur Papa, fl-istess sena, fil-belt ta' Spoleto, iddikjara qaddis lil fra Antnin, u kiteb ismu b'solennità kbira fil-katologu tal-qaddisin. 17 Fl-istess jum, fil-belt ta' Lisbona, fejn kien twieled Sant'Antnin, din l-aħbar ġriet bħal berqa u ħassew il-ferħ tagħha nies ta' kull età. 18 Kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa minn kull klassi soċjali ħarġu minn djarhom fil-pjazez u l-isqaqien u bdew ikantaw u jfaħħru lil Alla bis-salmi. Il-qniepen tal-knejjes tal-belt kollha bdew idoqqu waħedihom b'mod solenni mingħajr ħadd ma messhom. 19 L-irġiel u n-nisa mimilijin stagħġib, bdew jgħidu: "X'inhu dan li qed inħossu, u għaliex tant ferħ li ma nistgħux inżommuh magħluq fina? 20 Qatt ma rajna ħaġa bħal din f'din l-art, u lanqas qatt ma esprimejna din l-hena kollha f'qalbna. 21 X'sinjal ifisser dan kollu? Jidher li ġrat xi ħaġa ġdida u sabiħa". 22 Imbagħad ġew mill-Italja l-patrijiet, u ġabu magħhom l-aħbar tal-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, 23 u huma ntebħu li kien f'dak il-jum u f'dik is-siegħa li fiha l-vigarju ta' Kristu kien qiegħed iniżżel isem Antnin fil-katalogu tal-qaddisin, li ċ-ċittadini ta' Lisbona kienu esprimew dak il-ferħ kollu.

8 Bartolomeo qiegħed jirreferi għal leġġenda dwar il-fatt li dak il-qabar kien tħaffer qabel biex jilqa' fih l-iġsma tal-qaddisin martri Quattro Corontati.

## 6 – MIRAKLI LI SEĦĦEW WARA L-MEWT TIEGĦU

[856] 1 Il-ħieni qaddis fra Antnin qajjem ħafna mejtin. 2 Ir-reġina ta' León, li llum jissejjaħ Castiglia, żammet lil bintha mejta għal tlitt ijiem kontra r-rieda tar-re u tal-barunijiet; din it-tifla kellha ħdax-il sena. 3 Din ir-reġina hekk qalet lil Sant'Antnin: "O mqaddes Antnin, jiena ġejja minn art twelidek, erġa' roddli lura lil binti". 4 Għal din it-talba magħmula bil-fidi bintha qamet dak il-ħin stess, u bdiet tilminta ma' ommha: 5 "Alla jaħfirlek, ja omm; għaliex jiena kont mal-verġni fil-glorja, imma t-talb tiegħek kien hekk insistenti li Sant'Antnin talab lill-Mulej jidħol għalik, u lili jerġa' jagħtini lura ħajti. 6 Imma kun af li l-Mulej lili wegħedni, li minix se ndum miegħek għal aktar minn ħmistax-il ġurnata; 7 u din il-grazzja qalagħhielek l-imqaddes Antnin". 8 U hekk seħħ tabilħaqq. 9 Fil-belt ta' Lisbona t-tifel ta' oħt Sant'Antnin, li kellu ħames snin, kien qiegħed jilgħab fil-baħar ma' subien oħrajn, meta d-dgħajsa li kienu fuqha nqalbet. L-oħrajn kienu jafu jgħumu; hu biss baqa' mgħarraq taħtha. 10 Wara tlitt sigħat ommu, li kienet ġriet hemmhekk, reġgħet ħaditu lura mejjet għax ġabruh xi sajjieda fix-xbieki. 11 Imma filwaqt li missieru ried jidfnu, l-omm ma ħallietux, imma daret lejn Sant'Antnin u bdiet tgħidlu: "Ħija, jekk inti twajjeb u tagħmel ħwejjeġ ta' l-għaġeb mal-barranin, għaliex inti daqshekk krudil u ma tridx turi ħniena miegħi, li jiena oħtok? 12 Uri ħniena miegħi, u erġa' roddli lura lil ibni; 13 jiena nwiegħdek li noffrih għas-servizz divin fl-Ordni tiegħek". 14 Ħaġa ta' l-għaġeb! Dak il-ħin stess binha qam qawwi u sħiħ, daqslikieku qatt ma kellu xejn qabel. 15 Ommu wettqet il-wegħda tagħha, u hu sar patri Minuri u għex b'mod qaddis u ta' min ifaħħru fl-Ordni sa jum mewtu. 16 Fil-*contado* ta' Padova bint waħda mara għerqet fl-ilma. Ommha għamlet wegħda ma' Sant'Antnin li, jekk iqajmilha lil bintha mill-mewt, kellha teħodlu xbieha tagħha fix-xemgħa għal fuq il-qabar tiegħu. Dak il-ħin stess, quddiem kulħadd, dik it-tifla qalgħet l-ilma li belgħet, u reġgħet bdiet tgħix qawwija u sħiħa. 17 Fil-belt ta' Comacchio, wieħed tifel, bin wieħed raġel jismu Domenico, għereq f'għadira. Missieru għamel wegħda ma' Sant'Antnin u talbu jagħtih lura lil ibnu ħaj, u hekk ġara tabilħaqq. 18 Fil-belt ta' Monopoli, fil-Puglia, qrib il-kunvent tal-patrijiet, wieħed ġuvni kien qiegħed iħaffer l-art, imma niżlet fuqu l-ħamrija u difnitu għal kollox. 19 Ommu semgħet l-għajjat tan-nies u ħarġet u bdiet tgħajjat:

"Sant'Antnin, agħtini lura lil ibni". 20 Malli bdew iħaffru sabu li dan il-ġuvni kien baqa' ħaj, 21 u meta l-patrijiet staqsewh kif baqa' ħaj, hu qalilhom: "Sant'Antnin qiegħed idu u żammni minn griżmejja". 22 Malli semgħu dan, raddew ħajr lil Alla u lil Sant'Antnin.

[857] 23 Sant'Antnin qajjem ukoll bosta mejtin oħrajn. 24 Wieħed patri tagħna, jismu Parisio, li hu raġel ta' min jemmnu, qalli li hu ra lil Sant'Antnin iqajjem tnax-il persuna mill-mewt. 25 Ħeles ukoll bosta nies oħrajn mill-mard; ta l-ħelsien lil għaxar persuni b'diżabilità fiżika u li kellhom membri ta' ġisimhom niexfa. 26 Fejjaq tmien paralitiċi li kienu milwijin; ta d-dawl lil sitt għomja, u speċjalment, meta wieħed għamilha ta' birruħu li kien għama, billi għammad għajnejh ħalli jwaqqa' lill-qaddis għaż-żufjett, dan sab iż-żewġ għajnejh li nqalgħu minn wiċċu u spiċċaw fil-biċċa li biha kien mgħammad, imma mbagħad, meta għamel penitenza, reġa' rkupra d-dawl ta' għajnejh bħal qabel. 27 Fejjaq ukoll tliet persuni torox, tnejn li kienu muti, wieħed minnhom kien ilu trux u mutu għal ħamsa u għoxrin sena, u mbagħad sar kustodju ta' l-Arka ta' l-imqaddes Antnin; fejjaq erba' epilettiċi. 28 B'miraklu tazza ma nkistrix anke jekk kienu sabbtuha bil-qawwa ma' l-art biex jippruvaw kemm kienet veru l-qdusija tiegħu. 29 Lil wieħed kjeriku li ma kienx jemmen fil-qawwa tiegħu l-qaddis laqtu b'uġigħ kbir, imma mbagħad ħelsu meta ommu għamlet wegħda. 30 Ħeles lill-persuni mill-għarqa; 31 waħda mara ħelisha mill-għarqa meta nxteħet fix-xmara filwaqt li bdiet tgħajjat lil Sant'Antnin, għaliex żewġha ma riedx jeħodha żżur is-santwarju ta' San Ġakbu, u saħansitra ħelisha milli tifga u ħwejjiġha lanqas ixxarrbu; 32 lil waħda mara sempliċi, li talbitu jħares għalqa bl-iskalora mill-għasafar, semagħha. 33 Lil wieħed tifel li kellu nefħa f'għonqu ħelsu għal darbtejn, wara li ommu kienet għamlet wegħda miegħu għall-ewwel darba, u ma żammithiex, u mbagħad reġgħet għamlitha mill-ġdid; 34 lil waħda bint ta' kavallier li kienet maħkuma minn uġigħ qawwi tal-ġebla, wara li ommha għamlet wegħda, ħelisha mill-ġebla, u minn dak il-ħin ma ħasset l-ebda effett ta' dik il-marda.

[858] 35 Hekk hu wettaq bosta mirakli u għadu jwettaqhom sallum. 36 Għax jiena rajt wieħed patri, li kien lettur f'Padova, u li kien mastru tan-novizzi, u li kien mgħawweġ ganċ hekk li kien jimxi iżomm b'idejh ma' l-art, li meta talab lil Sant'Antnin, dan ħelsu. 37 Wieħed kavallier minn Brescia, li kien inqabad mis-sinjur Bernabone *de Vicecomitibus* u li kellhom jaqtgħulu rasu l-għada filgħodu, wara li għamel wegħda ma'

Sant'Antnin, dan ħelsu mill-ħabs u ħadu f'post żgur barra d-dar tas-sinjur; 38 dan ġie Padova u offra ventartal għall-altar ta' Sant'Antnin li jiswa ħames mitt dukat. 39 Imma wara, meta ried isir patri, ried iżomm għandu xi flus, u hekk il-patrijiet ma aċċettawhx. 40 Allura mar u daħal mal-patrijiet Predikaturi.

[859] 41 Il-Kardinal ta' Boulogne fi Franza, is-sinjur Guido, isqof ta' Porto, ġie meħlus mill-mewt bl-interċessjoni ta' Sant'Antnin, mar bħala legat fl-Italja, u ġie għat-translazzjoni tar-relikwi tal-qaddis u ta bħala rigal tabernaklu tal-fidda mill-isbaħ li offrieh minn butu[9].

[860] 42 Is-sinjur frate Bonaventura, kardinal ta' Albano, meta kien ministru ġeneral, ippresjieda fiċ-ċerimonja tat-translazzjoni tal-ġisem tal-qaddis. Meta fetaħ l-Arka, wara ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tiegħu, sab li ilsien il-qaddis kien għadu inkorrott, u kien għadu ħamrani daqslikieku kien għadu f'ħalq Sant'Antnin[10]. 43 Ftit taż-żmien wara wieħed ministru ġeneral ried ineħħi dik ir-relikwa minn Padova, imma meta ipprova jagħmel dan ma setax jara l-bieb minn fejn joħroġ. 44 Għalhekk qiegħed din ir-relikwa f'altar, permezz ta' wieħed patri li kien qabbdu dan l-istess ministru ġeneral. 45 Dan il-patri, erbgħa u tletin sena ilu, qabel ma miet indika lill-patrijiet fejn kienet tinsab dik ir-relikwa. 46 Hekk huma bil-qima kollha neħħewha minn dak l-altar u poġġewha f'relikwarju tal-kristall. 47 U sallum wieħed għadu jista' jaraha qawwija u sħiħa.

48 Minn dan kollu jidhru l-qdusija u l-eċċellenza ta' Sant'Antnin.

---

9 Cfr. A. SARTORI, "Le traslazioni del Santo alla luce della storia", *Il Santo* 2 (1962), 14-23. Iż-żjara tal-kardinal Guido fil-bażilika Antonjana saret fl-14 ta' Frar 1350, li kienet sena ġubilari.

10 It-translazzjoni tar-relikwi ta' Sant'Antnin minn San Bonaventura saret fit-8 ta' April 1263. Sant'Antnin kien ilu midfun mill-1231, jiġifieri 32 sena u mhux 25 sena, kif jgħid hawnhekk Bartolomeo da Pisa.

## APPENDIĊI

[861] 1 Fl-istess kunvent ta' Padova hemm midfun frate Luca[11], is-sieħeb ta' Sant'Antnin, li baqa' magħruf għall-qdusija, għall-għeġubijiet, għall-għerf u għall-predikazzjoni tiegħu. 2 Dan jinsab midfun fil-kappella li tinsab biswit dik ta' Sant'Antnin. Fuq il-qabar tiegħu wieħed jista' jiċċelebra l-quddiesa, u ġismu jinżamm b'venerazzjoni kbira. 3 Dan ikkompona xi priedki tal-Ħdud li huma tasew utli, solenni u sottili, u li jibdew bil-kliem: *Ħaffru l-kburin ħofra għalija, dawk li ma jimxux skond il-liġi tiegħek* (S 118,85).

[862] 4 F'dan il-kunvent hu midfun ukoll ċertu frate Fidenzio, raġel qaddis u magħruf għall-mirakli tiegħu[12].

---

11 Il-beatu Luca Belludi (†1286c.) kien *consocius* ta' Sant'Antnin fl-aħħar sentejn ta' ħajtu (1230-1231). Il-kappella li fiha jinsab midfun tmiss mal-kappella ta' l-Arka ta' Sant'Antnin u mal-fdalijiet tal-knisja primittiva ta' *Sancta Maria Mater Domini*, u kienet qabel iddedikata lill-qaddisin appostli Filippu u Ġakbu. Inbniet kif inhi llum fl-1382. Hemm tradizzjoni li tgħid li fl-altar tal-kappella kienu tqiegħdu l-fdalijiet ta' Sant'Antnin mill-1231 sa l-1263, meta saret it-translazzjoni tar-relikwi minn San Bonaventura. L-altar hu merfugħ fuq arka u kolonni, fuq ħames tarġiet, b'imitazzjoni ta' l-Arka li fiha hu midfun Sant'Antnin.

12 Il-Beatu Fidenzio kien ilu għal żmien twil, almenu mill-1266, missjunarju fl-Orjent, u miet Padova fil-31 ta'Jannar 1294. Hemmhekk sar jaf il-Papa futur Girgor X. Kien dan il-Papa li, waqt il-Konċilju ta' Lyon II talab lil Fidenzio da Padova jikteb it-trattat ċelebri tiegħu *Liber recuperationis Terrae Sanctae* (1291), li mbagħad ippreżentah lill-Papa Franġiskan Nicolò IV.

# PAPA GIRGOR IX
# BULLA TA' KANONIZZAZZJONI
# TA' SANT'ANTNIN
# «CUM DICAT DOMINUS»[1]

(23 ta' Ġunju 1232)

[863] Il-Mulej jgħid permezz tal-profeta: *Nagħtikom isem fost il-*

---

[1] GIRGOR IX, Bulla *Cum dicat Dominus*, in *Bullarium Franciscanum* I, 79-81. Fil-perjodu ta' żmien li jinteressana, il-kurja pontifiċja kienet tinsab fi Rieti bejn Ġunju 1231 u April 1232. Wara għaddiet għal ftit żmien f'Terni, Alatri u Narni. Mit-tieni nofs ta' Mejju sa nofs Lulju 1232 kienet tinsab fi Spoleto, fejn appuntu saret il-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin. Jissemmew tliet konċistorji rigward il-kanonizzazzjoni ta' Antnin: hawnhekk, fejn il-kulleġġ (*concio*) kardinalizju iltaqa' mal-Papa għal eżami preliminari tal-kwestjoni, u ħatar tribunal djoċesan inkarigat li jeżamina l-mirakli attribwiti għall-interċessjoni ta' Antnin; it-tieni laqgħa f'*Assidua* 27,18, fil-konklużjoni tal-fażi djoċesana tal-proċess, li wasslet għall-fażi definittiva; u fl-aħħarnett it-tielet laqgħa plenarja li fiha ħadu sehem, barra mill-Papa Girgor u l-kardinali, xi prelati preżenti fil-kurja. L-*Assidua* 28,2 issemmi laqgħa oħra li fiha l-kardinal ta' Abbeville semma' r-riżultati pożittivi ta' l-indaġini tiegħu. Fl-Bulla *Litteras quas*, (*Bullarium Franciscanum* I, 79), ippubblikata fl-1 ta' Ġunju 1232, jumejn biss wara l-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin fil-kattidral ta' Spoleto (Pentekoste, 30 ta' Mejju 1232), il-Papa Girgor IX isemmi l-membri tad-delegazzjoni mibgħuta minn Padova biex iġġib 'il quddiem il-kawża tal-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin: *Litteras, quas per dilectos filios G. Priorem Sanctae Mariae de Monte Crucis, Archidiaconum, et Canonicum, Fr. Gerardum, et Fr. Spinabellum, ac nobiles viros Schinelam, et Robertum Comites, Paschalem, et Carolum Paduanos Nuncios vestros vestra nobis devotio destinavit, paterna benignitate recipimus, et tam ipsarum feriem, quam ea, quae Nobis ex parte vestra iidem prudenter exponete curaverunt, intelleximus diligenter. Ceterum cum tam per easdem litteras, quas per ipsos Nuncios Nobis duxeritis humiliter supplicandum; ut, cum Dominus tantam sanctae memoriae B. Antonio contulerit gloriam, ut ad dandam scientiam primae stolae immortalitatis illius, et certum indicium de secunda, sepulchrum ejus tot, et tantis det coruscare miraculis, quod ejus inter alios Sanctos non invocari suffragia est indignum; ipsum Sanctorum Catalogo adscribere curaremus*. Id-dettalji dwar il-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin jistgħu jinstabu fil-*Vita Prima* jew *Assidua,* 27.

*popli kollha ta' l-art u dawn ifaħħrukom* (Sof 3,20), għaliex il-ġusti jiddu quddiem il-Mulej. Hi ħaġa tajba u ġusta lil Alla li fis-sema jiġu inkurunati u mfaħħrin il-qaddisin, u li aħna nfaħħruhom bl-uffiċċju tal-venerazzjoni tagħna, u nagħtuhom glorja fuq din l-art. Għax b'dan il-mod Alla jkun jista' jiġi mfaħħar u igglorifikat fil-qaddisin, Hu *li hu ta' min ifaħħru u glorjuż għal dejjem* (cfr. Dan 3,45). Sabiex Hu juri minn barra l-qawwa ta' l-għaġeb tiegħu, u jwettaq bil-ħniena s-salvazzjoni tagħna, dawk il-fidili tiegħu li Hu dejjem jinkurunahom fis-sema, ta' spiss jagħtikom ukoll il-glorja f'din id-dinja. B'tifkira tagħhom Hu jwettaq sinjali u għeġubijiet, li bihom iħawwad il-qerq ta' l-eretiċi, u jikkonferma l-fidi kattolika. Lill-insara li huma mħawwdin fit-telqa tar-ruħ, Hu jqanqalhom għall-għemejjel tajba; lill-eretiċi, li huma mixħutin fid-dlam u li ma jarawx, Hu jsejjħilhom lura għall-ħajja. Kemm il-Lhud kif ukoll il-pagani jagħarfu d-dawl veru u jiġru lejn Kristu dawl tad-dinja, Hu li hu *t-triq, il-verità u l-ħajja* (cfr. Ġw 14,6).

[864] Għaldaqstant aħna, uliedna l-aktar maħbubin, għalkemm mhux daqskemm għandna u nistgħu nagħmlu, inroddu ħajr bil-kbir lil Dak li jagħti kull ġid. Għaliex fi żminijietna, biex jikkonferma l-fidi kattolika u biex iħawwad il-qerq ta' l-eretiċi permezz ta' sinjali u għeġubijiet li wettaq bil-qawwa biex iġedded kollox, iġiegħelhom jagħrfu l-mirakli li jiddu quddiemhom, u hekk isaħħaħ il-fidi kattolika kemm fil-qalb, kif ukoll fil-fomm u fl-għemejjel.

[865] Minn dan il-għadd ta' nies qaddisa ta' tifkira hienja, niċċelebraw lill-imqaddes Antnin, ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, li qabel kien kiseb merti kbar fid-dinja b'dak li wettaq, u li issa qiegħed jgħix fis-sema u jiddi bil-ħafna mirakli, li jikkonfermaw il-qdusija tiegħu. Għaliex il-miqjumin aħwa tagħna Isqfijiet, u l-maħbubin uliedna Prelati, u l-ambaxxaturi li l-*Comune* ta' Padova bagħat għandna, talbuna bl-umiltà kollha u b'ittri miktubin minnhom, għax il-Mulej lil dan l-istess qaddis għoġbu jagħtih il-glorja ta' l-ewwel stola bid-don ta' ħajja li ma tintemmx, u ta evidenza ċara tat-tieni stola ta' glorja. Fil-fatt, il-qabar tiegħu tant qiegħed jiddi bil-mirakli kbar li qed isiru, li ma jixraqx li wieħed ma jitlobx l-għajnuna u l-interċessjoni tiegħu fost dik tal-ħafna qaddisin oħrajn. Aħna bagħatna biex nikkonsultaw lix-xhieda ta' dawn l-istess mirakli tiegħu. Aħna nistennew li, bħala konferma ta' dan kollu, billi dan il-Qaddis jinsab qrib Alla fil-Knisja trijonfanti, kien sinjal biżżejjed għalina l-perseveranza tiegħu sa l-aħħar, skond dak li hemm miktub: *Ibqa' fidil sal-mewt, u jiena nagħtik il-kuruna tal-ħajja* (Apk 2,10).

[866] Għaldaqstant, biex wieħed jingħadd fost il-qaddisin fil-Knisja militanti, żewġ ħwejjeġ huma meħtieġa, jiġifieri l-virtujiet fl-imġieba u l-verità tas-sinjali, f'kelma oħra, hu meħtieġ li jikseb merti u jwettaq mirakli. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ għandhom bżonn li jidhru flimkien. Tabilħaqq, ma hemmx merti mingħajr il-mirakli, u l-mirakli mingħajr il-merti ma humiex biżżejjed biex jikkonfermaw fost il-bnedmin ix-xhieda ta' qdusija. Għaliex il-merti jiġu qabel il-mirakli, u warajhom jidhru b'mod ċar il-mirakli. Dan kollu hu sinjal ċar ta' qdusija, u Aħna b'hekk niġu mqanqalin għall-venerazzjoni. Għax Alla, għall-merti ta' dak li jkun seħħ qabel, u bis-sinjali li jwettaq wara, juri li dik il-persuna jkun jistħoqqilha l-ġieħ. Minn hawn jidhru flimkien dawn iż-żewġ ħwejjeġ fil-kliem ta' l-Evanġelista: *Il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha* (Mk 16,20).

[867] Għaldaqstant aħna bagħatna lill-istess Isqof[2], u lill-maħbubin uliedna fra Giordano ta' San Benedittu, u fra Giovanni ta' Santu Wistin[3], Prijur ta' l-Ordni tal-patrijiet Predikaturi ta' Padova, bil-mandat li jiġbru x-xhieda tal-mirakli li seħħu bl-interċessjoni ta' l-istess Qaddis. Għalhekk, Aħna qagħdna fuq dak li kitbu l-istess Isqof u Prijuri, kif ukoll fuq ix-xhieda li ddeponew dawk li tkellmu dwar il-virtujiet tiegħu, u aċċertajna ruħna mill-verità tal-mirakli insinji li wettaq. Aħna wkoll kellna esperjenza personali dwar il-qdusija ta' ħajja tiegħu, u kellna x-xorti li nkunu fil-kumpanija tiegħu u nisimgħuh jitkellem quddiemna b'mod ta' l-għaġeb.

[868] Quddiemna ġew jitkellmu b'tifħir kbir dwaru l-istess Isqof, il-*Podestà* u l-*Comune* ta' l-istess belt, li bagħat ambaxxaturi għandna. Dawn talbuna b'insistenza u b'ittri miktubin sabiex Aħna nieħdu ħsieb li niktbu lil dan il-Patri fil-katalogu tal-Qaddisin. Dan sabiex, kif jixraq, bl-awtorità Apostolika tagħna jingħatalu l-ġieħ li jixraqlu fuq din l-art, li

2 L-isqof ta' Padova kien Jacopo Corrado, li mexxa din il-knisja mill-1229 sa l-1239.

3 L-isqof li kien kap tal-kummissjoni kien Jacopo de Corrado, li jissemma diversi drabi fl-*Assidua*; il-prijur ta' S. Benedittu (li mhix riferiment għall-Benedittini imma għall-monasteru ta' S. Benedittu ta' Padova) kien, almenu mill-1203, il-beatu Giordano Forzaté dei Transelgardi, li miet fis-7 ta' Awissu 1248. It-tielet imħallef tat-tribunal djoċesan kien il-beatu Giovanni da Vicenza, figura importanti ħafna fl-Ordni Dumnikan, li kellu l-prijorat ta' S. Agostino in Padova fis-snin 1230-1233.

fiha hu kien jiddi b'sinjali ċari, u sabiex kif jidher b'argumenti evidenti, jiġi mogħti lilu wkoll ġieħ fis-sema. Għax hu, li xtaq jintemm fil-ġisem tiegħu biex ikun ma' Kristu, stħaqqlu jitgħolla fis-sema, u għalhekk Aħna ma rridux inneħħu xejn mill-ġieħ, il-merti u l-glorja tiegħu, u li nippermettux li jiġi mċaħħad mid-devozzjoni tal-bnedmin dak li kien glorifikat mill-Mulej.

[869] Għaldaqstant, bil-parir ta' ħutna l-Kardinali, u tal-Prelati kollha li joqogħdu quddiem is-Sede Apostolika, aħna nordnaw li ismu għandu jitniżżel fil-katalogu tal-Qaddisin. Għax skond il-verità tal-kliem ta' l-Evanġelju: *Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-modd, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil min ikun fid-dar* (Mt 5,15). Id-dija tiddi tal-musbieħ ta' dan il-Qaddis diġà kienet tidher ċara f'din id-dinja, għaliex għall-grazzja ta' Alla hu ma ħallihiex taħt il-modd, imma stħaqqlu jqiegħdha fuq il-kandelabru.

[870] Għalhekk Aħna nitolbu lilkom ilkoll, inwissukom bl-attenzjoni kollha, u nħeġġukom permezz ta' din il-kitba Apostolika li qegħdin nibgħatulkom, sabiex intom tqanqlu d-devozzjoni ta' l-insara biex juru venerazzjoni b'saħħitha lejn dan il-Qaddis, u biex tiċċelebraw il-festa tiegħu ta' kull sena fil-jum tat-13 ta' Ġunju, u taraw li din tiġi ċelebrata bis-solennità kollha; dan sabiex bit-talb tiegħu il-Mulej jogħġbu jagħtina l-grazzji tiegħu fiż-żmien preżenti, u l-glorja ta' dejjem fiż-żmien li ġej.

[871] Aħna wkoll nixtiequ li l-qabar ta' dan il-Konfessur hekk kbir, li jiddi bil-mirakli u jdawwal il-Knisja kollha, għandu jżuru kulħadd u jingħatalu l-ġieħ kollu. Dawk kollha li juru ndiema u penitenza vera, u li jkunu qerrew fil-festa tiegħu jew matul l-ottava tagħha ta' kull sena, u bil-qima u r-reverenza kollha jkunu żaru qabru, bil-qawwa tal-ħniena ta' Alla li jista' kollox, u bl-awtorità tal-qaddisin Pietru u Pawlu Appostli, Aħna nikkonċedulhom bil-ħniena kollha indulġenza ta' sena mill-penitenza li huma obbligati li jagħmlu.

Mogħti fi Spoleto, fit-VIII jum tal-*Kalendae* ta' Ġunju, tas-sitt sena tal-Pontifikat tagħna[4].

4 23 ta' Ġunju 1232.

# PAPA PIJU XII
# ITTRA APOSTOLIKA
# «EXULTA, LUSITANIA FELIX;
# O FELIX PADUA, GAUDE»[1]

(16 ta' Jannar 1946)

## ITTRA APOSTOLIKA
## LI BIHA SANT'ANTNIN TA' PADOVA, KONFESSUR, JIĠI DIKJARAT DUTTUR TAL-KNISJA UNIVERSALI

[872] B'tifkira hienja għal dejjem. – Ifraħ, Portugal hieni; o hienja Padova, ifraħ. Intom nissiltu fis-sema u fl-art, bl-istess dija ta' glorja, lil dan il-bniedem li mhux biss hu magħruf għall-qdusija ta' ħajtu u għall-mirakli li bihom sar famuż, imma wkoll jiddi bid-duttrina tas-sema li hu mar iferrex, u li biha dawwal id-dinja kollha, u għadu jdawwalha biha sallum.

[873] Hu twieled minn ġenituri nsara u fi ħdan familja nobbli, fil-belt ta' Lisbona, il-kapitali tal-Portugal. Fi tfulitu l-Mulej żejjnu b'innoċenza u b'abbundanza ta' għerf, hekk li dawn bla ebda dubju deheru fih sa mill-għabex tal-ħajja, flimkien ma' sinjali oħrajn ċerti ta' qdusija.

[874] Ta' żagħżugħ libes it-tonka umli tal-Kanoniċi Regulari ta' Santu Wistin. Għal ħdax-il sena ħarreġ ruħu fil-virtujiet tal-ħajja reliġjuża, u mela lil moħħu u lil qalbu bit-teżor tad-duttrina tas-sema. Bid-dawl tal-grazzja divina wasal għas-saċerdozju, u kompla jikber fil-ħajja tal-perfezzjoni. Sadanittant l-ewwel ħames martri ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, li kienu marru missjunarji fil-Marokk, ħammru b'demmhom lill-Ordni Serafiku bħallikieku kien jiddi fil-ħmura ta' l-għodwa. Hu feraħ fuq li feraħ bir-rebħa glorjuża tal-fidi nisranija, u hekk Antnin tħeġġeġ bl-imħabba taħraq għall-martirju. Erħielha bil-ġifen lejn il-Marokk, u niżel mimli hena fuq ix-xtut ta' l-Afrika. Imma wara ftit

[1] PIUS PP. XII, *Litterae Apostolicae «Exulta, Lusitania felix; o felix Padua, gaude»,* in *Acta Apostolicae Sedis* 38 (1946) 200-204.

taż-żmien inħakem minn marda gravi, u kellu jerġa' lura bil-ġifen lejn art twelidu. Iżda qamet tempesta mill-aktar qalila fil-baħar, u Alla iddisponda li l-mewġ u l-irjieħ ġarrew il-ġifen tiegħu fuq ix-xtut ta' l-Italja. Hemmhekk ma kien jafu ħadd, u lanqas hu ma kien jaf lil ħadd, u għalhekk mar Assisi, waqt kapitlu ġenerali li fih kienu inġabru l-patrijiet u l-għalliema ta' l-Ordni tiegħu.

[875] Meta wasal hemmhekk, il-Missier San Franġisk laqgħu b'ferħ kbir, u bil-ħlewwa u t-tjieba tiegħu imlielu ruħu bl-ispirtu serafiku u b'ħeġġa kbira. Sadanittant id-duttrina tas-sema ta' Antnin xerrdet fil-beraħ il-fama tiegħu. Il-Patrijarka Serafiku, meta aċċerta ruħu dwar dan kollu, ta l-mandat lil Antnin biex jgħallem lill-patrijiet, u ried jiktiblu dawn il-kelmiet mill-aktar sbieħ: *Lil fra Antnin, isqof tiegħi, fra Franġisk jixtieqlek saħħa. Għandi pjaċir li inti tgħallem it-tejoloġija mqaddsa lill-aħwa, imma basta li int, minħabba fl-istudju, ma titfix fik l-ispirtu tat-talb u tad-devozzjoni, kif hemm miktub fir-Regola*.

[876] Hekk Antnin aċċetta li jaqdi l-uffiċċju tat-tagħlim, u sar l-ewwel Lettur fi ħdan l-Ordni Serafiku. Kien jgħallem fl-istudju tal-patrijiet f'Bologna; imbagħad kompla jgħallem f'Toulouse, u f'Montpellier; hekk sar mill-aktar magħruf f'dawn il-kunventi ta' studji fil-bliet. Antnin għallem lill-patrijiet u ġabar frott mill-aktar għammiel, imma hu qatt ma heda li jingħata għat-talb, kif kien għallmu l-Patrijarka Serafiku.

[877] Mhux biss bil-kelma tat-tagħlim tiegħu, imma wkoll bl-eżempju tal-ħajja mill-aktar qaddisa tiegħu, ħa ħsieb jgħallem lid-dixxipli tiegħu f'Padova, u kien jidher abjad silġ bħal ġilju bis-safa tal-qalb tiegħu. Kemm kien għażiż għall-Ħaruf bla tebgħa, urieh Alla nnifsu għalkemm hu kien jibqa' moħbi. Ta' spiss waqt li kien ikun waħdu fiċ-ċella jitlob, Antnin kien jiffissa għajnejh bil-ħlewwa kollha lejn is-sema, u dak il-ħin stess it-Tarbija Ġesù, jiddi b'dija ta' l-għaġeb, kien jidher fi ħdan dak iż-żagħżugħ Franġiskan li kien iħaddnu ma' dirgħajh. Kien jitbissimlu u jimla lill-Qaddis bil-ħlewwa ta' tifel ċkejken, hekk li l-Qaddis kien iħossu barra minn sensieh, u donnu jsir Anġlu u mhux bniedem, u jkun fil-kumpanija ta' l-Anġli u mal-Ħaruf, biex miegħu *jirgħa qalb il-ġilji* (cfr. Għan 2,16). Antnin kien ixerred ma' kullimkien id-dawl tad-duttrina tiegħu, u kien xandâr tal-kelma divina, hekk li kulħadd kien jaqbel filli jagħti xhieda li kien bniedem ta' għerf kbir u li t-tifħir u l-kelma divina tiegħu kienu jgħollu lil kulħadd lejn is-sema. Meta kien Padova kien kiteb is-*Sermones* tiegħu, li f'dawn il-volumi Antnin

jidher mill-aktar espert fix-xjenzi qaddisa; jidher ukoll uniku fit-tiftix tad-dommi ta' fidi teoloġiċi; jidher duttur insinji u għalliem fil-mod kif jitratta kwestjonijiet ta' axxetika u mistika. Hu kien jgħallem dan kollu bl-arti ta' l-elokwenza divina, bħallikieku kien teżor, u kien jingħata b'ruħu u ġismu għal din l-opra unika ta' ħabbâr ta' l-Evanġelju. Kien donnu jiġbor fl-imħażen il-ġid, u kien iwassal lil kulħadd, inklużi l-predikaturi qaddisa, għall-verità, kien ixekkel l-erruri, kien jieqaf lill-eretiċi, kien iwassal lura fit-triq it-tajba lill-bnedmin li jkunu sejrin jintilfu, permezz ta' l-argumenti qawwija li jkunu bil-għatx għalihom.

[878] Billi Antnin kien ta' spiss jippriedka billi jagħmel użu minn siltiet u sentenzi mill-Evanġelju, stħaqqlu l-isem xieraq ta' «Duttur Evanġeliku». Minn dan kollu, bħal minn għajn ta' ilma dejjem tnixxi, kienu ħafna dawk id-Dutturi u Teoloġi li xorbu bl-abbundanza mill-kelma divina tiegħu sal-ġurnata tallum, hekk li huma jqisu lil Antnin bħala għalliem, u jixtiequ li jkollu l-ġieħ ta' Duttur tal-Knisja Mqaddsa. F'dan il-ġudizzju, l-istess Papiet kienu wrew xewqa simili u bħallikieku raw minn qabel l-utilità li jimxu fuq l-eżempju ta' dawn id-dutturi.

[879] Il-Papa Sistu IV, fl-Ittra Apostilika *Immensa,* tat-12 ta' Marzu 1472, hekk mar jikteb: «Sant'Antnin ta' Padova, bħal kewkba tiddi fil-għoli, dawwal id-dinja kollha bid-dija tiegħu, bil-prerogattivi tal-merti l-aktar wesgħin u tal-virtujiet li kellu, u bil-profondità ta' l-għerf u tad-duttrina, kif ukoll bil-predikazzjoni mħeġġa tal-fidi tagħna ortodossa li biha dawwal il-Knisja Kattolika, żejjinha u waqqafha fis-sod». Il-Papa Sistu V, fl-Ittra Apostolika mogħtija bis-siġill fl-24 ta' Jannar 1586, kiteb hekk: «Sant'Antnin minn Lisbona kien bniedem ta' qdusija unika ... u xorob mill-għerf divin». Il-predeċessur tagħna l-Papa Piju XI, ta' tifkira hienja, fl-Ittra Apostolika ta' l-1 ta' Marzu 1931, *Antoniana sollemnia,* li ħabbret is-seba' ċentenarju mill-mewt hienja ta' Sant'Antnin, mibgħuta lill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Elia Dalla Costa, Isqof ta' Padova, li mbagħad sar Arċisqof u Kardinal ta' Firenze, faħħar il-għerf divin ta' dan l-Appostlu Franġiskan, li xtered ma' kullimkien, u li ħabrek għall-integrità u l-qdusija ta' l-Evanġelju. Minn din l-Ittra tal-predeċessur tagħna jkun jiswa għalina li nerġgħu nġibu dawn il-kelmiet b'tifkira: "It-Tawmaturgu ta' Padova, fiż-żminijiet imqallbin li fihom għex, li kienu infettati b'ħafna mard spiritwali, kien jiddi bil-għerf kristjan, u kien ixerred ma' kullimkien il-fwieħa tal-virtujiet tiegħu ... (Fl-Italja) il-ħidma apostolika tiegħu wettaqha bil-qawwa u b'mod ċar; hekk li qatt

ma heda minn dan l-impenn tiegħu kostanti; fi Franza mbagħad ħadem f'diversi provinċji, hekk li dawn il-popli kollha, kemm iċ-ċittadini ta' Lisbona, kif ukoll l-Afrikani, it-Taljani, il-Franċiżi, kollha setgħu jifhmu l-veritajiet tal-fidi kattolika permezz ta' Antnin, u hu xerred it-tagħlim tiegħu bla ebda preferenza bejn nazzjonijiet u b'ħidma ikkurata tajjeb. Ħadem ukoll fost l-istess eretiċi, jiġifieri l-Albiġiżi, il-Katari u l-Patarini, li kienu qawwija u mħeġġa ħafna fi żmienu u li bosta minnhom kienu jġiegħlu lill-fidili nsara biex jitfu fihom id-dawl tal-fidi, u tant għamel suċċess bil-ħidma tiegħu fosthom, li stħaqqlu t-titlu ta' *martell ta' l-eretiċi*».

[880] Dan kollu ma għandux jgħaġġibna, meta nqisu l-piż tal-fama tiegħu f'mumenti qawwija, l-aktar meta l-Papa Girgor IX, li baqa' mistagħġeb meta sema' l-kliem ta' l-għaġeb tal-predikazzjoni ta' Antnin, mar jagħti lill-Qaddis ta' Padova l-unur li jsejjaħlu *Arka tat-Testment* u *Teżor ta' l-Iskrittura Mqaddsa*. Ta' min jiftakar ukoll bil-mod hekk xieraq li, fl-istess jum tat-30 ta' Mejju 1232, li fih it-Tawmaturgu ta' Padova ġie inkluż fil-lista tal-Qaddisin tas-sema, biss ħdax-il xahar mit-transitu hieni tiegħu, meta l-Papa Girgor mexxa r-rit solenni u pontifikali tal-Kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin, ried li bil-leħen tiegħu stess jibda l-kant ta' l-Antifona tad-Dutturi tal-Knisja: "O duttur mill-aqwa, dawl tal-Knisja Mqaddsa, Sant'Antnin, int li ħabbejt il-liġi ta' Alla, itlob għalina lill-Iben ta' Alla". U meta hu għamel dan u beda l-Liturġija mqaddsa ried li lil Sant'Antnin jingħatalu l-kult tad-Dutturi tal-Knisja, permezz tal-ġieħ tal-Quddiesa tad-Dutturi fil-Missal "skond l-użanza tal-Kurja Rumana". Ukoll il-Quddiesa, li bdiet tintuża wara r-riforma tal-Kalendarju li għamel il-Papa San Piju V fl-1570, u li tintuża sa żminijietna mill-Familja Franġiskana fid-dinja kollha, u fid-djoċesijiet ta' Padova u ta' Lisbona u tal-Brażil, fost il-kleru kollu, lanqas ma tonqos li tagħtih dan l-istess ġieħ.

[881] Minn dan kollu u minn dak li diġà għidna qabel ġara li, malli Antnin irċieva l-ġieħ tal-qaddisin fis-sema, ix-xbihat tiegħu fil-pitturi u l-iskulturi, biex iqanqlu d-devozzjoni ta' l-insara lejn dan l-Appostlu kbir, bdew jipproponuh bil-ktieb miftuħ, jew f'idu jew maġenbu, biex jindika l-għerf u d-duttrina tiegħu, u wkoll bil-fjamma fl-id l-oħra, li hi simbolu tal-ħeġġa taħraq li kellu. Ma għandniex nistagħġbu dwar dan, jekk fi ħdan l-istess Ordni Serafiku fil-kapitli ġenerali tiegħu għal diversi drabi ġiet murija x-xewqa li għat-Tawmaturgu ta' Padova jiġi

ikkonfermat il-kult ta' Duttur li kien ilu jgawdih għal sekli sħaħ, u li dan il-kult jinfirex fil-Knisja kollha. Kienu bosta dawk l-irġiel famużi li ma kellhomx dubju li din ix-xewqa setgħet issir realtà. Fis-seba' ċentenarju mill-mewt ta' Sant'Antnin, sabiex bil-kuraġġ kollu dawn l-unuri tas-sema jiġu mogħtijin lilu darba għal dejjem, il-Franġiskani ta' l-Ordni tal-Minuri għamlu talba uffiċjali lill-predeċessur tagħna, ta' tifkira hienja, il-Papa Piju XI, kif ukoll imbagħad tennew l-istess talba lilna, sabiex aħna jogħġobna nordnaw li jingħata lil Antnin il-kult riservat għad-Dutturi tal-Knisja.

[882] Ġara għalhekk li dawn it-talbiet bdew ġejjin mill-Kardinali, minn bosta Arċisqfijiet u Isqfijiet, kif ukoll mill-Ordnijiet Reliġjużi u Kongregazzjonijiet ta' Prelati, kif ukoll minn persuni mill-aktar għorrief, kemm mill-kleru kif ukoll mil-lajċi, u wkoll mill-Universitajiet ta' l-Istudji u l-Istituti akkademiċi tar-Reliġjużi. Dawn it-talbiet żdiedu u kotru dejjem aktar. Hekk aħna, wara li ikkonsultajna s-Sagra Kongregazzjoni Rumana għar-Riti, ħallejna għall-vot tagħha li jiġi magħżul iż-żmien opportun biex din ix-xewqa tiġi mitmuma. Is-Sagra Kongregazzjoni bdiet taħdem fuq il-mandat tagħna, u iddelegat irġiel li jistħoqqilhom jeżaminaw *ex officio* b'mod akkurat dak kollu li ġġib magħha talba bħal din. Wara li intalbu l-pariri separati ta' kull membru, u wara li ġie eżaminat kollox bir-reqqa, kien fadal biss li l-istess Kongregazzjoni titlob li jitqies dak kollu li l-predeċessur tagħna l-Papa Benedittu XIV, ta' tifkira hienja, għoġbu jitlob li jkunu r-rekwiżiti biex persuna qaddisa tiġi milqugħa fost id-Dutturi: jiġifieri, ħajja qaddisa insinji, duttrina eminenti u ċelesti, u d-dikjarazzjoni tal-Papa. Hekk huma setgħu jipproċedu biex jiġi ippreżentat Sant'Antnin ta' Padova għad-dikjarazzjoni ta' Duttur tal-Knisja universali.

[883] Fil-konċistorju ordinarju tat-12 ta' Ġunju 1945, li sar fil-belt tal-Vatikan, l-Eminentissimu Kardinal Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, il-maħbub iben tagħna l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Presbiteru Raffaele Carolo Rossi, Segretarju tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċistorju, u Ponente ta' din il-kawża, li għamel relazzjoni dettaljata kif suppost, wara li l-membri semgħu wkoll il-maħbub iben tagħna Salvatore Natucci, Promutur Ġenerali tal-Fidi, qablu li din id-dikjarazzjoni setgħet issir.

[884] Issa li ġie mwettaq dan il-proċess kollu, aħna nikkonċedu lill-Franġiskani kollha u lill-oħrajn kollha li jiġu milqguħin bil-qalb ix-

xewqat tajba tagħhom. Permezz ta' din l-Ittra, wara li domna naħsbu fuq li naħsbu u nqisu kollox b'deliberazzjoni matura, Aħna, bil-milja tal-qawwa Apostolika li biha mżejnin, naħtru u niddikjaraw li Sant'Antnin ta' Padova, Konfessur, għandu jitqies bħala Duttur tal-Knisja Universali. Dan kollu nordnaw li jsir minkejja kull dispożizzjoni kuntrarja fil-kostituzzjonijiet jew Ordinazzjonijiet Apostoliċi, ġejja minn fejn ġejja. Hekk nordnaw, u hekk irridu li jiġi konfermat permezz ta' din l-Ittra, sabiex jibqa' dejjem validu u effikaċi u permanenti; irridu li dak li jingħad jottjeni l-effett sħiħ u integru tiegħu; hekk irridu li jiġi mifhum jew iġġudikat dak li hu definit; hekk li jkun projbit għal kull wieħed, hu min hu, u hi liema hi l-awtorità li jgawdi, li jittanta ma jħarisx dak li hu mniżżel, jew b'mod konxju jew inkella minħabba injuranza.

[885] Mogħtija f'Ruma, f'San Pietru, taħt iċ-ċurkett tas-Sajjied, nhar is-16 tax-xahar ta' Jannar, festa tal-Protomartri Franġiskani, tas-sena 1946, is-seba' sena tal-pontifikat tagħna.

Pius PP. XII

# BIBLJOGRAFIJA

## FONTI

*Vita Prima di S. Antonio o «Assidua» (c. 1232),* Introduzione, testo critico, versione italiana e note a cura di Vergilio Gamboso, («Fonti Agiografiche Antoniane», Vol. I), Edizioni Messaggero Padova 1985.

GIULIANO DA SPIRA, *Officio Ritmico e Vita Secunda (c. 1235-1240),* Introduzione, testo critico, versione italiana e note a cura di Vergilio Gamboso, («Fonti Agiografiche Antoniane», Vol. II), Edizioni Messaggero Padova 1985.

*Vita del «Dialogus» e «Benignitas» (1246-1280),* Introduzione, testo critico, versione italiana e note a cura di Vergilio Gamboso, («Fonti Agiografiche Antoniane», Vol. III), Edizioni Messaggero Padova 1986.

*Vite «Raymundina» e «Rigaldina» (1293-1300),* Introduzione, testo critico, versione italiana e note a cura di Vergilio Gamboso, («Fonti Agiografiche Antoniane», Vol. IV), Edizioni Messaggero Padova 1992.

*Liber Miraculorum e altri testi medievali*, Introduzione, testo critico, versione italiana e note a cura di Vergilio Gamboso, («Fonti Agiografiche Antoniane», Vol. V), Edizioni Messaggero Padova 1997.

*Testimonianze minori su Sant'Antonio,* Introduzioni, testi critici, versione italiana e note a cura di Vergilio Gamboso, («Fonti Agiografiche Antoniane», Vol. VI), Edizioni Messaggero Padova 2001.

ARNALD DE SARRANT, *Liber Miraculorum Sancti Antonii,* in AF III, Quaracchi 1897, 121-158.

BARTHOLOMEUS DE RINONICO DE PISA, «De Sancto Antonio de Padua» (c. 1390), *De Conformitate Vitae Beati Francisci ad Vitam Domini Iesu,* Liber I (Fructus I-XII), in AF IV, Quaracchi 1906, 264-274.

SANCTI ANTONII PATAVINI, *Sermones Dominicales et Festivi, ad fidem codicum recogniti,* curantibus B. Costa, L. Frasson, I. Luisetto, coadiuvante P. Marangon, Centro Studi Antoniani, Padova 1979.

SANT'ANTONIO DI PADOVA, *I Sermoni.* Traduzione di G. Tollardo, Edizioni Messaggero Padova 1994.

## STUDJI

ABATE G., "La leggenda antoniana del *«Dialogus»* nel codice di Chambéry", MF 32 (1932) 119-138.

ABATE G., "La composizione della leggenda *«Assidua»* secondo un recente studio", MF 32 (1932) 249-255.

ABATE G., "S. Antonio maestro di sacra teologia", *S. Antonio dottore della Chiesa.* Atti delle settimane antoniane tenute a Roma e a Padova nel 1946, Città del Vaticano 1947, 265-294.

ABATE G., "Quanti anni visse S. Antonio?", *Il Santo* 7 (1967), 3-66.

ABATE G., "Le primitive biografie di S. Antonio nella loro tradizione manoscritta. Testi antoniani"*, Il Santo* 7 (1967) 272-338.

ABATE G., "La *Vita Prima* di Sant'Antonio", *Il Santo* 8 (1968), 127-226.

ABATE G., "Le fonti biografiche di S. Antonio. II. Ufficio ritmico di S. Antonio di fra Giuliano da Spira O.Min. (c. 1235); III La *Vita secunda* di S. Antonio di fra Giuliano da Spira (c. 1235-50), *Il Santo* 9 (1969), 149-190.

ABATE G., "Le fonti biografiche di S. Antonio. IV. La Vita di S. Antonio del *Dialogus*", *Il Santo* 9 (1969), 305-324.

ABATE G., "Le fonti biografiche di S. Antonio. V. *Legenda Raymundina.* VI. *Legenda Rigaldina*", *Il Santo* 9 (1969) 3-78.

ABATE G., "Le fonti biografiche di S. Antonio. VII. I frammenti della *Benignitas* e la *Vita S. Antonii* edita dal Surio", *Il Santo* 10 (1970), 223-272.

ANTONELLI F., "Elogium S. Antonii de Padua, acutore fratre Elemosina (ca. 1336)", *Antonianum* 61 (1931) 381-385.

*Atti del Convegno Internazionale "Cultura, Arte e Committenza al Santo nel Trecento",* Padova, Basilica del Santo (24-26 maggio 2001), *Il Santo* 42 (2002).

AQUILINA G. – GHIRLANDO M. – MUSCAT N. – TONNA I. – XUEREB G.B. (a cura di), *Min kien Sant'Antnin ta' Padova,* Istitut Franġiskan – Provinċja Franġiskana Maltija, Edizzjoni TAU, Malta 1995.

AUTORI VARI, *S. Antonio di Padova fra storia e pietà. Colloquio interdisciplinare sul «fenomeno antoniano»,* Centro Studi Antoniani, Padova 1977.

AUTORI VARI, *I volti antichi e attuali del Santo di Padova. Colloquio interdisciplinare su l'«immagine» di sant'Antonio,* Centro Studi Antoniani, Padova 1980.

BALDISSIN G. (a cura di), *Bibliografia delle Opere d'Arte della Basilica di Sant'Antonio in Padova (sec. XV-XXI)*, Centro Studi Antoniani, Padova 2005.

BARILE E., "Camposampiero Tiso (T. Novello, T. Maggiore, Tisone)", *Dizionario biografico degli Italiani,* tom. 17, 614a-615b.

BASILE A., "Dimensione penitenziale della vita cristiana nei Sermoni di S. Antonio di Padova", *Il Santo* 18 (1978), 3-72.

BELTRÀN J., "Chronology of the Life of St. Anthony of Padua", GR 15,1 (2001), 87-100.

BERTAZZO L., *L'ottavo Centenario della nascita di S. Antonio di Padova (1195-1995). Cronaca e documentazione,* Centro Studi Antoniani, Padova 1996.

BERTAZZO L., "Saggio di bibliografia antoniana (1994-1997). VIII Centenario della nascita (1195-1995). 50º anniversario del titolo di Dottore della Chiesa (1946-1996), *Il Santo* 38 (1998), 99-146.

BERTAZZO L. (a cura di), *«Vite» e vita di Antonio di Padova. Atti del Convegno internazionale sulla agiografia antoniana* (Padova 29 maggio – 1 giugno 1995), Centro Studi Antoniani, Padova 1997.

BERTAZZO L., *Saggio di bibliografia antoniana (1994-1997). VIII Centenario della nascita (1195-1995). 50º anniversario del titolo di Dottore della Chiesa (1946-1996)* [estratto da *Il Santo* 38 (1998), 1-2], Centro Studi Antoniani, Padova 1998.

BIHL M., "Per l'unità della leggenda primitiva di S. Antonio di Padova", *Bollettino Storico-Bibliografico Francescano* 23 (1934) 3-30.

BLASUCCI A., "S. Antonio di Padova maestro di preghiera", *Il Santo* 2 (1962) 119-134.

BRUFANI S., "Hagiography of St. Anthony and St. Francis", GR 14,1 (2000), 43-61.

BUGHETTI B., "Alcuni punti controversi intorno a S. Antonio di Padova", SF 4 (1932) 385-402.

CALLEBAUT A., "St. Antoine de Padoue: Recherches sur ses trente premières années", AFH 24 (1931) 449-494.

CAMBELL J., “Le culte liturgique de st. Antoine de Padoue”, *Il Santo* 11 (1971), 3-70; 115-198; 12 (1972);19-64.

CANTINI G., “La tecnica e l’indole del sermone medievale e i Sermoni di S. Antonio di Padova”, SF 31 (1934) 73-78.

CAROLI E., (a cura di) *Dizionario Antoniano. Dottrina e Spiritualità dei Sermoni di Sant’Antonio,* Edizioni Messaggero Padova 2002.

CELI G., “Fonti principali della vita di S. Antonio di Padova e alcune controversie storiche”, *Civiltà Cattolica* 83 (1932), vol. II, 544-556; vol. IV, 575-584.

CESSI F., “Le traslazioni e le ricognizioni delle reliquie del Santo nell’arte”, *Il Santo* 3 (1963), 61-66.

CHATILLON J., “Saint Anthony of Padua and the Victorines”, GR 8,3 (1994), 347-380.

CLASEN S., *St. Anthony: Doctor of the Church,* Translation by Ignatius Brady, Franciscan Herald Press, Chicago 1973.

*Collectanea Franciscana. Bibliographia Franciscana*, Istituto Storico dei Cappuccini, Roma, tomus XIX (1995), 124-148; tomus XXIV (2000), 127-130; tomus XXVII (2005), 130-134.

*Congresso Internacional «Pensamento e Testemuncho». 8 centenário do nascimento de Santo António. Actas,* Universidade Católica Portuguesa, Família Franciscana Portuguesa, Braga 1996.

CORRAIN C. – POPPI A. (a cura di), *La ricognizione del corpo del beato Luca Belludi. Studi storici e medico-antropologici,* (Centro Studi Antoniani, 9), Edizioni Messaggero Padova 1986, *Il Santo* 26 (1986), 5-235.

COSTA B., “*Clavis Mystica*. Dizionario sul pensiero antoniano”, *Il Santo* 4 (1964) 3-24.

COSTA F., "Sulla natura e la cronologia dei sermoni di sant'Antonio di Padova", *Il Santo* 39 (1999) 26-69.

DA GAMA C.F., *Santo António de Lisboa,* vol. I: *Introducão ao estudo de obra antoniana,* Lisboa 1967.

DALLARI D., "Le relazioni di Frate Elia con S. Antonio di Padova", *Il Santo* 19 (1979), 57-66.

DE KERVAL L., "Sancti Antonii de Padua vitae duae, quarum altera hucusque inedita", *Collection d'études et documents sur l'histoire religieuse et littéraire du Moyen Age*, tom. V, Paris 1904.

DE KERVAL L., "L'évoloution et le dévelopment du merveilleux dans les Légendes de s. Antoine de Padoue", *Opuscules de critique historique* 2, Paris 1914-1919, 221-286.

DE KERVAL L., "Antoine de Padoue, saint", in *Dictionnaire de histoire et géografie écclesiastiques,* tom III, Paris 1924, 797-801.

DELORME F., "Les Cordeliers dans le Limousin aux XIII$^{e}$-XIV$^{e}$ siècles", AFH 32 (1939) 201-259; 33 (1940) 114-160.

DESBONNETS Th., "«Fonti Agiografiche Antoniane»: reflexions de lecture", *Il Santo* 26 (1986), 453-468.

DI MAIO A., "Espliciti richiami e taciti legami: Antonio e Francesco; Bonaventura e Antonio", *Il Santo* 46 (2006) 7-53.

DOIMI S., "S. Antonio di Padova Dottore «Evangelico»", *Il Santo* 1 (1961) 275-299.

DOIMI S., "Il Dottore Evangelico e il Dottore Serafico", *Il Santo* 3 (1963), 267-282.

DOIMI S., "La spiritualità del terz'Ordine francescano nei *Sermones* di S. Antonio", *Il Santo* 7 (1967), 131-146.

DOIMI S., "I Sermoni di S. Antonio prima *Summa de Paenitentia* nell'Ordine francescano", *Il Santo* 8 (1968), 61-78.

ESSER K., "Der Brief des heiligen Franziskus an den heiligen Antonius von Padua", *Franziskanische Studien* 31 (1949) 135-141.

FRASSON L. – GAMBOSO V., *La personalità di S. Antonio di Padova,* Centro Studi Antoniani, Padova 1979.

FRASSON L. – GAFFURI L. – PASSARIN C. (a cura di), *In nome di Antonio: la «Miscellanea» del Codice del Tesoro (XIII in.) della Biblioteca Antoniana di Padova. Studio ed edizione critica,* Centro Studi Antoniani, Padova 1996.

FIOCCO G., "L'altare grande di Donatello al Santo", *Il Santo* 1 (1961), 21-36.

FIOCCO G., "Il reliquiario della Lingua del Santo", *Il Santo* 3 (1963), 131-138.

FIORINI B., "Il culto a sant'Antonio nell'isola di Malta", *Il Santo* 5 (1965), 269-286.

FIORINI B., "Ancora sul culto a S. Antonio nell'isola di Malta", *Il Santo* 13 (1973), 177-186.

FRIAS A., *Lettura ermeneutica dei «Sermones» di sant'Antonio di Padova. Introduzione alle radici culturali del pensiero antoniano,* Centro Studi Antoniani, Padova 1955.

GALLIMBERTI N., "Ideazione e costruzione della basilica del Santo", *Il Santo* 3 (1963), 327-344.

GALLIMBERTI N., "La Cittadella Antoniana", *Il Santo* 4 (1964), 97-102.

GAMBOSO V., "La *Sancti Antonii confessoris de Padua vita* di Sicco Ricci Polentone", *Il Santo* 11 (1971), 119-282.

GAMBOSO V., "Ricerche sulla leggenda antoniana *Benignitas*", *Il Santo* 15 (1975), 14-89; 17 (1977) 3-106.

GAMBOSO V., "Da S. Antonio della storia al S. Antonio della pietà popolare", *Il Santo* 16 (1976) 227-253.

GAMBOSO V., "L'edizione critica dei *Sermones* di S. Antonio", *Il Santo* 19 (1979), 53-56.

GAMBOSO V., "Sulla data di composizione della *Assidua*", *Il Santo* 19 (1979) 111-121.

GAMBOSO V., "L'immagine di S. Antonio nei panegirici dei secoli XIII-XIV", *Il Santo* 19 (1979), 395-446.

GAMBOSO V., "Cronotassi Antoniana", *Il Santo* 22 (1982).

GAMBOSO V., *Profilo biografico di S. Antonio. Saggio di cronotassi antoniana,* Centro Studi Antoniani, Padova 1982.

GAMBOSO V., "La famiglia di sant'Antonio", *Il Santo* 39 (1999) 765-772.

GASPAROTTO C., "La grande missione antoniana a Padova nella quaresima 1231", *Il Santo* 4 (1964) 127-152.

GASPAROTTO C., "Perché S. Antonio venne a Padova", *Il Santo* 5 (1965) 211-225.

GASPAROTTO C., "Sancta Maria Mater Domini", *Il Santo* 5 (1965), 149-156.

GASPAROTTO C., "Perché S. Antonio venne a Padova", *Il Santo* 5 (1965), 211-226.

GASPAROTTO C., "Padova ecclesiastica 1239. Note topografico-storiche", *Fonti e ricerche di storia ecclesiastica padovana,* tom. I, Padova 1967, 141-148 (su S. Maria Mater Domini).

GASPAROTTO C., "Sant'Antonio in Giotto e nella prima tradizione iconografica padovana", *Il Santo* 7 (1967), 207-218.

GASPAROTTO C., "S. Antonio ed Ezzelino da Romano nella storia e nella leggenda", *Padova e la sua provincia* 19 (1973) 3-8.

GASPAROTTO C., "Sant'Antonio nell'altare maggiore di Donatello al Santo di Padova", *Il Santo* 15 (1975), 339-344.

GIURATI P., *Devozione a Sant'Antonio. Ricognizione socio-culturale,* Centro Studi Antoniani, Padova 1981.

GONZATO DEBIASI A., "Elena Enselmini clarissa padovana. Le fonti agiografiche ed il processo di canonizzazione", *Il Santo* 34 (1994), 35-70.

GUIDALDI L., "Testimonianze del sec. XIII su Luca di s. Antonio (B. Luca Belludi)", *Il Santo*, rivista antoniana illustrata, 1 (1928-29) 358-360. *I volti antichi e attuali del Santo di Padova.* II Colloquio interdisciplinare su «l'imagine di S. Antonio» [Padova, 9-11 aprile 1979], Edizioni Messaggero Padova 1980 (Collana Centro Studi Antoniani, 2), *Il Santo* 19 (1979), 137-720.

*La «Lectio Scripturae» nei Sermoni Antoniani.* Atti del Seminario di studio nel 50° anniversario dell'attribuzione del titolo di dottore evangelico a sant'Antonio di Padova [Padova, Basilica del Santo, Sala dello Studio Teologico per laici, 16 novembre 1996], *Il Santo* 37 (1997), 3-192.

LAURENTIN R., "The Virgin Mary in the Works of St. Anthony of Padua", GR 10,1 (1996), 47-74.

LECLERCQ J., "I *Sermones* antoniani nella storia della confessione", *Il Santo* 29 (1989), 333-342.

LONGPRÉ E., "S. Antoine de Padoue et les maîtres de Sainte-Croix de Coïmbre", *Regards sur l'Eglise*, Paris 1946, 223-224.

LONGPRÉ E., "Antoine de Padoue, saint", *Catholicisme,* tom. I, Paris 1948, 668-671.

LORENZIN T., "The Sermons of St. Anthony and the *Lectio Divina*", GR 6,3 (1992), 337-355.

LORENZIN T., "Le fonti del metodo esegetico di S. Antonio di Padova", *Il Santo* 34 (1994), 161-172.

MANSELLI R., "S. Antonio di Padova e la prima predicazione francescana", *Il Santo* 8 (1968) 3-20.

MANSELLI R., "Padova e S. Antonio", *Storia e cultura al Santo – Fonti e studi per la storia del Santo a Padova,* vol. III, Vicenza 1976, 3-14.

MANSELLI R., "The Franciscan Consciousness of St. Anthony of Padua", GR 9,1 (1995), 61-67.

MARANGON P., "S. Antonio e la cultura al Santo", *S. Antonio 1231-1981: il suo tempo, il suo culto e la sua città*, Padova 1981, 185-193.

MARCIL G. (edited by), *Anthony of Padua. «Sermones» for the Easter Cycle*, The Franciscan Institute, St. Bonaventure University, NY 1994.

MARIANO D'ALATRI, "Antonio, martello degli eretici?", *Il Santo* 5 (1965), 123-130.

MARIANO D'ALATRI, "L'Officio ritmico di Giuliano da Spira in onore di sant'Antonio di Padova", *Il Santo* 26 (1986), 449-452.

MARIANO D'ALATRI, "La penitenza nella leggenda *Assidua* di sant'Antonio", *Il Santo* 31 (2001), 371-378.

MENEGHELLI V. – POPPI A. (a cura di), *Ricognizione del corpo di S. Antonio di Padova. Studi storici e medico-antropologici*, (Centro Studi Antoniani, 4), Edizioni Messaggero Padova 1981, *Il Santo* 21 (1981), 189-482.

MILLER J.M., "Il fondamento cristologico della predicazione secondo S. Antonio di Padova", *Il Santo* 7 (1967), 247-258.

MINISTRI GENERALI FRANCESCANI, "«Antonio uomo evangelico». Lettera dei ministri generali in occasione dell'ottavo centenario antoniano", *Il Santo* 34 (1994), 141-160.

MINISTRI ĠENERALI FRANĠISKANI, "«Sant'Antnin Bniedem Evanġeliku». Ittra fl-okkażjoni tat-tmien ċentinarju mit-twelid (1195-1995)", Traduzzjoni N. Muscat, *Spirtu u Ħajja* 35 (1995), 25-33.

"Miscellanea di studi in onore di P. Vergilio Gamboso", *Il Santo* 39 (1999), 9-626.

MUSCAT N., "Sant'Antnin ta' Padova: Predikatur u Franġiskan", *Spirtu u Ħajja* 35 (1995), 34-35.

MUSCAT N., "Bijografiji Medjevali ta' S. Antnin. *Vita Prima* jew *Assidua*", *Spirtu u Ħajja* 36 (1995), 37-43.

NAKANO TEZUKA A., "La ri-creazione dell'uomo in Cristo nel pensiero di sant'Antonio di Padova", *Il Santo* 45 (2005) 655-664.

NATTA E., "Antonio 'guerriero di Dio'. A proposito di un recente film", *Il Santo* 46 (2006) 279-284.

NAZZARO G., "Kif S. Antnin sar Patrun tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa", *Spirtu u Ħajja* 36 (1995), 45-46.

NOCILLI A.G., "Sant'Antonio di Padova nel culto liturgico della Chiesa", *Il Santo* 19 (1979), 3-36.

NOCILLI A.G., *Liturgia e spiritualità antoniana,* Centro Studi Antoniani, Padova 1980.

NOCILLI A.G. (a cura di), *S. Antonio di Padova nei suoi scritti. Antologia dei Sermones,* 2a Edizione, Centro Studi Antoniani, Padova 1995.

ORLINI A., "Il messaggio Evangelico nei Sermoni di S. Antonio", *Il Santo* 3 (1963), 139-154.

PAOLAZZI C., "Antonio cita Francesco: l'epilogo dei *Sermones dominicales* e *Regula non bullata* XVII", *Il Santo* 36 (1996), 445-456.

PEDONE P., "La tematica liturgica nei *Sermones* antoniani", *Il Santo* 27 (1987), 3-76.

POLONIATO L., "Le preghiere dei *Sermones* di S. Antonio di Padova: contenuti teologici e spirituali", *Il Santo* 29 (1989), 71-196.

POMPEI A., "The *Sermones* of St. Anthony and Franciscan Theology", 9,3 (1995), 277-308.

POPPI A., "Dio Padre e il suo amore salvifico nel pensiero di S. Antonio", *Il Santo* 5 (1965), 3-30.

POPPI A. (a cura di), *Le Fonti de la Teologia dei Sermoni Antoniani.* Atti del Convegno Internazionale sui *Sermones* di S. Antonio di Padova [Padova, 5-10 ottobre 1981], Edizioni Messaggero Padova 1982 (Collana Studi Antoniani, 5), *Il Santo* 22 (1982), 5-838.

RAVAGLIA G., a cura di, *Antonio Uomo Evangelico. Convegno di studi nell'VII Centenario della nascita e nel 50º di proclamazione a Dottore della Chiesa* (Studio Teologico S. Antonio, Bologna, 22-23 febbraio 1996), Centro Studi Antoniani, Padova 1997.

RIGON A., "Appunti per lo studio dei rapporti tra Minori e mondo ecclesiastico padovano nel Duecento", *Il Santo* 16 (1976) 323-331.

RIGON A., "St. Anthony and University Culture in the Franciscan Order at its Origins", GR 6,1 (1992), 109-125.

SALVATORELLI L., "S. Antonio e la prima generazione francescana", *Pegaso* 3 (1931) 714-726.

SAMBIN P., "Una nuova scheda per Luca, socio di S. Antonio (1260)", *Il Santo* 1 (1961) 150-152. *Sant'Antonio di Padova Dottore della Chiesa.* Atti delle Settimane Antoniane tenute a Roma e a Padova nel 1946, Città del Vaticano 1947.

*Sant'Antonio di Padova fra storia e pietà.* Colloquio interdisciplinare su «Il fenomeno antoniano» [Padova, 10-12 giugno 1976], Edizioni Messaggero Padova 1977 (Collana Studi Antoniani, I), *Il Santo* 16 (1976) 149-664.

SARACINI L., "La Cella del Transito di sant'Antonio nel Santuario antoniano dell'Arcella" [estratto da *Il Santo* 40 (2000), 2-3], Centro Studi Antoniani, Padova 2000.

SARTORI A., "Il santuario dell'Arcella a Padova", MF 55 (1955) 538-582.

SARTORI A., "Documenti riguardanti Donatello e il suo altare di Padova", *Il Santo* 1 (1961), 37-99.

SARTORI A., "Ancora su Donatello e sul suo altare", *Il Santo* 1 (1961) 337-344.

SARTORI A., "Le traslazioni del Santo alla luce della Storia", *Il Santo* 2 (1962), 5-31.

SARTORI A., "Il santuario delle reliquie della basilica del Santo a Padova", *Il Santo* 2 (1962), 135-205; 289-336.

SARTORI A., "La festa della traslazione di S. Antonio e il culto della sua sacra Lingua nel corso dei secoli", *Il Santo* 3 (1963), 67-98.

SCHEMBRI G., *S. Antnin ta' Padova, il-bniedem evanġeliku*, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 1995.

SEMLER L., "De S. Antonii nomine", *Antonianum* 6 (1931), 385-392.

SMALLEY B., "L'uso della Scrittura nei *Sermones* di S. Antonio", *Il Santo* 21 (1981), 3-16.

SMALLEY B. – COSTA B., *Le fonti dei «Sermones» antoniani,* Centro Studi Antoniani, Padova 1981.

SORZANO G., "S. Antonio di Padova ed Ezzelino III da Romano", *Il Santo* 1 (1961), 3-12.

SORZANO G., "La società cristiana ai tempi del Santo", *Il Santo* 1 (1961), 5-20.

SORZANO G., "I Sermoni di S. Antonio di Padova riguardati come fonti storiche", *Il Santo* 2 (1962), 96-103.

SPILSBURY P., "*Concordantia* in the *Sermones Dominicales* of Anthony of Padua", *Il Santo* 39 (1999) 71-83.

STANISLAO DA CAMPAGNOLA, "L'immagine antoniana nelle «Fonti Francescane»", *Il Santo* 19 (1979) 357-362.

STANO G., "Antonio di Padova, santo", *Bibliotheca Sanctorum*, vol., II, Roma 1962, 156-179.

TEMPERINI L., "Penitential Spirituality in the Life and Sermons of St. Anthony of Padua", GR 16,3 (2002), 283-310.

TERRIBILE WIEL MARIN V. (a cura di), *La ricognizione del corpo di S. Antonio (1981). Nuove acquisizioni,* (Centro Studi Antoniani, 10), Edizioni Messaggero Padova 1986, *Il Santo* 26 (1986), 255-308.

URIBE F. (a cura di), *Il «Liber Naturae» nella «Lectio» Antoniana.* Atti del Convegno Internazionale per l'VIII Centenario della nascita di Sant'Antonio di Padova (1195-1995), [20-22 novembre 1995], Edizioni Antonianum, Roma 1996.

URIBE F., "La natura nei *Sermones* di S. Antonio", *Antonianum* 75 (2000), 461-480.

VAN ORTROY F., "Les *Sermones dominicales* de S. Antoine de Padoue", *Analecta Bollandiana* 30 (1911) 307-315.

VECCHI A., "Miraculorum prodigia", *Il Santo* 16 (1976) 255-302.

VECCHI A., "Ierusalem nova", *Liturgia, pietà e ministeri al Santo di Padova fra il XIII e il XIX secolo* (Fonti e studi per la storia del Santo a Padova, VI), Vicenza 1978, 3-20.

VECCHI A., "L'immagine di S. Antonio nelle biografie antiche", *Il Santo* 19 (1979) 345-356.

VECCHI A. (a cura di), *Devozione popolare a S. Antonio di Padova,* Centro Studi Antoniani, Padova 1983.

VISCARDI A., *S. Antonio da Padova,* Roma 1931.
*«Vite» e Vita di Antonio di Padova.* Atti del Convegno [Padova, 29 maggio – 1 giugno 1995], Edizioni Messaggero Padova 1997 (Collana Centru Studi Antoniani, 25), *Il Santo* 36 (1996), 5-380.

ZARAMELLA V., *Guida inedita della basilica del Santo,* Centro Studi Antoniani, Padova 1996.

# INDIĊI TA' RIFERIMENTI BIBLIĊI

In-numri tad-diversi riferimenti bibliċi ma jirreferux għall-paġni tal-volum, imma għan-numru marġinali tal-paragrafi. Meta tiġi indikata l-ittra «n», din tirreferi għall-isem fin-nota marbuta man-numru tal-paragrafu li jkun.

TESTMENT IL-QADIM


**Ġenesi**

| | |
|---|---|
| 3,15 | 518 |
| 6,13 | 17 |
| 12,1 | 580 |
| 12,1.9 | 464 |
| 17,17 | 5 |
| 27,20 | 1 |
| 27,27 | 417 |
| 28,12 | 490 |
| 31,35 | 5 |
| 32,31 | 698 |
| 46,29 | 17 |
| 46,30 | 698 |

**Eżodu**

| | |
|---|---|
| 3,11-13 | 495 |
| 4,10-13 | 495 |
| 7,12 | 289n |
| 12,3 | 17 |
| 12,41 | 25 |
| 15,11 | 615 |
| 21,15 | 412 |
| 25,31-32 | 499 |
| 26,22 | 2 |
| 26,17 | 549 |
| 28,4 | 498 |
| 28,6.15 | 502 |
| 36,32 | 2 |
| 38,20 | 553 |
| 39,3 | 507 |
| 39,8 | 502 |

**Levitiku**

| | |
|---|---|
| 1,14 | 469 |
| 1,14-15 | 489 |
| 1,16 | 484 |
| 2,1 | 469 |
| 2,11 | 503 |
| 3,1.10 | 469 |
| 11,10 | 492n |
| 11,26 | 466 |

**Numri**

| | |
|---|---|
| 9,22 | 25 |
| 21,5 | 516 |

**Dewteronomju**

| | |
|---|---|
| 9,10 | 497 |
| 15,13 | 13 |
| 16,19 | 503 |

**Mħallfin**

| | |
|---|---|
| 6,36-38 | 680 |
| 7,6 | 5 |
| 15,1 | 15 |

**1 Samwel**

| | |
|---|---|
| 24,7 | 29 |

**1 Slaten**

| | |
|---|---|
| 1,28 | 352 |
| 2,2 | 17 |
| 18,21 | 306 |
| 19,11-12 | 529 |

**2 Slaten**

| | |
|---|---|
| 2,12 | 18 |

**2 Kronaki**

| | |
|---|---|
| 18,29 | 584 |

32,27-31 479

**Esdra**
3,1.9 13

**Neħemija**
3,33-38 256
4,12 256
7,66 13
8,5 29
9,2 26

**Tobit**
2,6 18
12,8 650

**1 Makkabin**
6,34 355, 584

**2 Makkabin**
6,51 502

**Ġob**
1,6 8, 518
7,15 531
10,1 5
12,22 507
19,27 26
25,6 367
26,8 680, 779
29,16 20
39,21-22 480
40,25-26 501

**Salmi** (Vulgata)
1,3 92
2,6 92
3,8 92
4,3 94
4,4 563
5,7 94
8,3 94, 211
9,10 24, 632
10,17 631
14,1 96
18,8 456
18,13 270
20,3.5 96, 212
23,3 96, 213
33,9 579
35,9 85
35,9-10 216
36,30 94
36,30-31 100
36,37 357
39,3 85
39,10 1
44,2 8, 456
44,8 29
47,7-8 23
62,2 98, 216
67,6 20
67,13-14 109
67,14 484
67,14-15 109
67,36 681
76,10 24
79,15-16 268
92,3-4 98, 215
94,2 13
99,2 98
102,8 268
103,23 517
112,3 11
112,9 86
115,15 547
117,12 18
117,26 33, 746
118,30 9
118,85 861
118,140 502
120,1 305
125,6 272
126,1 24
130,1-3 619
137,2 17
144,8 268
144,15 632
145,2 537
146,2 26

146,3 658
148,12 18
150,1.3-5 98, 214

**Proverbji**
2,7 79
6,1 613
10,1 86
10,19 485
16,4 1
20,7 457
21,1 485, 507
21,31 584
28,13 26
31,20 352

**Koħelet**
5,3-4 344
9,15 510
11,10 3, 462

**Għanja ta' l-Għanjiet**
1,2 519
2,4 492
2,15 382, 505
4,1 447
4,3 689
4,4 487
6,10 26
6,11 530
7,2 103
7,9 518
7,11 456

**Għerf**
1,7 11
4,3 521
4,11 270
4,13 539
7,7 613
7,7-8 86
7,15 100
7,11-13 100
7,21 221
7,27 465
8,1 601
8,19-20 577
9,13 269
10,10 100
10,21 365, 546
17,11 637

**Bin Sirak**
3,20 608
6,5 612
6,31 92
7,27 510
13,1 463
15,4-5 581
15,5 662
24,14 543
24,23 457
36,6 227
39,5 86
39,6 100
39,7-8 100
41,1 19
43,4 496
44,1 229
48,1.13 370
50,6 573
50,9 513
50,12 28

**Iżaija**
9,5 13
10,27 519
11,5 5
11,6 526
11,7 523, 526
11,8 506
11,9 527
22,21 586
29,12 5
29,15 18
32,1 608
32,15 498
33,19 5
35,4 324
35,5 747

35,5-6 323
35,6 25
39,1-8 479
40,6 22
41,15 10, 248
42,8 28
43,20 498
48,11 28
51,6 456
54,11 553
58,1 365
58,11 98
61,1 526
63,3 1
65,19 13

**Ġeremija**
1,6-7 495
8,19 13
14,19 24
50,26 2

**Eżekjel**
1,13-14 492n
3,23 520
3,26 481
10,18 2
26,17 18
40,4 682
42,5-6 468
43,12 460
48,16.23-24 2

**Danjel**
3,45 863
3,59.74.78.57 98, 214
7,1 8, 28
7,9 353
9,19 24
9,23 489
10,11.19 489
10,16 489

**Hosegħa**
2,16 486

**Sofonija**
3,20 863

TESTMENT IL-ĠDID

**San Mattew**
4,3 627
4,7 332
5,1 531
5,3 95, 631
5,4 98
5,14 9
5,15 130, 493, 610, 869
6,6 484
6,21 843
6,22 486
7,25 98
8,11 26
8,20 598, 630
9,6 598
9,35 9
9,44 412
10,9.16 472
10,16 510, 523, 589
10,23 598
11,19 619
11,30 462
12,13 25
12,33 573
13,36 21
13,46 22
13,47 660
14,23 15
14,36 13, 21, 23
16,13 598
16,18 228
18,6 851
20,1 268
20,22 504
21,16 702
23,37 254
25,1-13 218
25,2 22

25,6 21
25,14 268
25,18 22
25,18.24 514
25,19 8
25,23 440
26,26 674
26,47.55 22
27,42 254
28,1 22
28,20 228

**San Mark**
1,45 13
2,16 637
4,40 482
5,15 755
5,22-43 327n
7,35 25
8,23-25 291
9,22-23 292
9,26 293
9,44 412
10,38 504
14,22 674
15,8 17
16,18 638, 769
16,20 678, 866

**San Luqa**
1,6 573
1,34 19
1,47 14
1,64.68 747
1,78 85
4,1 627
6,12 531
6,17 258
6,17-18 525
6,45 479
6,48 215
7,12-16 327n
7,38 17
8,2 254, 474
8,5.11 678
8,11 11
8,55 459
9,3 631
9,9 11
9,28 531
9,51 487
10,11 3, 17
10,21 14
10,39-40 490
10,40-41 620
10,42 465
13,29 26
14,11 609
14,17 365
14,26 579
21,15 383
22,19 674
22,32 228
22,52 22
22,53 12
24,17 226

**San Ġwann**
1,1 456
1,1-18 674
1,5 519
1,8.15.32 27
2,3-10 510
4,35 529
5,35 782
7,46 612
8,15 98
8,44 638
9,4 539n
11,1-44 327n
11,9 539n
11,11 227
11,39 453
12,13 26
12,35-36 539n
13,1 422, 692
13,4 17, 607
14,6 863
14,12 228, 324
14,26 8

15,2 499
15,3 156n
18,37 81, 691
19,21 665
19,28 216
20,22 627
20,30 84
21,6 660
21,25 84

**Atti ta' l-Appostli**
1,21 23
2,6.8 392
2,42 386
3,1-2 306
3,5-7 307
3,15 456
4,15 226
4,32 27
4,34-35 13
5,21 22
5,41 5
6,1 13
6,4 95
8,6 8
9,15 103, 363
10,17 28
11,20 458
12,18 17
13,16 23
13,26 8
13,46 671
18,25 3
19,28 98
20,23 241
25,10 242
27,1 241
27,20 335

**Rumani**
2,5 467
2,11 10
5,5 679, 779
7,22 466
7,23 270
8,2 270
8,12 85
9,22-23 227
10,2 23
10,17 521
12,11 3
12,16 479
13,12b 217
15,2 229
16,22 1

**1 Korintin**
1,31 492
2,1-2 7
2,4 228
2,6 86
2,6-7 5
2,10 4
2,13 10
2,14 516
3,2 221
3,10 353
4,15 18
7,5 361
7,14 79
8,1 467, 606
9,24 586
10,4 98
10,13b 621
10,16 386
11,24 674
12,10 257
12,31 409
14,15 622, 641

**2 Korintin**
1,7 13
3,3 515
3,5 456
5,1 15, 532
6,2 11
8,2 629
8,24 5
10,5 7
10,17 492

11,14 254
11,23 2
11,26 542

**Galatin**
1,1 611
2,11 6, 20
2,19-20 602
4,4 324
4,26 537, 702
5,17 488

**Efesin**
1,14 676
2,15 549
3,7 498, 603
3,16 466
4,3 549
4,22-23 582
4,29 16
5,19 24
6,3 462
6,12 12
6,17 504, 656

**Filippin**
1,17 458
1,21 602
1,23-24 242, 692
2,11 86
2,16 13, 19
3,9-10 582
3,13 478
3,15 456
3,20 652

**Kolossin**
2,3 483
3,6 24
3,12 85
3,16 521
4,3 13
4,6 10

**1 Tessalonkin**
4,16 379
5,5 519

**1 Timotju**
2,5 324
2,7 241
3,15 2
4,8 466
5,17 376
6,16 29
6,18 12, 655

**2 Timotju**
2,3 3, 589
2,21 513
2,23 509
4,2 248
4,3 1
4,5 9, 248

**Titu**
3,4 350
3,8.14 12

**Lhud**
1,1-2 227
1,3 9
2,10 456
4,12 1, 502, 526
5,4 614
5,14 5, 221
7,26 558
8,2 611
10,22 324
10,26 222
11,1 228
11,36 459
11,37-38 271
12,2 456
13,7 229

**Ġakbu**
5,4 382

**1 Pietru**
1,9 675
1,17 691
1,18-19 253
2,11 631
5,3 13
5,6 227
5,7 20
5,8 518, 644
5,11 29

**1 Ġwann**
2,8 215
2,16 3
2,16-17 578
2,20 17
4,1 456

**Apokalissi**
2,10 865
3,4 272
3,20 536
4,6 499
5,5 757
7,17 525
12,1 519
12,9 12
19,10 456, 669
20,4 230
21,1.10 702
21,2 26

# INDIĊI TAL-PERSUNI

L-ismijiet huma dawk ewlenin fit-testi u n-noti relattivi, mhux fl-introduzzjonijiet. In-numri ma jirreferux għall-paġni, imma għan-numru marġinali tal-paragrafi, li jindika l-post eżatt ta' l-indikazzjoni u l-mod kif wieħed jikkwota l-Fonti. Meta tiġi indikata l-ittra «n», din tirreferi għall-isem fin-nota marbuta man-numru tal-paragrafu li jkun.


AARON: 614.
ABRAHAM: 580.
ADAM MARSH: 508, 782.
ADAM RUFUS: 231n.
AFRIKANI: 879.
AGAPETI: 500.
AGARENI: 462.
AGNESE, mirakolata: 35, 279.
ALBERTO, mirakolat: 34.
ALBERTO DA PISA, Ministru: 21n, 22n, 173n.
ALBIĠIŻI, eretiċi: 879.
ALBORNOZ, Kardinal: 375n.
ALDONSIA, bint reġina Portugal: 814.
ALEARDINO, kavallier: 77, 331.
ALESSIA, mirakolata: 59, 314.
ALFONSO II, Re tal-Portugal: 2n.
ALPI: 375.
AMBROĠ, San Isqof u Duttur: 4n, 396, 617, 771.
AMBROGIO DA MASSA, Fra: 231n.
AMERINA, mirakolata: 51.
ANTNIN TA' PADOVA, Sant': missierna u ħuna, 1, 16, 17, 232, 765, 766; Fernando twieled f'Lisbona, 110, 235, 351, 461, 574-575, 833, 873; fil-fonti tal-magħmudija msemmi Fernando, 2, 110, 461, 570; il-ġenituri tiegħu, 2, 110, 351, 461, 576; qaddej ta' Alla, 4, 5, 8, 10, 13, 17; Antnin kavallier ta' Kristu, 509, 579, 585, 588-589; Kanonku Regolari Agostinjan, 4, 111-112, 235-237, 357-358, 462, 570, 579-581, 833, 874; jixtieq imut martri u jiddeċiedi li jsir patri minuri fuq l-eżempju tal-protomartri Berardu u sħabu, 5, 114-116, 238, 354-356, 459-460, 582-585; Antnin kien l-isem li għażel Fernando bħala Franġiskan: 5, 119, 478, 570, 593-596, 478; daħal mal-patrijiet Minuri, 5, 117-119, 238, 360, 470-478, 586-592, 598-599, 834, 874; tifsira ta' l-isem Antnin, 595-597; mar fil-Marokk u marad, 6, 120-21, 479-481, 600-601, 834, 874; nawfragat fi Sqallija u jmur Assisi, 6, 121, 239, 482-484, 602, 834, 874; jgħix fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo, 7, 123-126, 246, 360-364, 485-492, 603-604, 605-609, 834; jipprieda f'Forlì, 8, 127-131, 247, 493-499, 610-612, 834; jippriedka f'Rimini, 9, 138, 249, 383-385, 505-506, 664, 835; Girgor IX jsejjaħlu «Arka tat-Testment», 10, 137, 249, 371, 507, 662, 766, 837, 880; jikkonverti lill-eretiku Bononillo, 138, 249, 385, 506, 664, 836; lettur f'Bologna, 375, 508, 846, 876; Antnin kustodju f'Limoges, 571, 616, 620, 642, 770-775, 791, 838, 841; jippriedka fil-kapitlu ta' Arles u jidher S. Franġisk ibierek lill-aħwa, 141, 396, 511-512, 665-667, 771; iċanfar lill-isqof ta' Bourges, 670, 778; jippriedka lill-ħut, 671-673, 767, 835, 845; il-miraklu ta' l-Ewkaristija, 386-390, 674-677, 768, 836; don tal-bilokazzjoni, 394-396, 616-617, 770-771, 841; imur Padova, 11, 142, 250, 377, 514, 684, 847; ministru provinċjal tar-Romagna, 376; f'Padova jikteb is-«Sermones», 11, 142, 514, 647, 684, 877; jiekol ikel ivvelenat bla ma jagħmillu ħsara, 637-639, 769, 851; jippriedka fir-Randan f'Padova, 11-13, 143, 145-153,

251, 258-260, 378-379, 420, 517, 520-528, 685, 799, 848; ix-xitan jipprova jifgah, 12, 144, 252, 518-519, 647-649, 848; Antnin «konfessur tal-Mulej», 14, 162, 567, 871, 884; Antnin «tromba ta' Alla», 365, 379, 444, 661; Antnin «martell ta' l-eretiċi», 384, 879; dwar kif waqaf lit-tirann Ezzelino, 414-416, 798; S. Franġisk jikteb ittra lil S. Antnin, 783, 875; ibierek il-belt ta' Padova, 14, 151, 262, 692, 854; fl-eremitaġġ ta' Camposampiero, 15, 154-156, 420-421, 529-533, 693, 799; id-dehra ta' Ġesù Bambin, 787, 877; il-mewt tiegħu f'Arcella, 17, 157-162, 263-267, 422-423, 534-545, 694-700, 800, 854; miet fit-13 ta' Ġunju 1231, 17, 162, 263, 545, 700; jidher lil Tommaso Gallo, Abbati ta' Vercelli, 424-428, 801; it-tfal jagħtu l-aħbar tal-mewt tiegħu, 18, 163-165, 430, 546, 702, 854; il-Klarissi ta' Arcella riedu li S. Antnin jindifen għandhom, 19, 166-167, 548; il-patrijiet riedu jidfnu lil S. Antnin fil-knisja ta' «S. Maria Mater Domini», 20, 168, 548, 854; il-folla tagħti l-assalt għall-post fejn il-patrijiet kienu jħarsu l-ġisem mejjet ta' S. Antnin, 21, 169-170, 172, 550, 703-707; l-intervent tal-Ministru fra Alberto da Pisa, 22, 173-174; deċiżjoni li Antnin jindifen għand il-patrijiet f'Padova, 23, 175-179, 552, 705; il-korteo funebri ta' S. Antnin, 24, 180, 552, 708-709; mirakli li seħħu bl-interċessjoni ta' S. Antnin dakinhar tad-difna, 25, 275, 710-711; ġieħ lejn il-qabar tiegħu, 26, 181-185, 710-711; l-eżami tal-mirakli ta' Antnin mill-Isoqf ta' Padova u l-prijuri ta' S. Benedetto u S. Agostino, 27, 188, 274, 556, 713; tmur delegazzjoni minn Padova għand Papa Girgor IX biex titlobu jikkanonizza lil Antnin, 27, 186-191, 432, 556-557, 712, 865, 868; il-viżjoni tal-kardinal li kien kuntrarju għall-kanonizzazzjoni, 28, 192-195, 558-560, 715-716; il-kanonizzazzjoni ta' S. Antnin, 29, 196-197, 432-433, 561-562, 717-718, 802, 832, 855, 863n, 880; il-qniepen tal-knejjes ta' Lisbona daqqew waħedhom f'jum il-kanonizzazzjoni ta' Antnin, 803, 855; mirakli li seħħu bl-interċessjoni tiegħu, 30-84, 198-206, 273-284, 294-303, 309-322, 327-338, 341-342, 345-347, 392-419, 448-455, 563-569, 721-764, 766-862; talba lil S. Antnin, 85; S. Antnin fl-uffiċċju ritmiku ta' Julian minn Speyer, 86-109; tifħir lil S. Antnin, 207-213; tifħir lil Kristu għall-merti ta' S. Antnin, 214-220; S. Antnin jeħles lil Padova mit-tirannija ta' Ezzelino, 434, 449, 555; tinbena bażilika fuq qabru, 435; ilsienu jinstab inkorrott waqt it-translazzjoni tar-relikwi, 437-438, 553-554, 690, 829, 860; dikjarat «Duttur Evanġeliku», 878.

ANTON, San, kunvent ta': 5n, 119.

AURIEMA, mirakolata: 55, 311.

BABILONJA: 479.

BARTOLOMEO, Fra Gwardjan: 449.

BARTOLOMEO, mirakolat: 65, 299, 347.

BARTOLOMEO de Corradino: 828.

BEATRICE, mirakolata: 728, 825.

BENEDITTINI: 188, 556, 653, 783, 855.

BENEDITTU XIV, Papa: 882.

BENEDITTU, San: 27, 274, 713, 867.

BENVENUTO DA GUBBIO, Fra:231n.

BERARDO U SĦABU, Martri: 5n, 231n, 458-459n, 582-585, 834, 885.

BERNABONE: 858.

BERNARDINO, Patri mirakolat: 567, 733-736, 823.

BILIA, mirakolata: 53, 303.

BONAVENTURA, San Isqof: 438, 553, 690, 829, 860.

BONIFAĊJU VIII, Papa: 448, 830.

BONIZO, mirakolat: 73.

BONONILLO /BONELLO, eretiku: 9, 138, 249, 385, 506, 664, 836.

BRAŻIL: 880.

CAMBIO, Fra mirakolat: 568, 724-727, 826.
CAROLINA, mirakolata: 61, 310.
CESARIA, mirakolata: 36, 282.
CRESCENZIO DA IESI, Min Ġen: 223.
CUNIZZA, mirakolata: 31, 275.
DANJEL, Profeta: 489.
DAVID: 219, 487, 757, 817.
DIJONISJU, mistiku: 425, 508, 782, 783.
DIJONISJU, Re tal-Portugal: 817.
DOMENICO, Fra: 231n.
DOMENICO, mirakolat: 76, 329, 856.
DUMINKU, San: 783.
DUMNIKANI, Patrijiet: 127, 188.
EDUARD, prinċep t'Aquitaine: 827.
ELENA ENSELMINI, B. Klarissa: 19n.
ELIA, Fra, Ministru: 123n, 614n, 852.
ELIA COSTA, Isqof ta' Padova: 879.
ELIJA, Profeta: 370, 686, 820.
ELIŻABETTA, Santa, Reġina: 817n.
ENRICO mirakolat: 83, 345, 811.
ERMANNO DA FOLIGNO, Fra: 231n.
ERMERINA, mirakolata: 302.
ESDRA: 371.
EURILIA, mirakolata: 75.
EZZELINO DA ROMANO, tirann: 414-416, 434, 449, 555, 798, 828, 829.
FEDERICO, mirakolat: 48, 281.
FERNANDO (isem S. Antnin): 2, 3, 110, 115, 118, 461-462, 470, 570, 574, 576-577, 584, 592, 594, 597.
FIDENZIO, Fra: 862.
FILIPPIN: 242.
FILIPPU, Fra u Martri: 790.
FIOR-DI-GEMMA, mirakolata:60, 313.
FLAGELLANTI: 380.
FRANĊIŻI: 766, 837, 879.
FRANĠISK, San: 11, 86, 87, 97, 141-142, 208, 230, 238, 250, 354, 367, 376, 396, 417, 423, 446, 448, 456, 457, 459, 511-512, 513, 531, 570, 582, 586-587, 596, 598, 631, 641, 665-667, 673, 684, 691, 719, 765, 766, 771, 783, 800, 816, 818, 830, 831, 834, 852, 875-876, 881.
FRANĠISKANI: 880-881, 884.
FRONTONE, Isqof: 666.
ĠAKBU, San Appostlu: 590.
ĠAKOBB, Patrijarka: 417, 490, 578.
GERARDO DA MODENA, Fra: 10n.
GERARDO DA ROSSIGNOL, Fra:10n.
ĠEREMIJA, Profeta: 495.
ĠERMANIŻI: 26, 766, 837.
GERTRUDE, mirakolata: 49.
ĠILORMU, San: 4n, 371, 474.
GIORDANO FORZATÉ, Prijur: 27n.
GIOVANNI, mirakolat: 47.
GIOVANNI, Isqof ta' Sabina: 27, 29, 191n.
GIOVANNI, kardinal: 191n.
GIOVANNI DAL POZZO: 569.
GIOVANNI DA VICENZA, Prijur: 27n.
GIOVANNI PARENTI, Fra Minist: 5n, 10n, 142n.
GISLA u MARCOALDO, mirakol: 278.
ĠONA, Profeta: 835.
ĠORĠ, San Martri: 569.
ĠUDA, tribù: 757, 817.
ĠWANN BATTISTA, San: 448n, 573, 782.
ĠWANN EVANĠELISTA, San: 448n, 306.
ĠWANN XXII, Papa: 466n.
GIDGĦON: 679.
GIRGOR IX, Papa: 10n, 27, 28, 29, 30, 137, 195, 197, 432-433, 556, 712, 717-718, 722, 766n, 802, 832, 837, 852, 855, 863-871, 880.
GIRGOR X, Papa: 690.
GIRGOR IL-KBIR, San, Papa: 1, 4n, 372, 448, 830.
GRAZIANO, Fra, Ministru: 7, 123-124, 231n, 485-486, 603.
GRIEGI: 766, 837.
GUGLIELMO CARDELLO, Fra: 231n.
GUIDO PORTUENSIS, Isqof: 859.
GUIDOLOTTO, mirakolat: 72.
GUIDOTTO, mirakolat: 81, 202n, 334.
GUILLA, mirakolata: 32.
GUINA, mirakolata: 44.

GĦARAB: 2n.
HAYMO of Faversham, Fra Minist: 10n.
ĦEŻEKIJA, Re: 479.
IACOPINO, Fra konvertit: 450.
IACOPINO, mirakolat: 46.
IDUMEJ: 462.
INGLIŻI: 766, 837.
ISIDORU ta' SIVIGLIA, S. Isqof: 4n.
IŻAKK, Patrijarka: 417.
JACOPO Corrado, Isqof Padova: 13n, 27n, 146n.
JACOPO da Camerino, Fra artist: 448n.
JACOPO DI ASSISI, Fra: 231n.
JACOPO, Isqof ta' Palestrina: 27.
JACOPO TORRITI, Fra Artist: 448n.
JAYME D'ARAGON, Re: 5n.
KANONIĊI REGOLARI: 3.
KATARI, eretiċi: 9n, 637n, 674n, 879.
KLARA, Santa: 852.
KOSTANTINU, Imperatur: 410.
LATINI: 766, 837.
LAZZRU: 453.
LEONARDO, mirakolat: 58, 312, 412-413, 657-658, 797, 851.
LEONARDO, trux mirakolat: 62, 316.
LEONARDO DA PIPERNO, Fra: 231n.
LEONE DA PEREGO, Fra Isqof: 10n.
LEVJATAN: 501.
LHUD: 254.
LUCA, Fra, sieħeb S. Antnin: 11n, 15n, 398, 421, 530n, 692n, 799, 861.
LUDOVIK D'ANJOU, San Isqof: 446n.
LUPA, imxajtna meħlusa: 816.
LUSITANIA: 2n.
LUQA, Evanġelista: 1, 474.
MAINARDO, mirakolat: 52.
MARGHERITA, mirakolata: 45, 284.
MARIA, mirakolata: 39, 277.
MARIA, omm S. Antnin: 2n, 351.
MARIA minn Ferrara, mirakolata: 50, 300.
MARIA minn Saonara, mirakolata: 41.
MARIJA, Verġni (ara indiċi temi): kattidral ta' Lisbona iddedikat lilha, 2, 110, 455n, 461, 576, 697, 833; innu tal-Verġni Marija "O gloriosa Domina" kantat minn S. Antnin qabel miet: 17, 159, 264, 536, 696, 854.
MARIJA u MARTA, dixxipli: 490, 620, 666, 791.
MARK, Evanġelista: 1, 291-292.
MARTIN, San Isqof: 359n, 396, 617, 771.
MARTINO, Fra: 231n.
MARTINO ALFONSI, missier SA: 2n, 351.
MARTINO, meħlus mix-xitan: 569.
MATTEO DA NARNI, Fra: 231n.
MAWMETTU: 849.
MENICO, mirakolat: 63, 317.
MICHELOTTA, mirakolata: 66, 318.
MICHELOTTA epilettika: 68, 322.
MINURI, Patrijiet (Ordni tal-): 5, 8, 18, 56, 93, 114, 117, 223, 229, 231n, 238, 250, 309n, 354, 360, 392, 421, 423, 425, 443, 445, 446, 448, 451, 454, 458, 470-471, 473-474, 479, 493, 548, 567, 569, 570, 582, 586, 599, 605, 610, 616, 633, 682, 686, 753, 756, 758, 770, 774, 775, 782, 790, 799, 800, 801, 816, 817, 818, 820, 827, 828, 830, 831, 834, 847, 856, 865, 874.
MIRAMOLINO, sultan tal-Marokk: 5n, 459n.
MONALDO, Fra: 665n, 667.
MORI: 2n.
MOSÈ, Profeta: 495, 661.
NASCINGUERRA, mirakolat: 40.
NICOLÒ IV, Papa: 448n.
NIKOLA, San Isqof: 410.
ODDO DI MONFERRATO: 27.
OLIVA, Klarissa mirakolata: 78, 200n, 341.
ORRACA, Reġina tal-Portugal: 591n.
OTTONE DA POLA, Fra: 231n.
PADOVANA, mirakolata: 38, 320, 400-401, 793.
PAOLO DELLA MARCA, Fra: 231n.
PARISIO, irxuxtat mill-mewt: 454-455, 804, 857.

PATARINI, eretiċi: 9n, 879.
PAWL, San Appostlu: 241-242, 271, 367, 446, 783, 871.
PEDRO, Infante: 5, 114, 238, 354, 460, 583, 834.
PEDRO, kirurgu: 827.
PEDRO, sultan ta' Castiglia: 827.
PEDRO, mirakolat: 831.
PIERRE ta' Brives, kanonku: 634, 775.
PIETRO, mirakolat: 566, 737-742, 821.
PIETRO BERNARDONE: 598.
PIETRO DA BRESCIA, Fra: 10n.
PIETRO da Monte Ulmone, Fra: 231n.
PIETRO DA POMARADA, Fra: 743.
PIETRO DA TRANI, Fra: 231n.
PIETRO RAYMUNDI St. Romain: 723, 728, 732, 737, 751, 755.
PIETRU, San Appostlu: 306-307, 446, 693, 871, 885.
PIETRU (PIERRE), Novizz: 672-628, 772.
PIJU V, San, Papa: 880.
PIJU XI, Papa: 879, 881.
PIJU XII, Papa: 872-885.
PREDIKATURI (Dumnikani): 8, 27, 127, 274, 493-494, 556, 610, 713, 834, 855, 858, 867.
PROSDOCIMA, mirakolata: 37, 283.
QUATTRO CORONATI, Martri: 436.
RAFFAELE ROSSI, Kardinal: 883.
RAINALDO DI JENNE, Kardinal: 11n.
RAKELE: 487.
RICCARDA, mirakolata: 33, 275.
ROLANDO Bulgaro, mirakolat:64, 315.
RUGGERO, Fra, sieħeb S. Antnin: 11n, 15n, 17, 157n, 421, 799.
RUGGERO DA TODI, Fra: 231n.
SALAMUN: 103.
SALVATORE NATUCCI: 883.
SAMARITANA, mirakolata: 43, 280.
SANCHO I, Re tal-Portugal: 2n, 460n.
SANCHO II, Re tal-Portugal: 2n.
SARAĊINI: 5, 6, 120, 238, 458, 480, 600, 602, 790, 834, 849.
SATANA: 254, 518.
SCOTO/SCONTINO, mirakolat:42, 301.
SERRA, mirakolata: 818.
SIMON SULLY, Isqof ta' Bourges: 670n, 778n.
SIMONE, mirakolat: 69, 321.
SISTU IV, Papa: 879.
SISTU V, Papa: 879.
SLAVI: 26, 766.
SOFIA, mirakolata: 564.
SOLAGNA, mirakolata: 54, 298.
SORIJIET FOQRA (Klarissi): 17, 19, 20, 24, 78, 158, 167, 178, 341, 422, 450, 535, 548, 551, 566, 695, 701, 800.
STEFANO BADOER, Podestà: 20n.
SUGERIO, isqof ta' Lisbona: 1.
TALJANI: 879.
TEODORICO Fra, mirakolat: 56, 309, 451.
TERESA, Reġina ta' Léon: 806n, 856.
TIENTIALBENE, Fra: 231n.
TISO, konti: 15, 155, 421, 530n, 787n, 799.
TOMASINO, tifel mirakolat: 751-754, 824.
TOMMASO GALLO, Abbati: 424n, 508, 579n, 782, 801.
TRENTINO, mirakolat: 70.
TRIDENTINO, mirakolat: 295.
ULISSE, 2, 575.
UNGERIŻI: 26.
VATIKAN: 883.
VENANTIUS FORTUNATUS: 580n.
VENEZIANA, mirakolata: 71, 297.
VERIDOTO, mirakolat: 296.
VINĊENZ, San, Martri: 2, 110, 461.
VINOTO, Fra: 11n, 17, 158n, 535n.
VISIGOTI: 2n.
VITA (IUVITTA) minn Tremigon: 82, 342.
WISTIN, Santu (Kanoniċi Reg): 3, 4n, 86, 111, 208, 235, 456, 462, 579,719, 833, 867, 874.
XMUN STILITA, San: 530n.
ZAMBONO, mirakolat: 57.
ZONO, mirakolat: 74.

# INDIĊI TAL-POSTIJIET

L-ismijiet huma dawk ewlenin fit-testi u n-noti relattivi, mhux fl-introduzzjonijiet. In-numri ma jirreferux għall-paġni, imma għan-numru marġinali tal-paragrafi, li jindika l-post eżatt ta' l-indikazzjoni u l-mod kif wieħed jikkwota l-Fonti. Meta tiġi indikata l-ittra «n», din tirreferi għall-isem fin-nota marbuta man-numru tal-paragrafu li jkun.


AFRIKA: 5n, 874.
ALATRI: 863n.
ALBANO: 438, 553, 690, 829, 860.
ANGUILLARA: 81, 334.
AQUITAINE: 723, 827.
ARAGON: 5n.
ARCELLA (CELLA): 17, 20, 23, 24, 158, 168, 170, 172, 180, 264, 535, 546, 552, 695, 704, 800n, 854.
ARLES: 87n, 141n, 396, 511n, 665, 771.
ART IMQADDSA: 409n.
ASHDOD: 790.
ASSISI: 6, 122, 245, 250, 376, 482, 602, 684, 834, 874.
AQUILEIA: 26.
BEJA: 831.
BOLOGNA: 375, 568, 724, 846, 876.
BORDEAUX: 827.
BOULOGNE: 859.
BOURGES: 670, 778, 838.
BRENTA, xmara: 39, 277.
BRESCIA: 858.
BRIVES: 633, 775, 838, 849.
CALABRIA: 122n.
CAMPOROTONDO: 347.
CAMPOSAMPIERO: 15, 17, 154, 420, 529, 693, 787n, 799.
CAPO DI PONTE: 18, 20, 21, 22, 23, 24, 26, 166, 168, 183, 703, 706, 710.
CASTEGNERO: 569.
CASTIGLIA: 827, 856.
CEUTA: 458.
CODIGORO: 43, 280.
COIMBRA: 3, 5, 112, 117, 236, 423, 464, 474, 580, 586, 590, 800, 833.
COLLI EUGANEI: 14n.
COMACCHIO: 76, 329, 856.
CONCORDIA: 48, 281.
CONEGLIANO: 58, 312.
CRUEX DES ARÈNES: 678, 779.
EBRO xmara: 108.
ELBRON: 819.
FERRARA: 50, 300.
FORLI: 8, 127, 493, 610, 728, 825, 834.
FRANZA: 839, 859, 879.
FRIULI: 67, 319.
ĠERIKO: 543.
ĠERUSALEMM: 4, 236, 241, 256, 409n, 487, 525, 537, 702, 849.
GIORDANO, prijur S. Benedittu: 867n.
GIOVANNI, prijur S. Agostino: 867n.
GUARDA: 816.
ITALJA: 88, 232, 376, 380, 620, 637, 665, 729, 769, 791, 792, 855, 859, 879.
JACOPO, Isqof ta' Padova: 867n.
KADES: 543.
LAS NAVAS: 5n.
LE PUY: 790, 839, 840, 849.
LÉON: 806, 856.
LHUDIJA: 525.
LIEGE: 777.
LIMOGES: 571, 616, 620, 627, 633, 642, 651, 653, 668, 678, 770-775, 779, 791, 838, 841.
LINHARES: 816.
LISBONA: 1, 2, 110, 235, 351, 454-455, 461, 575, 579, 803, 804, 813, 833, 850, 855, 856, 872-885.
LOMBARDIA: 26, 27, 733, 823, 845.
LORETO (LOREO): 60, 313.
MAIORCA: 5n.
MARCA TREVIGIANA: 27, 190, 453.

MARECCHIA, xmara: 767n.
MAROKK: 5, 93, 114, 238-239, 354, 458, 459, 470, 582, 834, 874.
MARRAKESH: 5n, 114n.
MEDIA: 503.
MESSINA: 6, 122n.
MILAN: 383, 617, 782.
MILAZZO (Capo Milazzo): 121n.
MONOPOLI: 330, 565, 856.
MONSELICE: 79, 338.
MONTAGNANA: 44, 54, 298.
MONTE PAOLO: 7, 124, 246, 486, 603-604, 834.
MONTE SAN PAOLO, Bologna: 124n.
MONTPELLIER: 394-395, 407, 771, 784, 876.
NARNI: 863n.
NAZARET: 307.
NOVENTA: 37, 283.
OLIVAIS, kunvent: 5n, 119.
OSSERVANZA ta' Bologna: 124n.
OSTIA: 11, 142, 514, 647.
PADOVA: 11, 13, 14, 17, 18, 24, 26, 27, 28, 36, 38, 45, 47, 68, 75, 77, 79, 81, 83, 88, 91, 97, 100, 104, 108, 142, 146, 151-153, 157, 186, 188, 192, 195, 197, 204, 250, 258, 262-263, 274-275, 282, 284, 309, 320, 322, 328, 331, 334, 338, 345, 377, 402, 404, 412, 420, 422, 426, 430, 434, 439, 442, 449, 451, 452, 514, 525, 532-533, 534, 554, 556, 562, 563, 564, 566, 567, 568, 569, 647, 684-685, 692, 694, 703, 713, 716, 719, 723, 725-726, 731, 734-735, 737-738, 744, 751, 781, 783, 794, 797, 798, 799, 800, 801, 802, 807, 808, 809, 811, 815, 821, 822, 823, 825, 826, 828, 829, 832, 846, 847, 850, 854, 855, 856, 858, 860, 861, 865, 867, 872-885.
PALESTRINA: 27.
PARMA: 733, 823.
PIEVE DI SACCO: 65, 299.
POLCINEGO: 281.
PORCIGLIA: 42, 301.
PORTUGAL: 2, 351, 354, 460, 461, 574, 591, 755, 758, 814, 816, 817, 818, 819, 831, 833, 834, 873.
PROVENCE: 141, 511, 620, 665, 791.
PUGLIE: 56, 309, 330, 451, 856.
RIMINI: 9, 249, 383, 385, 505, 664, 671, 767, 835, 836.
ROMAGNA: 7, 9n, 123-124, 246, 376, 485-486, 603, 724, 834.
ROMANIA: 568.
RONCAGLIA: 73.
RONCHI: 52.
RUMA: 10n, 137, 392, 409, 448, 506, 507, 688, 820, 826, 830.
SABINA: 27, 29, 191.
SACILE: 40.
SAINTE JUNIEN: 668, 777.
SAINT LÉONARD DE NOBLAC: 634, 775.
SAINT PIERRE DU QUEYROUX: 616-617, 770.
SALVATERRA: 77, 331.
SAN ANTON (OLIVAIS): 5 , 117, 474, 478, 586n, 593.
SAN GIORGIO IN ALGA:80, 335, 452.
SAN GIOVANNI IN LATERANO: 448, 830.
SAN ILARIO: 80, 200n, 335, 452.
SAN MARCO PICCOLO: 80, 335.
SAN VITO, Monasteru: 564.
SANTAREN: 817, 819.
SANTA CRUZ, Canonía: 3, 4, 423, 464, 476, 580, 586, 590, 800, 833.
SANTIAGO DE COMPOSTELLA: 79, 338, 409, 857.
SAO VINCENTE, Canonía: 423, 800.
SARAGOZA: 2n.
SARDI: 272.
SAONARA: 41.
SERPA, kastell: 818.
SETIA: 104.
SIDON: 525.
SIJON: 209.
SOLIGNAC, Abbazija: 653n, 773.
SPANJA: 6, 17, 88, 104, 108, 110, 121, 239, 245, 351, 444, 459, 460, 470,

481, 583, 602, 656, 801, 833, 834, 837.
SPOLETO: 28, 197, 561, 718, 855, 863n, 871.
SQALLIJA: 6, 121, 239, 482, 602, 834.
STA MARIA DI MONTECROCE: 27.
STA MARIA MATER DOMINI: 11n, 17, 20, 24, 31, 32, 158, 168, 180, 275, 548, 552, 703, 705, 708-709, 854.
TAGUS (TEJO), xmara: 2n, 817.
TERNI: 863n.
TINDARI Santwarju S. Antnin: 6n.
TIR: 525.
TORRES NOVAS: 819.
TOULOUSE: 383, 386, 768, 846, 876.
TREMIGON: 82, 342.
TREVISO: 26, 57, 71, 297.
VALENCIA: 458.
VENEZIA: 26, 36, 62, 80, 200n, 282, 316, 335, 452.
VERCELLI: 424, 508, 782, 801.
VERONA: 14n, 414, 798.
VICENZA: 26, 51, 302, 569, 725.

# INDIĊI TEMATIKU


**ABBATI**
L-abbati ta' Vercelli jfaħħar lil A: 782.

**ALLA MISSIER**
Ħallieq ta' l-univers imfaħħar fil-qaddisin tiegħu: 221.

**ANĠLI**
L-anġli jfaħħru lill-Mulej għal A: 106.

**APOSTOLIKA**
Vokazzjoni apostolika ta' A: 365-367.

**ARKA**
Papa Girgor IX isejjaħ lil A "Arka tat-Testment": 10, 137, 249, 371, 507, 662, 766, 837, 880; l-arka li fiha ndifen A ssir ċentru ta' mirakli f'jum id-difna tal-Qaddis: 25, 186, 710; Arka, jew qabar ta' A, ċentru ta' venerazzjoni tal-Qaddis: 436; ħdejn l-arka ta' A jsiru kotra ta' mirakli: 764.

**BAMBIN**
Id-dehra ta' A li jħaddan miegħu lill-Bambin Ġesù: 787, 877.

**ATLETA**
A atleta ta' Kristu: 539.

**BELT**
A ibierek il-belt ta' Padova minn fuq għolja: 151-153, 262, 532-533, 692, 854; ifraħ, o Padova hienja: 719.

**BIBLJOTEKA**
Il-memorja ta' A kienet isservih bħala bibljoteka: 247.

**BILOKAZZJONI**
miraklu tal-bilokazzjoni f'Montpellier: 394-396, 770-771; miraklu tal-bilokazzjoni f'Limoges: 616-617, 841.

**ĊELLA**
A jirtira f'ċella f'Monte Paolo: 7, 124-125, 246, 361-362, 487, 603-604, 834, 877; Il-konti Tiso jibni ċella fuq siġra tal-ġewż għal A meta kien Camposampiero: 15, 154-156, 420-421, 529-531, 693.

**ĊITTADINI**
Iċ-ċittadini ta' Capo di Ponte ma riedux li A jinfiden f'Padova, u għamlu rewwixta: 21-23, 166, 168, 170-179, 703-707.

**DAWL**
A jithenna fid-dawl tal-glorja ta' Kristu: 87; A dawl ta' l-Italja: 88, 104, 232; A deher imdawwal u jiddi bħall-kewkba ta' filgħodu: 573, 879.

**DEVOZZJONI**
Id-devozzjoni tal-poplu li jiġi jżur il-qabar ta' A: 26.

**DIXXIPLU**
A dixxiplu ta' Franġisku: 87.

**DUTTUR**
A predikatur u duttur li jistħoqqlu kull ġieħ: 351; il-Papa Girgor IX jagħti lil A il-ġieħ tad-dutturi tal-Knisja fil-kanonizzazzjoni tiegħu: 433, 802, 880; A duttur u difensur tal-fidi: 441; A jistħoqqlu l-istess ġieħ ta' duttur bħal S. Pawl: 446; f'Coimbra A tħarreġ fl-istudju tal-kitbiet tad-dutturi u missirijiet tal-Knisja: 581; A Duttur Evanġeliku: 878.

**EREMITAĠĠ**
A imur jgħix fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo: 7, 95, 123-126, 246, 361-362, 487, 603-604, 834; A fl-eremitaġġ ta' Camposampiero: 15, 154-156, 420-421, 529-531, 693.

**ERETIĊI**
A jikkonverti l-eretiku Bononillo f'Rimini: 9, 138, 249, 385, 505-506, 664, 835; A martell ta' l-eretiċi: 382-385, 879.

**EWKARISTIJA**
Miraklu ta' l-Ewkaristija: 385-390, 674-677, 768, 836; qabel miet A irċieva l-Ewkaristija bħala vjatku: 696.

**FAQAR**
Il-faqar ta' A u kif Alla dejjem ipprovdielu l-bżonnijiet tiegħu: 629-640.

**FERĦ**
Fil-mewt ta' A jifirħu l-Knisja, l-Ordni, d-dutturi, l-predikaturi, u l-belt ta' Padova: 554-555; ifraħ, o Padova hienja: 719, 872; ifraħ, Portugal hieni: 872; il-ferħ li ħassew l-abitanti ta' Lisbona f'jum il-kanonizzazzjoni ta' A: 455, 803, 855.

**FLAĠELLANTI**
Il-moviment tal-Flaġellanti ġie ispirat minn A: 380.

**FLUS**
A jikxef il-qerq ta' raġel li kien jislef il-flus b'imgħax għoli, wara li dan miet u qalbu nstabet f'nofs il-flus li kellu: 843.

**FUNERAL**
Il-korteo funebri ta' A: 24, 180, 708-709.

**ĠENITURI**
Ġenituri ta' A: 2, 110, 351, 573, 833.

**ĠESÙ KRISTU (MULEJ)**
"Qiegħed nara lill-Mulej tiegħi": 17, 160, 265, 536; A xejn ma kien jagħraf ħlief lil Ġesù Kurċifiss: 268; A jippriedka fil-kapitlu ta' Arles fuq it-titlu ta' Ġesù msallab: 87, 97, 141, 396, 511-512, 665-667; A ried imut martri għall-imħabba ta' Kristu, li offra lilu nnifsu b'sagrifiċċju fuq is-salib: 600; A kien umli bħal Kristu li niżel jaħsel riġlejn id-dixxipli: 607; A miet il-Ġimgħa biex jissieħeb fil-passjoni u l-mewt tal-Mulej: 700.

**GRAZZJI**
Il-grazzji li jaqilgħu ż-żgħażagħ u x-xjuħ fir-responsorju «Si quaeris miracula»: 97.

**GĦODDA**
A għodda maħtura («vas electionis»): 103, 363; bħal S. Pawl A imsejjaħ biex iwassal l-isem ta' Kristu quddiem il-popli: 366.

**ĦAMIEMA**
A ħamiema b'rixha mdieheb: 109.

**ĦUT**
A jippriekda lill-ħut: 671-673, 767, 835, 845.

**ISEM**
A fil-magħmudija ssemma Fernando: 461, 570; Fernando jibdel ismu f'dak ta' A: 119, 360, 478, 570, 593; tifsira ta' l-isem tal-Portugal: 574; tifsira ta' l-isem ta' Lisbona: 575; tifsira ta' l-isem Fernando: 594; tifsira ta' l-isem Antnin: 595-596.

**ISQOF**
Konverżjoni ta' l-isqof ta' Bourges wara ċ-ċanfira li tah A: 778; l-isqof ta' Padova jisma' lil A jippriedka fir-Randan: 146, 525; l-isqof ta' Padova fil-kwestjoni ta'

fejn kellu jindifen il-ġisem ta' A: 20, 23, 168-169, 175, 552, 705; l-isqof ta' Padova jeżamina l-mirakli ta' A: 274, 556, 712-713, 867-868; S. Franġisk kien iħobb isejjaħ lil A "isqof tiegħu": 766, 783, 852.

**KANONIĊI REGOLARI**
A jidħol mal-Kanoniċi Regolari ta' S. Wistin: 3-4, 86, 111-112, 235-237, 462-469, 579-581, 833, 874; A kien se jiġi elett prijur tal-komunità ta' Kanoniċi Regolari: 357-358; A għex taħt ir-Regola tad-duttur S. Wistin: 456; bħala kanonku regolari kien jismu Fernando: 570.

**KANONIZZAZZJONI**
Proċess ta' kanonizzazzjoni ta' A: 27-28, 186-195, 274, 556, 712-713, 855; iċ-ċelebrazzjoni tal-kanonizzazzjoni ta' A fi Spoleto (30 ta' Mejju 1232): 29, 196-197, 4322-433, 717-718, 802, 832; Bulla ta' kanonizzazzjoni ta' A: 863-871.

**KAPITLU**
A imur Assisi għall-kapitlu ġenerali: 6, 122, 245, 482-483, 602, 834; A jippriedka fil-kapitlu ta' Arles: 87, 97, 141, 396, 511-512, 665-667, 771.

**KARDINAL**
Il-viżjoni tal-kardinal li ma kienx qabel mal-kanonizzazzjoni ta' A: 28, 193-195, 557-560, 715-716.

**KASTELLI**
A jippriedka fi bliet, irħula u kastelli: 248, 369, 500, 660; kienu jiġu nies mill-irħula u l-kastelli biex jisimgħu lil A jippriedka: 258, 847.

**KATTIDRAL**
Ta' Lisbona, fejn tgħammed A: 2; fih bdiet tiġi ċelebrata bis-solennità l-festa ta' A: 455.

**KAVALLIER**
A kavallier tar-reliġjon kristjana: 444; A kavallier ta' Kristu: 509, 585, 588-589.

**KEWKBA**
A kewkba tiddi tad-dinja: 102, 104, 879.

**KNISJA**
Ta' Sancta Maria Mater Domini: A ried imur biex imut fil-kunvent ta' «S. Maria Mater Domini»: 17, 20, 23, 548; A jinfiden fil-knisja tal-Verġni Marija f'Padova: 24, 180; knisja ta' Sant'Antnin mibnija f'Padova fuq il-qabar tal-Qaddis: 435-436.

**KONFESSUR**
A konfessur tal-Mulej: 14, 85, 89, 107, 162, 196, 260, 567, 734, 871.

**KONTEMPLAZZJONI (TALB)**
A jingħata għat-talb u l-kontemplazzjoni fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo: 7, 124-125, 246, 361-362, 487, 603-604, 834; u f'dak ta' Camposampiero: 15, 154-156, 420-421, 529-531.

**KOTBA**
Il-memorja ta' A kienet tieħu post il-kotba: 497, 581, 612; A jiġi rappreżentat bil-ktieb ta' l-Evanġelji: 881.

**KURĊIFISS**
A xejn ma kien jagħraf ħlief lil Ġesù Kurċifiss: 268; A jippriedka fil-kapitlu ta' Arles fuq it-titlu ta' Ġesù msallab: 87, 97, 141, 396.

**KUSTODJU**
A kustodju u ħarries tal-Knisja mqiegħed fuq l-għolja Sijon: 209; A kien kustodju ta' Limoges: 571, 616, 838.

**LETTUR**
A imfaħħar mill-abbati ta' Vercelli għall-għerf teoloġiku tiegħu: 782; S. Franġisk iqabbad lil A jgħallem it-teoloġija lill-patrijiet u jiktiblu ittra dwar dan: 783.

**LIBSA**
Id-devoti jippruvaw jaqtgħu biċċiet mill-ilbies ta' A: 150.

**LSIEN**
Lsien A nstab inkorrott fit-translazzjoni tar-relikwi li saret minn S. Bonaventura (1 ta' April 1263): 437-438, 553, 829, 860.

**MARD**
Fil-Marokk A marad: 121, 239, 480, 602, 834; A jippriedka minkejja li kien marid: 251; A kien marid fl-aħħar snin ta' ħajtu: 149, 264.

**MARIJA VERĠNI**
Il-ġenituri ta' A kellhom id-dar tagħhom maġenb il-knisja tal-Verġni Marija f'Lisbona: 110, 461, 576, 697, 833; A meħlus mill-ħakma tax-xitan bl-interċessjoni tagħha: 12, 144, 252, 381, 518, 648, 848; A sejjaħ lil Dik li hi liebsa lbies ileqq daqs ix-xemx u madwar rasha għandha kuruna ta' tnax-il djadema (devozzjoni lejn Marija Assunta): 519; A ikanta l-innu tagħha qabel imut: 17, 159, 264, 536, 696, 854; A ried imur biex imut fil-kunvent ta' «S. Maria Mater Domini»: 17, 20, 23, 703; A jinfiden fil-knisja tal-Verġni Marija f'Padova: 24, 180, 552, 709, 854; A kien jimita lill-Verġni li ġarret fi ħdanha lil Kristu u saret Ommu: 510; fra Bernardino, mirakolat fuq l-Arka ta' A, jintona l-kant tas-«Salve Regina»: 567, 736; A kien jaħseb fit-tul dwar il-faqar ta' Kristu u ta' l-Omm imbierka tiegħu: 629.

**MARTELL**
A martell ta' l-eretiċi: 382-385, 879.

**MARTIRJU**
A jixtieq imut martri wara li sema' bil-mewt tal-protomartri Franġiskani: 5, 93, 102, 114-115, 238-239, 355-356, 460, 470, 475, 584, 834, 874; imur fil-Marokk b'din l-intenzjoni: 6, 120, 480, 600-601, 834, 874; A ma mietx martri, imma kien martri tax-xewqa: 17, 359, 585, 602; għalkemm ma mietx martri, A kiseb il-palma tal-martirju: 359, 542-543, 585; il-protomartri Franġiskani: 354, 458-459, 834; ħajtu kienet martirju bla jaqta': 602; miraklu tat-tħabbira tal-martirju ta' patri li kien għadu tarbija f'ġuf ommu: 790; A iħabbar il-martirju tan-nutar li mar jippriedka lis-Saraċini: 849; miraklu ta' A li jmur f'Lisbona biex jikxef delitt li kien ġie attribwit inġustament lil qrabatu: 850.

**MEWT**
Il-mewt ta' A fl-Arcella: 17, 157-162, 263, 422, 534-545, 694-700, 800, 853-854.

**MINISTRU**
Graziano, ministru tar-Romagna, jibgħat lil A f'Montepaolo: 124-125, 834; il-ministru ġeneral jagħti l-permess lil A biex jippriedka: 131; il-wasla tal-Ministru fra Alberto da Pisa għall-funerali ta' A: 22, 173; id-diskors tal-Ministru quddiem in-nobbli: 23; A jintagħżel bħala Ministru provinċjal tar-Romagna: 376, 513; S. Bonaventura, Ministru ġeneral ta' l-Ordni, waqt it-traslazzjoni tar-relikwi ta' A meta nstab ilsienu inkorrott: 438.

**MINURI (PATRIJIET, ORDNI TA)**
Patrijiet minuri martirizzati fil-Marokk: 114, 834, 874; il patrijiet minuri kienu jgħixu fl-eremitaġġ ta' Olivais: 238, 474, 586; A jingħaqad mal-patrijiet minuri: 116-118, 586-587, 592, 834, 874; għemejjel ta' l-għaġeb tal-patrijiet minuri («gestis»): 221-226; relikwi tal-protomartri ta' l-Ordni tal-minuri: 354, 582-583, 834; A ried jidħol mal-patrijiet minuri biex jikseb il-martirju: 360,

834; il-konti Tiso kien iħobb il-patrijiet minuri u jmantnihom għas-spejjeż tiegħu: 421; A għex għal għaxar snin fl-Ordni tal-patrijiet minuri: 423; jifirħu l-patrijiet minuri li minnha ħareġ Qaddis hekk glorjuż: 443; stedina lill-Ordni tal-patrijiet minuri biex jifraħ bid-don ta' Franġisk u A: 445-447; il-patrijiet minuri tferrxu f'kull rokna tal-kristjanità sa minn żmien S. Franġisk: 457; A ma riedx ikun ipokrita filli jissejjaħ patri minuri u ma jkunx hekk tabilħaqq: 479; il-patrijiet riedu li A jindifen fil-knisja tal-Verġni Marija: 548; A jgħix fi qbil mar-Regola tal-patrijiet Minuri: 599; A ried ikun l-iżgħar wieħed fost il-patrijiet Minuri: 605; il-Franġiskani ta' l-Ordni tal-Minuri għamlu talba lill-Papa Piju XI biex A jingħata l-kult riservat għad-dutturi tal-Knisja: 881.

**MIRAKLI**
Il-mirakli ta' A fl-«Assidua», «Juliana» u «Dialogus»: mirakli li seħħew fuq il-qabar ta' A fl-istess jum tad-difna tiegħu: 25, 710; prologu tal-mirakli ta' A li nqraw quddiem il-Papa Girgor IX: 30; mirakli ma' persuni b'diżabilità fiżika: 31-49, 275-284; mirakli ma' persuni paralitiċi: 50-54, 294-303; mirakli ma' persuni għomja: 55-61, 309-314; mirakli ma' persuni torox: 62-64, 315-317, 318-319; mirakli ta' persuni muti: 65-67; mirakli ma' persuni epilettiċi: 68-69, 320-322; mirakli ma' persuni ħotbin: 70-72; mirakli ma' persuni b'deni qawwi: 73-74; mirakli ma' mejtin irxuxtati: 75-76; miraklu tat-tazza li ma nkisritx: 77, 99, 202, 331, 759; miraklu ma' suor Oliva tas-Sorijiet Foqra: 78, 200, 341; il-miraklu tal-mara li ntefgħet fix-xmara u ma xxarbitx: 79, 199, 748; ħelsien minn nawfraġju: 80, 99, 200, 335, 452, 749-750; miraklu ma' kjeriku li ma emminx li A kien wettaq għeġubijiet: 81, 202, 334, 762; miraklu ta' l-iskalora li ma ntmessitx mill-għasafar: 82, 199, 342; il-wegħda mhix imħarsa u l-miraklu ma' tifel b'għonqu minfuħ: 83, 201, 345; il-konverżjoni ta' rġiel li riedu joqtlu saċerdot: 204; ir-raġel li ma nidimx mill-vendetta li ried jagħmel u reġa' safa' paralizzat: 205; tifħir lill-mirakli ta' A: 108; it-trattat tal-mirakli li nqara' f'jum il-kanonizzazzjoni: 198-206; miraklu ta' tifla li waqgħet f'ħofra bil-ħama u ġiet irxuxtata: 328, 856; miraklu tat-tifel li tqajjem mill-mewt f'Comacchio: 329, 856; miraklu taż-żagħżugħ ta' Monopoli li intradam taħt il-ħamrija u ġiet irxuxtat: 330; miraklu tal-mara li nxteħtet fix-xmara għall-kliem ta' disprezz ta' żewġha u ġiet meħlusa għall-merti ta' A u setgħet tmur Santiago de Compostella: 338, 748; il-miraklu ta' bint il-kavallier Bartolomeo minn Camporotondo, li ġiet meħlusa mill-ġebel fil-kliewi: 347.
Il-mirakli ta' A fil-«Benignitas»: miraklu tal-predikazzjoni li fehmuha persuni b'ilsna diversi: 392-393; miraklu tal-bilokazzjoni f'Montpellier: 394-396; miraklu tat-tifel paralitiku mfejjaq: 397-399; miraklu tal-fejqan ta' l-epilettika Padovana: 400-401; miraklu tal-mara meħlusa milli ttabba' l-ilbies nobbli tagħha bit-tajn li waqgħet fih: 402-403; miraklu tal-mara li semgħet lil A jippriedka mill-bogħod ta' darha: 404-406; miraklu ta' kif A għaqqad flimkien is-sieq maqtugħa ta' Leonardo: 412-413, 656-658, 797; miraklu ta' kif A deher lill-abbati ta' Vercelli wara mewtu: 424-428; it-tfal ixandru b'mod mirakoluż il-mewt ta' A: 430; Alla jeħles lil Padova mit-tirann Ezzelino għall-merti ta' A: 434, 555; miraklu ta' kif mietu zoptu dawk li riedu jħassru x-xbieha ta' A mill-abside tal-Lateran: 448, 830; miraklu tal-ħelsien tal-belt ta' Padova mit-tirannija ta' Ezzelino de Romano: 449, 555, 828;

miraklu tal-konverżjoni ta' Iacopino da Cartura, u kif daħal mal-patrijiet Minuri: 450; il-fejqan ta' fra Teodorico, li kien għama: 451; miraklu tal-ħelsien minn nawfraġju: 80, 99, 200, 335, 452; miraklu ta' kif A qajjem mill-mewt lil iben mastrudaxxa: 453; il-qawmien mill-imwiet ta' Parisio, in-neputi ta' A, f'Lisbona: 454, 804, 813; il-qniepen ta' Lisbona daqqew waħedhom biex iħabbru l-jum tal-kanonizzazzjoni ta' A: 455, 803.

Il-mirakli ta' A fir-«Raymundina» u r-«Rigaldina»: il-mirakli rakkontati seħħew fis-sena 1293 miġburin minn Pietro Raymundi minn Saint Romain: 563, 723; il-fejqan ta' suor Sofia, paralitika: 564; iż-żagħżugħ meħlus mirakolożament minn taħt il-ħamrija li ntradmet fuqu: 565, 856; il-fejqan ta' Pietru, konvers tal-monasteru tas-sorijiet f'Padova, li kien trux u mutu: 566, 737-742; fejqan ta' fra Bernardino minn marda fi griżmejh: 567, 733-736; il-fejqan mirakoluż ta' fra Cambio mill-ernia: 568, 724-727; il-ħelsien ta' Martino mill-ħakma djabolika: 569, 743-747; il-miraklu tal-bilokazzjoni f'Limoges: 616-617; il-miraklu tat-tazza mkissra li A għaqqadha flimkien u tal-bittija ta' l-inbid li mtliet mill-ġdid wara li l-inbid kien xtered fl-art: 620-624; kif ħeles novizz minn tentazzjoni billi nefaħ fih l-Ispirtu s-Santu: 627; dwar kif il-qaddejja li marret tiġbor il-ħxejjex għall-ikel tal-patrijiet ma xxarbitx bix-xita: 633-634; il-miraklu ta' kif A kiel ikel ivvelenat mill-eretiċi, imma li ma għamillu l-ebda ħsara: 637-640, 769, 851; miraklu tal-Benedittin meħlus minn tentazzjoni tal-ġisem: 653-654, 773; miraklu tal-fejqan ta' Leonardo li qata' siequ barra: 412-413, 656, 658, 797; dwar kif A inħeles mill-qerq tax-xitan meta ċeda l-palk li fuqu kien jippriedka f'St. Junien: 668-669; il-miraklu tal-predikazzjoni lill-ħut: 671-673, 767; miraklu ta' l-Ewkaristija: 385-390, 674-677, 768; miraklu ta' kif il-folla li semgħet lil A jippriedka ma xxarbitx bix-xita waqt tempesta: 678-681, 779; miraklu tal-ħallelin konvertiti bil-kliem ta' A: 686-688, 820; miraklu tal-ħelsien ta' Beatrice minn Forlì mit-tumur li kellha f'rasha: 728-731; ħelsien mill-għarqa: 749-750; miraklu tat-tfajjel Tomasino li għereq ġo vaska u ġie rxuxtat għall-merti ta' A: 751-754; miraklu tal-mara meħlusa mix-xitan permezz ta' parċmina miktuba minn A: 755-758, 817; miraklu tat-tazza li ma nkisritx: 77, 99, 202, 331, 759; miraklu ma' kjeriku li ma emminx li A kien wettaq għeġubijiet: 81, 202, 334, 762.

Il-mirakli ta' A fil-«Liber Miraculorum» u Bartolomeo da Pisa: miraklu tal-predikazzjoni li fehmuha persuni b'ilsna diversi: 766, 837; miraklu tal-predikazzjoni lill-ħut: 671-673, 767, 835, 845; miraklu ta' l-Ewkaristija: 385-390, 674-677, 768, 836; miraklu ta' l-ikel ivvelenat li A kielu bla ma għamillu ħsara: 637-640, 769, 851; mirakli tal-bilokazzjoni f'Limoges u Montpellier: 770-771, 841; miraklu tan-novizz li rċieva l-Ispirtu biex jinħeles minn tentazzjoni: 772; miraklu tal-Benedittin meħlus minn tentazzjoni tal-ġisem: 653-654, 773; miraklu tal-mara li żewġha qattagħlha xagħarha: 774; miraklu tal-qaddejja li ma xxarrbitx bix-xita: 775; miraklu tal-kxif tal-qerq tax-xitan lill-patrijiet: 642-645, 776; miraklu tal-kxif tal-qerq tax-xitan waqt priedka: 668-669, 777, 842; il-konverżjoni ta' l-isqof Simon de Sully fis-sinodu ta' Bruges: 778; miraklu tan-nies li ma xxarrbux bix-xita waqt li semgħu lil A jippriedka: , 678-681, 779, 838; miraklu tar-raġel imfejjaq bil-kurdun ta' A: 780; miraklu ta' l-ittra li l-anġlu ġarr lill-ministru: 781; miraklu tan-novizz li irritorna bis-salterju li kien

seraq: 784; miraklu tat-tifel meħlus minn kaldarun ta' ilma jagħli: 785; miraklu ta' tifel imqajjem mill-mewt: 786; miraklu ta' Ġesù Tarbija li jidher f'dirgħajn A mitluf f'estasi: 787; miraklu tad-dnubiet miktubin li tħassru bil-merti ta' A: 788, 844; miraklu tal-kxif tal-qerq tax-xitan li deher fi knisja taħt xbieha ta' messaġġier: 789, 842; miraklu tat-tħabbira tal-martirju ta' patri li kien għadu tarbija f'ġuf ommu: 790; miraklu tat-tazza mkissra msewwija u ta' l-inbid imferrex li reġa' lura fil-bittija: 791, 840; miraklu ta' tifel imfejjaq minn diżabilità: 792; miraklu tal-fejqan ta' Padovana, tifla b'diżabilità: 320, 793; miraklu tal-mara nobbli li ħwejjiġha ma ċċappsux bit-tajn: 794; miraklu tal-mara li semgħet lil A jippriedka għalkemm kienet bogħod ħafna minnu: 795, 839; miraklu tal-penitenti li deherilhom A jistedinhom iqerru dnubiethom: 796; miraklu tal-fejqan ta' Leonardo li qata' siequ barra: 412-413, 656-658, 797, 851; miraklu ta' kif A waqaf bla biża' quddiem it-tirann Ezzelino de Romano: 798; miraklu ta' kif A deher lill-abbati ta' Vercelli wara mewtu u fejqu minn marda fil-gerżuma: 424-428, 801; miraklu tal-qniepen ta' Lisbona li daqqew waħedhom biex iħabbru l-jum tal-kanonizzazzjoni ta' A: 803, 855; miraklu tan-neputi ta' A Parisio minn Lisbona, li għereq u ġie rxuxtat mill-mewt għall-merti ta' A: 804, 813, 856; miraklu tal-fergħa niexfa tad-dielja li warrdet u għamlet l-għeneb: 805; miraklu tal-qawmien mill-mewt ta' Aldonsia, bint ir-reġina Teresa ta' León: 806, 814, 856; miraklu ta' l-eretiku li għama u mbagħad ingħata d-dawl lura għall-merti ta' A: 807, 857; miraklu ta' l-eretiku li sar lebbruż u nħeles għall-merti ta' A: 808; miraklu ta' kif A deher lil xi irġiel li riedu joqtlu qassis minn Padova u ikkonvinċihom jerġgħu lura mill-għemil ħażin tagħhom: 204, 809; miraklu tal-kavallier imfejjaq minn ġerħa wara li ċaħad għall-vendetta: 205, 810; miraklu tat-tifel Enrico minn Padova li A fejjaqlu gerżumtu minfuħa: 811; miraklu ta' l-abbati li tilef is-smiegħu tfejjaq minn A: 812; miraklu tal-qawmien mill-mewt ta' l-għaxar subien li għerqu: 815; miraklu tal-mara li mietet maħkuma mix-xitan u li qamet biex tistqarr dnubietha u ssalva: 816; miraklu tal-mara meħlusa mix-xitan permezz ta' parċmina miktuba minn A: 755-758, 817; miraklu tal-mara meħlusa milli tikkommetti suwiċidju minħabba li żewġha kien jaħqarha: 818; miraklu ta' A li deher lil waħda mara f'jum il-festa tiegħu: 819; miraklu tal-ħallelin konvertiti bil-kliem ta' A: 686-688, 820; miraklu tal-fejqan tal-qaddej trux u mutu tas-sorijiet Klarissi ta' Padova: 821; miraklu tar-raġel meħlus minn magħmul tax-xitan: 822; miraklu ta' fra Bernardino minn Parma, meħlus minn marda kiefra fi griżmejh meta ġie jitlob fuq il-qabar ta' A: 823; miraklu tat-tfajjel Tommasino li ġie meħlus mill-mewt meta għereq ġo vaska: 824; miraklu ta' Beatrice minn Forlì, meħlusa minn ulċera: 825; miraklu ta' fra Cambio, imfejjaq mill-ernia fuq il-qabar ta' A: 826; miraklu tad-dehra tal-biża' li kellu Pedro minn Bordeaux: 827; miraklu tal-ħelsien tal-belt ta' Padova mit-tirannija ta' Ezzelino de Romano: 828; miraklu ta' lsien A li nstab inkorrott fit-translazzjoni tar-relikwi li saret minn S. Bonaventura (8 ta' April 1263): 829, 860; miraklu ta' kif mietu zoptu dawk li riedu jħassru x-xbieha ta' A mill-abside tal-Lateran: 830; miraklu tal-fejqan ta' Pedro minn Beja wara li deherulu A u S. Franġisk: 448, 831; mirakli diversi li jinsabu rakkontati minn Bartolomeo da Pisa: 857-858.

**MISSIER**
A missier hieni: 107; missier A kien jismu Martino di Alfonso: 351.

**MULEJ (ĠESÙ KRISTU)**
"Qiegħed nara lill-Mulej tiegħi": 17, 160, 265, 536, 698, 854; A miet il-Ġimgħa biex jissieħeb fil-passjoni u l-mewt tal-Mulej: 700.

**NAR**
A kellu fih jaqbad in-nar tal-ħeġġa tal-profeta Elija: 370; il-predikazzjoni ta' A bħall-ilsna tan-nar ħerġin mill-forn jikwi: 408.

**OMM**
Omm A kien jisimha Maria: 351.

**ORDINAZZJONI**
A jippriedka waqt l-ordinazzjoni f'Forlì: 8, 127-130, 247n, 493-496, 834.

**PAĊI**
A jxandar il-paċi u r-rikonċiljazzjoni: 259.

**PAPA**
Papa Girgor IX isejjaħ lil A "Arka tat-Testment": 10, 137, 249, 371, 507, 662, 766, 837, 880; Papa Girgor IX jikkanonizza lil A fi Spoleto: 29, 196-197, 432-433, 556-562, 717-718, 802, 832, 855; Bulla ta' Girgor IX għall-kanonizzazzjoni ta' A: 863-871; Papa Piju XII u l-ittra apostolika «Exulta Lusitania felix, o felix Padua gaude»: 872-885; il-Papiet taw ġieħ lil A fil-kitbiet tagħhom: 879-880.

**PENITENZA**
Il-penitenza li għex A fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo: 488; is-sawm u l-penitenzi ta' A: 650-651.

**PONT**
Iċ-ċittadini ta' Capo di Ponte farrku l-pont li nbena għall-funerali ta' A: 23, 176-177, 551, 706.

**PREDIKAZZJONI (PREDIKATUR)**
A juri l-għerf tiegħu waqt il-priedka li għamel Forlì: 8, 95, 127-130, 247n, 369, 493-499, 610-612, 834; A jippriedka f'Rimini u jikkonverti l-eretiċi: 9, 249, 385, 505-506, 664, 835-836; A jippriedka quddiem Papa Girgor IX, li jsejjaħlu "Arka tat-Testment": 10, 137, 249, 371, 507, 662, 766, 837, 880; A jaqla' l-permess mill-ministru ġeneral biex jippriedka kullimkien: 11, 131, 136, 142, 250, 377, 513, 614, 684; A jippriedka fil-kapitlu ta' Arles: 87, 97, 141, 396, 511-512, 665-667, 771; A kiteb il-priedki tal-Ħdud: 514, 684, 877; A jikteb il-priedki għall-festi tal-Qaddisin: 647, 848; A jippriedka bla biża' quddiem is-setgħanin tad-dinja: 134; A ippriedka r-Randan kollu ta' l-1231 f'Padova: 11-13, 145-148, 251, 258-260, 378-379, 420, 517, 520-528, 685, 799, 848; A predikatur u duttur li jistħoqqlu kull ġieħ: 351; A għalliem ta' l-Iskrittura permezz ta' priedki u diskussjonijiet teoloġiċi: 374; A predikatur tal-verità: 381; miraklu tal-predikazzjoni li fehmuha persuni b'ilsna diversi: 392-393, 766; il-frott tal-predikazzjoni ta' A: 408-409; A ippriedka minn Ras ir-Randan sa l-Ottava ta' Pentekoste f'Padova (skond il-«Benignitas»): 420; dwar il-predikazzjoni tiegħu u l-grazzja li jfejjaq il-morda: 660-691; dwar kif A inħeles mill-qerq tax-xitan meta ċeda l-palk li fuqu kien jippriedka f'St. Junien: 668-669, 777; dwar kif A ippriedka quddiem l-isqof Simon de Sully fis-sinodu ta' Bourges u ikkonvertih: 670, 778; A jippriekda lill-ħut: 671-673, 767,

835; miraklu ta' kif il-folla li semgħet lil A jippriedka ma xxarbitx bix-xita waqt tempesta: 678-681, 779; miraklu tal-ħallelin konvertiti bil-predikazzjoni ta' A: 686-688, 820.

**PRUDENZA**
Il-virtù tal-prudenza ta' A: 418.

**QADDIS**
"Meta tisma' li sirt qaddis, int għad tfaħħar lill-Mulej": 5, 118, 477, 589.

**QRAR**
A iqarar, jagħti pariri, u jħeġġeġ lin-nies biex iqerru dnubiethom, ukoll billi jidhrilhom fil-ħolm: 13, 149, 251, 410-411, 652; is-saċerdoti biex iqarru lin-nies ma kienux biżżejjed fil-predikazzjoni ta' A: 260, 527, 847.

**RAGĦAJ**
A ragħaj twajjeb: 105.

**RAGĦDA**
L-isem ta' A ifisser "qabel ir-ragħda" («ante tonus»): 595.

**RANDAN**
A ippriedka r-Randan kollu ta' l-1231 f'Padova: 11-13, 143, 145-148, 251, 258-260, 420, 517, 520-528, 647, 799, 848; A ippriedka minn Ras ir-Randan sa l-Ottava ta' Pentekoste f'Padova (skond il-«Benignitas»): 420.

**REGOLA**
Ir-Regola tal-patrijiet Minuri kienet tgħallem lil A biex imur jevanġelizza lil dawk li mhumiex insara: 471; A jgħix fi qbil mar-Regola tal-patrijiet Minuri: 599.

**RELIKWI**
Kull min kien imiss lil A kien jipprova jieħu parti minn ħwejġu bħala relikwa: 528, 689; traslazzjoni tar-relikwi ta' A minn S. Bonaventura: 434-438, 553, 690, 829; is-sodda li fiha kien jorqod A fil-monasteru ta' Coimbra nżammet bħala relikwa: 590; katina tal-ħadid li kien jilbes A miżmuma bħala relikwa f'Limoges: 651.

**SAĊERDOT**
Fra Graziano jistaqsi lil A jekk kienx saċerdot qabel ma bagħatu Monte Paolo: 485; il-frajiet talbu lil A biex jiċċelebra l-quddiesa għalihom billi hu biss kien saċerdot: 486.

**SAFA**
Safa ta' A bajda daqs is-silġ: 104, 877; sa tmiem ħajtu A żamm bla teba' s-safa tal-moħħ u tal-ġisem: 353, 577; miraklu tal-Benedittin meħlus minn tentazzjoni tal-ġisem kontra s-safa: 653-654, 773.

**SALIB**
A jippriedka dwar it-titlu fuq is-salib waqt il-kapitlu ta' Arles: 87, 97, 141, 396, 511-512, 665, 771; A ġarr is-salib tal-Mulej: 542; A kien iħobb lill-Kurċifiss: 580; A libes tonka forma ta' salib: 588; A ried imut martri għall-imħabba ta' Kristu, li offra lilu nnifsu b'sagrifiċċju fuq is-salib: 600.

**SALMI**
A talab is-salmi penitenzjali qabel ma miet: 17, 161, 267, 537, 699, 854.

**SIĠRA**
A jirtira fuq siġra tal-ġewża f'Camposampiero: 15, 154-156, 421, 530, 693, 799.

**SKRITTURA MQADDSA**
A jingħata għall-istudju tagħha meta kien kanonku regolari: 4, 113, 237,

465, 833; A ħeba l-għerf li kellu mill-Iskrittura quddiem l-aħwa: 247; A jerda s-safa sempliċi mill-Iskrittura: 211; sa minn ċkunitu A kien midħla tal-Kotba mqaddsa: 352; A kellu l-għerf mill-Iskrittura bħal S. Ġilormu, Esdra u S. Girgor il-Kbir: 371-373; A kien jesponi l-Iskrittura skond l-erba' sensi (storiku, allegoriku, tropoloġiku, anagoġiku): 372, 467; A jirtira f'Camposampiero biex jingħata għat-talb u għall-istudju ta' l-Iskrittura: 420.

**SORIJIET FOQRA (KLARISSI)**
Riedu li jindifen għandhom il-ġisem ta' A: 19, 167, 548; il-biki tas-Sorijiet Foqra fil-mewt ta' A: 701.

**SPIRTU S-SANTU**
A jippriedka mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu: 128.

**TALBA**
Talba lil A fi tmiem l-«Assidua»: 85; tifħir u talb lil S. Antnin fi tmiem il-«Juliana»: 207-213; tifħir u talb lil Kristu għall-merti ta' A fi tmiem il-«Juliana»: 214-220; dwar it-talb għoli ta' A u kif xewqatu kienu dejjem jiġu maqtugħa: 641-659.

**TAWMATURGU**
A dawwal il-belt ta' Padova bl-għeġubijiet tiegħu: 442, 879-881.

**TEMPESTA**
It-tempesta ġarret il-ġifen li fuqu kien A fuq ix-xtut ta' Sqallija: 6, 121, 239, 482, 602, 834, 874; ħeles lill-baħħara fit-tempesta: 80, 99, 200, 335, 452, 749-750.

**TEOLOĠIJA**
A imfaħħar mill-abbati ta' Vercelli għall-għerf teoloġiku tiegħu: 425, 782; S. Franġisk iqabbad lil A jgħallem it-teoloġija lill-patrijiet u jiktiblu ittra dwar dan: 375, 508, 783, 852, 875; A għallem teoloġija f'Toulouse, Bologna u Padova: 846; A l-ewwel lettur fl-Ordni Serafiku, għallem f'Bologna, Toulouse, Montpellier: 876.

**TEŻOR**
A teżor tal-belt ta' Padova: 88; A teżor ta' l-Iskrittura Mqaddsa: 880.

**TFAL**
It-tfal iħabbru l-mewt ta' A: 18, 91, 163-165, 430, 546, 702, 854.

**TIRANN**
A waqaf bla biża' quddiem it-tirann Ezzelino de Romano: 414-416, 798; miraklu tal-ħelsien tal-belt ta' Padova mit-tirannija ta' Ezzelino de Romano: 434, 449, 555, 828.

**TONKA**
A jitlibbes bit-tonka ta' S. Franġisk meta jidħol mal-patrijiet Minuri: 238, 470, 475-476, 586, 588, 834.

**TROMBA**
Faħħru 'l Alla bit-trombi kif kien ifaħħru A: 98; A tromba ta' Alla: 379; ferħet Spanja li nisslet lil A li semma' leħnu bħal tromba: 444, 595; A tromba tal-liġi ta' Mosè: 661.

**TWELID**
A twieled f'Lisbona: 2, 110, 235, 351, 570, 833, 873.

**UMILTÀ**
L-umiltà ta' A fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo, fejn kien jaħdem fil-kċina: 363-364, 368, 491-492, 607; dwar l-umiltà ta' A u kif il-Mulej kien jaqtagħlu xewqatu: 605-628; l-umiltà hi l-ħarsien u t-tiżjin tal-virtujiet: 605; A kien umli bħal Kristu

li niżel jaħsel riġlejn id-dixxipli: 607; meta intagħżel bħala superjur A kien iġib ruħu bħal wieħed mill-aħwa u mhux bħala prelat: 608.

**VIRTÙ**
Il-virtujiet apostoliċi ta' A: 417.

**VIŻJONI**
Il-viżjoni tal-kapitlu ta' Arles: 87, 97, 141; il-viżjoni tal-kardinal li ma kienx qabel mal-kanonizzazzjoni ta' A: 28, 193-195, 557-560, 715-716; miraklu ta' kif A deher lill-abbati ta' Vercelli wara mewtu: 424-428; A ħabbar minn qabel il-mewt tar-reġina Orraca: 591.

**XITAN (DEMONJU)**
A imħabbat mix-xitan li jipprova jfixklu milli jippriedka: 12, 144, 252, 518, 648, 848; id-demonji fir-responsorju «Si quaeris miracula»: 97, 206; ix-xitan jipprova jfixkel lil A milli jingħata għat-talb: 362; il-Verġni Marija kienet tħares lil A mill-attakki tax-xitan: 381; il-ħelsien ta' Martino mill-ħakma djabolika: 569, 743-747; dwar kif A kixef il-qerq tax-xitan li ried ifixkel lill-patrijiet f'Limoges fil-ħin tat-talb: 642-645, 776; dwar kif A inħeles mill-qerq tax-xitan meta ċeda l-palk li fuqu kien jippriedka f'St. Junien: 668-669; miraklu tal-mara li mietet maħkuma mix-xitan u li qamet biex tistqarr dnubietha u ssalva: 816; miraklu tal-mara meħlusa mix-xitan permezz ta' parċmina miktuba minn A: 755-758, 817; miraklu tar-raġel meħlus minn magħmul tax-xitan: 822.

**XEMGĦAT**
Id-devoti jiġu b'xemgħat kbir fil-knisja ta' «S. Maria Mater Domini»: 26, 711.

**ŻEJT**
Bil-grazzja ta' A inġorru ż-żejt tal-fidi: 101; A jirċievi ż-żejt tal-morda qabel imut: 17, 161, 266, 537, 699, 854.

# WERREJ

Preżentazzjoni ........ 5
Daħla ........ 7
Pjan Ġenerali ........ 9
Abbrevjazzjonijiet ........ 11
Kronoloġija għall-Fonti tal-Ħajja ta' Sant'Antnin ........ 17
Introduzzjoni Ġenerali ........ 25

«Vita Prima Sancti Antonii» magħrufa bħala «Assidua» (c. 1232). 33

I Taqsima:
1 – Jibda l-Prologu għall-Ħajja ta' Sant'Antnin ........ 39
2 – Dwar il-belt ta' Sant'Antnin ........ 41
3 – Dwar kif daħal fl-Ordni ta' Santu Wistin ........ 42
4 – Dwar kif f'Coimbra mexa 'l quddiem fil-virtù u l-għerf ........ 44
5 – Dwar kif l-imqaddes Antnin daħal mal-Patrijiet Minuri ........ 45
6 – Dwar kif mar fil-Marokk u kellu jerġa' lura ........ 49
7 – Dwar kif mar fir-Romagna u għex hemmhekk ........ 50
8 – Dwar kif il-għerf tiegħu deher quddiem l-aħwa ........ 53
9 – Il-predikazzjoni tiegħu fir-Romagna
u l-konverżjoni ta' l-eretiċi ........ 55
10 – Dwar il-fama tiegħu u l-qawwa tal-predikazzjoni ........ 57
11 – Dwar kif ġie Padova u ippriedka hemm ........ 59
12 – Dwar il-persekuzzjoni tax-xitan u l-miraklu tad-dawl ........ 62
13 – Il-qima li urewh in-nies ta' Padova
u l-frott tal-predikazzjoni tiegħu ........ 63
14 – Dwar kif ħabbar minn qabel jum il-mewt tiegħu ........ 66
15 – Dwar iċ-ċella li ried li jlestulu fuq is-siġra tal-ġewż ........ 67

II Taqsima:
16 – Prologu ........ 70
17 – Dwar it-transitu tiegħu ........ 70
18 – Dwar l-għajjat tat-tfal u dwar il-folol ta' nies
li ġew jiġru u jibku ........ 75
19 – Dwar il-biki tas-Sorijiet Foqra ........ 76
20 – Dwar kif in-nies ta' Capo di Ponte
ma ħallewx lill-patrijiet iġorru ġismu ........ 78

21 – Dwar id-devozzjoni tal-poplu u miraklu mis-sema................. 79
22 – Dwar it-taħwid fost in-nies u l-wasla tal-Ministru.................... 81
23 – Dwar kif ingħatat sentenza favur il-patrijiet
u kif in-nies farrku l-pont........................................................ 83
24 – Dwar il-biki tal-patrijiet
u t-trasport tal-ġisem ta' Sant'Antnin..................................... 85
25 – Dwar il-mirakli in ġenerali li seħħew f'dak l-istess jum........... 88
26 – Dwar il-purċissjonijiet u d-devozzjoni tal-poplu...................... 89
27 – Dwar il-missjoni tad-delegati
li marru l-Kurja jitolbu l-kanonizzazzjoni................................ 92
28 – Dwar viżjoni murija mis-sema................................................ 96
29 – Il-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin.......................................... 99

II/B Jibda r-rakkont tal-mirakli ta' Sant'Antnin:
30 – Prologu....................................................................................101
31 – Dwar dawk b'diżabilità fiżika..................................................102
32 – Paralitiċi..................................................................................109
33 – Għomja mfejqa........................................................................ 111
34 – It-torox.................................................................................... 112
35 – Il-muti..................................................................................... 113
36 – L-epilettiċi............................................................................... 113
37 – Il-ħotbin.................................................................................. 113
38 – Fejqan mid-deni...................................................................... 114
39 – Mejtin irxuxtati....................................................................... 115
40 – It-tazza tal-ħġieġ li ma nkisritx................................................116
41 – Il-mara milquta u mbagħad mfejqa mill-Mulej........................ 117
42 – Il-mara li ntefgħet fl-ilma u ma xxarbitx…………………….. 118
43 – Ħelsien min-nawfraġju............................................................119
44 – Dwar ir-raġel li ma emminx u ġie ikkastigat u mfejjaq............120
45 – L-iskalora li ma ntmessitx mill-għasafar.................................. 121
46 – Dwar wegħda li ma twettqitx...................................................121
47 – Għeluq il-ktieb tal-mirakli........................................................122
Talba ta' l-aħħar lill-Qaddis....................................................... 122

Julian minn Speyer,
«Officium Rhythmicum Sancti Antonii» (1235)…................... 123

I Għasar tal-festa tal-Konfessur Sant'Antnin .................................. 129
Matutin .................................................................................... 132
I Notturn .................................................................................. 133
II Notturn ................................................................................. 135
III Notturn ................................................................................ 137
Lawdi ...................................................................................... 139
Prima ...................................................................................... 143
Terza ....................................................................................... 142
Sesta ....................................................................................... 142
Nona ....................................................................................... 143
II Għasar .................................................................................. 143
Antifoni oħrajn ......................................................................... 144
Innijiet oħrajn .......................................................................... 146
Responsorju ieħor ..................................................................... 148

Julian minn Speyer, «Vita Secunda» (1235) .................................. 149
1 – Dwar il-belt fejn twieled Sant'Antnin, kif daħal
fl-Ordni ta' Santu Wistin, u l-patrijiet martri fil-Marokk ........... 153
2 – Dwar kif daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri,
mar il-Marokk u spiċċa Sqallija ............................................. 155
3 – Dwar kif ġie fir-Romagna fl-eremitaġġ ta' l-aħwa .................... 155
4 – Dwar kif ġiet afdata lilu l-missjoni li jippriedka ....................... 159
5 – Dwar l-elokwenza u l-frott tal-predikazzjoni tiegħu,
u dwar kif meta darba kien jippriedka
deher San Franġisk imsallab, jittajjar fl-arja ............................. 162
6 – Dwar kif qabel il-mewt ġie Padova jippriedka,
u kien meħlus minn Satana ...................................................... 164
7 – Dwar kemm il-poplu kien imur kotran biex jisimgħu ................ 165
8 – Dwar kif kien jaf minn qabel il-glorifikazzjoni tiegħu ............... 167
9 – Dwar kif waqaf jippriedka u irtira fis-solitudni,
u l-ħin tat-tluq tiegħu lejn is-sema ............................................ 168
10 – Dwar kif l-aħbar tal-mewt tiegħu xterrdet mirakolożament,
kif il-patrijiet ma setgħux jittrasportaw il-ġisem,
u kif il-poplu daħal b'saħħa fl-Arcella ..................................... 171
11 – Dwar it-tixwix tal-poplu u l-funeral tal-Qaddis ...................... 172
12 – Dwar kif dakinhar stess bdew isiru kotra ta' mirakli .............. 175
13 – Dwar kif saret il-kanonizzazzjoni tiegħu ................................ 176

14 – Dwar il-mirakli tal-Qaddis
li ġew approvati mill-Kurja Rumana........................................ 179
15 – Aktar dwar il-mirakli................................................................. 181
16 – Tifħir u glorja lill-Qaddis..........................................................182
17 – Tifħir u talb lil Kristu għall-merti ta' Sant'Antnin.................. 184

«Dialogus de Gestis Beati Antonii» (1245-1246).............................187
1 – Prologu ġenerali.........................................................................193
2 – Il-bixra u l-iskop ta' l-opra..........................................................195
3 – L-ewwel snin tal-ħajja ta' Sant'Antnin........................................197
4 – Għal liema raġuni Alla ma taħx il-grazzja tal-martirju...............199
5 – Għemejjel apostoliċi ta' l-imqaddes Antnin............................... 201
6 – Il-bnedmin spiritwali soltu jiġu ittentati b'żewġ modi............... 204
7 – Il-ħidma u l-frott tal-predikazzjoni tar-Randan.......................... 206
8 – Dwar it-transitu qaddis tiegħu.................................................... 207
9 – Għaliex xi ġusti jmutu qabel iż-żmien.........................................209
10 – Nies b'diżabilità mfejqin b'miraklu...........................................212
11 – Dwar il-kunċett ta' miraklu
u għaliex xi morda jsofru minn tbatijiet kbar.......................... 215
12 – Mirakli oħrajn.............................................................................217
13 – Ħtieġa li nirrikorru għall-protezzjoni tal-qaddisin.....................221
14 – Għomja, torox, muti u morda oħrajn imfejqin...........................223
15 – Dwar il-qawwa tal-mirakli
li jieħdu sehem minnha dawk li jemmnu.................................225
16 – Dwar tliet persuni meħlusin mill-mewt.....................................227
18 – Dwar it-tazza li ma nkisritx u dwar diversi effetti tal-mirakli.. 228
19 – Għeġubijiet oħrajn u kif ma għandniex inqiegħdu
f'konfront il-merti tal-qaddisin.................................................230
20 – Dwar kif l-għajnuna tal-qaddisin għandha effetti differenti..... 232
21 – Dwar il-fedeltà li wieħed iħares il-wegħda li jkun għamel.......234
22 – Konklużjoni tat-trattat tal-mirakli.............................................235
23 – Epilogu ġenerali tad-«Dialogus».............................................235

John Peckham, Frammenti mil-Leġġenda «Benignitas» (c. 1280)...237
1 – Jibda l-Prologu............................................................................241
2 – Dwar il-familja u t-tfulija tal-Qaddis..........................................241
3 – Il-protomartri Franġiskani......................................................... 242

4 – L-għatx tiegħu għall-martirju.................................................. 242
5 – Affett u stima ta' sħabu r-reliġjużi........................................... 243
6 – Għaliex ma rnexxilux jikseb il-martirju................................... 243
7 – Riepilogu ta' l-ewwel kapitlu.................................................. 244
8 – Il-ħajja penitenzjali tiegħu fl-eremitaġġ.................................. 244
9 – Dwar l-umiltà profonda tiegħu................................................ 245
10 – Il-vokazzjoni apostolika tal-Qaddis........................................245
11 – Mill-ġdid dwar l-umiltà tiegħu u d-don tal-predikazzjoni........246
12 – L-għarfien straordinarju li kellu ta' l-Iskrittura Mqaddsa........ 247
13 – Sant'Antnin għalliem u superjur............................................. 249
14 – Xi partikulari dwar il-predikazzjoni tiegħu f'Padova............. 250
15 – Il-Flaġellanti......................................................................... 251
16 – Dwar il-ħeġġa tiegħu biex jieqaf lill-eretiċi............................ 254
I – Martell ta' l-eretiċi................................................................... 252
II – Dwar kif ikkonverta eretiku....................................................253
III – Tifħir lill-evanġelizzatur qaddis............................................. 257
17 – Mirakli...................................................................................256
I – Dwar priedka ta' Antnin
li setgħu jifhmuha persuni ta' diversi ilsna............................... 256
II – Dwar kif il-Qaddis deher f'żewġ postijiet fl-istess ħin.............257
III – Tifel paralitiku mfejjaq...........................................................258
IV – Tifla paralitika u epilettika mfejqa.......................................... 259
V – Dwar kif ħeles mit-tajn waħda mara li waqgħet fih................. 259
VI – Mara semgħet lil Antnin b'mod mirakoluż minn darha...........260
VII – L-ewwel epilogu.................................................................. 261
VIII – Il-frott tal-predikazzjoni tiegħu........................................... 261
IX – Mill-ġdid dwar il-konverżjoni tal-midinbin............................262
X – Kif reġa' għaqqad flimkien sieq maqtugħa............................. 263
XI – Dwar kif ikkundanna bil-qawwa lit-tirann Ezzelino................264
XII – Tifħir lill-virtujiet apostoliċi tiegħu...................................... 265
XIII – Dwar il-prudenza ammirabbli tiegħu.................................. 265
XIV – It-tieni epilogu....................................................................266
18 – Dwar kif mar f'Camposampiero u dwar il-mewt tiegħu..........266
19 – Dwar kif malli miet deher lill-Abbati ta' Vercelli u fejqu....... 268
20 – Dwar il-kanonizzazzjoni glorjuża tiegħu............................... 270
21 – Dwar it-traslazzjoni ta' Sant'Antnin ta' Padova..................... 271
22 – Konklużjoni tal-Leġġenda.................................................... 274

23 – Xi mirakli li saru wara l-mewt tal-Qaddis.............................. 276
I – Dwar il-mewt zoptu
ta' dawk li riedu jeqirdu
x-xbieha tal-Qaddis fil-Lateran.................................................276
II – Dwar kif Padova ġiet meħlusa minn tirann.............................. 278
III – Dwar il-konverżjoni ta' l-għaġeb
ta' l-usuraio Iacopino da Cartura............................................ 279
IV – Dwar kif patri Minuri ġie mfejjaq min-nuqqas ta' dawl.......... 280
V – Baħħara meħlusin mill-periklu tan-nawfraġju...........................280
VI – Dwar kif qajjem l-iben ta' mastrudaxxa.................................281
24 – Mirakli oħrajn.......................................................................282
I – Tifel li tqajjem mill-mewt......................................................... 282
II – Dwar il-qniepen li daqqew waħedhom..................................... 283
25 – Framment ta' l-Epilogu......................................................... 284

«Legenda Raymundina» (wara s-sena 1293)................................. 285
1 - Jibda l-Prologu għall-Ħajja ta' Sant'Antnin ta' Padova............ 291
2 – Dwar il-Patrijiet Minuri martri fil-Marokk...............................293
3 – Twelid u tfulija ta' l-imqaddes Antnin,
u kif daħal fl-Ordni ta' S. Wistin.............................................. 295
4 – Dwar kif daħal fl-Ordni tal-Minuri u bidel ismu.......................298
5 – Dwar kif mar il-Marokk u spiċċa l-Italja...................................301
6 – Dwar kif ġie fir-Romagna u l-ħajja li kien jgħix hemm............ 305
7 – Dwar kif ġewwa Forlì sar magħruf l-għerf kbir li kellu............307
8 – Dwar il-predikazzjoni tiegħu u l-konverżjoni ta' l-eretiċi..........309
9 – Dwar il-fama tiegħu u l-frott tal-predikazzjoni tiegħu.............. 310
10 – Dwar kif ġie Padova, hemm kiteb u ppriedka,
u dwar il-persekuzzjoni tax-xitan............................................ 313
11 – Dwar id-devozzjoni tan-nies ta' Padova
u l-frott tal-predikazzjoni tiegħu..............................................315
12 – Dwar iċ-ċella mibnija fuq siġra tal-ġewż................................ 317
13 – Il-passaġġ glorjuż ta' l-imqaddes Antnin............................... 318
14 – Dwar it-trasport solenni tal-ġisem ta' l-imqaddes Antnin........ 322
15 – Dwar il-kanonizzazzjoni ta' l-għaġeb ta' l-imqaddes Antnin.. 324
16 – Dwar xi mirakli li saru għall-merti ta' Sant'Antnin: Prologu.. 326
17 – Fejqan ta' soru paralitika....................................................... 327
18 – Dwar żgħażagħ salvati mill-periklu tal-mewt......................... 328

19 – Il-fejqan ta' Pietru, trux u mutu.......... 329
20 – Fejqan mill-mard tal-grieżem ta' fra Bernardino.......... 330
21 – Fra Cambio mfejjaq b'miraklu.......... 332
22 – Fis-sena 1278 Martino ġie meħlus minn ħakma djabolika...... 333

Giovanni Rigaldi, «Legenda Rigaldina» (sekli XIII-XIV).......... 335
1 – Prologu.......... 341
2 – Dwar l-imġieba tiegħu matul is-snin li għadda fid-dinja.......... 343
3 – Dwar ħajtu u l-mixi 'l quddiem fix-xjenza
meta kien kanonku regolari.......... 344
4 – Dwar il-kawza u l-iskop li ġiegħluh jidħol fl-Ordni tal-Minuri. 345
5 – Kif bidel l-isem u mar fl-artijiet tal-pagani.......... 349
6 – Dwar l-umiltà ta' l-għaġeb tiegħu
u kif il-Mulej kien jaqtagħlu xewqatu.......... 353
7 – Dwar il-faqar kbir tiegħu
u kif kien imwieżen fil-bżonnijiet tiegħu.......... 360
8 – Dwar it-talb għoli tiegħu
u kif xewqatu kienu dejjem jiġu maqtugħa.......... 363
9 – Dwar il-predikazzjoni famuża tiegħu
u l-grazzja li jfejjaq il-morda.......... 368
10 – Dwar il-passaġġ hieni tiegħu mid-dinja
u l-kitba ta' ismu fil-lista tal-qaddisin.......... 378
11 – Dwar il-mirakli li ġraw wara l-mewt ta' l-imqaddes Antnin... 386
12 – Epilogu.......... 397

Arnald de Sarrant, «Liber Miraculorum» (1369-1374).......... 399

Prologu tal-«Chronicon XXIV Generalium».......... 405
1 – Diskors ta' l-imqaddes Antnin
quddiem popli ta' lingwi diversi.......... 406
2 – Dwar kif ippriedka lill-ħut.......... 407
3 – Dwar kif ikkonverta wieħed raġel eretiku.......... 409
4 – Dwar kif ġie mistieden mill-eretiċi
u kiel ikel ivvelenat bla ebda ħsara.......... 410
5 – Dwar kif deher f'żewġ postijiet fl-istess ħin.......... 411
6 – Bilokazzjoni f'Montpellier.......... 412
7 – Dwar kif ħeles lil wieħed novizz minn tentazzjoni kiefra.......... 412

8 - Dwar kif ħeles raħeb minn tentazzjoni tal-ġisem........................413
9 -Dwar kif radd lura x-xagħar lil waħda devota
li żewġha kien qattagħhulha........................................................ 414
10 - Dwar kif waħda qaddejja tal-patrijiet ma xxarrbitx bix-xita.....415
11 - Dwar kif kixef pjan qarrieq tax-xitan lill-aħwa.........................416
12 - Dwar kif ħabbar minn qabel il-kattiverja tax-xitan...................417
13 - Dwar kif ippriedka bil-qawwa kontra l-vizzju.......................... 417
14 - Dwar kif in-nies li kienu jisimgħuh jippriedka
ma xxarrbux bix-xita............................................................... 418
15 - Dwar kif fejjaq raġel marid b'moħħu bil-kurdun tiegħu.......... 419
16 - Dwar kif anġlu ġarr ittra mibgħuta lill-Ministru.......................419
17 - Dwar kif l-abbati ta' Vercelli faħħar lil Sant'Antnin................ 420
18 - Ittra ta' San Franġisk u estasi.................................................. 421
19 - Dwar kif wieħed novizz li kien se jħalli l-Ordni irritorna.........422
20 - Dwar kif salva l-ħajja ta' tifel ċkejken
fil-kaldarun ta' ilma jagħli....................................................... 423
21 – Dwar tifel mejjet li l-Qaddis qajjmu mill-mewt.......................423
22 - Dwar kif Antnin deher iħaddan miegħu
lit-Tarbija Sidna Ġesù Kristu...................................................424
23 - Dwar kif id-dnubiet li inkitbu fuq ċedola
tħassru bil-merti tal-Qaddis.................................................... 425
24 - Dwar kif għaraf lix-xitan li deher taħt xbieha ta' messaġġier... 425
25 - Dwar kif ħabbar lil waħda mara tqila,
li binha fil-ġuf kellu jmut martri.............................................425
26 - Dwar kif sewwa tazza tal-ħġieġ li tkissret
u mela ġarra vojta bl-inbid.......................................................427
27 - Dwar il-mirakli li seħħu fl-Italja,
u kif ġie mfejjaq tifel b'diżabilità............................................428
28 - Dwar tifla li kellha diżabilità
u li ġiet imfejjqa għal kollox mill-qaddis................................ 429
29 - Dwar kif salva l-ħwejjeġ ta' waħda mara nobbli
milli jitħammġu mit-tajn..........................................................429
30 - Dwar kif waħda mara b'miraklu
minn darha semgħet lil Antnin jippriedka................................ 430
31 - Dwar il-frott tal-predikazzjoni tiegħu...................................... 431
32 – Dwar kif reġa' għaqqad flimkien sieq maqtugħa barra............ 431
33 - Dwar kif waqaf bil-kuraġġ kollu
quddiem tirann għatxan għad-demm.......................................432

34 - Dwar kif ma aċċettax ir-rigali li bagħatlu................................ 433
35 - Dwar il-ħajja iebsa tiegħu,
dwar il-mard u l-mewt qaddisa tiegħu.................................... 434
36 - Dwar kif wara mewtu deher lill-abbati ta' Vercelli u fejqu...... 435
37 - Dwar is-solennità tal-kanonizzazzjoni tiegħu
u dwar il-mirakli li wettaq..................................................... 436
38 - Dwar il-ferħ ta' l-għaġeb li ħassew in-nies ta' Lisbona........... 437
39 - Dwar tifel li kien għereq u kif ġie meħlus mill-mewt............... 437
40 - Dwar kif fergħa tad-dielja niexfa warrdet
u għamlet l-għeneb u l-inbid.................................................. 438
41 - Dwar kif qajjem lill-bint tar-re ta' León mill-mewt................. 439
42 - Dwar kif wieħed eretiku ippretenda li kien għama,
u ċaħad il-mirakli tal-qaddis, u mbagħad sar għama tassew.... 439
43 - Dwar kif wieħed raġel eretiku sar lebbruż
u meta ikkonverta ġie mfejjaq................................................ 440
44 - Dwar kif deher lil xi rġiel minn Padova li riedu joqtlu qassis
u ikkonvinċiehom jerġgħu lura mill-intenzjoni tagħhom.......... 441
45 - Dwar kif Sant'Antnin fejjaq lil kavallier minn ġerħa
li kellu fi driegħu, imma dak ried jivvendika ruħu
u reġa' marad b'dik il-ġerħa.................................................. 441
46 - Dwar tifel li ġie mfejjaq minn gerżuma minfuħa,
imma li ommu ittraskurat il-wegħda u binha reġa' marad....... 442
47 - Dwar abbati li kien tilef is-smiegħ u li ġie mfejjaq..................442
48 - Dwar kif in-neputi ta' Sant'Antnin għereq,
u wara li ommu għamlet wegħda ġie mqajjem mill-mewt....... 442
49 - Dwar kif fejjaq bint ir-reġina tal-Portugal li kienet qed tmut... 443
50 - Dwar kif qajjem mill-mewt għaxar subien li kienu għerqu...... 444
51 - Dwar kif waħda mara maħkuma mix-xitan,
qabel mietet fid-disperazzjoni, deherilha Antnin
u hi qerret dnubietha u marret fil-glorja tal-ġenna.................. 445
52 - Dwar kif ħeles lil waħda mara li kienet maħkuma mix-xitan,
billi taha parċmina miktuba................................................... 447
53 - Dwar kif hu ħeles lil waħda mara
li fid-disperazzjoni riedet titgħallaq........................................ 448
54 - Dwar kif deher fil-glorja tiegħu
lil waħda mara f'jum il-festa tiegħu........................................ 450

55 - Dwar kif ikkonverta l-ħallelin bil-qawwa tal-kliem tiegħu...... 452
56 - Dawn il-mirakli kienu ikkonfermati quddiem l-isqof ta' Padova.
Il-fejqan ta' raġel qaddej ta' monasteru li kien trux u mutu...... 453
57 - Dwar kif fejjaq raġel li kien sejjaħ il-mejtin
u ġie msawwat middemonji....................................................454
58 - Dwar wieħed patri mutu
li ġie mfejjaq minn marda li twassal għall-mewt...................... 454
59 - Dwar tifel li għereq f'vaska u ġie mqajjem mill-mewt.............455
60 - Dwar kif waħda mara ġiet meħlusa minn ulċera serja............. 456
61 - Dwar wieħed patri li ġie mfejjaq mill-ernia.............................456
62 - Dwar viżjoni ta' l-għaġeb.........................................................457
63 - Iħabbar li dalwaqt kellu jseħħ il-ħelsien ta' Padova................ 458
64 - Dwar it-traslazzjoni tar-relikwi tiegħu,
u kif ilsienu instab inkorott......................................................429
65 - Dwar dawk li riedu jeqirdu x-xbieha tiegħu fil-Lateran,
u kif mietu zoptu.......................................................................460
66 - Dwar kif Sant'Antnin deher flimkien ma' San Franġisk
lil wieħed raġel marid, u fejqu b'mod mirakoluż...................... 461

Bartolomeo da Pisa, «De Sancto Antonio de Padua»
fl-opra «De Conformitate Vitae» (1385-1399).......................... 463
1 - Ħajja tal-Qaddis sa ma beda l-predikazzjoni tiegħu................... 465
2 - Jippriedka f'Rimini, Ruma u Bourges........................................ 467
3 - Mirakli oħrajn li saru fi Franza u fl-Italja.................................. 469
4 - Spirtu profetiku ta' l-imqaddes Antnin....................................... 473
5 - Mewt u kanonizzazzjoni tal-Qaddis........................................... 476
6 - Mirakli li seħħew wara l-mewt tiegħu........................................ 478
Appendiċi...........................................................................................481

Papa Girgor IX, Bulla ta' Kanonizzazzjoni
«Cum dicat Dominus» (23 ta' Ġunju 1232)............................. 483

Papa Piju XII, Ittra Apostolika
«Exulta Lusitania felix; o felix Padua gaude»
(16 ta' Jannar 1946).................................................................. 487

Bibljografija....493

Fonti.... 493

Studji.... 494

Indiċi ta’ riferimenti bibliċi.... 509

Indiċi tal-persuni.... 517

Indiċi tal-postijiet.... 523

Indiċi tematiku....527